



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

2 ta' Frar 2017

Werrej

I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

OPINJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

520 Sessjoni Plenarja tal-KESE fis- is-19 u t-20 ta' Ottubru 2016

2017/C 034/01	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Baġit tal-UE bbażat fuq il-prestazzjoni u ffukat fuq ir-riżultati: iċ-ċavetta għal ġestjoni finanzjarja tajba" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . .	1
2017/C 034/02	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-mekkaniżmu ta' kontroll Ewropew dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali" (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	8
2017/C 034/03	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Kummenti tal-ġheluq tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) — Strateġija ġdida għall-persuni b'diżabilità fl-Unjoni Ewropea" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja)	15
2017/C 034/04	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Ir-rwol u l-impatt tal-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (JTIs) u tas-Sħubijiet Pubbliċi-Privati (PPPs) fl-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 għal bidliet industrijali sostenibbli" (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	24
2017/C 034/05	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-tisħiħ tas-settur industrijali Ewropew tal-kura personali, tal-iġjene tal-ġisem u tal-prodotti tas-sbuħija" (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	31
2017/C 034/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Iż-żarmar tal-bastimenti u s-soċjetà tar-riċiklaġġ" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja)	38
2017/C 034/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Koooperattivi tal-prosumaturi fil-qasam tal-enerġija u l-elettriku: opportunitajiet u sfidi fil-pajjiżi tal-UE" [Opinjoni fuq inizjattiva proprja]	44
2017/C 034/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-enerġija mill-ibħra: sorsi ta' enerġija rinnovabbli li għandhom jiġu żviluppati" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja)	53
2017/C 034/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-Aġenda 2030 — Unjoni Ewropea impenjata għall-iżvilupp sostenibbli globalment" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja)	58

2017/C 034/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Evalwazzjoni ta’ nofs it-term tal-Orizzont 2020” (Opinjoni esploratorja)	66
2017/C 034/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-tneħħija tal-ostakli għall-akkwakultura sostenibbli fl-Ewropa” (Opinjoni esploratorja)	73
2017/C 034/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-organizzazzjoni l-ġdida tas-suq tal-elettriku u l-impatti potenzjali fuq il-konsumaturi vulnerabbli” (Opinjoni esploratorja)	78

III Atti preparatorji

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

520 Sessjoni Plenarja tal-KESE fis- is-19 u t-20 ta’ Ottubru 2016

2017/C 034/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Standards Ewropej għas-Seklu 21” [COM(2016) 358 final]	86
2017/C 034/14	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indirizzar tal-imblikkar ġeografiku u forom oħrajn ta’ diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-konsumaturi fi ħdan is-suq intern u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE” [COM(2016) 289 final — 2016/0152 (COD)]	93
2017/C 034/15	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi” [COM(2016) 283 final — 2016/0148 (COD)]	100
2017/C 034/16	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta’ konsenja tal-pakketti transfruntiera” [COM(2016) 285 final — 2016/0149 (COD)]	106
2017/C 034/17	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2015” [COM(2016) 393 final – SWD(2016) 198 final]	110
2017/C 034/18	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ programm tal-Unjoni biex jappoġġa attivitajiet speċifiċi li jsaħħu l-involvement tal-konsumaturi u utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji fit-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji għall-perjodu 2017-2020” [COM(2016) 388 final – 2016/0182 (COD)]	117
2017/C 034/19	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u li temenda d-Direttiva 2009/101/KE” [COM(2016) 450 final – 2016/0208 (COD)]	121
2017/C 034/20	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-aċċess tal-awtoritajiet tat-taxxa għal informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus” [COM(2016) 452 final — 2016/0209 (CNS)]	127
2017/C 034/21	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-prattiki kummerċjali żleali fil-katina tal-provvista alimentari bejn in-negozji” [COM(2016) 32 final]	130

2017/C 034/22	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiddefinixxi l-karatteristiċi tal-bastimenti tas-sajd (Riformulazzjoni)” [COM(2016)273 final – 2016/0145 (COD)]	140
2017/C 034/23	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-miżuri ta’ ġestjoni, ta’ konservazzjoni u ta’ kontroll li japplikaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007” [COM(2016) 401 final — 2016/0187 (COD)]	142
2017/C 034/24	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida (Riformulazzjoni)” [COM(2016) 270 finali — 2016/0133(COD)] dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u li tħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010” [COM(2016) 271 final — 2016/0131(COD)] u dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-‘Eurodac’ għat-tqabbil ta’ marki tas-swaba’ għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f’wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida għall-identifikazzjoni ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida li qed jirresjedu illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil ma’ data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta’ infurzar tal-liġi (Riformulazzjoni)” [COM(2016) 272 final — 2016/0132(COD)]	144
2017/C 034/25	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija tal-UE dwar it-Tisħin u t-Tkessiħ” [COM(2016) 51 final]	151
2017/C 034/26	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b’regolament jew b’azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta’ servizzi tal-media awdjoviżiva fid-dawl tar-realtajiet tas-suq li qed jinbidlu” [COM(2016) 287 final — 2016/0151 (COD)]	157
2017/C 034/27	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 fir-rigward tar-regoli għas-swieq tar-roaming bl-ingrossa” [COM(2016) 399 final – 2016/185 (COD)]	162
2017/C 034/28	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/45/KE dwar regoli u standards ta’ sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri” [COM(2016) 369 final — 2016/170(COD)]	167
2017/C 034/29	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE dwar ir-reġistrazzjoni ta’ persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità u li temenda d-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-formalitajiet ta’ rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jtilqu minn portijiet tal-Istati Membri” [COM(2016) 370 final] [2016/171 (COD)]	172
2017/C 034/30	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sistema ta’ spezzjonijiet għall-operazzjoni bla periklu ta’ laneċ ro-ro u b’ċeċ tal-baħar ta’ veloċità għolja għall-passiġġieri f’servizz regolari u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE” [COM(2016) 371 final – 2016/0172 (COD)]	176
2017/C 034/31	Opinjoni Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 rigward l-iskambju ta’ informazzjoni, is-sistema ta’ twissija bikrija u l-proċedura tal-valutazzjoni tar-riskju dwar sustanzi psikoattivi ġodda” [COM(2016) 547 final – 2016/0261 (COD)]	182

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

520 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FIS- IS-19 U T-20 TA' OTTUBRU 2016

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Baġit tal-UE bbażat fuq il-prestazzjoni u ffukat fuq ir-riżultati: iċ-ċavetta għal ġestjoni finanzjarja tajba”**(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2017/C 034/01)

Relatur: **is-Sur Petr ZAHRADNÍK**

Data tad-deċiżjoni tal-Plenarja	21/01/2016
Bażi legali	Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	05/10/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	139/0/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE huwa tal-fehma li l-baġit tal-UE jista' jkun strument kruċjali biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali tal-UE u t-tibdil strutturali tagħha. Madankollu, huwa meħtieġ li tiġi analizzata u vvalutata bir-reqqa d-**destinazzjoni** tal-infiq tal-fondi tagħha, **il-mod** li bih dawn jintefqu, il-mod kif tiġi **evalwata** l-prestazzjoni ta' dawn il-fondi u l-mod kif jiġu **kkomunikati** ⁽¹⁾ r-riżultati miksuba. Abbażi ta' dan, il-baġit tal-UE jista' jindirizza l-isfidi prijoritarji tal-UE u jista' jgħin biex irodd lura l-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej fl-UE anki fil-każ ta' tnaqqis assolut u relattiv tal-ammont tiegħu.

⁽¹⁾ Georgieva Kristalina, Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-Baġit sit elettroniku “Baġit tal-UE iffukat fuq ir-riżultati”.

1.2. Prekondizzjoni għat-tisħiħ tal-prestazzjoni tal-baġit tal-UE tikkonsisti fl-istess waqt fl-istabbiliment ta' **objettivi ta' prijorità definiti b'mod ċar għall-benefiċċju taċ-ċittadini tal-UE, ta' indikaturi aggregati korrispondenti u sistema konvinċenti ta' kontabbiltà** dwar l-attivitajiet attwali ffinanzjati mill-baġit tal-UE sabiex jiġi massimizzat *il-valur għall-flus* Il-mezzi jistgħu jinkludu, pereżempju, kundizzjonalitajiet ex-ante, strumenti finanzjarji, jew il-flessibbiltà u l-kapaċità li jiġu ffaċċjati sfidi mhux mistennija⁽²⁾. L-aspett primarjament kwantitattiv tal-baġit tal-UE, li mill-perspettiva tal-KESE huwa importanti biex jiddetermina dak li hu essenzjali fil-prijoritajiet u fil-politiki korrispondenti tagħhom, għandu jkun akkumpanjat minn dimensjoni kwalitattiva.

1.3. Il-KESE japprova l-approċċ li, fl-infiq tal-baġit tal-UE, mhuwiex importanti biss li jiġi żgurat li dan jirrispetta r-regoli ta' legalità u ta' regolarità proċedurali, iżda wkoll li dan ikun iffukat b'mod immirat u sistematiku fuq ir-riżultati u l-prestazzjoni li jilħaq il-baġit billi jiġu koperti l-oqsma prijoritarji tal-UE.

1.4. Il-KESE jaqbel li l-adozzjoni tar-regoli tal-kultura ta' prestazzjoni fil-kuntest tal-baġit tal-UE tesiġi l-iżgurar ta' rabta mill-qrib bejn, minn naħa, l-ammont u n-natura tal-infiq u, min-naħa l-oħra, sett koerenti ta' indikaturi tal-prestazzjoni aggregati biex jitkejlu l-prestazzjoni u r-riżultati.

1.5. Il-KESE jemmen ukoll li l-adozzjoni ta' kultura ta' prestazzjoni mhijiex azzjoni ta' darba iżda proċess li jinvolvi kemm l-ambjent legali korrispondenti kif ukoll għażla tal-istrumenti li jwasslu lill-atturi ewlenin biex jaġixxu bil-mod mixtieq. Id-diskussjonijiet li jmiss u l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE abbażi tal-prestazzjoni għandhom jispecificaw fiżjed dettall il-kontenut tiegħu;

1.6. Il-KESE jemmen li baġit tal-UE abbażi tal-prestazzjoni jiżgura l-implimentazzjoni tar-riżultati u l-impatt reali fl-oqsma prijoritarji tal-UE, li jaġhti valur miżjud kwantifikabbli b'mod ċar. Id-dibattitu dwar baġit tal-UE bbażat fuq il-prestazzjoni huwa għalhekk ukoll dibattitu dwar il-politiki prijoritarji tal-UE li għandhom il-kapaċità li jiżguraw il-bidliet strutturali meħtieġa.

1.7. S'issa saru biss eżerċizzji pilota biex ikejlu x'impatt kellu l-baġit tal-UE biex jintlaħqu l-prijoritajiet u l-għanijiet kwantifikati tal-Istrateġija Ewropa 2020. Il-KESE jemmen li dan huwa pass pożittiv fid-direzzjoni t-tajba, li huwa neċessarju li jkompli jiġi estiż b'mod sistematiku u ħafna aktar komprensiv. It-testijiet urew livell għoli ta' nuqqas ta' konformità bejn l-objettivi u r-riżultati korrispondenti u għadd ta' eżempji ta' użu ineffiċjenti tal-fondi tal-UE u n-nuqqasijiet proċedurali li jakkumpanjawhom.

1.8. Il-KESE jappoġġja t-titjib addizzjonali u l-intensifikazzjoni tal-interkonnessjoni u r-rabta bejn l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2014-2020 jew id-diversi eżerċizzji baġitarji tal-UE relatati, bl-użu tal-indikaturi tal-analiżi tal-impatt u l-interpretazzjoni sussegwenti tagħhom. Jeħtieġ li jkun hemm riflessjoni dwar l-Istrateġija Ewropa 2020 sabiex jiġi vverifikat jekk din ma timmirax tajjeb il-prijoritajiet attwali tal-UE fil-qasam tal-iżvilupp anke matul it-tieni nofs ta' dan id-deċennju.

1.9. Il-KESE jappoġġja wkoll l-iżgurar li l-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operattivi jkunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom b'mod effettiv biex jitraduċu l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-UE f'għanijiet operattivi implimentati fil-livell tal-Istati Membri kollha, jew billi titejjeb il-ġestjoni kondiviża jew billi jitjiebu r-regoli proċedurali tal-programmi amministrati direttament mill-Kummissjoni Ewropea f'kull wieħed mill-Istati Membri.

1.10. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jitħeġġu jinkludu fil-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operattivi tagħhom sett koerenti u komparabbli ta' riżultati kwantifikabbli li għandhom jinkisbu permezz tal-appoġġ tar-riżorsi tal-baġit tal-UE u li mbagħad għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni. Il-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operattivi kollha għandhom jipprevedu indikaturi komuni tar-riżultati fuq bażi trasversali jew orizzontali, b'identifikazzjoni ċara tal-kontribuzzjoni tad-diversi fondi u tal-Fondi ESIF kollha, u li jitfasslu b'tali mod li jippermettu l-monitoraġġ tal-progress fil-livell tal-UE, tal-Istati Membri u ta' kull wieħed mir-reġjuni tagħhom.

1.11. Il-KESE jqis li r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2014-2020 hija opportunità biex jiġi applikat b'mod aktar rigoruż approċċ ta' prestazzjoni u ta' orjentazzjoni lejn ir-riżultati, li sussegwentement għandu jseħħ kompletament fil-forma tal-qafas finanzjarju pluriennali mill-2021 'il quddiem.

⁽²⁾ Ara l-analiżi sussegwenti, punt 2.2.3.

1.12. Il-KESE jemmen li l-qafas finanzjarju pluriennali li jibda fl-2021 għandu jikkostitwixxi, flimkien mal-istrateġija ġdida ta' kompetittività u żvilupp u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali emerġenti, pjattaforma strateġika fuq perjodu medju ta' żmien (b'limitu ta' żmien identiku għal dak tal-istrateġija tal-kompetittività) bi struttura u ponderazzjoni tal-partiti differenti ta' nfiq adattati għall-ħtiġijiet u l-prijoritajiet reali. Fl-istess ħin għandu jippermetti aktar flessibilità biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ġodda li jifjaċċaw. Il-KESE jilqa' wkoll emendi għall-metodu ta' kif jiġu trattati l-mezzi baġitarji tal-UE fid-direzzjoni ta' aktar effiċjenza permezz ta' applikazzjoni usa' ta' strumenti rimborsabbli u t-tfittxija tal-komplementarità tagħhom mas-sussidji tal-fondi. Barra minn hekk, għad hemm ħafna lok għal titjib tal-modi kif jiġi evalwat il-baġit tal-UE u l-effettività tiegħu. Il-flessibilità baġitarja korrispondenti hija fundamentali fir-rigward tal-kapaċità tal-baġit tal-UE li jirreaġixxi għal inizzjattivi, theddid u opportunitajiet ġodda, u li tinżamm il-kapaċità tal-UE li tieħu azzjoni (eżempji jinkludu il-kriżi tal-migrazzjoni, il-bżonn li xokkijiet ekonomiċi jiġu ġestiti jew bidliet fin-numru tal-membri tal-UE u l-impatt tagħhom fuq il-flussi baġitarji, bażi tar-riżorsi adegwata għal fondi ta' solidarjetà f'każ ta' diżastri naturali). Dan jikkonċerna mhux biss il-volum u l-istruttura tal-infiq baġitarju tal-UE iżda wkoll l-aspett tad-dħul tiegħu.

1.13. Il-KESE jirrakkomanda li fil-politika baġitarja tal-UE wara l- 2020 tiġi introdotta l-identifikazzjoni tal-ammont li jiġi mid-dħul baġitarju korrispondenti tal-UE u l-mod kif dan ġie stabbilit (għandu jinstab bilanċ u solidarjetà bejn il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u r-riżorsi baġitarji proprji).

1.14. Il-KESE japprova l-estensjoni addizzjonali tal-potenzjal ta' politika fiskali attiva, inkluża, pereżempju, il-possibilità ta' ħruġ ta' bonds tal-UE. Għal dan l-għan, ikun tajjeb li jissaħħu l-qafas fiskali u l-proċedura tal-baġit tal-UE kif ukoll li tissolva b'mod sodisfaċenti l-kwistjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-politika baġitarja tal-UE, minn naħa waħda fir-rigward tal-Istati taż-żona tal-euro u min-naħa l-oħra fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra tal-UE.

2. Analiżi u deskrizzjoni tal-problema

2.1. Fatti bażiċi

2.1.1. Il-baġit tal-UE jikkostitwixxi strument importanti u kruċjali tal-finanzjament tal-prijoritajiet tal-UE, li l-ammont tiegħu jirrappreżenta madwar 1% tal-PDG tal-UE; l-ammont tiegħu għall-2015 kien ta' EUR 145,3 biljun. Dan jikkontribwixxi b'mod pjuttost sinifikanti sabiex tiġi żgurata l-ekonomija politika f'kull Stat Membru, fejn jirrappreżenta medja ta' 1,9% tal-infiq pubbliku; minkejja dan, f'ċerti każi dan il-proporzjon jaqbeż sew l-10%.

2.2. Punti tat-tluq tas-suġġett

2.2.1. Għal fondi ta' ammont bħal dan huwa importanti li dawn jiġu allokatu mhux biss f'konformità mar-regoli tal-legalità u r-regolarità, imma wkoll, u simultanament, ladarba tkun sodisfata din l-ewwel kundizzjoni, b'tali mod li huma primarjament ikunu jistgħu jilhqnu l-għanijiet u r-riżultati rispettivi u jirrispettaw il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba u l-kultura tal-prestazzjoni. L-identifikazzjoni tal-effetti reali tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, imkejla permezz ta' indikaturi u kriterji makroekonomiċi rilevanti, hija indirizzata fir-riflessjonijiet politiċi attwali kollha fil-qasam tal-politika baġitarja tal-UE.

Baġit effettiv ifisser nefqa tal-baġit tal-UE li tikkonforma mal-prijoritajiet attwali tal-UE għall-perjodu rilevanti. Il-kultura tal-prestazzjoni tissejjes fuq tliet pilastri: l-istrateġija, is-semplifikazzjoni u l-proċedura baġitarja.

2.2.2. Il-baġit tal-UE u l-implimentazzjoni tiegħu għandhom jikkonformaw mal-prijoritajiet li ġejjin:

- l-adozzjoni ta' approċċ imsaħħaħ ibbażat fuq il-prestazzjoni u ffukat fuq ir-riżultati, li jibbilanċja l-viżjoni tradizzjonali tal-konformità mar-regoli tal-legalità u r-regolarità u li jippermetti l-inklużjoni ta' elementi ġodda li jirriflettu l-ħtiġijiet attwali u futuri (ara hawn taħt) tal-finanzi tal-UE;
- enfasi iżjed immirata fuq il-prestazzjoni u r-riżultati tissupponi titjib fl-ipproċessar tad-data, u l-aċċessibilità u d-disponibilità tagħha fil-forma mitluba sabiex jiġu vvalutati l-benefiċċji reali, sakemm l-effetti ta' din l-attività jkunu jeċċedu l-ispejjeż addizzjonali li din tiġġenera;
- evalwazzjoni tal-kwalità tal-qafas regolatorju għall-allokazzjoni tal-infiq tal-baġit tal-UE;

- minħabba n-natura tal-attivitajiet iffinanzjati mill-baġit tal-UE, huwa importanti li l-iżvilupp jiġi kkunsidrat mhux mill-perspettiva iżolata ta' sena finanzjarja partikolari, iżda bħala proċess kontinwu fuq perjodu ta' żmien medju li matulu kull sena tindika ċerta trajettorja speċifika ta' żvilupp li hija meħtieġa għall-ksib tar-riżultati korrispondenti;
- jiġu rrispettati l-interkonnessjonijiet mill-qrib ħafna bejn il-baġit tal-UE u l-mudell il-ġdid tal-politika ekonomika tal-UE ⁽³⁾ kif ukoll il-prestazzjoni attwali tal-ekonomija tal-UE fuq perjodu ta' żmien medju;
- il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kontinwità tal-politika baġitarja tal-UE u li jiġu implimentati u evalwati l-oġettivi tagħha.

2.2.3. Il-baġit tal-UE jinkludi xi elementi ġodda marbutin mal-funzjonament tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2014-2020, li huma rilevanti mil-lat tat-tisħiħ tal-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni u ffukat fuq ir-riżultati:

- (a) l-iffukar fuq is-suġġett: l-appoġġ mill-fondi tal-UE għandu jikkonċerna biss l-oqsma prijoritarji u m'għandux ikun immirat sempliċement lejn kwalunkwe ħaġa; il-prijoritajiet għandhom ikunu definiti b'mod preċiż u appoġġjati permezz ta' analiżi kwantitattiva u pjani ta' fattibbiltà; l-ammont ta' prijoritajiet għandu jkun strettament limitat; il-prijoritajiet ġustifikati għandhom ikunu koperti minn finanzjament suffiċjenti sabiex jinkisbu r-riżultati u l-benefiċċji reali.
- (b) l-approċċ integrat u bbażat fuq il-post u s-sinerġiji: il-programmi u l-proġetti mhux biss għandhom irendu r-riżultati u l-benefiċċji fihom innifishom, imma dawn ir-riżultati u l-benefiċċji għandhom jikkorrispondu ma' dawk tal-programmi u l-proġetti l-oħrajn permezz tas-sinerġiji li jinħolqu; is-sinerġiji għandhom jinkisbu fil-qafas ta' unità territorjali definita fuq il-bażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà; biex din is-sistema taħdem, huwa importanti li tiġi stabbilita matriċi ta' ġestjoni sabiex jiġu żgurati l-kundizzjonijiet adegwati għall-proġetti integrati;
- (c) il-kondizzjonalitajiet u r-riżervi ta' prestazzjoni: il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba jipprevedu li l-finanzjament mill-UE jitwettaq f'kuntast adegwat tal-affarijiet interni, makroekonomiċi u istituzzjonali ta' Stat partikolari, li jikkostitwixxi prerekwiżit għat-twettiq tal-allokazzjoni nnifisha; min-naħa l-oħra riżerva ta' prestazzjoni hija introdotta bħala bonus għall-entitajiet li jagħtu prestazzjoni tajba.
- (d) is-semplifikazzjoni: is-sistema tal-finanzjament tal-UE hija straordinarjament kumplessa minn diversi aspetti, li huwa ostaklu għal ġestjoni effiċjenti u l-kejl tar-riżultati u l-benefiċċji reali;
- (e) riżultati kwantifikati b'mod aħjar: għall-finijiet tat-tfassil u l-adattar tal-politika fiskali tal-UE, huwa importanti ħafna li r-riżultati miksuba jitkejlu sew u li jkunu jistgħu jittieħdu lezzjonijiet preċiżi u ċari mis-sejbiet; għalhekk huwa essenzjali li jitjiebu s-sistema tal-analiżi tad-data, il-ġestjoni tagħha u l-użu tal-indikaturi

2.2.4. Għall-UE, dan ifisser li l-politika fiskali u l-funzjonament prattiku tal-baġit tagħha jiġu adattati aħjar mal-ħtiġijiet tagħha f'dan il-qasam billi jinstab bilanċ iktar xieraq bejn, minn naħa waħda, l-aspetti formali u proċedurali tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u, min-naħa l-oħra, l-approċċi bbażati fuq il-prestazzjoni u ffukati fuq ir-riżultati. F'dan il-kuntast tal-prestazzjoni u r-riżultati, jidher li huwa ferm meħtieġ approċċ immirat lejn fehim u għarfien komuni ta' dan il-kunċett.

2.2.5. Fir-rigward tal-kejl tan-nuqqas ta' konformità mar-regoli formali, ilu jintuża l-indikatur tar-rata ta' żball. Dan l-indikatur huwa ta' madwar 4 % (madwar 4 % tal-infiq tal-baġit tal-UE ma jsirux b'konformità mar-regoli formali, li fih innifsu mhuwiex riżultat ħażin; madankollu, bħala valur assolut, din iċ-ċifra tirrappreżenta madwar EUR 6 biljun). It-tabella li ġejja turi l-iżvilupp tar-rata ġenerali ta' żball f'dawn l-aħħar snin:

2011	2012	2013	2014
3,9 %	4,8 %	4,7 %	4,4 %

⁽³⁾ L-istrateġija Ewropa 2020, is-semestru Ewropew, is-"six-pack", it-"two-pack" u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, fost oħrajn; approċċ possibli jista' jkun l-istabbiliment ta' rabtiet mill-qrib mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) bħala xiber tal-allokazzjoni effiċjenti tal-baġit tal-UE.

2.2.6. Il-prinċipju ewlieni tal-baġit tal-UE jikkonċerna n-natura "b'saħħitha" tal-flussi finanzjarji, u l-programmi u l-proġetti reali li jiffinanzjaw, li jagħmel possibbli l-użu ottimali tar-riżorsi tal-UE fl-aspetti kollha tagħhom. Il-KESE japprova t-tendenza attwali ta' aktar enfasi fuq il-prestazzjoni u r-riżultati fi ħdan l-attivitàjiet tal-Kummissjoni Ewropea (L-inizjattiva ta' Baġit Iffukat fuq ir-Riżultati ⁽⁴⁾) u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (l-istruttura tar-rapport tagħha annwali tal-2014 ⁽⁵⁾) u tal-kapitolu speċjali ddedikat għall-prestazzjoni; is-siltiet dwar il-ġestjoni kondiviża jinkludu bħala riżultati l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-programmi mill-eżerċizzju pilota).

2.2.7. Il-KESE jappoġġja l-approċċ użat fl-eżerċizzju pilota, li għandu l-għan li janalizza r-relazzjoni u l-interkonnnessjoni bejn l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-ftehimiet ta' sħubija jew jekk ikun meħtieġ il-programmi operattivi, peress li dawn huma strumenti essenzjali biex tiġi implimentata l-politika ta' koeżjoni tal-UE u komponenti sinifikanti tal-parti tal-infiq tal-baġit tal-UE. Dan it-test jista' jiġi kkunsidrat bħala l-bidu ta' kunċett komprensiv fil-valutazzjoni tal-prestazzjoni u r-riżultati tal-baġit tal-UE ⁽⁶⁾.

2.2.8. Biex jintlaħaq l-għan ta' monitoraġġ ibbilanċjat tal-aspetti proċedurali u tal-prestazzjoni marbuta mal-baġit tal-UE, il-proċessi ta' produzzjoni, ġestjoni u komunikazzjoni tad-data u tal-informazzjoni bejn il-korpi u l-istituzzjonijiet tal-UE (fl-ewwel lok il-Kummissjoni Ewropea) u l-Istati Membri jaqdu rwol essenzjali. L-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE tiġġenera ammont enormi ta' data u informazzjoni li fil-prattika, madankollu, jintuża biss b'mod limitat ħafna biex jiggarantixxi l-possibilità li jiġu evalwati b'mod oġġettiv kemm ir-rata ta' żball kif ukoll, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tar-riżultati miksuba mill-baġit tal-UE, u jstabbilixxi l-proċeduri meħtieġa biex tittejjeb is-sitwazzjoni.

3. Il-kummenti ewlenin

3.1. Fil-fehma tal-KESE l-iskop prinċipali tal-baġit tal-UE hu li jkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini tal-UE filwaqt li jiproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE nnifisha; il-benefiċċji jieħdu l-forma ta' appoġġ ipprovdut b'konformità mal-prijoritajiet tal-iżvilupp u dawk operattivi, li hu kompattibbli mal-qafas tal-politika ekonomika u l-prestazzjoni ekonomika reali u mistennija; il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE tfisser l-użu tal-baġit tagħha b'mod adegwat b'konformità mar-regoli u mingħajr żbalji jew frodi. L-aproċċ politiku attwali għandu jikkontribwixxi għall-ksib tal-konformità sħiħa u tal-bilanċ reċiproku.

3.2. Il-KESE jemmen li din ix-xaqliba lejn baġit tal-UE bbażat fuq il-prestazzjoni ma tistax isseħħ f'pass wieħed. Huwa kruċjali li l-istandards legali bażiċi u l-oġġettivi tal-baġit tal-UE u tal-politika jitfasslu bl-intenzjoni li jirrispettaw l-indikaturi kwalitattivi u li jiksibu riżultati kwantifikabbli.

3.3. Baġit tal-UE bbażat fuq il-prestazzjoni jingħata spinta jekk il-perjodu tal-baġit (il-qafas finanzjarju attwali ta' seba' snin) u dak tal-istrateġija fundamentali tal-iżvilupp tal-UE (attwalment l-Istrateġija Ewropa 2000 b'tul ta' għaxar snin) ikunu jistgħu jikkoinċidu. Minn din il-perspettiva, l-2021 tipprovidi opportunità unika biex tinkiseb din il-koinċidenza u toħloq kundizzjonijiet għal funzjonament ottimali ta' baġit tal-UE ffukat fuq ir-riżultati u l-prestazzjoni.

3.4. Il-KESE jinnota u jirrispetta l-konklużjonijiet tar-rapport annwali dwar is-sena finanzjarja 2014 ippubblikat mill-Qorti tal-Awdituri li identifika sensiela ta' punti problematiċi fejn l-interkonnnessjoni bejn l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-ftehimiet ta' sħubija, jew jekk ikun meħtieġ il-programmi operattivi, ma tiffunzjonax b'mod ottimali. Ir-rapport jinnota li dawn id-diversi strumenti ma ġewx iddisinjati b'mod li jagħmilha possibbli li l-oġġettivi politiċi tal-Istrateġija Ewropa 2020 jissarrfu f'oġġettivi operattivi konkreti (definiti fil-ftehimiet ta' sħubija u l-programmi operattivi) ⁽⁷⁾.

3.5. Il-KESE huwa tal-fehma li l-benefiċċji potenzjali li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' sinerġiji bejn il-ħames Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropew (FSIE) fi ħdan is-sistema ġenerali ta' regolamentazzjoni u ta' ġestjoni u ta' ftehim ta' sħubija f'kull Stat Membru għadhom ma sehewx, filwaqt li għadha sseħħ il-prattika ta' regoli differenti għal kull wieħed minn dawn il-Fondi, li jwasslu għal frammentazzjoni tal-ipprogrammar (minflok għas-sinerġiji neċessarji bejniethom).

⁽⁴⁾ Kristalina Georgieva, Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-Baġit u r-Riżorsi Umani, ħabbret din l-inizjattiva fil-Konferenza tat-22 ta' Settembru 2015.

⁽⁵⁾ Ir-rapport annwali ġie ppubblikat fl-10 ta' Novembru 2015.

⁽⁶⁾ Għadd ta' riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew adottati mill-2013 sal-2015 ħadu direzzjoni simili, iżda ffukaw fuq temi speċifiċi (ara r-rapporti tas-Sur Geier jew tas-Sinjura Gräßle); id-dokument dwar il-kwittanza b'relazzjoni għall-ġestjoni tal-Kummissjoni Ewropea għas-sena 2014 (rapport imħejji fl-2016 mis-Sinjura Dlabajová) jagħti ħarsa ġenerali f'dak li jirrigwarda d-dokumenti tal-Parlament Ewropew.

⁽⁷⁾ Ara, pereżempju, ir-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-2014, il-paragrafu 3.10 sa 3.12.

3.6. Il-KESE jemmen li l-eżistenza ta' żewġ elementi ġodda fl-użu tal-fondi tal-UE għall-perjodu 2014-2020, jiġifieri l-kundizzjonalitajiet u r-riżervi ta' prestazzjoni, toffri skop kbir għat-titjib tal-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni u r-riżultati. Hija preċiżament l-applikazzjoni tal-kundizzjonalitajiet makroekonomiċi li għandha tiżgura li l-infiq tal-baġit tal-UE jsir f'kull Stat Membru f'ambjent makroekonomiku b'saħħtu biżżejjed, jew li m'għandhiex tippermetti lil Stat Membru li ma jippruvax jindirizza l-problemi makroekonomiċi tiegħu biex ikun jista' jagħmel użu sħiħ minn dawn il-fondi. L-eżistenza tar-riżervi ta' prestazzjoni għandha wkoll tinkoraġġixxi b'mod adegwat lill-Istati Membri jipprovdu prestazzjoni ffukata fuq l-implimentazzjoni ta' objettivi strateġiċi tal-UE permezz tal-ghajjnuna tal-baġit tal-UE.

3.7. Il-KESE jemmen li l-eżerċizzju pilota biex jittestja baġit tal-UE ffukat fuq il-prestazzjoni u r-riżultati permezz ta' rabtiet li dan iżomm mal-prijoritajiet tal-Istrateġija Ewropa 2020, għandu madankollu jkun estiż sussegwentement għal oqsma oħra pertinenti ħalli jippermettu li l-valutazzjoni ta' dan l-iffukar tal-baġit tal-UE fuq il-prestazzjoni u r-riżultati jkun verament koerenti u globali – pereżempju, għandha tingħata attenzjoni lir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u għall-konsistenza tagħhom mal-indikaturi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tas-semestru Ewropew.

3.8. Meta jitqies il-mod kif jaħdem il-baġit tal-UE, il-KESE jirrakkomanda li għandha tiġi kkunsidrata wkoll l-idea ta' falliment tas-suq, li l-eliminazzjoni tiegħu għandha tkun objettiv għar-riżorsi baġitarji tal-UE; is-sinjali ta' nuqqasijiet jew fallimenti jistgħu jinkludu pereżempju asimmetrija ta' informazzjoni jew istituzzjonijiet finanzjarji li jagħmlu evalwazzjoni kummerċjali tal-profittabilità tal-investimenti li tiskoraġġixxi l-finanzjament ta' ċerti tipi ta' proġetti għaliex jiġu injorati l-esternalizzazzjonijiet pożittivi u l-benefiċċji soċjali akbar peress li dawn mhumiex rilevanti għall-każ kummerċjali inkwistjoni, iżda huma importanti fil-kuntest tal-appoġġ mogħti mill-finanzjament tal-UE.

3.9. Il-KESE jaqbel mal-ħtieġa għal titjib sinifikanti fl-oqsma tal-ġestjoni kondiviża bejn il-korpi u l-istituzzjonijiet tal-UE (primarjament il-Kummissjoni Ewropea) u l-Istati Membri. 76 % tal-ispejjeż kollha tal-baġit tal-UE, għandhom jiġu allokati permezz ta' ġestjoni kondiviża. Aktar ma jkun hemm Stati Membri li jilhqqu l-miri kkwantifikati tal-Istrateġija Ewropa 2020, aktar il-baġit tal-UE se jkun marbut mal-objettivi tal-istrateġija u iżjed ma dawn l-objettivi jirriflettu l-bżonnijiet veri tal-UE mil-lat ekonomiku, soċjali, territorjali u ambjentali b'mod aħjar, aktar ikun favorevoli l-ambjent ta' ġestjoni finanzjarja soda bil-għan li jiġu kkollegati mingħajr xkiel il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri.

3.10. Il-KESE jemmen li indikazzjoni sinifikanti tal-importanza li dejjem qed tikber tal-prestazzjoni u tal-iffukar tal-baġit tal-UE fuq ir-riżultati hija l-enfasi fuq l-użu akbar tal-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja (SIF) jew strumenti ta' finanzjament innovattivi, li n-natura essenzjali tagħhom fundamentalment tibdel il-mod kif jiġu użati r-riżorsi pubbliċi tal-UE u x'inhu mistenni minnhom. Minkejja l-potenzjal inkontestabbli tal-SIF, madwar 65 % biss ta' dawn il-fondi waslu għand il-benefiċjarji finali awtorizzati matul il-perjodu 2007-2013 (il-bqija tal-fondi ġew sempliċement "Ipparkjati" fl-SIF, sabiex l-użu tagħhom ikun jista' jiġi dokumentat b'mod formali). L-importanza ta' din it-tema ser tiżdied aktar wara l-2020, mhux l-anqas b'rabta mal-bżonn li tissaħħaħ il-komplementarjetà mal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS). Din hija kunsiderazzjoni strateġika kbira fir-rigward tal-iffukar fuq mezzi baġitarji komuni tal-UE mill-2021 'il quddiem.

3.11. Fl-istess ħin, il-KESE huwa tal-fehma li ffukar aktar qawwi fuq il-prestazzjoni u r-riżultati ovvjament ma jfissirx li jiġu injorati l-legalità u r-regolarità tal-proċeduri. Ma tistax tiġi ttraskurata l-importanza tar-rispett għar-regoli legali u proċedurali. Peress li r-rata ta' żball tinkludi l-każijiet kollha fejn il-fondi ma misshomx tħallsu għax ma jkunux intużaw b'konformità mar-regoli, wieħed jassumi b'mod awtomatiku li dawn ir-regoli huma korretti u li fihom innifishom ma jirrappreżentaw l-ebda kontradizzjoni interna jew elementi mhux mixtieqa. Din hija raġuni waħda għalfejn proċedura li tkun f'konformità mar-regoli ta' ġestjoni soda għandha tinkludi verifika tal-impatt ta' dawn ir-regoli regolatorji biex teżamina l-kompatibbiltà u l-konsistenza tagħhom mal-ħtiġijiet u l-għanijiet tal-UE⁽⁸⁾

3.12. Il-KESE jaqbel li l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE huma kumplessi ħafna. L-isforzi li qed isiru attwalment biex jiġu ssemplifikati l-attivitajiet kollha marbutin mal-baġit tal-UE, li jirrigwardaw kemm kwistjonijiet proċedurali kif ukoll dawk sostantivi, jgħinu wkoll biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' ġestjoni finanzjarja tajba; l-isforzi ta' semplifikazzjoni għandhom iwasslu għal tnaqqis tal-piż amministrattiv eċċessiv u jillimitaw il-prattika tar-regolamentazzjoni żejda fl-Istati Membri individwali.

⁽⁸⁾ Pereżempju permezz ta' valutazzjoni tal-impatt regolatorju, li huwa strument effettiv ħafna li bih tassew tinkiseb ġestjoni finanzjarja tajba.

3.13. Il-KESE jemmen li l-proposti deskritti fit-taqsimi 1 ta' din l-opinjoni, li jwasslu għall-konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet finali tat-Taqsimi 1, jikkostitwixxu riflessjonijiet kunċettwali kruċjali dwar il-politika futura tal-baġit tal-UE, li jistgħu jiġu parzjalment implimentati fi ħdan il-proċess ta' *reviżjoni ta' nofs it-terminu* tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2014-2020, iżda li jistgħu jiġu traskritti bis-sħiħ biss fir-regoli baġitarji mis-sena 2021 'l quddiem. Il-qafas kunċettwali għall-ippjanar bil-quddiem u r-riformi neċessarji dwar il-baġit u l-qafas finanzjarju pluriennali wara l-2020 jista' jibni fuq l-attivitajiet reċenti dwar din l-opinjoni fil-livell tal-KESE jew jagħmel referenza għalih ⁽⁹⁾.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

⁽⁹⁾ Ara pereżempju dawn l-Opinjonijiet tal-KESE: *Ir-reviżjoni tal-baġit tal-UE* (2011) (ĠU C 248, 25.8.2011, p. 75), *Baġit 2014–2020* (2012) (ĠU C 229, 31.7.2012, p. 32), *L-ikkompletar tal-UEM/tassazzjoni* (2014), (ĠU C 230, 14.7.2015, p. 24), *Rieżami tal-governanza ekonomika* (2015), (ĠU C 268, 14.8.2015, p. 33), *L-ikkompletar tal-UEM – Il-proposti għal-leġiżlatura Ewropea li jmiss* (2012), (ĠU C 451, 16.12.2014, p. 10), *L-ikkompletar tal-UEM: il-pilastru politiku* (2015), (ĠU C 332, 8.10.2015, p. 8), *Il-PDG u lil hinn minnu – indikaturi komplementari* (2012), (ĠU C 181, 21.6.2012, p. 14), *Taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji* (2012), (ĠU C 181, 21.6.2012, p. 55), *Taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji – kooperazzjoni msaħħa* (2013), (ĠU C 271, 19.9.2013, p. 36), a *Programm 2014–2020 (FISCUS)*, (2012), (ĠU C 143, 22.5.2012, p. 48).

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-mekkaniżmu ta’ kontroll Ewropew
dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali”**

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2017/C 034/02)

Relatur: **is-Sur José Antonio MORENO DÍAZ**

Korelatur: **is-Sur Ákos TOPOLÁNSZKY**

Konsultazzjoni	Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 21/01/2016
Bażi legali	Artikolu 29(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Ix-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	27/09/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	202/1/7

1. Osservazzjonijiet u proposti tal-KESE: mekkaniżmu tal-UE dwar l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali

1.1. L-Unjoni Ewropea mhijiex biss suq komuni; hija unjoni ta’ valuri komuni, kif previst fl-Artikolu 2 tat-Trattat. Barra minn hekk, tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Dawn il-valuri, li fuqhom tissejjes l-Unjoni Ewropea, jiffurmaw il-bażi tal-integrazzjoni u huma parti mill-identità Ewropea. Minbarra li huma kriterji għall-adeżjoni, jeħtieġ li mbagħad jiġu rispettati fil-prattika mill-Istati Membri. Għalhekk huwa essenzjali li l-proċeduri tat-Trattat jiġu applikati meta dawn il-valuri jiġu mhedda. Il-KESE huwa tal-fehma li l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jieħdu approċċ proattiv u preventiv fl-attivajiet politiċi tagħhom, sabiex jiġu antiċipati u evitati l-problemi.

1.2. Bħal bosta organizzazzjonijiet Ewropej tas-soċjetà ċivili, il-KESE jinsab ixxukkjat mid-deterjorament tad-drittijiet tal-bniedem, it-tendenza populistika u awtoritarja li qed tinfirx u mir-riskju li dan iġib miegħu għall-kwalità tad-demokrazija u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, drittijiet li huma garantiti kemm mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u jikkostitwixxu prinċipji ġenerali tal-liġi tal-UE ⁽¹⁾.

1.3. Il-valuri msemija hawn fuq qed jiġu mhedda fl-Ewropa kollha. Bosta organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili qed jikkundannaw is-sitwazzjoni fdiversi Stati Membri u qed jittamaw li l-KESE ser jadotta inizjattivi ġodda bl-għan li l-istituzzjonijiet tal-UE jirrispondu b’mod deċiżiv. Mhux biss l-Unjoni Ewropea tinsab fil-periklu iżda anke l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet demokratiċi nazzjonali u Ewropej. Il-KESE jqis ir-riskju bħala gravi ħafna u sistemiku fin-natura tiegħu.

⁽¹⁾ Artikolu 6 tat-TUE.

1.4. Il-kontenut speċifiku tal-prinċipji u l-istandards li jiġu mill-istat tad-dritt jista' jvarja fil-livell nazzjonali, skont is-sistema kostituzzjonali ta' kull Stat Membru. Madankollu, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll dokumenti mħejjija mill-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari l-Kummissjoni ta' Venezia, jipprevedu dawn il-prinċipji u l-valuri tal-UE. Fost dawn il-prinċipji nsibu l-legalità, li timplika proċess leġislattiv trasparenti, responsabbli, demokratiku u pluralistiku; il-projbizzjoni tal-arbitrarjetà min-naħa tas-setgħat eżekuttivi; qrati indipendenti u imparzjali; rieżami ġudizzjarju effettiv, inkluż ir-rispett għad-drittijiet fundamentali; l-ugwaljanza quddiem il-liġi; u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.

1.5. Kemm il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonfermaw li dawn il-prinċipji mhumiex rekwiżiti purament formali u proċedurali, iżda jikkostitwixxu l-mezzi li jiżguraw konformità mad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem u r-rispett tagħhom. L-istat tad-dritt huwa prinċipju kostituzzjonali b'komponenti kemm proċedurali kif ukoll sostantivi.

1.6. Ir-rispett tal-istat tad-dritt huwa marbut intrinsikament mar-rispett tad-demokrazija u d-drittijiet fundamentali: ma jistax ikun hemm demokrazija u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali mingħajr ir-rispett tal-istat tad-dritt, u viċi versa: id-drittijiet fundamentali huma effettivi biss jekk tkun tista' tittieħed azzjoni ġudizzjarja fil-konfront tagħhom. Id-demokrazija hija protetta permezz tar-rwol fundamentali tal-ġudikatura, inklużi l-qrati kostituzzjonali. Ta' min isemmi wkoll li dawn huma **d-drittijiet tal-persuni**, mhux tal-Istati Membri jew tal-gvernijiet. Għalhekk, li jiġu difiżi għandha tkun prijorità urġenti.

1.7. Fid-dawl tal-ħidma tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Kostituzzjonali u tar-rapporti tal-Kummissjoni u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Frar 2014 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea, il-KESE jemmen li – eventwalment – ikun jeħtieġ li jiġi emendat l-Artikolu 51 ⁽²⁾ tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tagħha u sabiex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet kollha tal-Karta japplikaw fl-Istati Membri ⁽³⁾.

1.8. Hemm djalogu regolari bejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; tali djalogu jista' jissaħħaħ jekk l-UE taderixxi mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ECHR). Il-KESE jipproponi li l-Kummissjoni, fl-ewwel nofs tal-2017, tressaq proposta li l-UE taderixxi ma' din il-Konvenzjoni, li huwa stabbilit fl-Artikolu 6(2) tat-Trattat.

1.9. L-obbligi li jaqgħu fuq il-pajjiżi kandidati skont il-kriterji ta' Copenhagen għandhom ikomplu japplikaw għall-Istati Membri wara li jissieħbu mal-UE abbażi tal-Artikolu 2 tat-Trattat u għaldaqstant il-KESE jemmen li l-Istati Membri kollha għandhom jiġu vvalutati fuq bażi regolari sabiex tiġi verifikata l-konformità kontinwa tagħhom mal-valuri fundamentali tal-UE u sabiex jiġi evitat li tiswa fix-xejn il-fiduċja reċiproka.

1.10. Il-KESE jemmen li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom isaħħu l-proċeduri u l-mekkaniżmi li jipproteġu u jiddefendu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri kollha. F'dawn l-aħħar snin u speċjalment qabel l-2014, bi tħassib indunajna li l-Kummissjoni, minkejja li nediet proċeduri ta' ksur f'ċerti każijiet, naqset milli twettaq ir-rwol tagħha bħala gwardjan tat-Trattati b'mod effettiv u ma setgħetx tipprovdri risposta adegwata għall-ksur tal-prinċipji u l-valuri Ewropej li sehhevw f'diversi Stati Membri.

1.11. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu approċċ attiv biex tipproteġi u tiddefendi l-valuri u l-prinċipji tal-UE, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tat-TUE, fl-Istati Membri kollha u tuża l-qafas eżistenti tal-2014 kemm jista' jkun.

1.12. Il-KESE jipproponi l-adozzjoni ta' approċċ komuni bejn it-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-UE (il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament). Id-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet huma essenzjali għal kwistjoni daqstant importanti. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kunsill jappoġġja l-qafas eżistenti tal-Kummissjoni billi jadotta deċiżjoni tal-Kunsill li ssaħħaħ il-qafas u tappoġġja żieda fit-tisħiħ tal-istat tad-dritt.

⁽²⁾ Artikolu 51 "Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u għall-Istati Membri biss meta jkun qed jimplementaw il-liġi tal-Unjoni."

⁽³⁾ Il-proposta tal-Konvenzjoni u l-Opinjoni tal-KESE ma inkludewx il-limitazzjonijiet deċiżi mill-Kunsill Ewropew fl-Artikolu 51.

1.13. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jaqdu rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-valuri demokratiċi, il-funzjonament kif imiss tal-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Minħabba t-tnaqqis tal-ispazju demokratiku u l-limitazzjonijiet li jiffaċċjaw l-NGOs fl-Istati Membri, ir-rwol pożittiv tal-NGOs fil-livell lokali huwa ammirovoli. Il-Kumitat qed jaħdem b'mod attiv ħafna mal-imsieħba soċjali u l-NGOs dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tal-minoranzi, ir-refuġjati u l-immigranti.

1.14. Il-KESE, bħala korp li jirrappreżenta s-soċjetà ċivili organizzata Ewropea, jixtieq jiftaħ djalogu mal-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament, bl-għan li titjieb il-governanza u tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, u jimplementa sistema ta' twissija bikrija.

1.15. Il-KESE jemmen li huwa indispensabbli li jinħoloq mekkaniżmu Ewropew li jkun legalment vinkolanti, qafas li jinvolvi b'mod attiv lill-Kummissjoni, lill-Parlament u lill-Kunsill u li fih il-KESE jaqdi rwol importanti ta' rappreżentant tas-soċjetà ċivili. Dan il-mekkaniżmu ser jikkomplementa l-qafas tal-Kummissjoni u d-djalogu intergovernattiv inniedi mill-Kunsill. Dan il-mekkaniżmu jista' jissejjaħ il-"mekkaniżmu l-ġdid ta' Copenhagen"⁽⁴⁾ u jkun soġġett għal sorveljanza demokratika u għudizzjarja⁽⁵⁾.

Dan il-mekkaniżmu għandu, fost affarijiet oħra, jeżamina aspetti bħal-legalità, il-ġerarkija tan-normi, iċ-ċertezza legali, l-ugwaljanza, in-nondiskriminazzjoni, l-aċċess liberu għall-ġustizzja u proċess ġust, il-prevenzjoni tal-abbuż tad-dritt u tal-arbitrarjetà min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi, is-separazzjoni tas-setgħat, ir-rispett u l-protezzjoni għall-pluraliżmu politiku, il-minoranzi u d-diversità soċjali u sesswali, eċċ., ir-rispett tal-libertà tal-espressjoni u tal-istampa, bil-għan li jiġu identifikati n-nuqqasijiet attwali u li jsir appell biex dawn jiġu rimedjati.

1.16. Il-Kumitat jixtieq li l-abbozz ta' rapport li qed jiġi diskuss mill-Kumitat LIBE tal-Parlament Ewropew jiġi adottat u li jintlaħaq ftehim interistituzzjonali dwar l-implimentazzjoni tal-Patt tal-Unjoni Ewropea dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. B'mod ġenerali, il-KESE jappoġġja l-proposta peress li fiha l-bażi għall-implimentazzjoni ta' ftehim interistituzzjonali li huwa legalment vinkolanti u li jsaħħaħ il-governanza Ewropea u l-koordinazzjoni tal-politika bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri. Il-KESE għandu jiġi inkluż f'dan il-patt, sabiex ikun possibbli dibattitu fi ħdan is-soċjetà ċivili fil-KESE u l-KESE għandu jaqdi rwol fis-Semestru tad-DRF propost.

1.17. Il-mekkaniżmu għandu jkun ibbażat fuq indikaturi li huma stess ikunu bbażati fuq data kwantitattiva u kwalitattiva:

— indikaturi dwar l-istat tad-dritt;

— indikaturi dwar il-kwalità tad-demokrazija;

— indikaturi dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

1.18. Il-Kumitat jenfasizza l-importanza tat-Titoli I, II III u IV tal-Karta għall-iżvilupp tal-indikaturi, filwaqt li jitqies li d-**drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali** fundamentali huma "indiviżibbli" mid-drittijiet ċivili u politiċi.

1.19. Huwa importanti li kemm l-Istati Membri kif ukoll l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet soċjali, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi. Dan għandu japplika wkoll għar-relazzjonijiet u l-ftehimiet mal-pajjiżi terzi, mhux biss li jikkonformaw ma' dawn id-drittijiet, iżda wkoll li jiżguraw li dawn jiġu infurzati.

1.20. Il-mekkaniżmu jitlob it-tnejja ta' sistema ta' monitoraġġ u valutazzjoni bl-użu ta' proċeduri trasparenti. Il-FRA għandu jingħata l-mandat espliċitu li jipprovdi għajnuna f'tali mekkaniżmu. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Parlament li jitwaqqaf grupp ta' esperti indipendenti⁽⁶⁾ ippresedut mill-Kumitat Xjentifiku tal-FRA.

⁽⁴⁾ Kif propost mill-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Jannar 2014 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE (2012), P7_TA(2012)1773, rapporteur: Louis Michel, 22 ta' Novembru, punt 9.

⁽⁵⁾ Carrera, S., E. Guild u N. Hernanz (2013), *The Triangular Relationship between Fundamental Rights, Democracy and the Rule of Law in the EU: Towards an EU Copenhagen Mechanism*, Ktieb bil-qoxra ratba, Brussell: Centru għall-Istudji Politiċi Ewropej.

⁽⁶⁾ Maħtur mill-Istati Membri: ALLEA, ENNHRI, Kummissjoni ta' Venezja, CEPEJ, NU, OECD.

1.21. Il-Kumitat jipproponi li jagħmel parti minn dan il-grupp. Huwa jipproponi wkoll li l-esperti maħtura mill-gvernijiet rispettivi jkunu l-ombudsmen ta' kull Stat Membru.

1.22. Fuq il-bażi tal-indikaturi u bl-użu ta' proċeduri trasparenti, il-grupp ta' esperti ser janalizza u jevalwa s-sitwazzjoni f'kull Stat Membru. F'dan ir-rigward, il-KESE jista' jikkontribwixxi billi jorganizza missjonijiet fl-Istati Membri bil-għan li janalizza s-sitwazzjoni bil-kooperazzjoni tas-soċjetà ċivili lokali u jfassal rapporti.

1.23. Il-KESE jappoġġja l-implimentazzjoni tas-semestru tad-DRF. Abbażi tar-rapporti tal-esperti, kull sena l-Kummissjoni ser tabbozza rapporti speċifiċi għal kull pajjiż individwali, inklużi rakkomandazzjonijiet; il-Parlament ser jorganizza dibattitu interparlamentari u jħejji riżoluzzjoni; il-Kunsill ser ikollu d-djalogu annwali u jadotta konklużjonijiet. Jhejtieg li l-mekkaniżmu jiffunzjona fil-kuntest ta' ċiklu annwali ġdid ta' politika bl-għan li jiġi żgurat approċċ komuni u koerenti fl-UE.

1.24. Il-Kumitat jixtieq jipparteċipa fit-thejġja tal-ftehim interistituzzjonali, u hemm mnejn jikkunsidra l-possibbiltà li jwaqqaf grupp permanenti biex jorganizza seduti mas-soċjetà ċivili u jabbozza Opinjonijiet u rapporti f'dan ir-rigward.

1.25. Bħala parti mis-semestru tad-DRF, bil-kooperazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jista' jorganizza forum annwali biex janalizza s-sitwazzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u jista' jabbozza proposti u rakkomandazzjonijiet biex jitressqu quddiem il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament. Il-Kumitat jista' jikkoopera wkoll mal-istituzzjonijiet l-oħra fl-abbozzar ta' valutazzjonijiet tal-impatt.

2. It-Trattat u l-kwistjonijiet marbutin miegħu

2.1. F'dawn l-aħħar ftit snin ġie enfasizzat in-nuqqas ta' mekkaniżmi adatti biex iħarsu l-valuri kif stabbilit fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) li jgħid li "l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel."

2.2. L-Unjoni hija msejsa fuq dawn il-valuri, li jinkludu r-rispett lejn id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE għandha l-oportunità li tivverifika l-konformità ma' dawn il-valuri fiż-żmien ta' qabel l-adeżjoni fl-UE tal-Istat fil-qafas tal-hekk imsejħa "kriterji ta' Copenhagen" jew "il-kriterji tal-adeżjoni"⁽⁷⁾. Is-sħubija titlob li l-pajjiż applikant jiżgura l-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jgarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għall-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom.

2.3. Madankollu, ma hemm l-ebda mekkaniżmu simili applikabbli wara l-adeżjoni tal-Istati Membri. In-nuqqas ta' mekkaniżmu għall-monitoraġġ tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali jissegħaj id-"dilemma ta' Copenhagen".

2.4. Il-funzjonament kif imiss tal-UE huwa bbażat fuq il-"fiduċja reċiproka" bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri, kif ukoll bejn l-Istati Membri nnifishom: il-fiduċja li l-liġijiet u d-deċiżjonijiet b'rabta mal-politika jirrispettaw l-istess prinċipji fir-rigward tal-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali. Dan johlq kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-moviment liberu tal-persuni, il-merkanzija, is-servizzi u l-kapital. Jagħmilha possibbli wkoll li l-gvernijiet jikkooperaw fi kwistjonijiet ta' ġustizzja u affarijiet interni, fosthom il-liġi kriminali, l-asil u l-immigrazzjoni.

2.5. L-Unjoni Ewropea nħolqot biex tiżgura l-paċi u l-prosperità fl-Istati Membri tagħha u ttejjeb il-benessri tal-popli tagħha; hija tiddependi mhux biss mill-eżistenza tal-kummerċ ħieles iżda wkoll mill-protezzjoni tal-valuri fundamentali tal-UE. Dawn il-valuri fundamentali jiżguraw li ċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jgħixu ħielsa mill-oppresjoni u l-intolleranza bi gvernijiet demokratikament eletti u responsabbli li jaġixxu skont l-istat tad-dritt.

2.6. F'dawn l-aħħar snin, ċerti deċiżjonijiet leġislattivi u politiċi meħudin f'diversi Stati Membri taw lok għal dibattiti u kunflitti mal-istituzzjonijiet Ewropej u ma' Stati Membri oħra u l-"fiduċja reċiproka" tkissret. F'ħafna każijiet, ma nġhatatx l-attenzjoni dovuta lir-regoli tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u l-Unjoni Ewropea ma kenitx kapaċi tipprovdi tweġiba adegwata.

(7) Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen, 21 u 22 ta' Ġunju 1993.

2.7. Il-KESE josserva bi tħassib kbir li f'għadd ta' Stati Membri qed tiġi adottata leġislazzjoni u qed jiġu implimentati politiki li jissuġġerixxu deterjorament fil-kwalità tad-demokrazija: ksur tad-drittijiet tal-bniedem, l-iżjed dawk tal-minoranzi; nuqqas ta' indipendenza tal-qrati ġudizzjarji u kostituzzjonali; restrizzjonijiet fuq is-separazzjoni tas-setgħat; limitazzjonijiet fuq il-libertà tal-istampa, il-libertà tal-opinjoni u l-libertà ta' assemblea; limitazzjonijiet fuq il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà ta' informazzjoni, il-konsultazzjoni u n-negozjar kollettivi, u limitazzjonijiet fuq drittijiet fundamentali ċivili u soċjali oħra. F'diversi okkażjonijiet, l-Unjoni Ewropea kellha tiffaċċja għadd ta' kriżijiet f'ċerti Stati Membri minħabba kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-istat tad-dritt, u l-Kummissjoni indirizzat dawn l-avvenimenti billi għamlet pressjoni politika u permezz tat-tneđija ta' proċeduri ta' ksur.

2.8. Sal-lum, ma sar l-ebda użu mill-mekkaniżmi preventivi u repressivi previsti fl-Artikolu 7 tat-TUE, li huwa l-uniku artikolu fit-Trattati biex jiġu indirizzati l-ksur tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali f'oqsmha li ma jaġhmlux parti mill-kompetenza leġislattiva tal-UE. Hemm żewġ approċċi: dak preventiv u dak repressiv. Madankollu, fil-prattika dawn qatt ma ntużaw minħabba l-impatt politiku u r-rekwiżiti stretti li jirregolaw l-implimentazzjoni tagħhom: biss f'każ ta' "riskju ċar" ta' "ksur serju u persistenti".

2.9. Il-Kummissjoni u l-Parlament jistgħu jintervjenu fil-fażi preventiva. Fit-tieni stadju, il-Kunsill jista' jippenalizza lill-Istat Membru bili jissospendi ċerti drittijiet, inklużi d-drittijiet tal-vot tar-rappreżentanti tiegħu fil-Kunsill.

2.10. Madankollu, il-Kunsill igawdi minn marġni wiesa' ta' diskrezzjoni meta japplika dan peress li ma għandux kriterji speċifiċi u trasparenti biex jattiva l-proċedura, dwar liema indikaturi għandu juża jew x'se jkun l-proċeduri ta' evalwazzjoni. Il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja għandhom mandat limitat ħafna f'dawn is-sitwazzjonijiet⁽⁸⁾; bl-istess mod, ma hemmx dispożizzjonijiet li jstipulaw li l-KESE jiġi kkonsultat.

3. L-azzjonijiet tal-istituzzjonijiet Ewropej

3.1. F'Marzu 2014, il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni dwar "Qafas ġdid tal-UE biex jissaħħaħ l-Istat tad-Dritt" (COM(2014)158). Il-qafas jiġi attiv f'każijiet fejn l-Istati Membri qed jieħdu miżuri jew qed jittolleraw sitwazzjonijiet li huma sistematiċi u probabbilment jaffettwaw b'mod negattiv l-integrità, l-istabbiltà jew il-funzjonament kif imiss tal-istituzzjonijiet u l-mekkaniżmi ta' salvagwardja stabbiliti fil-livell nazzjonali biex jiżguraw l-istat tad-dritt. Dan jinkludi kwistjonijiet dwar l-istrutturi kostituzzjonali tagħhom, is-separazzjoni tas-setgħat, l-indipendenza jew l-imparzjalità tal-ġudikatura, jew is-sistema tagħhom ta' kontroll ġudizzjarju, inkluża l-ġustizzja kostituzzjonali.

3.2. Il-qafas tal-Kummissjoni għandu l-għan li jindirizza theddid għall-istat tad-dritt fl-Istati Membri qabel ma jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-attivazzjoni tal-mekkaniżmi stipulati fl-Artikolu 7 tat-TUE. Huwa r-responsabbiltà tal-Kummissjoni u huwa mfassal biex jimla lakuna. Mhuwiex alternattiva iżda mekkaniżmu li jippreċedi u jikkomplementa l-mekkaniżmi tal-Artikolu 7. F'każijiet fejn hemm evidenza ċara tal-eżistenza ta' theddida sistemika għall-istat tad-dritt fi Stat Membru partikolari, dan il-qafas jiffaċilita djalogu strutturat bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istat Membru. Il-proċess tal-iskambju jinvolvi tliet fażijiet ewlenin: opinjoni tal-Kummissjoni, rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u segwitu tar-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta l-esperti meta twettaq l-evalwazzjoni tagħha⁽⁹⁾.

3.3. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-qafas li jsaħħaħ l-istat tad-dritt, adottat mill-Kummissjoni Ewropea. Madankollu, dan il-qafas jippreżenta sensiela ta' limitazzjonijiet.

3.3.1. L-evalwazzjoni ma tippredix analiżijiet komparattivi perjodiċi tal-problemi u l-kunflitti li jqumu fl-Istati Membri b'rabta mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. Abbażi tad-definizzjoni, il-qafas jista' jiġi attiv biss meta l-problema ssir "sistemika", li huwa limitu għoli. Jista' jkun hemm theddida "sistemika" meta l-ġudikatura ma tkunx tista' tibqa' tiżgura li l-gvern jaġixxi fil-limiti tal-liġi, li diġà huwa pjuttost tard.

⁽⁸⁾ Filwaqt li, fil-liġi tal-Unjoni, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għandha mekkaniżmu li jippermetti lill-individwi li jiddefendu d-drittijiet tagħhom, l-Artikolu 7 huwa mekkaniżmu legali u politiku ġenerali li huwa espressament eskluż mill-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

⁽⁹⁾ L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA); in-Netwerk tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-Unjoni Ewropea; il-Kunsill tal-Ewropa (Kummissjoni ta' Venezja); l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-Ġurisdiżjonijiet Amministrattivi Supremi tal-Unjoni Ewropea u n-Netwerk Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura.

3.3.2. Il-mod li bih il-Kummissjoni tanalizza l-informazzjoni għandu jkun trasparenti b'indikaturi speċifiċi jew proċeduri oġġettivi; għandha wkoll tistabbilixxi protokollu għall-konsultazzjoni tas-soċjetà ċivili u tal-KESE.

3.3.3. Il-qafas ma jinkludi l-ebda rwol speċifiku għall-Parlament Ewropew għalkemm il-Parlament qed iniedi l-inizjattivi politiċi proprji tiegħu f'dan ir-rigward.

3.3.4. Lanqas ma jipprevedi mudell għal kooperazzjoni interistituzzjonali iżjed mill-qrib.

3.4. Il-KESE jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' segwitu fil-**Kunsill** għall-qafas biex jissaħħaħ l-istat tad-dritt.

3.4.1. Fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali adotta Konklużjonijiet dwar ir-rwol tal-Kunsill biex jiżgura r-rispett tal-istat tad-dritt. Il-Kunsill impenja ruħu li jstabbilixxi **djalogu annwali** bejn l-Istati Membri, li jsir fi ħdan il-Kunsill Affarijiet Ġenerali u jitthejja mill-Coreper. Il-Presidenza Lussemburgiża nediet dan id-djalogu f'Novembru 2015, u huwa maħsub biex ikopri suġġetti speċifiċi li ma sarux pubbliċi: il-gvernijiet intalbu jtkellmu dwar kwalunkwe aspett tal-istat tad-dritt li riedu u jagħtu eżempju wieħed ta' fejn kienu sejrjn tajjeb u eżempju ieħor ta' sfida. Ir-riżultat kien sensiela ta' monologi, pjuttost milli djalogu. L-Istati ma kkooperawx permezz tal-għoti ta' appoġġ, għajjnuna jew kritika, u ma ngħatat jew waslet l-ebda rakkomandazzjoni u ma kien hemm l-ebda impenn li jsir segwitu biex isir titjib b'rabta mal-isfidi identifikati. Fi tmiem l-2016, taħt il-Presidenza Slovakkja, il-Kunsill ser iwettaq evalwazzjoni tal-esperjenza.

3.4.2. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ma kkunsidrawx il-qafas tal-istat tad-dritt tal-Kummissjoni u lanqas ma rreferew għalih. Il-Konklużjonijiet ma jipprovdwx stampa ċara tar-rwol speċifiku li l-Kummissjoni, il-Parlament u l-KESE ser jaqdu f'dan id-djalogu.

3.5. Il-Kummissjoni Juncker identifikat l-istat tad-dritt bħala wieħed mill-prijoritajiet tagħha u ħatret lis-Sur Timmermans, Viċi President responsabbli għall-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali. Mhuwiex magħruf, madankollu, jekk il-Kummissjoni hux ser tiżviluppa kriterji u indikaturi biex jiġi implimentat il-qafas tal-istat tad-dritt.

3.6. Il-Kummissjoni attivat dan il-qafas għall-ewwel darba billi fetħet proċedura fil-każ tal-Polonja minħabba li kisret ir-regoli tal-UE, filwaqt li kkunsidrat valutazzjoni kritika tas-sitwazzjoni mill-Kummissjoni ta' Venezja, korp tal-Kunsill tal-Ewropa⁽¹⁰⁾.

3.7. Attwalment, il-Kumitat LIBE tal-**Parlament Ewropew** qed jiddibatti abbozz ta' rapport fuq inizjattiva proprja⁽¹¹⁾ li jinkludi "Rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali" (2015/2254 (INL) – Rapporteur: Sophia in 't Veld) li, fost kwistjonijiet oħra, "[j]itlob lill-Kummissjoni tissottometti, sa tmiem l-2016, abbażi tal-Artikolu 295 tat-TFUE, proposta għall-konklużjoni ta' Patt tal-UE għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (DRF) fil-forma ta' **ftehim interistituzzjonali** li jstabbilixxi arranġamenti li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fil-qafas tal-Artikolu 7 tat-TUE, li jintegra, jallinja u jikkomplementa l-mekkaniżmi eżistenti, skont ir-rakkomandazzjonijiet dettaljati stabbiliti fl-Anness [hemm]hekk".

3.7.1. L-Anness fih l-**ABBOZZ TA' FTEHIM INTERISTITUZZJONALI: PATT TAL-UNJONI EWROPEA DWAR ID-DEMOKRAZIJA, L-ISTAT TAD-DRITT U D-DRITTIJET FUNDAMENTALI** li jrid jintlaħaq qbil dwaru mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

3.7.2. Il-Patt jinkludi tabella ta' valutazzjoni, dibattitu interparlamentari annwali, u arranġamenti sabiex jiġu rrimedjati r-riskji u l-ksur potenzjali u jiġu attivati l-friegħi preventivi u korrettivi tal-Artikolu 7.

⁽¹⁰⁾ Opinjoni dwar l-emendi għall-Att tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar it-Tribunal Kostituzzjonali tal-Polonja, il-Kummissjoni ta' Venezja, 11 ta' Marzu 2016.

⁽¹¹⁾ <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//NONSGML+COMPARL+PE-576.988+01+DOC+PDF+V0//MT>

3.7.3. Il-Parlament jipproponi t-tnejja ta' **semestru** interistituzzjonali tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali (DRF), li għandu jinkludi l-qafas tal-Kummissjoni, id-djalogu annwali tal-Kunsill u d-dibattitu interparlamentari. Is-Semestru Ewropew għandu jiġi meġġun minn segretarjat u grupp ta' esperti, ippresedut mill-President tal-Kumitat Xjentifiku tal-FRA, li se jfassal indikaturi u jivvaluta s-sitwazzjoni fl-Istati Membri u r-rakkomandazzjonijiet.

3.7.4. Iċ-**ċiklu ta' politika** tad-DRF se jinkludi r-rapporti annwali tal-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament, u se jitwaqqaf grupp ta' ħidma interistituzzjonali dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Kummenti tal-għeluq tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità (CRPD) — Strateġija ġdida għall-persuni b’diżabilità fl-Unjoni Ewropea”

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2017/C 034/03)

Relatur: **is-Sur Ioannis VARDAKASTANIS**

Konsultazzjoni	Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 21/01/2016
Bażi legali	Artikolu 29(2) tar-Regoli ta’ Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Ix-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	27/09/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	211/1/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Ir-ratiffika tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità (UN CRPD) mill-Unjoni Ewropea hija mument storiku għad-drittijiet marbuta mad-diżabilità, għall-UE u l-Istati Membri tagħha. Ir-rieżami tal-UE, li sar mill-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità (CRPD) fl-2015, jikkonkludi l-ewwel perjodu tal-implimentazzjoni tal-UN CRPD. L-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat CRPD jesigū li l-istituzzjonijiet tal-UE jirrispettaw l-obbligi tagħhom peress li huma għandhom jorganizzaw u jikkoordinaw l-implimentazzjoni tal-UN CRPD f’konformità mal-osservazzjonijiet konklużivi. L-osservazzjonijiet konklużivi kkonfermaw mill-ġdid li t-tfassil tal-politika tal-UE fil-prattika dwar id-diżabilità jeħtieġ trasformazzjoni radikali fil-mod kif tfasslu l-politiki sa issa. Sa issa, l-UE ma adattatx kif imiss it-tfassil tal-politika tagħha għal din it-trasformazzjoni meħtieġa mill-UN CRPD.

1.2. Il-KESE jappella lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex jintegraw l-osservazzjonijiet konklużivi fil-liġi u t-tfassil tal-politika tal-UE attwali u fil-futur. Huwa jitlob ukoll lill-Kummissjoni Ewropea (KE) tressaq rapport quddiem il-Kumitat tan-NU CRPD sal-ħarifa tal-2016.

1.3. Il-KESE jqis l-UN CRPD u l-osservazzjonijiet konklużivi tal-kumitat bħala opportunità unika għall-KE biex tippreżenta strateġija globali tal-UE dwar id-drittijiet tal-persuni b’diżabilità. L-osservazzjonijiet konklużivi ħolqu momentum li għandu jiġi kapitalizzat mill-istituzzjonijiet tal-UE, u li għandu jwassal biex id-drittijiet tal-persuni b’diżabilità jiġu inklużi sistematikament fil-leġislazzjoni, il-politiki u l-programmi tal-UE.

1.4. Il-KESE jenfasizza li sabiex jiġu integrati d-drittijiet tal-persuni b’diżabilità, il-KE trid twettaq eżerċizzju ta’ mmappjar trasversali u komprensiv tal-liġijiet, il-politiki u l-programmi kollha tagħha sabiex tiżgura armonizzazzjoni sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-UN CRPD u tinvolvi b’mod attiv l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-persuni b’diżabilità f’dan il-proċess. Dan l-eżerċizzju ta’ mmappjar għandu jkun akkumpanjat minn analiżi tal-lakuni b’mod li jiġu evalwati l-lakuni attwali fil-leġislazzjoni, it-tfassil tal-politika u d-drittijiet tal-persuni b’diżabilità u l-integrazzjoni tal-UN CRPD. L-eżerċizzju ta’ mmappjar u l-analiżi tal-lakuni għandhom ikunu inklużi b’mod espliċitu fl-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità (EDS) riveduta.

1.5. Il-KESE jfakkar lill-KE dwar l-obbligu tagħha li tipproċedi immedjatament bir-reviżjoni u l-aġġornament tad-Dikjarazzjoni tal-Kompetenzi u l-lista tagħha ta' strumenti. Għandha wkoll tintroduċi obbligu proprju tagħha biex tagħmel rieżami u reviżjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Kompetenzi mill-inqas darba matul il-mandat tagħha.

1.6. Il-KESE jirrikonoxxi li r-reviżjoni tal-UE mill-Kumitat tan-NU CRPD seħħet f'nofs il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, u jirrikonoxxi d-diffikultajiet fl-integrazzjoni tal-aġenda l-ġdida dwar id-drittijiet marbutin mad-diżabilità li joriġinaw mill-osservazzjonijiet konklużivi għall-UE fl-analiżijiet ta' nofs it-terminu ta' strateġiji, politiki, programmi u strumenti ta' finanzjament. Madankollu, huwa jirrakkomanda li l-KE tagħmel l-aħjar sforzi/tħabrek biex tintegra u tinkludi l-osservazzjonijiet konklużivi f'dawn il-proċessi ta' reviżjoni u talloka r-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom taħt il-UN CRPD.

1.7. Il-UN CRPD tistipola b'mod espliċitu li l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-persuni b'diżabilità jridu jiġu kkonsultati u involuti fil-proċess ta' implimentazzjoni u monitoraġġ tal-Konvenzjoni. Il-KESE jappella li l-KE twettaq dialogu strutturat ġenwin u li jagħmel sens mal-moviment Ewropew għad-diżabilità (skont l-Artikoli 4(3) u 33(3)). Barra minn hekk, il-KE għandha tistabbilixxi programm ta' bini tal-kapaċità għall-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-persuni b'diżabilità sabiex ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet fundamentali tagħhom.

1.8. Il-KESE huwa tal-fehma li l-kooperazzjoni u s-sħubija tal-istituzzjonijiet tal-UE fl-implimentazzjoni tal-UN CRPD huma ta' importanza kruċjali. Għalhekk, huwa jirrakkomanda li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' koordinazzjoni interistituzzjonali li jiffaċilita l-implimentazzjoni rapida u bla xkiel tal-osservazzjonijiet konklużivi u l-UN CRPD, inklużi l-konsultazzjoni u l-involviment tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-persuni b'diżabilità.

1.9. L-osservazzjonijiet konklużivi jesigū li l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità (EDS) tiġi rieżaminata u riveduta fil-fond. Għaldaqstant, il-KESE jħeġġeġ lill-KE tqis l-iżviluppi fid-drittijiet marbuta mad-diżabilità u twessa' l-ambitu tal-EDS billi jiġu introdotti aktar oqsma ta' azzjoni u biex tintrabat mar-riieżami u r-reviżjoni ta' politiki, programmi u strumenti finanzjarji (pereżempju, l-Ewropa 2020, l-Istrateġija għall-Ugwajanza bejn is-Sessi, l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tat-Tfal, impenji għal azzjoni esterna tal-UE) b'perjodu ta' żmien u baġit ċari, kif ukoll punti ta' riferiment u indikaturi speċifiċi u preċiżi.

1.10. L-UE impenjat ruħha li timplimenta bis-sħiħ l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) li jinsabu fl-Aġenda 2030 tan-NU u trid tiżgura li l-osservazzjonijiet konklużivi u d-dispożizzjonijiet tal-UN CRPD jiġu kkunsidrati bis-sħiħ mill-UE, kemm internament kif ukoll esternament. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li l-KE tinkludi l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 fl-EDS riveduta billi tistabbilixxi miri u azzjonijiet Ewropej sabiex jintlaħqu l-SDGs kollha fl-UE anke għall-persuni b'diżabilità.

1.11. Il-KESE jemmen bil-qawwa li l-UE għandha tevita li l-finanzjament tal-UE jintuża jew għall-ħolqien jew il-kontinwità tal-operat ta' strutturi ta' istituzzjonalizzazzjoni. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-użu tal-finanzjament tal-UE biex jinħolqu servizzi bbażati fil-komunità għall-persuni b'diżabilità, sabiex ikunu jistgħu jgħixu b'mod indipendenti fil-komunitajiet tagħhom. L-istituzzjonalizzazzjoni ta' persuni b'diżabilità hija ksur tad-drittijiet tagħhom u l-KESE jħeġġeġ lill-KE biex tippromovi d-deistituzzjonalizzazzjoni b'mod aktar sistematiku u effettiv permezz ta' politiki, programmi u strumenti ta' finanzjament speċifiċi.

1.12. Il-KESE jappella lill-KE biex tipproċedi immedjatament bir-ratifika tal-protokoll fakultattiv għall-UN CRPD, it-Trattat ta' Marrakexx u l-Konvenzjoni ta' Istanbul tal-Kunsill tal-Ewropa.

1.13. Il-KESE jipproponi bil-qawwa lill-KE biex tistabbilixxi punti fokali f'kull DG, aġenzija u korp tal-KE, bl-inklużjoni u l-involviment sħiħ tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-persuni b'diżabilità fil-proċess tat-tfassil ta' politika, sabiex jinħolqu strutturi orizzontali u vertikali li jippromovu l-inklużjoni sħiħa u l-integrazzjoni tad-drittijiet marbutin mad-diżabilità fil-leġislazzjoni, il-politiki u l-programmi tal-UE.

1.14. Il-KESE jemmen li l-KE għandha tibda l-proċess b'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet, aġenzji u korpi oħrajn tal-UE, biex jippreparaw bir-reqqa u jiżviluppaw l-Aġenda Globali l-ġdida dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2020-2030, li għandha tkun integrata bis-sħiħ fl-istrategġiji soċjali u makroekonomiċi globali (pereżempju, l-Ewropa 2020 u l-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni tagħha), u jirrakkomanda li għandu jiġi stabbilit grupp ta' ħidma bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati u l-organizzazzjonijiet kollha li jirrappreżentaw il-persuni b'diżabilità biex iwettqu u jimplimentaw din l-inizjattiva. Il-KESE jipproponi li l-KE għandha tibda l-implimentazzjoni tal-Aġenda Globali dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2020-2030 bis-Sena Ewropea tad-Drittijiet marbuta mad-Diżabilità fl-2021.

1.15. Il-KESE jirrikonoxxi l-inizjattivi pożittivi tal-KE fil-qasam tal-aċċessibilità, b'mod partikolari l-ftehim tat-trilogu dwar id-Direttiva dwar l-aċċessibilità tas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku u l-proposta tal-KE dwar l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità (EAA), u jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jikkonkludu n-negożjati. Madankollu, il-KESE huwa mħasseb dwar id-direttiva dwar it-trattament ugwali orizzontali u jappella biex jiġu żblukkati n-negożjati u biex l-osservazzjonijiet konklużivi u l-UN CRPD jiġu kkunsidrati f'din il-fażi ġdida.

1.16. Il-KESE jistieden lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex jiżguraw li l-miżuri ta' awsterità ma jaffettwawx il-kapaċità tal-persuni b'diżabilità li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif stabbiliti fis-CRPD, u għalhekk jitlob lill-KE biex toħloq il-bażijiet ta' protezzjoni soċjali meħtieġa biex tintlaħaq din il-mira u tirrispetta d-dritt tagħhom għal livell ta' għajxien adegwat kif ukoll protezzjoni soċjali.

1.17. Il-KESE jitlob lill-KE u lill-Eurostat biex jiżviluppaw għodod ta' statistika sabiex jitkejjel l-impatt tal-implimentazzjoni tal-UN CRPD dwar il-persuni b'diżabilità, fil-livell Ewropew u dak nazzjonali. Huwa jqis ukoll li l-ġbir ta' data bbażata fuq approċċ tad-drittijiet tal-bniedem lejn id-diżabilità u d-diżaggregazzjoni tad-data skont id-diżabilità, l-età u s-sess ser ikollhom effett pożittiv fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni, il-politiki u l-programmi tal-UE.

1.18. Il-KESE jirrikonoxxi li l-UE għandha kompetenzi biex takkumpanja miżuri nazzjonali sabiex tiżgura li ċ-ċittadini kollha tal-UE jkunu ugwali quddiem il-liġi, li mhux biss ma jkunux imċaħħda mill-kapaċità ġuridika u d-drittijiet tagħhom, iżda barra minn hekk li jkunu jistgħu jieħdu sehem fl-elezzjonijiet Ewropej, u l-elezzjonijiet kollha madwar l-UE fuq bażi ugwali mal-oħrajn. Għalhekk, jitlob lill-KE u speċifikament lid-DĠ Ġustizzja biex jadottaw programm ibbażat fuq il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni sabiex tiġi faċilitata l-konverġenza lejn il-prinċipju tar-rikonoxximent ugwali quddiem il-liġi.

1.19. Il-KESE jimpenja ruħu biex imexxi bl-eżempju fl-implimentazzjoni tal-obbligi speċifiċi, indikati mill-Kumitat tan-NU CRPD, li għandhom jintlaħqu mill-UE bħala amministrazzjoni pubblika billi tiżgura li r-riżorsi umani tagħha, id-drittijiet tal-membri tal-KESE u l-faċilitajiet ta' komunikazzjoni jkunu konformi mal-UN CRPD.

2. Introduzzjoni

2.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-osservazzjonijiet konklużivi maħruġa mill-Kumitat tan-NU CRPD ⁽¹⁾, billi jipprovdur programm komprensiv għall-UE biex tibdel it-tfassil ta' politika tagħha lejn approċċ lejn id-diżabilità li jkun imsejjes fuq il-persuni u d-drittijiet tal-bniedem.

2.2. Il-KESE jfakkar li l-abbozz tal-Proposta għal Direttiva dwar it-Trattament Ugwali ġie ppreżentat mill-KE qabel il-konklużjoni tal-UN CRPD. Barra minn hekk, in-negożjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE introduċew progressivament emendi li mhumiex konformi mal-obbligi tal-UN CRPD. Għalhekk, il-KESE jitlob lill-KE biex tintroduċi, fin-negożjati interistituzzjonali attwali, proposta biex jiġi adatt l-abbozz ta' Direttiva sabiex ikun konformi mal-UN CRPD u naturalment mal-osservazzjonijiet konklużivi dwar id-diżabilità, u tiġi inkluża l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali, u d-diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni.

⁽¹⁾ Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD).

2.3. Il-KESE jenfasizza li l-miżuri ta' awsterità kellhom impatt negattiv fuq il-kundizzjonijiet ta' għajxien tal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Il-livelli ta' faqar, esklużjoni, diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi żdiedu bħala riżultat tal-kriżi ekonomika, li saret f'bosta Stati Membri kriżi tad-drittijiet tal-bniedem, fejn numru kbir ta' persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom huma kompletament nieqsa minn kull protezzjoni. Għaldaqstant, il-KESE jappella lill-UE biex tistabbilixxi bażijiet minimi ta' protezzjoni soċjali sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u jiġi żgurat livell ta' għajxien u protezzjoni soċjali adegwati. Dan il-mekkaniżmu għandu jiġi inkluż fil-proċess tas-Semestru Ewropew.

2.4. Barra minn hekk, il-Kumitat tan-NU CRPD irrakkomanda li l-UE għandha toħloq strateġija globali tal-UN CRPD applikabbli għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE b'allokazzjonijiet tal-baġit speċifiċi integrati fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Għalhekk il-KESE jikkunsidra li laqgħa ta' livell għoli tal-mexxejja tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE hija meħtieġa biex jinbada l-proċess tat-tħejija u tal-adozzjoni ta' aġenda interistituzzjonali tal-UNCRPD b'miri speċifiċi li għandhom jintlaħqu u objettivi li għandhom jinkisbu. L-istrateġija globali għandha tidentifika r-responsabbiltajiet għal kull istituzzjoni tal-UE rigward l-implimentazzjoni tas-CRPD.

2.5. Hemm bżonn li l-UE tistabbilixxi djalogu strutturat ġenwin u sinifikanti mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi Ewropej tal-persuni b'diżabilità, sabiex tiżgura kemm il-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw b'mod effettiv u b'mod sinifikanti fil-leġislazzjoni u t-fassil tal-politika tal-UE, kif ukoll li b'mod proattiv iwettqu l-kampanji ta' promozzjoni tagħhom tas-CRPD. Barra minn hekk, l-UE trid tiżgura li l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità għandhom il-kapaċità finanzjarja biex jappoġġjaw il-ħidma tagħhom. Għalhekk, trid tiġi stabbilita b'mod speċifiku linja baġitarja għall-bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità.

2.6. L-integrazzjoni u l-implimentazzjoni globali u trasversali tad-dispożizzjonijiet tal-UN CRPD mill-UE u l-iżvilupp ta' aġenda ġdida tal-UE marbuta mas-CRPD jirrikjedu l-ħolqien ta' qafas parteċipattiv ta' sħubija u ta' governanza li permezz tiegħu l-atturi u l-partijiet interessati prinċipali kollha se jkunu jistgħu jieħdu sehem bis-sħiħ fit-tfassil tal-politika, flimkien mal-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod inklużiv.

2.7. Il-Kummissjoni Ewropea għandha immedjatament u b'mod urġenti twettaq eżerċizzju ta' mmappjar u analiżi tal-lakuni b'rabta mal-politiki u l-programmi interni u esterni kollha tal-UE u tiggarrantixxi li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tas-CRPD. Barra minn hekk, l-istrateġiji globali u l-politiki tal-UE jridu jkunu konformi mal-osservazzjonijiet konklużivi, inkluża l-Istrateġija Ewropa 2020 kif ukoll is-Semestru Ewropew, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-Aġenda 2030 tan-NU u l-istrumenti ta' finanzjament bħall-FSIE.

2.8. Huwa ta' importanza kbira li l-implimentazzjoni tal-osservazzjonijiet konklużivi mill-UE tiġi indirizzata fl-ogħla livell politiku. B'mod partikolari, il-KE għandha tinkludi fil-programm ta' ħidma tagħha tal-2017 inizjattiva ta' politika speċifikament għal dan l-għan. L-inklużjoni u l-integrazzjoni sħiħa tal-osservazzjonijiet konklużivi fil-programmi u l-politiki tal-UE jitolbu li l-KE tfassal strateġija globali għas-CRPD. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni Ewropea tnedi l-proċess biex tintlaħaq l-istrateġija globali tas-CRPD b'urġenza, u bil-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità.

2.9. L-2021 se tkun l-10 anniversarju mill-konklużjoni tas-CRPD tan-NU mill-UE. Il-KESE jqis li din se tkun sena xierqa biex tkun it-tieni Sena Ewropea tad-Drittijiet marbuta mad-Diżabilità. Il-KESE jinnota li l-ewwel Sena Ewropea tad-Drittijiet marbuta mad-Diżabilità ġiet organizzata mill-KE fl-2003. Għalhekk, il-KESE jipproponi li l-istituzzjonijiet tal-UE jibdw jippreparaw immedjatament u jieħdu l-passi meħtieġa biex jiddikjaraw l-2021 it-tieni Sena Ewropea tad-Drittijiet marbuta mad-Diżabilità.

3. Osservazzjonijiet konklużivi – opportunità għal UE aktar inklużiva għall-persuni b'diżabilità

3.1. Prinċipji ġenerali u obbligi (Artikoli 1-4)

3.1.1. Għalkemm l-UE rratifikat il-UN CRPD, għadha ma wettqitx rieżami komprensiv u trasversali tal-leġislazzjoni, il-politiki u l-programmi tal-UE. Il-KESE jappella lill-KE biex twettaq dan ir-rieżami b'mod urġenti. Barra minn hekk, il-KE għandha taħtar punt fokali tal-UN CRPD f'kull Direttorat Ġenerali, li jagħti mandat biex jitwettaq dan il-kompitu.

3.1.2. Jiddispijaċi li l-UE għadha ma rratifikatx il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-UE biex tipproċedi mingħajr aktar dewmien bir-ratifika tal-Protokoll Fakultattiv, li jwitti t-triq biex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jressqu ilment quddiem il-Kumitat tan-NU dwar is-CRPD f'każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom imħaddna fil-Konvenzjoni.

3.1.3. L-approċċ tad-drittijiet tal-bniedem għad-diżabilità għandu jintlaqa' u integrat bis-sħiħ fil-liġi u t-tfassil tal-politika tal-UE. Il-KESE jappella lis-servizzi legali tal-istituzzjonijiet tal-UE jwettqu studju komprensiv dwar ir-riperkussjonijiet fuq is-sistema legali tal-UE tar-ratifika tal-UN CRPD sabiex tiġi stabbilita bħala qafas adatt ta' liġi u t-fassil ta' politika. Is-servizzi legali tal-UE mhux qed jikkunsidraw biżżejjed l-obbligi tal-UE fil-konfront tal-UN CRPD.

3.1.4. Il-KESE jistieden lis-Segretarju Ġenerali tal-KE jirrevedi l-linji gwida tal-valutazzjoni tal-impatt u jemendahom biex jinkludu lista aktar komprensiva ta' kwistjonijiet u mistoqsijiet sabiex tiġi valutata aħjar il-konformità mal-Konvenzjoni.

3.1.5. Il-Kumitat tan-NU dwar is-CRPD talab lill-UE biex tippreżenta reviżjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Kompetenzi u l-lista tagħha ta' strumenti sal-ħarifa 2016 li tqis il-perspettiva komprensiva stabbilita fl-Osservazzjoni Konklużiva 17. Ir-reviżjoni tad-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq għandha ssir tal-inqas darba kull mandat.

3.2. *Drittijiet speċifiċi (Artikoli 5-30)*

3.2.1. Il-KE ma implimentatx strateġija tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza għall-persuni b'diżabilità li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-UN CRPD u l-osservazzjonijiet konklużivi, u għalhekk il-KESE jappella lill-KE biex tieħu azzjoni immedjata fir-rigward tad-direttiva dwar it-trattament ugwali orizzontali (ara l-punt 2.2) u anke tipproċedi b'reviżjoni tad-direttiva dwar it-trattament ugwali fl-impjeg u fix-xogħol 2000/78/KE.

3.2.2. Il-KE għandha tinkludi l-perspettiva tan-nisa u l-bniet b'diżabilità fil-politika tagħha marbuta mal-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż il-ġbir ta' data tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi. Barra minn hekk, l-impenn strateġiku għall-ugwaljanza bejn is-sessi 2016-2019 tal-KE u l-ħidma leġislattiva u politika tagħha dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għandhom jintegraw bis-sħiħ id-drittijiet tan-nisa u l-bniet b'diżabilità. Il-KESE jappella lill-UE biex mill-aktar fis tirratifika l-Konvenzjoni ta' Istanbul tal-Kunsill tal-Ewropa.

3.2.3. L-UE għandha tinkludi u tintegra fl-Aġenda mġedda tal-UE għad-Drittijiet tat-Tfal strateġija komprensiva bbażata fuq id-drittijiet tas-subien u l-bniet b'diżabilità, u tintegra d-drittijiet tat-tfal b'diżabilità f'kull politika tal-UE dwar id-diżabilità. It-tfal b'diżabilità u l-familji tagħhom għandhom ukoll ikunu involuti fid-deċizzjonijiet kollha tal-UE skont l-Artikolu 4(3) tal-UN CRPD.

3.2.4. L-UE għandha wkoll tirrikonoxxi s-sitwazzjoni speċifika taż-żgħażaġh b'diżabbiltà u l-fatt li ta' sikwit jiffaċċjaw ħafna forom ta' diskriminazzjoni fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, b'mod speċifiku rigward opportunitajiet indaqs għaż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol u l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażaġh b'diżabbiltà fis-soċjetà b'mod ġenerali. Għalhekk l-UE għandha tivvaluta s-sitwazzjoni speċifika ta' żgħażaġh b'diżabbiltà li jgħixu fl-UE u tissuġġerixxi titjib rilevanti⁽²⁾. Barra minn hekk, l-UE għandha tiżgura li din il-perspettiva tiġi inkluża fl-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ li jmiss.

3.2.5. L-UE għandha torganizza u twettaq kampanja komprensiva biex trawwem sensibilizzazzjoni dwar il-Konvenzjoni f'kooperazzjoni mal-midja pubblika (inkluża l-midja soċjali) bl-għan li jiġi miġġieled il-preġudizzju kontra l-persuni b'diżabilità. Huwa importanti ħafna li l-persuni b'diżabilità stess jipparteċipaw, permezz tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, f'din il-kampanja.

3.2.6. L-UE għandha tippromovi, tiffaċilita u tiffinanzja t-taħriġ tal-persunal fl-oqsma tat-trasport u t-turiżmu fis-sensibilizzazzjoni u l-ugwaljanza tal-persuni b'diżabilità, u tinkoraġġixxi l-kollaborazzjoni u l-iskambju ta' prattika tajba fost l-organizzazzjonijiet Ewropej li jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità u korpi pubbliċi u privati responsabbli għat-trasport. Il-materjali kollha relatati mal-bini tal-kapaċità, it-taħriġ, is-sensibilizzazzjoni u d-dikjarazzjonijiet pubbliċi, fost oħrajn, għandhom ikunu disponibbli f'formati aċċessibbli.

⁽²⁾ ĠU C 181, 21.06.2012, p. 2.

3.2.7. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-KE għall-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità (EAA), li jeħtieġ li jikkonforma bis-sħiħ mal-Artikolu 9 u dispożizzjonijiet oħrajn tal-UN CRPD, flimkien ma' mekkaniżmi fil-livell nazzjonali ta' infurzar u ta' lment effettivi u aċċessibbli. Huwa jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jadottaw il-konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-Opinjoni tal-KESE ⁽³⁾ dwar l-EEA u jiżguraw il-parteciżazzjoni tal-persuni b'diżabilità, permezz tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, fil-proċess tal-adozzjoni.

3.2.8. Il-KESE jilqa' l-ftehim interistituzzjonali tat-trilogu dwar il-proposta għal direttiva dwar l-aċċessibilità tas-siti elettroniċi tal-korpi tas-settur pubbliku u jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet biex jikkonvertu dan f'deċiżjoni u l-gvernijiet nazzjonali li jittrasponu d-dispożizzjonijiet tal-proposta bħala kwistjoni ta' urġenza. Il-KESE jilqa' wkoll li numru sostanzjali ta' rakkomandazzjonijiet adottati fl-Opinjoni tiegħu ⁽⁴⁾ ġew inkorporati fit-test finali tad-Direttiva.

3.2.9. L-UE għadha ma inkludietx sostanzjalment miżuri suffiċjenti għall-persuni b'diżabilità fl-istrategġji għat-tnaqqis tar-riskju tad-diżastri. Għalhekk, il-KESE jappella biex jiġi adottat mill-Kunsill tal-UE qafas għat-tnaqqis tar-riskju tad-diżastri għall-persuni b'diżabilità fl-Ewropa.

3.2.10. L-UE għandha ddaħħal fis-seħħ il-miżuri neċessarji kollha sabiex in-numru ta' emerġenza 112 jkun aċċessibbli għal kulħadd. Il-KESE jenfasizza l-bżonn li jittieħdu b'urġenza miżuri li huma daqstant xierqa li jggarantixxu l-aċċessibilità għall-punti nazzjonali ta' emerġenza.

3.2.11. Il-KESE jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jadottaw approċċ li jqis id-drittijiet tal-bniedem b'rabta mal-politiki tal-migrazzjoni u r-refuġjati, fir-rigward tal-persuni b'diżabilità. Barra minn hekk, il-KESE jenfasizza li d-diżabilità tista' ta' spiss tkun raġuni għall-persekuzzjoni u d-diskriminazzjoni f'xi pajjiżi u għalhekk jitlob lill-awtoritajiet tal-UE biex jiżviluppaw linji gwida u jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni (aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità) għall-aġenziji u l-Istati Membri tagħha dwar id-diżabilità, il-migrazzjoni u l-asil u sistematikament tintegra d-diżabilità fil-politiki tal-UE tal-migrazzjoni u r-refuġjati.

3.2.12. L-UE għandha tħaddan approċċ għad-diżabilità bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem f'sitwazzjonijiet ta' riskju u ta' emerġenza, billi tadotta pjan ta' implimentazzjoni f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Frar 2015 dwar l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fil-ġestjoni tad-diżastri u l-Qafas ta' Sendai. Barra minn hekk, hemm bżonn li tiżdied is-sensibilizzazzjoni u l-għoti ta' informazzjoni lill-persuni b'diżabilità u lill-uffiċjali tas-servizzi tal-emerġenza u tal-protezzjoni ċivili dwar inizjattivi għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri.

3.2.13. Il-KE għandha taqdi rwol mexxej fil-qasam tal-ġustizzja u d-drittijiet tal-bniedem tal-persuni b'diżabilità. Il-KESE jitlob li tiġi organizzata konferenza Ewropea mid-DĠ Ġustizzja, immirata lejn is-servizzi tal-ġustizzja kollha fl-UE, inkluża riflessjoni dwar id-drittijiet għall-aċċess għall-ġustizzja tal-persuni b'diżabilità u l-mod kif dawn id-drittijiet huma konnessi ma' drittijiet oħra bħall-kapaċità legali u r-rikonossiment ugwali quddiem il-liġi.

3.2.14. Il-KE għandha ttiprovdi l-finanzjament meħtieġ għat-taħriġ tal-uffiċjali tal-UE u l-uffiċjali ġudizzjarji nazzjonali fil-leġislazzjoni tal-UE u l-UN CRPD. Barra minn hekk, il-KESE jħeġġeġ lill-UE u l-qrati nazzjonali japplikaw ir-regoli u l-istruzzjonijiet interni tagħhom b'mod li jiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja għall-persuni b'diżabilità. Ir-Rakkomandazzjonijiet Ġenerali tal-Kumitat tan-NU dwar is-CRPD għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, il-KESE jirakkomanda li d-DĠ Ġustizzja għandha tuża l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni sabiex jinkiseb approċċ bilanċjat u koordinat mill-Istati Membri għal din il-kwistjoni importanti ħafna, u b'hekk twitti t-triq għal rispons Ewropew għar-rikonossiment ugwali quddiem il-liġi. Il-KE għandha toħloq standards Ewropej u tippromovi l-valutazzjoni komparattiva fl-aċċess għall-ġustizzja.

3.2.15. Il-KESE jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex ineħħu l-liġijiet diskriminatorji tat-tutela, u b'hekk il-persuni kollha li għandhom diżabilità jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet politiċi tagħhom fuq l-istess livell bħaċ-ċittadini l-oħra. Huwa jinnotta li huma indispensabbli l-akkomodazzjoni u l-aċċessibilità raġonevoli fir-rigward tal-proċeduri, il-faċilitajiet u l-materjali ta' votazzjoni.

⁽³⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "L-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità" (ĠU C 303, 19.8.2016, p. 103).

⁽⁴⁾ ĠU C 271, 19.9.2013, p. 116.

3.2.16. Sfortunatament, numru mhux magħruf ta' Ewropej b'diżabilità huma m'cahnda mil-libertà u s-sigurtà tagħhom, u huma soġġetti għal trattament sfurzati u detenzjoni, inkluża l-isterilizzazzjoni furzata. Il-KESE jappella lill-KE biex tieħu miżuri effettivi biex twaqqaf din is-sitwazzjoni mhux aċċettabbli, tipproduċi permezz tal-Eurostat data affidabbli, u timplimenta mekkaniżmu effiċjenti ta' evalwazzjoni.

3.2.17. Il-KESE jappella lill-UE biex tirrevedi l-linji gwida tagħha dwar l-etika fir-riċerka, u b'mod partikolari tistabbilixxi eżempji ta' prattika tajba billi tiżviluppa formoli ta' kunsens f'formati aċċessibbli u faċli biex jinqraw u li tevita sostituzzjoni tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'dan il-qasam.

3.2.18. L-UE għandha tadotta leġislazzjoni li tarmonizza l-protezzjoni u tiġġieled kontra l-vjolenza, l-abbuż u l-isfruttament, u biex tirratifika l-konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza domestika kontra n-nisa u l-għlieda kontra dan ⁽⁵⁾. L-UE għandha tieħu azzjoni politika u leġislattiva Ewropea kontra attivitajiet transkonfinali f'pajjiżi tal-UE li jinvolvu t-traffikar ta' nisa u tfal b'diżabilità, u jitlob lill-UE biex tiġġieled kontra l-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità permezz ta' miżuri speċifiċi u servizzi ta' appoġġ aċċessibbli.

3.2.19. L-inizjattiva tal-KE dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandha tintegra bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tas-CRPD u toħloq il-livell minimu neċessarju ta' protezzjoni soċjali, u mekkaniżmi effettivi biex jevitaw u jtaffu l-faqar, il-vulnerabilità u l-esklużjoni soċjali fost il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom, b'attenzjoni speċjali għan-nisa, it-tfal u l-persuni b'diżabilità mdaħħlin fl-eżistenza.

3.2.20. Hemm bżonn ċar għall-iżvilupp ta' sistema ta' koordinazzjoni tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali fl-UE, inkluż qafas ċar għall-portabilità tad-drittijiet b'numru massimu ta' jiem għall-proċedura ta' għarfien dwar id-diżabilità.

3.2.21. L-UE għandha tfassal u timplimenta l-istrategġija li ilha mistennija u meħtieġa ħafna ta' Deistituzzjonalizzazzjoni Ewropea ⁽⁶⁾ li l-ewwel u qabel kollha għandha tinkludi monitoraġġ strett ħafna tal-użu tal-fondi tal-FSIE biex jiġi żgurat li jintużaw strettament għall-iżvilupp ta' servizzi ta' appoġġ għall-persuni b'diżabilità biex jgħixu b'mod indipendenti fil-komunitajiet lokali. Il-KESE jappella wkoll għall-ħolqien ta' Fond Ewropew ta' Deistituzzjonalizzazzjoni awtosuffiċjenti.

3.2.22. Il-KESE jiddispaċi li l-KE għadha ma ħarġitx analiżi tal-impatt tal-FSIE fuq il-persuni b'diżabilità, f'konformità mal-obbligu stabbilit mir-regolament tal-Fond Soċjali Ewropew fir-rigward tar-rappurtar annwali dwar il-miżuri meħuda fil-qasam tad-diżabilità. Dan għandu jinkludi t-tisħiħ tal-monitoraġġ tal-KE dwar l-użu tal-FSIE f'konformità mal-UN CRPD u b'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità, proċeduri ta' ksur (sospensjoni, irtirar, irkupru) immedja mill-UE għan-nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonalitajiet *ex-ante*.

3.2.23. Hemm bżonn ta' korpi nazzjonali ta' infurzar iktar effettivi: is-setgħat tagħhom iridu jiġu armonizzati u msaħħa sabiex jiġi faċilitat l-infurzar tad-drittijiet tal-passiġġieri fil-mezzi kollha tat-trasport, u l-proċedura tal-ilmenti trid tiġi semplifikata. Barra minn hekk, il-KESE jstieden lill-KE biex tiggarrantixxi vjaġġar b'xejn għall-"carers" fuq kull mezz tat-trasport, inkluż l-ivvjaġġar bl-ajru, kif inhu diġà l-każ skont ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 ⁽⁷⁾ u r-Regolament (KE) Nru 1177/2010 ⁽⁸⁾.

3.2.24. Il-KE għandha tagħti rikonoxximent uffiċjali sħiħ u immedjat għal-lingwa tas-sinjali u l-Braille, u ttwettaq valutazzjoni tal-mezzi ta' komunikazzjoni u l-proċessi interni tagħha sabiex tipproduċi u tippreżenta informazzjoni b'mod aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Dan għandu jinkludi diversi formati aċċessibbli differenti bħal-lingwa tas-sinjali, Braille, u l-komunikazzjoni awmentattiva u alternattiva, inkluż format li jinqara faċilment. L-UE għandha tiżgura li l-persuni b'diżabilità kollha, irrappreżentati mill-kapaċità finanzjarja tagħhom, ikollhom aċċess għal edukazzjoni inklużiva.

⁽⁵⁾ Konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa.

⁽⁶⁾ ĠU C 332, 8.10.2015, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14.

⁽⁸⁾ ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1.

3.2.25. L-UE għandha tadotta qafas ta' kwalità obbligatorju għall-iskambju ta' edukazzjoni inklużiva, li jistabbilixxi kriterji minimi ta' aċċessibilità li jiżguraw il-mobilità ta' studenti, b'mod speċjali studenti żgħażaġh, b'diżabilità fl-UE għall-edukazzjoni sekondarja u terzjarja u għat-taħriġ vokazzjonali. L-universitajiet imsieħba kollha fil-programm ta' skambju tal-istudenti ta' Erasmus għandhom jinkludu l-aċċessibilità għal programmi u faċilitajiet ta' edukazzjoni sabiex jiżguraw il-parteċipazzjoni sħiħa tal-istudenti, b'mod speċjali studenti żgħażaġh, b'diżabilità.

3.2.26. L-UE għandha tirratifika t-Trattat ta' Marrakexx tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettwali (WIPO), u tiffaċilita u tinkoraġġixxi r-ratifika tiegħu fuq livell nazzjonali mill-Istati Membri, biex b'hekk tippermetti ċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' verżjonijiet aċċessibbli ta' materjal stampat għall-persuni b'diżabilità relatata mal-vista jew il-qari.

3.2.27. Il-KESE jappella lill-KE biex tfassal u timplimenta inizzjattiva speċifika dwar l-applikazzjoni tal-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli għall-persuni b'diżabilità fi ħdan l-UE, u fil-politiki esterni tagħha, inkluża l-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-kummerċ internazzjonali.

3.3. *Obbligi speċifiċi (Artikoli 31-33)*

3.3.1. Il-KESE jitlob lill-Eurostat biex torganizza konferenza sabiex ikun hemm qbil dwar mekkaniżmu unifikat għall-uffiċċji tal-istatistika tal-Istati Membri kollha tal-UE, u jipprovi segwitu għall-Osservazzjoni Konklużiva 71. Teżisti htiieġa biex jinħoloq mekkaniżmu Ewropew ta' statistika dwar id-drittijiet tal-bniedem b'rabta mad-diżabilità, diżaggregata skont id-diżabilità, is-sess u l-età, sabiex tinġabar informazzjoni operattiva għal politiki Ewropej u nazzjonali mmirati lejn il-persuni b'diżabilità.

3.3.2. Il-KE għandha sistematikament tintegra d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità fil-politiki u l-programmi kollha tal-UE dwar il-kooperazzjoni internazzjonali. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proġett pilota tal-UE "Bridging the Gap" u jitlob li jiġi adottat programm ta' finanzjament tal-UE dwar id-diżabilità għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità. Dan il-programm ta' finanzjament għandu jiġi implimentat, kif kien il-każ f'xi pajjiżi Ewropej, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-persuni b'diżabilità bħala korpi intermedji responsabbli għall-ġestjoni, it-tmexxija u d-definizzjoni tal-prijoritajiet ta' politika u finanzjament. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-fondi Ewropej ma jingħatawx għal proġetti li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet tal-UN CRPD.

3.3.3. Il-KE trid tikkonforma bis-sħiħ mal-Osservazzjoni Konklużiva 75 billi toħloq u tistabbilixxi punti fokali fid-Direttorati Ġenerali, l-aġenzji u l-korpi kollha tal-UE. Il-punti fokali kollha għandu jkollhom mill-inqas tliet laqgħat kull sena, u r-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità għandhom jattendu u jipparteċipaw bis-sħiħ. Fit-3 ta' Diċembru ta' kull sena, il-KE għandha toħroġ ir-rapport annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-UN CRPD mill-UE u l-Istati Membri tagħha.

3.3.4. Il-KESE jilqa' d-deċiżjoni tal-KE li tirtira mill-qafas ta' monitoraġġ indipendenti, u b'hekk twitti t-triq għall-ħolqien ta' mekkaniżmu verament indipendenti taħt is-sorveljanza ta' korpi ta' tmexxija magħmul mill-membri tal-qafas indipendenti. Madankollu, sabiex il-qafas tal-UE jkun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv, iridu jiġu allokati b'urġenza riżorsi finanzjarji u umani.

3.4. *Konformità tal-istituzzjonijiet tal-UE mal-Konvenzjoni (bħala amministrazzjonijiet pubbliċi)*

3.4.1. Hemm tassew b'żonn ċar li l-istituzzjonijiet tal-UE jirrevedu l-politiki tagħhom dwar ir-riżorsi umani u jallinjawhom mad-dispożizzjonijiet tal-UN CRPD sabiex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità u l-ħaddiema li għandhom qrafa b'diżabilità jirċievu akkomodazzjoni u appoġġ raġonevoli sabiex ikunu jistgħu jiltghu bilanċ tajjeb bejn il-ħajja tax-xogħol u l-obbligi tal-familja. Il-KESE jappella lill-UE biex tirrevedi l-iskema komuni tal-assigurazzjoni tal-mard, is-sistema tal-pensjonijiet u tas-sigurtà soċjali relatata mad-diżabilitajiet kif ukoll miżuri ta' protezzjoni soċjali sabiex tiġi żgurata n-nondiskriminazzjoni u opportunitajiet ugwali għall-persuni kollha b'diżabilità, fost l-oħrajn billi jiġu rikonoxxuti l-bżonnijiet tas-saħħa relatati mad-diżabilità bħala ħaġa distinta minn marda u l-promozzjoni ta' ħajja indipendenti u ta' xogħol permezz tal-għoti ta' rimborż sħiħ tal-ispejjeż żejda għat-tagħmir jew servizz meħtieġ.

3.4.2. Huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, b'mod proattiv, jieħdu inizzjattivi li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċessibilità tad-Direttiva dwar l-aċċess għas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku bi skadenza konkreta, u b'hekk jingħata eżempju tajjeb f'dan il-qasam fundamentali tad-drittijiet dwar id-diżabilità.

3.4.3. Il-KESE jappella lill-KE u lill-Bord tal-Gvernaturi tal-iskejjel Ewropej biex jadottaw pjan u jallokaw ir-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa biex jiżviluppaw u jimplimentaw sistema ta' edukazzjoni inklużiva ta' kwalità fil-livelli kollha tal-iskejjel Ewropej, biex b'hekk jiġu żgurati akkomodazzjoni raġonevoli, appoġġ u politika tal-“ebda rifjut” għall-istudenti b'diżabilità fl-edukazzjoni primarja u sekondarja.

3.4.4. Peress li l-impjeg tal-persuni b'diżabilità fl-UE huwa flivell baxx, il-KESE jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE jistabbilixxu skema ta' impjeg ta' azzjoni pożittiva (inklużi kompetizzjonijiet speċifiċi) biex jiżded l-għadd tal-persuni b'diżabilità impjegati fis-servizzi tagħhom billi jipprovdu akkomodazzjoni u appoġġ raġonevoli. L-implimentazzjoni ta' din il-politika għandha tiġi riveduta kull sentejn biex tevalwa jekk humiex meħtieġa miżuri korrettivi.

3.4.5. Il-KESE jitlob lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE biex jiżguraw li r-regolamenti tal-persunal eżistenti jiġu implimentati kompletament u b'mod effettiv f'konformità mal-UN CRPD u li r-regoli interni u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni jiġu żviluppatti f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni.

3.4.6. Il-KESE jimpenja ruħu li jiżviluppa struttura biex jimplimenta l-osservazzjonijiet konklużivi internament, rigward il-politika tar-riżorsi umani, il-faċilitajiet ta' komunikazzjoni maċ-ċittadini u l-membri tal-KESE, u ugwaljanza u inklużjoni sħaħ għall-membri tal-KESE b'diżabilità. Se jiżgura wkoll li din il-politika tkun promossa fir-relazzjonijiet tiegħu mal-komunità tan-negozju, it-trejdjunjins u s-soċjetà ċivili. Din il-politika l-ġdida se tkun żviluppata b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Studju Permanenti tiegħu dwar id-Drittijiet marbuta mad-Diżabilità.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ir-rwol u l-impatt tal-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (JTIs) u tas-Sħubijiet Pubbliċi-Privati (PPPs) fl-implimentazzjoni tal-Orizzont 2020 għal bidliet industrijali sostenibbli”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2017/C 034/04)

Relatur: **is-Sur Antonello PEZZINI**

Korelatur: **is-Sur Enrico GIBELLIERI**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	21/01/2016
Bażi legali	L-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Kummissjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)
Adottata fil-kummissjoni	28/09/2016
Adottata fis-sessjoni plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	212/1/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE huwa tal-fehma li sħubija pubblika-privata ⁽¹⁾ fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, ta' liema tip tkun, hija formula għal eċċellenza u strument b'saħħtu biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ewlenin li għandhom impatt fuq il-kompetittività tal-Ewropa u għandha l-kapaċità li taġixxi b'mod effikaċi għall-isfidi soċjoekonomiċi, tal-impjeg u ta' sostenibbiltà ambjentali.

1.2. Ir-riċerka u l-innovazzjoni mhumiex proċess lineari unidimensjonali. Skkont il-KESE l-integrazzjoni sħiħa tad-dimensjonijiet teknoloġiċi, ambjentali u soċjali fis-sħubijiet pubbliċi-privati tal-Orizzont 2020 tesiġi approċċ ġdid imsejjes fuq aktar trasparenza fir-rigward tar-riżultati milħuqa u l-impatt soċjoekonomiku miksub.

1.3. Għall-KESE, jeħtieġ li fis-sħubijiet tiġi żgurata viżjoni iktar wiesgħa tal-innovazzjoni, b'kunsiderazzjoni tal-innovazzjoni fis-servizzi, tal-innovazzjoni soċjali, u tal-aġġornar neċessarju tal-SMEs u tal-ekonomija soċjali sabiex jiġu integrati aktar tul il-proċess sħiħ ta' dimostrazzjoni u żvilupp tal-applikazzjonijiet.

1.4. Il-leġittimità soċjali tal-innovazzjoni trid tingħata preferenza fil-JTIs u fil-PPPs, biex b'hekk tiżdied il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati li huma l-iżjed dgħajfa mil-lat ekonomiku (junjins, SMEs, NGOs) fl-orjentament u l-programmazzjoni strateġika tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2012/1025 dwar l-istandardizzazzjoni fl-istrategġiji u l-għażla tal-proġetti u l-użu soċjali tagħhom.

1.5. Il-KESE jqis li huwa neċessarju li jiġi intensifikat l-orjentament tal-PPPs lejn is-suq b'attenzjoni mmirata lejn aspetti bħall-interoperabbiltà, l-istandardizzazzjoni, l-armonizzazzjoni u t-trasferimenti transnazzjonali tat-teknoloġija sabiex ir-riżultati jkunu sostenibbli fil-livell territorjali u trasferibbli fl-UE kollha.

⁽¹⁾ Hemm żewġ kategoriji ta' sħubijiet pubbliċi-privati: il-JTIs huma Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (Joint Technical Initiatives) previsti fl-Artikolu 187 tat-TFUE, mar-Regolament tal-Impriża Konġunta, u l-PPPs (Public Private Partnerships) huma inizjattivi konġunti ta' tip kuntrattwali, previsti fl-Orizzont 2020 b'memorandum ta' intenzjoni.

1.6. Għall-KESE huwa meħtieġ li jiġu attivati JTIs u PPPs sabiex:

- tiġi msaħħa l-koerenza ma' shubbijiet u inizjattivi oħrajn, f'qafas ta' politiki simultanji dejjem jizjed;
- titwal il-katina tal-valur b'enfasi iżjed ċentralizzat fuq is-suq u t-tisħiħ tal-parteċipazzjoni mil-lat tad-domanda, kemm fl-għadd ta' utenti tal-pajjiżi li qed jipparteċipaw, kif ukoll permezz ta' atturi ġodda matul il-katina tal-valur kollha bis-saħħa ta' sinerġiji ta' interoperabbiltà ma' inizjattivi oħra;
- issir aktar enfasi fuq approċċi multidixiplinari, bl-involvement ta' komunitajiet ġodda ta' partijiet interessati speċjalment fil-livell lokali ta' prossimità;
- fil-JTIs u l-PPPs trid tiġi appoġġjata l-parteċipazzjoni attiva tal-SMEs fil-proċess tal-innovazzjoni minn fażi iktar lejn il-bidu, b'mod li jibnu pass pass il-potenzjal ta' riċerka u żvilupp stess tagħhom.

1.7. Il-KESE jirakkomanda t-tnedija ta' miżuri innovattivi ġodda min-naħa tal-JTIs u l-PPPs sabiex jinteraġixxu aktar ma' investituri speċifiċi għall-ħolqien ta' mudelli ta' negozju innovattivi u profili professjonali avvanzati, għall-iżvilupp ta' Fora li jinkludu l-partijiet soċjali, għal appoġġ iżjed immirat lejn l-isfruttar rapidu tas-suq wara li jkun sar il-proġett.

1.8. Il-KESE jaħseb li huwa importanti li jissaħħaħ il-monitoraġġ tal-kapaċitajiet u l-koerenza fl-implimentazzjoni tal-JTIs u l-PPPs permezz ta' strumenti ġodda iżjed flessibbli u li jwieġbu għall-ħtiġijiet tas-suq; jiġifieri approċċi iżjed dinamiċi għall-garanzija tal-kwalità, fosthom sistema kompleta ta' indikaturi ewlenin u dinamiċi tal-prestazzjoni, fejn l-inizjattivi diversi jistgħu jitqabblu bejniethom, sabiex tkun tista' titfassal Tabella ta' Valutazzjoni Sinottika Annwali tal-JTIs u l-PPPs kollha, li wara tkun tista' tiġi ppreżentata lill-istituzzjonijiet Ewropej u nazzjonali u lill-kontribwenti Ewropej.

1.9. Il-KESE jitlob sforzi akbar sabiex tiġi assicurata l-koerenza interna bejn l-oġettivi u l-prijoritajiet tal-FP9 f'dak li jirrigwarda r-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE u l-istrategġiji ta' riċerka u innovazzjoni fis-settur industrijali kif espressi mill-JTIs u l-PPPs f'koordinazzjoni mal-forom kollha l-oħra ta' shubbija għall-innovazzjoni, inklużi f'politiki oħra reġjonali, nazzjonali u komunitarji.

1.10. Il-KESE jipproponi t-tnedija ta' Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni b'komponent industrijali u soċjali b'saħħtu, u b'netwerks pan-Ewropej ta' appoġġ infrastrutturali għall-innovazzjoni, li huwa strument siewi għal koordinazzjoni iktar b'saħħitha tal-inizjattivi, anke mal-azzjonijiet tal-organizzazzjonijiet l-oħra ta' riċerka u innovazzjoni Ewropej u internazzjonali, l-istess bħal shubbijiet internazzjonali ⁽²⁾ simili.

1.11. Il-KESE jħeġġeġ lill-awtoritajiet reġjonali u lokali sabiex jagħtu prijorità akbar għall-innovazzjoni ta' JTIs u PPPs rilevanti matul l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' miżuri, bħal pereżempju l-istrategġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, il-programmi operazzjonali u ta' kooperazzjoni għall-politika ta' koeżjoni, il-programmi ta' riċerka u innovazzjoni u l-iżvilupp ta' proġetti li jimplimentaw il-pjani ta' adattament għat-tibdil fil-klima.

1.12. Il-KESE huwa konvint li investimenti strateġiċi, intelliġenti u f'waqthom għal soluzzjonijiet innovattivi adatti, li jirrispettaw l-ambjent u l-infrastrutturi ekoloġiċi huma l-bażi tal-irkupru permezz ta' proċess ta' reindustrijalizzazzjoni b'saħħtu u effikaċi msejjes fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom fis-suq.

1.13. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li l-istrumenti u l-programmi ta' riċerka u innovazzjoni fl-UE jiġu allinjati ma' daww tal-Programm Qafas li jmiss biex ikun żgurat l-investment kontinwu f'daww l-oqsma fejn l-Ewropa għandha pożizzjoni ta' tmexxija fid-dinja ⁽³⁾ abbażi ta' prospettiva ta' stabbiltà li tiġi verifikata perjodikament għall-effiċjenza tagħha.

⁽²⁾ Ara EU – EUROPEAN RESEARCH AREA & INNOVATION COMMITTEE, Strategic Forum for International S&T Cooperation, Brussell, Frar 2015- ERAC-SFIC 1353/15.

⁽³⁾ Ara COM(2016) 5 final "Għadd ta' JTIs iffirmita Memoranda ta' Ftehim ma' awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali u stabbilew qafas għall-kooperazzjoni strutturata".

1.14. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex iwettqu analiżi konġunta bl-għan li tiġi organizzata, mill-aktar fis, konferenza interistituzzjonali dwar ir-rwol ta' sħubiji ta' teknoloġija pubbliċi-privati fir-reindustrializzazzjoni tal-Ewropa fid-dawl tal-Programm Qafas tar-Riċerka u l-Innovazzjoni li jmiss għal wara l-2020.

2. Il-JTIs u l-PPPs għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

2.1. L-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (JTIs) huma sħubijiet pubbliċi-privati foqhma essenzjali tar-riċerka u l-innovazzjoni Ewropea previsti skont id-Deċiżjoni 1982/2006/KE⁽⁴⁾. Anke fis-7 Programm Qafas intwera li l-istrumenti tradizzjonali ma kinux biżżejjed biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' iktar kompetittività u kompetittività mtejba tal-ekonomija Ewropea. Il-miri tas-sħubijiet industrijali huma r-riċerka u l-innovazzjoni, u għandhom: oġġettivi industrijali tas-suq speċifikati tajjeb, konċentrazzjoni aħjar ta' riżorsi finanzjarji u umani, effett ta' lieva biżżejjed biex jagħti spinta deċiżiva sabiex jithaffeff it-trasferiment ta' skoperti xjentifiċi u teknoloġiċi ta' innovazzjoni tas-suq.

2.2. Il-Programm Qafas attwali tal-Orizzont 2020 introduċa innovazzjonijiet sostanzjali fl-istruttura tiegħu biex iħalli spazju għal sinerġiji mal-industrija u l-Istati Membri, permezz ta' diversi forom ta' sħubija pubblika-privata fis-setturi li:

- joħlqu impjegji ta' kwalità għolja;
- jaġixxu l-aħjar għall-bżonnijiet ta' tkabbir sostenibbli u tal-kompetittività;
- għandhom impatt kbir, innovattiv u rapidu fuq l-iżvilupp tal-intraprenditorija Ewropea, b'mod partikolari dik minuri u emerġenti (startups);
- jiffavorixxu profili professjonali ġodda f'dinja li qed tinbidel malajr;
- kapaċi jiżviluppaw azzjonijiet lokali u reġjonali.

2.3. Tnedew diversi inizjattivi sabiex jappoġġjaw tipi diversi ta' sħubija, immirati lejn is-settur industrijali, sostnuti minn komunitajiet xjentifiċi jew iġġwidati minn awtoritajiet pubbliċi.

2.4. L-istituzzjonijiet tal-UE appoġġjaw b'mod kruċjali l-Pjattaformi Ewropej għat-Teknoloġija-ETP li nħolqu b'inizjattiva industrijali sabiex jiddefinixxu l-oġġettivi u l-prijoritajiet strateġiċi komuni bi proċess minn isfel għal fuq.

2.5. It-38 ETP attwali – li magħhom jiżdiedu tliet inizjattivi trasversali – għandhom funzjoni strateġika, ta' mobilizzazzjoni u ta' tixrid. Biex iwettqu r-rwol tagħhom, huma impenjati fl-attivitajiet prinċipali segwenti:

- l-iżvilupp ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni strateġika, fosthom pjani direzzjonali u pjani għall-implimentazzjoni;
- il-parteċipazzjoni diretta tal-industrija fil-Programm Qafas, f'kollaborazzjoni ma' netwerks nazzjonali;
- il-promozzjoni ta' attivitajiet ta' netwerking tul il-katina tal-valur kollha għal sfidi intersettorjali u mudelli ta' innovazzjoni aktar miftuħa;
- stimolu ta' opportunitajiet għal kooperazzjoni internazzjonali, bħal mezzi għall-programmazzjoni tal-Orizzont 2020;
- it-tisħiħ tas-sħubija pubblika-privata fi ħdan il-Programm Qafas u l-ħolqien ta' intrapriżi komuni fl-ambitu tal-JTIs għall-ġestjoni konġunta ta' interventi pubbliċi u privati.

2.6. Il-JTIs jgħaqqdu flimkien: il-KE, l-Istati Membri, id-dinja akkademika u l-industrija fir-rigward ta' setturi xjentifiċi u teknoloġiċi ta' valur għoli għas-soċjetà, bl-appoġġ, b'mod partikolari, ta' kooperattivi tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa, fejn jiġu identifikati b'mod ċar oġġettivi teknoloġiċi u ekonomiċi komuni.

⁽⁴⁾ ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

2.7. L-oġġettiv prinċipali tal-JTIs huwa li jiżjed b'mod gradwali l-impatt tal-investiment pubbliku u privat fuq l-attivitajiet ta' riċerka u tiġi konsolidata ż-żona Ewropea ta' riċerka u innovazzjoni, li jgħin biex jiġu stimolati innovazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' tmexxija fl-ambitu tal-istrateġija Ewropa 2020.

2.8. L-idea bażika tal-JTI hija li tkun aċċessibbli għal parteċipanti ġodda u kapaċi tikkomunika ma' pubbliku vast, li tistimola effett ta' lieva, b'kontributi ekonomiċi Ewropej, fi struttura ċara, u kapaċi tħeġġeġ l-industrija, l-SMEs, l-ekonomija soċjali u l-Istati Membri biex iżidu l-parteeċipazzjoni u l-investimenti tagħhom.

2.9. Il-JTIs joriġinaw primarjament mix-xogħol **tal-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej** - li dwarhom il-Kumitat kellu l-opportunità jfassal Opinjoni fuq inizjattiva proprja ⁽⁵⁾, u li huma kapaċi jistabbilixxu viżjonijiet konġunti u kondiviżi għall-evoluzzjoni tas-setturi filwaqt li jidentifikaw kwistjonijiet li jridu jiġu solvuti.

2.10. Il-kriterji tal-identifikar tas-setturi fejn huwa neċessarju li tinħoloq JTI ġew identifikati bħala: l-importanza strateġika tas-settur u oġġettivi ċari; il-valur miżjud għoli tal-azzjoni fil-livell Ewropej; l-effett ta' lieva għal investimenti sinifikanti fuq medda twila ta' żmien; reazzjonijiet adegwati u rapidi għall-isfidi tat-tkabbir, is-sostenibbiltà u l-klima.

2.11. Sabiex tiġi apprezzata l-intensità tal-innovazzjoni, mhuwiex biżżejjed li jiġu jitqiesu biss il-fondi investiti, iżda neħtieġu wkoll indikaturi tar-riżultati ekonomiċi u tas-suq li jikkorrispondu għal din in-nefqa. Il-PPPs għandhom jippreżentaw rapporti annwali fir-rigward ta': l-attivitajiet imwettqa, żidiet reali fil-valur miżjud Ewropej, l-effikaċja tal-istrumenti finanzjarji innovattivi ta' effett ta' lieva, it-tilħiq kwalitattiv-kwantitattiv tal-oġġettivi soċjoekonomiċi skont indikaturi definiti minn qabel.

2.12. L-iskop ta' din l-Opinjoni huwa li jiġi definit kif il-politika industrijali u t-trasformazzjoni industrijali huma influwenzati mill-parteeċipazzjoni diretta tas-setturi industrijali tar-riċerka u l-innovazzjoni ffinanzjata mill-UE permezz ta' forum ta' sħubijiet istituzzjonali-JTIs u kuntrattwali-PPPs, u li l-Opinjoni tifformula suġġerimenti għal titjib.

3. Prospetti ta' żvilupp tal-JTIs u l-PPPs għal tibdil industrijali sostenibbli

3.1. L-esperjenza tal-Programm Qafas tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE turi li hemm problemi fil-kunsiderazzjoni tal-bżonnijiet reali tal-industrija Ewropea, li wisq ta' spiss jiġu injorati kemm fid-definizzjoni tal-oġġettivi ġenerali kif ukoll fil-programmi ta' ħidma, u b'hekk qed jiġi konsolidat il-paradoss Ewropej: valur xjentifiku Ewropej għoli u kapaċità baxxa u wisq bil-mod biex jiġi trasformat fl-innovazzjoni fis-suq meta mqabbel mal-kompetituri tiegħu madwar id-dinja.

3.2. Il-ħidma u l-azzjoni tal-pjattaformi teknoloġiċi Ewropej progressivament bidlu dan l-approċċ. L-industrija Ewropea rnexxielha tiddefinixxi oġġettivi u prijoritajiet tas-setturi ewlenin tal-manifattura, li fil-biċċa l-kbira tagħhom ġew adottati fl-istruttura u l-oġġettivi tal-Orizzont 2020.

3.3. Minn approċċ minn fuq għal isfel imxejna għal approċċ minn isfel għal fuq sabiex jiġi kopert iċ-ċiklu sħiħ tal-innovazzjoni u l-mira tkun fuq riżultati ta' maturità teknoloġika ta' livell iżjed għoli sabiex jinħolqu teknoloġija ġodda ta' produzzjoni, prodotti ġodda u kompetenzi ġodda.

3.4. Il-JTIs u l-PPPs għandhom iservu bħala strumenti ewlenin biex jiżguraw rwol attiv tas-setturi industrijali fil-programmazzjoni pluriennali u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet komunitarji fl-Orizzont 2020. Is-settur privat huwa impenjat li jinvesti madwar EUR 10 biljun f'inizjattivi teknoloġiċi konġunti sabiex tiġi stimolata l-innovazzjoni f'seba' setturi, biex b'hekk jikkontribwixxi għal bidla fis-sens oppost tar-rwol li qed jaqdi fid-deklin tal-industrija tal-manifattura Ewropea.

4. Kummenti u osservazzjonijiet dwar l-isfidi tal-Unjoni għall-ġejjieni

4.1. Il-KESE huwa ferm konvint li s-sħubija fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-forom kollha tagħha tikkostitwixxi formula ta' eċċellenza għall-iżvilupp u strument b'saħħtu biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ewlenin b'impatt fuq il-kompetittività tal-UE.

⁽⁵⁾ ĠU C 299, 4.10.2012, p. 12.

4.2. Il-KESE jaħseb li l-JTIs u l-PPPs jirrappreżentaw esperjenzi pożittivi bil-ħolqien ta' sħubijiet fil-livell Ewropew, sakemm ikunu kapaċi jgħaqqdu, fuq medda ta' żmien pluriennali, ir-riżorsi tal-UE u dawk nazzjonali mar-riżorsi privati, l-għarfien espert u l-kapaċità ta' riċerka u innovazzjoni, flimkien mal-obiettivi ta' kondivizzjoni tal-għarfien u tixrid ta' innovazzjonijiet ewlenin f'setturi deċiżivi ta' suċċess fis-suq globali.

4.3. Skont il-KESE, il-JTIs u l-PPPs iridu jaġixxu b'mod effikaċi skont ir-responsabbiltajiet tagħhom, f'termini ta':

- riżultati ekonomiċi;
- l-ottimizzazzjoni tal-valur miżjud ekonomiku-teknoloġiku-innovattiv Ewropew tas-settur;
- il-kapaċità li jiżviluppaw teknoloġiji kompetittivi fis-suq;
- effetti ta' lieva finanzjarju akbar;
- l-involvement akbar tal-SMEs u l-ekonomija soċjali u l-użu finali;
- flessibbiltà u ħeffa fit-trasferiment ta' riżultati innovattivi;
- il-ħolqien ta' networks;
- rwol ċar għar-reindustrializzazzjoni tal-ekonomija Ewropea;
- sfidi tas-sostenibbiltà ambjentali u tal-klima;
- l-ebda CO₂ b'mod sostenibbli fil-ħolqien ta' prodotti u proċessi;
- sfidi soċjali u tal-impjieg;
- involvement attiv tat-territorju.

L-iżvilupp imwettaq mill-industrija ta' teknoloġiji ġodda u ta' innovazzjoni jrid iwassal għal taħriġ ta' kwalità tar-riżorsi umani u kompetenzi professjonali ġodda u avvanzati bil-parteċipazzjoni iżjed stretta u sistematika tal-partijiet soċjali u tal-awtoritajiet lokali fid-definizzjoni u l-applikazzjoni tal-linji strateġiċi tas-settur.

4.4. Mill-aħħar rapporti ppubblikati fl-2016 mill-KE⁽⁶⁾, ir-riżultati tal-bidu⁽⁷⁾ ta' stħarriġiet kwalitattivi juru li filwaqt li l-Orizzont 2020 jidher li jwieġeb b'mod adatt għall-bżonn tal-ftuħ għas-sħubija pubblika-privata, dawn il-formuli ma jidhrux li jwieġbu dejjem bis-sħiħ għall-esiġenzi tal-ftuħ u l-istimolu tal-parteċipazzjoni ta' parteċipanti ġodda, filwaqt li mhomm kunsens sħiħ anke dwar il-kapaċità tagħhom li jappoġġjaw l-impjieg, it-tkabbir, l-investment u żviluppi mgħaġġla tas-suq uniku diġitali, għall-kuntrarju tal-kapaċità ta' reazzjoni għall-isfidi tal-enerġija u tal-klima.

4.5. Bl-istess mod il-kapaċitajiet tal-JTIs u l-PPPs biex jinteraġixxu b'suċċess ma' strumenti finanzjarji Komunitarji oħra bħall-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi jinħassu dgħajfa ħafna, anke jekk diversi JTIs iffiraw protokollu dwar dan. Il-KESE jqis importanti li jiġu mnedija sinerġiji li jippromovu l-parteċipazzjoni ta' atturi reġjonali u lokali, u b'hekk jiġi faċilitat l-allinjament ma' standards operattivi komuni.

4.6. Meta wieħed iqis li l-livell li bih qed jonqsu l-proposti għal proġetti fl-Orizzont 2020 niżel minn 7 għal 1 – żieda meta mqabbel mas-7 Programm Qafas fejn il-livell niżel minn 5 għal 1 – ikun jaqbel li jiġi bbilanċjat mill-ġdid l-għadd ta' esperti/evalwaturi indipendenti li jeżaminaw il-proġetti kandidati, fejn il-parteċipazzjoni tal-industrija fl-ewwel PPPs tal-Orizzont 2020 hija ogħla minn 50 %, filwaqt li fil-grupp ta' esperti/evalwaturi iżjed minn nofshom jiġu mis-settur akkademiku meta mqabbel mal-esperti tas-settur privat li jammontaw għal f'it iktar minn wieħed minn kull ħamsa.

⁽⁶⁾ Ara SWD (2016) 123, April 2016.

⁽⁷⁾ Jista' jsir eżami aktar dettaljat wara l-pubblikazzjoni tar-rapport interim fl-2017.

4.7. L-oqfsa disponibbli għall-JTIs u l-PPPs għandhom karatteristiċi pożittivi importanti għas-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-industrija Ewropea. L-attivitajiet ġew formulati minn imsieħba privati permezz ta' proċess wiesa' u miftuħ ta' konsultazzjonijiet għat-tfassil tal-programmi ta' ħidma u sejħiet għal offerti relatati bħala rispons u f'konformità mal-ħtiġijiet reali tal-industrija, b'livell għoli ta' mobilizzazzjoni u effett ta' lieva qawwi, minn 3 sa 9.

4.8. F'dak li jirrigwarda l-qafas "sejħiet għal offerti parzjali affettwati mill-JTIs fl-2014", din it-tip ta' sħubija trid tiċċara iżjed il-binja istituzzjonali tagħha u l-livelli ta' governanza, bħala tweġiba lill-kontribwent Ewropew u lill-istituzzjonijiet Komunitarji.

4.9. Skont il-KESE, il-JTIs u l-PPPs iridu jaġixxu, anke fil-mekkaniżmi ta' ftuħ u ta' aċċess parteċipattiv, għal esiġenzi prijoritarji koerenti b'politika ta' tkabbir b'saħħitha bis-sehem sħiħ tal-partijiet soċjali.

4.10. Fil-fatt, il-JTIs u l-PPPs qed jipparteċipaw ftellieqa fuq livell dinji biex ikunu l-ewwel fl-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' teknoloġiji ġodda għall-ġejjieni, u għaldaqstant jirrikjedu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' objettivi ċari għal strateġija industrijali:

- flessibilità;
- sistemi trasparenti u effettivi ta' valutazzjoni;
- kriterji ta' eċċellenza xjentifika/teknoloġika validi u li huma rilevanti mil-lat industrijali;
- rispett għall-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda;
- kapaċità li jinvolvu lill-SMEs b'mod effettiv;
- żvilupp mgħaġġel ta' start ups/spin outs.

4.11. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jiġu involuti l-atturi kollha tas-setturi industrijali ewlenin fl-ambitu Ewropew, skont it-tip ta' settur tal-prodott u skont id-dimensjoni tal-impriża, u mil-lat tar-riżorsi umani, tat-taħriġ tagħhom u tal-iżvilupp tar-rappreżentanzi tagħhom, sabiex tittejjeb l-integrazzjoni tal-aspetti soċjali u tal-SMEs u l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fil-proġetti ta' rikerka u innovazzjoni.

4.12. F'dan ir-rigward, il-KESE jqis importanti li jiġu introdotti strumenti soċjali u ta' taħriġ adatti, u li, permezz ta' indikaturi ewlenin ta' prestazzjoni (*key performance dynamic indicators* – KPDI), jiġu monitorjati mhux biss il-privattivi u l-pubblikazzjonijiet xjentifiċi akkwistati, iżda fuq kollox l-evoluzzjoni tal-impatt soċjoekonomiku u l-impatt fuq it-taħriġ tarwoli professjonali ġodda.

4.13. Il-KESE jaħseb li sabiex jintlaħqu l-obiettivi ta' tkabbir u impjeg tal-istrateġija Ewropa 2020, b'mod partikolari dak ta' 3 % tal-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni, huwa fattur fundamentali li l-mobilizzazzjoni tirnexxi, u jkollha effett ta' lieva qawwi tal-investimenti fis-settur privat, ibda mill-finanzjament pubbliku.

4.14. L-attivitajiet ta' innovazzjoni ta' livell iktar għoli ta' maturità teknoloġika jridu jkomplu jgawdu minn pjani ta' appoġġ għall-investment, imsejsa fuq prospetti ta' stabbiltà, marbuta ma' valutazzjonijiet tal-effikaċja perjodiċi u mmirati lejn infrastruttura u impjanti industrijali, biex b'hekk inkomplu fuq it-triq tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) tal-President Juncker.

4.15. Għall-KESE jkun opportun sehem ikbar tal-atturi mis-settur industrijali fil-programmi ta' rikerka u innovazzjoni u fil-komitati tal-programm li jikkostitwixxu fattur ewleni għall-iżvilupp ta' parteċipazzjoni industrijali usa' ta' kull Stat Membru.

4.16. Fl-aħħar nett, il-KESE huwa tal-fehma li l-Istati Membri u l-KE għandhom jirriveđu u jarmonizzaw – fejn possibbli u jkun jaqbel – il-qafas regolamentari industrijali tas-setturi li fihom il-JTIs u l-PPPs huma mistennija joffru massimizzazzjoni tal-valur miżjud f'termini ta' benefiċċji ambjentali, ekonomiċi, soċjali u ta' impjieg, mudelli ta' negozju intelliġenti u soluzzjonijiet f'żoni territorjali integrati, kompetenzi ġodda u innovazzjonijiet soċjali ⁽⁸⁾.

4.17. Fl-opinjoni tal-KESE, koerenza akbar u koordinazzjoni aħjar tal-azzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni b'viżjoni globali tal-UE fid-dimensjonijiet interni u esterni għandhom jidentifikaw l-iżvilupp ta' tipi diversi ta' sħubija fir-riċerka u l-innovazzjoni li jirriżultaw minn politiki komunitarji multipli, anke lil hinn mill-Orizzont 2020. Il-ħolqien ta' Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni b'element b'saħħtu industrijali u soċjali, flimkien ma' networks pan-Ewropej ta' appoġġ infrastrutturali għall-innovazzjoni jistgħu jgħinu għal qafas iżjed effikaċi.

4.18. Fid-dawl tad-9 Programm Qafas ⁽⁹⁾, il-KESE jaħseb li huwa opportun li jiġi identifikat qafas trasparenti ta' valutazzjoni kwalitattiv-kwantitattiv tas-suċċess/nuqqas ta' suċċess ekonomiku-innovattiv, soċjali u ambjentali, tal-attivitajiet imwettqa mill-JTIs u l-PPPs attwali, bl-integrazzjoni tal-utenti finali industrijali u l-partijiet soċjali kif ukoll rappreżentanti tal-SMEs u s-soċjetà ċivili, sabiex jiġu evalwati l-prijoritajiet strateġiċi u jtfasslu mill-ġdid sħubijiet futuri li fuqhom għandhom jiġu kkkonċentrati l-isforzi tal-Orizzont 2030.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

⁽⁸⁾ Ara pereżempju tipi bħal daww fis-seħħ f'xi Stati Membri fejn is-sħubijiet industrijali settorjali jistgħu jattivaw direttament l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti għall-analiżi tal-ostakli tekniċi-regolatorji u kull ma jxekkel it-trasformazzjoni tal-limiti teknoloġiċi lejn l-innovazzjoni tas-suq bil-għan li dawn jitneħħew.

⁽⁹⁾ Ara l-opinjoni INT/792 "Evalwazzjoni ta' nofs it-term tal-Orizzont 2020" (ara l-paġna 66 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-tisħiħ tas-settur industrijali Ewropew tal-kura personali, tal-iġjene tal-ġisem u tal-prodotti tas-sbuħija”

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2017/C 034/05)

Relatur: **is-Sinjura Madi SHARMA**

Korelatur: **is-Sur Dirk JARRÉ**

Data tad-deċiżjoni tal-Plenarja	21/01/2016
Bażi legali	L-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni responsabbli	CCMI
Adottata fis-sezzjoni	28/09/2016
Adottata fil-plenarja	20/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	181/1/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet ta' politika

1.1. L-Ewropa minn dejjem kellha rwol ċentrali fil-produzzjoni, l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-kura personali, l-iġjene tal-ġisem u l-prodotti ta' sbuħija. Aktar reċentement, il-pożizzjoni ewlenija tagħha f'dan is-settur tnaqqret progressivament fil-proċess tal-kompetizzjoni globali u l-kundizzjonijiet li jonqsu milli jirrikonoxxu l-pressjoni tat-teknoloġija innovattiva u r-realtà kummerċjali biex wieħed jibqa' kompetittiv.

1.2. Din l-opinjoni tikkunsidra t-tisħiħ tas-settur industrijali Ewropew tal-kura personali, tal-iġjene tal-ġisem u tal-prodotti ta' sbuħija, b'mod partikolari dawk il-prodotti koperti mir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 dwar il-prodotti kosmetiċi (KE) Nru 1223/2009. “Prodott kosmetiku” huwa kull sustanza jew taħlita intiża biex titqiegħed f'kontatt ma' partijiet esterni tal-ġisem tal-bniedem (il-ġilda, sistema tax-xagħar, dwiefer, xuftejn u organi ġenitali esterni) jew mas-snien u l-membrani mukużi tal-kavità orali bil-ħsieb esklussiv jew prinċipali biex tnaddafhom, tfewwahhom, tbiddel id-dehra tagħhom, tħarishom, iżżommhom f'kundizzjoni tajba jew tikkoreġi l-irwejjaħ tal-ġisem; sustanza jew taħlita intiża li tinbela', li tidħol mill-ġisem, li tiġi injettata jew li tiġi impjantata fil-ġisem tal-bniedem ma għandhiex titqies li hija prodott kosmetiku.

1.3. Is-setturi tal-karta tal-iġjene, tal-imkatar tal-karti u tal-ilbies sanitarju ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-prodotti kosmetiċi iżda jstgħu jitqiesu f'ħafna mir-rakkomandazzjonijiet minħabba l-valur miżjud ta' dan is-settur fl-iġjene personali.

1.4. L-opinjoni ma tinkludix prodotti farmaċewtiċi, tatwaġġi, irtokk permanenti, servizzi tal-kura ta' sbuħija u lanqas prodotti amministrati permezz ta' kirurġija jew strumenti, lanqas prodotti ta' kura tal-ġilda għall-animali. Madankollu, il-KESE jirrakkomanda li dak kollu li saret referenza għalih hawn fuq għandu jitqies f'dokument separat minħabba ż-żieda fit-tħassib tal-konsumatur fir-rigward ta' sustanzi kimiċi perikolużi.

1.5. Filwaqt li l-kapaċità innovattiva tal-intrapriżi speċjalizzati tal-Ewropa hija impressjonanti, l-innovazzjoni nnifisha u b'hekk il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-invenzjonijiet tal-UE, iċċaqalqet lejn partijiet oħrajn tad-dinja u ġabet magħha konsegwenzi ekonomiċi u soċjali serji. Il-ħolqien ta' ambjent li jippermetti ċ-ċaqliq lil hinn mill-Industrija 4.0 billi jitqies il-progress bijoteknoloġiku avanzat, permezz ta' strateġiji xierqa, se jwassal għal kontribuzzjonijiet ewlenin għar-rilokalizzazzjoni industrijali u l-iżvilupp ta' prodott ġdid (NPD).

1.6. Il-KESE jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għas-settur li ġejjin billi jaċċetta l-fatt li s-settur huwa diġà rregolat tajjeb biex jassigura l-protezzjoni u s-sigurtà tal-konsumatur u leġislazzjoni addizzjonali titqies mhux meħtieġa għalkemm għandha titqies aktar trasparenza:

- Konverġenza teknoloġika ikbar bejn l-inġinerija tax-xjenza tal-ħajja, l-iżvilupp tal-ġenomika, il-farmaċewtika u t-tagħmir mediku u s-settur tas-sbuħija u tal-kura
- Kollaborazzjoni aħjar bejn kumpaniji kbar u żgħar u fir-riċerka bijoteknika
- Strateġiji biex jitnaqqas il-perjodu li ma jiġġenerax dħul għal SMEs innovattivi
- Aktar informazzjoni dwar is-suq u t-trasferiment tal-għarfien bejn il-partijiet interessati biex tissaħħaħ l-innovazzjoni kosmetika u tkun promossa-individwalizzazzjoni
- Opportunitajiet aħjar għall-impjegi fl-innovazzjoni u l-NPD
- Strateġiji fl-immaniġġjar tar-riżorsi u l-iskart għas-sostenibbiltà ambjentali u l-ekonomija ċirkolari
- Prijorità għolja għar-riċerka dwar alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali flimkien ma' aċċettazzjoni regolatorja ta' metodi alternattivi pprovat
- Diffużjoni ġenerali tar-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tal-bijodiversità, ir-rispett tal-proprjetà intellettuali tal-popli indiġeni u l-konformità mal-prinċipji tal-kummerċ ġust
- Kunċetti ġodda għall-impenn ta' gruppi ta' utenti u konsumaturi mill-NPD għall-valutazzjoni
- Reviżjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali biex tiżdied l-aċċessibbiltà, l-armonizzazzjoni u l-promozzjoni tal-istandards tal-UE madwar id-dinja u għall-ġlieda kontra l-frodi.

2. Ħarsa ġenerali lejn is-Settur tal-Kura Personali

2.1. Prodotti kosmetiċi u tal-kura personali huma prodotti essenzjali ta' kuljum għal aktar minn 500 miljun konsumatur Ewropew, f'kull settur ta' età. Il-prodotti jvarjaw minn prodotti tal-iġjene ta' kuljum bħal sapun, xampù, deodoranti u toothpaste sa oġġetti ta' sbuħija lussużi bħal fwejjaħ u make-up. Is-settur innifsu jiswa **EUR 77 biljun (2015) u kien wieħed mill-ftit setturi li ma ntlax mill-kriżi finanzjarja globali**. L-Ewropa hija stabbilita bħala pijunier fis-settur u esportatur dominanti ta' kosmetiċi. In-negozjar barra mill-Ewropa ammonta għal **EUR 17,2 biljun fl-2015**.

2.2. Ir-rikonoxximent ta' ditta fl-industrija kosmetika huwa importanti minħabba l-grad għoli ta' kompetizzjoni. Il-lealtà tal-konsumaturi hija bbażata fuq reklamar affidabbli, il-kwalità, l-iżvilupp tas-sigurtà u tal-prodott ġdid (NPD), u tista' titqabbel mal-industrija tal-moda b'tendenzi staġjonali li jinbidlu.

2.3. Is-settur huwa magħmul minn kumpaniji ta' kull daqs b'aktar minn 4 600 SME fl-industrija kosmetika fl-Ewropa. Is-settur tal-SMEs huwa stmat li jiffirma 30 % tas-suq iżda f'ċerti Stati tal-UE dan jista' jilħaq sa 98 %. Il-portafoll tal-prodotti jvarja minn 20 000+ prodott għal kumpaniji kbar sa madwar 160 għal kumpaniji iżgħar. Manifattur kosmetiku kbir għandu portafoll ta' madwar 2 000 ingredjent, 600 għall-SMEs, b'kull wieħed iżid madwar 4 % ta' ingredjenti ġodda kull sena. Dawn l-ingredjenti l-ġodda għandhom effett sinifikanti fuq il-profittabbiltà u t-tkabbir.

2.4. Mill-inqas 2 miljun persuna huma impjegati fil-katina tal-valur madwar l-Ewropa mill-manifattura sal-bejgħ bl-imnut. Il-manifattura nnifisha impjegat 152 000 ħaddiem fl-2015 ⁽¹⁾ bi ftit aktar ħaddiema nisa (56 %) milli rġiel (44 %). Matul l-aħħar ħames snin, l-industrija kabbret l-impjeg dirett u indirett tagħha b'2,3 %, aktar minn 39 000 impjeg ⁽²⁾.

2.5. Fl-2015, in-nefqa fuq ir-R&Ż kienet stmata għal EUR 1,27 biljun. Din tvarja konsiderevolment skont il-pajjiż. L-industrija timpjega aktar minn 26 000 xjenzjat li jirriċerkaw oqsma ġodda tax-xjenza, jaħdmu b'ingredjenti ġodda, jiżviluppaw formulazzjonijiet u jwettqu valutazzjonijiet tas-sigurtà, li jwassal għal numru impressjonanti ta' privattivi fl-UE kull sena.

2.6. L-industrija tal-karta Ewropea, b'mod partikolari tal-inkatar tal-karta, għandha valur ta' iktar minn EUR 10 biljun fis-sena u tirrappreżenta 25 % tas-suq globali tal-inkatar tal-karti. L-użu akbar ta' prodotti tal-inkatar tal-karti ta' kwalità bħal srievet tal-karti, inkatar, karta tat-tojlit, eċċ. huwa element importanti ta' kwalità tal-ħajja mtejba u kundizzjonijiet ta' iġjene ġenerali, kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar u b'hekk kontributor importanti għas-settur tal-kura personali

2.7. Is-settur tal-kosmetiċi Ewropew hu meqjus bħala l-mexxej fil-projbizzjoni totali fuq l-ittestjar fuq l-annimali, filwaqt li jippromwovi l-innovazzjoni u l-kompetittività. Is-suq tal-lum huwa mmexxi mis-sigurtà u l-innovazzjoni b'mod ekwu b'paletti tal-kulur ġodda, trattamenti speċifiċi għall-ġilda, prodotti kontra t-tixxijiet u formuli uniċi. Il-konsumaturi kontinwament jitolbu għal aktar għażla, personalizzazzjoni aħjar u anke effikaċja ikbar. Sabiex jirrispondu b'mod aktar effettiv għall-preferenzi u l-aspettattivi tal-utent, il-gruppi u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi huma impenjati regolarment fl-aktar stadji bikrija tal-iżvilupp.

3. Leġislazzjoni tal-UE

3.1. Il-monitoraġġ tal-ingredjenti u l-kriterji tal-ittestjar, inkluż il-projbizzjoni fuq l-ittestjar tal-annimali, il-protezzjoni ambjentali u t-tikkettar, huma kollha soġġetti għal-leġislazzjoni u l-linji gwida tal-UE. Il-qafas regolatorju għall-aċċess tas-suq, ir-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali u l-konverġenza regolatorja huma sorveljati mill-Kummissjoni Ewropea.

3.2. Ir-Regolament dwar il-Prodotti kosmetiċi, Regolament (KE) Nru 1223/2009, ilu japplika mill-2013, hekk kif issostitwixxa d-Direttiva 76/768/KEE, adottata fl-1976. L-għan tiegħu huwa li jarmonizza r-regoli biex jinkiseb suq intern għall-prodotti kosmetiċi u livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem.

3.3. Irrispettivament mill-proċessi tal-manifattura jew il-mezzi ta' distribuzzjoni, il-prodotti kosmetiċi mqiegħda fis-suq tal-UE jridu jkunu sikuri. Ir-Regolament dwar il-Kosmetiċi (inklużi l-Annessi tiegħu) u l-emendi tiegħu jipprovdu r-reqwiżiti regolatorji u r-restrizzjonijiet għas-sustanzi kollha użati fi prodotti kosmetiċi. "Persuna Responsabbli" tal-prodott kosmetiku hija responsabbli għas-sigurtà tal-prodott, u għandha tiżgura li dan isirli evalwazzjoni tas-sigurtà xjentifika minn esperti qabel ma jinbiegħ. Bażi ta' data b'informazzjoni dwar sustanzi u ingredjenti kosmetiċi, CosIng, jippermetti aċċess faċli għad-data dwar dawn is-sustanzi. L-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u għas-sikurezza tal-konsumaturi, jimplika wkoll li l-kumitati xjentifiċi responsabbli għandhom iqisu b'mod partikolari r-riskji potenzjali għas-saħħa għal gruppi professjonali partikolari (eż. parrukkieri, estetisti) li jużaw prodotti kożmetiċi ta' kuljum fil-qadi tal-attivitajiet professjonali tagħhom, u li għalhekk huma soġġetti għal livelli ta' espożizzjoni oġhla mill-pubbliku inġenerali.

4. Strateġiji għat-Tkabbir tas-Settur

4.1. Sabiex jibqgħu kompetittivi, il-manifatturi qed jinnovaw fuq bażi kontinwa biex jiskopru ingredjenti ġodda, jutilizzaw ingredjenti eżistenti f'applikazzjonijiet ġodda u joħlqu aktar prodotti personalizzati. Madankollu, ma jistgħux jaħdmu weħidhom u għalhekk il-Kummissjoni tal-UE, il-gvernijiet nazzjonali u l-partijiet interessati, b'mod partikolari r-rappreżentanti tal-konsumaturi u tal-ħaddiema, jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex joħlqu ambjent li jwassal għat-tkabbir.

4.2. Il-KESE jirrikonoxxi li l-isfidi ewlenin għat-tkabbir fis-settur jistgħu jiġu mqabbla ma' daww tas-setturi industrijali kollha u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin speċifikati għall-kura personali u għas-setturi kożmetiċi:

⁽¹⁾ Eurostat.

⁽²⁾ Sors Cosmetic Europe.

4.2.1. **Konverġenza akbar** tas-settur tal-inġinerija tax-xjenza tal-ħajja, inkluż bejn is-settur tar-riċerka tal-ġenomi u dak tas-sbuħija u tal-kura, isahha iktar id-diversifikazzjoni tal-prodott. Il-ġilda hija l-akbar organu tal-ġisem tal-bniedem iżda d-distinzjoni bejn l-applikazzjoni dermal tal-kosmetiċi u trattamenti bi prodotti mediċinali għandha t-tendenza li tisparixxi. Ċerti effetti bħal allerġiji u irritazzjonijiet u kanċer tal-ġilda jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni. Inizjattivi bħal Saħħa EIT⁽³⁾ li jkopru l-oqsma ewlenin tal-kura tas-saħħa inkluż il-farmakoloġija, it-teknoloġija medika, il-bijoteknoloġija, u s-saħħa diġitali huma eżempji tajba ta' kollaborazzjoni. Il-prodotti kosmetiċi jgħibu magħhom iġjene personali ikbar, benefiċċji ta' benesseri u/jew fatturi tal-istil tal-ħajja (effetti pożittivi li mhumix rikonoxxuti f'regolamenti bħal li jnaqqsu l-istress, iżidu l-fiduċja jew irqad aħjar). Filwaqt li l-kosmetiċi mhumix prodotti mediċinali, il-kosmetiċi huma bbażati fuq ix-xjenza sofistikata tal-ġilda u l-funzjoni tagħha. L-iżvilupp tal-kosmetiċi jista' għalhekk jibbenefika mill-iżviluppi f'oqsma oħra tax-xjenza bijoloġika, b'mod partikolari fl-industrija farmaċewtika. Il-kollaborazzjoni fir-riċerka għandha tkun imħeġġa tiffoka fuq l-individwalizzazzjoni u tikkunsidra prodotti adattati għall-istil ta' ħajja u l-benesseri.

4.2.2. **Kollaborazzjoni aħjar** bejn kumpaniji kbar u żgħar, flimkien mal-iżvilupp ta' inkubaturi speċifiċi għas-settur⁽⁴⁾ jew raggruppament ta' inkubaturi, tista' żżid il-kompetittività u tippromwovi t-tkabbir. Il-prodotti kosmetiċi kollha jgħaddu minn valutazzjoni tas-sikurezza xjentifika ta' esperti qabel il-varar tagħhom li tista' tkun restrittiva mil-lat amministrattiv u finanzjarju għal kumpaniji iżgħar. Għalkemm huwa essenzjali li l-valutazzjoni tas-sikurezza tibqa' ssir, kumpaniji innovattivi iżgħar għandhom jużaw firxa ta' miżuri ta' appoġġ għan-negozji li jistgħu jgħinu l-perjodu tal-iżvilupp bejn l-innovazzjoni u l-proċess tal-NPD u l-kummerċjalizzazzjoni b'suċċess tal-prodott finali, u b'hekk jonqos ir-riskju ta' falliment. Miżuri bħal dawn jinkludu l-iskambju aħjar tal-informazzjoni permezz tat-trasferiment tat-teknoloġija u tal-għarfien; kooperazzjoni għal opportunitajiet għal investment; analiżi tat-tnaqqis tal-ispejjeż u aċċessibilità għall-flussi ta' fondi⁽⁵⁾. Barra minn hekk, il-gvernijiet għandhom jibdlu l-mentalità tagħhom dwar il-manifattura għal appoġġ tal-produzzjoni lokali u l-ħolqien tal-impjegi fl-Ewropa.

4.2.3. Aktar informazzjoni dwar is-suq u provvista tad-data mill-akkademja, l-industrija u l-konsumaturi se jsaħħu t-tkabbir permezz tat-trasferiment tal-għarfien. Ix-xejriet tal-kura personali mxew lejn prodotti organiċi, naturali, prodotti ta' protezzjoni kontra x-xemx UVB u UVA, prodotti favur u kontra t-tixjij, u wessgħu l-ambitu tal-innovazzjoni. Bħalissal-innovazzjoni dwar il-menopawsa u t-tixjij toffri qasam ta' żvilupp għas-settur tas-sbuħija, li timmira lejn numru sostanzjali ta' nisa bi prodotti li jgħinuhom jidhru u jħossuhom fl-aħjar tagħhom. B'avvanz xjentifiku u teknoloġiku fis-sekwenza tal-ġenoma tal-bniedem u l-progress li sar permezz tal-għarfien tal-funzjonijiet differenti tiegħu u l-individwalità assoluta tiegħu, il-ġejjieni tal-industrija tal-kosmetiċi hija l-personalizzazzjoni avvanzata ħafna tal-prodotti. Ir-riċerka u l-investment f'dan l-appoċċ, f'kooperazzjoni mal-professjonijiet mediċi u l-akkademja, jikkostitwixxu kwistjoni ewlenija għas-settur.

4.2.4. **L-inkoraġġiment ta' impenn ikbar tal-impjegati.** L-impjegati huma minn ta' quddiem fl-innovazzjoni tal-prodotti, peress li huma jesperjenzaw is-settur b'mod ġenerali mill-proċess ta' żvilupp għar-reazzjoni tal-konsumaturi. B'hekk żieda fil-konsultazzjoni, inkluża l-promozzjoni tal-intraprenditorija, tista' tappoġġa t-tkabbir tal-kumpanija. Is-settur huwa varjat fl-opportunitajiet ta' impjeg tiegħu u komunikazzjoni mtejba biex jintwerew il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għall-iżviluppi attwali u futuri tagħmel lis-settur wieħed aktar attraenti. Aktar minn 514 000 student tax-xjenzi tal-ħajja fl-Ewropa⁽⁶⁾ huma involuti fil-ħolqien ta' riċerka u opportunitajiet ġodda u f'kollaborazzjoni mtejba bejn is-setturi. Għal darb' oħra, kollaborazzjoni msaħħa bejn l-akkademja u l-industrija tista' tgħin tattira firxa usa' ta' impjegati.

4.2.5. **Opportunitajiet ta' Riċerka u Żvilupp,** investment, in fiq fuq ir-R&Ż u dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà huma meħtieġa biex jinżamm it-tkabbir. Jistgħu jitqiesu mekkaniżmi ta' finanzjament pubbliċi u privati għar-R&Ż, reġistrazzjonijiet tal-privattivi u NPD fil-manifattura fi ħdan l-UE.

4.2.6. **Ksur ta' privattivi u prodotti ffalsifikati** jistgħu jkunu ta' riskju serju għall-profittabilità tal-kumpaniji kbar u żgħar tal-UE, kif ukoll għas-saħħa tal-konsumatur. Fl-2006, fwejjaħ u kosmetiċi ffalsifikati swew lill-UE EUR 3,0 biljun fi dħul mitluf. Protezzjoni ikbar tal-proprietà intellettwali għad-ditti tista' tkun żgurata bl-inklużjoni tal-pajjiż tal-manifattura fuq il-prodott.

⁽³⁾ www.eithealth.eu.

⁽⁴⁾ <http://www.biocity.co.uk/medicity/nottingham>.

⁽⁵⁾ ĠU L 13, 15.1.2016, p. 152.

⁽⁶⁾ Euromonitor International.

4.2.7. **Impenn għal regolament “ibbażat fuq ir-riskju”:** attwalment is-sustanzi mhumiex irregolati abbażi tal-proprjetajiet intrinżiċi tagħhom (eż. irritanti) iżda fuq il-bażi ta’ jekk il-proprjetà tas-sustanza sseħħx effettivament taħt il-kundizzjonijiet tal-użu reali (eż. meta jintużaw f’konċentrazzjoni li hija inqas mil-limitu ta’ irritazzjoni). Dan l-approċċ huwa possibbli minħabba li l-użu tal-prodotti kosmetiċi huwa definit sew u huma possibbli valutazzjonijiet tar-riskju sħaħ. Dan huwa differenti għal-leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi (mingħajr użu definit), fejn il-proprjetajiet intrinżiċi “ta’ periklu” jagħtu spinta lil-leġislazzjoni. Huwa kruċjali għall-kapaċità futura tal-industrija li din tkun innovattiva u tikber, li tinżamm distinzjoni xierqa bejn il-perikli u r-riskji fil-leġislazzjoni u l-politika tal-UE.

4.2.8. **Promozzjoni ta’ ingredjenti speċifiċi għat-territorju.** L-iffaċilitar tar-riċerka u ċ-ċertifikazzjoni ta’ prodotti naturali speċifiċi għar-reġjun permezz ta’ indikazzjoni ġeografika protetta ⁽⁷⁾ (jiġifieri Corsincan Immortelle) jippermetti l-promozzjoni tal-prodotti reġionali tal-UE li jiffukaw aktar fuq il-komoditajiet lokali u l-prodotti artiġjanali. Attwalment l-ispejjeż tar-rintraċċar tal-isotopu jew l-analiżi fil-laboratorji ta’ prodotti naturali huwa pprojbit għall-intraprendituri u l-SMEs.

4.2.9. **Projbizzjoni tal-ittestjar fuq l-annimali:** Ir-Regolament dwar il-Kosmetiċi stabbilixxa projbizzjonijiet ta’ ttestjar (projbizzjoni fuq l-ittestjar ta’ prodotti kosmetiċi lesti u ingredjenti kosmetiċi fuq l-annimali) u projbizzjonijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni (projbizzjoni fuq prodotti kosmetiċi lesti biex jiġu kummerċjalizzati u ingredjenti fl-UE li ġew ittestjati fuq l-annimali). M’hemm l-ebda xewqa li titneħħa din il-projbizzjoni. Madankollu, l-isfidi li ġejjin huma ffaċċjati mill-manifatturi fl-innovazzjoni, l-NPD u l-esportazzjonijiet:

- **Aċċettazzjoni regolatorja ta’ metodi alternattivi validi:** Fgħadd ta’ oqsma tal-ittestjar tas-sigurtà, strateġiji li ma jinvolvux l-annimali ġew żviluppati, invalidati u aċċettati b’suċċess mill-OECD. Dawn jistgħu jipprevedu b’mod preċiż ir-reazzjonijiet kumplessi ta’ sistema bijoloġika, b’mod partikolari għall-ittestjar ta’ prodotti kosmetiċi lesti, kif ukoll għal ċerti punti ta’ tmiem tat-tossiċità fir-rigward tal-ittestjar tal-ingredjenti. Huwa possibbli wkoll li ċerta informazzjoni nieqsa dwar is-sigurtà tiġi ssostitwita permezz ta’ “read-across” għal ingredjenti relatati kimikament diġà magħrufa jew permezz tal-applikazzjoni ta’ limitu ta’ tħassib tossikoloġiku. Huwa kruċjali li dawn il-metodi vvalidati huma aċċettati minn regolaturi, biex l-industrija tkun tista’ timxi lejn dinja innovattiva u ħielsa mill-ittestjar fuq l-annimali.
- **Ir-riċerka u l-iżvilupp biex titjeb il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-ingredjenti u l-prodotti:** Fin-nuqqas tal-ittestjar fuq l-annimali, għad ma hemmx sett sħiħ ta’ testijiet in vitro għall-valutazzjoni tas-sigurtà ta’ molekuli ġodda bħall-prodotti għall-protezzjoni mix-xemx. Riċerka biex jiġu żviluppati metodi għall-valutazzjoni tas-sikurezza mingħajr l-użu ta’ annimali għandha tkun appoġġata kemm mis-settur privat kif ukoll pubbliku. Ir-riċerka u l-iżvilupp dwar il-bijoloġija tal-ġilda li jiżviluppaw prodotti li jipprevjenu/inaqqsu l-kanċer tal-ġilda huma ta’ prijorità billi l-inċidenza tal-melanoma tal-ġilda għadha qed tiżdied.
- **Esportazzjonijiet:** ħafna mill-pajjiżi li l-prodotti kosmetiċi Ewropew huma esportati lejhom, jeħtieġu l-ittestjar tal-prodott fuq l-annimali bħala parti mis-sigurtà tal-konsumatur. Dan iwassal għal rekwiżiti regolatorji kunfliġġenti u sfidi sinifikanti għall-industrija. Għandhom jiġu nnegożjati ftehimiet globali dwar din il-kwistjoni.

4.2.10. **Ġestjoni tar-riżorsi u tal-iskart:** Iż-żieda fil-popolazzjoni, iż-żieda fil-konsum u t-tnaqqis tar-riżorsi, b’mod partikolari l-ilma, huma kwistjonijiet kemm tal-konsumaturi kif ukoll tal-industrija fir-rigward tal-konsum sostenibbli u s-CSR. Il-produzzjoni ta’ prodotti favur l-ambjent li tikkunsidra l-ġestjoni tal-iskart u tar-riżorsi hija settur ta’ prijorità. Il-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari tal-Kummissjoni u l-“Guidelines for Cosmetic Companies, especially SMEs (2012)” (Il-Linji Gwida għal Kumpaniji kosmetiċi, b’mod partikolari l-SMEs) ta’ Cosmetics Europe huma importanti iżda jeħtieġ li jsir aktar peress li għad hemm sfidi sinifikanti. Mal-kwistjoni tal-protezzjoni tar-riżorsi meħtieġa għall-industrija torbot il-protezzjoni meħtieġa għall-bijodiversità, peress li din hija ġid komuni tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri. It-tiftix għal prodotti ġodda m’għandux isir b’detriment għall-popolazzjonijiet indiġeni u l-proprjetà intellettuali tagħhom. Id-diffużjoni tal-prinċipji tal-kummerċ ġust u tal-kodiċijiet ta’ kondotta ambjentali fost il-kumpaniji settorjali hija ta’ benefiċċju u meħtieġa ħafna. Daqstant importanti hija l-attitudni tal-konsumaturi biex jirrifjutaw prodotti magħmula b’mod li jmur kontra l-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli.

⁽⁷⁾ http://ec.europa.eu/agriculture/quality/schemes/index_en.htm

4.2.11. **Trasparenza ikbar:** Sorveljanza tas-suq hija essenzjali fl-iżgurar tal-protezzjoni tal-konsumatur. Iż-żieda fil-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-konsumatur, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-utenti u l-professionisti tas-saħħa fuq livell nazzjonali għandha ttejjeb il-fiduċja tal-konsumatur u t-trasparenza. Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati għandu jsir matul il-proċess ta' żvilupp u innovazzjoni tal-prodotti. Notifika dwar il-prodott fis-sistema RAPEX tagħti s-setgħa lill-konsumaturi biex jitolbu sistema mtejjba ta' sikurezza tul il-katina tal-provvista, iżda jinsistu li notifika ta' riskju serju għandha ssir kemm jista' jkun malajr. Il-konsumaturi jiddikjaraw li trasparenza ikbar hija meħtieġa biex:

- L-iżgurar ta' infurzar aqwa tal-leġislazzjoni eżistenti u ta' valutazzjoni tas-sikurezza aktar ċari, sabiex tinżamm il-fiduċja tal-konsumaturi dwar is-sikurezza tal-prodotti filwaqt li jiżdied il-livell ta' konformità mar-Regolament dwar il-kosmetiċi, dan jinkludi tikkettar aktar komprensiv u faċli biex jinqara dwar kif jintużaw il-prodotti u l-iskop tagħhom.
- Tiġi reklamata trasparenza fuq "artikli b'reklam" editorjali u l-promozzjoni tal-prodotti sabiex jiġi evitat li l-konsumaturi jiġu mqarrqa. Ir-reklamar għandu spejjeż pubbliċitarji għoljin wisq għal kumpaniji iżgħar. Materjal ta' reklamar imħallas għandu jiġi identifikat b'mod ċar, inkluż paraguni ta' prodotti li, għalkemm għandhom ditta differenti, xi kultant ikunu mill-istess kumpanija.
- Dwar il-prodotti organiċi, ir-Regolament dwar il-kosmetiċi ma jistabbilixxi regoli speċifiċi. Bħalissa m'hemm l-ebda regoli armonizzati tal-UE li jistabbilixxu l-kriterji għall-kosmetiċi organiċi, li jwassal li prodotti b'livelli baxxi ta' ingredjenti organiċi, jissejħu "organiċi". Il-konsumaturi jistgħu jiġu żgwidati u l-industrija tas-sbuħija tal-UE ttriskja tagħmel ħsara lir-reputazzjoni fdata tagħha mingħajr l-implimentazzjoni ta' linji gwida speċifiċi.

4.2.12. **Opportunitajiet fi swieq ġodda,** inklużi dawk immirati biex ibiddlu d-drawwiet tax-xiri tal-konsumaturi, bħall-kummerċ elettroniku u l-bejgħ dirett, joffru mudelli ġodda ta' bejgħ flimkien ma' kummerċ bejn il-fruntieri. Is-sejbiet inizjali tal-inkjesta dwar is-settur tal-kummerċ elettroniku kienu li nofs il-kumpaniji mistħarrġa fis-settur tal-kosmetiċi u s-settur tas-saħħa tal-UE ma kinux ibiegħu fuq livell transkonfinali. Waqt li l-kumpaniji tal-kosmetiċi jilqgħu l-era diġitali, jibqgħu limitati mir-reqwiziti regolatorji li spiss huma speċifiċi għall-pajjiż: inkluż tikkettar bil-lingwa nazzjonali; liġijiet dwar l-ittestjar fuq l-annimali; reqwiziti ta' viġilanza kosmetika.

4.2.13. L-UE għandha bilanċ kummerċjali favorevoli tajjeb fil-prodotti kosmetiċi, madankollu l-Kummissjoni Ewropea għandha tkompli tinsisti għall-konverġenza f'fora bħalma huma l-kooperazzjoni internazzjonali dwar ir-Regolament tal-Kosmetika u fin-negozjati kummerċjali fejn ir-regolamentazzjoni tal-UE ssir standard internazzjonali. Ir-Regolament dwar il-Prodotti Kosmetiċi tal-UE jibqa' l-mudell ta' ispirazzjoni għas-sikurezza tal-konsumatur għal reġjuni emerġenti (ASEAN, ir-Russja, l-Amerika Latina, iċ-Ċina). Dan jipprovi opportunità għar-regolaturi u l-industrija tal-UE biex jikkontribwixxu għal sistemi regolatorji fis-swieq tal-esportazzjoni ewlenin li huma kompatibbli ħafna mas-sistema tal-UE.

- **Appoġġ għal armonizzazzjoni** huwa meħtieġ biex jiżdied il-kummerċ fis-suq intern. L-ostakoli għall-kummerċ huma iktar fl-UE minħabba nuqqas ta' amministrazzjoni doganali waħda. Hemm aġenzija separata responsabbli għal-liġi doganali tal-UE f'kull Stat Membru li mhuwiex amministrat b'mod uniformi. Ir-regoli tal-UE dwar l-ikklassifikar, il-valutazzjoni, l-orijini u l-proċeduri doganali huma ta' spiss applikati b'mod differenti f'kull Stat Membru, b'livelli tal-VAT differenti.
- **Il-ġlieda kontra l-frodi, il-falsifikazzjoni u l-adulterazzjoni** f'importazzjonijiet u fi ħdan l-UE hija kwistjoni serja. Il-pajjiżi tal-UE għandhom jikkooperaw, jaqsmu informazzjoni u jaġixxu b'mod aktar mgħaġġel dwar Effetti Serji Mhux Mixtieqa (SUEs) attribwibbli għall-użu tal-kosmetiċi. Iż-żieda ta' prodotti frawdolenti u adulterati, parzjalment bħala riżultat taż-żieda fl-importazzjonijiet, flimkien ma' riżorsi limitati fl-Istati Membri biex jissorveljaw il-prodotti, tfisser li r-riskji għas-saħħa tal-konsumatur qegħdin jiżdiedu.

- Ftehimiet kummerċjali: Il-kosmetiċi kienu wieħed mill-kapitli li ħoloq l-aktar sfidi fid-dibatittu dwar is-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP). L-istandards tal-UE jistgħu jintużaw b'mod aktar mifruż minħabba t-TTIP u ftehimiet kummerċjali oħra, li jippromwovu l-kredibbiltà u l-fiduċja kummerċjali ta' prodotti magħmula fl-UE, u li jippermetti l-aċċess għas-suq għall-kumpaniji tal-UE għal aktar konsumaturi.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Iż-żarmar tal-bastimenti u s-soċjetà tar-riċiklaġġ”**(Opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2017/C 034/06)

Relatur: **is-Sur Martin SIECKER**Korelatur: **is-Sur Richard ADAMS**

Data tad-deċiżjoni tal-Plenarja	21/01/2016
Bażi legali	L-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	CCMI
Adottata fis-sezzjoni	28/09/2016
Opinjoni adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	202/2/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Is-sidien tal-bastimenti tal-UE jikkontrollaw madwar 40 % tal-flotta merkantili dinjija. Huma jirrappreżentaw madwar terz tat-tunnellaġġ ta' tmiem l-użu li jispiċċa f'tarzni ta' standard inferjuri fl-Asja t'Isfel. L-UE hija l-ikbar suq li jibgħat bastimenti fi tmiem l-użu ta' tagħhom għaż-żarmar – proċess perikoluż u li jniġġes. Billi tospita l-akbar komunità ta' sidien tal-bastimenti, l-UE wkoll għandha responsabbiltà partikolari biex tirregola r-riċiklaġġ tal-bastimenti.

1.2. Il-KESE jisħaq li hemm każ morali u soċjali b'saħħtu biex jiġu eliminati l-abbużi fiż-żarmar irresponsabbli tal-bastimenti permezz ta' sistema li toħloq valur miżjud lill-bastimenti fi tmiem l-użu ta' tagħhom li jkun biżżejjed biex jitħallsu l-ispejjeż ogħla għar-riċiklaġġ responsabbli. Il-parti l-kbira tar-riċiklaġġ tal-bastimenti probabbilment jibqa' jsir f'pajjiżi b'kostijiet lavorattivi baxxi, iżda b'kundizzjonijiet tax-xogħol u ambjentali mtejba. Fl-istess ħin, dan jippermetti wkoll li l-impjanti taż-żarmar tal-UE ikunu aktar kompetittivi.

1.3. Azzjoni mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) kellha f'it effett sal-lum; minkejja dan għandhom jikkomplew l-isforzi kollha biex jintlaħaq qbil dwar strument legalment vinkolanti universali permezz ta' dan il-forum. Ir-rwol tal-UE f'dan il-proċess jista' jkun influwenti u dinamiku. It-tfittxija għal soluzzjoni effettiva għaż-żarmar irresponsabbli tal-bastimenti ilha fuq l-aġenda tal-UE għal ħafna snin, u din irriżultat s'issa fir-Regolament tal-UE dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti (EU SRR), li se japplika bis-siġħ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018. Madankollu, dgħufija fundamentali hija li s-sidien tal-bastimenti jistgħu faċilment jevitaw ir-riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament tal-UE sempliċement billi jsir “bdil tal-istat tal-bandiera” għal pajjiż mhux tal-UE.

1.4. Ir-Regolament fluwa nieqes minn strument ekonomiku li permezz tiegħu l-Kummissjoni tista' tidderieġi l-iżviluppi lejn it-triq mixtieqa. Rapport iddettaljat ħafna issa żviluppa pjan ta' azzjoni għal tali strument permezz tal-introduzzjoni ta' “liċenzja għar-riċiklaġġ tal-bastimenti (SRL)”. Sal-aħħar ta' din is-sena, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta bbażata fuq din l-idea, li tinċentiva lis-sidien tal-bastimenti biex il-bastimenti ta' tagħhom li jkun qed jersqu lejn tmiem l-użu ekonomiku ta' tagħhom jiġu żarmati f'faċilitajiet approvati mill-UE li huma soċjalment u ambjentalment aċċettabbli.

1.5. Vantaġġ tal-mekkaniżmu finanzjarju propost huwa s-sinerġija li jgħib mal-qafas regolatorju eżistenti. Il-mekkaniżmu ta' kontroll mhux ser ifixklu dawk tar-Regolament dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti tal-UE. Diġà jeżistu istituzzjonijiet tal-UE li jistgħu jamministraw u jimplementaw tali liċenzja. Madankollu, il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tevalwa wkoll kwalunkwe riskju għall-imsieħba kummerċjali tal-UE li jaraw il-proposta bħala interferenza antikompetittiva fil-kuntest tal-imġiba tat-tbajhir internazzjonali.

1.6. Huwa biss billi tiġi rikonossuta r-responsabbiltà ta' sid il-bastiment permezz tal-“prinċipju li min iniġġes iħallas” u billi l-ispejjeż tar-riċiklaġġ responsabbli jiġu inkorporati fl-ispejjeż tal-operat tal-bastimenti, li jkun jistgħu jiġu eliminati l-prattiki dannużi attwali. L-operaturi u l-utenti ta' bastimenti ta' tagħbija kbira, ta' trasport tal-merkanzija u ta' trasport tal-passiġġieri kollha għandhom rwol x'jaqdu, l-ewwel nett billi jirrikonossu li hemm problema serja, u t-tieni, billi jappoġġjaw mekkaniżmu finanzjarju progressiv u infurzabbli bħall-SRL li kapaċi jiġi estiż globalment taħt l-awspiċi tal-IMO u b'kampanja ta' informazzjoni li tasal anke barra mill-UE.

1.7. Il-KESE jappoġġja lill-Kummissjoni Ewropea f'dan l-isforz. Minbarra l-fatt li jaqbel sew mal-politika dwar is-soċjeta' tar-riċiklaġġ tal-UE, jista' wkoll ikun pass kbir 'il quddiem fir-riforma tal-industrija perikoluża u niġġiesa taż-żarmar tal-bastimenti fl-Asja t'Isfel u biex jimpedixxuha milli tiġi stabbuilita fi nħawi oħra. Il-KESE jagħraf il-potenzjal tal-HKC sakemm dan ikun jinkorpora l-prinċipji tar-Regolament dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti tal-UE u jenfasizza wkoll li strument finanzjarju huwa neċessarju. Aħna ninkoraġġixxu lill-UE biex tipprovd i assistenza teknika lil tarżni mid-dinja kollha biex jilhq u dawn ir-reqwiziti.

2. Sitwazzjoni attwali

2.1. Mingħajr it-tbajhir, l-ekonomija globali ma taħdimx. Kull sena, madwar 1 000 bastiment kbir li jaqsmu l-oċeani (tankers, u bastimenti tal-kontejners, tal-merkanzija u tal-passiġġieri) jinbiegħu għaż-żarmar. Aktar minn 70 % ta' dawn il-bastimenti fi tmiem l-użu jispiċċaw fuq il-bajjiet tal-Indja, il-Bangladexx jew il-Pakistan għal operazzjonijiet perikolużi ta' żarmar. Il-bqija huma prinċipalment żarmati fiċ-Ċina u fit-Turkija, fejn infrastruttura adegwata tiffaċilita Prattiki aktar nodfa u aktar siguri, sakemm jiġu applikati l-proċeduri xierqa ⁽¹⁾.

2.2. Il-biċċa l-kbira tal-bastimenti ddekommissionati jiġu skreppjati b'mod inaċċettabbli billi jintuża l-metodu “ta' inkaljar”. Dan il-metodu jinvolvi l-inkaljar tal-bastimenti fuq xtajtiet tar-ramel, fejn jiġu żarmati l-aktar minn persunal mhux kwalifikat, (inklużi każijiet irrapportati ta' tħaddim tat-tfal fil-Bangladexx), mingħajr tagħmir xieraq u bi ftit jew ebda protezzjoni mill-ħafna sustanzi perikolużi li jiġu rilaxxati ⁽²⁾.

2.3. L-industrija tar-riċiklaġġ tal-bastimenti resqet lejn l-Asja tal-Lvant (iċ-Ċina u t-Tajwan) fis-snin 70, meta ġew introdotti fl-Ewropa standards ambjentali u tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol aktar stretti. Fis-snin 80, is-settur ħabbat wiċċu ma' regolamentazzjoni aktar stretta fl-Asja tal-Lvant ukoll u konsegwentement iċċaqlaq lejn l-Asja t'Isfel. F'dawn l-aħħar 30 sena, 470 mewta ġew irrapportati fl-Indja. Fl-2014, 25 każ ta' mewt u 50 korriment serju kienu rrapportati fit-tarżni tal-Asja t'Isfel. Is-sena l-oħra, 16-il ħaddiem tilfu ħajjithom f'tarżni fil-Bangladexx u, sa issa, din is-sena tmax-il ħaddiem ta' dan is-settur mietu hemmhekk. Ħafna ħaddiema iżjed huma serjament midruba jew jimirdu minħabba dħaħen tossiċi u jbatu biex imutu minħabba kanċer ikkawżat minn esponiment għal materjali perikolużi, bħall-asbestos. L-ambjenti naturali madwar dawn il-faċilitajiet tal-ixtut huma serjament degradati ⁽³⁾.

3. Il-kawża tal-problema – nuqqas ta' responsabbiltà

3.1. Fil-qalba tal-problema tar-riċiklaġġ tal-bastimenti hemm in-nuqqas ta' governanza internazzjonali effettiva biex tinkiseb soluzzjoni globali. L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), aġenzija tan-NU, fasslet il-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Hong Kong dwar ir-Riċiklaġġ ta' Bastimenti li Jkun Sikur u li Jhars l-Ambjent (HKC) li baqgħet mhix ratifikata u għandha effett inċert. Bħal f'ħafna oqsma oħra, l-UE, permezz tal-promozzjoni ta' Prattiki tajba u soluzzjonijiet Prattiċi, tista' toffri qafas regolatorju u ġuridiku li kapaċi jagħti riżultati pożittivi madwar id-dinja u huwa effettiv fl-indirizzar tal-firxa speċifika ta' kwistjonijiet eksteritorjali prevalenti fl-industrija tat-tbajhir.

⁽¹⁾ http://www.shipbreakingplatform.org/shipbrea_wp2011/wp-content/uploads/2016/04/LIST-OF-ALL-SHIPS-DISMANTLED-OVER-THE-WORLD-IN-2015.pdf

⁽²⁾ Shipbreaking in Bangladesh and India National Geographic Video: Where Ships Go to Die, Workers Risk Everything (2014).

⁽³⁾ NGO Shipbreaking Platform.

3.2. Id-dritt internazzjonali jirrikjedi li kull bastiment tal-merkanzija jkun irreġistrat f'pajjiż. L-UNCTAD (il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp) irrapportat li madwar 73 % tal-flotta dinjija hija rreġistrata jew "b'bandiera" f'pajjiż differenti minn dak fejn is-sid benefiċjarju tal-bastiment huwa rreġistrat. Ir-raġunijiet għar-reġistrazzjoni (flagging) ta' bastiment barra mill-pajjiż jinkludu l-evitar tat-taxxa, il-possibbiltà li jiġu evitati r-regolamenti nazzjonali tax-xogħol u ambjentali u l-possibbiltà li jiġi impjegat ekwipaġġ marittimu minn pajjiżi b'pagi iktar baxxi. Ħafna minn dawn ir-reġistri miftuħa jissejħu wkoll bnadar ta' konvenjenza (FOCs) jew bnadar ta' nuqqas ta' konformità (FONCs). Dawn huma bnadar minn pajjiżi li għandhom rekord dgħajef ħafna tal-infurzar tal-liġi internazzjonali. Madwar 40 % tal-każijiet kollha ta' bastimenti fi tmiem l-użu inkaljata fl-Asja t'Isfel kienu importati taħt FOCs jew FONCs bħall-bnadar ta' Saint Kitts u Nevis, il-Komoros u Tuvalu. Dawn il-bnadar ta' "tmiem l-użu" bilkemm jintużaw matul il-ħajja operattiva tal-bastiment u joffru rati ta' skont speċjali għall-aħħar vjaġġ u reġistrazzjoni faċli u malajr fuq perjodu ta' żmien qasir mingħajr ebda rekwiżiti ta' nazzjonalità.

3.3. Għadd żgħir biss ta' sidien tal-bastimenti hađu miżuri volontarji biex jiżguraw riċiklaġġ ekoloġiku u sikur tal-bastimenti l-qodma tagħhom. Inqas minn 8 % tal-bastimenti li nbiegħu għaż-żarmar għad għandhom bandiera Ewropea u dawn jiżżarmaw prinċipalment b'mod sikur u sostenibbli. Ħafna bastimenti li jaslu fi tmiem l-użu tagħhom jinbiegħu lil hekk imsejħa xerrejja bi flus kontanti li jwasslu l-bastiment sad-destinazzjoni finali tiegħu fl-Asja t'Isfel. Il-maġġoranza tas-sidien tal-bastimenti ma jittrattawx mal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ huma stess: dawn b'mod konvenjenti jitbiegħdu mir-rimi finali u jħalluh għax-xerrejja bi flus kontanti li jispeċjalizzaw f'bastimenti fi tmiem l-użu tagħhom u jaġixxu bħala intermedjarji bejn is-sidien tal-bastimenti u t-tarzni taż-żarmar tal-bastimenti. Is-servizz tagħhom jinkludi ċ-ċaqliq u l-ingaġġ tal-ekwipaġġ ta' bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu u l-ipproċessar amministrattiv meħtieġ u l-proċedimenti mal-awtoritajiet fid-destinazzjoni taż-żarmar.

Kemm is-sidien ta' bastimenti privati kif ukoll dawk pubbliċi jirrikorru għal dawn il-prattiki.

3.4. Dan in-negożju huwa vantaġġuż:

- għal dawk li jorganizzaw l-iskreppjar lokalment, bl-iżjed prezz baxx, jisfruttaw il-ħaddiema u jagħmlu ħsara lill-ambjent;
- għss-sidien tal-bastimenti madwar id-dinja, li jistgħu jiksbu prezz aħjar għall-bastiment skreppjat;
- għall-interessi tan-negożju fil-pajjiżi kkonċernati, billi dan jipprovdi sors importanti ta' skart tal-azzar li jintuża fl-ekonomija lokali u nazzjonali;
- għall-gvernijiet li jagħmlu dħul minn dan il-kummerċ u għalhekk m'għandhomx inċentiv tajjeb biex jirregolaw jew jimmonitorjaw l-industrija u japplikaw is-salvagwardji legali li jeżistu.

3.5. Filwaqt li azzjonijiet koordinati volontarji mis-sidien tal-bastimenti ilhom jeżistu sa mill-2009, bħal sett ta' linji gwida dwar it-tħejija ta' inventarji għall-materjali perikolużi u miżuri oħra ta' tmiem l-użu, fl-2015, il-Bangladexx, fejn il-kundizzjonijiet huma magħrufa bħala l-aġħar, kienet id-destinazzjoni preferuta tal-bastimenti fi tmiem l-użu ⁽⁴⁾.

4. L-indirizzar tal-problema – tentattivi ta' infurzar tar-responsabbiltà

4.1. Fl-2009, l-IMO adottat strument partikolari għat-tbaħħir, l-HKC (Konvenzjoni ta' Hong Kong), li twaqqaf qafas ta' regolamenti bl-għan aħħari li jimplementa l-kundizzjonijiet ekwi sostenibbli meħtieġa fl-attivajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti madwar id-dinja. Fir-realtà, din l-affermazzjoni ma treġġix għall-iskrutinju. Filwaqt li dan huwa pass żgħir "il quddiem" id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni u infurzar huma dgħajfa u miftuħa għal firxa wiesgħa ta' interpretazzjonijiet, m'hemm l-ebda ċertifikazzjoni jew verifika indipendenti stipulata u "l-inkaljar" għadu permess fil-prattika.

4.2. L-HKC ser tidħol fis-seħħ biss 24 xahar wara r-ratiffika tagħha minn 15-il Stat li jirrappreżentaw 40 % tat-tunnellaġġ dinji u li l-kapaċità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti annwali tagħhom tammonta għal mill-inqas 3 % tat-tunnellaġġ ikkombinat tal-firmatarji. S'issa ħames pajjiżi biss, il-Panama bħala l-uniku stat tal-bandiera ewlieni, irratifikaw l-HKC, iżda l-ebda wieħed minnhom ma huwa konformi mal-kapaċità għar-riċiklaġġ tal-bastimenti meħtieġa sabiex il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ. Għalhekk, id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni mhuwix mistenni fil-futur qarib.

⁽⁴⁾ EU SRR "Shipping Industry Guidelines on Transitional Measures for Ship owners Selling Ships for Recycling", it-tieni edizzjoni, Jannar 2016

4.3. Inizjattiva oħra mill-IMO, il-Fond Fiduċjarju Internazzjonali dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti, ma ġietx appoġġjata internazzjonalment. Minkejja li l-IMO gábet riforma marittima pożittiva f'diversi oqsma, azzjoni effettiva dwar iż-żarmar tal-bastimenti mhix waħda minnhom. It-tendenza tal-industrija tar-riċiklaġġ tal-bastimenti hi li tkun fi jew tiċċaqlaq lejn pajjiżi b'kostijiet lavorattivi baxxi u fejn l-istandards ambjentali u ta' saħħa u sikurezza huma baxxi u mhux infurzati. Ir-rwol "faċilitanti" ta' dawn l-Istati jista' jiġi eliminat biss billi fond finanzjarju sinifikanti u indipendenti jkun marbut ma' kull bastiment li jkun jista' jintalab lura sakemm dan jiġi rriciklatat b'mod responsabbli. It-tbajhir huwa industrija globali filwaqt li iż-żarmar tal-bastimenti – b' 70 % tal-bastimenti żarmati fuq tliet bajjiet fl-Asja t'Isfel – huwa skandlu reġjonali u jistħoqqlu soluzzjoni effettiva.

4.4. Fi ħdan l-UE, il-bastimenti ddekommissjonati huma kkunsidrati bħala skart perikoluż u jagħmlu parti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Basilea li tirregola kull tip ta' trasport ta' skart perikoluż u hija trasportata fil-livell tal-UE permezz tar-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart. Dan għandu fit-teorija jevita li bastimenti b'sidien mill-UE jintremew b'mod irresponsabbli. Ir-regoli tal-Konvenzjoni u tar-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart ukoll qed jiġu sistematiċament evitati mis-sidien tal-bastimenti permezz tal-bejgħ tal-bastimenti li javviċinaw tmien l-użu tagħhom lil xerrejja bi flus kontanti hekk kif dawn il-bastimenti jħallu l-ilmijiet tal-UE għall-aħħar vjaġġ tagħhom. Madankollu, mad-dħul fis-seħħ ir-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti (SRR) fi ħdan l-UE, mill-2019 'il quddiem, il-bastimenti ddekommissjonati li jbaħħru taħt bandiera ta' Stat Membru tal-UE se jiġu esklużi mill-applikazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar Vjeġġi ta' Skart u l-Konvenzjoni ta' Basel – li tirregola kull tip ta' trasport ta' skart perikoluż.

4.5. Wara li s-sitwazzjoni ġiet analizzata, l-UE u l-Istati Membri tagħha kkonkludew li iż-żewġ Konvenzjonijiet ta' Hong Kong u Basel dehru li jipprovdu livell ekwivalenti ta' kontroll u infurzar għall-bastimenti kklassifikati bħala skart. L-NGOs globalment, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-iskart tossiku kif ukoll il-Parlament Ewropew u l-KESE ddenunzjaw l-HKC talli ma tippovdix soluzzjonijiet tajbin.

4.6. It-tfittxija għal soluzzjoni effettiva ilha fuq l-aġenda tal-UE għal ħafna snin. Fl-2007, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet Green Paper ⁽⁵⁾ dwar dan is-suġġett, imbagħad Komunikazzjoni fl-2008 ⁽⁶⁾ u, fl-aħħar nett, proposta dwar ir-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti (EU SRR) ⁽⁷⁾ fl-2012. Dan ir-Regolament daħal fis-seħħ fit-30 ta' Diċembru 2013, iżda huwa meħtieġ li japplika bis-sħiħ biss sal-31 ta' Diċembru 2018. Ir-Regolament idaħħal għadd ta' rekwiżiti tal-HKC fis-seħħ kmieni. Barra minn hekk, l-EU SRR jstabbilixxi lista Ewropea ta' faċilitajiet tar-riċiklaġġ approvati fejn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE se jkollhom jiġu skreppjati. Dawn il-faċilitajiet iridu jkunu ċertifikati u awditjati b'mod indipendenti. L-EU SRR imur lil hinn mill-HKC billi jstabbilixxi standards iktar stretti għall-faċilitajiet tar-riċiklaġġ u tal-ġestjoni tal-iskart 'l isfel kif ukoll drittijiet tax-xogħol.

4.7. Madanakollu, l-EU SSR huwa biss riflessjoni fqira tal-Green Paper u l-Komunikazzjoni dwar l-istess suġġett li ġew ippubblikati qabel. F'dawn iż-żewġ dokumenti saret analiżi rigoruża tal-problemi relatati mar-riċiklaġġ tal-bastimenti fl-Asja t'Isfel li wasslet għall-konvinzjoni li kien hemm bżonn li jittieħdu miżuri sodi biex jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet inaċċettabbli f'dawn il-pajjiżi. Il-miżuri tal-EU SRR, madankollu, ma jsolvux dawn il-problemi. Filwaqt li l-EU SRR jstabbilixxi standards għoljin għall-faċilitajiet għar-riċiklaġġ tal-bastimenti li effettivament jeskludu l-inkaljar bħala metodu inferjuri, huwa faċli ħafna għas-sidien tal-bastimenti biex jaħarbu dawn l-istandards billi jittrasferixxu s-sjeda jew sempliċement permezz ta' bdil tal-istat tal-bandiera għal bandiera mhux tal-UE. Kif ikkonkluda l-KESE, ir-rieda politika biex l-industrija tat-tbaħħir tinżamm responsabbli kienet manifestament nieqsa u nħass li l-Kummissjoni kien imissha pproduċiet proposta aħjar, iktar kreattiva u awdaċi, b'iktar inizjattivi u f'konformità mal-livell ta' ambizzjoni tad-dokumenti preċedenti tal-Kummissjoni ⁽⁸⁾.

5. Approċċ aktar effettiv

5.1. Ir-Regolament f'huwa nieqes minn strument ekonomiku li permezz tiegħu l-Kummissjoni tista' tidderieġi l-iżviluppi lejn it-triq mixtieqa. Id-dgħufija fundamentali li s-sidien tal-bastimenti jistgħu faċilment jevitaw l-EU SSR billi sempliċement itajru l-bandiera ta' pajjiż mhux fl-UE ġiet rikonoxxuta mill-Kummissjoni fil-proposta inizjali tagħha tal-2012 li kienet tinkludi klawżola ta' "responsabbiltà tas-sid ta' qabel tal-aħħar". Filwaqt li din il-klawżola nċaħdet waqt in-negozjati tripartitiċi, il-PE żgura li ġie inkluż Artikolu fir-Regolament li talab lill-Kummissjoni tanalizza mekkaniżmi finanzjarji alternattivi possibbli.

⁽⁵⁾ Green paper COM(2007) 269.

⁽⁶⁾ COM(2008) 767.

⁽⁷⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1).

⁽⁸⁾ ĠU C 299, 4.10.2012, p. 158.

5.2. FLulju ta' din is-sena, il-Kummissjoni ppubblikat studju ġdid li sar minn Ecorys, DNV-GL u l-Università Erasmus ta' Rotterdam, dwar "liċenzja għar-riċiklaġġ tal-bastimenti" (SRL) li għandha l-għan li tinċentiva lis-sidien tal-bastimenti biex fl-aħħar mill-aħħar jerfġu r-responsabilità tagħhom fir-rigward taż-żarmar nadif/ekoloġiku u sikur tal-bastimenti.

5.3. Is-SRL toħloq fond iddedikat speċifiku għal kull bastiment, miżmum fil-kustodja ta' istituzzjonijiet finanzjarji kbar li jibni kapital biex jiffinanzja riċiklaġġ sikur u sostenibbli. L-ammont tal-liċenzja jiġi determinat skont it-tunnellaġġ, it-tip ta' trasport, il-frekwenza li biha l-bastiment jidħol fil-portijiet tal-UE, it-tfassil abbażi tal-prinċipju minn nieqa sa nieqa u l-preżenza ta' materjali tossiċi abbord. Il-kapital jinħoloq mis-sidien tal-bastimenti li jħallsu t-tariffa xierqa fil-fond li huwa marbut ma' dak il-bastiment speċifiku kull darba li wieħed tal-bastimenti tagħhom jidħol f'port tal-UE.

5.4. Fi tmiem l-użu dan il-fond jista' jiġi mitlub lura jekk il-bastiment kien irriċiklat f'tarzna approvata mill-UE u għalhekk jintuża biex ipatti għat-telf ta' dħul li jirriżulta miż-żarmar responsabbli. Sa tmiem din is-sena, il-Kummissjoni se tressaq pożizzjoni formali dwar dan l-istudju.

5.5. Vantaġġ tal-mekkaniżmu finanzjarju propost huwa s-sinerġija li jġib mal-qafas regolatorju eżistenti. B'mod partikolari, mekkaniżmi ta' kontroll taħt il-mekkaniżmu finanzjarju propost se jaħdmu tajjeb ħafna mal-mekkaniżmi ta' kontroll eżistenti skont l-EU SRR bħall-ispezzjonijiet fil-post tal-faċilitajiet li għandhom isiru qabel u wara l-inklużjoni tagħhom fil-lista Ewropea. Il-liċenzji jistgħu jiġu inklużi wkoll fil-lista taċ-ċertifikati li għandhom jiġu ċċekkjati regolarmet permezz tal-kontrolli mill-Istat tal-portijiet bħala parti minn obbligi eżistenti diġà. Bl-istess mod, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) li hija diġà eżistenti jidher li hija fl-aħjar pożizzjoni biex twettaq il-kompiti ta' spezzjoni u l-ħruġ ta' liċenzji, waqt li waħda mill-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej, bħall-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) jew il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) jidher li huwa fl-aħjar pożizzjoni biex jamministra d-dħul min SRL potenzjali. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tevalwa wkoll kwalunkwe riskju għall-imsieħba kummerċjali tal-UE li jaraw il-proposta bħala interferenza antikompetittiva fil-kuntest tal-imġiba tat-tbajhir internazzjonali.

5.6. Dan il-fond għandu jikkontribwixxi sa ċertu punt għall-proposta tal-KESE li tappoġġja industrija tar-riċiklaġġ tal-bastimenti aktar estensiva u vijabbli fl-Ewropa. Fl-UE hemm biżżejjet tarzni li m'għadhomx jintużaw għall-bini u t-tiswija tal-bastimenti, iżda li huma kompletament adatti għad-dekommissjonar u r-riċiklaġġ tal-bastimenti. Dan jaqbel mal-għan tal-Unjoni Ewropea li tiżviluppa f'soċjetà ta' riċiklaġġ sostenibbli b'ekonomija ċirkolari, f'ambjent fejn l-iskart jiġi trasformat f'materja prima bis-saħħa ta' sistema ta' riċiklaġġ sofistikata u żviluppatabir-reqqa. Fid-dawl tal-prezzijiet alternattivament volatili u li dejjem qed jiżdiedu tal-materja prima u r-rata għolja tal-qgħad f'għadd ta' Stati Membri Ewropej u l-fatt li għadd ta' rigs taż-żejt fl-ibħra tal-UE qed jilhqqu tmiem l-użu ekonomikament vijabbli tagħhom, dan jista' jfisser qligħ kbir għall-Ewropa kollha kemm hi. Barra minn hekk, industrija li tispeċjalizza fir-riċiklaġġ tal-bastimenti fi tmiem l-użu tagħhom tfisser opportunità għall-iżvilupp taż-żoni marittimi u t-taħriġ taż-żagħżagħ u l-persuni qiegħda f'ħiliet emerġenti.

5.7. Fit-12 ta' April 2016, il-Kummissjoni ppubblikat gwida teknika għall-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li qed jitlobu approvazzjoni taħt l-EU SRR. Il-faċilitajiet li jixtiequ jiġu elenkati bħala approvati mill-UE jeħtieġ li jiżguraw kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri, il-kontroll tat-tniġġis – inkluża ġestjoni tal-iskart "l isfel adatta – u l-infurzar tad-drittijiet internazzjonali tax-xogħol. Il-faċilitajiet fi ħdan u barra l-UE jistgħu japplikaw biex ikunu fuq il-lista. Minbarra l-faċilitajiet tal-UE, it-tarzni ta' kwalità aħjar fiċ-Ċina u fit-Turkija x'aktarx li jkunu fuq il-lista, li se tiġi ppubblikata sa tmiem din is-sena. Faċilitajiet ta' riċiklaġġ li jużaw il-metodu tal-inkaljar diġà applikaw biex ikunu fuq il-lista tal-UE. Il-KESE jaqbel mal-Parlament u mal-Kummissjoni li dan il-metodu tal-inkaljar ma għandux jiġi aċċettat fuq il-lista tal-UE.

5.8. Jekk l-Ewropa tixtieq li l-bastimenti tagħha jiġu skreppjati b'mod responsabbli, huwa raġonevoli li għandha tiżgura li l-ispiża biex dan isir tkun integrata fl-ispiża operattiva tal-bastiment. Fl-ekonomija tas-suq m'hemm xejn b'xejn, kolloxx għandu prezz li jrid jitħallas. Għall-iskreppjar responsabbli tal-bastimenti, il-prezz jitħallas bil-flus. Meta l-bastimenti jiġu skreppjati b'mod irresponsabbli, parti mill-prezz jitħallas mod ieħor, bħat-tniġġis tal-ambjent lokali u t-telf ta' ħajjiet umani. Peress li l-UE ma tixtieqx taċċetta dawn il-valuri bħala ħlas legali, m'għandhiex taċċetta l-użu tagħhom bħala munita leġittima fil-ħlas ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw barra l-Ewropa.

5.9. F'perjodu ta' kapaċità żejda u livell baxx ta' profitt fl-industrija, hemm indikazzjonijiet qawwija li l-biċċa l-kbira tas-sidien tal-bastimenti jirreżistu kull miżura li tinvolvi spejjeż oġhla. Iżda l-impatt fuq is-sidien tal-bastimenti se jkun żgħir. Biex isir tibdil fl-imġiba ta' 42 % tas-sidien tal-bastimenti, huwa stmat li l-miżuri meħtieġa biex jitlaħaq dan l-għan se jżidu 0,5 % mal-ispejjeż tal-operat ta' bastimenti iżgħar u madwar 2 % għall-ikbar kategoriji ta' bastimenti. Fil-każ li jiżdiedu t-tariffi tal-liċenzji u/jew jekk il-perjodu ta' akkumulazzjoni tal-kapital jitqassar, il-perċentwal ta' bastimenti mibjugħa għar-riċiklaġġ sostenibbli tal-bastimenti se jiżdied sa 68 %. Fuq medda twila ta' żmien, ir-rapport jistma li sa 97 % tal-bastimenti li joperaw fil-portijiet Ewropej se jkunu jistgħu jakkumulaw fondi biżżejjed biex ikopru d-distakk tar-reċiklaġġ tajjeb ⁽⁹⁾.

5.10. Il-fond ta' dħul tas-SRL madankollu għandu juri li jissodisfa l-ispejjeż għar-riċiklaġġ responsabbli u li se jkun applikat u impost b'mod ġust fuq l-operaturi kollha li jidħlu f'portijiet tal-UE. Madankollu, miżura reġjonali (għal kontinent sħiħ) bħas-SRL tal-UE, ma tistax tiġi implimentata b'mod effettiv madwar id-dinja kollha mingħajr il-kollaborazzjoni tas-sidien tal-vapuri u tal-IMO. Strument finanzjarju tal-UE li huwa applikabbli għal kull bastiment li jidħol f'port tal-UE jista' fil-fatt iwassal għal soluzzjoni fil-livell globali, li tista' tkun estiża permezz tal-IMO. Il-gvernijiet tal-Istati Membri b'sidien ta' flotot residenti sinifikanti jridu jagħmlu sforzi konsiderevoli biex imexxu l-quddiem leġislazzjoni rilevanti f'konformità mal-politiki dwar il-frodi u b'konsistenza mal-linji gwida tad-WTO.

5.11. Tista' wkoll tiġi ġġenerata determinazzjoni politika li tiġi appoġġjata minn opinjoni pubblika infurmata. L-esponiment fil-pubbliku dwar il-kundizzjonijiet ta' għajb kbir f'ħafna mill-faċilitajiet ta' riċiklaġġ fl-Asja t'Isfel qed ikollu xi effett iżda attwalment m'hemm l-ebda mod li l-membri tal-pubbliku mħassba jistgħu jinfluwenzaw direttament lill-industrija tat-tbajh billi jixtru jew jibbojkottjaw is-servizzi tal-bastimenti rilevanti. Jeħtieġ li dan jinbidel billi l-utenti korporattivi kbar tas-servizzi tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar jkunu inkoraġġuti jitolbu li l-prodotti jinġarru fuq bastimenti b'politiki responsabbli u irrevokabbli ta' tmiem l-użu.

5.12. Bħal f'ħafna oqsma oħra, l-UE, permezz tal-promozzjoni ta' prattiki tajba u soluzzjonijiet prattiċi, għandha rwol x'taqdi u tista' toffri qafas regolatorju li jipprovdi appoġġ u kapaċi jagħti riżultati pożittivi madwar id-dinja u li huwa effettiv fl-indirizzar tal-firxa speċifika ta' kwistjonijiet ekstraterritorjali prevalenti fl-industrija tat-tbajh.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

⁽⁹⁾ Tabella 4.2, p. 83.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Kooperattivi tal-prosumaturi fil-qasam tal-enerġija u l-elettriku: opportunitajiet u sfidi fil-pajjiżi tal-UE”

[Opinjoni fuq inizzjattiva proprja]

(2017/C 034/07)

Relatur: **is-Sur Janusz PIETKIEWICZ**

Deċiżjoni tal-Assemblea	21/01/2016
Bażi legali	Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizzjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal- Informazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	06/10/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	225/4/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jemmen li l-iżvilupp globali tal-ġenerazzjoni tal-enerġija deċentralizzata mill-prosumatur għandha tiffirma parti importanti u permanenti tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea. Tali soluzzjoni hija xierqa u jista' jkollha impatt fuq is-sigurtà tal-enerġija u, f'termini ambjentali u soċjali, tista' tkun saħansitra neċessarja.

1.2. Is-sehem tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumatur fil-produzzjoni ġenerali tal-enerġija għandu jikkorrispondi għall-karatteristiċi speċifiċi ta' kull Stat Membru. Għalhekk, il-KESE jipproponi li l-Kummissjoni Ewropea tħejji qafas ġenerali dwar il-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumatur, waqt li r-regolamenti f'dan il-qasam għandhom jibqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri individwali.

1.3. Għall-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumatur, li hija indipendenti mill-kundizzjonijiet klimatiċi ta' reġjun, hija possibbli firxa wiesgħa ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

1.4. Il-preżenza ta' prosumaturi fis-suq saret possibbli permezz ta' teknoloġiji ġodda, ir-rivoluzzjoni diġitali u l-istennijiet tal-konsumaturi li jixtiequ jipparteċipaw direttament fi proċessi ekonomiċi.

1.5. Sabiex ikun hemm fehim aħjar tat-terminu “prosumaturi” fl-Istati Membri, il-KESE jirrakkomanda lill-Kummissjoni li tiddefinixxi qafas għad-definizzjoni ta' prosumaturi, li jinkludi aspetti ġenerali komuni bħad-daqs tal-impjant, il-ġenerazzjoni individwali jew kollettiva, il-proprjetà tal-investment, u l-kwistjoni tal-produzzjoni ta' enerġija żejda.

1.6. Prosumatur jista' jkun kwalunkwe persuna, irrISPettivament mis-sjeda ta' proprjetà, impjant jew tagħmir. Pereżempju, kemm is-sid ta' dar li fiha toqgħod familja waħda kif ukoll il-kerrej ta' appartament fi blokk ta' appartamenti jista' jkun prosumatur.

1.7. Il-benefiċċji ekonomiċi li jirriżultaw mill-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumatur – speċjalment spejjeż aktar baxxi ta' trasmissjoni tal-enerġija, użu aħjar tas-sorsi tal-enerġija lokali u l-attivazzjoni professjonali tal-komunitajiet lokali – għandhom, fit-terminu medju, iwasslu għal tip ta' ġenerazzjoni tal-enerġija mingħajr mekkaniżmi addizzjonali ta' appoġġ.

1.8. L-iffrankar u l-benefiċċji soċjali ta' konsum aktar infurmat u attiv, l-użu deċentralizzat ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, it-tnaqqis fit-telf tan-network u l-effiċjenza li jirriżultaw mill-kooperazzjoni jistgħu jippermettu dħul pożittiv malajr fuq l-investiment fil-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumaturi, l-iżvilupp tan-networks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni u dawk lokali, u s-sistemi ta' ġestjoni tagħhom, kif ukoll l-iżvilupp tal-ħażna tal-enerġija.

1.9. Is-sistemi ta' appoġġ għall-prosumaturi m'għandhomx iwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq tal-enerġija jew jeskludu atturi oħra. Dawn is-sistemi għandhom jikkunsidraw il-fatt li f'dan is-suq hemm konsumaturi tal-enerġija li la jixtiequ jew lanqas jistgħu jkunu prosumaturi.

1.10. Soluzzjonijiet finanzjarji li jista' jkollhom impatt fuq l-imġiba tal-prosumaturi – bħat-taxxi, l-imposti u ħlasijiet oħra –, għandhom ikunu favur il-prosumatur. Bl-ebda mod ma għandhom iwasslu għad-diskriminazzjoni tal-prosumaturi fis-suq tal-enerġija.

1.11. Il-bażi għal żvilupp dinamiku tal-enerġija ċivika hija li tiġi żviluppata sħubija tajba bejn il-prosumaturi, produttori oħra tal-enerġija u impriżi li jipprovdu għat-trasmissjoni u d-distribuzzjoni. Huwa essenzjali li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet li jiżguraw li l-iżvilupp tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumaturi jgħib miegħu benefiċċji għall-operaturi kollha fis-suq tal-enerġija. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni twettaq s'tħarriġ dwar dan sabiex jiġu żviluppatti soluzzjonijiet f'dan il-qasam.

1.12. Huma meħtieġa soluzzjonijiet li jipproteġu lill-prosumaturi minn prattiki monopolistiċi ta' kumpaniji tat-trasmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku kif ukoll minn manifatturi kbar tal-enerġija.

1.13. B'mod ġenerali, il-prosumaturi jipproduċu l-enerġija għall-użu tagħhom stess (għalihom jew għal grupp ta' ċittadini, djar, bdiewa, negozji żgħar). Mhuwiex possibbli l-aġġustament tal-kapaċità tal-impjant għall-ħtiġijiet enerġetiċi tagħhom. Għalhekk huwa importanti li tinstab soluzzjoni għall-problema tal-eċċessi ta' enerġija. Din il-kwistjoni hija ferm aktar importanti jekk irridu nġiegħlu lill-prosumatur jiffrankaw l-enerġija – li huwa dak li għandna nagħmlu.

1.14. L-ottimizzazzjoni tal-konsum tal-enerġija mill-prosumaturi għandha tiġi appoġġjata minn sistemi ta' stil ta' ħajja intelliġenti (smart living). Il-KESE jirrakkomanda li dan għandu jiġi inkluż fis-soluzzjonijiet sistematiċi li attwalment qed jiffasslu mill-Kummissjoni Ewropea.

1.15. Minħabba l-kwantità żgħira ta' enerġija ġġenerata mill-prosumaturi individwali, il-prosumaturi ma għandhomx ikunu ristretti fl-aċċess tagħhom għan-network.

1.16. In-networks ta' distribuzzjoni u trażmissjoni, u l-mod kif joperaw, għandhom jiġu adattati biex iqisu t-tkabbir fl-enerġija tal-prosumaturi. Il-prosumaturi għandhom jikkontribwixxu għall-ispejjeż marbutin ma' dan, iżda għandhom jiġu stabbiliti regoli trasparenti rigward il-kontribuzzjoni finanzjarja.

1.17. Prekondizzjoni essenzjali għall-iżvilupp tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumatur hija l-iżvilupp parallel ta' grilji intelliġenti lokali. L-introduzzjoni ġenerali ta' miters intelliġenti hija, fil-fehma tal-KESE, parti mill-infrastruttura tan-network u għalhekk l-ispejjeż m'għandhomx ikunu piż dirett fuq il-konsumatur. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa tal-protezzjoni tad-data miġbura.

1.18. Il-benefiċċji tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumaturi ser jiżdedu sew bħala riżultat tal-iżvilupp ta' ħażniet żgħar ta' enerġija. Il-Kumitat jipproponi li titkompla r-riċerka xjentifika dwar l-aħjar teknoloġiji eżistenti għall-ħżin tal-enerġija u li għandu jkun hemm riċerka biex jinstabu teknoloġiji oħrajn ġodda.

1.19. Waħda mill-possibbiltajiet għal żvilupp akbar tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumaturi hija l-ħolqien ta' kooperattiva jew forum oħra ta' assoċjazzjoni tal-prosumaturi. Il-prosumaturi huma aktar effettivi fi grupp. B'mod partikolari, dawn jikkontribwixxu għal tnaqqis fl-ispejjeż tal-ġenerazzjoni, isaħħu l-pożizzjoni tagħhom fuq is-suq tal-enerġija globali u huma direttament involuti fit-titjib tas-sigurtà tal-enerġija lokali.

1.20. Grupp ta' prosumaturi jkun jista' jadatta aħjar l-enerġija li jiġġenera hu stess għall-bżonnijiet tal-enerġija tiegħu. Dan jippermetti aktar iffrankar fit-trażmissjoni u tnaqqis fl-ispejjeż tal-enerġija għall-membri tal-grupp. Bħala riżultat ta' varjazzjonijiet żgħir fil-provvista u d-domanda, il-grupp tal-prosumaturi huwa aktar effettiv biex jinfluwenza d-distribuzzjoni u t-trażmissjoni tan-netwerk minn prosumaturi individwali.

1.21. Il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni Ewropea tenfasizza l-importanza tal-iżvilupp tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumatur fl-azzjonijiet tagħha relatati mal-kostruzzjoni ta' bini b'konsum ta' enerġija kważi żero.

1.22. Il-Kumitat jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tikkunsidra l-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumatur fl-inizjattivi li għaddejnin sabiex twitti t-triq għar-reviżjoni tal-pakkett leġislattiv dwar l-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

1.23. Il-KESE huwa tal-fehma li l-benefiċċji tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumatur għandhom jiġu applikati f'politika attiva biex jitnaqqas il-faqar enerġetiku u għall-protezzjoni tal-gruppi l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà, kif ukoll għar-riżoluzzjoni tal-problemi relatati mal-ekonomija tal-anzjani u t-tixjir tal-popolazzjoni. F'dan il-kuntest, l-involvement tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa ta' importanza kruċjali.

1.24. L-iżvilupp sħiħ tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumatur joffri wkoll opportunitajiet biex tiġi stimolata l-intraprenditorija lokali, jinħolqu impjiegi ġodda fil-manifattura u fil-provvista ta' tagħmir u servizzi meħtieġa.

1.25. L-impenn tal-awtoritajiet lokali u reġjonali se jkollu impatt kbir fuq l-iżvilupp ulterjuri tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumaturi. Il-KESE jipproponi li l-Kummissjoni tikkunsidra dan l-aspett fil-qafas tal-Patt tas-Sindki.

1.26. Peress li l-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumaturi tinsab fi stadji differenti fl-Istati Membri, tajjeb li jiġu organizzati diversi skambji ta' esperjenzi. Il-KESE jirrakkomanda lill-Kummissjoni li timmonitorja l-iżvilupp tal-prosumeriżmu fl-Istati Membri bħala parti mir-rappurtar annwali dwar l-Unjoni tal-Enerġija. Id-data miġbura ser tkun ta' valur kbir għall-attivajiet imwettqa mill-Istati Membri.

1.27. L-introduzzjoni mifruxa tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumaturi huwa proċess kumpless, multidimensjonali u fit-tul. Għalhekk, sabiex jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumaturi, soluzzjonijiet fit-tul stabbli huma ta' importanza kbira.

2. Kuntest

2.1. L-aċċess għal sorsi tal-enerġija, is-sigurtà tal-provvista u l-politiki tal-ipprezzar li jqisu l-interessi tal-gruppi soċjali u l-konsumaturi vulnerabbli f'sitwazzjonijiet diffiċli huwa sfida ewlenija għas-soċjetajiet, l-amministrazzjonijiet politiki kollha u l-konsumaturi individwali.

2.2. Sa ftit ilu ma konniex f'pożizzjoni li effettivament niksbu l-enerġija b'mod ieħor ħlief permezz tal-kombustjoni, bl-eċċezzjoni possibbli tal-enerġija idroelettrika. L-iżviluppi teknoloġiċi ppermettew li l-enerġija tiġi prodotta b'mod mifruk mingħajr ma hemm il-bżonn tal-ħruq. Tgħallimna niproduċu l-enerġija fil-forma l-iżjed nadifa, mid-dawl tax-xemx, mingħajr ma jitniġġes l-ambjent. Barra minn hekk, dan is-sors ta' enerġija huwa sew bla ħlas kif ukoll ineżawribbli u l-uniċi spejjeż involuti huma dawk tal-impjanti.

2.3. Il-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-qawwa tar-riħ, jiġifieri mill-istess sors, ix-xemx, li, fil-proċess li ssaħħan id-dinja, tikkawża movimenti ta' mases ta' arja, huwa daqstant effettiv. L-istess japplika għall-bijomassa, peress li l-fotosinteżi hija s-sors ewleni għat-tiġdid tagħha.

2.4. L-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli huwa inevitabbli. Dan minħabba disponibbiltà mnaqqsa ta' karburanti fossili li qegħdin gradwalment jispiċċaw, kif ukoll id-dipendenza ta' bosta pajjiżi fuq l-importazzjonijiet u t-tisħin globali u t-tniġġis tal-arja. Dawn il-problemi wasslu biex l-Ewropa, u magħha l-maġġoranza tal-akbar ekonomiji, bdew jinvestu fl-enerġija rinnovabbli.

2.5. Fl-1992 fis-Summit dwar id-Dinja f'Rio de Janeiro, ġew adottati il-prinċipji fundamentali soċjoekonomiċi li jirrikjedu l-protezzjoni tal-ambjent, bħalma hija l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.

2.6. F'Settembru 2015, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). Wieħed minnhom (SDG 7) huwa li jiġi żgurat l-aċċess għal enerġija sostenibbli għal kulħadd. Illum, 1,2 biljun persuna fid-dinja m'għandhom l-ebda aċċess għall-elettriku.

2.7. Aktar minn 120 miljun ċittadin tal-UE jinsabu friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali. 10 % tal-Ewropej jgħixu fi djar fejn ħadd m'għandu xogħol; l-għadd ta' persuni mingħajr dar qed jikber. Dawn iċ-ċifri jfissru wkoll il-faqar enerġetiku.

2.8. Is-soċjetajiet ċivili qed juru appoġġ kbir għall-enerġiji rinnovabbli. Dan kien ikkonfermat fl-2015 mill-Enċiklika dwar l-Ambjent tal-Papa Franġisku u d-dikjarazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima minn mexxejja reliġjużi Musulmani, Hindu u Buddisti. Huma appellaw lill-komunitajiet reliġjużi biex jimpenjaw ruħhom għal futur b'livell ta' emissjonijiet ta' karbonju baxx jew zero.

2.9. Il-bżonn li nimxu lil hinn mill-karburanti fossili ġie msaħħa fil-Konferenza tal-COP21 tal-2015 f'Pariġi, li fiha ħadu sehem 200 pajjiż. Il-mira ewlenija kienet iż-żamma taż-żieda fit-temperatura medja globali għal inqas sew minn 2 °C ogħla mil-livelli pre-industrijali u li jsiru sforzi biex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura għal 1,5 °C.

3. Ir-rivoluzzjoni diġitali. Impuls għall-iżvilupp tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-prosumaturi

3.1. F'dan l-aħħar nofs seklu l-popolazzjoni dinjija ttriplikat. Il-fraġilità tas-sistema finanzjarja globali ħolqot it-theddida ta' staġnar fit-tul fl-ekonomija dinjija. Il-livell għoli tal-qgħad u l-prezzijiet tal-enerġija li dejjem qed jiżdiedu kkawżaw instabilità f'ħafna pajjiżi: żdiedu l-ispejjeż tan-negozju u kiber il-piż fuq il-konsumaturi.

3.2. Id-dinja qed tiffaċċja l-ħtieġa għal bidla fil-paradigma ekonomika u t-trasformazzjoni tal-mudelli tan-negozju, anke fil-qasam soċjali. Strumenti għas-sistema l-għdida tfaċċaw bħala riżultat tar-rivoluzzjoni diġitali u l-Internet tal-Oġġetti.

3.3. Sal-2020 ser ikun hawn aktar minn 50 biljun apparat konness man-netwerk fis-suq, jiġifieri seba' darbiet aktar mill-popolazzjoni dinjija. L-ismartphone, minflok il-kompjuter, diġà saret it-tieqa l-iżjed importanti għall-komunikazzjoni mad-dinja. Fl-2020 se jkun hemm madwar 6,1 biljun minnhom fis-suq.

3.4. L-Internet tal-Oġġetti ppermetta li miljuni ta' persuni jipparteċipaw f'netwerks soċjali. Ħareġ fid-dieher il-mudell tal-"ekonomija kollaborattiva", li huwa adattat aħjar għall-organizzazzjoni ta' soċjetà ffukata fuq il-koeżjoni soċjali. L-ekonomija qed tibda timxi minn istituzzjonijiet ċentralizzati ġestiti b'mod minn fuq għal isfel lejn li l-idea ta' kondivizzjoni, u ħafna gruppi soċjali esklużi qed jingħataw l-opportunità li jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja ekonomika.

3.5. Pjattaformi onlajn jistgħu jagħmlu produtturi mill-konsumaturi, bil-ħolqien u t-tixrid ta' tagħrif u ta' prodotti magħmula minn stampaturi 3D. Dawn jagħmluha possibbli li jiġu kondiviżi karozzi, djar, ħwejjeġ u oġġetti oħra. Il-produtturi/konsumaturi jistgħu jwettqu taħriġ fuq l-Internet, jiksbu parir mediku jew isibu persuna tas-sengħa għar-rinnovazzjoni tad-dar. Intraprendituri soċjali, minflok jirrikorri għal stabbiliment bankarju jużaw il-finanzjament kollettiv (crowd-funding), biex jiffinanzjaw l-attivitajiet ekonomiċi taġghom fl-ekonomija kollaborattiva li għadha qed tibda.

3.6. F'dinja ta' opportunitajiet diġitali l-kapital soċjali huwa importanti daqs il-kapital finanzjarju. L-aċċess huwa aktar importanti mis-sjieda. Il-"valur tal-kambju" fuq is-swieq kapitalisti qed jinbidel dejjem iżjed fil-"valur tal-kondivizzjoni" fil-komunità kooperattiva.

3.7. L-iżvilupp tat-teknoloġija diġitali u ta' mudelli kummerċjali ġodda fis-settur tal-enerġija, inkluż il-mudell tal-enerġija distribwita, jagħmilha possibbli li żoni rurali, subborgi tal-bliet, żoni residenzjali li jikkonsistu minn djar għal familja waħda, komunitajiet f'bini wieħed u assoċjazzjonijiet ta' akkomodazzjoni jitqiesu bħala impjanti kbar tal-enerġija b'potenzjal enormi. L-istess japplika għall-cloud ta' sorsi distribwiti li jagħtu lok għad-duttrina l-għdida tas-sigurtà tal-enerġija, li nbriet minn isfel għal fuq – mid-djar, l-irziezet, in-negozji żgħar u l-mikrokooperattivi.

3.8. Fis-settur tal-enerġija, l-Internet jippermetti – fil-qafas ta' ekonomija kollaborattiva – li miljuni ta' persuni jipparteċipaw f'netwerks soċjali, li jipproduċu l-elettriku f'darhom, fil-bini tal-uffiċċji, fuq il-bjut tal-imħażen, u wara jikkondividuh permezz tal-Internet tal-Enerġija, hekk kif illum noħolqu u naqsmu informazzjoni fin-netwerk. L-elementi ta' din is-sistema li għad iridu jiġu żviluppati b'mod sinifikanti jinkludu l-ħżin tal-enerġija, l-"internetizzazzjoni" tan-netwerks tal-enerġija u l-karozzi li jaħdmu bl-elettriku.

4. Lejn Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli u Deċentralizzata

4.1. Il-produzzjoni tal-enerġija nadifa biex tissupplimenta s-suq u s-sostituzzjoni tal-karburanti fossili għamlu neċessarju li s-sistemi tal-enerġija jiġu trasformati u jiġu introdotti regoli dwar il-parteeċipazzjoni ta' atturi ġodda fis-suq.

4.2. Skont l-Artikolu 2(3) tat-Trattat ta' Lisbona, l-iżvilupp sostenibbli fl-Ewropa jseħħ f'ekonomija soċjali tas-suq. L-imsieħba tas-soċjetà ċivili għandhom rwol importanti f'dan, u l-aċċettazzjoni pubblika tat-trasformazzjoni tas-sistemi tal-enerġija tagħna, speċjalment fil-livell lokali, hija kruċjali.

4.3. L-Unjoni Ewropea fasslet miri dwar l-Unjoni tal-Enerġija u t-trasformazzjoni tal-UE f'ekonomija effiċjenti fl-enerġija u baxxa fl-emissjonijiet tal-karbonju sal-2030. Tnejn mill-miri ewlenin huma li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra b'40 % u li jiżded is-sehem ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli għal 27 % mingħajr ma jiġu stabbiliti indikaturi speċifiċi għall-pajjiż. Ekonomija b'konsum baxx ta' enerġija se tiżgura s-sigurtà tal-enerġija u t-tkabbir ekonomiku b'livelli baxxi ta' emissjonijiet ta' CO₂ u, fuq medda itwal ta' żmien, żieda fil-produzzjoni u l-konsum ta' enerġija prodotta lokalment. Skont l-aħħar data disponibbli, fl-2014 l-enerġija rinnovabbli ippermettiet li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ b'380 miljun tunnellata.

4.4. Waħda mill-miri individwali sal-2030 stabbiliti mill-UE hija li titnaqqas in-nefqa fuq l-enerġija mill-konsumaturi privati u n-negozji. Huma ser ikunu jistgħu jidħlu b'mod attiv fis-suq tal-enerġija minħabba l-possibbiltajiet li nħolqu mit-teknoloġiji ġodda.

4.5. Il-bilanċ tal-enerġija tal-UE huwa dipendenti fuq il-kummerċ. Aktar minn nofs il-konsum gross domestiku intern annwali tal-enerġija tal-UE, li jammonta għal EUR 400 biljun, ġej mill-importazzjonijiet. Xi studji juru li sal-2030 id-dipendenza tal-UE fuq il-provvisti esterni tal-enerġija tista' tilħaq is-70 %. Ġie stmat li l-enerġiji rinnovabbli tippermetti li jitnaqqas l-użu tal-karburanti fossili fid-dinja kollha b'114-il miljun tunnellata fl-2014.

4.6. Huwa kruċjali li l-UE ittejjeb il-bilanċ enerġetiku. Soluzzjoni waħda hija li l-enerġija tiġi prodotta minn ħafna sorsi lokali direttament minn konsumaturi individwali. Mingħajr appoġġ popolari wiesa' għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet lokali, ħafna pajjiżi jista' jkollhom diffikultajiet sabiex jiżguraw li s-sistemi tagħhom ikunu sikuri.

4.7. L-iżviluppi teknoloġiċi fil-produzzjoni tal-enerġija f'impjanti domestiċi, is-soluzzjonijiet għall-ħżin tal-enerġija dejjem aktar effiċjenti, it-trażmissjoni tal-enerġija permezz tan-netwerks intelliġenti, l-użu ta' miters intelliġenti u l-ġestjoni tad-domanda għall-enerġija lokali ifisser li l-impjanti tal-konsumatur jista' jkollhom effett sinifikanti fuq il-baskett tal-enerġija ta' kull pajjiż.

4.8. Is-settur tal-enerġija rinnovabbli huwa fattur essenzjali għall-innovazzjoni teknoloġika. Huwa essenzjali għat-trasformazzjoni fundamentali tas-sistema tal-enerġija fl-Ewropa fil-kuntest tal-istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali.

4.9. It-trasformazzjoni ta' konsumaturi passivi fi "prosumaturi" attivi f'diversi setturi u l-possibiltà tal-integrazzjoni tal-mikrointraprendituri u l-istrateġija tas-suq uniku fl-era diġitali tal-Internet tal-Oġġetti huma deskritti fl-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali ta' Mejju 2016 tal-Kummissjoni Ewropea (COM(2015) 192 final), li hija mibnija fuq tliet pilastri: 1) aċċess aħjar għal prodotti u servizzi onlajn, 2) il-kundizzjonijiet tajbin biex netwerks u servizzi diġitali jirnexxu, u 3) il-potenzjal ta' tkabbir tal-Ekonomija Diġitali Ewropea. Dan jista' jikkontribwixxi EUR 415-il biljun lill-ekonomija tal-UE u joħloq mijiet ta' eluf ta' impjegji ġodda, inkluż fis-settur tal-enerġija rinnovabbli.

4.10. Is-suq, li huwa ddominat minn produtturi u distributuri ewlenin tal-enerġija, għandu jinfetħ għall-partijiet interessati individwali u jsir aktar frammentat. Il-fluss tal-elettriku mhux ħa jibqa' "minn fuq għal isfel", regolat b'mod ċentralizzat mill-impjanti kbar tal-enerġija għall-konsumaturi. Se jkun imħejji minn ħafna sorsi ta' enerġija rinnovabbli deċentralizzati.

4.11. Il-grad ta' frammentazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku jeħtieġ li jiġi adattat għall-ispeċifitàjiet tal-konsumaturi tal-enerġija. Differenzi f'dan il-qasam jistgħu jiġu assoċjati fuq kollox mat-tħaddim ta' industriji intensivi fl-enerġija fpajjiż partikolari.

4.12. Is-sigurtà tal-enerġija bħalissa qed tiddependi dejjem iżjed fuq ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija għal attacchi terroristiċi. Permezz tal-iżvilupp ta' ġenerazzjoni distribwita tiżdied ukoll is-sigurtà tal-enerġija, billi l-ġenerazzjoni deċentralizzata hija inqas vulnerabbli għal theddid terroristiku.

4.13. Sorsi tal-enerġija distribwita jagħmluha possibbli li tiġi studjata l-problema ta' kontinwità tal-provvista tal-enerġija lill-operaturi li l-attivitàjiet tagħhom huma dipendenti ħafna fuq kurrent elettriku (eż. rżieżet li jrabbu t-tiġieġ, impjanti tal-ipproċessar, imħażen tal-frizza). Hemm pajjiżi tal-UE fejn il-qtugħ tad-dawl huwa fuq medja ta' mhux aktar minn għoxrin minuta fis-sena, iżda hemm oħrajn fejn qtugħ fil-provvista jvarja minn 450 sa 500 minuta. Il-mikroimpjanti tal-prosumaturi jiżguraw il-kontinwità kummerċjali għal produtturi ta' dan it-tip.

4.14. L-opportunitajiet maħluqa permezz tal-iżvilupp ġenerali tal-enerġija distribwita tal-prosumatur jistgħu jiġu sfruttati fl-oqsma l-aktar importanti tal-UE mil-lat soċjali identifikati fl-istrateġija Ewropa 2020, b'konnessjoni mas-soluzzjoni ta' problemi demografiċi marbutin mat-tixjij tas-soċjetà u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.

4.14.1. Wieħed mill-oġġettivi tal-istrateġija huwa jonqos b'mill-anqas 20 miljun in-numru enormi ta' 122 miljun ruħ fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Se jiġi pprovdut appoġġ minn programmi ta' appoġġ operattivi, strumenti attivi tas-suq tax-xogħol u fondi mmirati, inkluż tal-anqas 20 % tal-baġit tal-Fond Soċjali Ewropew. Appoġġ loġistiku u finanzjarju lil dawn in-nies biex joħlqu mikrooperattivi enerġetiċi u/jew jipparteċipaw f'negozji lokali eżistenti tal-Internet tal-Oġġetti, jista' jwitti t-triq għall-integrazzjoni professjonali u soċjali u jgħin biex jiskansaw ir-riskju tal-faqar.

4.14.2. Sfidi simili jeżistu fir-rigward tal-ekonomija tal-anzjani. L-UE qed tiffaċċja sfida storika ta' tip li qatt qabel ma ffaċċjat l-ebda soċjetà, jiġifieri ż-żieda qawwija fit-tul ta' ħajja u d-diġitalizzazzjoni ġenerali simultanja tal-ħajja, li jesigū l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet ekonomiċi mhux konvenzjonali kif ukoll strateġiji soċjali ġodda.

4.14.3. Fl-2060 se jkun hemm żewġ ċittadini anzjani għal kull persuna żagħżuġha⁽¹⁾. Il-popolazzjoni anzjana u ħaddiema akbar fl-età m'għandhomx jitqiesu bħala theddida u bħala piż fuq is-soċjetà iżda bħala opportunità fl-era tar-rivoluzzjoni diġitali għall-ħolqien ta' ekonomija b'ħafna impjeġi, li tibni fuq l-esperjenza estensiva u l-ħin liberu taċ-ċittadini anzjani u l-kapital finanzjarju tagħhom – anke jekk ikun modest – għall-investment sikur f'intrapriżi tal-era diġitali. Possibbiltà waħda tkun il-parteċipazzjoni ta' persuni akbar fl-età bħala "e-seniors" f'attivitàjiet ta' ġenerazzjoni tal-enerġija, pereżempju permezz ta' impjanti tal-enerġija kooperattivi li jinsabu f'oqsma tad-djar jew blokko ta' appartamenti.

5. L-enerġija tal-prosumaturi

5.1. Il-karatteristika li tiddistingwi l-kapitaliżmu modern hija definizzjoni tal-kunċett ta' konsum fir-rigward tal-proċessi ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni, billi l-konsum m'għadux il-privileġġ ta' eliti għonja iżda minflok fenomenu tal-massa.

5.2. It-terminu "prosumatur" ġie introdott għall-ewwel darba fl-1980 mill-kittieb u futurist Alvin Toffler. Fil-ktieb tiegħu "The Third Wave" (It-Tielet Mewġa) huwa ddefinixxa l-prosum bħala n-nuqqas ta' ċarezza fid-distinzjoni bejn il-produzzjoni u l-konsum fis-suq. It-tielet mewġa kienet proċess li jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' individwi jew gruppi organizzati ta' prosumaturi fil-produzzjoni ta' prodotti maħsuba għall-użu personali, li biddel il-konfini bejn il-produtturi u l-konsumaturi.

⁽¹⁾ ĠU C 389, 21.10.2016, p. 28.

5.3. Il-kunċett ta' suq li fih il-konsumaturi, inklużi l-unitajiet domestiċi, kienu pperċepiti esklużivament bħala parteċipanti passivi fis-suq ma għelibx l-isfidi li għabu magħhom l-iżviluppi teknoloġiċi. Fl-1972, Marshall McLuhan u Barrington Nevitt bassru li hekk kif it-teknoloġija elettronika żviluppat, il-konsumatur ikun jista' jsir il-produttur.

5.4. Is-sinpla ta' ekonomija moderna hija l-provvista ta' enerġija sikura u ekonomikament aċċessibbli għall-konsumaturi, billi tiġi kkunsidrata l-hteġa li jiġu protetti gruppi soċjali vulnerabbli bħala parti mill-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku.

5.5. Il-prosumaturi huma persuni individwali, gruppi ta' individwi, entitajiet domestiċi jew irziezet li jistgħu joperaw b'mod organizzat, pereżempju permezz ta' assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet jew kooperattivi, li huma kemm produtturi kif ukoll konsumaturi ta' enerġija prodotta f'impjanti żgħar li jinsabu fil-biċċa tad-dar jew f'bini residenzjali jew kummerċjali (pereżempju turbini tar-riħ żgħar, pannelli fotovoltajiċi, kolletturi solari u pompi tas-sħana). Il-prosumaturi jistgħu jkunu wkoll negozji żgħar, inklużi intrapriżi soċjali u awtoritajiet lokali.

5.6. Il-kunċett tal-prosumerizmu jinkludi, flimkien mal-ġenerazzjoni tal-elettriku, it-tiħin u t-tkessiħ.

5.7. Fil-prinċipju, il-prosumaturi jipproduċu enerġija għall-użu privat tagħhom. Dawn isiru koprodutturi tal-prodotti kkunsmati. Individwi li jipproduċu ammont ta' enerġija simili għal dak li jikkonsumaw ukoll huma meqjusa bħala prosumaturi, anki jekk iż-żewġ proċessi ma jkunux simultanji. Pereżempju, dan huwa l-każ meta dawn jipproduċu l-enerġija prinċipalment matul il-jum, iżda jikkonsumaw relattivament ftit għall-bżonnijiet tagħhom stess, jbiegħu kwalunkwe bilanċ pożittiv lil konsumaturi oħra u jikkonsumaw ħafna mill-enerġija tagħhom fi żminijiet meta huma stess ikunu qed jipproduċu ħafna inqas.

5.8. Il-prosum individwali jeħtieġ li l-ħajja tkun organizzata b'mod differenti. Dan jista', sa ċertu punt, ikun marbut ma' nuqqas ta' sodisfazzjon fil-produzzjoni tal-massa u standardizzata. Il-konsumaturi moderni fl-era diġitali iridu jiġu ttrattata bħala individwi u jaraw opportunità biex jissodisfaw il-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet individwali tagħhom. Dawn qed ikunu involuti b'mod konxju fi proġetti relatati mal-ħarsien tal-ambjent u l-ġlieda kontra l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra.

5.9. Il-prosumaturi jassoċjaw it-tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija moderna mal-iżvilupp, il-bżonn għall-kreattività u l-indipendenza. L-aktar grupp attiv ta' prosumaturi f'dan is-suq huwa l-ġenerazzjoni tal-Internet. Din il-ġenerazzjoni hija distintiva peress li ma tarax id-dinja mill-perspettiva tal-konsum iżda tal-produzzjoni. Hija taspira li tissodisfa l-ħteġijiet relatati mal-libertà, il-kredibbiltà fis-soċjetà, ħajja b'rata mgħaġġla u l-innovazzjoni.

5.10. L-ewwel proċessi tal-prosumaturi oriġinaw f'operazzjonijiet sempliċi self-service u ta' kummerċ elettroniku, fil-proċess li jagħmel il-konsum anqas orjentat lejn is-suq. Kawżi oħra ta' prosum huma bidliet fis-suq tax-xogħol, il-kompjuterizzazzjoni ta' attivitajiet ta' kuljum, il-possibilità ta' xogħol mid-dar (teleworking), aktar ħin liberu u l-hteġa li jsir użu minnu bl-aħjar mod possibbli.

5.11. Ir-raġuni msejsa fuq is-suq wara din iż-żieda fil-prosum, mhux biss fis-settur tal-enerġija, hija t-tnaqqis fl-introjtura tal-familji matul il-kriżi, iż-żieda tal-prezzijiet tal-prodotti u s-servizzi, il-hteġa li jsir iffrankar fuq bażi ta' kuljum u l-produzzjoni ta' prodotti u servizzi minn individwi għall-użu personali għal raġunijiet ekonomiċi.

5.12. Ħafna pajjiżi jaraw il-benefiċċji minn żvilupp simultanju ta' sorsi tal-enerġija ddistribwita, inklużi mill-mikroimpjanti. Il-limitu massimu fuq l-enerġija tagħhom normalment ikun ta' 50-100 kW. Dan japplika b'mod partikolari għall-impjanti tal-prosumaturi.

5.13. L-enerġija fil-qasam tal-prosumaturi tista' titqies bħala element essenzjali tat-tranżizzjoni lejn ġenerazzjoni distribwita, jiġifieri soluzzjoni li hija ġeneralment mixtieqa mil-lat tas-sigurtà tal-enerġija, u filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali.

5.14. L-implimentazzjoni wiesgħa tal-prosumerizmu għandha tiffaċilita b'mod sinifikanti t-twettiq tal-kompiti li jirriżultaw mill-COP21 f'Pariġi.

5.15. L-UE poġġiet lill-konsumaturi fiċ-ċentru tal-politika tagħha dwar l-enerġija, li wasslet biex dawn jagħmlu użu attiv minn teknoloġiji ġodda. Fis-snin riċenti deher teknoloġiji ġodda tal-enerġija rinnovabbli, kemm għal impjanti industrijali fuq skala kbira kif ukoll proġetti fuq skala iżgħar, bi tnaqqis sinifikanti fl-ispejjeż tal-investimenti sottostanti. Pereżempju, l-ispiża tal-moduli fotovoltajċi solari naqset bi 80 % bejn l-2008 u l-2012. Bħala riżultat, in-negozji u l-unitajiet domestiċi kienu kapaċi jibdeu jipproduċu u jikkonsmaw l-elettriku tagħhom stess bi profit.

5.16. Meta wieħed iqis il-vantaġġi tal-iżvilupp tal-enerġija tal-prosumaturi, jagħmel sens li wieħed jinkoraġġixxi lill-prosumaturi potenzjali biex isiru attivi f'dan il-qasam. Dan l-appoġġ jista' jinkludi t-tneħħija tal-ostakli u s-semplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, konnessjonijiet tan-netwerk aktar faċli u kundizzjonijiet favorevoli għall-bejgħ ta' elettriku żejjed.

6. Kooperattivi tal-Enerġija għall-Prosumaturi

6.1. Kooperattiva tal-enerġija hija assoċjazzjoni volontarja b'numru illimitat ta' membri u b'personalità ġuridika, li l-għan tagħha huwa li tiġi sodisfatta d-domanda tal-enerġija tal-membri tagħha.

6.2. Prosumatur jista' jaġixxi individwalment jew flimkien mal-ġirien fi blokk ta' appartamenti fejn hemm diversi familji. Qed nirreferu għal kooperattiva meta diversi persuni jinvestu fl-impjanti. Dawn jistgħu jikkonsistu minn gruppi sħaħ ta' residenti fuq sit partikolari. L-idea hi li l-elettriku jew is-sħana jiġu prodotti bl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli sabiex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet personali u possibbilment tinbiegħ l-enerġija żejda lill-grilja. Tliet persuni fiżiċi huma meħtieġa għal dan fil-Ġermanja, filwaqt li fil-Polonja għaxar persuni fiżiċi jew tliet persuni ġuridiċi.

6.3. L-esperjenza tal-Ġermanja fis-snin riċenti turi li l-għan tal-kooperattivi mhuwiex li jiġu massimizzati l-profitti iżda, fuq kollox, li tiġi pprovduta għajjnuna ekonomika u appoġġ lill-membri tagħhom. Minn kważi elf kooperattiva, kwart huma ffinanzjati biss mill-kontribuzzjonijiet tal-membri. Iż-żewġ terzi li jifdal ġew iffinanzjat minn finanzjament minn banek kooperattivi. Kull membru għandu vot wieħed, irrispettivament mill-ammont tal-kontribut finanzjarju tiegħu/tagħha. Ġeneralment, dan mhuwiex ammont kbir, u huwa stabbilit fl-istatuti tal-kooperattiva. Jekk kooperattiva tagħmel telf, ir-responsabbiltà tal-membri hija limitata għall-ammont tal-investment tagħhom.

6.3.1. Il-kooperattivi jridu jiffunzjonaw b'mod effettiv f'termini ekonomiċi, bħal kull negozju. Il-vantaġġ tal-kooperattivi huwa l-proporzjon negliġibbli ta' fallimenti f'dan is-settur (madwar 0,1 % tal-fallimenti kollha fil-Ġermanja). Inizjalment, tħallsu dividendi b'medja ta' 5-6 %; bħalissal-medja hija 2-3 %.

6.3.2. Il-muniċipalitajiet fil-Ġermanja huma msieħba importanti ħafna għall-kooperattivi tal-enerġija, u mhux biss billi s-soqfa u l-binijiet muniċipali jkun disponibbli għall-investment. Ta' sikwit sindki jieħdu l-inizjattiva għall-ħolqien ta' kooperattivi tal-enerġija u jippruvaw jikkonvinċu lin-nies lokali dwar din l-idea.

6.4. Effett notevoli wieħed tal-formazzjoni ta' kooperattivi tal-enerġija huwa l-opportunità biex tinkiseb l-enerġija bi prezz aktar baxx milli kieku kien ikun possibbli għal individwi.

6.5. Il-kooperattivi tal-enerġija jsaħħu b'mod sinifikanti l-pożizzjoni tal-prosumaturi meta mqabbla ma' parteċipanti kbar fis-suq tal-enerġija.

6.6. Il-kooperattivi tal-enerġija jinvolvu wkoll b'mod dirett in-nies lokali fil-proċess biex tiżdied is-sigurtà tal-enerġija fil-qasam tagħhom. Din huwa essenzjali għall-ottimizzazzjoni ta' soluzzjonijiet speċifiċi għall-ħtiġijiet u l-kundizzjonijiet ta' komunitajiet lokali.

6.7. Il-moviment tal-kooperattivi, b'mod partikolari fil-pajjiżi l-qodma tal-UE, kellu rwol importanti biex jixpruna t-tkabbir u jagħti spinta lill-kompetittività ekonomika, kif ukoll it-trawwim ta' valuri Ewropej bħas-solidarjetà, l-awtonomija u d-demokrazija. Il-potenzjal ekonomiku tal-kooperattivi tal-pajjiżi l-qodma tal-UE għadu enormi. Għall-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant li kienu mill-blokk soċjalist ta' qabel, l-oriġini soċjalista tal-moviment kooperattiv kif ukoll il-politika ta' dak iż-żmien fejn il-kooperattivi jaqgħu taħt il-kontroll ta' awtoritajiet ċentrali u reġjonali llum il-ġurnata qed ikunu ta' xkiel għall-kooperattivi tal-prosumaturi u għandhom effett negattiv fuq l-attitudnijiet lejn il-kooperattivi tal-prosumaturi.

6.8. Il-“mudell ta’ konsum proprju” fetaħ il-possibbiltà li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-enerġija, speċjalment għall-SMEs, li għalihom il-prezzijiet tal-elettriku għoljin jikkostitwixxu piż kbir. Fost il-konsumaturi residenzjali nibtu mudelli ġodda, li jvarjaw minn pannelli fotovoltajċi fuq il-bjut, li huma proprjetà domestika jew ta’ partijiet terzi, għal proġetti implimentati minn kooperattivi ċiviċi tal-enerġija rinnovabbli.

Brussell, id-19 ta’ Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-enerġija mill-ibħra: sorsi ta’ enerġija rinnovabbli li għandhom jiġu żviluppatti”

(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2017/C 034/08)

Relatur: **is-Sur Stéphane BUFFETAUT**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	21/01/2016
Bażi legali	Artikolu 29(2) tar-Regoli ta’ Proċedura
	Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	06/10/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	218/3/8

1. Konklużjonijiet

1.1. Ix-xjenzjati u l-inġiniera ilhom snin twal jaħdmu biex jisfruttaw il-potenzjal tal-oċeani. Il-kurrenti, il-marea, u l-enerġija mill-mewġ għandhom riżervi ta’ enerġija rinnovabbli li ma jispiċċaw qatt. Fi Franza, l-impjant tal-enerġija mill-marea La Rance tal-EDF, inawgurat fl-1966 mill-General de Gaulle, jiġġenera kapaċità ta’ 240 MW, u kull waħda mill-24 turbina tiġġenera 10 MW. It-turbini tar-riħ li jagħmlu parti mill-iżjed ġenerazzjoni reċenti jiġġeneraw mhux iżjed minn 8 MW. Għalhekk, din it-teknoloġija hija effettiva, minkejja li d-diġa ta’ La Rance kienet għal żmien twil l-uniku eżempju ta’ faċilità bħal din fid-dinja. Illum il-ġurnata hemm eżempju ieħor ta’ installazzjoni komparabbli fil-Lag ta’ Sihwa, fil-Korea t’Isfel, b’kapaċità ta’ mhux iżjed minn 254 MW. Kien hemm xi proġetti fir-Renju Unit, imma ġew imblukkati jew sospiżi minħabba oġġezzjonijiet għal raġunijiet ekoloġiċi.

1.2. Jibqa’ l-fatt li tali investimenti huma rilevanti meta jiġu installati f’siti li huma ġeografikament favorevoli b’koeffiċjenti tal-marea qawwijin, u għandhom jiġu kkunsidrati aħjar fit-taħlita tal-enerġija fil-livell nazzjonali.

1.3. Diġà ġew implimentati l-ewwel applikazzjonijiet industrijali, li juri li dawn it-tekniki għandhom jiġu kkunsidrati mhux bħala esperimenti riskjużi iżda bħala sorsi ta’ enerġija nadifa li għandhom jiġu żviluppatti.

1.4. Il-KESE għalhekk huwa tal-fehma li għandu jiġi żviluppatt dan it-tip ta’ produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli u li l-fokus ma għandux ikun biss it-teknoloġija marbuta mal-enerġija mir-riħ jew mix-xemx. Naturalment l-enerġija mill-ibħra ma tistax tiġi sfruttata kullimkien iżda tkun ħasra li jiġi injorat sors ta’ enerġija rinnovabbli prevedibbli li l-impatt tiegħu fuq l-ambjent huwa żgħir ħafna jew jista’ jiġi kkontrollat. Kulħadd jaf li l-futur tal-enerġija ser jissejjes fuq il-firxa wiesgħa tas-sorsi tal-enerġija.

1.5. Fis-6 ta’ Ġunju 2016, il-Ġermanja, il-Belġju, id-Danimarka, Franza, l-Irlanda, il-Lussemburgu, in-Norveġja, in-Netherlands u l-Iżvezja ddeċidew li jsaħħu l-kooperazzjoni ta’ bejniethom f’dak li jirrigwarda l-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta. Fil-fatt, flimkien mal-Kummissarji Ewropej responsabbli għall-Unjoni tal-Enerġija u l-klima, huma ffirmaw pjan ta’ azzjoni speċifikament għall-ibħra tat-Tramuntana tal-Ewropa. Din il-kooperazzjoni ser twassal għall-armonizzazzjoni tar-regolamenti u l-qafas tas-sussidji għall-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta u fl-interkonnessjoni tan-netwerks tal-elettriku.

1.5.1. Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li jiġi adottat approċċ simili rigward l-enerġija mill-ibħra – kemm jekk mir-riħ jew mill-marea – f'dak li jirrigwarda l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri jew il-pajjiżi ġirien tal-Unjoni Ewropea li għandhom siti adattati għal dawn it-tipi ta' installazzjonijiet, l-iżjed il-pajjiżi li għandhom il-kosta tmiss mal-Atlantiku jew mal-Baħar tat-Tramuntana.

1.6. Huwa tal-fehma wkoll li ma għandhomx jitwarrbu t-tekniki li għad iridu jiġu żviluppati bis-sħiħ, bħall-enerġija mill-mewġ u l-enerġija termali mill-oċeani; madankollu, fi żmien meta l-fondi pubbliċi huma skarsi, il-finanzjament għandu jirrispetta kriterji ta' effettività. Għalhekk għandha tingħata prijorità lit-teknoloġiji li jidhru li huma promettenti fl-iqsar żmien possibbli.

1.7. Huwa jenfasizza li l-investiment f'dan il-qasam jagħmilha possibbli li l-UE eventwalment issib ruħha fuq quddiem nett f'dak li jirrigwarda s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. L-intrapriżi Ewropej diġà għandhom 40 % tal-privattivi tal-enerġija rinnovabbli. Il-KESE jirrakkomanda li jitkomplew l-isforzi ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tal-enerġija mill-ibħra, iżda wkoll f'dak tal-ħżin tal-enerġija prodotta minn sorsi ta' enerġija intermittenti sabiex il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli ssir fi kwantitajiet kostanti.

1.8. Huwa jwissi kontra t-tentazzjoni li s-sussidji jiġu limitati għall-forom tradizzjonali tal-enerġija rinnovabbli, approċċ li jnaqqas l-għadd ta' alternattivi u jwassal għad-distorsjoni tal-ekonomija tal-enerġija rinnovabbli għall-benefiċċju ta' teknoloġija promossa minn lobby effettiv.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Il-biċċa l-kbira tal-pjaneta tagħna hija magħmula mill-oċeani u jkun iżjed ġust li nsejnhulha "baħar" milli "art". Il-bniedem minn dejjem kien jistad għall-ikel. Reċentement, irnexxielu jisfrutta r-riżorsi fi jew taħt qiegħ il-baħar (moduli polimetalliċi, żejt, eċċ.). L-enerġija ġġenerata mill-oċeani ilha tintuża għal sekli sħaħ, iżda fuq skala artiġjanali, permezz tal-intieħen tal-marea li wieħed isib f'ċerti kosti.

2.2. Illum, il-ħtieġa li jiġi miġġieled it-tniġġis ta' kull xorta u jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra għandha twassalna biex nikkunsidraw bis-serjetà l-potenzjal tal-enerġija mill-baħar. Barra minn hekk, kif jistgħu l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri b'aċċess għall-baħar jinjoraw l-opportunitajiet li l-oċeani jistgħu jipprovduhom fil-qasam tal-enerġija?

2.3. Fil-fatt, id-dimensjoni tal-qasam marittimu Ewropew hija konsiderevoli u, madankollu, l-isfruttar tar-riżorsi tal-enerġija rinnovabbli ta' medda tant wiesgħa għadu fi stadju embrijoniku. Madankollu, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu biex jipromovu l-implimentazzjoni ta' tekniki ġodda għall-użu ta' enerġija tal-baħar minn kumpaniji innovattivi u minn gruppi industrijali tas-settur tal-enerġija. Dan huwa l-għan li jixtieq jilħaq il-forum dwar l-enerġija mill-ibħra.

2.4. Il-baħar jipprovdi għadd ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli: imbatti, mewġ, kurrenti, marea, differenza fit-temperatura bejn l-ilmijiet tal-wiċċ u riħ. Kull teknika u metodu għandhom ir-rekwiżiti ġeografiki u ekoloġiki tagħhom, li jfisser li l-introduzzjoni ta' dawn it-teknoloġiji innovattivi tista' sseħħ biss meta wieħed iqis dawn il-limitazzjonijiet u l-konsegwenzi tagħhom.

3. L-isfruttar tal-enerġija tal-kurrenti, il-marea, l-imbatti u l-mewġ: it-turbini tal-ilma

3.1. Kwalunkwe persuna li kkontemplat il-baħar, kemm jekk kalm jew imqalleb, taf li din il-medda vasta, ikkaratterizzata minn ċaqliq bla heda, fiha forzi li jikkumbattu kull ħin. Għalhekk huwa naturali li wieħed jistaqsi jekk huwiex possibbli li wieħed jisfrutta jew juża l-enerġija ġġenerata mill-baħar.

3.2. Fil-prattika liema teknoloġiji ġew studjati jew implimentati?

— id-digi tal-estwarji b'turbini tal-marea. Fi Franza, id-diġa ta' La Rance ilha għexieren ta' snin taħdem b'mod sodisfaċenti. Fir-Renju Unit hemm żewġ proġetti iżda ġew imblukkati minn gruppi ta' pressjoni ambjentali;

— it-turbini li jinsabu fil-baħar miftuħ u armati fuq arbli jew baġi;

— it-turbini li jinsabu f'qiegħ il-baħar, li jissejħu turbini tal-ilma. Hemm xi proġetti fil-Bretanja u dalwaqt se jkunu implimentati.

3.3. Fil-prattika, huwa prinċipalment l-isfruttar tal-kurrenti tal-marea li jidher li huwa l-aktar teknika promettenti. Madankollu, il-potenzjal ta' dawn it-teknoloġiji jiddependi ħafna mill-post fejn jiġu installati. Fil-fatt, iż-żoni tal-Atlantiku u tal-Baħar tat-Tramuntana, fejn il-koeffiċjenti tal-marea huma partikolarment sostanzjali, huma l-aktar rilevanti. L-iżjed żoni effettivi huma daww b'medda mareali kbira. Il-vantaġġ enormi ta' din it-tip ta' sfruttar huwa li tiġi pprovduta enerġija prevedibbli u regolari minħabba li l-marea hija kontinwa, u l-medda tagħha tkun magħrufa sew minn qabel.

Skont l-EDF, il-potenzjal li tista' tisfrutta l-Unjoni Ewropea huwa ta' madwar 5 GW (2,5 minnhom fuq il-kosta Franċiża), ekwivalenti għal 12-il reattur nukleari ta' 10 800 MW. Madankollu, l-isfruttar tal-kurrenti tal-marea jinsab fil-fażi ta' riċerka teknoloġika u għad mhuwiex funzjonali, minbarra l-każ tad-diġa ta' La Rance.

3.4. Liema teknoloġiji tat-turbini tal-ilma qed jiġu ttestjati?

- Fl-2014, l-Arcouest (1,5 MW), prototip ta' turbina tal-ilma, ġiet mgħaddsa lil hinn mill-kosta ta' Paimpol fil-Bretanja. Din it-turbina ġiet żviluppata minn Open Hydro (grupp tal-bini tal-bastimenti DCNS) għall-ewwel impjant tal-enerġija mill-marea tal-EDF ta' Paimpol/Bréhat. Din tikkonsisti minn erba' turbini b'kapaċità installata ta' 2 sa 3 MW. Il-makkinarju huwa sempliċi u robust, b'ċentru miftuħ, li għandu rotor b'veloċità baxxa, u jaħdem mingħajr lubrikant, li jimminimizza l-impatt tiegħu fuq il-ħajja tal-baħar. Din it-turbina tal-ilma ġiet ittestjata għal erba' xhur. It-turbina daret għal 1 500 siegħa kontinwi u sarulha għadd ta' testijiet mekkaniċi u elettriċi. It-testijiet kienu konklużivi u jivvalidaw dan it-tip ta' turbina tal-ilma. Għalhekk ġie deċiż li jiġi operat sit ta' dimostrazzjoni fis-sajf tal-2015. It-turbini nbnew u lesti biex jiġu installati iżda minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp u tal-baħar l-installazzjoni tagħhom kellha tiġi posposta. Jista' jingħad li dawn iż-żewġ turbini nbnew f'Cherbourg u Brest, li juri li dawn it-teknoloġiji ġodda jistgħu joħlqu attivitá industrijali fir-reġjuni kostali.
- It-turbina tal-ilma nofsha mgħaddsa tista' tittella' għall-manutenzjoni. Din hija teknoloġija Brittanika żviluppata mill-kumpanija Tidalstream. Il-prototip għandu jiġi finalizzat minn STT (ship to turbine) li jopera fl-Istrett ta' Pentland. Huwa apparat magħmul minn 4 turbini b'dijametru ta' 20 m għal qawwa massima totali ta' 4 MW. Jekk wieħed iqabbel din is-sistema ma' turbina tar-riħ lil hinn mill-kosta, wieħed jinnotta li t-turbina tar-riħ għandu jkollha dijametru ta' 100 m b'veloċità tar-riħ ta' 10 m/s biex tinkiseb qawwa ekwivalenti. Barra minn hekk, il-bażi tat-turbina, li tinsab 25 metru taħt il-livell tal-baħar, hija 25 % akbar mill-bażi tal-STT. Il-kumpanija Tidalstream hija tal-fehma għalhekk li s-sistema tagħha tkun kompetittiva meta mqabbla mat-turbini tar-riħ lil hinn mill-kosta u fuq l-art. L-ispiża tal-elettriku ġġenerat mis-sistema STT tista' tilħaq 0,03 GBP/kWh (madwar EUR 0,044 kull kWh). Din is-sistema ġiet ittestjata u vvalidata b'testijiet li saru fix-Xmara Thames.
- Turbini tal-ilma armati fuq arbli minn Marine Current Turbines. Din it-teknoloġija titlob li jiġi ankrat arblu f'qiegħ il-baħar, li jimplika li ma jistax ikun mgħaddas fil-fond ħafna. It-turbini tal-ilma jistgħu jtitgħu u jitniżżlu mal-arblu, li jagħmilha possibbli li jittellgħu barra mill-ilma għall-isservisjar u l-manutenzjoni.
- Fl-2003, ġew installati turbini tal-ilma mmuntati fuq бага ankrata fl-Istrett ta' Hammerfest fin-Norveġja.
- Fl-aħħar nett, it-turbini tal-marea mmuntati taħt diġa tal-estwarji bħalma hi dik ta' La Rance, li kien l-ewwel eżempju ta' dan it-tip u li ilu jopera mis-snin sittin. Fil-Gran Brittanja, qed jiġu analizzati żewġ proġetti, iżda ġew imblukkati għal raġunijiet ambjentali.

4. L-isfruttar tal-enerġija tal-marea u tal mewġ: l-enerġija mill-mewġ

4.1. Hemm firxa wiesgħa ta' soluzzjonijiet mill-mewġ, ċerti prototipi jiġu mgħaddsa, u oħrajn jiġu installati fil-wiċċ, fuq ix-xatt jew lil hinn mill-kosta. L-enerġija tinħakem b'modi differenti skont il-prototipi li jintużaw: l-enerġija mekkanika tinqabad mill-wiċċ (il-mewġ) jew taħt l-ilma (ċaqliq translazzjonali jew orbitali), jinqabdu l-varjazzjonijiet fil-pressjoni bejn il-mewġ (varjazzjonijiet fil-livell tal-ilma) jew jinqabad fiżikament ammont ta' ilma permezz ta' riżerva.

4.2. L-iżvantaġġ ewlieni huwa li, għall-kuntrarju tal-kurrenti tal-marea, l-enerġija tal-mewġ mhijiex prevedibbli. Illum il-ġurnata, l-isfruttar tal-enerġija tal-imbatti u l-mewġ jinsab f-istadju ta' riċerka teknoloġika u għad mhuwiex funzjonali. Madankollu, qed jiġu ttestjati sitt teknoloġiji differenti:

- il-katina galleġġanti artikolata, imsejħa wkoll "serp il-baħar". Din hija sekwenza ta' sufruni twal li jinsabu fid-direzzjoni tar-riħ perpendikolari għall-mewġ u r-ras tagħhom tiġi ankrata f'qiegħ il-baħar b'kejbil. Il-mewġ johlq oxxillazzjoni tal-katina u dawn l-oxxillazzjonijiet jikkompresaw fluwidu idrawliku fil-ġonot li jħaddem turbina. Din is-sistema ġiet ittestjata u kien hemm livelli differenti ta' suċċess.

- ħajt oxxillanti mgħaddas;
- kolonna f'oxxillazzjoni vertikali;
- kollettur tal-prensa mgħaddas;
- kolonna tal-ilma;
- kollettur tal-influss (struttura mgħaddsa parzjalment).

5. L-isfruttar tal-enerġija termali tal-oċeani

5.1. Dan jinvolti l-użu tad-differenza fit-temperatura bejn l-ilmijiet tal-wiċċ u dawk fil-fond tal-oċeani. Akronimu spiss użat huwa "OTEC" – oċean thermal energy conversion. It-testi tal-Unjoni Ewropea jużaw it-terminu tal-enerġija idrotermali għall-"enerġija maħżuna f'forma ta' sħana fl-ilma tal-wiċċ".

5.2. Fil-wiċċ, bis-saħħa tal-enerġija mix-xemx, it-temperatura tal-ilma tkun għolja u tista' taqbeż il-25 °C f'żona intertropikali, filwaqt li fil-fond, fejn ma jippenetrax id-dawl tax-xemx, l-ilma jkun kiesaħ, bejn 2 u 4 °C, ħlief fl-ibħra magħluqin, bħall-Mediterran. Barra minn hekk, is-saffi kesħin ma jitħalltux mas-saffi sħan. Din id-differenza fit-temperatura tista' tħaddem magna termika. Din teħtieġ sors kiesaħ u sors sħun għall-ġenerazzjoni tal-enerġija u tuża rispettivament l-ilma tal-fond u l-ilma tal-wiċċ bħala sorsi.

5.3. Iżda biex jiffunzjona bl-aqwa mod possibbli u b'mod kosteffettiv, dan it-tip ta' sfruttar termali tal-oċeani għandu jkun installat f'żoni speċifiċi li għandhom jikkorrispondu għal ċerta temperatura tal-ilma tal-wiċċ u għal ċertu fond tal-ilma. Fil-fatt, il-pajpijiet neċessarji jistgħu jinżlu sa elf metru ta' fond, bi spejjeż u teknoloġija kkontrollati. Għalhekk, ikun żball li l-isfruttar termali tal-oċeani jsir kilometri 'l bogħod mill-kosta, li jimplika pajpijiet itwal u, għalhekk, spejjeż addizzjonali. Fil-prattika, l-aħjar żona tinsab bejn it-Tropiku ta' Kankru u t-Tropiku ta' Kaprikornu, jiġifieri bejn latitudni ta' + 30 u – 30° li, għall-Unjoni Ewropea, jfisser fit-territorji tagħha msejħa periferiċi.

6. L-isfruttar tal-enerġija mir-riħ fil-baħar: turbini tar-riħ lil hinn mill-kosta

6.1. Għalkemm, fis-sens strett tal-kelma, it-turbini tar-riħ ma jitqisux bħala li jagħmlu parti mill-enerġija mill-baħar, dawk minnhom ankrati f'qiegħ il-baħar jew dawk galleġġanti (filwaqt li jkun ankrati, naturalment), għandhom jissemew ukoll. Dawn huma bil-qabda l-iktar żviluppati fil-baħar u jidhru kważi konvenzjonali meta mqabbla mat-tekniki deskritti hawn fuq. Madanakollu, għandhom impatt ambjentali u viżiv ċert. Ta' spiss tqajmet il-kwistjoni tal-użu konfliġġenti fil-konfront tas-sajjieda. Fil-prattika, il-parks eoliċi li l-bażi tagħhom hija mwaħħla f'qiegħ il-baħar jaġixxu bħala riżervi tal-baħar fejn il-ħut huma abbundanti. B'mod indirett għalhekk, dawn l-installazzjonijiet jibbenefikaw lis-sajjieda peress li jibnu mill-ġdid l-istokkijiet f'dawn iż-żoni pprojbiti għas-sajd, fejn il-fondazzjonijiet tal-arbli jaġixxu bħala sikek artifiċjali.

6.2. Dan huwa l-aktar metodu użat attwalment fl-Ewropa u huwa mifruż ferm. Attwalment, hemm installati kważi mitt park eoliku, l-iżjed fil-Baħar tat-Tramuntana, fl-Atlantiku (il-Gran Brittanja) u fil-Baħar Baltiku. Ftit li xejn hemm installazzjonijiet jew proġetti fil-Mediterran, li huwa baħar fond u bi ftit li xejn jew mingħajr blata kontinentali.

6.3. Il-passi ewlenin tal-implimentazzjoni ta' dawn it-tekniki jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- l-ewwel installazzjoni lil hinn mill-kosta ilha mill-1991, fid-Danimarka (Vindeby), u tiġġenera 450 kW;
- il-bażi l-aktar fonda hija ta' 45 m u ġiet installata fl-2007 fil-Gran Brittanja (Beatrice wind farm), u tiġġenera 2 x 5 MW;
- l-ewwel turbina tar-riħ galleġġanti kbira fil-baħar fond (220 m) ilha mill-2009, installata fin-Norveġja (Hywind) u tiġġenera 2,3 MW;
- l-aktar turbina tar-riħ potenti fuq il-baħar hija ta' 6 MW u tinsab fil-Belġju (Bligħ Bank);
- l-akbar park eoliku fuq il-baħar għadu qed jinbena, u jinsab fil-Gran Brittanja fuq Dogger Bank. Għandu jilħaq kapaċità ta' 12 000 MW b'166 turbina. Ta' min jinnota li r-Renju Unit, konxju mill-indipendenza enerġetika tiegħu, diġà għandu 1 452 turbina mifruxa f'27 park eoliku.

6.4. Jeżistu wkoll żewġ proġetti importanti tul ix-xtut Franċiżi, wieħed fil-Bretanja, u l-ieħor bejn Noirmoutier u l-gżira ta' Yeu. Tnedew is-sejħiet għall-offerti, u ntgħażlu l-konsorzji operattivi.

6.5. Ir-redditu ekonomiku tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta jiddependi mis-sit, b'mod partikolari, mill-forza u r-regolarità tar-riħ, u għalhekk il-varjazzjoni tista' tirdoppja. Xi kultant, matul perjodi meta d-domanda tkun skarsa, ġara li l-kwantitajiet eċċessivi ta' enerġija pprovduti mir-riħ jinbiegħu bi prezzijiet negattivi fis-swieq spot. U ż-żieda konsiderevoli ta' dan it-tip ta' produzzjoni tal-elettriku tista' twassal għal eċċessi li diffiċilment jiġu sfruttati għax huma marbuta ħafna ma' avvenimenti klimatiċi uniċi u aleatorji (ara l-opinjoni tal-professur Wolf dwar l-enerġiji intermittenti).

6.6. L-iżvilupp ta' dan il-metodu u l-progress teknoloġiku marbuta mal-użu tat-turbini tar-riħ f'dawn l-aħħar għoxrin sena jnaqqsu l-ispejjeż tal-investment u tal-użu. Fil-bidu tas-snin 2 000, l-ispiża għal megawatt siegħa ġġenerata kienet ta' EUR 190 mentri llum il-ġurnata l-ispiża hija bejn EUR 140 u EUR 160. Bħala paragun, reattur nukleari modern tat-tip EPR jipproduċi megawatt siegħa bi spiża ta' EUR 130, għalkemm dan isir b'mod stabbli u prevedibbli.

6.7. Huwa evidenti li t-tekniki l-oħra ta' operazzjoni fuq il-baħar għandhom ikunu jistgħu jikkompetu mat-turbini tar-riħ lil hinn mill-kosta sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw fuq skala industrijali u jagħtu prova li se joħlqu vantaġġi kompetittivi meta mqabbla mat-turbini tar-riħ lil hinn mill-kosta li jeħtieġu spejjeż ta' manutenzjoni u ta' sorveljanza sostanzjali. Illum il-ġurnata, it-turbini tar-riħ u d-digi tal-estwarji jidhru l-aktar sistemi effiċjenti u l-iktar kosteffettivi. Wieħed mill-vantaġġi tagħhom huwa li jipprovdur enerġija prevedibbli u b'mod regolari.

7. X'ġejjieni għandha l-enerġija rinnovabbli fil-baħar?

7.1. Fir-rigward tal-enerġiji ekoloġiċi, dawn huma eliġibbli għas-sistemi differenti ta' appoġġ fil-livell Ewropew jew nazzjonali, inkluż il-prezz ta' xiri preferenzjali. Madankollu, minbarra t-turbini tar-riħ lil hinn mill-kosta, dawn it-teknoloġiji għad iridu jiġu ttestjati "fil-prattika", inklużi t-turbini tal-ilma. Wieħed jittama li ċertu konservatiżmu ekoloġiku ma jfixkilx it-tekniki ġodda ttestjati. Huwa magħruf li d-digi tal-estwarji ma setgħux jiżviluppaw, b'mod partikolari minħabba oppożizzjoni ħarxa min-naħa tal-ambjentalisti u tas-sajjieda. Kull tagħmir għandu impatt ambjentali. Huwa għalhekk xieraq li jkun jista' jitkejjel bl-aktar mod preċiż possibbli sabiex jiġi evalwat il-bilanċ reali bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji.

7.2. Ftit ilu, l-ewwel sensiela ta' turbini tal-ilma ġiet mgħaddsa bejn Paimpol u l-gżira ta' Bréhat. Il-kurrenti li jinħolqu mill-marea hekk kif togħla u tonqos jdawru r-rotors; kull inġenju jiġġenera 1 MW u dawn it-turbini tal-ilma ser ikunu jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-enerġija ta' 3 000 unità domestika.

7.3. Fl-aħħar nett, l-effettività tat-tekniki għall-użu tal-enerġija tal-ibħra tiddependi mill-post fejn jiġu installati. Dawn mhumiex sors ta' enerġija effettiv b'mod universali. Għalhekk, jeħtieġ nkunu iżjed sensibbli f'dan il-qasam milli fil-każ ta' ċerti enerġiji rinnovabbli ssussidjati oħrajn, pereżempju l-pannelli solari, li xi kultant jiġu installati aktar għal raġunijiet ta' vantaġġi fiskali milli għal raġunijiet ta' effettività. Jeħtieġ ukoll jiġi enfasizzat li t-tassazzjoni tas-CO₂ ser tikkontribwixxi biex trendi t-tekniki tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, li għalissa għadhom fi stadju bikri, attraenti mil-lat ekonomiku.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-Aġenda 2030 — Unjoni Ewropea impenjata għall-iżvilupp sostenibbli globalment”**(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2017/C 034/09)

Relatur: **is-Sur Ioannis VARDAKASTANIS**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	21/01/2016
Bażi legali	Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Relazzjonijiet Esterni
Adottata fis-sezzjoni	29/09/2016
Adottata fil-plenarja	20/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	141/1/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' l-Aġenda 2030 minħabba li din tinkludi sett ambizzjuż ta' għanijiet u miri sabiex nittrasformaw id-dinja tagħna u timmarka bidla storika fil-mod ta' kif id-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali huma indirizzati madwar id-dinja. Billi l-Unjoni Ewropea (UE) għandha rwol internazzjonali importanti f'termini ta' diplomazija, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-kummerċ, l-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja, kif ukoll fil-ħidma ma' organizzazzjonijiet multilaterali u bilaterali ma' pajjiżi terzi, hija jista' jkollha influwenza kbira ħafna fuq il-proċess tal-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) fil-livell globali. Madankollu, ir-rapportar volontarju jista' jimmina l-implimentazzjoni koerenti, effettiva u li tista' titkejjel tal-Aġenda 2030. Il-KESE jistieden lill-UE biex taffronta l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 bħala obbligu u opportunità sabiex issawwar il-politiki u l-programmi futuri tal-UE. Il-KESE jirrimarka wkoll li l-UE għandha tħaddan l-Aġenda 2030, minħabba li din toffri u tipprovdi narrativa ġdida li tħares 'il quddiem sabiex l-UE ssir Unjoni tal-Iżvilupp Sostenibbli u, għaldaqstant, tippreżenta liċ-ċittadini tal-UE u lill-bqija tad-dinja b'viżjoni ġdida għall-iżvilupp uman inklużiv.

1.2. L-Aġenda 2030 tirrifletti b'mod sħiħ il-valuri Ewropej ta' prosperità għal kulħadd, id-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja soċjali, il-ġlieda kontra l-faqar, il-governanza demokratika, l-ekonomija tas-suq soċjali u l-ħarsien ambjentali. Għalhekk, l-UE hija mistennija jkollha rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u sabiex tikkontribwixxi għall-kisba tal-SDGs fil-livell globali. B'hekk, l-UE ser tkun rikonoxxuta bħala attur ewlieni fil-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli u ambjentalment, soċjalment u ekonomikament responsabbli, kif ukoll ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi, in-nondiskriminazzjoni u l-appoġġ għal gruppi vulnerabbli. Il-qerda tal-faqar għandha tkun prijorità ewlenija fil-politiki u l-programmi tal-UE. Barra minn hekk, il-prinċipji ta' ġustizzja tal-klima u "tranżizzjoni ġusta" għandhom ikunu armonizzati u integrati b'mod sħiħ u effettiv fl-istrateġija globali tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030.

1.3. Il-KESE jirrimarka li l-UE ser tkun tista' tissodisfa biss l-impenn tagħha għall-iżvilupp sostenibbli fil-livell globali u, għalhekk, li tippromovi b'mod sostanzjali u effettiv l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 jekk hija tagħmel il-bidliet meħtieġa sabiex tadatta l-politiki u l-programmi tagħha għat-tliet pilastru tal-SDGs b'mod bilanċjat u inklużiv. L-UE u l-Istati Membri għandhom obbligu morali u politiku kemm għaċ-ċittadini tal-UE kif ukoll għall-bqija tad-dinja sabiex jindirizzaw l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 b'mod politikament koerenti u kkoordinat. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jeħtieġ li urġentement jaqblu fuq it-triq 'il quddiem fl-ogħla livell politiku permezz ta' ftehim interistituzzjonali bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament sabiex jstabbilixxu bażi robusta għal azzjoni politika ulterjuri ⁽¹⁾. Dan il-ftehim dwar l-implimentazzjoni tal-SDGs għandu jiffirma l-bażi għal strateġija globali għall-integrazzjoni tal-Aġenda 2030 bil-għan li l-UE ssir Unjoni tal-Iżvilupp Sostenibbli.

1.4. Kif għamel f'Opinjoni preċedenti ⁽²⁾, il-KESE jitlob it-twaqqif ta' Forum tas-Soċjetà Ċivili għall-Iżvilupp Sostenibbli sabiex jippromovi u jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 bil-għan li tiġi żgurata l-konsistenza fil-programmi u l-politiki interni u esterni tal-UE. F'dan il-Forum, il-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Parlament u s-soċjetà ċivili, għandhom jipparteċipaw b'mod sħiħ bħala atturi ewlenin, billi jagħmlu l-ħidma tal-Forum trasparenti u responsabbli lejn iċ-ċittadini Ewropej. Il-KESE huwa lest li jiffaċilita dan il-proċess.

1.5. L-UE nnifisha għandha tippreżenta b'mod proattiv rieżami volontarju per jodiku lis-Sessjoni tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli tan-NU dwar il-programmi u l-politiki interni u esterni tagħha, li jibdew fl-2017. L-UE ser tkun l-ewwel organizzazzjoni reġjonali li tagħmel dan. Barra minn hekk, l-UE għandha tħejji rapporti tematiċi annwali skont ir-reviżjonijiet tematiċi annwali tal-HLPF tan-NU. Is-soċjetà ċivili għandha tkun inkluża b'mod sħiħ f'dan il-proċess ta' rapportar permezz tal-Forum Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli. Il-KESE huwa lest li jiffaċilita dan il-proċess ⁽³⁾.

1.6. L-UE għandha obbligu li tikkonforma b'mod sħiħ mat-trattati u l-ftehimiet Ewropej u internazzjonali li jissalvagwardjaw l-ambjent, id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali. Għalhekk, il-legislażzjoni Ewropea u internazzjonali għandha ssejjes l-approċċ tal-UE għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-reviżjoni tal-Aġenda 2030. Il-karattru volontarju tal-Aġenda 2030 ma għandux jimmina l-obbligu li tarmonizza u tintegra b'mod sħiħ u effettiv l-obbligu tagħha għal-liġi Ewropea u internazzjonali fl-istrateġija globali tal-UE għall-implimentazzjoni tal-SDGs. Dan għandu jkun applikabbli għall-programmi u l-politiki kollha tal-UE.

1.7. Jeħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tindirizza l-mod kif l-istrumenti ta' azzjoni esterna jitqiesu fl-Aġenda 2030. L-eżerċizzju tal-immappjar tal-politiki esterni huwa l-ewwel pass, iżda dan mhuwiex biżżejjed u jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn analiżi u valutazzjoni dettaljati u komprensivi tad-diskrepanzi sabiex jiġu identifikati d-diskrepanzi reali li jeżistu bejn il-programmi u l-politiki esterni attwali u dawk futuri, li għandhom jinkludu, jarmonizzaw u jintegraw b'mod sħiħ, bilanċjat u ġust, il-pilastru ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-Aġenda 2030. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni speċifika sabiex tinkludi dan fil-komunikazzjoni li jmiss dwar l-implimentazzjoni tal-SDGs.

1.8. Jeħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tintegra u tarmonizza b'mod sħiħ l-Aġenda 2030 fl-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea. L-UE hija attur ewleni fid-dinja, billi tinteraġixxi ma' partijiet ikkonċernati oħrajn (pubbliċi, intergovernattivi, privati u mhux governattivi) permezz tal-azzjoni esterna u l-istrumenti tagħha. Għalhekk, il-Kummissjoni Ewropea għandha tutilizza b'mod sħiħ l-oqsma ewlenin, bħall-politiki dwar il-kummerċ u l-iżvilupp, il-politika dwar il-veċinat, il-politiki dwar l-ambjent u l-azzjoni klimatika, il-politika estera u ta' sigurtà, l-ekonomija soċjali u solidali, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-għajnuna umanitarja, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u t-trasferimenti tat-teknoloġija, sabiex tagħti spinta 'il quddiem b'mod proattiv l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tintegra u tutilizza b'mod sħiħ l-Aġenda 2030 fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp u l-KESE jiddispaċih li din ma kinitx inkluża biżżejjed fl-Istrateġija Globali tal-UE għall-Politika Estera u ta' Sigurtà ⁽⁴⁾. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinkludi fil-Komunikazzjoni tant mistennija u ferm imdewma dwar l-Aġenda 2030 programm sinifikanti sabiex tikseb il-koerenza u l-kordinazzjoni tal-politika fil-programmi u l-azzjonijiet esterni tagħha bil-għan li tiggarrantixxi approċċ ta' żvilupp sostenibbli li jiġi armonizzat fil-politiki esterni kollha.

⁽¹⁾ Kif rakkomandat fl-Opinjoni NAT/693 tal-KESE, "Żvilupp sostenibbli: immappjar tal-politiki interni u esterni tal-UE", relatur: Ioannis Vardakastanis, korelatur: Jarmila Dubravská (ĠU C 487, 28.12.2016, p. 41).

⁽²⁾ Opinjoni esploratorja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Forum tas-Soċjetà Ċivili Ewropea dwar l-Iżvilupp Sostenibbli" (ĠU C 303, 19.8.2016, p. 73).

⁽³⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

⁽⁴⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

1.9. Il-Kummissjoni Ewropea u, b'mod aktar partikolari, ir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Estera u ta' Sigurtà, għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi sabiex jikkoordinaw l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa b'mod koerenti, bil-għan li jiżguraw li l-ODA tmur għal sħubijiet u programmi u proġetti speċifiċi li jiġu żviluppanti skont it-tliet pilastri tal-Aġenda 2030, wara li jieħdu kont sħiħ tal-prinċipji tal-qerda tal-faqar, "li ħadd ma jitħalla jaqa' lura", il-ġustizzja tal-klima, tranżizzjoni ġusta, it-tkabbir u l-iżvilupp inklużiv, il-promozzjoni tal-modernizzazzjoni, l-iżvilupp tal-infrastruttura u n-negozji sostenibbli, il-ġlieda kontra l-inugwaljanza u l-iżgurur tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

1.10. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tutilizza l-approċċ ta' kundizzjonalità tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej matul il-proċess tal-armonizzazzjoni tal-Aġenda 2030 fi strumenti għal azzjoni esterna u, għalhekk, għandu jiġi applikat approċċ ta' kundizzjonalità li jixbah lil dak tal-Aġenda 2030 għall-politiki u l-programmi kollha marbutin mal-SDGs.

1.11. Id-delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi għandhom imexxu sondaġġi sabiex ikejlu l-għarfien u l-fehim pubbliku tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Il-Kummissjoni Ewropea għandha torganizza u ttwettaq attivitajiet u kampanji ta' sensibilizzazzjoni sabiex trendi l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli f'Aġenda Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropea għandha ttwettaq sondaġġi perjodiċi tal-Ewrobarometru sabiex tkejjel l-għarfien u l-fehim tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fost iċ-ċittadini tal-UE. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol kruċjali f'dan il-proċess.

1.12. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tippubblica rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-azzjoni esterna u l-fondi fir-rigward tal-Aġenda 2030. Dan għandu jkun parti mir-rapporti annwali tal-UE pjanati dwar l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tfassal u tinkludi wkoll sett ta' indikaturi u parametri referenzjarji tal-Aġenda 2030 fil-programmi u l-politiki esterni tagħha bil-għan li tiffaċilita l-evalwazzjoni, il-valutazzjoni u r-rapportar dwar kemm hija effettiva l-mogħdija tal-finanzjament tal-istrumenti esterni tal-UE lejn il-proġetti u l-programmi relatati mal-SDGs u, speċifikament, kemm il-pilastri ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-Aġenda 2030 qegħdin jiġu implimentati fl-istrumenti tal-azzjoni esterna tal-UE.

1.13. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippromovi l-mudell ta' governanza mmexxi minn bosta partijiet ikkonċernati fil-programmi u l-politiki esterni tagħha, bil-għan li tagħmel lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'pajjiżi terzi msieħba reali fl-implimentazzjoni tal-SDGs. It-trasparenza, il-kontabbiltà u s-sħubija għandhom ikunu l-bażi ta' dan l-approċċ għad għall-konsultazzjoni u għall-proċess parteċipattiv tat-teħid tad-deċiżjonijiet. L-implimentazzjoni demokratika tal-Aġenda 2030 teħtieġ l-inklużjoni sħiħa tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-istadji kollha, inklużi l-monitoraġġ u r-rieżami.

1.14. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tarmonizza l-bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-istrumenti ta' finanzjament tagħha u fil-programmi u l-politiki esterni tagħha. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm speċifiku u linja ta' finanzjament sabiex tappoġġja l-bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ f'dan il-proċess. Il-programmi ta' bini tal-kapaċità eżistenti għandhom ikunu miftuħa b'mod aktar espliċitu għall-OSĊ li qed iservu ta' pontijiet bejn il-kwistjonijiet lokali u l-kwistjonijiet ta' governanza ⁽⁵⁾.

1.15. Billi l-KESE jinteraġixxi ma' firxa wiesgħa ta' msieħba f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja, il-KESE huwa lest li jiffaċilita l-involvement reali u sinifikanti tal-msieħba kollha (primarjament mis-soċjetà ċivili) fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-SDGs u, għal dan il-għan, jimpenja ruħu li jiffaċilita l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali.

2. Introduzzjoni

2.1. Il-KESE jilqa' l-impenn imsejjaħ "Nittrasformaw id-dinja tagħna" li sar mill-mexxejja tad-dinja fil-25 ta' Settembru 2015 għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, li tistabbilixxi sett ta' għanijiet sabiex jinqered il-faqar, tiġi protetta l-pjaneta u tiġi żgurata l-prosperità għal kulħadd. Kull għan għandu miri speċifiċi li jridu jintlaħqu matul il-15-il sena li ġejjin. Għalhekk, l-Aġenda 2030 hija mistennija li tippromovi l-ħolqien u t-twaqqif ta' sħubijiet b'saħħithom u inklużivi bejn il-partijiet ikkonċernati kollha u, b'hekk, tappoġġja bil-qawwa kollha t-twassil ta' mudell ta' governanza għad fil-livell globali.

2.2. L-Aġenda 2030 hija kkaratterizzata mill-approċċ universali, indiviżibbli u integrat tagħha għall-pilastri ekonomiċi, soċjali u ambjentali, sabiex b'hekk tilħaq bilanċ uniku bejn it-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli. Huwa għalhekk li l-Aġenda 2030 tikkostitwixxi bidla storika fil-mod kif jiġu indirizzati d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali madwar id-dinja.

⁽⁵⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

2.3. L-Aġenda 2030 hija pjan ta' azzjoni għan-nies, għall-pjaneta u għall-prosperità. Hija tistabbilixxi 17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u 169 mira li jindirizzaw b'mod ugwali d-dimensjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-iżvilupp sostenibbli sabiex tiżgura l-prosperità għal kulħadd, tibni fuq il-kisbiet tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, tindirizza l-iżbilanċi u n-nuqqasijiet tal-MDGs u toffri lid-dinja viżjoni ġdida għall-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir inklużiv, li minnhom jibbenefikaw il-partijiet kollha tal-popolazzjoni. L-Aġenda 2030 għandha wkoll l-għan li tipproteġi, tippromovi u twassal id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza għal kulħadd, b'aktar enfasi fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi (Għan 5).

2.4. Il-KESE jħaddan u jappoġġja b'mod sħiħ l-importanza tal-prinċipju "li ħadd ma jitħalla jaqa lura", li japplika għall-SDGs u l-miri kollha u li, għalhekk, għandu jiġi armonizzat b'mod sħiħ meta jiġu żviluppati sħubijiet, politiki u azzjonijiet għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Aġenda 2030.

2.5. L-Aġenda 2030 stabbiliet struttura ta' governanza ta' livell għoli fil-livell tan-NU, imsejħa l-Forum Politiku ta' Livell Għoli (HLPF), pjattaforma b'bosta partijiet ikkonċernati mogħtija l-mandat sabiex iwettqu reviżjonijiet sistematiki u segwitu fuq l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. L-ewwel laqgħa tal-HLPF, wara l-iffirmar tal-Aġenda 2030, saret f'Lulju 2016 u 22 gvern, inklużi erba' Stati Membri tal-UE, ippreżentaw l-ewwel Reviżjonijiet Nazzjonali Volontarji (NVR), li jirrapportaw fuq l-isforzi sabiex jimplimentaw l-Aġenda 2030 għall-iżvilupp Sostenibbli fil-pajjiżi tagħhom (il-pajjiżi kienu l-Estonja, il-Finlandja, Franza u l-Ġermanja, kif ukoll iċ-Ċina, il-Kolombja, l-Eġittu, il-Georgia, il-Madagaskar, il-Messiku, il-Montenegro, il-Marokk, in-Norveġja, il-Filippini, ir-Repubblika tal-Korea, is-Samoa, is-Sierra Leone, l-Iżvizzera, it-Togo, it-Turkija, l-Uganda u l-Venezwela).

2.6. Matul l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, għandha titpoġġja aktar enfasi fuq l-azzjoni, il-politiki, il-programmi u l-ħolqien ta' sħubijiet b'diversi partijiet ikkonċernati, trasparenti u parteċipattivi li jkollhom l-għan li jeqirdu d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali madwar id-dinja abbażi tal-prinċipji tal-universalità, l-indiviżibbiltà, it-trasparenza, il-kontabbiltà u d-drittijiet tal-bniedem.

2.7. In-natura indiviżibbli u universali tal-Aġenda 2030 tapplika b'mod ugwali għall-pajjiżi żviluppati u għal dawk li għadhom qegħdin jiżviluppaw u l-implimentazzjoni tagħha teħtieġ bidliet ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' trasformazzjoni fuq kull naħa. Billi l-UE hija mistennija li tmexxi billi tagħti eżempju fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, l-UE u l-Istati Membri għandhom jallinjaw il-politiki u l-programmi kollha biex jintlaħqu l-għanijiet tal-għieda kontra l-faqar u l-inugwaljanza, il-preservazzjoni tal-pjaneta u l-ħolqien ta' tkabbir ekonomiku inklużiv b'mod bilanċjat u koerenti, li minnu jibbenefikaw il-partijiet kollha tal-popolazzjoni b'mod ugwali, kif ukoll lejn l-integrazzjoni u l-armonizzazzjoni tat-tliet pilastru tal-SDGs.

2.8. L-istituzzjonijiet tal-UE ser ikollhom bżonn jagħtu bidu għal proċessi ta' livell għoli li jirriżultaw f'deċiżjonijiet politiki ta' livell għoli sabiex l-UE ssir Unjoni ta' Żvilupp Sostenibbli. Għalhekk, huwa importanti immens li tiġi żviluppata strateġija globali għall-implimentazzjoni tal-SDGs sabiex tippromovi, twassal u tarmonizza l-koerenza u l-koordinazzjoni fil-politiki u l-programmi tal-UE b'mod bilanċjat, filwaqt li jiġu kkunsidrati b'mod ugwali t-tliet pilastru tal-Aġenda 2030.

3. Nagħmlu l-UE mexxejja globali għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030

3.1. L-akbar sfida tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 hija l-qerda tal-faqar fil-forom kollha tiegħu, inkluż il-faqar estrem. Dan huwa wkoll prinċipju u valur transversali ewlieni minqax fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea u huwa prerekwiżit għall-kisba ta' żvilupp sostenibbli (Għan 1). L-UE għandha preżenza globali qawwija u, b'hekk, *de facto*, saret attur ewlieni b'influenza kbira fuq it-tkabbir ekonomiku u l-politiki dwar l-iżvilupp madwar id-dinja kollha. Għalhekk, hija għandha opportunità unika li torjenta l-programmi u l-politiki esterni tagħha lejn l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 fil-livell globali billi tiżgura li t-tliet pilastru tal-Aġenda 2030 jiġu integrati b'mod bilanċjat fl-istrumenti ta' azzjoni esterna kollha tal-UE. Minħabba l-universalità u l-indiviżibbiltà tal-Aġenda 2030, l-UE għandha tistenna li hija tiġi skrutinizzata bil-qawwa kollha, l-ewwel u qabel kolloxx fuq kemm tindirizza sewwa din l-isfida.

3.2. L-UE għandha tftitex mekkaniżmi li permezz tagħhom tikkondividi l-piżijiet u l-benefiċċji tat-tibdil fil-klima, minħabba li dan għandu impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem, il-faqar u l-ugwaljanza. Wieħed minn dawn il-mekkaniżmi huwa l-"ġustizzja tal-klima", li jintuża sabiex jinkwadra t-tisħin globali bħala kwistjoni etika u politika, minflok sempliċiment bħala waħda fiżika jew ambjentali. Dan isir billi l-effetti tat-tibdil fil-klima jiġu konnessi mal-kunċetti tal-ġustizzja, b'mod partikolari l-ġustizzja ambjentali u l-ġustizzja soċjali, u billi jiġu eżaminati kwistjonijiet bħall-ugwaljanza, id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet kollettivi u r-responsabbiltajiet storiċi għat-tibdil fil-klima. Propożizzjoni fundamentali tal-ġustizzja tal-klima hija li dawk li huma l-inqas responsabbli għat-tibdil fil-klima huma dawk li jintlaqtu l-agħar minnha.

3.3. Huwa ugwalment kruċjali li fil-programmi u l-politiki interni u esterni tal-UE jiġi armonizzat u integrat il-kunċett ta' "tranżizzjoni ġusta", li jgħin biex jitħarsu d-drittijiet tal-persuni u l-ħaddiema (eż. xogħol deċenti), filwaqt li l-ekonomiji nazzjonali u l-atturi kummerċjali jiġu modernizzati u jsir mod li jirrispettaw l-ambjent u jsiru soċjalment responsabbli permezz tal-istrumenti esterni tal-UE.

3.4. L-implimentazzjoni ġusta tal-pilastru ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-Aġenda 2030 permezz tal-azzjoni esterna tal-UE għandha tinkludi strateġiji li jippromovu l-ekonomiji b'livelli baxxi ta' karbonju, ċirkolari u kollaborattivi, il-produzzjoni u l-konsum ta' ikeġ sostenibbli, l-investiment fl-innovazzjoni u l-immodernizzar tal-infrastruttura fit-tul u l-inkoraġġiment għal negozji sostenibbli ⁽⁶⁾.

3.5. L-Aġenda 2030 hija bbażata fuq il-prinċipju u l-approċċ tal-volontarjat u dan jista' jfjixkel l-implimentazzjoni sħiħa u bla xkiel tagħha. Madankollu, l-UE għandha trendi l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, kemm internament kif ukoll esternament, fi proċess obbligatorju; is-17-il Għan tagħha huma kompatibbli għal kollox mal-prinċipji u l-valuri tal-UE kif inhuma minqax fit-Trattati tagħha u, għalhekk, għandhom jiġu armonizzati u implimentati permezz tal-programmi u l-politiki tal-UE. L-azzjoni esterna tal-UE għandha tkun imsejja fuq dawn il-prinċipji u l-valuri.

3.6. L-implimentazzjoni sħiħa tal-Aġenda 2030 mill-UE teħtieġ impenn reali fl-ogħla livell politiku mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-Istati Membri sabiex l-SDGs jiġu armonizzati, integrati u inklużi b'mod effettiv u mingħajr xkiel fil-politiki u l-programmi kollha tal-UE.

3.7. In-natura universali tal-Aġenda 2030 u l-impenji magħmula mill-pajjiżi madwar id-dinja, irrispettivament mil-livell ta' żvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom u l-livelli ta' għajxien tagħhom, joħlqu sfida sinifikanti ħafna għall-UE sabiex tipprovdi tmexxija u gwida għall-implimentazzjoni progressiva tal-Aġenda 2030 fil-livell globali. Madankollu, sabiex dan l-għan jintlaħaq u l-UE ssir faċilitatur tal-Aġenda 2030, jeħtieġ li hija tieħu d-deċiżjonijiet neċessarji u tagħmel il-bidliet meħtieġa fil-politiki u l-programmi tagħha.

3.8. Ta' min jinnota li għaddiet sena minn meta ntlaħaq qbil fuq l-Aġenda 2030, bil-Kummissjoni Ewropea tittratta l-implimentazzjoni ta' din l-Aġenda b'mod inkoerenti ħafna u xejn ikkoordinat. L-ewwel sessjoni tal-HLPF saret f'Lulju 2016 fin-NU, fejn erba' Stati Membri (l-Estonja, il-Finlandja, Franza u l-Ġermanja) ippreżentaw ir-reviżjonijiet volontarji tagħhom. Il-KESE jiddispaċiħ li l-Kummissjoni Ewropea ma ppreżentat l-ebda strateġija koerenti u kkoordinata għall-ewwel sessjoni tal-HLPF sabiex tiffaċilita t-twassil u l-koordinazzjoni aħjar tas-sinerġiji kemm bejn l-Istati Membri tal-UE u bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE.

3.9. Dan in-nuqqas ta' koordinazzjoni huwa rifless ukoll fid-dokumenti ta' konsultazzjoni kemm għall-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà, kif ukoll għall-Kunsens għall-Iżvilupp ġdid, li jirrifletti l-integrazzjoni u l-armonizzazzjoni limitati tal-Aġenda 2030. Fil-bidu tas-sena, il-Kummissjoni Ewropea bdiet konsultazzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, mingħajr ebda referenza għall-Aġenda 2030 u, b'mod aktar speċifiku, għall-Pilastru Soċjali tagħha. Ta' min jinnota li bħalissal-KESE qed iħejji Opinjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li tistabbilixxi l-fehmiet tal-Kumitat. Il-KESE jenfasizza bil-qawwa li l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli ma tistax, u ma għandhiex, tiġi implimentata mill-UE fiżolament.

3.10. L-għajnuna għall-iżvilupp mill-UE u mill-Istati Membri tmur għal madwar 150 pajjiż; huma l-ikbar donaturi tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA), li tammonta għal aktar minn 50 % tal-ODA globali totali mogħtija b'donazzjoni kull sena. Il-figuri preliminari juru li l-ODA totali tal-UE (l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri) żdiedet għal EUR 68 biljun fl-2015 – fejn kompliet tikber għat-tielet sena konsekuttiva, żdiedet bi 15 % mill-2014 u laħqet l-ogħla livell tagħha sal-lum. Il-KESE jstieden lill-UE u lill-Istati Membri sabiex iżidu l-ODA totali: fl-2015, din telgħet għal 0,47 % tal-ING (Introjtju Nazzjonali Gross) tal-UE u jeħtieġ li tilħaq il-mira ta' 0,7 %.

3.11. L-istħarriġ tal-Ewrobarometru juri li kważi diġha minn kull għaxar ċittadini tal-UE jappoġġjaw l-għajnuna għall-iżvilupp (89 % – żieda ta' 4 punti perċentwali mill-2014). Aktar minn nofshom jgħidu li l-livelli ta' għajnuna mwiegħda għandhom jitwasslu mill-UE ⁽⁷⁾. Iċ-ċittadini Ewropej jistennew li l-UE tissodisfa l-impenji tagħha għall-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli, tipprovdi viżjoni ġdida għal Ewropa sostenibbli u tissodisfa l-obbligi tal-implimentazzjoni tagħha.

⁽⁶⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE NAT/693 (Opinjoni adottata fil-21 ta' Settembru 2016, għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU).

⁽⁷⁾ Ewrobarometru Speċjali Nru 441 – Is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp – Il-fehmiet taċ-ċittadini fuq l-iżvilupp, il-kooperazzjoni u l-għajnuna (mhux disponibbli bil-Malti).

3.12. Il-Kummissjoni Ewropea għandha twettaq ir-rieżami tal-politiki u l-programmi li jiffokaw fuq pajjiżi terzi sabiex tiżgura li dawn ikunu kompatibbli mal-Aġenda 2030. L-eżerċizzju ta' mmappjar li qed twettaq il-Kummissjoni Ewropea għandu jkun akkumpanjat minn analiżi komprensiva u dettaljata tad-diskrepanzi sabiex jiġu identifikati n-nuqqasijiet u l-inkonsistenzi bejn il-politiki u l-programmi tal-UE orjentati lejn il-pajjiżi terzi u mal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli.

3.13. Hemm nuqqas ta' dejta affidabbli u diżaggregata dwar is-sitwazzjoni tan-nies vulnerabbli fid-dinja. Għalhekk, il-Kummissjoni Ewropea għandha tappoġġja l-ħidma tal-Grupp ta' Esperti u Interistituzzjonali fuq l-Indikaturi tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli. L-Eurostat għandu jsahha il-kapaċità tiegħu sabiex ikejjel l-impatt tal-Aġenda 2030 fuq il-gruppi vulnerabbli ġewwa l-UE. Il-KESE jappella sabiex jinħareġ rapport annwali dwar l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u fondi fir-rigward tal-Aġenda 2030. Dan għandu jkun parti mir-rapporti annwali pjanati tal-Eurostat dwar l-implimentazzjoni tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli għall-Ewropa.

3.14. L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jieħu l-passi neċessarji sabiex ikunu jistgħu jilhq u l-isfida li jdaħħlu fis-seħħ il-prinċipju li "Ħadd ma jitħalla jaq' lura" u jintegraw b'mod sħiħ dan il-prinċipju fil-politiki u l-programmi tagħha. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, huwa meħtieġ livell sinifikanti ta' dejta diżaggregata, affidabbli u aċċessibbli.

3.15. Il-Kummissjoni Ewropea għandha dejjem tinvolvi u tikkonsulta lis-soċjetà ċivili meta tiġi biex tmexxi r-rieżami komprensiv jew tistabbilixxi proċessi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. Madankollu, il-KESE huwa tal-fehma li l-Kummissjoni Ewropea għandha tarmonizza l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità għas-soċjetà ċivili fil-politiki u l-programmi kollha tagħha u b'hekk trendi lis-soċjetà ċivili fi msieħba reali fl-implimentazzjoni tal-SDGs, billi tipprovi finanzjament għall-kooperazzjoni internazzjonali għas-soċjetà ċivili bbażata fl-UE u għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ta' reġjuni oħrajn. Għal dan il-għan, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tapprova t-twaqqif tal-Forum Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli, kif rakkomandat fl-Opinjoni tal-KESE dwar Forum tas-Soċjetà Ċivili Ewropea dwar l-Iżvilupp Sostenibbli⁽⁸⁾.

3.16. L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta' koordinazzjoni interistituzzjonali għall-armonizzazzjoni u l-integrazzjoni b'mod effettiv, mingħajr xkiel u b'mod koerenti tal-għanijiet u l-miri tal-Aġenda 2030 fil-programmi u l-politiki ta' azzjoni esterna kollha tal-UE. L-involviment komprensiv fl-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livell globali mill-UE jeħtieġ ippjanar strateġiku għall-ġejjieni tal-programmi u l-politiki esterni tal-UE. Għalhekk, il-KESE jistieden:

3.16.1. lill-Kummissjoni Ewropea sabiex, fil-Komunikazzjoni li jmiss dwar l-Aġenda 2030, tippreżenta programm sinifikanti bil-għan li tikseb il-koerenza u l-koordinazzjoni tal-politika fl-azzjoni esterna u l-programmi tagħha. Komunikazzjoni mingħajr pjan sinifikanti sabiex il-politiki esterni tal-UE jiġu ttrasformati f'politiki xprunati mill-Aġenda 2030 ma tilħaqx l-aspettattivi tan-nies madwar id-dinja. Dan il-pjan għandu jkun parti minn strateġija globali tal-UE li tkopri l-miżuri neċessarji u li tagħmel il-bidliet meħtieġa sabiex l-Aġenda 2030 tiġi implimentata b'mod koerenti fil-politiki u l-programmi tal-UE fil-livell globali. Il-mudell ta' governanza b'diversi partijiet ikkonċernati għandu jkun komponent bażiku tal-istrateġija globali, li jiżgura l-involviment sħiħ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-SDGs⁽⁹⁾;

3.16.2. lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tiżgura li l-Istrateġija Globali tal-UE dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà tkun mekkaniżmu usa' li jkun iħaddan l-Aġenda 2030 f'oqsma bħall-kummerċ, l-iżvilupp, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-għajnuna umanitarja, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, it-trasferimenti tat-teknoloġija u l-azzjoni klimatika;

3.16.3. lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tiżgura li l-proposta għall-Kunsens għall-Iżvilupp tal-ġejjieni tistabbilixxi koordinazzjoni reali bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, billi tiġi pprovduta għajnuna lill-pajjiżi terzi. Din il-koordinazzjoni għandha tinkludi l-ġbir tar-riżorsi. Il-Kunsens għandu jinkludi koordinazzjoni bilaterali effettiva bejn l-UE u l-Istati Membri fuq il-prijoritajiet nazzjonali tagħhom, is-sħubijiet mal-UE u l-inklużjoni ta' donaturi pubbliċi u privati oħrajn. Dan mistenni jkollu effett multiplikatur għall-kisba tal-Aġenda 2030 u jnaqqas l-impatt negattiv tal-frammentazzjoni u d-duplikazzjoni tal-għajnuna, kif inhu l-każ bħalissa;

⁽⁸⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

⁽⁹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar l-Iżvilupp Sostenibbli Ewropew" relatur: Brenda King, punt 1.4, (ĠU C 303, 19.8.2016, p. 73); Opinjoni tal-KESE dwar "Evalwazzjoni tal-istrateġija tal-Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv", relatur: Stefano Palmieri (ĠU C 12, 15.1.2015, p. 105).

3.16.4. lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tippromovi l-ekonomija soċjali u solidali permezz tal-programmi u l-politiki esterni tagħha. Il-KESE huwa tal-fehma li l-ekonomija soċjali u solidali hija allinjata kompletament mal-kisba tal-SDGs u, għalhekk, dan is-settur tal-ekonomija jista' jkun strumentali fl-implimentazzjoni bilanċjata tal-pilastru ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-Aġenda 2030.

3.16.5. lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tikkjarifika u tispeċifika l-mezzi li jridu jintużaw għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, filwaqt li tfittex sinerġiji b'saħħithom mal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u l-Forum tal-Finanzjament għall-Iżvilupp.

3.17. L-approċċ olistiku ġdid tal-Aġenda 2030, bin-natura universali u indiviżibbli tat-tliet pilastru relatati ma' xulxin, jindika mudell aktar komprensiv tal-iżvilupp uman u, għalhekk, ir-riżultati tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 ma jistgħux jitkejlu bil-mod tradizzjonali, jiġifieri bl-użu esklussiv tal-PDG sabiex jitkejlu t-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp inklużiv.

3.18. L-Unjoni Ewropea għandha tfassal u timplimenta politiki u programmi speċifiċi, bil-għan li timplimenta b'mod sħiħ l-Aġenda 2030, b'enfasi partikolari fuq il-promozzjoni tad-demokrazzija, id-drittijiet tal-bniedem, il-politiki dwar l-ambjent, l-istat tad-dritt u t-tkabbir inklużiv b'titjib reali tal-kundizzjonijiet tal-għajxien ta' gruppi vulnerabbli. Dawn għandhom ikunu l-komponenti bażiċi tal-azzjoni esterna, il-politiki u l-programmi tal-UE, b'enfasi fuq il-promozzjoni tal-implimentazzjoni bilanċjata tat-tliet pilastru tal-Aġenda 2030.

3.19. Is-Servizz għall-Azzjoni Esterna għandu jfassal u jimplementa wkoll pjan koerenti sabiex jinkludi azzjoni u inizjattivi li jkunu jistgħu jitkejlu. L-għan għandu jkun li permezz ta' rwol ewlieni fl-armonizzazzjoni tal-Aġenda 2030 b'mod konsistenti fl-azzjoni, il-politiki u l-programmi tagħha, l-UE titqies mill-bqija tad-dinja bħala li qed twitti t-triq lejn implimentazzjoni ġusta u bilanċjata tal-Aġenda 2030.

3.20. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tistabbilixxi kundizzjonalità tal-Aġenda 2030 li tkun imsawra mis-17-il għan u din il-kundizzjonalità għandha tiġi inkluża fil-politiki u l-programmi kollha ffinanzjati mill-UE permezz tal-azzjoni esterna tagħha. Il-benefiċjarji ta' dawn il-programmi għandhom ikunu responsabbli mill-issodisfar ta' din il-kundizzjonalità meta jimplementawhom. Mingħajr ebda dubju, il-kundizzjonalità tal-Aġenda 2030 għandha tkun applikabbli b'mod ugwali u sħiħ għall-politiki u l-programmi kollha tal-UE. Il-prinċipju tal-kundizzjonalità diġà kien inkluż fil-qafas regolatorju tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment tal-UE⁽¹⁰⁾.

3.21. Huwa ġeneralment aċċettat li l-Aġenda 2030 iġġib bidla fundamentali għall-aġenda tal-iżvilupp u li dan għandu jkun rifless b'mod sħiħ fil-programmi ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-UE. Għalhekk, is-17-il għan tal-Aġenda 2030 għandhom ikunu armonizzati, integrati u inklużi b'mod sħiħ fl-Aġenda tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-UE. L-UE għandha wkoll tirrispetta b'mod sħiħ u tikkunsidra t-trattati internazzjonali, inklużi t-trattati dwar l-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem, meta tiġi biex tiżviluppa u timplimenta l-azzjoni esterna⁽¹¹⁾.

3.22. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinkludi fil-programmi u l-politiki esterni tagħha miżuri li jkejlu l-fehim u l-perċezzjoni tan-nies fir-rigward tal-impatt tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. Għalhekk, il-Kummissjoni Ewropea għandha twettaq sħarriġ tal-Ewrobarometru fl-Istati Membri tal-UE u sħarriġ rilevanti fil-pajjiżi msieħba. Għandu jiġi nnotat u enfasizzat li, skont l-Ewrobarometru, huma biss terz tal-Ewropej li semgħu jew qraw dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (36 %).

⁽¹⁰⁾ Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽¹¹⁾ Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Razzjali Il-21 ta' Diċembru 1965
Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi Is-16 ta' Diċembru 1966
Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali Is-16 ta' Diċembru 1966
Il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa It-18 ta' Diċembru 1979
Il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra L-10 ta' Diċembru 1984
Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal L-20 ta' Novembru 1989
Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji Tagħhom It-18 ta' Diċembru 1990
Il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat L-20 ta' Diċembru 2006
Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità It-13 ta' Diċembru 2006

4. L-iżgurar ta' rwol sinifikanti għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċess tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 madwar id-dinja

4.1. L-Aġenda 2030 tappella lid-dinja sabiex timxi lejn mudell ta' governanza b'bosta partijiet ikkonċernati, bi rwol akbar għas-soċjetà ċivili. Dan jinvolvi modi ġodda, aktar kollaborattivi u inklużivi ta' ħidma, mibnija madwar proċess parteċipattiv tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

4.2. Il-proċess tan-negozjar tal-Aġenda 2030 immobilizza u attira atturi ġodda mis-soċjetà ċivili u, għalhekk, dan l-involvement tas-soċjetà ċivili għandu jiġi kapitalizzat, imsaħħaħ u formalizzat matul il-proċess tal-implimentazzjoni. Fil-fatt, il-kontribuzzjonijiet pożittivi u effettivi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili matul in-negozjati fuq l-Aġenda 2030 għamlu r-rwol tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni ta' din l-Aġenda wieħed indispensabbli, li b'hekk jagħmel lis-soċjetà ċivili sieħba *de facto* f'dan il-proċess.

4.3. Is-soċjetà ċivili għandu jkollha rwol kruċjali fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 fl-ivell nazzjonali, reġjonali u globali. Għandu jiġi żgurat li s-soċjetà ċivili jkollha wkoll rwol effettiv fil-ivell nazzjonali fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi msieħba. Sabiex tali parteċipazzjoni u sħubija jsiru realtà, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tarmonizza, tintegra u tinkludi l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità tas-soċjetà ċivili fil-programmi u l-politiki tagħha.

4.4. Il-KESE huwa konxju tar-restrizzjonijiet, il-barrieri u l-ostakoli li qegħdin jiffaċċjaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'ħafna partijiet tad-dinja u huwa konxju wkoll li din is-sitwazzjoni ta' dispaċir tfixx il-parteċipazzjoni reali u effettiva tagħhom f'dan il-proċess. Għalhekk, huwa jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tagħmilha obligatorja għall-pajjiżi msieħba li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni reali tas-soċjetà ċivili permezz ta' konsultazzjoni u involviment sistematiċi fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Aġenda 2030 b'rabta ma' proġetti u programmi, speċjalment dawk iffinanzjati mill-UE. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, id-delegazzjoni tal-UE fil-pajjiżi msieħba għandha timmonitorja din is-sitwazzjoni mill-qrib u tirrapporta lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà. Id-delegazzjonijiet tan-NU fil-pajjiżi msieħba għandhom jorganizzaw ukoll laqgħat ta' konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar programmi ta' finanzjament tal-UE.

4.5. Madankollu, is-soċjetà ċivili għandha tfittex b'mod proattiv li tadatta għar-reqwiziti tal-Aġenda 2030 sabiex tinfluwenza b'mod effettiv l-implimentazzjoni tagħha. Jidher b'mod ċar li l-Aġenda 2030 tistieden lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex isiru forza ta' xprunar reali għall-implimentazzjoni tagħha u dan ifisser li s-soċjetà ċivili għandha tittratta dan il-proċess bħala bidla fundamentali fil-mod ta' kif hija organizzata u taħdem. Dan jista' jinkiseb biss jekk is-soċjetà ċivili tħejji u tirruttura lilha nnifisha sabiex tkun tista' tipparteċipa b'mod sħiħ fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom ikunu rappreżentattivi, demokratiċi, trasparenti u responsabbli.

4.6. It-twaqqif futur tal-Forum għall-Iżvilupp Sostenibbli fl-UE huwa mudell tajjeb ta' pjattaforma li tista' tiġi replikata f'reġjuni u pajjiżi oħrajn tad-dinja, imfassla għall-kundizzjonijiet lokali ⁽¹²⁾.

4.7. Il-KESE huwa lest li jiffaċilita l-involvement sinifikanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rieżami tal-Aġenda 2030 fil-ivell globali. Il-KESE jista' jappoġġja dan billi jutilizza b'mod sħiħ in-netwerk wiesa' tiegħu ta' kuntatti, msieħba u partijiet ikkonċernati f'ħafna reġjuni tad-dinja. Huwa jistieden ukoll lill-Kummissjoni Ewropea tintegra u tarmonizza l-appoġġ strutturali u sinifikanti fil-programmi u l-politiki esterni tagħha bil-għan li tippermetti lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi terzi jipparteċipaw bħala msieħba sħaħ fil-proċess ta' implimentazzjoni tal-Aġenda 2030.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2016.

President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

⁽¹²⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Evalwazzjoni ta’ nofs it-term tal-Orizzont 2020”

(Opinjoni esploratorja)

(2017/C 034/10)

Relatur: **is-Sur Ulrich SAMM**

Konsultazzjoni	Presidenza Slovakka tal-Kunsill, 14/03/2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Opinjoni esploratorja)
Sezzjoni kompetenti	Is-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	04/10/2016
Adottata fil-plenarja	20/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	180/0/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ l-Orizzont 2020 bħala programm b’saħħtu u ta’ suċċess li jgħaqqad l-eċċellenza, infrastrutturi ta’ riċerka konġunti, kollaborazzjoni bejn il-fruntieri, kif ukoll sinerġiji bejn l-akkademja, l-industrija, l-SMEs u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka.

1.2. L-Orizzont 2020 huwa strument ta’ politika ewlieni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 “li jikkontribwixxi għat- tkabbir u l-kompetittività ekonomika fl-Ewropa, b’mod sostenibbli, bit-tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni biex jindirizza l-isfidi l-kbar li tiffaċċja s-soċjetà Ewropea”.

1.3. Għalhekk, il-KESE, f’konformità mal-kumitat ta’ riċerka Parlament Ewropew (ITRE), jappella biex EUR 2,2 biljun jingħataw mill-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) lura lejn il-programm għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Orizzont 2020 tal-UE.

1.4. Il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon il-fatt li l-innovazzjoni għandha aktar piż fil-programm Orizzont 2020. L-innovazzjoni hija essenzjali għat- tkabbir ekonomiku. L-istrument tal-SME introdott dan l-aħħar huw eżempju pożittiv ta’ proċess effiċjenti ta’ applikazzjoni, għażla u monitoraġġ.

1.5. Il-finanzjament ta’ riċerka bażika huwa ta’ suċċess kbir. L-għotijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC) b’mod partikolari huma meqjusa b’rispett kbir: jitqiesu bħala għotijiet ta’ livell għoli għal riċerkaturi individwali, u jaħdmu bħala punt ta’ riferiment madwar l-Ewropa.

1.6. Il-KESE huwa mħasseb li l-finanzjament għar-riċerka dwar Sfidi Soċjetali tnaqqas b’mod sinifikanti. Ħafna stejjer ta’ suċċess ta’ kollaborazzjoni fir-riċerka madwar l-UE kollha mill-FP6 u l-FP7 temmew bl-Orizzont 2020. Ir-riċerka kollaborattiva għandha terġa’ tibda taqdi rwol bħala element indispensabbli fil-katina tar-riċerka u l-innovazzjoni.

1.7. Il-KESE jappella għal evalwazzjoni bir-reqqa sabiex jinstab bilanċ raġonevoli bejn it-tliet pilastri ta’ finanzjament: Xjenza Eċċellenti, Tmexxija Industrijali u Bidliet Soċjetali. Din l-evalwazzjoni għandha tqis id-differenzi tagħhom f’termini ta’ impatt, iż-żminijiet, l-effetti ta’ lieva u, b’mod partikolari, il-valur miżjud speċifiku tagħhom mil-lat tal-UE.

1.8. Jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea tippovdi appoġġ ibbilanċjat sew għall-katina kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni, minn riċerka fundamentali sa riċerka fuq il-prodott.

1.9. Il-KESE jenfasizza wkoll li x-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi għandhom rwol fundamentali fl-analiżi u t-tbassir tal-iżviluppi soċjetali kkawżati minn bidliet fil-kondizzjonijiet tax-xogħol u ta' għajxien li jirriżultaw mit-tibdil demografiku, il-globalizzazzjoni, it-tibdil fil-klima, it-teknoloġiji emerġenti, id-diġitalizzazzjoni u l-edukazzjoni għal impjegi ġodda ta' kwalità għolja.

1.10. Il-KESE qed isegwi b'interess kbir il-prestazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Qorti tal-Awdituri. Aħna nistennew li l-evalwazzjoni interim twassal għal titjib konsiderevoli fl-EIT.

1.11. It-twaqqif ta' Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni ġdid, kif propost mill-Kummissjoni, u li huwa maħsub biex jindirizza direttament lill-intraprendituri/innovaturi jista' jsir organizzazzjoni "umbrella" li tinkorpora u tissemplifika l-istrumenti ta' finanzjament għall-innovazzjoni, u b'hekk jipprovdi mod effiċjenti kif jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni.

1.12. Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li meta jiġi introdott strument ta' finanzjament ġdid, l-istrumenti l-oħrajn jiġu riveduti bir-reqqa, bl-għan li jitnaqqas in-numru tagħhom u jkunu armonizzati kemm jista' jkun.

1.13. Il-KESE jixtieq jenfasizza li l-għoti ta' finanzjament għall-mobilità u l-aċċess, flimkien ma' appoġġ għar-riċerkaturi għall-infrastrutturi transkonfinali, huwa element ewlieni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, li għandha tiġi appoġġata b'mod aktar effettiv.

1.14. Il-KESE huwa ferm imħasseb dwar id-differenzi kbar bejn l-Istati Membri f'termini ta' finanzjament nazzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni. Dan wassal għal differenzi kbar fil-livell ta' suċċess fir-rigward ta' kemm jirċievu finanzjament mill-UE.

1.15. Il-KESE jirrakkomanda li l-istrumenti kollha jiġu riveduti sabiex isir titjib li jista' jgħin biex jingħelbu dawn id-differenzi. Għal dan l-għan, ir-riċerka kollaborattiva li tlaqqa' flimkien diversi Stati Membri se taqdi rwol importanti, kif ukoll il-miżuri ġodda ta' Tixrid tal-Eċċellenza u t-Twessigħ tal-Parteċipazzjoni.

1.16. Il-KESE jitlob li jissaħħaħ il-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp nazzjonali u jixtieq jenfasizza lill-Istati Membri li l-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp mill-UE ma jistax jissostitwixxi l-isforzi nazzjonali.

1.17. Il-KESE jappoġġa wkoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2016, u jenfasizza li fil-qafas tal-Orizzont 2020, għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li l-finanzjament bbażat fuq is-self ma jiġix estiż aktar għad-detriment tal-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp msesjes fuq l-għotjiet.

1.18. Għandhom jintlaħqu rati ta' suċċess raġonevoli biex tiġi evitata l-ħela tar-riżorsi u l-kawża ta' frustrazzjoni fost l-aħjar parteċipanti mill-industrija u l-akkademja. Varjetà ta' proposti għal kontromiżuri huma disponibbli u l-Kummissjoni għandha timplimentahom immedjatament għall-perjodu li fadal tal-Orizzont 2020.

1.19. Il-ħtieġa li jiġu ssemplifikati aktar il-proċeduri tal-Orizzont 2020 għadha kwistjoni ewlenija. Aħna nirrikonoxxu l-isforzi b'suċċess tal-Kummissjoni biex l-applikazzjonijiet ikunu aktar faċli. B'kuntrast ma' dan, l-istadju tar-realizzazzjoni tal-proġett issa jista' jinvolvi piżijiet żejda. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni taċċetta li, sa fejn possibbli, il-prinċipju li l-konformità mar-regoli nazzjonali hija l-kriterju ewlieni, sakemm dawn ir-regoli jissodisfaw l-istandards miftiehma.

1.20. L-evalwazzjoni interim għandha tanalizza kif l-Orizzont 2020 jikkontribwixxi b'mod kwalitattiv għall-għanijiet tiegħu ta' trawwim ta' xjenza eċċellenti, l-indirizzar ta' sfidi soċjetali urġenti u l-appoġġ għal tmexxija industrijali għal aktar tkabbir ekonomiku u inklużiv li joħloq impjegi reali fl-Ewropa, aktar milli l-enfasi tkun wisq fuq miżuri kwantitattivi bħall-għadd ta' pubblikazzjonijiet, privattivi u r-redditu fuq l-investment, kif għamlet l-evalwazzjoni tal-FP7. Huwa jirrakkomanda wkoll li jiġu stabbiliti indikaturi kompatibbli kemm għal investimenti ta' riċerka kif ukoll ta' innovazzjoni fi ħdan il-Fondi Strutturali u l-FEIS.

2. Introduzzjoni

2.1. Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) tnedja fl-2014 biex isaħħaħ l-eċċellenza xjentifika, biex jiġi indirzzati l-isfidi soċjali l-kbar fl-Ewropa u biex jitħeġġeġ it-tkabbir ekonomiku. Isegwi s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitàjiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013). L-istruttura tal-Orizzont 2020 hija differenti b'mod sinifikattiv minn tal-FP7, billi l-programm issa jinkludi wkoll l-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (EIT) u partijiet ta' dak li kien il-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP). Kif wieħed jista' jara kemm f'din l-istruttura ġdida u fl-isem, l-innovazzjoni għandha rwol ferm aktar b'saħħtu fl-Orizzont 2020 milli fil-programm ta' qabel.

2.2. Il-KESE pprova analiżi dettaljata tal-proposta għar-Regolament tal-Orizzont 2020 fl-opinjoni tiegħu ta' Marzu 2012 ⁽¹⁾.

2.3. Il-KESE jilqa' l-Orizzont 2020 bħala programm b'saħħtu u ta' suċċess li jgħaqqad l-eċċellenza, l-infrastrutturi tar-riċerka u l-iżjed importanti, riċerkaturi minn Stati Membri differenti tal-UE, stati assoċjati u madwar id-dinja, u li jipproduċi riżultati importanti kif ukoll sinerġiji bejn l-akkademja, l-industrija, l-SMEs u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka. Huwa l-akbar programm ta' finanzjament pubbliku tad-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni u sinjal qawwi li l-UE qed tinvesti fil-ġejjieni tagħha.

2.4. Dawn it-tliet pilastri ewlenin tal-Orizzont 2020 jinkludu aktar minn 90 % tal-baġit tal-Orizzont 2020:

1. "Xjenza Eċċellenti" mal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC), teknoloġiji futuri u emerġenti (FET), il-mobilità tar-riċerkaturi (MSCA) u l-infrastrutturi Ewropej tar-riċerka (EUR 24,4 biljun).
2. "Tmexxija Industrijali", li tiffoka fuq il-kompetittività tal-Industrija Ewropea f'sitt sottoprogrammi b'enfasi partikolari fuq il-finanzjament tal-SMEs (EUR 17-il biljun).
3. "Sfidi Soċjetali" b'seba' sottoprogrammi (EUR 29,7 biljun).
- 2.5. Il-programm ġie miftiehem mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew b'baġit totali ta' aktar minn EUR 70 biljun (kważi EUR 80 biljun fi prezzijiet attwali) ta' finanzjament fuq medda ta' seba' snin. Il-baġit tal-programm tnaqqas b'EUR 2,2 biljun fl-2015 sabiex dawn il-fondi jistgħu jintużaw għall-FEIS.
- 2.6. L-Orizzont 2020 għandu r-rwol multidimensjonali fl-istrategġija tal-UE. Huwa l-istrument finanzjarju li jimplementa l-Unjoni tal-Innovazzjoni, inizjattiva ewlenija tal-Ewropa 2020 li għandha l-għan li tiggarrantixxi l-kompetittività globali tal-Ewropa. Madankollu, għandu l-għerq tiegħu fit-Trattat ta' Lisbona, b'mod partikolari l-Artikoli 179 et seq., li stabbilixxa l-għan li tinkiseb Żona Ewropea tar-Riċerka u nġhata l-kompitu lill-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-"implimentazzjoni ta' riċerka, programmi ta' żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni, billi ssaħħaħ il-kooperazzjoni ma' u bejn l-impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet".
- 2.7. L-Orizzont 2020 ġie stabbilit fi żminijiet ta' sfidi ekonomiċi serji u l-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa, u b'hekk poġġa enfasi akbar fuq l-innovazzjoni minn programmi ta' riċerka preċedenti tal-UE. L-innovazzjoni hija ġeneralment mifhuma f'dan il-kuntest bħala l-introduzzjoni kummerċjali ta' prodotti u servizzi ġodda jew imtejba b'mod sinifikanti.
- 2.8. F'dan il-kuntest, l-Orizzont 2020, li tiffoka fuq it-tkabbir ekonomiku, stabbilixxiet ukoll strument ġdid għall-SMEs imfassal speċifikament biex jgħin lill-SMEs individwali biex ikunu aktar innovattivi. L-għan tiegħu huwa li 20 % tal-finanzjament fil-pilastri 2 u 3 se jiġi assorbit mill-SMEs u jqiegħed enfasi aktar qawwija fuq l-istrumenti finanzjarji.

3. Mir-riċerka għall-innovazzjoni

3.1. Il-KESE jirrikonoxxi s-suċċess tal-Orizzont 2020, u jilqa' b'sodisfazzjon il-bidla fl-enfasi favur aktar innovazzjoni għal ekonomija li qed tikber. Madankollu, jixtieq jenfasizza xi perikli li jikkonċernaw il-katina tar-riċerka u l-innovazzjoni, li huwa jħoss jistgħu jheddu dan is-suċċess.

⁽¹⁾ ĠU C 181, 21.6.2012, p. 111.

3.2. Jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea tindirizza l-katina kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni, minn riċerka fundamentali sa riċerka fuq il-prodott. Appoġġ ibbilanċjat sew biss matul din il-katina se jiżgura li jinħoloq l-għarfien espert bis-saħħa tal-applikazzjoni ta' "know-how" u eventwalment benefiċċji soċjetali u ekonomiċi. Il-KESE jitlob li ssir valutazzjoni bir-reqqa sabiex jinstab bilanċ raġonevoli bejn it-tliet pilastru ta' finanzjament Xjenza Eċċellenti, Tmexxija Industrijali u Sfdi tas-Soċjetà, filwaqt li jitqiesu d-differenzi tagħhom f'termini ta' impatt, iż-żminijiet meħuda, l-effetti ta' lieva u, b'mod partikolari, il-valuri miżjuda għall-UE speċifiċi tagħhom.

3.3. Ir-riċerka fundamentali fl-Ewropa hija ta' suċċess kbir. Il-finanzjament minn isfel għal fuq, mill-FET, l-MSAs u l-ERC żgur li għandu jinżamm fuq livell għoli. L-għotijiet tal-ERC b'mod partikolari huma meqjusa b'rispett kbir: jitqiesu bħala għotjiet ta' livell għoli għal riċerkaturi individwali, u jaħdmu bħala punt ta' riferiment madwar l-Ewropa.

3.4. Wieħed għandu jinnota wkoll li r-riċerka moderna hija fil-parti l-kbira mwettqa b'kollaborazzjoni. Għalhekk, irrispettivament mill-importanza li jiġu appoġġati riċerkaturi individwali, niddeploraw il-fatt li l-finanzjament tar-riċerka kollaborattiva bażika tnaqqas b'mod sinifikanti fl-Orizzont 2020.

3.5. Ir-riċerka bażika li tiegħu ħafna żmien qabel ma tintlaħaq l-innovazzjoni, u li hija prinċipalment motivata minn sfidi tas-soċjetà, hija fil-parti l-kbira tagħha mhux koperta permezz mill-ERC. Dan it-tip ta' riċerka kollaborattiva rnexxiet ħafna fi programmi qafas preċedenti, iżda bl-Orizzont 2020 tilefet ħafna mill-importanza tagħha. Sfdi tas-soċjetà tnaqqsu bi 3,5 % biex jiġi finanzjat il-FEIS u r-riċerka kollaborattiva fil-livelli aktar baxxi ta' preparazzjoni teknoloġika (Livelli ta' Tlestija Teknoloġika – TRL) 1-5 tilfet il-pass ma' TRL ogħla. Dan wassal lil ħafna universitajiet u organizzazzjonijiet ta' riċerka jimxu 'l bogħod mir-riċerka dwar l-isfidi tas-soċjetà, b'effett li l-interazzjoni bejn l-industrija u l-akkademja tnaqqset minflok issaħħet. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni tindirizza dan l-iżvilupp inkwetanti. Huwa ta' importanza kruċjali li l-finanzjament għal Sfdi Soċjetali jiġi restawrat u r-riċerka f'livelli ta' Tlestija Teknoloġika 1-5 tkun inkluża b'mod iżjed prominenti fl-Isfidi Soċjetali tal-Orizzont 2020 sabiex jiġi kopert iċ-ċiklu kollu tar-riċerka u l-innovazzjoni. F'dan il-kuntest huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni tikkonsulta mal-partijiet interessati waqt l-iżvilupp tad-dettalji dwar kif għandhom jidhru l-Isfidi Soċjetali fil-livell tal-programm ta' ħidma.

3.6. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-innovazzjoni għandha aktar piż fl-Orizzont 2020. L-innovazzjoni hija essenzjali għat-tkabbir ekonomiku. L-istrument tal-SME introdott dan l-aħħar huw eżempju pożittiv ta' proċess effiċjenti ta' applikazzjoni, għażla u monitoraġġ. Is-suċċess ta' dan l-istrument jidher mill-fatt li diġà nqabeż l-għan oriġinali ta' sehem ta' 20 % tal-baġit għall-SMEs. L-evalwazzjoni għandha tanalizza l-impatt u l-effettività ta' dan l-istrument fir-rigward tat-tipi differenti ta' SMEs u r-raġunijiet tagħhom għalfejn japplikaw bħala negozju wieħed (kif jagħmlu ħafna minnhom) jew bħala konsorzju (nazzjonali jew madwar l-UE). Għandha tingħata attenzjoni wkoll li jiġi analizzat sa liema punt tnaqqis fil-fondi nazzjonali għall-SMEs huwa marbut ma' talbiet għal finanzjament fil-livell tal-UE. Huwa kruċjali li l-finanzjament tal-SMEs ukoll jibqa' aċċessibbli għall-SMEs fil-livell reġjonali u lokali u li l-finanzjament tal-UE ma jintużax biex jiġġustifika tnaqqis għal dan is-sors ewlieni ta' appoġġ fil-livell lokali.

3.7. Il-parteciċipazzjoni tal-industrija hija essenzjali għas-suċċess tal-Orizzont 2020. Huwa evidenti li l-ammont totali ta' finanzjament mill-Orizzont 2020 għall-industrija huwa inqas sinifikanti b'rabta mal-infiq tal-industrija fuq ir-riċerka u l-iżvilupp. Il-benefiċċji ewlenin għall-imsieħba tal-industrija jistgħu jitqiesu f'termini ta' bini ta' networks, rabtiet ġodda ma' universitajiet, organizzazzjonijiet tar-riċerka u partijiet interessati oħra bħal bliet. Il-proġetti tal-UE għandhom rwol sinifikanti fl-għoti ta' massa kritika biex jiġu żviluppati standards ġodda u biex jipprovdu lill-industrija b'esperjenza ġdida, klijenti u swieq ġodda u talenti ġodda. Dan l-effett favorevoli għall-kompetittività tal-Ewropa għandu jiġi promoss aktar. Għandu jiġi nnutat li dawn l-indikaturi ta' suċċess bħall-għadd ta' impjegji ġodda għandhom mhumiex applikabbli għall-Orizzont 2020 minħabba ż-żmien għall-innovazzjoni u għall-ħolqien tal-impjegji.

3.8. Il-KESE qed isegwi b'interess kbir il-prestazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT). L-Ewropa teħtieġ interazzjoni qawwija bejn l-industrija, ir-riċerka u l-edukazzjoni, li huwa l-għan ewlieni tal-EIT. Skont ir-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri (April 2016), l-EIT madankollu qed iħabbat wiċċu ma' għadd ta' sfidi sinifikanti. Għalkemm xi wħud minnhom diġà ġew indirizzati reċentement, nistennew li l-evalwazzjoni interim se twassal għal titjib ġenerali sinifikanti fl-EIT.

3.9. Diskussjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-istabbiliment ta' Kunsill Ewropew għall-Innovazzjoni (EIC), għet immedija mill-Kummissjoni. L-EIC huwa maħsub biex jindirizza direttament lill-intraprendituri u lill-innovaturi. L-EIC tista' ssir mekkaniżmu li jaħdem b'iżjed ħeffa għall-ikkompletar tal-aħħar passi sabiex jingħalaq id-distakk tal-innovazzjoni. L-EIC jista' jsir organizzazzjoni "umbrella" li taħtu l-istrumenti ta' finanzjament rilevanti għall-innovazzjoni jiġu semplifikati. Dan ovvjament jirrikjedi kawtela fis-sinkronizzazzjoni u l-armonizzazzjoni mal-istrumenti kollha l-oħra ta' finanzjament. Il-KESE jilqa' din l-inizjattiva u huwa lest jikkontribwixxi għal din id-diskussjoni ladarba jkun disponibbli l-proposti konkreti.

3.10. Waħda mill-isfidi ewlenin għas-snin li ġejjin hija li l-Orizzont 2020 tuża l-potenzjal sħiħ tagħha biex tappoġġja l-innovazzjoni soċjali, li hija kruċjali biex jintlaħqu l-miri tal-UE2020. Il-KESE jfakkar li, minħabba n-natura tagħhom, l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali għandhom rwol importanti x'jaqdu f'dan ir-rigward u jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-aċċess ta' dawn l-intrapriżi għall-finanzjament tal-Orizzont 2020 ikun fuq bażi ugwali ma' atturi oħrajn.

3.11. Il-KESE jenfasizza wkoll li x-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi huma rilevanti ħafna fl-Ewropa. Is-soċjetà tagħna se tinbidel b'mod inevitabbli minħabba t-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-bidla demografika, u dan ifisser prijoritajiet ta' riċerka ġodda ⁽²⁾. Is-soċjetà tagħna se tesperjenza tibdil fundamentali fit-triq lejn kundizzjonijiet sostenibbli. Bidliet f'kundizzjonijiet estremi li jirriżultaw minn fenomeni bħall-globalizzazzjoni, it-tibdil fil-klima, l-aċċess għall-enerġija u teknoloġiji emerġenti – li d-diġitalizzazzjoni hija forza ewlenija tagħhom – saħansitra se jaċċelleraw l-bidliet soċjetali. It-titjib fis-sistema edukattiva tagħna se tkun kruċjali biex jiġi żgurat li inkunu preparati għall-ġejjieni, bil-ħiliet meħtieġa għal impjegji ta' kwalità għolja fil-futur. Il-valutazzjoni tal-impatt ta' dawn l-iżviluppi kollha fuq is-soċjetà tagħna, inkluż kwalunkwe problema li tista' tkun ikkawżata minn bidliet fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u ta' għajxien, għandha tingħata prijorità għolja u x-xjenzi soċjali għandhom jaqdu rwol essenzjali f'dan il-qasam.

4. Iż-Żona ta' Riċerka Ewropea u l-valur miżjud tal-UE tal-Orizzont 2020

4.1. Wieħed mill-għanijiet tal-"Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni" (Orizzont 2020) huwa li titlesta iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA). L-Orizzont 2020 hija meqjusa wkoll bħala strument ta' politika għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-inizjattivi tal-Unjoni għall-Innovazzjoni. L-elementi ewlenin tal-ERA huwa politika Ewropea komuni dwar l-infrastruttura tar-riċerka, proġetti ta' riċerka kollaborattiva, il-mobilità tar-riċerkaturi bejn il-fruntieri, u l-koordinazzjoni ta' programmi ta' riċerka ewlenin bil-kundizzjoni diffiċli li l-programmi tal-UE għandhom joperaw f'ambjent li fih il-maġġoranza ta' finanzjament pubbliku għar-riċerka u l-innovazzjoni hija amministrata mill-Istati Membri.

4.2. Il-Forum Strateġiku Ewropew dwar Infrastrutturi ta' Riċerka (ESFRI) s'issa serva bħala strument ta' koordinazzjoni utli għall-identifikazzjoni ta' infrastrutturi ta' riċerka ġodda ta' interess pan-Ewropew. Filwaqt li l-istabbiliment ta' faċilitajiet ta' riċerka fuq skala kbira jiddependi l-aktar fuq il-finanzjament nazzjonali, il-livell Ewropew huwa importanti għall-appoġġ ta' konsorzji, u biex jipprovdi aċċess għall-infrastruttura għar-riċerkaturi bejn il-fruntieri Ewropej. Il-KESE jaqsam it-tħassib ta' komunitajiet ta' riċerka dwar l-insuffiċjenza ta' dan l-appoġġ u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex dan jissaħħa b'mod sinifikanti, biex b'hekk ikun garantit l-aċċess min-naħa tar-riċerkaturi Ewropej għal faċilitajiet nazzjonali u Ewropej li huma assi fundamentali tal-ERA.

4.3. B'mod ġenerali, il-mobbiltà fl-ERA hija ta' importanza kbira. Għalhekk inħeġġu li programmi ta' finanzjament, bħall-Azzjonijiet Marie Skłodowska Curie, għandhom jinżammu f'livell prominenti.

4.4. Aħna nilqgħu l-inizjattiva "Open to the World", jekk wieħed jassumi li l-kwalità xjentifika għadha l-ixprun ewlieni għal din l-attività. L-ewwel indikazzjonijiet li t-tnaqqis fil-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi qed jolqot ukoll l-ekonomiji industrijalizzati – pereżempju l-Istati Uniti – għandhom jiġu eżaminati bir-reqqa, sabiex jiġu determinati l-kawżi ta' dan it-tħassib inkwetanti.

4.5. Il-KESE jixtieq jenfasizza li r-riċerka kollaborattiva b'minimu ta' tliet imsieħba minn Stati Membri differenti għandha tibqa' s-sinsla tal-finanzjament Ewropew tar-riċerka. Jinħtieġ li fil-livell tal-UE jkun possibbli li atturi differenti tal-innovazzjoni u r-riċerka jingħaqdu fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw sfidi li ma jstgħux jiġu indirizzati minn pajjiż wieħed waħdu, u li jinħolqu sinerġiji fil-qasam tar-riċerka fi ħdan l-UE, u b'hekk jinholu valur miżjud sinifikanti tal-UE.

⁽²⁾ ĠU C 229, 31.7.2012, p. 13.

4.6. Il-KESE huwa ferm imħasseb dwar id-differenzi kbar bejn l-Istati Membri fil-finanzjament nazzjonali tagħhom tar-riċerka u l-innovazzjoni. B'hekk, dan wassal għal differenzi kbar fil-livell ta' suċċess fir-rigward ta' kemm jirċievu finanzjament mill-UE. Nosservaw b'dispaċir li dawn id-differenzi saħansitra qed jiżdiedu. B'mod partikolari, l-Istati Membri tal-UE13 ma tantx kellhom suċċess fil-kisba ta' finanzjament tal-Orizzont 2020. Id-differenzi fir-rati ta' finanzjament nazzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni huma enormi. Dan mhuwiex biss minħabba differenzi fil-PNG fi ħdan l-UE. Barra minn hekk, l-Istati Membri l-aktar b'saħħithom jonfqu ħafna iżjed f'termini relattivi fir-riċerka u l-innovazzjoni milli l-kontropartijiet aktar dgħajfa tagħhom.

4.7. Jista' jiġi dikjarat b'mod ċar li l-falliment biex jintlaħaq l-objettiv ta' 3 % tal-PNG għal finanzjament ta' riċerka u innovazzjoni (Lisbona 2007) huwa essenzjalment minħabba n-nuqqas ta' finanzjament nazzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni. L-Orizzont 2020 tikkontribwixxi biss sehem minuri għal dan. Il-KESE jitlob li jissaħħaħ il-finanzjament nazzjonali tar-riċerka u jixtieq jenfasizza lill-Istati Membri li l-finanzjament tar-riċerka mill-UE ma jstax jissostitwixxi l-isforzi nazzjonali. Dan hu essenzjali wkoll biex jiġi miġġieled il-periklu ta' eżodu ta' mħuħ f'ċerti Stati Membri.

4.8. Għandha titwettaq analiżi tad-distakk li qed jikber bejn l-Istati Membri sabiex jiġu analizzati r-raġunijiet għal dan. Il-KESE jilqa' l-miżuri l-ġodda għat-“Tixrid tal-Eċċellenza u t-Twessigħ tal-Parteċipazzjoni” li jistgħu jgħinu biex jtnaqqas id-distakk. Miżuri oħrajn li għandhom jiġu kkunsidrati huma l-għoti ta' pariri għal strutturi ta' appoġġ għall-applikanti, jew żieda tal-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-UE-13 bħala kriterju ta' prijorità fost proġetti daqstant tajbin, sakemm l-applikanti li jikkompetu ma' xulxin jissodisfaw l-istess kriterji ta' eċċellenza. B'mod partikolari nipproponu t-tisħiħ ta' strument ta' finanzjament li diġà jeżisti – ir-riċerka kollaborattiva – li jibni rabtiet bejn il-komunitajiet tar-riċerka, u b'hekk jgħin biex jinħallu dawn id-differenzi.

4.9. Attivitajiet ta' Xjenza Miftuħa huma appoġġati mill-KESE⁽³⁾. Għamel progress l-użu tal-Access Miftuħ għal pubblikazzjonijiet; madankollu, għad hemm problemi serji ma' xi pubblikaturi – dan l-ostaklu jista' jingħeleb bi sforzi koordinati tal-UE. L-iżvilupp ta' Data Miftuħa għandha tiġi milqugħa iżda għadu meħtieġ proċess minn isfel għal fuq fi ħdan il-komunitajiet ta' riċerka biex jiġu definiti d-dettagli tal-implimentazzjoni tagħha.

4.10. Cloud Ewropea tax-xjenza, kif issuġġerita mill-Kummissjoni, tista' toffri ambjent virtwali għar-riċerkaturi Ewropej, fejn iżommu, jaqsmu u jużaw mill-ġdid id-data tagħhom bejn dixiplini u fruntieri. Il-KESE jappoġġja din l-inizjattiva⁽⁴⁾ u jemmen li dan jaf ikun element importanti għal Data Miftuħa. Inħeġġu lill-Kummissjoni tikkunsidra bir-reqqa s-sistemi transkonfinali tal-cloud f'ċerti komunitajiet tax-xjenza, sistemi li diġà jeżistu u li jaħdmu tajjeb, kif ukoll attivitajiet nazzjonali li għandhom fil-mira tagħhom l-istess għan.

5. Lejn proċessi effiċjenti

5.1. Il-KESE jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex iżżid aktar “simplifikazzjonijiet” fl-Orizzont 2020. B'mod partikolari, atturi iżgħar ser ikun attratti minn inqas burokrazija, regoli aktar faċli u aktar ċertezza legali.

5.2. L-istrument tal-SMEs introdott dan l-aħħar huwa eżempju pożittiv ta' proċess effiċjenti ta' applikazzjoni, għażla u monitoraġġ. L-impriżi hađu opinjoni pożittiva ħafna ta' elementi bħalma huma ż-żmien qasir biex jingħataw applikazzjonijiet għal self u finanzjament ta' ideat minn isfel għal fuq. Dawn l-elementi għandhom ikunu użati bħala l-aħjar Prattika għal strumenti oħra fl-Orizzont 2020.

5.3. Saru kisbiet kbar ħafna biex jiġu semplifikati r-regoli u l-għodod bħall-portal tal-parteċipanti li tjejb ħafna, iżda kwistjonijiet importanti għad iridu jiġu solvuti, għaliex dawn huma ta' dannu kbir għall-attraattività tal-programm. Pereżempju, il-fatturazzjoni interna kif użata mill-maġġoranza tal-industrija u l-organizzazzjonijiet akkademiċi ssir kważi impossibbli, u żiedu aktar kumplikazzjonijiet id-dispożizzjonijiet aktar stretti dwar il-“kapaċità sħiħa” tal-faċilitajiet użati. Ir-riluttanza tal-Kummissjoni li tirrimborża l-ispejjeż tas-salarji reali individwali minflok il-valuri tal-passat tal-aħħar sena finanzjarja magħluqa għet indirizzata parzjalment iżda għadha toħloq piż amministrattiv żejjed. Ir-regoli tal-Orizzont 2020 għadhom ta' spiss jeħtieġu kontabilità parallela. Il-kompetenza amministrattiva enormi li għadha meħtieġa mill-parteċipanti biex jimplementaw dawn l-aspetti tal-H2020 tfisser li l-parteċipazzjoni hija partikolarment ta' piż għall-SMEs u tiskoraġġixxi wkoll imsieħba internazzjonali.

⁽³⁾ ĠU C 76, 14.3.2013, p. 48.

⁽⁴⁾ Opinjoni dwar Inizjattiva tal-Cloud Ewropea – Il-bini ta' ekonomija kompetittiva ta' data u għarfien fl-Ewropa (TEN 592), (ĠU C 487, 28.12.2016, p. 86).

5.4. Il-KESE b'hekk ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli tissimplifika l-Orizzont 2020 u tirrispetta r-Regoli tal-Parteċipazzjoni tal-Orizzont 2020 li jipprevedu aċċettazzjoni usa' tal-prattiki abitwali taż-żamma tal-kontijiet tal-ispiża tal-benefiċjarji. Jirrakkomanda wkoll li riflessjonijiet dwar programmi qafas futuri għandhom jistinkaw biex jagħmlu aktar progress f'din id-direzzjoni, jaċċettaw il-prinċipji ta' kontabilità tas-soltu tal-parteċipanti kull fejn dan ikun possibbli billi jtitlqu mill-prinċipju li l-konformità mar-regoli nazzjonali hija l-kriterju ewlieni, sakemm dawn jilhqgħu l-istandards miftiehma. Dawk l-istandards jistgħu jiġu żviluppatti u ttestjati b'kollaborazzjoni mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

5.5. Fid-dawl tal-Programm Qafas li jmiss, il-KESE jhegġegħ bil-qawwa wkoll li noqgħodu lura milli nistabbilixxi iktar strumenti u jhegġegħ lill-Kummissjoni biex b'mod attiv tnaqqas l-għadd ta' strumenti kif ukoll tibbenefika mill-evalwazzjoni tal-JTI biex tillimitahom għal dawk l-aktar effettivi.

5.6. Il-KESE, f'konformità mal-kumitat ta' riċerka tal-Parlament Ewropew (ITRE), jappella biex EUR 2,2 biljun jingħataw lura mill-FEIS lill-programm tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Orizzont 2020 tal-UE, sabiex jagħmel tajjeb għall-impatt negattiv konsiderevoli li kellu t-tnaqqis. Il-FEIS jinvesti fi proġetti li ma jistgħux jitqiesu bħala kumpens għal dawk il-proġetti li m'għadhomx jistgħu jitwettqu taħt l-Orizzont 2020, peress li l-maġġoranza l-kbira tal-proġetti tal-FEIS ma jindirizzawx aspetti tar-riċerka iżda l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji eżistenti. Dan ċertament għandu valur, iżda m'għandux jillimita s-sors ta' teknoloġiji innovattivi ġodda għall-kompetittività tal-Ewropa li l-Orizzont 2020 tista' tippovdi.

5.7. Fl-Orizzont 2020, il-kofinanzjament klassiku ta' proġetti li fihom il-Kummissjoni talloka għotjiet għal proġetti speċifiċi, u b'hekk isir kontribut lejn l-ispejjeż totali, dejjem qed jaq' iżjed lura meta mqabbel mal-istrumenti finanzjarji. Il-finanzjament tar-riċerka permezz ta' self huwa madankollu, kemm għall-industrija kif ukoll għad-dinja akkademika, utli biss fi tmiem il-katina tal-innovazzjoni u mhux fil-qasam ta' innovazzjoni rivoluzzjonarja. Barra minn hekk, ħafna atturi rilevanti mhumiex indirizzati minn dawn l-istrumenti billi l-organizzazzjonijiet ta' riċerka pubbliċi fhafna Stati Membri mhumiex permessi jieħdu self. Il-KESE għalhekk jappella li kemm l-Orizzont 2020 kif ukoll is-suċċessuri tiegħu jibqgħu ffukati prinċipalment fuq il-kofinanzjament.

5.8. Il-KESE għalhekk jappoġġja l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2016, u jenfasizza li fil-qafas tal-Orizzont 2020, għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurati li l-finanzjament bbażat fuq is-self ma jiġix estiż aktar għad-detriment tal-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp msesjes fuq l-għotjiet. L-industrija Ewropea tehtiegħ aċċess għal teknoloġiji ġodda li jistgħu jbiddu l-qagħda attwali u li huma ġejjin minn proġetti b'riskju għoli, u dawn ma jiġux skoperti permezz ta' self.

5.9. L-ewwel snin tal-Orizzont 2020 raw rati ta' suċċess li f'xi każijiet kienu jilhqgħu livell baxx ħafna ta' 3%. B'mod ġenerali, ir-rati ta' suċċess nbiddu minn 1:5 fil-FP7 għal 1:8 fl-Orizzont 2020. Għandhom jintlaħqu rati ta' suċċess raġonevoli biex tiġi evitata l-ħela tar-riżorsi kif ukoll il-kawża ta' frustrazzjoni fost l-aħjar parteċipanti mill-industrija u l-akkademja. Meta r-rati ta' suċċess huma ħafna aktar baxxi, l-ispejjeż iġġenerati mill-isforzi proposti jistgħu jaqbzgħu l-finanzjament ipprovdut. Varjetà ta' proposti għal kontromiżuri huma disponibbli (impatt definit b'iżjed preċiżjoni, proċessi f'żewġ stadji, konsulenti professjonali, tiġi segwita l-aħjar Prattika) u l-Kummissjoni għandha timplimentahom immedjatament għall-perjodu li fadal tal-Orizzont 2020.

5.10. Is-Siġill ta' Eċċellenza għal applikazzjonijiet eċċellenti li ma ġewx iffinanzjati jista' jkun partikolarment tajjeb għall-SMEs li qed jittamaw li jiksbu fondi mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropew. Għad trid tiġi ċċarata l-kwistjoni jekk ir-regoli dwar l-għajnuna mill-istat jistgħu jgħolqu problemi f'dawn il-każijiet.

5.11. Il-KESE jirrakkomanda li l-evalwazzjoni interim għandha tanalizza kif l-Orizzont 2020 jikkontribwixxi b'mod kwalitattiv għall-għanijiet tiegħu ta' trawwim ta' xjenza eċċellenti, l-indirizzar ta' sfidi soċjetali urġenti u l-appoġġ għal tmexxija industrijali għal aktar tkabbir ekonomiku u inklużiv li joħloq impjegi fl-Ewropa, aktar milli l-enfasi tkun wisq fuq miżuri kwantitattivi bħall-għadd ta' publikazzjonijiet, privativi u r-redditu fuq l-investment, kif għamlet l-evalwazzjoni tal-FP7. Huwa jirrakkomanda wkoll li jiġu stabbiliti indikaturi kompatibbli kemm għall-appoġġ għar-riċerka kif ukoll għall-innovazzjoni fi ħdan il-Fondi Strutturali u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “It-tneħħija tal-ostakli għall-akkwakultura sostenibbli fl-Ewropa”

(Opinjoni esploratorja)

(2017/C 034/11)

Relatur: **is-Sur Gabriel SARRÓ IPARRAGUIRRE**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 29/04/2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Opinjoni esploratorja)
Deċiżjoni tal-Bureau tal-Kumitat	15/03/2016
Sezzjoni kompetenti	Agrikoltura, Żvilupp Rurali u Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	30/09/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	220/1/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE juri t-tħassib tiegħu peress li l-akkwakultura tal-Unjoni Ewropea ma tejbix is-sitwazzjoni tagħha minkejja li l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq (OKS) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) kienu favur li jippromovuha.

1.2. Il-KESE jinnota li r-raġuni prinċipali għad-dewmien fil-proċeduri amministrattivi għall-attivitàjiet tal-akkwakultura u għan-nuqqas tad-disponibbiltà tas-siti hija l-implimentazzjoni kumplessa tal-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni Ewropea, essenzjalment id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u d-Direttivi relatati man-Netwerk Natura 2000, mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri u mir-reġjuni tagħhom. Din is-sitwazzjoni twassal għal rekwiżiti għall-intrapriżi tal-akkwakultura li ekonomikament huma għaljin wisq u li, paradossalment, ma jiżgurawx ħarsien ambjentali akbar.

1.3. Il-KESE jstieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżviluppa kemm tistal-obbligi tagħha ta' koordinazzjoni tal-kompetenzi kondiviżi fil-qasam tal-akkwakultura, inklużi s-semplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u l-involvement tad-dipartimenti tal-amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali u reġjonali fl-akkwakultura.

1.4. Il-KESE jappella li l-Kummissjoni Ewropea tesiġi li l-Istati Membri jużaw il-linji gwida dwar l-applikazzjoni tar-regoli ambjentali Ewropej, bħala mezz b'żonjuż sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi mhux neċessarji, filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw iż-żamma tal-kwalità tal-ilmijiet u tal-ekosistemi.

1.5. Il-KESE jenfasizza li jekk ma jissolvewx il-problemi tal-proċeduri amministrattivi u d-disponibbiltà tas-siti, l-akkwakultura tal-Unjoni ma tistax tisfrutta bis-sħiħ il-fondi disponibbli taħt il-FEMS, bl-istess mod bħalma kien fil-każ tal-Fond Ewropew tas-Sajd (FES). Barra minn hekk, il-KESE jnsab imħasseb li l-inizjattivi tal-akkwakultura sostenibbli li jistgħu jiġġeneraw żvilupp u impjeg mhumiex jirċievu finanzjament minħabba l-miżuri li jnaqqsu d-defiċit baġitarju fl-Istati Membri.

1.6. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea sabiex kemm jista' jkun malajr tnedi l-Kunsill Konsultattiv għall-Akkwawakultura u tikkontribwixxi b'mod attiv għall-funzjonament effettiv tiegħu. Dan il-forum ikun effettiv biss jekk kemm il-partijiet involuti kif ukoll l-amministrazzjonijiet pubbliċi u nazzjonali Ewropej jaħdmu flimkien fi ħdanu, u b'mod partikolari l-Kummissjoni Ewropea.

1.7. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex, flimkien mal-Istati Membri, timmonitorja b'mod komprensiv il-pjani strateġiċi nazzjonali pluriennali tal-akkwawakultura sabiex tidentifika sa liema punt ikunu ntlaħqu l-għanijiet tagħhom u tiżgura li d-dipartimenti kollha tal-amministrazzjoni pubblika nazzjonali b'kompetenza fil-qasam tal-ambjent jiġu involuti fihom.

1.8. Il-KESE jwissi lill-Kummissjoni Ewropea li s-snin li ġejjin ser ikunu kritiċi għall-futur tal-akkwawakultura fl-Unjoni Ewropea. L-isforzi li saru biex jiġi stabbilit qafas regolatorju li jiffavorixxi l-akkwawakultura sostenibbli jistgħu jisfaw fix-xejn jekk ma jkunx hemm monitoraġġ mill-qrib tas-sitwazzjoni u ma tinstabx soluzzjoni għall-ostakli attwali li, kif ġie indikat, jinsabu fid-dipartimenti tal-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri, li ma kinux involuti fit-tħejjija tal-pjani strateġiċi nazzjonali pluriennali rispettivi tal-akkwawakultura.

2. Sfond

2.1. Ir-Regolamenti attwali għall-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) u l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq (OKS) fis-settur tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwawakultura jagħtu importanza assoluta lill-iżvilupp sostenibbli tal-akkwawakultura fl-Unjoni Ewropea.

2.2. Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) għandu baġit speċifiku għall-iżvilupp tal-akkwawakultura sostenibbli, u jgawdi minn pakkett ġeneruż ta' EUR 1 200 miljun għall-perjodu 2014-2020.

2.3. Fl-aħħar snin, il-KESE fassal żewġ Opinjonijiet dwar l-akkwawakultura ⁽¹⁾ ⁽²⁾. Fiż-żewġ dokumenti tiġi sstotolinjata l-importanza ta' din l-attività għall-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jithegħgu jippromovu akkwawakultura responsabbli u sostenibbli.

2.4. Fl-2013, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-linji gwida strateġiċi għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwawakultura fl-Unjoni Ewropea, stipulati fid-dokument COM(2013) 229 final. Dawn il-linji gwida kellhom l-għan li jiggwidaw lill-Istati Membri fid-definizzjoni ta' għanijiet nazzjonali dwar din l-attività, waqt li jitqiesu s-sitwazzjonijiet inizjali rispettivi tagħhom, iċ-ċirkostanzi nazzjonali u d-dispożizzjonijiet istituzzjonali.

2.4.1. Fost proposti oħra, il-linji gwida rakkomandaw lill-Istati Membri t-tħejjija ta' pjani strateġiċi nazzjonali pluriennali għall-akkwawakultura li jistabbilixxu għanijiet komuni u, jekk ikun possibbli, indikaturi biex jitkejjel il-progress li jsir lejn it-tliq ta' dawn l-għanijiet. Dawn il-pjani strateġiċi kellhom iservu biex jippromovu l-kompetittività tas-settur tal-akkwawakultura u jappoġġjaw l-iżvilupp tiegħu permezz tal-innovazzjoni, kif ukoll biex jinkoraġġixxu l-attività ekonomika, jippromovu d-diversifikazzjoni, itejbu l-kwalità tal-ħajja fir-reġjuni kostali u rurali, u jggarantixxu kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tal-akkwawakultura fir-rigward tal-aċċess għaż-żoni fil-baħar u fl-art.

2.4.2. L-Istati Membri kollha li fihom teżisti l-akkwawakultura fl-2013 ippreżentaw il-pjani strateġiċi nazzjonali pluriennali tagħhom. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri u l-azzjonijiet proposti f'dawn il-pjani żdiedu aktar tard fil-programmi operazzjonali tagħhom billi ġew iffinanzjati permezz tal-FEMS. Dan kellu jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri u l-azzjonijiet.

2.5. Il-PKS il-ġdida tipprevedi l-ħolqien ta' Kunsill Konsultattiv għall-Akkwawakultura, li ser jieħu post dak li kien il-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akkwawakultura (Grupp 2: l-akkwawakultura). Dan il-Kunsill ser ikollu bħala missjoni li jiffaċilita d-dibattitu dwar kwistjonijiet rilevanti għall-akkwawakultura u li jippreżenta rakkomandazzjonijiet u suġġerimenti lill-istituzzjonijiet Ewropej. B'mod parallel, qiegħed fil-proċess li jinħoloq Kunsill Konsultattiv għas-Swieq, bil-għan li l-prodotti tal-akkwawakultura kif ukoll tas-sajd jitqiegħdu fis-suq b'mod adegwat.

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Il-bini ta' futur sostenibbli għall-akkwawakultura – Spinta ġdida għall-istrateġija għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwawakultura Ewropea" (ĠU C 18, 19.1.2011, p. 59).

⁽²⁾ Opinjoni tal-KESE dwar "Linji gwida strateġiċi għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwawakultura fl-UE" (ĠU C 67, 6.3.2014, p. 150).

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-FAO tqis li l-produzzjoni globali tal-ikel trid tikber b'madwar 70 % sal-2050 sabiex titma' d-9 biljun ruħ li huma previsti li jkunu qegħdin jgħixu f'dak iż-żmien. Din l-organizzazzjoni tagħti importanża speċjali lill-akkwakultura bħala sors ta' ikel b'potenzjal ta' tkabbir u tirrakkomanda li tiġi promossa bħala fornitur tal-ikel, tal-impjieg u tal-prosperità.

3.2. Il-konsum tal-ħut u ta' ikel ieħor li ġej mill-akkwakultura huwa rakkomandat minħabba l-valur nutrittiv tiegħu u minħabba li huwa importanti sabiex il-persuni jkunu b'saħħithom. Hija prijorità soċjali li l-persuni jkollhom aċċess għal dieta rikka biżżejjed fi prodotti akkwatiċi. Il-konsum annwali per capita tal-prodotti akkwatiċi fl-Unjoni Ewropea huwa ta' madwar 23,9 kg u qiegħed jiżdied bil-mod.

3.3. Il-KESE jinnota li l-Unjoni Ewropea għandha defiċit fil-bilanċ kummerċjali estern tagħha tal-prodotti akkwatiċi għall-konsum mill-bniedem. Kull sena, id-domanda tas-suq intern hija madwar 13,2-il miljun tunnellata ta' prodotti akkwatiċi li minnhom 10 % biss jiġu mill-akkwakultura tal-Unjoni Ewropea, meta mqabbla mal-25 % mis-sajd estrattiv u l-65 % mill-importazzjoni. Is-sehem tal-importazzjonijiet qiegħed jiżdied, anke jekk fl-aħħar snin stabbilizza ruħu. Fi kwalunkwe każ, din is-sitwazzjoni timplika żbilanċ enormi li tpoġġi lill-Unjoni Ewropea f'pożizzjoni ta' dgħufija fir-rigward tas-sigurtà alimentari preżenti u futura.

3.4. Il-produzzjoni annwali tal-akkwakultura fl-Unjoni Ewropea tilħaq il-1,2 miljun tunnellata. Minn dawn, 65,4 % ġejja mill-akkwakultura tal-baħar u 34,6 % mill-akkwakultura kontinentali. Il-valur tagħha fl-ewwel bejgħ huwa ta' madwar EUR 4 000 miljun. Il-forom ta' produzzjoni huma differenti, li jvarjaw minn sistemi tradizzjonali f'laguni jew għadajjar, sa oħrajn aktar tekniċi, inklużi dawk li jinsabu f'tankijiet, f'gagėg jew fil-baħar miftuħ jew f'unitajiet ta' riċirkolazzjoni.

3.5. Ir-Regolament tal-FEMS ġie approvat u ppubblikat f'Mejju 2014. Il-programmi operattivi tal-Istati Membri għall-FEMS ġew adottati definittivament mill-Kummissjoni Ewropea fil-ħarifa tal-2015, sena u ħames xhur tard.

3.5.1. Fl-2014, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat studju dwar kemm hu effettiv l-appoġġ tal-Fond Ewropew għas-Sajd preċedenti (FES) għall-akkwakultura. F'dan l-istudju, il-Qorti kkonkludiet li l-FES ma kienx appoġġja b'mod effettiv l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura. Hija kkunsidrat li fil-livell Ewropew, il-miżuri ta' appoġġ la tfasslu tajjeb u lanqas ġew sorveljati, u ma pprovdewx qafas ċar biżżejjed għall-iżvilupp tal-akkwakultura. Fil-livell tal-Istati Membri, il-miżuri ta' appoġġ la tfasslu u lanqas ġew implimentati kif suppost u l-pjani strateġiċi nazzjonali u l-programmi operattivi tagħhom ma pprovdewx bażi ċara biżżejjed għall-appoġġ tal-akkwakultura.

3.6. L-akkwakultura fl-Unjoni Ewropea bħalissa tipprovdni madwar 85 000 impjieg dirett, iżda din iċ-ċifra mhux qed tinbidel. Il-KESE jilqa' b'mod pożittiv l-istima tal-Kummissjoni Ewropea li kull żieda ta' punt perċentwali fil-konsum tal-prodotti akkwatiċi fl-Unjoni Ewropea twassal għall-ħolqien ta' bejn 3 000 u 4 000 post tax-xogħol full-time. Barra minn hekk, ta' min jinnota li kien hemm madwar 200 000 impjieg indirett fl-industrija aċċillari tal-akkwakultura, l-ipproċessar u attivitajiet komplementari.

3.7. Il-KESE jirrikonoxxi l-fatt li l-Istati Membri ħejjew u ppreżentaw lill-Kummissjoni Ewropea l-pjani strateġiċi nazzjonali pluriennali rispettivi tagħhom għall-akkwakultura. Iqis, madankollu, li l-involviment fl-abbozzar mill-operaturi ekonomiċi, ambjentali u soċjali ma kienx biżżejjed meta mqabbel mal-kontribut tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u, fost dawn tal-aħħar, meta mqabbel mar-rwol importanti tal-amministrazzjonijiet li għandhom kompetenza diretta fl-akkwakultura.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Fil-fehma tal-KESE, l-iżbilanċ fil-kummerċ estern tal-prodotti akkwatiċi fl-Unjoni Ewropea mhuwiex aċċettabbli, la mil-lat ekonomiku minħabba d-defiċit kummerċjali li jimplika, u lanqas mil-lat soċjali minħabba li qed jintilfu l-opportunitajiet ta' impjieg.

4.2. Il-KESE jikkonferma li t-tkabbir tal-produzzjoni tal-akkwakultura fl-Unjoni Ewropea, li kien kostanti sal-2000, ma reġax irkupra minkejja l-isforzi tal-istituzzjonijiet Ewropej, nazzjonali u reġjonali differenti. Il-volum prodott baqa' stagħnat minkejja żieda zġhira fil-valur kummerċjali miżjud tiegħu.

4.3. Il-kawżi tas-sitwazzjoni ta' imblokk għall-akkwakultura fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li fil-bqija tad-dinja baqgħet tikber b'pass mgħaġġel, ġew deskritti tajjeb mill-Kummissjoni Ewropea fil-linji gwida strateġiċi tagħha tal-2013 għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura tal-Unjoni Ewropea. Iż-żewġ raġunijiet ewlenin identifikati kienu l-komplessità tal-proċeduri amministrattivi għat-twettiq tal-attività u d-diffikultà sabiex ikun hemm aċċess legali għas-siti tal-farms jew biex dawn jitkabbru.

4.4. Il-KESE jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni biex tgħin lill-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġionali fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni Ewropea fil-qasam tal-ambjent mingħajr ma jinħolqu piżijiet bla bżonn għall-bdiewa. Għal dan il-għan ġew ippubblikati linji ta' gwida dwar l-akkwakultura u l-ispazji Natura 2000 u dwar id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, u qegħdin jifasslu dawk li huma relatati mad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina. Madankollu, niġbdu l-attenzjoni għan-nuqqas tal-għarfien u l-implimentazzjoni ta' dawn il-linji gwida min-naħa tal-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġionali b'kompetenza fil-qasam ambjentali.

4.5. Il-KESE jinnota li minħabba d-dewmien fl-adozzjoni tar-Regolament dwar il-FEMS u tal-programmi operattivi tal-Istati Membri, l-operaturi fl-Istati Membri ma jistgħux jibdedw jibbenefikaw mill-fondi tal-FEMS qabel tmiem l-2016 fl-aħjar każ, li jfisser dewmien ta' kważi tliet snin.

4.6. Rapporti bħal dawk tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-2014 juru li l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura jtifxkel minħabba n-nuqqas ta' ppjanar xieraq tal-ispazju marittimu u minħabba proċeduri kkumplikati ta' liċenzjar. Il-Qorti kkonfermat ukoll li sa issa, l-oġettivi prinċipali dwar it-tkabir tas-settur tal-akkwakultura ma ntlahqax, u li s-settur ilu staġnat għal bosta snin.

4.7. Il-KESE jinnota b'sodisfazzjon li l-baġit li l-FEMS jalloka lill-iżvilupp tal-akkwakultura sostenibbli huwa kważi tliet darbiet aktar minn dak ipprovdut taħt il-FES preċedenti.

4.7.1. Il-KESE jenfasizza d-diffikultà li jiffaċċjaw l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li huma l-produtturi prinċipali tal-akkwakultura sabiex jikkontribwixxu għall-kofinanzjament tal-FEMS minħabba r-restrizzjonijiet baġitarji li jirriżultaw mill-obbligu tagħhom li josservaw l-impenji tagħhom għat-tnaqqis tad-defiċit.

4.8. Il-KESE jaqbel li hemm bżonn assolut ta' Forum Ewropew – bħalma kien il-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akkwakultura – li fih jipparteċipaw il-partijiet interessati involuti fid-dibattitu dwar is-sitwazzjoni tal-akkwakultura u joffru rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq kunsens lill-istituzzjonijiet Ewropej u nazzjonali. Għalhekk huwa jilqa' l-Kunsill Konsultattiv għid għall-Akkwakultura u r-rappreżentazzjoni estiża tiegħu ta' msieħba ekonomiċi, soċjali u ambjentali, kif ukoll riċerkaturi u konsumaturi. Jiddispijaċih, madankollu, dwar id-dewmien biex jinholq u jiġi implimentat, għax dan wassal f'distakk ta' 3 snin bejn it-tmiem tal-ewwel Kumitat u l-bidu tat-tieni Kunsill.

4.8.1. Il-KESE huwa mħasseb li l-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fil-Kunsill Konsultattiv għall-Akkwakultura ma tkunx tal-istess livell bħalma kienet fil-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sajd u l-Akkwakultura Dan minħabba li fil-Kumitat Konsultattiv kienet il-Kummissjoni stess li mexxiet is-segretarjat eżekuttiv filwaqt li fil-Kunsill Konsultattiv għall-Akkwakultura, is-segretarjat mhuwiex f'idejn il-Kummissjoni. Dan jista' jaffettwa kemm il-kapaċità li tlaqqa' l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej flimkien kif ukoll it-tixrid tar-rakkomandazzjonijiet. Il-KESE jinsab mħasseb li l-Kummissjoni tista' titqies biss bħala parteċipant fil-Kunsill Konsultattiv għall-Akkwakultura meta għandha tkompli taqdi rwol ewlieni.

4.9. Il-KESE jinnota li l-pjani strateġiċi nazzjonali pluriennali tal-akkwakultura tal-Istati Membri għadhom ma tawx riżultati. Barra minn hekk, fil-maġġoranza tagħhom, il-mekkaniżmi għall-monitoraġġ tar-riżultati tagħhom mhux qed jiġu implimentati.

4.9.1. Il-KESE jinnota li r-riżultati limitati li kien hemm s'issa b'rabta mal-implimentazzjoni tal-pjani strateġiċi nazzjonali pluriennali għall-akkwakultura huma minħabba l-fatt li l-ostakli li jfixklu l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura mhumiex qed ikunu indirizzati b'mod rigoruż biżżejjed. Dawn l-ostakli jinsabu l-aktar f'dipartimenti tal-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri li ma kinux involuti fit-tfassil tal-pjani strateġiċi u għalhekk ma tantx jafu dwarhom. Għaldaqstant, hemm bżonn li dawn id-dipartimenti jkunu involuti b'mod attiv fl-implimentazzjoni tal-pjani strateġiċi.

4.10. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni Ewropea sabiex thegħeġ lill-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri u tar-
reġjuni tagħhom sabiex, fl-implimentazzjoni tar-regoli ambjentali Ewropej, iqisu t-tliet aspetti tal-iżvilupp sostenibbli: dak
ambjentali, soċjali u ekonomiku, fl-istess waqt li jwiżnuh mal-bżonn li titjeb is-sigurtà alimentari tal-Unjoni.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-organizzazzjoni l-ġdida tas-suq tal-elettriku u l-impatti potenzjali fuq il-konsumaturi vulnerabbli”

(Opinjoni esploratorja)

(2017/C 034/12)

Relatur: **is-SurVladimír NOVOTNÝ**

Konsultazzjoni	Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 14/03/2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)
	(Opinjoni esploratorja)
Sezzjoni responsabbli	It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjeta' tal-Infurmazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	06/10/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	146/66/43

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jappoġġja l-kunċett bażiku ta' organizzazzjoni ġdida tas-suq tal-elettriku. Dan huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata sistema stabbli tal-provvista tal-elettriku, li tissodisfa l-miri tal-unjoni tal-enerġija Ewropea. Il-konverżjoni li għandha tiġi organizzata fuq perjodu ta' żmien medju u fit-tul tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-elettriku lejn strutturi deċentralizzati, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-oġġettivi, kif inhuma stabbiliti fid-Direttiva tal-UE dwar Enerġiji Rinnovabbli jeħtieġu organizzazzjoni kompletament ġdida tas-suq tal-elettriku. Il-KESE jirreferi f'dan il-kuntest għall-opinjonijiet tiegħu TEN 577, TEN/578, kif ukoll TEN/583 li jinkludu r-rwol futur tal-konsumaturi, tal-prosumaturi u ta' operaturi ġodda fis-suq.

1.2. Fil-fehma tal-KESE, in-netwerks b'distribuzzjoni “intelliġenti” flimkien ma' “kejl intelliġenti” u teknoloġiji tal-ħażna se jkunu elementi oħrajn importanti tal-organizzazzjoni l-ġdida tas-suq tal-elettriku fil-perjodu ta' żmien medju u fit-tul. L-effett pożittiv ta' dawn in-netwerks intelliġenti u tat-teknoloġiji ta' kontroll u ta' ħażna jista' mbagħad jidher fl-ottimizzazzjoni tal-provvista tal-elettriku kif ukoll fl-iffrankar tal-elettriku.

1.3. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-potenzjal tal- produtturi/konsumaturi żgħar (“prosumaturi”), iżda wkoll ta' mudelli oħrajn ġodda bħal kooperattivi tal-enerġija; dawn tal-aħħar jistgħu jgħinu biex jitnaqqas il-faqar enerġetiku. Sabiex dawn jiġu integrati bis-sħiħ fis-suq tal-enerġija, il-Kumitat iqis li fost oħrajn, hemm bżonn li jitneħħew l-ostakli amministrattivi u ostakli oħrajn mhux essenzjali għal attivitajiet tagħhom u jiġi promoss l-aċċess tagħhom għal netwerks ta' distribuzzjoni fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet rigward il-finanzjament tal-ġestjoni tan-netwerks ta' distribuzzjoni.

1.4. Il-KESE jqis l-implimentazzjoni ta' elementi regolatorji intelliġenti f'unitajiet domestiċi “intelliġenti” bħala element importanti tal-organizzazzjoni l-ġdida tas-suq tal-elettriku. L-implimentazzjoni tagħhom se twassal għal żieda tar-rwol attiv tal-unitajiet domestiċi fl-integrazzjoni sħiħa tagħhom fl-organizzazzjoni l-ġdida tas-suq tal-elettriku, u għal tnaqqis tar-riskji ta' faqar enerġetiku. Dawn il-bidliet importanti se jkunu ffaċilitati minn programmi ta' taħriġ ta' motivazzjoni għal sezzjonijiet kbar tal-popolazzjoni kif ukoll mill-appoġġ tal-implimentazzjoni tagħhom fl-unitajiet domestiċi vulnerabbli u kljenti oħrajn vulnerabbli fis-suq tal-enerġija, bħall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

1.5. Il-KESE jemmen li l-bidliet mistennija tal-organizzazzjoni l-għdida tas-suq tal-elettriku huma soġġetti għall-kundizzjoni li s-suq il-għdid jipprovdi l-aħjar inċentivi (prezz) fil-prezzijiet fuq perjodu ta' żmien qasir u s-sinjali tal-prezzijiet (spiża) fit-tul li jippermettu u jappoġġjaw attivitajiet ta' investiment estensiv fis-settur tal-elettriku fl-UE. Dan ifisser ukoll li l-prezzijiet għandhom jirriflettu l-ispiża vera sħiħa, jiġifieri li l-“ispejjeż esterni” huma wkoll ikkunsidrati.

1.6. Tul dawn l-aħħar snin, l-iżvilupp tas-swieq tal-elettriku wassal għal tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet bl-ingrossa, iżda li madankollu l-konsumaturi ż-żgħar u l-SMEs għadhom ma approffittawx minnu, peress li l-prezzijiet tagħhom pjuttost żdiedu milli naqsu.

1.7. Permezz ta' disinn sofistikati tas-suq tal-elettriku, flimkien ma' investimenti strateġiċi f'sistemi li fihom huma inkorporati ċ-ċittadini soċjalment żvantaġġjati, pereżempju fil-forma ta' kooperattivi tal-enerġija, se jkun possibbli li fil-futur jiġu interrelatati l-politika tal-enerġija, il-politika soċjali u l-valur reġjonali.

1.8. Il-politika għandha wkoll twieġeb b'mod ċar il-kwistjoni dwar min għandu/jista' u/jew jipproduċi l-elettriku fil-kuntast tal-produzzjoni deċentralizzata futura. Dan huwa essenzjali wkoll għas-soluzzjoni tal-problema tal-faqar enerġetiku.

1.9. Eżempju ta' dan hija l-provinċja Pollakka ta' Podlasien, li attwalment ser tniedi programm ta' għajjuna għal sistemi PV żgħar. Permezz ta' għotja ta' investiment ta' 60 % flimkien mas-sistema ta' nett-metraġġ prevista fil-Polonja, l-ispejjeż tal-konsumaturi għall-elettriku jonqsu bin-nofs.

2. Introduzzjoni

2.1. Il-Prezidenza Slovakka tal-Kunsill tal-UE, permezz ta' ittra tal-14 ta' Marzu 2016, talbet lill-KESE biex ifassal opinjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-organizzazzjoni l-għdida tas-suq tal-elettriku bħala parti mill-proċess tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku.

2.2. Fit-talba tagħha, il-Prezidenza Slovakka tinnotta li l-organizzazzjoni l-għdida tas-suq tal-elettriku toħloq opportunitajiet għall-konsumaturi jekk toffri mod iktar proattiv għall-interazzjoni tagħhom fis-suq. Min-naħa l-oħra, minbarra l-impatt mistenni tal-prezzijiet potenzjalment ogħla tal-elettriku fuq il-kompetittività tal-industrija tal-UE, huwa neċessarju li jiġu kkunsidrati l-perikli possibbli għall-konsumaturi vulnerabbli.

2.3. Il-KESE, f'sensiela ta' Opinjonijiet ⁽¹⁾ ⁽²⁾ preċedenti tiegħu, diġà indirizza fil-fond l-iżvilupp mistenni tas-swieq tal-enerġija u jqis li l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għadhom validi. Għalhekk, din l-opinjoni ser tiffoka fuq ir-riskji u l-opportunitajiet għall-gruppi soċjalment vulnerabbli b'rabta mal-organizzazzjoni l-għdida tas-suq tal-elettriku u fuq manifestazzjonijiet speċifiċi tal-faqar enerġetiku marbutin mal-aċċessibilità tal-enerġija elettrika.

3. Viżjoni tal-organizzazzjoni l-għdida tas-suq tal-enerġija

3.1. Ir-rwol kruċjali tal-organizzazzjoni l-għdida tas-suq tal-elettriku, fuq il-prinċipji tas-sostenibilità, għandu jkun li tiżgura provvista sigura ta' elettriku lill-konsumaturi kollha bi prezz affordabbli u kompetittiv.

3.2. Il-qafas strateġiku tal-UE dwar l-Unjoni tal-enerġija huwa ffukat fuq l-oġġettivi strateġiċi ewlenin li ġejjin:

— sigurtà, solidarjetà u fiduċja fil-qasam tal-enerġija;

— suq intern tal-enerġija integrat bis-sħiħ;

— il-kontribut tal-effiċjenza enerġetika lejn il-moderazzjoni tad-domanda għall-enerġija;

⁽¹⁾ ĠU C 82, 3.3.2016, p. 13.

⁽²⁾ ĠU C 424, 26.11.2014, p. 64.

- id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija; u
- Unjoni tal-Enerġija għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Kompetittività.

3.3. Il-karatteristiċi ewlenin tal-qafas strateġiku tas-suq tal-elettriku huma dawn li ġejjin:

- it-tranżizzjoni lejn sistemi tal-enerġija b'emissionijiet baxxi tal-karbonju.
- l-integrazzjoni kosteffettiva ta' riżorsi rinnovabbli intermittenti;
- l-abbandon ta' impjanti tal-enerġija konvenzjonali għall-ġenerazzjoni deċentralizzata tal-elettriku minn riżorsi rinnovabbli;
- it-tibdil fir-rwol tal-konsumatur fis-suq tal-elettriku;
- iż-żieda fis-sigurtà u fl-affidabbiltà tal-provvista tal-elettriku.

3.4. Ir-rwol li qed jinbidel tal-konsumaturi fis-suq tal-elettriku għandu jaqdi rwol importanti fl-organizzazzjoni l-ġdida tas-suq tal-elettriku ⁽³⁾.

4. Il-faqar enerġetiku u l-prevenzjoni tiegħu

4.1. Reċentement, il-KESE adotta sensiela ta' Opinjonijiet dwar il-kwistjoni tal-faqar enerġetiku, b'mod partikolari l-Opinjoni TEN/516 – "Lejn azzjoni Ewropea kkoordinata għall-prevenzjoni u l-ġlieda tal-faqar fil-qasam tal-enerġija" (relatur: is-Sur Coulon, 2013) ⁽⁴⁾, li ġiet eżaminata mill-qrib fil-livell nazzjonali, pereżempju mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tal-Bulgarija fl-opinjoni tiegħu "Miżuri sabiex jingħeleb il-faqar tal-enerġija fil-Bulgarija" (ESC/3/030/2015). Il-KESE għadu jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet u l-konklużjonijiet ta' dawn id-dokumenti bħala rilevanti u m'għandux l-intenzjoni li jirrepetihom.

4.2. Il-kwistjoni tal-faqar enerġetiku hija indirizzata wkoll fl-opinjonijiet TEN/578 dwar Inwasslu Patt Ġdid għall-Konsumaturi tal-Enerġija u TEN/583 dwar Kooperattivi tal-prosumaturi fil-qasam tal-enerġija u l-elettriku: opportunitajiet u sfidi fil-pajjiżi tal-UE.

4.3. Il-faqar enerġetiku huwa kkaratterizzat minn aċċess limitat għar-riżorsi tal-enerġija minħabba infrastruttura ta' enerġija li hija nieqsa jew tiffunzjona b'mod ħażin jew nuqqas ta' kapaċità ta' ħlas għall-forniment ta' komoditajiet tal-enerġija. F'każ ta' periklu li l-infrastruttura ma taħdimx jeħtieġ li tiżdied il-kapaċità tagħha jew li tinħoloq kapaċità ġdida biex tiżgura s-sigurtà u l-affidabbiltà tal-provvista tal-elettriku. Anke l-operaturi tan-netwerks qed jirrealizzaw li l-unitajiet ta' ġenerazzjoni deċentralizzati, bħal pereżempju s-sistemi PV fi djar privati, jistgħu jgħinu biex jistabbilizzaw il-provvista reġjonali u ħafna drabi wkoll in-netwerks reġjonali dgħajfa.

4.4. Anke jekk il-faqar enerġetiku huwa pperċepit mill-perspettiva ta' klijenti privati, huwa importanti li wieħed jinnota li intrapriżi żgħar u ta' daqs medju wkoll huma ta' spiss esposti, bil-konsegwenzi kollha fuq il-kompetittività tagħhom.

4.5. Ħafna drabi, il-faqar enerġetiku huwa marbut mal-kapaċità tat-tisħin tad-djar; fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-UE jista' jkun marbut mad-disponibbiltà ta' arja kkundizzjonata matul ix-xhur sħan tas-sajf. Manifestazzjoni speċifika tal-faqar enerġetiku hija n-nuqqas ta' kapaċità ta' ħlas tal-kontijiet tal-elettriku. F'każ bħal dan, jintużaw approċċi bbażati fuq l-appoġġ dirett jew indirett tal-konsumaturi li jiffaċjaw il-faqar enerġetiku.

4.6. Appoġġ dirett lill-konsumaturi huwa pprovdut primarjament fil-forma ta' programmi ta' benefiċċji soċjali, bħal kumpens dirett ta' ħlas fi flus jew mhux fi flus, u bbażati fuq is-sistema ta' sigurtà soċjali nazzjonali fil-livell tal-Istati Membri.

⁽³⁾ ĠU C 82, 03.03.2016, p. 22.

⁽⁴⁾ ĠU C 341, 21.11.2013, p. 21.

4.7. Il-konsumatur vulnerabbli huwa definit fid-diversi Stati Membri b'mod differenti skont iċ-ċirkustanzi partikolari u sistemi soċjali rilevanti fl-Istati Membri.

4.8. Għajna indiretta hija provduta fil-forma ta' tariffi speċjali jew soċjali. Attwalment, it-tariffi soċjali huma mogħtija f'10 Stati Membri, 8 Stati Membri stabbilixxew l-istatus ta' konsumaturi vulnerabbli u total ta' 16-il Stat Membru japplikaw il-prezzijiet tal-elettriku rregolati fis-swieq nazzjonali tagħhom. Il-KESE ddikjara b'mod ċar li huwa kontra prezzijiet rregolati bħal dawn (ara TEN 578)

4.9. Madankollu, ikun possibbli li jiġu limitati sa ċertu punt r-riskji tal-faqar enerġetiku permezz tal-adozzjoni ta' sensiela ta' miżuri li huma kompattibbli mad-disinn għdid tas-suq tal-elettriku. Dawn jinkludi, b'mod partikolari, l-elementi li ġejjin:

- iż-żieda fid-disponibbiltà ta' tagħrif rigward il-prezzijiet tal-elettriku ta' fornituri differenti;
- it-tneħħija tal-ostakli għall-bidliet bejn il-fornituri tas-servizzi tal-enerġija;
- it-tiżiħ tal-kompetizzjoni u offerti trasparenti ta' servizzi tal-enerġija komprensivi;
- kuntratti, prezzijiet u kontijiet tal-enerġija trasparenti;
- l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-klijenti bi rwol b'saħħtu ta' parteċipazzjoni tal-muniċipalitajiet tagħhom;
- it-tneħħija ta' prattiki kummerċjali inġusti u proċeduri ta' sfurzar waqt l-għeluq ta' kuntratti tal-fornituri tal-enerġija;
- l-iffrankar fil-konsum tal-enerġija u d-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar il-konsum tal-konsumatur innifsu, disponibbiltà kbira ta' tagħmir intelliġenti ta' kejl u ta' kontroll fid-djar u għal konsumaturi żgħar oħrajn.
- il-promozzjoni tal-iżolazzjoni termali fid-djar, ir-rinnovazzjoni u r-restawr ta' binjiet antiki sabiex jitnaqqas it-telf tal-enerġija;
- il-promozzjoni ta' programmi ta' sensibilizzazzjoni u edukattivi għall-konsumaturi vulnerabbli;
- il-promozzjoni ta' inizjattivi lokali fil-għieda kontra l-faqar enerġetiku;
- il-projbizzjoni ta' tariffi għoljin għal konsumaturi vulnerabbli;
- iż-żieda fl-effiċjenza u l-affidabbiltà tal-provvista tal-elettriku.

4.10. Tul dawn l-aħħar snin, l-iżvilupp tas-swieq tal-elettriku wassal għal tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet bl-ingrossa, iżda li madankollu l-konsumaturi ż-żgħar u l-SMEs għadhom ma approfittawx minnu, peress li l-prezzijiet tagħhom pjuttost żdiedu milli naqsu.

4.11. Il-KESE jenfasizza li l-produtturi/konsumaturi żgħar (prosumaturi) wkoll jista' jkollhom rwol speċifiku fit-tnaqqis tal-faqar enerġetiku. Prekondizzjoni għall-integrazzjoni tagħhom b'suċċess fis-swieq tal-enerġija għalhekk hija t-tneħħija immedjata tal-ostakli amministrattivi u l-aċċess għan-network (grid), filwaqt li jinżammu l-kondizzjonijiet ta' ambjent tas-suq u l-konformità mal-istandards ta' kwalità fil-provvista tal-elettriku.

4.12. Il-KESE jemmen li, anki jekk is-suġġerimenti msemmija hawn fuq ikunu implimentati b'konformità mar-regoli tas-suq, ħafna mill-piż tal-għieda kontra l-faqar enerġetiku u l-konsegwenzi tiegħu se jintrefa' mis-sistemi soċjali fl-Istati Membri individwali, peress li dawn jikkostitwixxu l-unika alternattiva xierqa mill-perspettiva tas-suq.

4.13. Permezz ta' disinn sofistikati tas-suq tal-elettriku, flimkien ma' investimenti strateġiċi f'sistemi li fihom huma inkorporati ċ-ċittadini soċjalment żvantaġġjati, pereżempju fil-forma ta' kooperattivi tal-enerġija, se jkun possibbli li fil-futur jiġu interrelatati l-politika tal-enerġija, il-politika soċjali u l-valur reġjonali.

4.14. Għaldaqstant, il-politika għandha twieġeb b'mod ċar il-kwistjoni dwar min għandu/jew min jista' jipproduċi l-elettriku fil-futur, fil-kuntest tal-produzzjoni deċentralizzata futura. Dan huwa essenzjali wkoll għas-soluzzjoni tal-problema tal-faqar enerġetiku.

4.15. L-enerġiji rinnovabbli jipprovdu modi kompletament ġodda kif jindirizzaw il-faqar enerġetiku bħala problema soċjali. Pereżempju, studju tal-Istitut tar-Riċerka Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea fl-2014 wasal għall-konklużjoni li, 80 % tal-popolazzjoni Ewropea tista' saħansitra tipproduċi l-elettriku tagħha stess permezz ta' sistemi PV u b'hekk ikun irħas milli wieħed jixtri l-elettriku min-netwerk. Waħda mill-problemi hija li parti mill-popolazzjoni ma għandhiex saqaf jew spazju fejn tista' tinstalla sistemi bħal dawn. Hawnhekk, it-twessigħ tad-definizzjoni tat-terminu "prosumatur" u l-appoġġ għal sistemi organizzati b'mod konġunt (kooperattivi tal-enerġija) jistgħu jipprovdu rimedju.

4.16. Fi studju li ġie ppubblikat reċentement minn CE Delft huwa kkalkulat li sa 83 % tad-djar jistgħu jipproduċu huma stess il-bżonnijiet tal-elettriku tagħhom sal-2050.

4.17. Madankollu, problema sinifikanti huwa l-fatt li ċ-ċittadini soċjalment żvantaġġati b'mod partikolari ma għandhomx il-flus biex jagħmlu l-investimenti meħtieġa. L-"iżvantaġġ" tal-enerġiji rinnovabbli huwa tabilħaqq dovut għall-fatt li inizjalment jeħtieġ li jsir investiment li huwa relattivament għoli, minkejja li l-ispejjeż operattivi huma baxxi ħafna (ix-xemx u x-xita ma jiswew xejn). Madankollu, din il-problema tista' tiġi indirizzata wkoll mil-lat politiku, fost l-oħrajn permezz ta' investimenti strateġiċi rilevanti.

4.18. Eżempju ta' dan hija l-provinċja Pollakka ta' Podlasien, li attwalment ser tnedi programm ta' għajjuna għal sistemi PV żgħar. Permezz ta' għotja ta' investiment ta' 60 % flimkien mas-sistema ta' nett-metraġġ prevista fil-Polonja, l-ispejjeż tal-konsumaturi għall-elettriku jonqsu bin-nofs.

4.19. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jipproponi li l-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew diġà għandhom jindirizzaw żviluppi sinifikanti fuq perjodu ta' żmien medju u fit-tul, li jistgħu jkunu pożittivi għall-konsumaturi, bħal pereżempju l-elettromobbiltà. Huwa previst li fl-20-30 sena li ġejjin, il-karozzi elettriċi ser jiżdiedu fis-suq. Karozza li taħdem bl-elettriku teħtieġ madwar 14 kWh għal kull 100 km, ugwali għal EUR 3,50 b'0,25 ċenteżmu/kWh. Għal vjaġġ ta' 100 km permezz ta' vettura li għandha magna b'kombustjoni – b'konsum ta' 7 l/100 km u prezz ta' EUR 1,20/litru – irid jitħallas il-prezz ta' EUR 8,40. Sabiex jiġi prodott l-ammont li huwa meħtieġ għal karozza elettronika għal 10 000 km, hija biżżejjed sistema PV b'madwar 6 moduli; għaldaqstant, b'investiment ta' madwar EUR 3 000, karozza adattata tista' titħaddem għal 20 sena (permezz tal-elettriku li wieħed jipproduċi huwa stess). L-aspetti ekonomiċi għaċ-ċittadini, kif ukoll potenzjalment għar-reġjuni li jistgħu jkunu konnessi mal-konverżjoni tal-elettromobbiltà, s'issa ftit li xejn ġew diskussi.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

ANNEX

Din il-Kontropinjoni ġiet irrifjutata iżda rċeviet mill-inqas kwart tal-voti mitfugħa, u minflokha l-Assemblea adottat l-Opinjoni tas-Sezzjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jistenna li l-proposta tal-organizzazzjoni l-ġdida tas-suq tal-elettriku, li ħejjiet il-Kummissjoni Ewropea bħala parti mill-pakkett enerġetiku tal-ħarifa/tax-xitwa, twassal għall-integrazzjoni sħiħa tar-riżorsi rinnovabbli fis-suq komuni tal-elettriku bħala strument importanti biex jintlaħaq l-impenn tal-UE fil-ħarsien tal-klima.

1.2. Din il-proposta għandu jkollha l-għan li tiżgura affidabbiltà u sigurtà fit-tul tal-provvisti tal-elettriku, filwaqt li twassal għat-tneħħija tad-distorsjonijiet attwali tas-suq u fl-istess ħin twassal għal prezzijiet tal-elettriku li jiżguraw kompetittività tal-ekonomija Ewropea u anke għal prezzijiet tal-elettriku stabbli u aċċessibbli għal persuni bi dħul baxx.

1.3. Il-KESE huwa konvint li l-organizzazzjoni l-ġdida tas-suq tal-elettriku fil-forma aħħarija tagħha se twassal għal tnaqqis jew tneħħija tar-riskji li jwasslu għal impatti negattivi potenzjali fuq il-faqar enerġetiku.

1.4. Il-KESE jemmen li l-proċess ta' trasformazzjoni tal-forma attwali tas-suq tal-elettriku lejn l-organizzazzjoni l-ġdida tas-suq futura jista' jkollu impatt potenzjali fuq gruppi vulnerabbli ta' klijenti tal-elettriku, speċjalment iċ-ċittadini.

1.5. Il-KESE huwa tal-fehma li r-riskji li jirriżultaw mit-trasformazzjoni tas-suq tal-elettriku għandhom x'jaqsmu l-iżjed mal-importanza li jissaħħu b'mod fundamentali n-netwerks ta' trażmissjoni nazzjonali ta' 220/440 kW kif ukoll l-interkonnnessjonijiet tal-kapaċità reċiproka tagħhom, mal-estensjoni tar-rwol tan-netwerks ta' distribuzzjoni għar-rwol li attwalment jaqdu n-netwerks ta' trażmissjoni waħidhom (pereżempju l-iżgurar tal-istabbiltà tal-grilja), u mal-konverżjoni tagħhom għal sistemi "intelliġenti", mal-indirizzartal-problemi tal-ħżin tal-elettriku fuq skala kbira, mad-deċentralizzazzjoni tal-produzzjoni tal-elettriku, mal-konnnessjoni tal-produzzjoni deċentralizzata man-netwerks ta' distribuzzjoni, u mat-tibdil fin-natura tar-rwol u l-imġiba tal-konsumaturi tal-elettriku fis-suq.

1.6. Il-proċessi tat-trasformazzjoni msemmija aktar 'il quddiem huma proċessi li jieħdu ż-żmien, l-implimentazzjoni tagħhom teħtieġ għexieren ta' snin, spejjeż ta' investment għoljin b'ammont mistenni li jitle' għal mijiet ta' biljuni ta' euro u spejjeż oħrajn komparabbli marbutin mal-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tekniċi ġodda li s'issa sikwit għandhom mhux magħrufin.

1.7. Fir-rigward tal-applikazzjoni bis-sħiħ tal-prinċipji tas-suq, parti sostanzjali ta' dawn l-ispejjeż ser tiġi rkuprata permezz ta' komponenti regolati tal-prezz tal-elettriku, u b'hekk fil-proċess ta' trasformazzjoni, din tista' twassal għal impatti negattivi potenzjali li jġibu faqar enerġetiku għal gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni.

2. Introduzzjoni

2.1. Il-Prezidenza Slovakka tal-Kunsill tal-UE, permezz ta' ittra tal-14 ta' Marzu 2016, talbet lill-KESE biex ifassal opinjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-organizzazzjoni l-ġdida tas-suq tal-elettriku bħala parti mill-proċess tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku.

2.2. Ġie ssuġġerit li jkun hemm analiżi akbar tal-fatturi li jinfluwenzaw is-suq tal-elettriku u għandha tiġi evalwata l-influwenza tagħhom fuq l-iżvilupp tal-prezzijiet fl-UE, sabiex jiġi żgurat li dan l-iżvilupp ikun sostenibbli mhux biss mil-lat ambjentali (il-protezzjoni tal-klima), iżda b'mod partikolari mil-lat ekonomika u soċjali, ta' sigurtà u d-disponibbiltà tal-provvista tal-elettriku.

2.3. Fit-talba tagħha, il-Prezidenza Slovakka tinnota li l-organizzazzjoni l-ġdida tas-suq tal-elettriku toħloq opportunitajiet għall-konsumaturi u toffri mod iktar proattiv għall-interazzjoni tagħhom fis-suq. Min-naħa l-oħra, minbarra l-impatt mistenni tal-prezzijiet ogħla tal-elettriku fuq il-kompetittività tal-industrija tal-UE, huwa neċessarju li jiġu kkunsidrati l-perikli possibbli għall-konsumaturi soċjalment vulnerabbli.

2.4. Il-KESE, f'sensiela ta' Opinjonijiet preċedenti tiegħu, diġà indirizza fil-fond l-iżvilupp mistenni tas-swieg tal-enerġija u għadu qjis il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet bħala validi. Għalhekk, din l-opinjoni ser tiffoka biss fuq ir-riskji li l-organizzazzjoni l-ġdida tas-suq tal-elettriku tista' ġġib għall-gruppi soċjalment vulnerabbli tal-popolazzjoni u fuq manifestazzjonijiet speċifiċi tal-faqar enerġetiku marbutin mal-aċċessibilità tal-enerġija elettrika.

3. Il-problemi ewlenin li jiffaċċja attwalment is-suq tal-elettriku fl-UE u r-riskji marbuta mal-iżvilupp tiegħu fuq perjodu ta' żmien medju

3.1. Il-problemi ewlenin fis-suq tal-elettriku attwali fl-UE jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- distorsjoni fundamentali tas-suq tal-elettriku;
- in-nuqqas ta' investiment fil-kostruzzjoni ta' sorsi ġodda kontrollabbli tal-elettriku;
- l-iżvilupp traskurat tal-infrastruttura ta' trażmissjoni meta mqabbel mal-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli;
- it-tnaqqis fis-sigurtà u l-affidabbiltà tal-provvista tal-elettriku, u l-perikli għaliha;
- in-nuqqas ta' koordinazzjoni effiċjenti tal-politiki nazzjonali dwar l-enerġija minkejja li dawn għandhom ikunu kooperattivi u koordinati fil-livell tar-reġjuni transkonfinali fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet reali tas-swieq eżistenti;
- iż-żieda fid-distorsjoni tas-suq tal-elettriku bħala konsegwenza tal-integrazzjoni ineffiċjenti tas-swieq.

3.2. Fattur negattiv importanti ieħor li jwassal għan-nuqqas ta' funzjonament tas-swieq tal-elettriku fl-UE huwa d-distanza ġeografika mbiegħda ta' ċerti sorsi rinnovabbli kruċjali minn żoni ta' konsum għoli tal-elettriku, flimkien ma' kapaċitajiet ta' trażmissjoni insuffiċjenti fil-livell nazzjonali. Bħala konsegwenza tal-ġenerazzjoni mhux regolata tal-elettriku, b'mod partikolari, il-ġenerazzjoni tal-elettriku fil-parks eoliċi, jinħolqu sitwazzjonijiet ta' żieda intensa li jikkawżaw tifwir ta' elettriku fi stati ġirien, li jwassal għal kundizzjonijiet kritiċi tas-sistemi tat-trażmissjoni u riskju kbir ta' kollass tas-sistemi (blackout).

3.3. F'għadd ta' Stati Membri ġew introdotti sistemi ta' mekkaniżmu ta' kapaċità bħala risposta għall-provvisti intermittenti minn riżorsi rinnovabbli, flimkien ma' ċerti elementi diskriminatorji, bħal, pereżempju, l-enfasi fuq teknoloġiji ta' ġenerazzjoni ta' elettriku magħżulin minn quddiem jew l-esklużjoni ta' provvisti transkonfinali. L-organizzazzjoni l-ġdida tas-suq tal-elettriku għandha tqis u telimina n-nuqqasijiet eżistenti u għalhekk huwa essenzjali li l-kwalità tal-infrastruttura tal-elettriku tal-UE tittejjeb.

3.4. Is-sistemi ta' trażmissjoni tal-Istati Membri ma jipprevedux kopertura operattiva għal skarsezzi lokali fir-reġjuni bejn l-Istati Membri; u b'hekk aktar integrazzjoni tas-suq tal-elettriku fil-kuntest attwali hija diffiċli. Fl-Ewropa, hemm numru ta' swieq reġjonali tal-elettriku li ma jikkooperawx ma' xulxin u l-attivitajiet tagħhom mhumix koordinati biżżejjed.

3.5. L-integrazzjoni tagħhom qed issir gradwalment, f'konformità mar-regoli applikabbli (kodiċijiet tan-netwerks). Fost dawn is-swieq attwalment hemm differenzi konsiderevoli kemm f'termini ta' sikurezza operattiva kif ukoll fil-prezzijiet tal-provvisti u s-servizzi pprovduti. Dan il-proċess ta' integrazzjoni huwa indispensabbli, għalkemm qed isir dejjem aktar ċar li ser ikun diffiċli ħafna.

3.6. Għadd ta' Stati Membri, b'reazzjoni għall-problemi tal-integrazzjoni ta' riżorsi rinnovabbli intermittenti fis-sistemi tal-enerġija, jirrikorru għal mekkaniżmi ta' kapaċità biex tiġi żgurata l-affidabbiltà u d-disponibbiltà tal-forniment tal-elettriku fiż-żmien meta r-riżorsi rinnovabbli ma jkunux disponibbli minħabba d-dipendenza tagħhom fuq kundizzjonijiet naturali. Il-mekkaniżmi ta' kapaċità huma implimentati permezz ta' swieq tal-kapaċità jew f'forma ta' riżervi strateġiċi. Filwaqt li r-riżervi strateġiċi huma newtrali f'termini tas-suq tal-elettriku u għandhom ikunu ppreferuti bħala soluzzjoni mill-perspettiva tas-suq, is-swieq ta' kapaċità jikkostitwixxu riskji ta' distorsjoni tas-suq.

3.7. Il-prospetti tal-enerġija għall-għoxrin sena li ġejjin huma fattur importanti li jaffettwa l-forma finali tat-tfassil ġdid tas-suq tal-elettriku u, naturalment, l-impatti fuq il-konsumaturi vulnerabbli. F'dan il-kuntest huwa importanti li jitqiesu fatturi bħal:

3.7.1. Bħala konsegwenza tal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tal-enerġija fl-UE fl-aħħar għaxar snin, jinħtieġu soluzzjonijiet urġenti ħafna bbażati fuq riflessjoni strateġika oġġettiva. L-affidabbiltà tal-provvisti sostenibbli tal-elettriku bi prezz raġonevoli/affordabbli m'għandhiex tibqa' biss retorika, imma għandha tkun imsejsa b'mod sod fuq it-tliet pilastru fundamentali tal-iżvilupp sostenibbli. It-tiġdid tan-netwerks waħdu se jeħtieġ madwar USD 655 biljun.

3.7.2. Fl-UE, matul il-perjodu 2016-2025, l-kapaċitajiet termali installati akbar minn 150 GW se jaslu fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, fi kliem ieħor kwart tal-kapaċità termali attwali tal-UE. Sabiex jiġu żgurati l-adekwatezza tas-sistema ta' produzzjoni u l-provvista lill-konsumaturi, trid tinbena kapaċità termali ġdida ta' 100 GW bi produzzjoni stabbli. Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li sal-2035, il-fjuwils fossili se jkunu għadhom ikopru 200 GW anki jekk l-istimi tal-iżvilupp teknoloġiku fil-qasam tal-effiċjenza tal-enerġija u fil-qasam tal-ħżin tal-elettriku jkunu korretti.

3.7.3. Madankollu, f'dan l-istadju tas-suq tal-elettriku mhux possibbli li jkun hemm investiment f'dan it-tip ta' kapaċità ta' produzzjoni, u l-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija se jesigri bidla fundamentali fis-sistema b'tali mod li twassal sabiex il-mekkaniżmi tas-suq ikunu applikati b'mod strett u sabiex ikun hemm impatt favorevoli fuq il-prezzijiet għall-konsumaturi aħħarin.

Il-kontropinjoni ġiet irrifjutata b'91 vot favur, 141 vot kontra u 22 astensjoni.

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

520 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FIS- IS-19 U T-20 TA' OTTUBRU 2016

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Standards Ewropej għas-Seklu 21”

[COM(2016) 358 final]

(2017/C 034/13)

Relatur: **is-Sur Antonello PEZZINI**

Konsultazzjoni	Kummissjoni, 17/08/2016
Bażi legali	L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
	[COM(2016) 358 final]
Sezzjoni kompetenti	Is-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	04/10/2016
Adottata fis-sessjoni plenarja	20/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	147/0/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE iqis li hija essenzjali viżjoni ġdida biex titwaqqaf Sistema Ewropea ta' Standardizzazzjoni (SES) li tkun tista' tiġi adattata għal kuntesti internazzjonali li jinbidlu kontinwament, li tista' tkun ta' benefiċċju għall-intrapriżi, il-konsumaturi, il-ħaddiema u l-ambjent.

1.2. Bħala “id-dar tas-soċjetà ċivili”, il-KESE jagħti importanza partikolari għat-titjib fit-trasparenza u l-inklużività tas-SES, u jafferma r-rwol proattiv tiegħu fl-orjentazzjoni strateġika, fl-implimentazzjoni u disseminazzjoni tal-istandards u fl-appoġġ favur kultura ta' standardizzazzjoni.

1.3. Il-KESE jenfasizza l-importanza li r-rwol strateġiku tal-istandardizzazzjoni teknika jissaħħaħ biex jiġu żgurati:

- il-kwalità, s-sikurezza u l-prestazzjoni tal-beni u s-servizzi,
- livell dejjem oġhla ta' protezzjoni tal-konsumatur, il-ħaddiem u l-ambjent,
- livelli oġhla ta' innovazzjoni għall-kompetittività tal-intrapriżi.

1.4. Il-KESE jilqa' bi pjaċir it-tnedija tal-inizjattiva konġunta dwar l-istandardizzazzjoni bejn l-imsieħba pubbliċi u privati tas-SES sabiex jiġi identifikat approċċ komuni fl-issettjar tal-prijoritajiet, fl-iżvilupp ta' azzjonijiet konġunti biex jimmodernizzaw u jissemplifikaw il-leġislażżjoni.

1.5. Madankollu, il-KESE huwa mħasseb serjament dwar in-nuqqas ta' gwidi ta' implimentazzjoni u r-restrizzjonijiet fl-allokazzjonijiet finanzjarji, li huma essenzjali biex jiżviluppaw viżjoni komuni innovattiva fi strateġiji u azzjonijiet konkreti ta' modernizzazzjoni.

1.6. F'dan ir-rigward, il-KESE jirrakkomanda li l-istruttura u l-iffinanzjar tas-sħubija pubblika-privata JIS ⁽¹⁾ isiru fil-qafas ta' inizjattivi teknoloġiċi konġunti fil-programm Orizzont 2020 ⁽²⁾, bl-għan li:

— jiġi żgurat li jintlaħqu l-għanijiet tekniċi-regolatorji identifikati b'mod ċar fis-settur tal-industrija, tas-servizzi u tal-konsum,

— tinkiseb konċentrazzjoni akbar u aħjar tar-riżorsi finanzjarji u umani u ta' għarfien dwar prijoritajiet kondiviżi.

1.7. Il-KESE jappoġġja lill-Kummissjoni biex titwaqqaf sistema integrata u strutturata, bl-għan li titfassal strateġija komuni li twassal għal tnaqqis tal-frammentazzjoni tal-istandards u tas-sistemi ta' programmazzjoni tagħhom.

1.8. Il-KESE jappoġġja għalhekk sistema ta' governanza mtejba fl-istrateġiji ta' azzjoni regolatorja li tieħu inkunsiderazzjoni l-konverġenza tat-teknoloġiji u l-kompijuterizzazzjoni tal-intrapriżi u s-servizzi, u l-għarfien soċjali u ambjentali għid li qed jiżdied, u li tkun tista' taħdem mill-viċin mal-Kumitat tekniku għall-istandardizzazzjoni.

1.9. Id-djalogu interistituzzjonali Ewropew dwar l-istandardizzazzjoni għandu jiżgura rwol privileġġat għall-partijiet interessati kollha. Il-gruppi permanenti ta' valutazzjoni u ta' riferiment għandhom jiġu stabbiliti fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE, speċjalment fil-KESE u fil-Kumitat tar-Regġuni (KtR), b'kunsiderazzjoni tal-mandat ta' konsultazzjoni obbligatorja mogħti mill-Artikolu 114 tat-TFUE.

1.10. Il-KESE jemmen li hemm bżonn li fi ħdan is-SES u fid-direttorati ġenerali kompetenti tal-Kummissjoni tiġi msaħħa l-kapaċità għal użu koordinat tal-istrument ta' standardizzazzjoni teknika rilevanti għal setturi individwali, partikolarment fis-settur tas-servizzi.

1.11. Il-KESE jqis li hija prijorità li titnieda azzjoni biex tiġi żviluppata kultura Ewropea ġenwina ta' standardizzazzjoni, mil-livell ta' edukazzjoni bażika sal-livell ta' dawk li jfasslu l-politika u n-negozjaturi ta' ftehimiet internazzjonali, bit-tnedija u l-appoġġ ta' kampanja Ewropea qawwija favur is-sensibilizzazzjoni.

1.12. Il-KESE jenfasizza li politika Ewropea ta' standardizzazzjoni li tkun tassew innovattiva għandha qabel kollox twieġeb għall-prinċipji tas-"sodisfazzjon tal-klijent" taċ-ċittadini, tal-intrapriżi u tal-ħaddiema, u għandha tilħaq livelli għoljin ta' sikurezza, kwalità u effikaċja, impjiegi ġodda u kompetittività internazzjonali, b'approċċ ibbilanċjat u flessibbli bejn l-istandardizzazzjoni u l-kreattività ⁽³⁾.

2. Is-sistema ta' standardizzazzjoni teknika fil-kuntest tal-isfidi Ewropej u globali

2.1. L-istandardizzazzjoni teknika għandha rwol ta' importanza fundamentali fil-funzjonament tas-suq intern u fil-kompetittività internazzjonali ta' prodotti u servizzi bħala strument strateġiku li jiggarrantixxi l-kwalità, il-prestazzjoni u s-sikurezza tal-prodotti u s-servizzi, l-interoperabbiltà tan-netwerk u s-sistemi, livell għoli ta' protezzjoni tal-intrapriżi, tal-ħaddiema u tal-konsumatur u l-ambjent, kif ukoll livelli ogħla ta' innovazzjoni u ta' inklużjoni soċjali.

⁽¹⁾ Joint Initiative on Standardization.

⁽²⁾ Ara, pereżempju, il-metroloġija P2P.

⁽³⁾ Ara l-opinjoni TEN/593 – L-istandards tal-ICT bħalal-Pedament Tas-Suq Uniku Diġitali (ĠU C 487, 28.12.2016, p. 92).

2.2. Fid-dawl ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda, tal-prijoritajiet tal-politika u tat-tendenzi globali, b'mod partikolari fis-servizzi u fir-rivoluzzjoni tal-informatika, huwa meħtieġ li s-Sistema Ewropea tal-Istandardizzazzjoni tiġi rieżaminata, biex jinżammu l-aspetti tagħha li rnexxew u jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, f'mod li jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn id-dimensjoni Ewropea u dik nazzjonali kif ukoll bejn il-libertà ta' innovazzjoni, il-kreattività u l-interoperabilità teknika-regolatorja u – b'mod aktar ġenerali – biex twieġeb għall-esiġenzi u l-istennijiet il-ġodda tal-intrapriżi, tal-konsumaturi, tal-ħaddiema u tas-soċjetà Ewropea b'mod ġenerali.

2.3. Bħala "id-dar tas-soċjetà ċivili", il-KESE jagħti importanza partikolari għat-titjib fit-trasparenza u l-inklużività tas-SES, u jafferma r-rwol proattiv tiegħu fl-orjentazzjoni strateġika, fl-implimentazzjoni u disseminazzjoni tal-istandards u fl-appoġġ favur kultura ta' standardizzazzjoni, bħala bażi għas-suċċess tal-intrapriżi u tal-ġenerazzjonijiet futuri.

2.4. Il-KESE dejjem saħaq li "proċess Ewropew ta' standardizzazzjoni rapidu, effikaċi u inklużiv jirrappreżenta mhux biss element determinanti tal-arkitettura tas-suq uniku, li huwa l-qofol tal-integrazzjoni Ewropea u tal-Istrateġija Ewropa 2020 li hija maħsuba biex twettaqha, iżda wkoll, u fuq kollox, element ta' bażi tal-kompetittività tal-ekonomija Ewropea u strument li jagħti spinta 'l quddiem lill-innovazzjoni" ⁽⁴⁾. Għal dan, jeħtieġ li jkun hemm regoli ċari u trasparenti biex iħarsu lill-konsumaturi u lin-negozji kif ukoll lill-ambjent u lis-soċjetà.

2.5. L-oġġettivi ġenerali ewlenin tas-SES huma li jiżied il-kontribut tal-istandards u tal-proċess tal-istandardizzazzjoni Ewropea għall-moviment liberu ta' beni u servizzi fis-suq intern, biex jistimolaw it-tkabbir u l-innovazzjoni u jrawmu l-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi, il-ħaddiema u l-ambjent, permezz ta' proċessi b'firxa akbar iżda rapidi ta' tfassil inklużivi u trasparenti fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew, u bbażati fuq kriterji rikonoxxuti, bħalma daww previsti fil-Ftehim tad-WTO dwar ostakli tekniċi għall-kummerċ u fir-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

2.6. Il-KESE reċentament enfasizza kif l-istandardizzazzjoni Ewropea, permezz tal-involvement tal-partijiet soċjali u l-partijiet interessati kollha, għandha sservi sabiex tissupplementa u tarrikkixxi l-proċessi li għaddejjin fl-ekonomija dinjija", filwaqt li ttama "li jkun hemm preżenza aktar qawwija u aktar influwenza tal-kultura tal-istandardizzazzjoni Ewropea fi proċessi globali ta' standardizzazzjoni" ⁽⁵⁾ anke permezz ta' sensibilizzazzjoni dwar il-komunikazzjoni, l-iffaċilitar tal-aċċess u spejjeż limitati.

2.6.1. Huwa importanti wkoll li jinżamm bilanċ ġust bejn l-istandardizzazzjoni u l-kreattività ⁽⁶⁾ filwaqt li anke għall-artiġġjanat u n-negozji żgħar tiġi żgurata l-possibbiltà li jesprimu ruħhom liberament u jarrikkiwxu l-prodotti u s-servizzi fi ħdan il-limiti bażiċi stabbiliti permezz tar-regoli.

2.7. L-istandardizzazzjoni Ewropea hija mfassla biex taqdi rwol ewleni fil-ħolqien u l-funzjonament tas-suq uniku għall-prodotti u s-servizzi permezz tal-armonizzazzjoni progressiva tal-istandards nazzjonali fil-livell tal-UE, li ta' spiss għandhom tendenza joħlqu ostakli tekniċi għall-aċċess fi swieq nazzjonali u għan-negozju u l-kummerċ ġewwa l-UE.

2.8. Bil-konverġenza tat-teknoloġiji u l-kompjuterizzazzjoni tas-soċjetà, tal-intrapriżi u tas-servizzi pubbliċi, id-distinzjoni tradizzjonali bejn l-istandardizzazzjoni ġenerali u dik diġitali qed tonqos, kif joħroġ ċar ukoll f'Opinjoni oħra ⁽⁷⁾ tal-KESE, u dan jitlob approċċ koerenti fit-tfassil u d-definizzjoni ta' prijoritajiet ta' standardizzazzjoni fi ħdan il-Kummissjoni.

2.9. Minħabba l-preferenzi li ntwerew minn atturi ekonomiċi u industrijali differenti tal-UE għal standards internazzjonali tal-ISO/IEC, isir importanti ferm li s-SES tissaħħaħ biex jiġu żgurati standards internazzjonali allinjati ma' standardizzazzjoni Ewropea rapida, effikaċi u inklużiva għall-partijiet interessati kollha, speċjalment f'termini ta' rappreżentanza tal-intrapriżi ż-żgħar, il-konsumaturi u partijiet interessati oħra.

2.10. Żieda fl-iżvilupp ta' standards Ewropej volontarji għas-servizzi, tista' tinkoraġġixxi l-impjiegi u t-tkabbir b'servizzi transkonfinali importanti u l-integrazzjoni akbar tas-swieq tas-servizzi, li jippermettu li jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tas-settur għall-ekonomija Ewropea fis-salvagwardja u l-protezzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ġhajxien fil-lokal, u tikkontribwixxi għat-tneħħija ta' ostakli li jirriżultaw mill-użu ta' skemi ta' ċertifikazzjoni nazzjonali.

⁽⁴⁾ ĠU C 376, 22.12.2011, p. 69.

⁽⁵⁾ ĠU C 177, 18.5.2016, p. 1.

⁽⁶⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

⁽⁷⁾ Ara n-Nota 5.

2.11. B'rispons għall-iżvilupp mgħaġġel ta' ċikli teknoloġiċi, għall-kumplessità u l-interazzjoni akbar fis-sistemi industrijali, u d-distinzjoni inqas ċara bejn il-prodotti, is-servizzi u l-ICT, il-Kummissjoni Ewropea (KE) nediet inizjattiva konġunta dwar l-istandardizzazzjoni, bejn l-imsieħba pubbliċi u privati tas-SES – kif ittama l-KESE – b'definizzjoni ta' viżjoni komuni kondiviża u rotta komuni ta' enfasi fuq numru ta' inizjattivi maħsuba biex jimmodernizzaw, jiprijoritizzaw, jaċċelleraw u jissemplifikaw l-adozzjoni tal-istandards sal-aħħar tal-2019 permezz ta':

- sensibilizzazzjoni, edukazzjoni u għarfien dwar is-sistema ta' standardizzazzjoni Ewropea,
- tempestività, kwalità u allinjament ta' prijoritajiet u pjani mal-qafas regolatorju tar-riċerka u l-iżvilupp,
- koordinazzjoni, kooperazzjoni, trasparenza u inklużività tar-rappreżentazzjonijiet iż-żgħar ukoll,
- involviment attiv u trasparenti tal-partijiet interessati kollha,
- kompetittività u dimensjoni internazzjonali, bl-iżvilupp ta' mudelli ta' standardizzazzjoni komuni.

3. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea

3.1. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tirrappreżenta viżjoni akkumpanjata minn pakkett ta' standardizzazzjoni li jipprevedi sensiela ta' għanijiet ta' modernizzazzjoni tas-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni:

- **Inizjattiva konġunta dwar l-istandardizzazzjoni – JIS:** proċess innovattiv ta' sħubija bejn l-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni Ewropej u nazzjonali, l-industrija u l-assoċjazzjonijiet professjonali, l-SMEs, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, it-trejdunjins, l-organizzazzjonijiet ambjentali, l-Istati Membri, il-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) u l-KE, bl-għan li jiġu żviluppati azzjonijiet konkreti biex jaċċelleraw u jissemplifikaw ix-xogħol tal-istandardizzazzjoni teknika;
- **Standards tekniċi-regolatorji Ewropej għas-servizzi:** gwida għall-promozzjoni tal-iżvilupp ta' standards volontarji Ewropej fis-settur tas-servizzi, it-tnaqqis tal-ostakli li jirriżultaw minn standards nazzjonali u skemi ta' ċertifikazzjoni, u t-titjib ta' informazzjoni għall-fornituri tas-servizzi;
- **Djalogu interistituzzjonali strutturat KE, Parlament Ewropew, Kunsill, KESE, KtR:** sistema ta' rappurtar annwali u feedback dwar l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar l-istandardizzazzjoni;
- **Preżentazzjoni ta' programmi ta' ħidma annwali:** il-programm ta' ħidma għall-2017 jistabbilixxi l-prijoritajiet annwali tas-SES.

3.2. Il-KE, b'mod partikolari fis-settur tas-servizzi, beħsiebha:

- twestaq analiżijiet dwar l-oqsma fejn hemm nuqqas ta' konformità jew duplikazzjoni fost l-istandards nazzjonali,
- tilħaq qbil dwar il-kriterji biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet għal standards Ewropej tas-servizzi,
- twestaq revizzjoni mmirata biex tiġbor informazzjoni dwar ir-regoli nazzjonali eżistenti u l-prattiki li jawtorizzaw standards u ċertifikati,
- titlob lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) lista annwali tal-oqsma fejn jista' jkun hemm nuqqas ta' konformità jew duplikazzjoni fost l-istandards nazzjonali tas-servizzi jew lakuni potenzjali fl-iżvilupp ta' standards,
- tqis id-dimensjoni Ewropea qabel ma timponi l-iżvilupp ta' standard nazzjonali,
- tirrakkomanda lill-Istati Membri biex jesploraw l-użu ta' standards Ewropej għas-servizzi.

3.2.1. Il-KE tipproponi wkoll li tiffaċilita d-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar l-istandards Ewropej armonizzati permezz ta' aċċess aħjar għall-portal uniku diġitali propost fl-istrateġija tas-suq uniku.

4. Kummenti ġenerali

4.1. Il-KESE jaqbel – għal darb'oħra⁽⁸⁾ – dwar l-urġenza li ssir modernizzazzjoni effettiva u effiċjenti fis-sistema Ewropea, li issa ilha tiġi diskussa għal iktar minn ħames snin, u jqis li hija indispensabbli viżjoni komuni u azzjoni konkreta biex jindirizzaw, dejjem fuq bażi volontarja, l-isfidi globali tal-istandardizzazzjoni bi proċess innovattiv ta' kooperazzjoni bbażat fuq il-kunsens dwar żvilupp f'waqtu ta' standards f'ambjent teknoloġiku li qed jevolvi malajr.

4.2. Fil-fehma tal-KESE hemm bżonn li jinbda l-proċess ta' standardizzazzjoni diġà fl-istadji tar-riċerka u l-iżvilupp flimkien ma' azzjonijiet ta' kostandardizzazzjoni u prestandardizzazzjoni u li jissaħħu l-mekkaniżmi għat-trasferiment tal-istandards Ewropej fil-livell internazzjonali bl-appoġġ tal-industrija u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs, il-konsumaturi, l-imsieħba soċjali, gruppi ambjentali u atturi rilevanti tas-soċjetà ċivili.

4.3. Il-KESE jemmen li biex l-azzjonijiet ta' modernizzazzjoni tas-SES indikati fid-dokument konġunt tal-JIS isiru effettivi u effikaċi fil-livell domestiku u internazzjonali għandha tingħata prijorità għal:

- allinjament tas-sistemi ta' programmar, tfassil u monitoraġġ tad-diversi oqfsa ta' referenza Ewropej, filwaqt li tissaħħaħ il-koordinazzjoni,
- żgurar ta' qafas pluriennali b'allokazzjonijiet finanzjarji għall-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej biex l-azzjonijiet previsti jiġu segwiti b'mod konkret⁽⁹⁾,
- appoġġ finanzjarju u organizzattiv favur il-parteċipazzjoni inklużiva tal-organizzazzjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet iktar dgħajfa u inqas mgħammra flimkien ma' azzjonijiet għall-iżvilupp ta' standards tekniċi-regolatorji, "sensibilizzazzjoni, edukazzjoni u fehim" u għal inklużività "Ewropeja" u "fid-dimensjoni internazzjonali".

4.3.1. F'dan ir-rigward, il-KESE jirrakkomanda li tinholq inizjattiva ta' sħubija pubblika-privata fil-kuntest tal-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti tal-programm Orizzont 2020, abbażi tal-approċċ stabbilit fl-inizjattiva JIS dwar l-istandardizzazzjoni, b'pakkett finanzjarju adatt u sistema strutturata ta' definizzjoni, ta' strateġiji u ta' prijoritajiet.

4.4. Il-KESE huwa mħasseb ukoll dwar in-nuqqas ta' qafas b'saħħtu u modern biex jallinja l-prijoritajiet kemm fil-livell tal-politiki varji tal-UE u d-diversi direttorati ġenerali li jimplementawhom, kif ukoll fil-livell tal-istrumenti ta' programmazzjoni, lil hinn mill-Kumitat tal-istandards u l-inizjattivi ta' min ifaħħarhom – Inizjattiva konġunta dwar l-istandardizzazzjoni (JIS) u d-djalogu strutturat.

4.4.1. Għaldaqstant, fil-fehma tal-KESE jinħtieġ korp ta' governanza ġdid għat-tfassil u l-monitoraġġ ta' strateġiji dwar xogħol ta' standardizzazzjoni li jkopru l-aspetti kollha tal-istandardizzazzjoni minn dawk xjentifiċi u teknoloġiċi sal-aspetti soċjali u ambjentali, f'bidma mill-qrib mal-Kumitat tekniku għall-istandardizzazzjoni.

4.4.2. Il-Kumitat iqis li l-urġenza biex fl-aħħar nersqu lejn modernizzazzjoni u sfruttar importanti tas-SES ma tistax tiġi indirizzata b'mod effikaċi b'approċċ ta' "nibqgħu għaddejjin b'has-soltu" b'segwitu għat-talbiet urġenti tal-Kunsill ta' Marzu 2015 f'dan ir-rigward. Id-djalogu interistituzzjonali strutturat Ewropew dwar l-istandardizzazzjoni għandu jiżgura rwol proattiv u privileġġat għall-korpi rappreżentattivi, speċjalment tal-KtR u l-KESE, b'kunsiderazzjoni tal-mandati ta' konsultazzjoni obligatorja konferiti lil dan tal-aħħar mill-Artikolu 114 tat-TFUE.

5. Kummenti speċifiċi

5.1. **Veloċità u tempestività tal-istandards tekniċi Ewropej.** Hemm firxa ta' interessi f'termini ta' veloċità u diffikultà fl-applikazzjoni ta' approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" biex jitnaqqsu d-dewmien u n-nuqqasijiet fil-monitoraġġ tal-proċess. It-tempestività tibqa' aktar importanti mill-ħeffa anke jekk din tal-aħħar tista' tkun ta' xkiel biex jintlaħaq kunsens.

⁽⁸⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 4.

⁽⁹⁾ Ara l-Anness 1 tal-JIS fl-Istrateġija għas-Suq Uniku, 13.6.2016, Amsterdam.

5.2. **Appoġġ għall-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej.** Iridu jingħelbu l-ostakli għall-parteċipazzjoni tal-SMEs fi proċessi ta' tfassil/applikazzjoni tal-istandards filwaqt li jissaħħu r-rabtiet bejn l-istandardizzazzjoni u l-innovazzjoni u programmi ta' riċerka, anke b'azzjonijiet finanzjati għall-bini tal-kapaċità għall-intrapriżi żgħar

5.3. **Appoġġ għal-leġislazzjoni u l-politiki tal-UE.** Qed ikun hemm talba dejjem akbar għal standards dwar il-leġislazzjoni u l-politiki tal-UE sabiex jintlaħqu l-livelli ta' standards meħtieġa: jidher li hemm bżonn tissaħħa il-kapaċità ta' koordinament fil-komunikazzjoni fost id-diversi partijiet interessati.

5.4. **Kapaċità akbar ta' previżjoni.** Jidher li hemm bżonn tissaħħa il-kapaċità ta' reazzjoni f'waqtha għall-ħtiġijiet ta' previżjoni fl-istandardizzazzjoni u fid-definizzjoni tal-proċessi ta' standardizzazzjoni Ewropej, anke sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' standards nazzjonali li jistgħu jdgħajfu l-effikaċja tas-SES iġenerali.

5.5. **Inklużività.** Jeħtieġ li tissaħħa il-kapaċità ta' rappreżentanza tal-atturi tas-soċjetà ċivili u tal-organizzazzjonijiet iż-żgħar, b'attivitajiet ta' bini tal-kapaċità. Il-KESE diġà enfasizza "l-importanza li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-proċess ta' standardizzazzjoni għall-SMEs u l-partijiet interessati tas-soċjetà..." u li jsir "segwitu komprensiv tal-isforzi tal-atturi prinċipali tal-istandardizzazzjoni, u dan sabiex tissaħħa id-dimensjoni tal-inklużività tas-Sistema Ewropea ta' Standardizzazzjoni" ⁽¹⁰⁾. Għandu jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet imsemmija fl-Anness III ikollhom status speċifiku ta' membru/imsieħeb flimkien ma' drittijiet u obbligi ċari, speċjalment fir-rigward tad-dritt ta' opinjoni.

5.6. **Appoġġ għall-istandards Ewropej fuq livell dinji.** Hemm bżonn ta' impatt, kapaċità ta' rappreżentanza, kompetenza u koerenza akbar speċjalment fl-uffiċċji tal-ISO/IEC/ITU b'mod partikolari għall-intrapriżi ż-żgħar, il-konsumaturi u l-ambjent – u fil-fora multilaterali u ftehimiet ta' kummerċ ħieles.

5.7. **Governanza.** Hemm bżonn:

- jitfasslu mill-ġdid strutturi ta' governanza u ta' koordinazzjoni effiċjenti;
- jittejbu n-netwerks interoperabbli tal-komunikazzjoni tal-KE dwar il-proċess ta' standardizzazzjoni;
- armonizzazzjoni tal-metodi ta' ħidma permezza ta' strutturi ta' ppjanar trasparenti u inklużivi għal sħubija pubblika-privata u permezz ta' mekkaniżmi ta' djalogu interattiv.

5.8. **Appoġġ finanzjarju pluriennali.** Hemm bżonn essenzjali ta' qafas pluriennali tal-baġit, mhux biss għar-riċerka dwar prestandardizzazzjoni u kostandardizzazzjoni ⁽¹¹⁾ għal azzjonijiet tax-Xjenza & s-Soċjetà, u tax-Xjenzi Soċjali & x-Xjenzi Umanistiċi u biex jitrawmu kuxjenza u kultura mifruxa ta' standardizzazzjoni, iżda wkoll biex tappoġġja strateġiji u azzjonijiet pilota ta' standardizzazzjoni konkreti, f'oqsma mill-aktar avvanzati bl-użu ta' kofinanzjament fil-qafas ġenerali u regolatorju tal-Orizzont 2020.

5.9. **Orjentazzjoni u strateġiji għall-ġejjieni.** Jinħtieġu analiżi tal-impatt ta' standards internazzjonali futuri fuq is-suq Ewropew u analiżi prospettiva settorjali u intersettorjali. Jinħtieġu valutazzjonijiet regolari u segwitu tal-effikaċja fl-applikazzjoni tal-azzjonijiet meħuda, bil-parteċipazzjoni ta' mekkaniżmi mfassla apposta fl-istituzzjonijiet, bħal grupp permanenti dwar l-istandardizzazzjoni fil-KESE u korpi simili fi ħdan il-KtR u l-Parlament Ewropew.

5.10. **L-istandardizzazzjoni bħala għodda ta' politika tal-UE.** Għall-politiki Ewropej kollha hemm il-ħtieġa li, fir-rigward tas-SES u fid-diversi direttorati ġenerali varji responsabbli fil-Kummissjoni, jiġu msaħħa l-kapaċitajiet ta' attivazzjoni u użu koordinat tal-istrument tal-istandardizzazzjoni teknika rilevanti għal setturi individwali.

⁽¹⁰⁾ "Standardizzazzjoni Ewropea 2016" (ĠU C 303, 19.8.2016, p. 81).

⁽¹¹⁾ Ara l-programm EMPIR tal-metroloġija 2014-2020.

5.11. **Djalogu interistituzzjonali strutturat.** Skont il-KESE, dan l-istrument għandu jkun kompletament interattiv u proattiv, b'attivitajiet permanenti fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej flimkien mal-parteċipazzjoni, mill-bidu nett, tal-ħidma ta' ppjanar tal-KtR u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, speċjalment fid-dawl tal-kompetenzi konferiti lil dan tal-aħħar mit-TFUE ⁽¹²⁾ rigward is-suq intern, u l-istandardizzazzjoni li hija parti integrali minnu.

Brussell, l-20 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

⁽¹²⁾ Ara b'mod partikolari l-Artikolu 114 tat-TFUE.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indirizzar tal-imblukkar ġeografiku u forom oħrajn ta’ diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-konsumaturi fi ħdan is-suq intern u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE”

[COM(2016) 289 final — 2016/0152 (COD)]

(2017/C 034/14)

Relatur: **is-sur Joost VAN IERSEL**

Konsultazzjoni	il-Parlament Ewropew, 09/06/2016 il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 10/06/2016
Bażi legali	L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [COM(2016) 289 final – 2016/0152 (COD)]
Sezzjoni kompetenti	għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottat fis-sezzjoni	04/10/2016
Adottat fis-sessjoni plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	216/3/6

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ l-proposta għal Regolament dwar l-imblukkar ġeografiku, kemm għal kumpaniji kif ukoll għal konsumaturi, bħala element indispensabbli tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali (DSM). Dan huwa, madankollu, pass żgħir, u mhux se jwassal għal tibdil sinifikanti. Il-kumpaniji u l-klijenti – kemm il-konsumaturi kif ukoll il-kumpaniji bħala utenti finali – se jkomplu jiffaċċjaw diffikultajiet konsiderevoli meta jbigħu u jixtru fis-Suq Uniku.

1.2. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kunsill jimplementaw dispożizzjonijiet legali ambizzjużi u definiti sew għal DSM ta’ suċċess favur il-konsumaturi u l-kumpaniji, kif ukoll bħala prerekwiżit sabiex tinħoloq ekonomija Ewropea reżiljenti vis-à-vis l-bqija tad-dinja. Arranġamenti bħal dawn jippromovu wkoll immaġni pożittiva tal-Unjoni Ewropea.

1.3. Wieħed għad irid jara jekk dan ir-Regolament huwiex se jtaffi verament il-frustrazzjonijiet tal-konsumatur. Għalkemm in-negozjar offline tradizzjonali ser jibqa’ jkun importanti, in-numru ta’ kumpaniji attwalment involuti fin-negozjar transkonfinali online għadu pjuttost limitat. Madankollu, il-potenzjal għax-xiri u l-bejgħ online, b’mod speċjali dak transkonfinali, huwa kbir ħafna.

1.4. Hemm hteġa urġenti għal kundizzjonijiet ekwi għan-negozjar offline u online. Konsegwentement, l-UE għandha tiffoka mhux biss fuq li ttejjem l-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat, iżda anke fuq l-indirizzar tal-ostakoli li jifdal fis-Suq Uniku li jiskoraġġixxu jew ifixklu lin-negozjanti milli jbigħu online u/jew offline b’mod transkonfinali.

1.5. Il-kunfidenza fost il-kumpaniji u l-konsumaturi għandha titrawwem permezz tal-adozzjoni parallela ta’ dispożizzjonijiet legali oħrajn. Fost il-proposti kritiċi l-aktar importanti hemm Regolament dwar il-konsenja tal-pakketti⁽¹⁾ – biex itaffi l-problemi tat-trasport u jnaqqas l-ispejjeż permezz ta’ kompetizzjoni ġusta li tinkludi wkoll dispożizzjonijiet soċjali – u li tirrispetta bis-sħiħ il-leġislazzjoni tal-UE f’dan il-qasam – u reviżjoni bilanċjata tar-regoli tad-drittijiet tal-awtur tal-UE.

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar il-proposta għal Regolament dwar is-servizzi transkonfinali tal-konsenja tal-pakketti li tikkumplementa l-proposti mressqin f’din l-opinjoni. (Ara l-paġna 106 ta’ dan il-Ġurnal Uffiċjali).

1.6. Il-KESE huwa kontra l-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat. Madankollu, il-KESE jirrikonoxxi numru ta' raġunijiet ġustifikati li jista' jkollhom kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs u l-mikrointrapriżi, biex jiġi evitat jew irrifjutat in-negozjar transkonfinali onlajn jew għall-aġġustament tal-prezzijiet u/jew kondizzjonijiet b'riżultat tad-differenzi differenzi bejn is-swieq. Dawn jikkonċernaw, fost affarijiet oħra, l-ambjenti legali differenti, aktar rekwiżiti nazzjonali, spejjeż addizzjonali tat-trasport, rekwiżiti lingwiċi dwar informazzjoni prekontrattwali u r-rekwiżiti tal-back office.

1.7. Il-KESE jenfasizza li l-imblukkar ġeografiku ġustifikat li jirriżulta mill-varjazzjonijiet wiesgħa bejn il-politiki industrijali u s-sistemi legali diverġenti tal-Istati Membri qiegħed ifixkel l-iżvilupp spontanju tal-SMEs u l-iscale-ups li joperaw madwar l-Ewropa kollha. Dawn id-diverġenzi, min-naħa tagħhom, jimminaw ukoll it-trasparenza u l-prevedibbiltà li huma ferm meħtieġa biex jiġi stimulat l-investiment u għar-riassigurazzjoni tas-swieq fl-era diġitali.

1.8. Ir-Regolament propost ma jimponix ġustament obbligu fuq in-negozjanti biex jikkonsenjaw oġġetti jew jipprovdu servizzi lill-pajjiż tal-klijent, jekk in-negozjant (ikun għadu) ma jikkonsenjax jew ma joperax fil-pajjiż ikkonċernat.

1.9. Kwalunkwe klijent fis-Suq Uniku jkollu ġustament aċċess għal kwalunkwe offerta u jista' jixtri l-oġġett jew is-servizz sakemm il-klijent jirraġna biex jiġbor l-oġġett jew jirċievi s-servizz f'territorju fejn in-negozjant diġà jopera, u dan jippermetti b'mod raġonevoli li n-negozjanti jużaw ir-regoli tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

1.10. Barra minn hekk, il-KESE jilqa' r-rekwiżiti tal-informazzjoni imposti fuq in-negozjanti biex jissaħħu t-trasparenza u l-għoti ta' informazzjoni lill-klijent, f'konformità mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur tal-2011. Sit web informattiv tal-UE jista' jkun ta' għajjnuna hawn. Fil-kuntest tad-Direttiva tad-Drittijiet tal-Konsumaturi tal-2011, il-kumpaniji huma obbligati li jiżguraw it-trasparenza fil-prezzijiet. Il-KESE jħeġġeġ lill-kumpaniji jmorru lil hinn mill-istandards minimi biex jiksbu l-fiducia tal-konsumatur.

1.11. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon is-sejbiet inizjali tal-inkjesta dwar is-settur tal-kummerċ elettroniku li ġiet ippubblikata reċentement mill-Kummissjoni Ewropea ⁽²⁾, li b'mod partikolari turi li l-kummerċ elettroniku huwa mutur importanti għat-trasparenza tal-prezzijiet u l-kompetizzjoni fil-prezzijiet. L-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat ixekkel dan l-iżvilupp naturali.

1.12. Madankollu, jeħtieġ li jkomplu jiġu ċċarati xi aspetti, b'mod partikolari:

1.12.1. Il-formulazzjoni tal-kliem dwar l-istabbiliment tal-liġi applikabbli – l-Artikolu 1(5) jiddikjara li n-negozjant jista' "jbigħ" bħalma jagħmel fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu, skont ir-regoli tal-pajjiż ta' oriġini tiegħu – teħtieġ li tiġi ċċarata b'mod urġenti.

1.12.2. Is-servizzi ta' wara l-bejgħ (f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità, spejjeż ta' ritorn, opzjonijiet għal kumpens, eċċ.) mhumiex koperti speċifikament mir-Regolament u b'hekk huma regolati mid-Direttiva tad-Drittijiet tal-konsumatur tal-2011. Għandha tiżdied referenza fir-regolament dwar l-imblukkar ġeografiku għal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE li tkun tapplika. Din teħtieġ aktar konsiderazzjoni.

1.12.3. Xi dispożizzjonijiet importanti, bħall-Artikolu 7 dwar penali għal ksur u l-Artikolu 8 dwar għajjnuna lill-konsumaturi, jagħtu r-responsabbiltà għall-infurzar tar-regolament lill-Istati Membri. Għandu jiġi żgurat li l-interpretazzjonijiet potenzjalment diverġenti ma jwasslux għal aktar frammentazzjoni u, konsegwentement, għad-dgħajfien tal-impatt tar-regolament. Il-KESE jappoġġja r-rieda tal-Kummissjoni biex timplimenta mudell ta' lmenti għall-konsumaturi madwar l-UE kollha ⁽³⁾.

1.13. Id-data, imsemmija fl-Artikolu 11 għall-applikazzjoni tal-punt (b) tal-Artikolu 4(1), jiġifieri tal-1 ta' Lulju 2018, għandha tibqa' miftuħa u tkun determinata biss fi stadju aktar tard, skont id-durata tal-proċess leġislattiv.

1.14. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni għal formola uniformi għall-ilmenti.

⁽²⁾ L-istharrġ kien ippubblikat f'Mejju 2015 u l-ewwel sejbiet saru pubbliċi fil-15 ta' Settembru 2016.

⁽³⁾ Minħabba d-differenzi fl-approċċ bejn il-pajjiżi, dan mhuwiex faċli li jsir. Bħalissa għaddejjja diskussjoni dwar dan bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill.

2. Introduzzjoni

2.1. It-trasformazzjoni diġitali fil-kumpaniji kif ukoll fil-postijiet tas-suq diġitali, qed tinfirex rapidament madwar id-dinja. Minħabba l-konsegwenzi kbar ta' dawn il-proċessi dinamiċi, il-Kummissjoni għustament iddikjarat li s-Suq Uniku Diġitali (DSM) huwa wieħed mill-prijoritajiet ewlenin tagħha.

2.2. Il-KESE huwa involut ħafna fid-diskussjonijiet dwar it-trasformazzjoni diġitali. F'serje ta' opinjonijiet, il-KESE diġà kkummenta dwar l-aspetti globali u orizzontali tad-diġitalizzazzjoni u dwar proposti li jirrigwardjaw kwistjonijiet speċifiċi kif ippreżentati mill-Kummissjoni ⁽⁴⁾.

2.3. Fl-opinjoni tal-KESE, ir-rivoluzzjoni diġitali tirrikjedi kundizzjonijiet robusti biex jippromovu s-Suq Uniku f'din l-era l-ġdida. Dawn il-kundizzjonijiet iridu jiġu definiti permezz ta' qafas leġislattiv xieraq – ġdid u/jew rieżaminat – li jggarantixxi d-drittijiet taċ-ċittadini u l-konsumaturi. Barra minn hekk, il-kumpaniji għandhom jiġu inkoraġġuti jużaw għodod diġitali u soluzzjonijiet innovattivi biex joperaw b'mod transkonfinali.

2.4. Kull waħda mis-16-il proposta leġislattiva u mhux leġislattiva li tinsab fil-pakkett tad-DSM trid titqies b'mod sħiħ minn dan il-punt tat-tluq u l-istess japplika għall-proposta dwar l-imblukkar ġeografiku.

2.5. Il-valutazzjoni ta' prattiki attwali tagħmilha ċara li għad hemm ħafna ostakoli għal tranżazzjonijiet transkonfinali online. L-iżvilupp transkonfinali limitat tas-suq mhuwiex ħafna drabi konsegwenza ta' segmentazzjoni inġusta tas-suq, iżda huwa r-riżultat tal-inċertezza tan-negozjanti f'dak li jirrigwarda l-attitudnijiet tal-konsumatur u l-ostakoli amministrattivi li jifdal, ambjenti regolatorji differenti u ostakoli tal-lingwa. Inċertezzi ta' dan it-tip huma ta' ħsara wkoll għall-fiducia tal-konsumaturi.

2.6. In-nuqqas ta' informazzjoni jikkontribwixxi wkoll għall-fatt li l-kummerċ elettroniku (il-bejgħ kif ukoll ix-xiri) qed jitnieda rapidament fuq livell nazzjonali, iżda jibqa' mhux żviluppat biżżejjed fil-kuntest transkonfinali.

2.7. Hemm differenzi sostanzjali anke fin-negozjar transnazzjonali bejn is-setturi, kumpaniji akbar u iżgħar, u tipi ta' operaturi bħal bejjiegħa bl-immut jew intermedjarji u siti web, filwaqt li l-volum tan-negozjar internazzjonali online ivarja konsiderevolment fost l-Istati Membri.

2.8. Is-sitwazzjoni hija komplikata. Sabiex jiġu promossi l-kundizzjonijiet ekwi meħteġa u soluzzjonijiet trasparenti għall-kumpaniji u l-konsumaturi, il-pakkett legali għad-DSM għandu jiġi introdott b'mod konsistenti filwaqt li, fl-istess ħin, dispożizzjonijiet leġislattivi oħrajn dwar kwistjonijiet relatati, pereżempju dwar ir-regolament tal-VAT, il-konsenja tal-pakketti, ir-rimi tal-iskart u l-liġi tal-konsumatur, għandhom ikunu kompatibbli b'mod sħiħ.

2.9. Ix-xejriet ekonomiċi u teknoloġiċi huma irriversibbli. Għaldaqstant, f'dinja fejn in-negozjar online se jiżdied xorta waħda, l-għan tal-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi Ewropej kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-kumpaniji jrid jinkiseb kemm jista' jkun malajr.

3. Ambitu wiesa'

3.1. F'dan iż-żmien ta' żviluppi ta' tfixkil, l-industriji – kemm tal-manifattura kif ukoll tas-servizzi – qed jinbidlu b'mod permanenti, qed joħorġu mudelli tan-negozju tal-ekonomija kondiviża ġodda, u l-metodi tan-negozjar qed jiġu adattati kif xieraq. Il-midja u s-servizzi soċjali qed jinfluwenzaw b'mod fundamentali l-iżvilupp ta' mudelli ġodda ta' negozjar u ta' xiri ta' oġġetti. Dawn għandhom implikazzjonijiet kbar għall-kumpaniji kif ukoll għall-konsumaturi. L-UE għandha ġġib il-leġislazzjoni eżistenti u ġdida f'konformità mar-realtajiet ġodda tas-suq, mingħajr ma tadotta approċċ iebes, sabiex ma tfixkilx l-iżvilupp ta' mudelli tan-negozju ġodda u approċċi innovattivi.

3.2. L-imblukkar ġeografiku joħloq kunflitt ma' prinċipju bażiku tas-Suq Uniku. Filwaqt li ħafna drabi jkun hemm raġunijiet ġustifikati għal trattament differenti f'termini tal-ipprezzar jew tal-kundizzjonijiet li jinħolqu, pereżempju, mill-frammentazzjoni tas-suq li jifdal jew minn differenzi bejn is-swieq nazzjonali, in-negozji, kif ukoll il-konsumaturi, jibbenefikaw minn suq miftuħ u kompetittiv li jwassal għal għażliet varjati u kwalità aħjar bi prezzijiet ġusti.

⁽⁴⁾ ĠU C 264, 20.7.2016, p. 86,
ĠU C 264, 20.7.2016, p. 57,
ĠU C 264, 20.7.2016, p. 51,
ĠU C 71, 24.2.2016, p. 65.

3.3. Is-sinifikat ta' kummerċ elettroniku B2C – il-konsumaturi u l-kumpaniji bħala utenti finali – irid jitqies f'kuntest usa'. Il-kumpaniji huma – issa aktar minn qatt qabel – obbligati li jiġġeddu u jaħdmu b'mod effiċjenti bi prezzijiet moderati. Skoperti ġodda jespandu l-opportunitajiet eżistenti u jgħinu lill-kumpaniji jsiru aktar robusti u reżiljenti. Għal din ir-raġuni, fost l-oħrajn, il-KESE japprova b'mod sħiħ l-għan tat-tneħħija ta' kwalunkwe diskriminazzjoni kontra l-klijent għal raġunijiet ta' nazzjonalità u/jew residenza.

3.4. Madankollu, id-deċiżjoni li topera fuq livell internazzjonali hija u tibqa' d-dritt esklussiv ta' kull kumpanija. Evidenza Prattika turi li l-maġġoranza (kbira) tal-kumpaniji tagħżel approċċ nazzjonali.

3.5. Meta mqabbla mal-Istati Uniti, l-Ewropa għadha qed tipprokrastina. Is-setturi diġitali Ċiniżi u Indjani qegħdin fit-triq biex jiksbu pożizzjonijiet b'saħħithom. L-ebda kumpanija Ewropea ma hija fost l-20 mexxej dinji ewlieni tal-Internet. Skont studji internazzjonali, l-Ewropa hija attur ewlieni fil-ftuħ tal-kumpaniji. Madankollu, il-frammentazzjoni tas-suq Ewropew tfixkel l-iżvilupp spontanju ta' negozji ġodda u scale-ups madwar l-Ewropa. Ħafna drabi, is-segmentazzjoni tas-suq tfixkel l-iżvilupp tas-suq.

3.6. Il-Kummissjoni tagħmel ġustament distinzjoni bejn l-imblukkar ġeografiku ġustifikat u mhux ġustifikat. L-imblukkar ġeografiku ġustifikat fil-kummerċ B2C iseħħ primarjament b'riżultat tal-frammentazzjoni tas-suq tal-UE u ta' sitwazzjonijiet fejn hemm nuqqas ta' trasparenza.

3.7. Effett sekondarju evidenti ħafna tal-ġlieda kontra l-imblukkar ġeografiku huwa li l-fallimenti (għodda) fis-suq intern qed jiġu żvelati b'mod ċar. Huwa essenzjali li jiġi analizzat b'attenzjoni fuq bażi ta' każ b'każ jekk hemmx raġunijiet għar-restrizzjoni tal-aċċess għal ċertu servizz jew trattament differenti f'termini tal-prezz u/jew il-kundizzjonijiet abbażi tan-nazzjonalità jew ir-residenza jew le.

3.8. Immaġni ta' imblukkar ġeografiku potenzjali u żvilupp tas-suq f'suq intern kbir bħall-Istati Uniti kienet tkun utli ħafna, minkejja l-fatt li analiżi bħal din tista' tkun diffiċli u għalja. Din setgħet tipprovi b'mod konċepibbli mudell li l-Ewropa tista' ssegwi. Bħal fil-każ tal-Ewropa, l-istati individwali tal-Istati Uniti jista' jkollhom ċerti setgħat legali li jfixklu l-operazzjonijiet nazzjonali, iżda dawn huma ċertament inqas estensivi milli fl-Ewropa. Il-libertà ekonomika u d-domanda tal-konsumatur probabbilment jiffavorixxu fil-parti l-kbira ta' għandhom il-kummerċ elettroniku B2C, u b'hekk joħlqu ambjent fertili għall-kompetizzjoni u anke għal negozji ġodda u scale-ups li qed jikbru b'mod mgħaġġel fis-suq domestiku tal-Istati Uniti.

3.9. Din l-istampa tista' tgħin biex jiġu evalwati l-iżviluppi prospettivi fl-Ewropa. L-analiżi tal-Kummissjoni, abbażi tal-inkjesti fin-negozju, tiddeskrivi l-prattiki attwali fis-swieq li huma ta' natura nazzjonali predominanti. L-eżempju tal-Istati Uniti jista' juri l-potenzjal reali tal-attività ekonomika li ssegwi l-kummerċ elettroniku B2C ladarba jitneħħew l-ostakoli maġġuri kollha.

3.10. Il-promozzjoni tal-bejgħ transkonfinali diġà ilha għal xi żmien fuq l-aġenda tal-UE. Ġew stabbiliti serje ta' Direttivi – bħad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-2006 u d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur tal-2011. Dawn id-Direttivi jenfasizzaw il-protezzjoni tal-konsumatur, filwaqt li għandhom l-għan li jiġieghlu lill-kumpaniji jiggarrantixxu biżżejjed trasparenza għall-konsumatur u jwaqqfu d-diskriminazzjoni transkonfinali mhux ġustifikata.

3.11. Il-KESE huwa diżappuntat li l-implimentazzjoni mhux adegwata u l-applikazzjoni mhux korretta, kif ukoll l-infurzar dgħajef ta' leġislazzjoni eżistenti tal-UE, ħafna drabi joħlqu ostakoli deġġima.

3.12. Sal-lum, madankollu, l-effett tad-dispożizzjonijiet legali biex jiġi inkoraġġit il-kummerċ elettroniku transkonfinali jibqa' limitat. Fuq il-bażi ta' studji tas-suq wesgħin u sħarriġ fost in-negozji u l-konsumaturi, il-Kummissjoni kkonkludiet li “fejn ix-xiri online sar normali għall-konsumaturi, ix-xiri online transkonfinali jibqa' l-eċċezzjoni. Huma biss nofs il-kumpaniji li jbigħu online li jagħmlu dan b'mod transkonfinali”⁽⁵⁾.

⁽⁵⁾ Ara l-valutazzjoni tal-Impatt dwar l-imblukkar ġeografiku u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni abbażi tal-post tar-residenza jew tal-istabbiltment jew tan-nazzjonalità fl-Ewropa (COM(2016) 289 final, p. 2). Madankollu, kif iddikjarat ġustament il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar is-servizzi tal-2012 li n-negozji huma liberi li jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku lejn fejn jimmiraw l-attivitàjiet tagħhom fl-UE, “anke meta jbigħu online”.

3.13. Il-KESE jaqbel li r-restrizzjonijiet transkonfinali marbuta man-nazzjonalità jew ir-residenza jimminaw il-fiduċja fis-Suq Uniku, u konsegwentement għandhom jiġu miġġielda. Abbażi ta' inkjesti estensivi, wieħed ikun ġustifikat b'mod sħiħ fil-konklużjoni li hemm appoġġ enormi fost kemm il-konsumaturi kif ukoll is-suq tan-negozju għall-ftuħ tas-suq Ewropew għall-kummerċ online B2C. Il-Parlament Ewropew huwa tal-istess fehma ⁽⁶⁾.

4. Sitwazzjoni attwali

4.1. Sabiex jittejjbu l-bejgħ u x-xiri transkonfinali, il-Kummissjoni fasslet pakkett ta' miżuri f'diversi oqsma, bħar-reġistrazzjoni tal-VAT u r-regoli dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku, il-konsenja tal-pakketti, ir-riforma tad-drittijiet tal-awtur, riforma tar-Regolament dwar il-Protezzjoni fil-Kooperazzjoni tal-Konsumatur. Huwa wkoll essenzjali li l-ftehim vertikali bejn il-fornituri u d-distributuri u l-miżuri unilaterali mill-kumpaniji individwali jkunu f'konformità sħiħa mal-politika ta' kompetizzjoni tal-UE.

4.2. Il-proposta għal Regolament dwar l-imblukkar ġeografiku tiffirma parti minn dan il-pakkett globali. Għandu jiġi nnotat li numru ta' setturi importanti mhumiex koperti mir-Regolament, pereżempju s-settur tal-pazjenti/tas-saħħa, it-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija, is-servizzi finanzjarji (fil-livell tal-konsumatur), il-mużika elettronika, is-servizzi awdjoviżivi u ċerti forom ta' loġhob tal-azzard. Ir-raġunament prinċipali huwa li dawn is-setturi jeħtieġu dispożizzjonijiet settorjali speċifiċi li, skont il-KESE, għandhom jiġu implimentati f'qasir żmien biex jimtlew il-lakuni fil-leġislazzjoni tad-DSM.

4.3. L-istess japplika wkoll għall-kwistjoni estremament importanti tad-drittijiet tal-awtur. Filwaqt li l-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-awtur huma esklużi għal kumpament mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta attwali, għalkemm ċertament li jirrelataw magħha, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu miżuri xierqa biex tiġġieled kontra l-frammentazzjoni f'dan il-qasam, biex ittaffi l-frustrazzjonijiet tal-konsumatur u biex tgħin biex jinbena Suq Uniku Diġitali ġenwin.

4.4. Is-sommarju tal-konsultazzjoni pubblika tal-2015 dwar l-imblukkar ġeografiku jikkonkludi li l-konsumaturi kif ukoll il-kumpaniji mhumiex ġeneralment kuntenti bil-frammentazzjoni attwali tas-Suq Uniku. Jidher li madankollu, il-kumpaniji u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju jaċċettaw is-sitwazzjoni attwali, u jattribuwha lil sistemi legali diverġenti fi ħdan Stati Membri differenti ⁽⁷⁾.

4.5. Il-KESE jinnota li huwa importanti għall-SMEs li l-proposta ma toħloqx obbligu ta' konsenja madwar l-Ewropa kollha. Madankollu, l-SMEs ċertament se jibbenefikaw mill-opportunitajiet ⁽⁸⁾ biex ikunu jistgħu jbigħu prodotti u servizzi madwar il-kontinent, speċjalment fir-reġjuni tal-fruntieri, filwaqt li, bħala utenti finali, igawdu mill-istess drittijiet bħall-konsumaturi, li huwa ta' għajjnuna fix-xiri tal-prodotti u s-servizzi minn Stati Membri oħra. Barra minn hekk, il-KESE jenfasizza li l-implimentazzjoni b'suċċess tar-Regolament dwar is-servizzi tal-konsenja tal-pakketti hija meħtieġa biex tappoġġja u tistimula n-negozju transkonfinali.

4.6. Id-diverġenzi bejn is-sistemi legali jgħinu biex jispjegaw id-distinzjoni bejn l-imblukkar ġeografiku ġustifikat u mhux ġustifikat. Minbarra l-kategorija ta' kumpaniji li sempliċement jiddeċiedu li ma jsirux internazzjonali, ir-riżervi tan-negozji dwar it-tneħħija tal-imblukkar ġeografiku hija attribwita, fil-parti l-kbira tagħha, għall-inċertezza eżistenti tagħhom dwar il-prattiki diverġenti madwar l-Ewropa li jfixklu n-negozjar internazzjonali.

4.7. Il-konsumaturi għandhom ħafna lmenti dwar in-negozjar transkonfinali, għalkemm il-kampjuni disponibbli huma xi ftit limitati fid-daqs u aktar valutazzjoni hija mixtieqa. L-ilmenti jkopru firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, bħal nuqqas ta' informazzjoni, restrizzjonijiet fuq il-konsenja jew rifjut ta' konsenja, in-nuqqas ta' għoti ta' ġustifikazzjonijiet jew spjegazzjonijiet meta s-servizzi jew l-oġġetti jkunu rifjutati, rotot alternattivi, differenzi fil-prezzijiet, ir-rifjut ta' ċerti karti ta' kreditu, differenzazzjoni bbażata fuq kontijiet u indirizzi ta' konsenja u lingwi. Xi wħud minn dawn jirriżultaw minn differenzi bejn is-sistemi legali. Oħrajn, madankollu, li jirriżultaw minn dispożizzjonijiet kuntrattwali jew Prattiki miftiehma, li jwasslu għal segmentazzjoni tas-suq vertikali u pjuttost mifruxa, jiġifieri abbażi ta' karatteristiċi personali, għandhom jiġu pprojbti ⁽⁹⁾. It-tisħiħ tal-fiduċja tal-konsumatur u tan-negozju fis-swieq online huwa essenzjali biex tingħata spinta lill-kummerċ elettroniku transkonfinali għall-benefiċċju tal-konsumaturi, il-kumpaniji kif ukoll iċ-ċittadini.

⁽⁶⁾ Ara r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2016 dwar Lejn Att dwar is-Suq Uniku Diġitali (2015/2147(INI)), kapitolu 2.

⁽⁷⁾ Sommarju tat-Tweġibiet għall-Konsultazzjoni Pubblika tal-KE tal-2015 dwar l-Imblukkar Ġeografiku, p. 15.

⁽⁸⁾ Ara l-Alleanza Ewropea tan-Negozji ż-Żgħar (ESBA).

⁽⁹⁾ Ara wkoll id-Dokument ta' analiżi li jippreżenta s-sejbiet finali tal-inkjesta tas-settur tal-kummerċ elettroniku mwettqa mid-DĠ Kompetizzjoni SWD(2016) 70 final, ara l-punt (7).

4.8. Minbarra l-applikazzjoni ta' trattamenti differenti f'termini ta' prezz, kundizzjonijiet jew aspetti oħra għal servizzi pprovduti fl-istess ħin u fl-istess post (pereżempju permezz tal-intraċċar ta' indirizzi tal-IP jew it-fassil ta' profili), l-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat għandu jiġi projbit. Ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni għal trattamenti differenti fuq bażi sistematika fir-rigward ta' servizzi bħall-kiri ta' karozzi, parks ta' divertiment jew lukandi. Madankollu, promozzjonijiet temporanji jew differenzi fil-prezz, pereżempju matul il-vaganzi tal-iskola, – għaldaqstant fuq bażi temporanja u orizzontali – għandhom ikunu permessi.

4.9. Restrizzjonijiet fuq il-bejgħ transkonfinali kuntrattwali jidhru f'forom multipli u restrizzjonijiet territorjali kuntrattwali jistgħu jinsabu fil-kategoriji tal-prodotti kollha⁽¹⁰⁾. Madankollu, xi restrizzjonijiet apparentement mhux ġustifikati huma fil-fatt aċċettabbli, bħall-eżempju komuni tal-ipprezzar differenti. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni titkellem għustament dwar żona griża⁽¹¹⁾. Pereżempju, id-differenzi bejn il-prezzijiet jistgħu jkunu (għall-inqas parzjalment) spjegati minħabba swieq differenti, il-kategoriji differenti ta' konsumaturi mmirati u l-ispejjeż ogħla li jirriżultaw minn regolamenti nazzjonali addizzjonali jew differenti u parir legali, servizzi ta' ħlas, it-twassil u l-immaniġġjar⁽¹²⁾.

4.10. Perċezzjonijiet negattivi u lmenti korrispondenti dwar il-wegħdiet foloz tas-Suq Uniku huma mifruxa fost il-konsumaturi u, ugwalment, fin-negozju. Bażikament, dawn l-ilmenti jirriżultaw minn żewġ fenomeni li jirkbu fuq xulxin: il-politiki industrijali nazzjonali u l-leġislazzjoni diverġenti.

4.11. Il-KESE kkritika ħafna drabi l-eżistenza ta' 28 politika industrijali, billi fokus nazzjonali fuq il-politika industrijali jfixkel l-operazzjonijiet fin-negozju madwar l-UE u jimmina b'mod partikolari l-kamp ta' applikazzjoni tal-SMEs għal operazzjonijiet transkonfinali. Il-politiki nazzjonali mhux koordinati b'nuqqas ċar ta' uniformità, fejn xieraq, ifixklu l-ippjanar transkonfinali. Il-miżuri governattivi mhux prevedibbli jew arbitrari jżidu ma' aktar inċertezza.

4.12. Ix-xenarju attwali huwa ċertament attraenti ħafna: hemm standards nazzjonali differenti u skemi ta' ċertifikazzjoni differenti; xi siti web huma imblukkati biex ma jkunux jistgħu jbigħu minn pajjiż ieħor; ir-reġimi ta' pagament is-soltu jkunu differenti; ir-rekwiżiti tal-lingwa jistgħu jkunu projbittivi; l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq xi kultant jimponu rekwiżiti addizzjonali⁽¹³⁾ u d-Direttivi tal-UE eżistenti huma implimentati b'mod ħażin jew ma jkunux ġew implimentati. Eżempju magħruf sew huwa l-Artikolu 20 tad-Direttiva dwar is-Servizzi, li l-Istati Membri jinjoraw b'mod sistematiku, għalkemm f'dan il-każ partikolari hemm nuqqas ta' ċarezza fir-rigward ta' kif l-Artikolu jiġi infurzat kif xieraq. Dawn il-fatturi kollha jimminaw kemm it-trasparenza tas-suq kif ukoll il-kundizzjonijiet ekwi.

4.13. Is-suq intern huwa kwistjoni ewlenija. Is-soċjetà online tirrivala b'mod ċar lis-Suq Uniku. Il-kumpaniji u l-konsumaturi minn madwar il-kontinent jinġiebu aktar qrib xulxin. Billi sempliċment tagħfas il-maws tiftaħ mill-ewwel varjetà kbira ħafna ta' opzjonijiet u għażliet. L-opportunitajiet għal speċjalitajiet u soluzzjonijiet ta' rfinar jistgħu jiżiedu b'mod esponenzjali. Wieħed għandu jżomm f'moħħu madankollu li anke jekk is-Suq Uniku jaħdem b'mod perfett, xorta waħda jkun hemm differenzi bejn ir-reġuni.

4.14. L-ostakoli artifiċjali qed ifixklu lill-kumpaniji, b'mod speċjali lill-SMEs, milli jiżviluppaw b'mod spontanju. Il-kumpaniji jfittxu azzjonijiet miftiehma biex jiskansaw il-problemi jew jegħlbu l-ostakoli sabiex jiżguraw pożizzjonijiet fis-suq. Il-ftehimiet vertikali u orizzontali bejn in-negozjanti u d-distributuri, kif ukoll diversi forum ta' segmentazzjoni tas-suq li huma ġeneralment ikkunsidrati li jiffurmaw imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat, ħafna drabi jridu jidhru wkoll bħala miżuri difensivi kontra dak li l-kumpaniji jikkunsidraw li huma ostakoli nazzjonali arbitrari. Pereżempju, jista' jirriżulta li l-ispejjeż tat-trasport u l-ispiża tas-servizzi ta' wara l-bejgħ minħabba politiki nazzjonali jkunu ogħla milli mistenni. Kumpanija obbligata li tikkonsenja taħt iċ-ċirkostanzi kollha tista' ssibha diffiċli li tissodisfa l-obbligi tagħha fid-dawl ta' kundizzjonijiet mhux magħrufa.

4.15. Fxi każijiet, jintużaw intermedjarji transkonfinali biex jitnaqqsu l-kumplikazzjonijiet nazzjonali bejn il-kumpanija fil-pajjiż ta' oriġini u l-klijenti f'pajjiż ieħor. Madankollu, utli kemm hu utli, dan ġeneralment ma jiffaċilitax ir-relazzjonijiet diretti bejn il-kumpaniji fornituri u l-klijenti.

⁽¹⁰⁾ Ibid, punti (98) u (99).

⁽¹¹⁾ Ibid punt (102). Din iż-żona griża għandha tiġi definita b'mod aktar ċar.

⁽¹²⁾ Ibid punt (114).

⁽¹³⁾ Ara l-Ġermanja bħala eżempju.

4.16. M'hemm l-ebda dubju li l-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat irid jiġi identifikat u miġġieled iżda l-KESE jinsisti li, meta jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet korretti, iridu jitfasslu wkoll il-konklużjonijiet it-tajba mill-frammentazzjoni kontinwa tas-suq intern bħala konsegwenza ta' approċċi nazzjonali differenti.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi”

[COM(2016) 283 final — 2016/0148 (COD)]

(2017/C 034/15)

Relatur: **is-Sur Bernardo HERNÁNDEZ BATALLER**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 09/06/2016 Kunsill, 30/06/2016
Bażi legali	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. [COM(2016) 283 final — 2016/0148 (COD)]
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	04/10/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	219/4/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-proposta tal-Kummissjoni, iqisha bħala opportunità u japprezza l-kapaċità li biha ġie analizzat u żviluppat il-kontenut tagħha. F'dan ir-rigward għandha tiġi enfasizzata l-estensjoni tal-benefiċċji mistennija mill-implimentazzjoni tal-proposta fuq il-partijiet interessati kollha, il-konsumaturi, l-intrapriżi u l-awtoritajiet nazzjonali, kif rifless fil-proposta nnifisha.

1.2. Barra minn hekk, il-KESE jesprimi t-tħassib u l-biżżeġġ tiegħu dwar il-fatt li r-regolamentazzjoni ta' dak kollu li jinsab fil-proposta tikkonċerna l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri.

1.3. Barra minn hekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li r-regoli proċedurali komuni previsti fl-Artikolu 8 tal-proposta jiġu applikati b'mod effettiv, skont il-prinċipji li jirregolaw prattika amministrattiva tajba.

1.4. Fl-aħħar nett, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni twettaq il-koordinazzjoni meħtieġa mal-Istati Membri sabiex jiġu implimentati l-miżuri previsti f'din il-proposta u żżid l-ambitu tal-azzjonijiet ikkoordinati.

2. Sfond

2.1. Ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tas-27 ta' Ottubru 2004 ⁽¹⁾ dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament KPK) ġie adottat wara opinjoni favorevoli tal-KESE ⁽²⁾.

2.2. Ir-Regolament KPK jarmonizza l-qafas għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali taż-Żona Ekonomika Ewropea, bir-riżultat li l-passi meħuda mill-awtoritajiet għall-ħarsien tal-konsumatur ikopru t-territorju kollu tas-suq uniku.

⁽¹⁾ ĠU L 364, 9.12.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 108, 30.4.2004, p. 86 (mhux disponibbli bil-Malti).

2.3. Il-leġislazzjoni koperta mir-Regolament KPK hija stipulata fl-Anness u li tiġi aġġornata meta l-leġislazzjoni l-ġdida tidħol fis-seħħ. Bħalissa tkopri għoxrin Direttiva u Regolament li jiffurmaw parti mill-acquis tal-Unjoni fil-qasam tal-liġi tal-konsumatur u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u servizzi.

2.4. Ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura l-funzjonament bla xkiel tas-swieq bl-imnut madwar l-UE.

2.4.1. Ir-Regolament KPK jistabbilixxi setgħat minimi għall-awtoritajiet nazzjonali u jippermettilhom itemmu l-ksur transkonfinali.

3. Evalwazzjoni tar-Regolament KPK

3.1. L-Artikolu 21a tar-Regolament jistipula li l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-effikaċja u l-mekkaniżmi operattivi previsti, waqt li teżamina l-possibbiltà li tiġi inkluża leġislazzjoni addizzjonali u, jekk xieraq, tippreżenta proposta leġislattiva biex jiġi emendat dan ir-Regolament.

3.2. Wara evalwazzjoni esterna⁽³⁾ u konsultazzjoni pubblika, il-Kummissjoni ppubblikat Rapport⁽⁴⁾ li fih elenkat il-fatturi li jistgħu jdgħajfu l-effettività tar-Regolament:

- (a) is-setgħat minimi insuffiċjenti tal-awtoritajiet biex jikkooperaw b'mod effettiv u rapidu, b'mod partikolari fl-ambjent diġitali;
- (b) l-iskambju insuffiċjenti ta' informazzjoni kummerċjali;
- (c) il-limitazzjoni tal-mekkaniżmu sabiex jiġi indirizzat il-ksur li jikkonċerna bosta pajjiżi. L-awtoritajiet nazzjonali spiss jiffaċċjaw ksur li jseħħu fis-swieq tagħhom fl-istess ħin. Għandhom jiġu koperti "il-ksur mifruq" u l-ksur "relattivament qasir", iżda li jista' jkollu effetti ta' ħsara;
- (d) il-ħtieġa li jiġi emendat l-Anness għar-Regolament sabiex jiġi estż il-kamp ta' applikazzjoni abbażi tal-kriterji li ġejjin:
 - i. interessi kollettivi tal-konsumaturi;
 - ii. rilevanza transkonfinali;
 - iii. id-dimensjoni tal-infurzar mill-pulizija u l-konsistenza mal-leġislazzjoni settorjali u orizzontali kif stabbilita fl-Anness.
- (e) mingħajr ma jiġu imposti obbligi legali addizzjonali fuq l-intrapriżi.

3.3. Eventwalment ġie propost li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni għall-infurzar tar-Regolament KPK, u tkun tista' tiġi implimentata b'mod effiċjenti l-liġi tal-konsumaturi sabiex jinkiseb suq uniku b'saħħtu u dinamiku.

4. Il-proposta tal-Kummissjoni

4.1. L-għan ġenerali tal-proposta huwa li jiġu eliminati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-ostakoli għas-suq intern. Għandha l-għan li żżomm u żżid l-effiċjenza u l-effettività tas-sistema ta' infurzar transkonfinali tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi fl-Unjoni.

4.2. Ir-Regolament attwali jiġi mmodernizzat, billi jiġi approfondit il-livell ta' armonizzazzjoni, sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet indikati fl-evalwazzjoni u tingħata spinta lill-infurzar transkonfinali tal-liġijiet tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fis-suq uniku.

⁽³⁾ Rapport finali mill-Consumer Policy Evaluation Consortium, 17.12.2012.

⁽⁴⁾ COM(2016) 284 final, 25.5.2016.

4.3. Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, peress li l-protezzjoni tal-konsumatur tappartjeni għall-kompetenzi kondiviżi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. Min-naħa l-oħra, hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità, peress li tistabbilixxi sett ta' setgħat minimi komuni għall-awtoritajiet kompetenti kollha fl-Istati Membri, fil-kuntest tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

4.4. Fir-rigward tal-kooperazzjoni sabiex jiġi indirizzat il-“ksur mifruż”, fost strumenti oħra, qed tiġi proposta proċedura komuni fil-livell tal-Unjoni biex jiġu indirizzati każijiet ta' ksur importanti li huma ta' ħsara u li jikkonċernaw mill-inqas 3/4 tal-Istati Membri, li flimkien jammontaw għal mill-inqas 3/4 tal-popolazzjoni tal-UE.

4.4.1. Qed jiġi propost li l-Kummissjoni, f'każijiet ta' “ksur mifruż” għandha tiddeċiedi li tnedi l-proċedura komuni u li jkollha rwol ta' koordinazzjoni obbligatorju f'din il-proċedura. Ikun ukoll obbligatorju li l-Istati Membri kkonċernati jipparteċipaw f'din l-azzjoni komuni.

4.5. Id-dispożizzjonijiet preliminari tal-proposta taġġorna d-definizzjonijiet sabiex jitqiesu l-estensjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għall-“ksur mifruż” u l-“ksur li jkun waqaf”.

4.6. Tiddefinixxi kif għandhom jiġu nnominati l-awtoritajiet kompetenti u l-uffiċċji uniċi ta' kooperazzjoni, waqt li jiġu ċċarati r-rwoli tagħhom. Hija tistabbilixxi wkoll is-setgħat minimi ta' investigazzjoni u infurzar, tiċċara dawk attwali u żżid xi wħud ġodda li l-awtoritajiet kompetenti jqisu li hemm bżonn sabiex jaħdmu f'ambjent transkonfinali.

4.7. Huwa previst mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka li, min-naħa tiegħu, huwa magħmul minn żewġ strumenti:

— talbiet għall-informazzjoni li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti li jiksbu informazzjoni u evidenza bejn il-fruntieri; u

— talbiet għal miżuri ta' infurzar, li jippermettu lil awtorità kompetenti waħda titlob lil awtorità kompetenti oħra fi Stat Membru differenti biex tieħu miżuri ta' infurzar.

4.8. Fir-rigward tas-sorveljanza kkoordinata, l-investigazzjoni u l-mekkaniżmu ta' infurzar għall-każijiet ta' “ksur mifruż”, huma stabbiliti strumenti bħall-azzjonijiet ikkoordinati, l-azzjonijiet komuni kontra l-każijiet ta' ksur mifruż b'dimensjoni tal-Unjoni u l-investigazzjonijiet ikkoordinati tas-swieq tal-konsumatur.

4.8.1. Huwa stabbilit strument ġdid biex jiġu indirizzati każijiet ta' ksur mifruża b'dimensjoni tal-Unjoni li aktarx li jaġhmlu ħsara lill-konsumaturi f'parti kbira tal-Unjoni. Din tistabbilixxi l-limiti minimi li jiddeterminaw liema każijiet suspetti ta' ksur għandhom dimensjoni tal-Unjoni.

4.8.2. Il-limitu minimu huwa bbażat fuq żewġ kriterji li għandhom jiġu sodisfatti: in-numru ta' pajjiżi u l-popolazzjoni kkonċernata. Jekk ikun hemm bżonn, l-azzjoni komuni tiġi adottata permezz ta' deċiżjoni. L-għan għandu jkun li jintemm il-ksur u li tiżgura, fejn meħtieġ, il-kumpens għall-konsumatur permezz ta' impenji tal-kummerċjant.

4.8.3. Il-proposta tinkludi dispożizzjonijiet komuni għal proċeduri għal azzjonijiet ikkoordinati u komuni, bħad-dritt tal-kummerċjanti li jinstemgħu, ir-rwol tal-koordinatur, it-teħid ta' deċiżjonijiet u r-reġim tal-lingwa. Barra minn hekk, tistabbilixxi l-bażi ġuridika għall-investigazzjonijiet miftiehma tas-swieq tal-konsumaturi (sweeps).

4.9. Fl-aħħar nett, huma inklużi attivitajiet oħra fil-livell tal-Unjoni, bħall-koordinazzjoni ta' attivitajiet oħra li jikkontribwixxu għas-sorveljanza u l-infurzar, l-iskambju ta' uffiċċjali bejn l-awtoritajiet kompetenti, l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-politika tal-konsumatur u l-kooperazzjoni internazzjonali.

4.9.1. Jinkludi anness b'lista tal-liġijiet li jipproteġu l-interessi tal-konsumaturi u li jiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni *rationae materiae* tar-Regolament.

5. Kummenti ġenerali

5.1. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni, li ser twassal għal kooperazzjoni msaħħa u titjib fiċ-ċertezza legali, waqt li jiġu żviluppatti mekkaniżmi moderni, effiċċjenti u effikaċji li ser inaqqsu l-ħsara li ssir lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi u lis-suq uniku ta' ksur transkonfinali.

5.2. Il-proposta ser tgħin lin-negozjanti kollha li jbatu minn kompetizzjoni żleali minn kummerċjanti mhux konformi, li żviluppaw mudelli ta' negozju li jippermettulhom jevadu l-liġijiet u jagħmlu ħsara lill-konsumaturi minn Stat Membru ieħor.

5.2.1. Dan ser iżid il-protezzjoni tal-konsumaturi, iċ-ċertezza legali tal-intrapriżi, infurzar transkonfinali aktar konsistenti u kundizzjonijiet indaqs fis-suq uniku, mingħajr ma dan ikun jeħtieġ li jiġu imposti piżijiet sproporzjonati fuq l-intrapriżi.

5.2.2. Il-KESE jindika li konsegwentement, meta jiġu eżerċitati s-setgħat attribwiti lill-awtoritajiet, f'kull każ għandu jinstab bilanċ adegwat bejn id-drittijiet fundamentali kkonċernati, bħal livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, il-libertà li jsir kummerċ u l-libertà għall-informazzjoni. Il-KESE jinsisti fuq l-importanza li matul il-proċedimenti jiġu rispettati d-dritt għad-difiża, id-dritt għas-smiġh u d-dritt li tintgħażel lingwa li għandha tintuża.

5.3. Il-proposta mhux biss tressaq soluzzjonijiet li fil-prinċipju huma effettivi u allinjati mal-importanza u s-skala tal-ksur mifruż, iżda tintroduċi wkoll miżuri sabiex tiżied il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-konsumaturi u tal-utenti, li jistgħu potenzjalment jiġu applikati b'mod utli għal każijiet li ma humiex koperti minn din il-proposta.

5.4. Sabiex jinkisbu l-għan u l-iskop tal-proposta, l-awtoritajiet pubbliċi għandu jkollhom il-poteri u l-mezzi biex jikkooperaw b'mod effettiv u jkunu f'pożizzjoni li jadottaw miżuri sabiex jimplimentaw ir-Regolament. Il-KESE jappoġġja li jiżiedu s-setgħat minimi ta' investigazzjoni u infurzar, u l-mezzi previsti fil-proposta għall-awtoritajiet pubbliċi kompetenti, waqt li jitqiesu t-tradizzjonijiet legali eżistenti differenti fl-Istati Membri.

5.4.1. Il-possibbiltà li tiġi ordnata r-restituzzjoni tal-profitti illegali miksuba permezz ta' ksur, li l-KESE diġà appoġġja qabel ⁽⁵⁾, hija importanti għall-implimentazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni. Ġustament, il-proposta tiddistingwixxi fost is-setgħat minimi tal-awtoritajiet kompetenti, u tipprevedi għall-kumpens lill-konsumaturi u għar-restituzzjoni tal-profitti miksuba bħala riżultat tal-ksur.

5.4.2. Huwa importanti li l-proposta tinkludi l-possibbiltà li jiġu ppubblikati s-sanzjonijiet, bħala mezz sabiex jerġa' jiġi organizzat is-suq, bil-għan li tinkiseb trasparenza akbar fil-funzjonament tiegħu u d-dritt għal-libertà tal-informazzjoni jsir realtà ⁽⁶⁾.

5.5. Min-naħa l-oħra, il-proposta ma tesplorax miżuri proattivi li jistgħu jikkontribwixxu għall-għan mixtieq, iżda żżomm ma' approċċ reattiv, li l-effett kontradittorju tiegħu jista', xi kultant, ifalli milli jiġġielel l-impatt tal-ksur bil-mod mixtieq, speċjalment jekk il-proċeduri komuni jew l-effetti tagħhom jieħdu l-ħin.

5.6. Barra minn hekk, għandha tiġi riveduta l-applikazzjoni futura tar-Regolament sabiex jiġi evalwat l-effett korrettiv tagħha fuq is-suq, peress li l-miżuri sanzjonarji imposti mhux dejjem iwasslu għall-korrezzjoni suffiċjenti tal-prattiki irregolari u lanqas ma jreġġgħu lura l-konsegwenzi, b'mod partikolari fir-rigward ta' ksur ripetut.

5.7. Forsi approċċ aktar komprensiv fil-proposta sabiex jinqered il-ksur mifruż jista' jżid iċ-ċans ta' suċċess, peress li l-perċezzjonijiet u l-istennijiet tal-konsumaturi u tal-utenti wkoll għandhom rwol importanti.

5.7.1. Għalhekk, għarfien u applikazzjoni simultanja ta' miżuri proattivi u reattivi, b'enfasi partikolari fuq il-valur tal-awtoregolazzjoni u l-koregolazzjoni kif ukoll l-azzjoni responsabbli b'mod konġunt tal-konsumatur, jistgħu jgħolqu sinerġiji li jagħmlu l-proposta aktar effiċjenti u effettiva.

5.8. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-proposta tippermetti li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu involuti, peress li dan huwa mod kif jitħeġġu l-governanza tajba, it-trasparenza u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ftuħ fil-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-UE ⁽⁷⁾.

⁽⁵⁾ ĠU C 175, 28.7.2009, p. 20 u ĠU C 162, 25.6.2008, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU C 248, 25.8.2011, p. 87 u ĠU C 218, 23.7.2011, p. 69.

⁽⁷⁾ ĠU C 11, 15.1.2013, p. 3.

5.8.1. Huwa jqis kruċjali li l-mekkaniżmu ta' allert jiġi estiż għall-parteċipazzjoni minn korpi oħra, sabiex jinkiseb l-għan ta' responsabbiltà kondiviża mill-atturi kollha.

6. Kummenti speċifiċi

6.1. Il-proposta setgħet qieset li tinkludi miżuri addizzjonali jew alternattivi għas-sanzjonijiet purament monetarji.

6.2. Fir-rigward tal-kooperazzjoni ma' awtoritajiet pubbliċi oħrajn u korpi maħtura, għandhom jiġu stabbiliti kriterji ta' koordinazzjoni sabiex jiġi żgurat li jittieħed l-istess approċċ kullimkien, bil-għan li l-Artikolu 6 jiġi implimentat b'mod ottimu, u b'hekk jiġu pprevenuti diverġenzi u dgħufijiet meta jiġu applikati.

6.3. Huwa jqis li l-kontenut tal-Artikolu 8 huwa rilevanti ħafna, peress li d-dispożizzjonijiet tiegħu jindikaw b'mod ċar il-miżuri minimi li l-awtoritajiet pubbliċi jrid ikollhom sabiex jaġixxu: sakemm dawn jidħlu fis-seħħ, dan ser jipprovdi, f'ħafna każijiet, firxa wiesgħa ta' azzjoni milli hemm bħalissa.

6.4. Fi kwalunkwe każ, huwa importanti ħafna li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti u l-uffiċċji uniċi ta' kooperazzjoni jkollhom riżorsi baġitarji sabiex jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod effettiv.

6.5. Il-KESE jqis li hemm bżonn li jiġu żviluppatti u implimentati l-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka u l-proċeduri amministrattivi li jinsabu fil-proposta f'konformità stretta mal-prinċipji bħal dawk dwar it-trasparenza u s-semplifikazzjoni amministrattiva.

6.6. Il-kapitolu dwar is-sorveljanza kkoordinata, l-investigazzjoni u l-mekkaniżmu ta' infurzar għall-ksur mifrux jeħtieġ aktar ċarezza sabiex it-test jinfiehem aħjar u jiġi assimilati b'mod komdu u immedjat, minħabba l-abbundanza ta' ċirkwiti u proċessi proċedurali u l-każijiet li joħorġu minnhom. L-istess jgħodd għall-istadji ta' kull proċedura.

6.7. Fir-rigward tal-Artikolu 24, mhuwiex ċar jekk ladarba l-konsumaturi jaċċettaw l-impenji tal-kummerċjant, dan ifisser it-tmiem ta' kwalunkwe azzjoni korrettiva oħra mibdiya jew li tista' tinbeda aktar 'il quddiem oħra, anke jekk jista' jinftehem mill-kontenut tal-Artikolu 25 li l-impenji u l-azzjoni punittiva huma reċiprokament esklużivi, u dan jista' jkun f'kunflitt mal-leġislazzjoni attwali tal-Istati Membri fit-territorju tagħhom.

6.7.1. Barra minn hekk mhuwiex ċar li l-użu ta' formuli inkompatibbli jista' jkun applikat għall-każijiet kollha li jistgħu jinqalgħu, peress li l-analiżi taċ-ċirkostanzi speċifiċi tista' tagħti parir li jintużaw iż-żewġ riżorsi b'limiti differenti. L-ambigwiżità tista' tagħti lok għal applikazzjoni iktar individwali tal-proposta, iżda dejjem soġġetta għall-premessa li jiġi evitat trattament mhux uniformi.

6.7.2. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-investigazzjonijiet miftiehma tas-swieq tal-konsumaturi, ikun xieraq li tiġi estiża l-ħidma investigattiva sabiex issir Prattika amministrattiva preventiva, f'konformità ma' dak li ġie indikat iktar 'il fuq. Dan mhux biss inaqqas ir-riskju li jkun hemm ksur mifrux, iżda għandu jippreveni milli jkun hemm preġudizzju temporanju mill-azzjoni li tittieħed sa dak il-ħin, u għandu jwassal għal reazzjoni bikrija.

6.8. Għall-finijiet tal-effiċjenza u l-effettività, għandha tingħbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' interoperabbiltà bejn il-mekkaniżmi ta' sorveljanza u twissija u s-sistemi li diġà ġew implimentati, inkluż li jiġu interkonnessi direttament bil-għan li l-funzjonament integrat tagħhom jiġi standardizzat.

6.9. Il-Kapitolu VI jista' jinkludi artikolu li jstabbilixxi proċedura għal komunikazzjoni effettiva lill-pubbliku fejn meħtieġ, waqt li jiġu stabbiliti l-kriterji għal meta u kif għandha ssir.

6.10. L-istess kummenti għall-mekkaniżmu ta' sorveljanza japplikaw għall-bażi tad-data u s-sistema għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-ksur fir-rigward tal-ħtieġa għall-interoperabbiltà tal-mekkaniżmi ta' sorveljanza u twissija.

6.11. Il-Kumitat jikkunsidra li d-data sa meta għandu jitressaq ir-rapport dwar l-applikazzjoni tal-proposta hija ġeneruża wisq. Minħabba l-importanza tal-ġhanijiet li għandhom jinkisbu, id-data għandha titnaqqas jew tiġi stabbilita sistema ta' valutazzjoni parzjali kontinwa, sabiex kwalunkwe devjazzjoni fil-funzjonament tagħha tkun tista' tiġi identifikata malajr u, fejn xieraq, tittieħed azzjoni adegwata sabiex il-proposta terġa' titfassal mill-ġdid u kif din għandha tiġi applikata.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta’ konsenja tal-pakketti transfruntiera”

[COM(2016) 285 final — 2016/0149 (COD)]

(2017/C 034/16)

Relatur: **is-Sur HENCKS**

Konsultazzjoni	il-Parlament Ewropew, 09/06/2016 il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 21/06/2016
Bażi legali	L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [COM(2016) 285 final — 2016/0149 (COD)]
Sezzjoni kompetenti	Is-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	04/10/2016
Opinjoni adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	212/0/8

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Studji differenti kkummissjonati mill-Kummissjoni wrew li t-tariffi tal-konsenja transfruntiera tal-pakketti, speċjalment għall-individwi u l-SMEs, xi kultant huma sa ħames darbiet ogħla mill-ekwivalenti domestiċi u li dawn id-differenzi ma jistgħux jiġu spjegati bi spejjeż tax-xogħol jew spejjeż oħra fil-pajjiż tad-destinazzjoni. Għaldaqstant, il-konsumaturi u l-bejjiegħa online ma jistgħux japprofittaw b’mod sħiħ mill-possibbiltajiet li joffri s-suq uniku.

1.2. Il-KESE jirrikonoxxi li azzjoni ġdida min-naħa tal-Kummissjoni saret indispensabbli sabiex il-bejjiegħa online u l-konsumaturi kollha, speċjalment l-individwi privati u l-SMEs f’żoni mbiegħda, jkunu jistgħu finalment jibbenefikaw mill-konsenja transfruntiera tal-pakketti li tkun, fl-istess ħin aċċessibbli, ta’ kwalità għolja u bi prezzijiet raġonevoli.

1.3. Il-Kummissjoni bi ħsiebha tindirizza t-tariffi ta’ konsenja eċċessivi permezz ta’ dan ir-Regolament li madankollu japplika biss għall-fornituri tas-servizz universali li jipprovdu servizzi ta’ konsenja tal-pakketti.

1.4. Il-KESE jibża’ li l-miżuri preskritti f’dan ir-Regolament, partikolarment l-introduzzjoni tat-trasparenza fuq it-tariffi u r-rati terminali, il-pubblikazzjoni ta’ offerta ta’ referenza kif ukoll l-evalwazzjoni ta’ affordabbiltà, miżuri li bla dubju huma meħtieġa, jistgħu jkunu insuffiċjenti mingħajr miżuri addizzjonali u ma tantx iħeġġu s-servizzi tal-konsenja transfruntiera tal-pakketti kkonċernati joffru rati raġonevoli.

1.5. Il-KESE jinnota b’dispaċir li l-Kummissjoni tipposponi kwalunkwe miżura aktar vinkolanti sa tmiem l-2018, fl-istennija li tara jekk is-sitwazzjoni titjibx sa dak iż-żmien. Il-Kummissjoni madankollu ma tipprovdi l-ebda indikazzjoni dwar l-intenzjonijiet futuri jekk it-titjib mistenni ma jseħħx.

1.6. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tiegħu l-istess approċċ li ħadet dwar il-prezzijiet tar-roaming b’telefonija mobbli u għal tal-inqas tagħmel l-aħħar sejħa urġenti lis-servizzi tal-konsenja transfruntiera tal-pakketti kollha biex ibaxxu t-tariffi tagħhom, u tħabbar minn issa li, jekk dan ma jkunx il-każ, tittieħed azzjoni permezz ta’ regolamentazzjoni u limiti fuq it-tariffi.

1.7. Fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-affordabbiltà, il-KESE ilu snin jappella għall-kjarifika tal-kunċett ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali affordabbli u għall-introduzzjoni ta' miżuri legiſlattivi li jobbligaw lill-Istati Membri li jiddefinixxu indikaturi biex jiddeterminaw l-affordabbiltà ta' dawn is-servizzi. Għalhekk jemmen li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma pass fid-direzzjoni t-tajba, peress li tali evalwazzjoni, fejn ikun xieraq, għandha tiġi segwita minn miżuri xierqa.

2. Is-servizzi ta' konsenja fil-kuntest tal-kummerċ elettroniku

2.1. Il-konsenja fiżika ta' prodotti ordnati online huwa wieħed mill-elementi ewlenin għat-tkabbir tal-kummerċ elettroniku. Fl-UE, il-kummerċ elettroniku qed jiżviluppa aktar bil-mod fil-livell transnazzjonali milli nazzjonali. Pereżempju fl-2014, 15 % biss tal-konsumaturi għamlu xirja online fi Stati Membri oħra, meta mqabbel ma' 44 % li għamlu dan f'pajjiżhom stess, b'varjazzjonijiet skont l-Istati Membri.

2.2. Fost il-fatturi li jinfluwenzaw id-deċiżjoni ta' konsumatur biex jagħmel ordni online hemm it-tariffi, il-kwalità u l-proċeduri ta' konsenja fiżika ta' prodotti ordnati online, kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-possibbiltà li jintbagħat lura l-pakkett. Is-sodisfazzjoni ta' xerrej online tiddependi parzjalment mill-esperjenza tiegħu tal-konsenja. Id-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet affordabbli u effiċjenti hija partikolarment rilevanti għall-SMEs u l-mikrointrapriżi li joperaw minn żoni remoti u reġjuni periferiċi.

2.3. Il-konsenja tal-pakketti sa piż ta' 31,5 kg huwa servizz li qed jikber f'ħafna Stati Membri. Bosta operatori żviluppaw soluzzjonijiet biex jilhqgħu aħjar l-aspettattivi tal-klijenti tagħhom u joffru firxa wiesja ta' servizzi anċillari bħat-twassil standard jew differit, espress jew fl-istess jum, l-ittraċċjar tal-pakketti, prova tal-konsenja, l-għażla tal-post tal-konsenja, punti ta' konsenja, makkinarju awtomatizzat għall-pakketti, posta rreġistrata, valur iddikjarat, eċċ, filwaqt li l-oġġetti postali li jiżnu inqas minn 2 kg – huwa smat li jammontaw għal 80 % tal-posta iġġenerata mill-kummerċ elettroniku – huma spiss meqjus bħala "pakkett żgħir" u ttrattat bħala posta ta' ittra.

2.4. Il-konsenja tal-pakketti sa 10 kg, li jista' jiġi estiż sa 20 kg, huwa kopert minn obbligu ta' servizz universali, li skontu l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżisti servizz bażiku nazzjonali u transfruntiera, f'kull punt tat-territorju, bi prezzijiet li jistgħu jitħallsu mill-konsumaturi kollha.

2.5. Is-suq tal-kummerċ elettroniku huwa estremament diverġenti. Ħafna drabi huwa dominat minn ftit bejjieġha elettroniċi kbar li jipproduċu kuljum għadd kbir ta' pakketti u li, b'dan il-mod, huma ppreparati tajjeb ħafna biex jinneozjaw tariffi u kundizzjonijiet ma' operatori tal-konsenja tal-pakketti, li huma taħt pressjoni biex jagħtu tariffi "negożjati" vantaġġużi ħafna u kundizzjonijiet ta' forniture speċifiċi. Spiss, dawn il-bejjieġha elettroniċi jħallsu l-ispejjeż tal-konsejna tal-pakketti, anke transfruntiera, huma stess. Ftit fornituri kbar ta' pakketti biss jistgħu jikkontribwixxu f'dan is-suq "negożjat", kemm nazzjonali kif ukoll transfruntiera, filwaqt li għall-konsenja transfruntiera jeħtieġ aċċess għan-netwerk ta' distribuzzjoni internazzjonali.

2.6. Madankollu, dawn l-opportunitajiet ma jeżistux fil-preżent għal xiri transfruntiera iżgħar jew inqas frekwenti jew għall-individwi, inklużi bosta SMEs; is-servizzi ta' konsenja ma jibbenefikawx minn tariffi nneozjati u jkollhom aċċess għan-netwerk ta' distribuzzjoni internazzjonali bi prezzijiet għoljin biss, sal-punt li, fl-aħħarnett, il-konsumatur aħħari spiss ikollu jħallas prezzijiet ta' konsenja eċċessivi. F'dawn il-każijiet it-tariffi ta' konsenja transfruntiera jistgħu jkunu minn lieta sa ħames darbiet ogħla mill-ekwivalenti domestiċi⁽¹⁾ u dawn id-differenzi ma jistgħux jiġu spjegati minħabba spejjeż tax-xogħol jew spejjeż oħra fil-pajjiż tad-destinazzjoni. Eżempji ta' prezzijiet elevati u differenzi sostanzjali fir-relazzjonijiet bidirezzjonali bejn Stati Membri differenti huma dokumentati fil-Valutazzjoni tal-Impatt (SWD(2016) 166 final).

2.7. Il-Kummissjoni ilha snin imħassba dwar din il-problema u ħejjiet diversi komunikazzjonijiet dwar dan is-suġġett:

- COM(2011) 942 final: Qafas koerenti għall-bini ta' fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali tal-kummerċ elettroniku u tas-servizzi online;
- COM(2012) 698 final: Green Paper – Suq integrat għall-konsenja tal-pakketti għat-tkabbir tal-kummerċ elettroniku fl-UE;

⁽¹⁾ Copenhagen Economics, "E-commerce and delivery"; Suq integrat għall-konsenja tal-pakketti għat-tkabbir tal-kummerċ elettroniku fl-UE (COM(2012) 698 final).

- COM(2013) 886 final: Pjan direzzjonali dwar l-ikkompletar tas-suq uniku għall-konsenja tal-pakketti It-tiswir tal-fiduċja fis-servizzi ta' konsenja u l-għoti ta' spinta lill-bejgħ onlajn
- COM(2015) 192 final: Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa.

2.8. Hija kellha l-intenzjoni li tiżviluppa soluzzjonijiet li jistgħu jaqblu aktar mal-aspettattivi tal-konsumaturi.

2.9. Billi dawn l-azzjonijiet kienu biss parzjalment ta' suċċess, il-Kummissjoni kellha toħroġ dan ir-Regolament appoġġjat minn dokument ta' akkumpanjament (SWD(2016)167 final), anness (COM(2016) 285 final), u minn studju tal-impatt voluminuż ta' 289 paġna (SWD(2016) 166 final).

3. Kontenut tal-proposta ta' Regolament

3.1. It-titjib tas-servizzi tal-konsenja transfruntiera tal-pakketti hija waħda mill-miżuri previsti mill- "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa" għall-promozzjoni tal-aċċess tal-konsumaturi u n-negozji għal oġġetti u servizzi diġitali madwar l-UE.

3.2. Il-miżuri proposti jinkludu:

- it-titjib tal-funzjonament tas-swieq permezz ta', min-naħa, sorveljanza regolatorja tas-swieq tal-pakketti aktar effettiva u konsistenti u min-naħa l-oħra il-promozzjoni tal-kompetizzjoni fil-qasam tas-servizzi ta' konsenja transfruntiera tal-pakketti;
- iż-żieda fit-trasparenza tat-tariffi u r-rati terminali sabiex min-naħa jonqsu d-differenzi mhux ġustifikati fit-tariffi u min-naħa l-oħra jitbaxxew it-tariffi mħallsa minn individwi u negozji żgħar, speċjalment f'żoni remoti;
- il-valutazzjoni tal-affordabbiltà tat-tariffi ta' konsenja mill-awtorità regolatorja nazzjonali;
- l-aċċess trasparenti u mhux diskriminatorju għas-servizzi u l-infrastruttura meħtieġa għall-provvista tas-servizzi tal-konsenja transfruntiera tal-pakketti.

4. Kummenti ġenerali

4.1. Billi l-inizjattivi differenti tal-Kummissjoni, fost l-oħrajn il-Green Paper dwar *Suq integrat għall-konsenja tal-pakketti għat-tkabbir tal-kummerċ elettroniku fl-UE* tal-2012 u l-Pjan direzzjonali dwar *l-ikkompletar tas-suq uniku għall-konsenja tal-pakketti It-tiswir tal-fiduċja fis-servizzi ta' konsenja u l-għoti ta' spinta lill-bejgħ onlajn* ⁽²⁾ tal-2013 kellhom suċċess limitat fir-rigward tat-tariffi transfruntiera, azzjoni ġdida min-naħa tal-Kummissjoni saret indispensabbli sabiex il-bejjiegħa online u l-konsumaturi kollha, speċjalment l-individwi privati u l-SMEs f'żoni mbiegħda, jkunu jistgħu finalment jibbenefikaw mill-konsenja transfruntiera tal-pakketti li tkun, fl-istess ħin aċċessibbli, ta' kwalità għolja u bi prezzijiet raġonevoli.

4.2. Skont l-istudju tal-Università St Louis ta' Brussell, il-prezzijiet tal-fornituri pubbliċi għall-konsenji tal-pakketti mħallsa mill-individwi u l-imprezzi ż-żgħar kienu kważi ħames darbiet ogħla minn dawk tal-posta nazzjonali, filwaqt li l-istudju ta' Copenhagen Economics sab li l-prezzijiet tal-operatori l-oħra huma minn tlieta sa ħames darbiet ogħla mit-tariffi domestiċi, mingħajr ma dawn id-differenzi jkunu jistgħu jiġu spjegati mill-ispejjeż tax-xogħol jew spejjeż oħrajn fil-pajjiż tad-destinazzjoni.

4.3. Il-KESE jinnota għalhekk li l-prezzijiet mitluba lill-individwi u lill-imprezzi ż-żgħar għandhom it-tendenza li jkunu ogħla hu x'inhu s-servizz tal-konsenja tal-pakketti. Il-Kummissjoni se tindirizza din il-problema billi tobbliha lill-awtorità regolatorja nazzjonali biex tevalwa n-natura raġonevoli tat-tariffi ta' konsenja transfruntiera.

4.4. Il-KESE jaqbel li, sabiex ma jintilifx ħin addizzjonali, il-Kummissjoni tirrikorri għal Regolament. Madankollu, huwa tal-fehma li l-miżuri mressqa minn dan ir-Regolament se jibqgħu mhux effettivi. Ir-Regolament huwa limitat għall-introduzzjoni tat-trasparenza ta' tariffi u rati terminali, il-pubblikazzjoni ta' offerti ta' referenza u l-valutazzjoni ta' affordabbiltà – li bla dubju huma miżuri meħtieġa – u dan jista', mingħajr miżuri addizzjonali, f'tit li xejn ikollu effett biex iħeġġeġ lis-servizzi ta' konsenja rilevanti jitolbu prezzijiet raġonevoli.

⁽²⁾ ĠU C 451, 16.12.2014, p. 51.

4.5. Il-KESE jinnota b'dispijaċir li l-Kummissjoni qed tipposponi kwalunkwe miżuri aktar vinkolanti għal tmiem l-2018, fl-istennija ta' rapport ta' evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament. F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni beħsiebha tevalwa jekk l-affordabbiltà tas-servizzi tal-konsenja transfruntiera tal-pakketti tjibitx, u jekk ingħatax aċċess transfruntier bl-ingrossa trasparenti u mhux diskriminatorju mill-fornituri tas-servizz universali li jipprovdu servizzi ta' konsenja tal-pakketti. Il-Kummissjoni madankollu ma tipprovi l-ebda indikazzjoni dwar l-intenzjonijiet futuri tagħha jekk it-titjib u l-aċċess mhux diskriminatorju msemmi ma jseħħx.

4.6. Il-KESE kien jippreferi li l-Kummissjoni tieħu l-istess approċċ li ħadet dwar il-prezzijiet tar-roaming b'telefonija mobbli u għal tal-inqas tagħmel l-aħħar sejħa urġenti lis-servizzi tal-konsenja transfruntiera tal-pakketti kollha biex ibaxxu l-prezzijiet tagħhom, u tħabbar minn issa li, jekk dan ma jkunx il-każ, tittieħed azzjoni permezz ta' regolamentazzjoni u limiti fuq il-prezzijiet.

4.7. Barra minn hekk, il-proposti tar-Regolament dwar it-trasparenza tat-tariffi u tar-rati terminali, il-pubblikazzjoni ta' offerta ta' referenza, l-evalwazzjoni ta' affordabbiltà, u l-aċċess transkonfinali trasparenti u mhux diskriminatorju japplika biss għal fornituri tas-servizz universali li jipprovdu servizzi ta' konsenja tal-pakketti.

4.8. Madankollu, fis-suq globali tal-konsenja tal-pakketti, is-sehem tal-fornituri tas-servizz universali ivarja bejn 10 % (il-Bulgarija, Spanja, ir-Renju Unit, l-Italja) u 25 % (ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, Franza, Estonja), filwaqt li proporzjon żgħir biss (5-10 %) ta' dawn il-pakketti huwa kopert mill-obbligi tas-servizz universali. Għalhekk, dan ir-Regolament jittratta biss parti żgħira tas-suq, li madankollu hija indispensabbli għall-konsumaturi u l-SMEs f'żoni remoti li m'għandhomx alternattivi oħrajn.

4.9. Fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-affordabbiltà, il-KESE ilu snin jappella għall-kjarifika tal-kunċett ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali affordabbli u għall-introduzzjoni ta' miżuri legiſlattivi li jobbligaw lill-Istati Membri li jiddefinixxu indikaturi biex jiddeterminaw l-affordabbiltà ta' dawn is-servizzi ⁽³⁾. Għalhekk jemmen li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma pass fid-direzzjoni t-tajba, peress li tali evalwazzjoni, fejn ikun xieraq, għandha tiġi segwita minn miżuri xierqa.

4.10. Madankollu, l-evalwazzjoni prevista minn dan ir-Regolament se tkun limitata biss għat-tariffi mill-kategoriji ta' oġġetti elenkati f'lista pubblika ta' tariffi transfruntiera prevista fl-Anness għar-Regolament, jiġifieri pakketti ta' 0,5, 1, 2 jew 5 kg (bi jew mingħajr ittraċċjar u lokalizzazzjoni). Il-KESE jemmen li din l-evalwazzjoni għandha tiġi estiża għal pakkett ta' 10 kg, 15 kg u 20 kg, dan ukoll fid-dawl ta' regolamentazzjoni futura possibbli tat-tariffi tal-konsenja transfruntiera tal-pakketti.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

⁽³⁾ ĠU C 177, 11.6.2014, p. 24.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2015”

[COM(2016) 393 final – SWD(2016) 198 final]

(2017/C 034/17)

Relatur: **is-Sur Juan MENDOZA CASTRO**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 17/08/2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [COM(2016) 393 final – SWD(2016) 198 final]
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	04/10/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	211/1/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jivvaluta b'mod pożittiv ir-Rapport tal-2015, peress li jqis li politika ta' kompetizzjoni fuq bażi ugwali fis-setturi kollha hija fundamentali għall-ekonomija soċjali u tas-suq tal-UE.

1.2. L-importazzjonijiet ibbażati fuq kompetizzjoni inġusta huma perikolużi għall-intrapriżi Ewropej. Il-miżuri tal-antidumping huma essenzjali sabiex isalwaw l-impjegji u jiproteġu lis-setturi ekonomiċi milquta.

1.3. Il-KESE jinsab imħasseb bl-istess mod bħall-SMEs, it-trejdjunjins u l-assoċjazzjonijiet tal-intraprendituri tal-UE fir-rigward tal-possibbiltà li ċ-Ċina tiġi rikonoxxuta bħala ekonomija tas-suq.

1.4. L-SMEs, li huma fundamentali għall-irkupru ekonomiku, huma l-aktar vulnerabbli għall-abbużi ta' pożizzjoni dominanti.

1.5. Il-kontroll tal-ġhajnuna mill-Istat jippermetti użu aktar effiċjenti tar-riżorsi u jtejjeb il-finanzi pubbliċi. Madankollu, din l-ġhajnuna tista' tkun essenzjali biex tiggarantixxi l-provvista ta' servizzi ekonomiċi ta' interess ġenerali.

1.6. Il-KESE jirrakkomanda li tittejjeb l-informazzjoni dwar l-ġhajnuna mill-Istat mogħtija sabiex ikun hemm aktar pubbliċità u trasparenza.

1.7. L-innovazzjoni diġitali hija kkontrollata minn numru żgħir ta' kumpaniji minn pajjiżi terzi li joperaw madwar id-dinja. Għall-Ewropa huwa kruċjali li tiżgura l-pożizzjoni tagħha ta' tmexxija permezz tas-suq uniku diġitali.

1.8. L-isfida l-kbira għall-politika Ewropea tal-kompetizzjoni f'settur iddominat minn ġganti teknoloġiċi hija li l-konsumaturi jiġu żgurati l-aċċess għall-aqwa prodotti u l-aħjar prezzijiet u li l-intrapriżi kollha, kbar jew żgħar, jikkompetu f'suq miftuħ u skont il-merti tal-prodotti tagħhom. Il-KESE jikkunsidra li l-azzjonijiet tal-UE huma, b'mod ġenerali, ibbilanċjati u jikkonformaw mal-leġislazzjoni, minkejja ċerta kritika li tirċievi.

1.9. L-Unjoni Ewropea tal-Enerġija kellha kisbiet importanti fl-oqsma tas-sigurtà tal-forniment (li jissupponi suċċessi strateġiċi), it-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra, il-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ż-żieda fil-possibbiltà ta' għażla għall-konsumaturi. Madankollu, din tiffaċċja sfidi kbar relatati mal-ispiża tal-enerġija, l-interkonnessjoni maġġuri tan-netwerks u t-tmexxija fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi.

1.10. Fis-settur tal-enerġija, il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet għandu jkun kompatibbli mat-tbassir ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet sabiex jonqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni, u dan iwassal għal tnaqqis fin-numru tal-intrapriżi.

1.11. Ir-Regolament (KE) Nru 1/2003 saħħaħ lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u kkontribwixxa biex jikkonsolida l-prestiġju internazzjonali tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE. Il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u bejnhom u l-Kummissjoni twassal sabiex l-azzjonijiet ikunu aktar effettivi fil-każ ta' attivitajiet transkonfinali.

1.12. Minħabba l-kriżi finanzjarja, il-KESE jtenni li għandu jitnaqqas l-esponiment tal-kontribwenti għall-ispejjeż tas-salvataġġ finanzjarju tal-banek.

1.13. Il-KESE jirrakkomanda li r-regoli tal-UE li jllimitaw it-tariffi tal-interkambju għall-kards ta' debitu u ta' kreditu jkunu japplikaw irrappetivament mill-pajjiż ta' dak li jkun harigħom u li ma jżommux lill-banek milli joffru tariffi tal-interkambju orħos lill-bejjiegħa bl-imnut ibbażati f'pajjiż ieħor taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE).

1.14. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni tkompli taħdem biex tippromovi l-kompetizzjoni, tnaqqas id-distorzjoni minħabba t-taxxi li jikkawżaw id-disparitajiet bejn it-tmienja u għoxrin sistema fiskali.

1.15. Il-ġeneralizzazzjoni tas-sistemi ta' kompetizzjoni minħabba l-globalizzazzjoni trendi fundamentali l-kooperazzjoni internazzjonali. Fid-dawl tad-domandi li qed jiżdiedu u l-parteċipazzjoni f'diversi fora (l-OECD, l-UNCTAD, in-Netzwerk Internazzjonali tal-Kompetizzjoni), il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li l-UE jkollha r-riżorsi adegwati sabiex tkompli titkellem b'vuċi waħda tal-UE, li attwalment qed tinstema' u tiġi rrispettata.

2. Ir-Rapport dwar il-Kompetizzjoni 2015

2.1. Il-Kummissjoni tafferma li "politika tal-kompetizzjoni tal-UE b'saħħitha u effettiva minn dejjem kienet fil-qalba tal-proġett Ewropew".

2.2. L-aspetti ċentrali tar-Rapport jinsabu miġbura fi tliet kapitoli:

- il-politika tal-kompetizzjoni ssaħħaħ l-innovazzjoni u l-investment madwar l-UE;
- l-isfruttar tal-opportunitajiet tas-Suq Uniku Diġitali, u
- il-bini ta' UE tal-Enerġija integrata u li ma tagħmilx ħsara lill-klima.

2.3. Il-Kummissjoni tirrapporta dwar l-azzjonijiet speċifiċi tagħha f'dawn l-oqsma, u tenfasizza li, b'konformità mal-leġislażzjoni, hija użat bħala prinċipji ta' gwida l-ħarsien tal-imparzjalità, l-applikazzjoni tar-regoli tal-istat tad-dritt u l-ħarsien tal-interess komuni Ewropew.

2.4. F'dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena, in-numru ta' sistemi ta' kompetizzjoni madwar id-dinja żdied b'mod drammatiku, minn madwar għoxrin fil-bidu tas-snin disgħin għal madwar mija u tletin fl-2015, li jkopru 85 % tal-popolazzjoni tad-dinja.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE

3.1.1. Il-KESE jivvaluta b'mod pożittiv ir-Rapport tal-2015, li jindirizza oqsma fundamentali għall-iżvilupp tal-ekonomija u l-benessri taċ-ċittadini tal-UE.

3.1.2. Politika tal-kompetizzjoni bbażata fuq kundizzjonijiet ugwali fis-setturi kollha hija fil-qalba tal-ekonomija soċjali tas-suq fl-Ewropa. Hija wkoll strument essenzjali sabiex jiġi ggarantit il-funzjonament korrett ta' suq intern dinamiku, effiċjenti, sostenibbli u innovattiv u sabiex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjeg u l-kompetittività fix-xena dinjija.

3.1.3. Il-politika tal-kompetizzjoni m'għandhiex timpedixxi l-emerġenza ta' mexxejja industrijali fl-ekonomija Ewropea. Sabiex tkun effettiva u kredibbli, m'għandhiex tkun indirizzata esklużivament lejn it-tnaqqis tal-prezzijiet għall-konsumaturi, iżda għandha wkoll tippromovi l-iżvilupp u l-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej fis-swieq globali.

3.1.4. Bażi industrijali b'saħħitha hija ta' importanza vitali għall-prosperità u t-tkabbir. Waqt li jqis it-tneħħid li l-kompetizzjoni inġusta toħloq għall-intrapriżi Ewropej, il-KESE jfakkar li l-miżuri tal-antidumping jissalvagwardjaw għexieren ta' eluf ta' postijiet tax-xogħol diretti u indiretti u jipproteġu s-setturi ekonomiċi mill-politiki inġusti tal-importazzjoni.

3.1.5. L-importazzjonijiet taħt il-kundizzjonijiet tad-dumping, li jipperikolaw eluf ta' impjegji fl-UE, jikkostitwixxu kompetizzjoni inġusta. Il-KESE jemmen li għaċ-Ċina ma tantx jista' jingħad li topera f'kundizzjonijiet tas-suq peress li tonqos milli tikkonforma ma' erbgħa mill-ħames kriterji stabbiliti mill-prassi tal-Kummissjoni u mir-Regolament (KE) Nru 1225/2009 ⁽¹⁾.

3.1.6. Il-Fondi Strutturali tal-UE m'għandhomx jintużaw biex jappoġġjaw direttament jew indirettament ir-rilokazzjoni ta' servizzi jew tal-produzzjoni lejn Stati Membri oħrajn.

3.1.7. L-SMEs huma l-pilastru tal-irkupru ekonomiku fl-Ewropa. Minħabba d-daqs tagħhom, huma wkoll l-iżjed vulnerabbli għal prattiki li jinvolvu l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti li, f'bosta każijiet, ifisser li huma kkundannati li jisparraxxu. Dan għandu jingħata attenzjoni speċjali fil-politika tal-kompetizzjoni, b'mod speċjali fil-każ tal-prattiki tal-gruppi intraprenditorjali l-kbar.

3.1.8. Għal darb'oħra, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqas ta' mekkaniżmu legali ġenwin għall-azzjonijiet kollettivi, b'mod li jipprovdi infurzar effettiv tad-dritt tad-danni għall-vittmi ta' prattiki antikompetittivi, u għadu wkoll tal-fehma li d-Direttiva 2014/104/UE tas-26 ta' Novembru 2014 u r-Rakkomandazzjoni dwar il-prinċipji komuni għal mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv f'ulwim li jikkonċerna ksur tal-liġijiet tal-kompetizzjoni ma jistgħux jipprovdu r-rimedju kollettiv meħtieġ għad-drittijiet tal-vittmi ta' ksur bħal dan.

3.2. L-ghajjnuna mill-Istat

3.2.1. L-immodernizzar tal-ghajjnuna mill-Istat jippermetti lill-UE tuża b'mod aktar effiċjenti r-riżorsi u ttejjeb il-kwalità tal-finanzi pubbliċi. Barra minn hekk, dan jikkontribwixxi sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jwettqu l-Istrateġija 2020 għat-tkabbir u l-konsolidazzjoni baġitarja.

3.2.2. Madankollu, l-ghajjnuna mill-Istat tista' tkun essenzjali biex tiggarrantixxi l-prestazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, inklużi l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni. Barra minn hekk, spiss huma l-aktar strument politiku effettiv biex tiġi żgurata l-provvista ta' servizzi li huma essenzjali sabiex jitħarsu l-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali f'reġjuni iżolati, imbiegħda jew periferiċi u f'reġjuni insulari tal-Unjoni.

3.2.3. Il-KESE jqis li hemm bżonn li tinżamm il-koerenza bejn il-politika tal-kompetizzjoni u l-politiki l-oħra tal-Unjoni, b'mod speċjali f'każijiet ta' investimenti sabiex tingħata spinta lill-innovazzjoni u r-riċerka, bħalma huma r-R+Ż+I, il-finanzjament tar-riskju u l-ġeneralizzazzjoni tal-broadband.

3.2.4. Iċ-ċittadini tal-UE jqisu li mhumiex infurmati biżżejjed dwar is-sistema kumplessa tal-ghajjnuna mill-Istat u jiġbdu l-attenzjoni għad-diffikultà ta' aċċess għall-informazzjoni dwar liema kumpaniji jirċievu din l-ghajjnuna ⁽²⁾. Sabiex ikun hemm aktar pubbliċità u trasparenza, il-KESE jirrakkomanda li, għal kull każ, fl-Istati Membri jiġu ppubblikati d-destinatarij, l-ammonti u l-oġġettivi tal-ghajjnuna.

3.3. Kompetizzjoni fis-Suq Uniku Diġitali

3.3.1. Is-Suq Uniku Diġitali huwa strateġija fundamentali tal-UE sabiex tintemm il-frammentazzjoni ta' diversi swieq nazzjonali u tgħaqqadhom f'approċċ Ewropew ⁽³⁾. L-innovazzjoni diġitali hija kkontrollata minn numru żgħir ta' kumpaniji minn pajjiżi terzi li joperaw madwar id-dinja. Għall-Ewropa huwa kruċjali li tiżgura l-pożizzjoni tagħha ta' tmexxija permezz tas-suq uniku diġitali.

⁽¹⁾ ĠU C 389, 21.10.2016, p. 13. Ara wkoll "ETUC – BusinessEurope joint declaration on China's Market Economy Status" (19.7.2016) u "Granting of Market Economy Status to China", Parlament Ewropew, Diċembru 2015.

⁽²⁾ "Il-perċezzjoni u l-għarfen dwar it-trasparenza tal-ghajjnuna mill-Istat", Ewrobarometru, Lulju 2016.

⁽³⁾ ĠU C 71, 24.2.2016, p. 65.

3.3.2. L-isfida l-kbira għall-politika Ewropea tal-kompetizzjoni f'settur iddominat minn ġganti teknoloġiċi hija li jiġi żgurati li l-konsumaturi jkollhom l-aċċess għall-aqwa prodotti bl-aħjar prezzijiet u li l-intrapriżi kollha, kbar jew żgħar, jikkompetu f'suq miftuħ u skont il-merti tal-prodotti tagħhom.

3.3.3. Każijiet li tinvestiga l-Kummissjoni:

- Servizzi ta' tiftix fuq l-Internet. Id-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni hija bbażata fuq il-fatt li Google tiffavorixxi b'mod sistematiku l-prodotti tagħha stess fit-tqabbil tal-prezzijiet. Barra minn hekk, qed jiġu investigati tliet oġġezzjonijiet oħrajn li tqajmu.
- Il-kotba elettroniċi. Amazon timponi klawnsoli li jistgħu jevitaw il-kompetizzjoni, pereżempju d-dritt li wieħed jiġi infurmat dwar kundizzjonijiet aktar favorevoli jew alternattivi offruti mill-kompetituri tagħha.
- Forniment transkonfinali ta' servizzi ta' televiżjoni bi ħlas fir-Renju Unit u fl-Irlanda. Il-ftehimiet ta' liċenzja bejn Sky UK u sitt kumpaniji ċinematografiċi kbar fl-Istati Uniti jesigū li Sky UK timblokka l-aċċess barra mit-territorju liċenzjat tagħha.
- Apparat mobbli bħal smartphones u tablets. Fost Prattiki oħrajn, Android jirrikjedi li l-manifatturi jinstallaw minn qabel Google Search u l-brawżer Chrome ta' Google u jobbligahom li jagħżlu fl-apparat tagħhom Google Search bħala s-servizz ta' tiftix awtomatiku bħala kundizzjoni biex jagħtihom licenzzi għal applikazzjonijiet partikolari u esklużivi ta' Google.
- Baseband chipsets li jintużaw f'apparat elettroniku. Qiegħed jiġi investigat jekk Qualcomm, fornitur ewlieni dinji, offriex incenċivi finanzjarji lil manifattur importanti ta' smartphones u tablets bil-kundizzjoni li juża esklużivament il-prodotti tiegħu.

3.3.4. B'mod ġenerali, dawn jistgħu jkunu Prattiki monopolistiċi u abbuż ta' pożizzjoni dominanti. Il-kumplessità teknika u r-riperkussjoni kbira tal-każijiet investigati jgħajmu kritika, fost affarijiet oħrajn, li l-UE "iddikjarat gwerra kontra Silicon Valley". Il-KESE ma jaqbilx ma' din il-kritika u jappoġġja l-azzjonijiet tal-Kummissjoni, li jikkunsidra bħala bbilanċjati u konformi mal-legislażzjoni.

3.3.5. Google – li fl-2015 kellha dħul ta' USD 74,5 biljun – għandha, fiż-ŻEE, pożizzjoni dominanti ta' aktar minn 90 % fis-swieq tas-servizzi ta' tiftix ġenerali fl-Internet, tas-sistemi operattivi b'liċenzja għal smartphones u ħwienet tal-applikazzjonijiet (app stores) għas-sistema operattiva tal-mowbajls Android. Jingħad ukoll li l-investigazzjoni tal-Kummissjoni dgħajfet il-possibbiltà li l-UE ssir ċentru ta' ideat innovattivi u li ntużaw argumenti tekniċi inkorretti. Madankollu, is-servizzi tekniċi tal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ tal-Istati Uniti kkonkludew, fl-2012, li Google, li tikkontrolla $\frac{2}{3}$ tas-suq tal-Amerika ta' Fuq, kienet qed tuża tattiċi antikompetittivi u tabbuża mill-pożizzjoni dominanti għad-detriment tal-utenti u l-kompetituri⁽⁴⁾. Investigazzjoni mwettqa f'dan il-pajjiż laqget l-istess konklużjoni⁽⁵⁾.

3.4. Unjoni Ewropea tal-Enerġija li tirrispetta l-klima

3.4.1. L-Unjoni Ewropea tal-Enerġija kellha kisbiet importanti:

- is-sigurtà tal-provvista: l-UE kisbet suċċess strateġiku u attwalment tinsab ippreparata ħafna aħjar biex tiffaċċja kriżi bħal dik tal-2009. id-dipendenza Ewropea mill-gass li ġej mir-Russja naqset b'terz u tjebu b'mod sostanzjali l-infrastrutturi għaċ-ċirkolazzjoni interna tal-gass, il-possibiltajiet ta' provvista esterna u l-kapaċità ta' ħżin.
- Il-miri ffixxati sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u sabiex jizjed l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (20-20-20 sal-2020) jistgħu jintlaħqu qabel iż-żmien u l-effiċjenza tal-enerġija tidher li ser tkun żviluppata kważi sal-mira stabbilita, għalkemm sa ċertu punt dan huwa riżultat tar-riċessjoni ekonomika.
- Is-swieq infetħu u żdiedu l-possibiltajiet ta' għażla għall-konsumaturi.

⁽⁴⁾ <http://www.wsj.com/articles/inside-the-u-s-antitrust-probe-of-google-1426793274>

⁽⁵⁾ "Does Google content degrade Google search? Experimental evidence", Harvard Business School 2015.

3.4.2. Madankollu, il-KESE – li esprima l-appoġġ tiegħu għall-Istrategġija Qafas tal-2015⁽⁶⁾ – għandu jagħmel enfasi speċjali fuq l-isfidi l-kbar li tiffaċċja l-UE fis-snin li ġejjin:

- li tnaqqas l-ispejjeż tal-enerġija, li għadhom għaljin ħafna għall-konsumatur Ewropew bil-konsegwenzi soċjali (riskju ta' faqar enerġetiku), ekonomiċi (jaffettwaw b'mod serju lill-SMEs) u ta' kompetittività esterna tal-impriżi (l-enerġija hija konsiderevolment orħos fi swieq oħrajn, bħall-Istati Uniti),
- li ttejjeb l-integrazzjoni tas-swieq li jżidu l-interkonnessioni tan-netwerks, u
- li tassumi rwol ta' tmexxija fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi tas-COP 21 ta' Pariġi, sabiex tinkiseb b'suċċess il-bidla radikali li tissupponi tranżizzjoni gradwali profittabbli għal ekonomija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju.

3.4.3. Il-KESE jappoġġja l-Kummissjoni fl-applikazzjoni stretta tal-leġislazzjoni kontra l-monopolji, li huwa fundamentali sabiex jiġi indirizzat l-aġir abbużiv tal-operaturi dominanti fis-suq. Għandu jiġi enfasizzat il-ftehim legalment vinkolanti stabbilit bejn il-Kummissjoni u Bulgarian Energy Holding.

3.4.4. Fl-2012, is-settur tal-enerġija rċieva sostenn pubbliku li ammonta għal EUR 122 biljun (UE-28)⁽⁷⁾. Mingħajr dan l-appoġġ, ser ikun impossibbli għall-konsumaturi li jlaħħqu mal-prezz diġà għali tal-enerġija. Meta tapplika l-politiki dwar l-għajjnuna mill-Istat⁽⁸⁾, il-Kummissjoni għandha tqis li l-produzzjoni ta' tipi speċifiċi ta' enerġiji rinnovabbli – li huma dawk li l-aktar jirċievu għajjnuna (EUR 44 biljun) – għandha spejjeż ta' produzzjoni għaljin, li jimpedixxu lill-intrapriżi fornituri milli jkunu kompetittivi fis-suq.

3.4.5. Il-KESE jinnota li l-akkwiżizzjoni tat-taqsimiet tal-enerġija ta' Alstom mill-kumpanija tal-Amerika ta' Fuq General Electric (GE) ġiet approvata mill-Kummissjoni⁽⁹⁾.

3.4.6. Il-Kummissjoni tafferma li: “il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet baqa' strument effettiv biex jinżamm miftuħ is-suq tal-enerġija tal-UE”. Dan għandu jsir kompatibbli mal-fatt li l-prezzijiet baxxi taż-żejt jistgħu jwasslu biex isiru inevitabbli l-fużjonijiet bejn l-intrapriżi sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni. Ċerti previżjonijiet jindikaw li l-produtturi tal-gass u ż-żejt ser jonqsu b'terz.

4. Tisħiħ tas-suq uniku tal-UE

4.1. It-tassazzjoni

4.1.1. Il-KESE jaqbel li t-trasparenza u t-tqassim ġust tal-piż tat-taxxa huma indispensabbli għall-eżistenza tas-suq uniku. L-evazzjoni, il-frodi u r-rifuġi fiskali jiswew il-flus lill-kontribwenti Ewropej waqt li joħlqu distorsjoni fil-kompetizzjoni. Huwa stmat li l-UE titlef bejn il-EUR 50 u s-EUR 70 biljun fi dħul mit-taxxa kull sena minħabba l-evazzjoni tat-taxxi, li jirrappreżenta ftit aktar minn 16 % tan-nefqa pubblika fl-UE. Jekk ma' dan jiżdied ukoll it-telf ta' dħul minn Prattiki legali – jew preżumibbilment legali – ta' inġinerija tat-taxxa, it-telf jikber ferm aktar⁽¹⁰⁾.

4.1.2. Pjan ta' azzjoni għall-applikazzjoni ta' taxxa korporattiva ġusta u effettiva huwa pass importanti sabiex jitnaqqas l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, fenomenu li jnawwar il-bażi ta' taxxa tal-Istati Membri u jippromovi kompetizzjoni inġusta⁽¹¹⁾.

4.1.3. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni tkompli taħdem biex tippromovi l-kompetizzjoni, tnaqqas id-distorsjoni minħabba t-taxxi li jikkawżaw id-disparitajiet bejn it-tmienja u għoxrin sistema fiskali. Is-sistema kumplessa tal-prezzijiet ta' trasferiment li bħalissa hija applikata għat-tranżazzjonijiet bejn il-grupp hija partikolarment għalja u ta' piż għall-intrapriżi li joperaw fl-UE, twassal għal tilwim bejn l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u tirriżultaw f'tassazzjoni doppja tal-kumpaniji. Huwa xieraq li tiġi stabbilita bażi komuni konsolidata tat-taxxa korporattiva (BKKTK) għall-impriżi b'attivitajiet transkonfinali.

⁽⁶⁾ ĠU C 383, 17.11.2015, p. 84.

⁽⁷⁾ “Subsidies and costs of EU energy” (Sussidji u spejjeż tal-enerġija tal-UE), 11 ta' Novembru 2014. <http://ec.europa.eu/energy/en/content/final-report-ecofys>

⁽⁸⁾ ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1.

⁽⁹⁾ Il-GE ħabbret li bejn l-2016 u l-2017 ser tneħħi 6 500 impjeg fl-Ewropa, li minnhom 765 huma fi Franza. Le Monde, 14.1.2016.

⁽¹⁰⁾ Ara: “Bringing transparency, coordination and convergence to corporate tax policies in the European Union” (Inġibu t-trasparenza, il-koordinazzjoni u l-konverġenza biex nikkooperaw f'politiki tat-taxxa fl-Unjoni Ewropea), Settembru 2015.

⁽¹¹⁾ ĠU C 71, 24.2.2016, p. 42.

4.1.4. Il-Kummissjoni tinvestiga l-ftehimiet fiskali bejn ċerti Stati Membri u l-kumpaniji multinazzjonali l-kbar: il-Lussemburgu (Fiat, Starbucks, McDonald's, Amazon), in-Netherlands (Starbucks). Fil-każ ta' Apple, il-Kummissjoni tqis li, permezz tat-trattament fiskali li kien applikat, din il-kumpanija setgħet tevita li tħallas it-taxxa fuq il-bejgħ ta' kważi l-prodotti kollha tagħha fiż-ŻEE, u minħabba f'hekk trid tirrimborża lill-Irlanda somma stmata għal EUR 13-il biljun. Bla ħsara għad-deċiżjoni li għet adottata finalment, il-Kumitat jappoġġja l-Kummissjoni fl-investigazzjoni ta' ftehimiet fiskali li jistgħu jkunu ta' detriment għall-kompetizzjoni.

4.2. **Awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni**

4.2.1. Ir-Regolament (KE) Nru 1/2003⁽¹²⁾ saħħaħ l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u kkontribwixxa għall-prestiġju internazzjonali tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE. Il-Kummissjoni ressqet għal konsultazzjoni pubblika t-tisħiħ tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, li dwarhom attwalment tirċievi l-akbar għadd ta' każijiet. Il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u bejnhom u l-Kummissjoni twassal sabiex l-azzjonijiet ikunu aktar effettivi fil-każ ta' attivitajiet transkonfinali.

4.3. **Ħlas bil-kard**

4.3.1. Għalkemm id-diversi sistemi elettroniċi ta' ħlas saru jintużaw b'mod ġenerali, globalment il-konsumaturi jħallsu l-85 % tax-xirijiet tagħhom bi flus kontanti. Fl-UE, is-sitwazzjoni hija simili f'diversi Stati Membri, għalkemm fil-pajjiżi Skandinavi jilhq u biss l-10 %. Fi kwalunkwe każ, il-ħlas bil-kard huwa strumentali għall-funzjonament tal-kummerċ u huwa ta' importanza kbira għall-konsumaturi. Ir-Regolament (UE) 2015/751 jimponi limiti fuq l-ammonti tar-rati tal-kambju⁽¹³⁾.

4.3.2. Id-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet kontra Mastercard hija bbażata fuq il-fatt li timpedixxi lill-banek milli joffru rati orħos tal-interkambju għall-bejgħiegha bl-imnut ibbażati f'pajjiż ieħor taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) kif ukol li tiċċarġja tariffi oġhla tal-interkambju għall-kards maħruġa f'partijiet oħra tad-dinja. L-assoċjazzjonijiet Ewropej tal-konsumaturi ddenunzjaw ripetutament il-prattiki abbużivi tal-intrapriżi emittenti bħal Visa u Mastercard, li jibbenefikaw mid-dominanza tagħhom tas-suq. Il-KESE jesprimi t-tama tiegħu li r-riżultat tal-investigazzjonijiet iwassal għat-tneħħija ta' dan l-ostruktu u li l-limiti fuq ir-rati tal-interkambju stabbiliti fl-UE jiġu applikati irrispettivament mill-pajjiż li jkun ħareġ dawn il-kards.

4.4. **Għajjnuna mill-Istat lill-banek**

4.4.1. Il-Kummissjoni tirreferi għall-għajjnuna mill-Istat approvata lil diversi banek f'diversi Stati Membri. Sal-lum, il-kriżi swietu ferm lill-kontribwent Ewropew. Sabiex jiġi evitat kollass totali tas-sistema bankarja, il-gvernijiet irrikorrew għas-salvataġġ tal-banek tagħhom b'appoġġ urġenti, fuq skala mingħajr preċedent. Fiż-żona tal-euro, bejn l-2008 u l-2014, l-għajjnuna mill-Istat lill-entitajiet finanzjarji laħqet it-8 % tal-PDG, minn liema somma ġie rkuprat 3,3 %⁽¹⁴⁾.

4.4.2. Minbarra l-ispiża għolja għat-teżor pubbliku, is-salvataġġ tal-banek – li kellu jissolva billi tiġi applikata l-leġislazzjoni fis-seħħ sa mill-1 ta' Jannar 2015⁽¹⁵⁾ – jista' jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni.

Il-KESE jsostni li:

- għandu jitnaqqas l-esponiment tal-kontribwent għall-ispejjeż tas-salvataġġ finanzjarju tal-banek;
- l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jingħataw il-kompetenzi meħtieġa sabiex jieħdu miżuri preventivi, u
- l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jingħataw is-setgħa li jiddeprezzaw id-dejn mhux iggarantit ta' entità partikolari f'diffikultajiet serji u li jikkonvertu d-dejn f'ekwità⁽¹⁶⁾.

⁽¹²⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Għaxar snin ta' Infurzar tal-antitrust bir-Regolament (KE) Nru 1/2003: Kisbiet u perspettivi futuri.
<http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52014DC0453>

⁽¹³⁾ ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1.

⁽¹⁴⁾ Ġurnal tal-BĊE.

⁽¹⁵⁾ ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190.

⁽¹⁶⁾ ĠU C 44, 15.2.2013, p. 68.

5. Il-kompetizzjoni fl-era tal-globalizzazzjoni

5.1. Il-ġeneralizzazzjoni tas-sistemi ta' kompetizzjoni minħabba l-globalizzazzjoni trendi fundamentali l-kooperazzjoni internazzjonali. Il-KESE bi pjaċir jappoġġja l-parteċipazzjoni attiva tal-Kummissjoni f'fora bħall-Kumitat tal-OECD dwar il-Kompetizzjoni, il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) u n-Netwerk Internazzjonali tal-Kompetizzjoni (ICN).

5.2. Bħalissa, il-vuċi tal-UE qed tinstema' u tiġi rispettata f'dawn il-forums. Il-Kumitat jenfasizza l-bżonn li jinżammu riżorsi materjali u umani li jirriflettu din ir-responsabbiltà.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ programm tal-Unjoni biex jappoġġa attivitajiet speċifiċi li jsaħħu l-involviment tal-konsumaturi u utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji fit-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji għall-perjodu 2017-2020”

[COM(2016) 388 final – 2016/0182 (COD)]

(2017/C 034/18)

Relatur: **is-Sinjura Reine-Claude MADER**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 22/06/2016 Kunsill, 11/07/2016
Bażi legali	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [COM(2016) 388 final – 2016/0182 (COD)]
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	04/10/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	223/2/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ l-fatt li l-Kummissjoni qieset l-interessi tal-konsumaturi u ta’ min ifaddal u l-appoġġ mogħti lill-organizzazzjonijiet tagħhom. Fil-fatt huwa jqis li s-servizzi finanzjarji jeħtieġu attenzjoni partikolari minħabba n-natura teknika tagħhom tagħmilhom ffit li xejn aċċessibbli għall-persuni mhux intiżi u minħabba l-isfidi marbuta magħhom.

1.2. Il-Kumitat jappoġġja l-inizjattiva meħuda fil-kuntest tal-proġett pilota mniedi fi tmiem l-2011 mill-Kummissjoni, biex jappoġġja l-ħolqien ta’ ċentru ta’ konsulenza finanzjarja għall-benefiċċju tal-konsumaturi u l-utenti finali tas-servizzi finanzjarji sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fit-tfassil tal-politiki tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, u jwassal sabiex terġa’ tiġi stabbilita l-fiduċja fis-sistema finanzjarja tal-UE.

1.3. Il-KESE jinnota li ż-żewġ NGOs, Better Finance u Finance Watch jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta’ eliġibbiltà għall-għotjiet operattivi mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea permezz ta’ sejħiet miftuħa għall-proposti u li l-azzjonijiet tagħhom kienu s-suġġett ta’ valutazzjoni ġeneralment pożittiva fl-2015.

1.4. Madankollu, jidher li hu utli li jinsisti fuq għadd ta’ kundizzjonijiet li jridu jkunu sodisfatti.

Legalità

1.5. Il-KESE jinsisti fuq il-fatt li l-legalità ta’ dawn l-organizzazzjonijiet għandha tkun ibbażata fuq il-membri tagħhom u l-governanza tagħhom, iżda wkoll fuq l-azzjonijiet meħuda sabiex il-pubbliku jifhem in-natura teknika tal-leġislazzjoni finanzjarja u tal-għodod finanzjarji.

1.6. F’dan ir-rigward, il-KESE jqis li għandu jitwettaq sforz partikolari biex l-utenti finali jiġu tassew involuti fil-ħidma ta’ dawn l-assoċjazzjonijiet. Dan għandu jintwera fil-kompożizzjoni u l-governanza tal-Finance Watch u Better Watch u f’metodi ta’ ħidma ġodda adattati.

Indipendenza, trasparenza u responsabbiltà finanzjarji

1.7. Il-KESE jilqa' t-trasparenza finanzjarja murija minn Finance Watch ⁽¹⁾. Min-naħa l-oħra huwa jqis li din tal-aħħar u Better Finance għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jiksbu aktar indipendenza finanzjarja, inkluża mill-Kummissjoni Ewropea, peress li minn dan tiddependi l-kredibbiltà tal-azzjoni tagħhom u tal-legalità fir-rigward tal-pubbliku ġenerali.

1.8. Il-KESE jfakkar li r-responsabbiltà finanzjarja ta' dawn l-assoċjazzjonijiet tista' tiġi applikata fil-każ ta' irregolaritajiet: il-Kummissjoni Ewropea u l-Qorti tal-Awdituri fil-fatt għandhom is-setgħa ta' awditjar abbażi ta' dokumenti u kontrolli fuq il-post fuq l-operaturi ekonomiċi kkonċernati b'mod dirett jew indirett permezz tal-għotjiet mogħtija. Min-naħa tiegħu, l-OLAF jista' jwettaq kontrolli u verifiki fuq il-post sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza eventwali ta' frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività oħra illegali li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni ⁽²⁾.

1.9. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon in-natura pluriennali tal-pakkett finanzjarju maħsub għat-twettiq tal-programm tal-Unjoni, li għandu l-għan li jrawwem il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi u ta' utenti finali oħra tas-servizzi finanzjarji, peress li jippermetti li l-organizzazzjonijiet benefiċjarji jkollhom aktar stabbiltà finanzjarja. Dawn tal-aħħar jistgħu jorganizzaw il-ħidma tagħhom u jistabbilixxu l-programm tagħhom fuq perjodu itwal.

Viżibbiltà fost il-pubbliku ġenerali

1.10. Il-KESE jinnota li minkejja l-isforzi ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà, partikolarment permezz ta' artikli fl-istampa ekonomika u l-organizzazzjoni ta' konferenzi, Finance Watch u Better Finance għadhom fil-biċċa l-kbira mhux magħrufa mill-pubbliku ġenerali u mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-konsumaturi li suppost jirċievu direttament l-bullettini tagħhom.

1.11. Huwa jieħu nota tar-riżultati tal-valutazzjoni ex-post tal-proġett pilota li għandu l-għan li jappoġġja l-ħolqien ta' ċentru ta' konsulenza finanzjarja għall-benefiċċju tal-konsumaturi u l-utenti finali tas-servizzi finanzjarji mniedi fi tmiem l-2011 mill-Kummissjoni ⁽³⁾. Huwa jistieden dawn l-NGOs jiżviluppaw l-isforzi tagħhom biex jissaħħu r-rwol, l-interess u l-informazzjoni tal-utenti finali u tal-konsumaturi fit-tfassil tal-politiki tal-Unjoni fis-settur finanzjarju.

Bilanċ bejn il-professionisti u l-utenti

1.12. Il-KESE jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi żviluppata għarfien tekniku sabiex l-utenti ta' servizzi finanzjarji jkunu jistgħu jiddiskutu b'mod ugħwali mal-esperti tal-industrija finanzjarja. Dan l-għarfien espert huwa importanti għall-kredibbiltà tal-attivitajiet tal-assoċjazzjonijiet ikkonċernati fil-konfront tad-dinja tal-finanzi li għandhom aċċess għal aktar riżorsi.

1.13. Il-KESE jappella għal bilanċ ġust favur l-idea li jkun hemm finanzjament stabbli, sostenibbli u ċċentrat fuq il-perjodu fit-tul.

2. Preżentazzjoni tal-proposta għal Regolament ⁽⁴⁾

2.1. Il-proposta hija segwitu għall-inizjattivi li ħadet il-Kummissjoni Ewropea mill-2007 biex terġa' tinkiseb il-fiducia tal-konsumaturi wara l-kriżi finanzjarja.

⁽¹⁾ Riżorsi totali għall-2015 ta' Finance Watch: donaturi u fondazzjonijiet: 32,1 %, proġetti ta' rikerka: 7,4 %, għotjiet Ewropej: 56,4 %, organizzazzjoni ta' avvenimenti: 1,3 %, kontribuzzjonijiet tal-membri: 2,7 %. Sors: <http://www.finance-watch.org/a-propos/gouvernance-et-financement>

⁽²⁾ L-Artikolu 8 tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni biex jappoġġja attivitajiet speċifiċi li jsaħħu l-involvement tal-konsumaturi u utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji fit-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji għall-perjodu 2017-2020 u r-Regolament (UE Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

⁽³⁾ http://ec.europa.eu/finance/finservices-retail/docs/users/151222-staff-working-document_en.pdf.

⁽⁴⁾ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni li jappoġġja attivitajiet speċifiċi li jtejbu l-involvement tal-konsumaturi u utenti aħħarin tas-servizzi finanzjarji fit-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji għall-perjodu 2017-2020 – COM(2016) 388 final – 2016/0182 (COD).

2.2. L-għan tal-Kummissjoni huwa li jiġi żgurat li l-fehma tal-konsumaturi titqies iktar, u dan wassal għall-ħolqien tal-grupp tal-utenti tas-servizzi finanzjarji (GUSF) fl-2010, għall-parteċipazzjoni sistematika tal-konsumaturi u tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili fil-gruppi ta' esperti li mbagħad inħolqu fl-2011 u għat-tnedija ta' proġett pilota ta' għotjiet bil-għan li jiġi appoġġjat il-ħolqien ta' ċentru ta' konsulenza finanzjarja.

2.3. Wara s-sejħa għall-proposti mill-Kummissjoni, intgħażlu żewġ organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ: Finance Watch li twaqqfet fl-2011 bħala assoċjazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' qligħ taħt il-liġi Belġjana, li l-missjoni tagħha hija li tirrappreżenta l-interessi tas-soċjetà ċivili fis-settur finanzjarju, u Better Finance, li rriżultat mir-riorganizzazzjoni ta' assoċjazzjonijiet Ewropej ta' investituri u ta' azzjonisti eżistenti mill-2009 u destinata biex tiffirma ċentru ta' konsulenza finanzjarja, ikkostitwita partikolarment minn investituri privati, minn dawk li jfaddlu u minn utenti finali oħra.

2.4. Dawn l-organizzazzjonijiet ibbenefikaw minn għotjiet operattivi tal-Kummissjoni Ewropea bejn l-2012 u l-2015. Finance Watch rċeviet EUR 3,04 miljun bejn l-2012 u l-2014 u Better Finance EUR 0,90 miljun fi tliet snin. Dawn l-għotjiet jirrappreżentaw 60 % tal-ispejjeż eliġibbli tagħhom.

2.5. L-evalwazzjoni tal-2015 ikkonkludiet li l-oġġettivi strateġiċi stabbiliti mill-Kummissjoni kienu ntlaħqu, filwaqt li ġie enfasizzat li għandu jsir titjib fir-rigward tal-aspetti relatati mal-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi u l-kunsiderazzjoni tal-fehmiet tagħhom.

2.6. Il-Kummissjoni tindika wkoll li, minkejja l-isforzi tagħhom, dawn l-impriżi ma rnexxilhomx jiksbu finanzjament stabbli u suffiċjenti minn donaturi indipendenti fis-settur finanzjarju, u dan iwassal sabiex ikun indispensabbli l-finanzjament tal-Unjoni sabiex ikompli bl-attivitajiet tagħhom.

2.7. Il-proposta għal Regolament tistabbilixxi, għall-perjodu 2017-2020, programm ta' riċerka, ta' sensibilizzazzjoni, inkluż għal pubbliku li mhux magħmul mill-esperti, u ta' attivitajiet li għandhom l-għan li jsaħħu l-kuntatti bejn il-membri tal-organizzazzjonijiet benefiċjarji kif ukoll l-attivitajiet ta' appoġġ li jippromovu l-pożizzjonijiet tagħhom fi ħdan l-UE.

2.8. L-għanijiet huma li jkomplu jsaħħu l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi u tal-utenti finali tas-servizzi finanzjarji fit-tfassil tal-politiki tal-Unjoni f'dan il-qasam u jikkontribwixxu biex jinformatom dwar il-kwistjonijiet tar-regolamentazzjoni tas-settur finanzjarju.

2.9. Il-finanzjament tal-Finance Watch u ta' Better Finance huwa ffixat għal massimu ta' EUR 6 000 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2020.

2.10. Kull sena, il-benefiċjarji għandhom jipprovdu deskrizzjoni tal-attivitajiet li saru u ta' dawk futuri.

3. Kummenti ġenerali u speċifiċi

3.1. Bil-kriżi finanzjarja, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew huma konxji mill-iżbilanċ bejn ir-rappreżentanza tal-professionisti tas-settur finanzjarju fid-diversi awtoritajiet u r-rappreżentanza tal-utenti ta' dawn is-servizzi.

3.2. Abbażi tal-Artikolu 169(2)(b) tat-TFUE, li jipprevedi li l-Kummissjoni Ewropea għandha tippromovi l-interessi tal-konsumaturi u tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi, il-Kummissjoni Ewropea stess tippromovi li tikkofinanzja l-attività ta' assoċjazzjonijiet speċjalizzati fil-qasam tas-servizzi finanzjarji.

3.3. Il-KESE ma jistax ħlief jingħaqad ma' dan l-għan li stabbilixxa permezz ta' numru mill-Opinjoni tiegħu, fejn enfasizza l-ħtieġa li jpoġġi lill-konsumaturi fil-qalba tal-politiki kollha, u dan jimplika li jagħti s-setgħa lir-rappreżentanti tiegħu ⁽⁵⁾.

3.4. Il-KESE jappoġġja, b'mod partikolari minħabba l-kumplessità tal-kwistjonijiet dwar it-tfaddil u l-investment, l-istabbiliment ta' ċentru ta' konsulenza finanzjarja indipendenti mill-mezzi finanzjarji, disponibbli għall-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-konsumaturi, ta' dawk li jfaddlu u tal-utenti finali li m'għandhomx għarfien espert fil-qasam finanzjarju, waqt li jitqiesu n-natura teknika f'it aċċessibbli tagħhom mill-persuni mhux intiżi u l-isfidi ikkonċernati.

⁽⁵⁾ ĠU C 181, 21.6.2012, p. 89.

- 3.5. F'dan ir-rigward, iqis li jeħtieġ li wieħed ikun ferm viġilanti dwar in-nuqqas ta' rabtiet finanzjarji jew ta' tip ieħor li jistgħu jinfluwenzaw b'mod negattiv l-azzjoni ta' dawn l-assoċjazzjonijiet.
- 3.6. Il-KESE jinsisti fuq il-fatt li l-legalità ta' dawn l-organizzazzjonijiet għandha tkun ibbażata fuq il-membri tagħhom u fuq il-governanza tagħhom, iżda wkoll fuq l-azzjonijiet meħuda sabiex il-pubbliku jifhem in-natura teknika tal-leġislazzjoni finanzjarja u tal-għodod finanzjarji.
- 3.7. Il-KESE jenfasizza li minkejja l-isforzi ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà, partikolarment permezz ta' artikli fl-istampa ekonomika u l-organizzazzjoni ta' konferenzi, Finance Watch u Better Finance għadhom fil-biċċa l-kbira mhux magħrufa mill-pubbliku ġenerali u mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-konsumaturi li jistgħu jirċievu direttament l-bullettini tagħhom.
- 3.8. Il-Kumitat jemmen li l-esperti ma għandhomx l-għan li jissostitwixxu lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, iżda li huma għandhom jingħataw il-possibbiltà li jidentifikaw l-isfidi, jevalwaw il-miżuri li għandhom jittieħdu u jressqu proposti.
- 3.9. Il-KESE jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-ħtieġa li tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi u ta' utenti finali oħra fit-tfassil tal-politiki tal-Unjoni, waqt li terġa' tiġi stabbilita l-fiduċja tagħhom fis-sistema finanzjarja Ewropea.
- 3.10. Il-Kumitat jieħu nota tal-programm tal-Unjoni previst mill-proposta għal Regolament u tal-għanijiet tiegħu u jixtieq jenfasizza d-diffikultà estrema li jsibu l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet biex jilhqqu lill-pubbliku.
- 3.11. Il-KESE jinnota li l-ħolqien ta' Finance Watch u ta' Better Finance tikkoinċidi mal-implimentazzjoni tal-proġett pilota ⁽⁶⁾ u jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-indipendenza ta' kull wieħed mill-membri tagħhom fir-rigward tal-ambjent industrijali, kummerċjali jew ekonomiku.
- 3.12. Il-Kumitat iqis li t-tul taż-żmien u l-forma tal-finanzjament magħżula huma adegwati: huwa jilqa' b'sodisfazzjon in-natura pluriennali tal-pakkett finanzjarju maħsub għat-twettiq tal-programm tal-Unjoni biex titrawwem il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi u ta' utenti finali oħra ta' servizzi finanzjarji, peress li dan jippermetti li l-organizzazzjonijiet benefiċjarji jkollhom aktar stabbiltà finanzjarja. Dawn tal-aħħar jistgħu b'hekk jorganizzaw il-funzjonament tagħhom u jistabbilixxu l-programm tagħhom fuq perjodu itwal, anke jekk l-ammont tal-għotja proposta huwa modest fir-rigward tal-ambizzjonijiet.
- 3.13. Il-KESE jqis ukoll li huwa xieraq li dawn il-korpi jsibu sorsi ta' finanzjament addizzjonali biex jiġu żgurati l-iżvilupp tagħhom, il-bilanċ tal-kontijiet u l-indipendenza tagħhom, b'mod partikolari fil-konfront tal-Kummissjoni.
- 3.14. Il-KESE jisħaqq li r-Regolament għandu jiġi adottat malajr kemm jista' jkun sabiex ma tinkisirx id-dinamika li nbdiet bil-proġett pilota.
- 3.15. Il-KESE jappoġġja l-proċedura ta' evalwazzjoni indispensabbli sabiex jiġi evalwat jekk l-għanijiet intlaħqux u jekk ġewx irrISPETTATI r-regoli ta' trasparenza u ta' responsabbiltà finanzjarji msemmija fl-Anness Artikolu 8 tal-proposta għal Regolament ⁽⁷⁾.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

⁽⁶⁾ Proġett pilota ta' għotjiet li għandu l-għan li jappoġġja l-istabbiliment ta' ċentru ta' konsulenza finanzjarja għall-benefiċċju tal-utenti finali u ta' partijiet oħra interessati esterni għas-settur finanzjarju u li jsaħħaħ il-kapaċità ta' dawn tal-aħħar sabiex jipparteċipaw fit-tfassil tal-politiki tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, li tnieda fl-2011 – Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni biex jappoġġja attivitajiet speċifiċi li jsaħħu l-involvement tal-konsumaturi u utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji fit-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji għall-perjodu 2017-2020 COM(2016) 388 final – 2016/0182 (COD), paġna 2.

⁽⁷⁾ Iċċitata qabel.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u li temenda d-Direttiva 2009/101/KE”

[COM(2016) 450 final – 2016/0208 (COD)]

(2017/C 034/19)

Relatur: **is-Sur Javier DOZ ORRIT**

Konsultazzjoni	Kunsill, 19/08/2016 Parlament Ewropew, 12/09/2016
Bażi legali	Artikoli 50 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [COM(2016) 450 final – 2016/0208 (COD)]
Sezzjoni kompetenti	Unjoni Ekonomika u Monetarja u Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	05/10/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	182/0/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jqis li l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-finanzjament tiegħu, kif ukoll kontra l-ħasil tal-flus u forom oħra ta' kriminalità ekonomika relatati għandha tkun prijorità permanenti tal-politika tal-UE.

1.2. B'mod ġenerali, il-KESE jaqbel mal-miżuri inklużi fl-emenda proposta għad-Direttiva dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu ⁽¹⁾ u jaqbel li għandha tiġi trasposta b'mod urġenti.

1.3. Minħabba n-natura globali ta' dawn il-fenomni, il-Kumitat jirrakkomanda li fil-futur l-UE u l-Istati Membri jaqdu rwol iktar prominenti u jassumu rwol mexxej f'korpi u fora internazzjonali u korpi li huma attivi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra kriminalità serja relatata. Jinħtieġu azzjoni u miżuri koordinati fil-livell internazzjonali u globali biex tittieħed azzjoni deċiżiva u jinkisbu aktar riżultati, u l-Ewropa tista' taqdi rwol mexxej f'dan ir-rigward.

1.4. Il-Kumitat huwa konxju tal-isforz meħtieġ min-naħa tal-intrapriżi u l-entitajiet marbutin b'obbligu – kif ukoll mill-awtoritajiet ta' kontroll – li jadattaw għad-direttiva. Madankollu, dan huwa sforz meħtieġ li kulħadd għandu jagħmel biex jintlaħqu l-għanijiet kondiviżi bis-sħiħ, inkluża d-difiża tas-sistema finanzjarja u ta' entitajiet oħrajn marbutin b'obbligu kontra l-użu tagħhom biex jitwettqu reati kriminali. Il-Kumitat jissuġġerixxi li ssir evalwazzjoni tal-impatt tal-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri.

⁽¹⁾ Minn hawn 'il quddiem imsejħa 5AMLD, skont l-akronimu bl-Ingliż, COM(2016) 450 final.

1.5. Il-KESE jesprimi t-tħassib tiegħu li numru ta' fatturi jistgħu jillimitaw b'mod serju l-effettività Prattika tar-raba' u l-ħames Direttivi dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (AMLD – anti-money laundering directives). L-ewwel nett, il-lista ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir, ippubblikata fl-14 ta' Lulju 2016, ma tinkludix bosta pajjiżi jew ġurisdizzjonijiet li hemm bażi raġonevoli biex wieħed jaħseb li qed jaġixxu bħala rifuġi fiskali għall-ħasil tal-flus, u ma tinkludi l-ebda wieħed mill-21 pajjiż imsemmija fil-Panama Papers. Peress li l-miżuri ta' diliġenza dovuta msaħħa msemmija fil-5AMLD japplikaw biss għal pajjiżi terzi dikjarati bħala li huma ta' riskju kbir, il-KESE jipproponi li jew titfassal lista ġdida ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir jew li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri skont l-Artikolu 18a tal-5AMLD. Il-KESE jqis li hija prijorità li jinħolqu reġistri nazzjonali pubbliċi tad-detenturi benefiċjarji veri ta' kontijiet bankarji, kumpaniji, trusts u tranżazzjonijiet, u l-aċċess għalihom min-naħa tal-entitajiet marbutin b'obbligu.

1.6. Il-KESE jappella lill-istituzzjonijiet Ewropej biex isaħħu l-politiki tagħhom imfassla biex jingħalqu r-rifuġi fiskali. B'mod partikolari, iqis li hemm bżonn li l-obbligi kollha stabbiliti fil-5AMLD, u b'mod partikolari dawk relatati mal-identifikazzjoni tad-detenturi benefiċjarji ta' kontijiet bankarji, intrapriżi, trusts, u tranżazzjonijiet, jiġu estiżi għat-territorji jew il-ġurisdizzjonijiet kollha li s-sovranità tagħhom tiddependi mill-Istati Membri.

1.7. Hemm bżonn li l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus tkun marbuta mill-qrib mal-isforzi meħtieġa biex jiġu miġġielda l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa, il-korruzzjoni u reati relatati oħra – traffikar ta' armi, ta' drogi, ta' bnedmin, eċċ. – kif ukoll biex jiġu miġġielda l-organizzazzjonijiet li jmexxu l-ekonomija kriminali. Hemm bżonn li jiġu żviluppati inizjattivi ġodda kontra dan kollu u l-konnessjonijiet tagħhom mal-ħasil tal-flus. Ser ikun meħtieġ ukoll li jittieħdu miżuri kontra l-kompetizzjoni inġusta fil-qasam tat-taxxa.

1.8. Il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ħasil tal-flus teħtieġ kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn id-diversi servizzi ta' intelligence u ta' sigurtà tal-Istati Membri u bejn dawn is-servizzi mal-Europol.

1.9. Il-KESE huwa tal-fehma li l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u ta' sħubija ekonomika għandhom jinkludu kapitolu dwar miżuri kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi dan bħala proposta tal-UE fin-negozjati li għaddejjin, b'mod partikolari dawk relatati mat-TTIPs, u fit-Trattati diġà fis-seħħ meta dawn jiġu riveduti.

1.10. Il-ħidma tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) tal-Istati Membri u l-koordinazzjoni Ewropea permanenti tagħhom hija essenzjali. Il-KESE jemmen li jkun utli li jinholq strument għas-sorveljanza, il-koordinazzjoni u l-antiċipazzjoni tal-bidliet teknoloġiċi.

1.11. Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus hija importanti ħafna, u sabiex tiġi garantita l-applikazzjoni effikaċi u uniformi tar-regoli fil-qasam fl-Istati Membri kollha, huwa essenzjali li t-testi u l-kunċetti inklużi fil-miżuri proposti jkunu kemm jista' jkun ċari. Fl-istess ħin dan jippromovi ċ-ċertezza legali meħtieġa għal dawk kollha li jridu japplikaw dawn it-testi.

1.12. Ikun utli li jkun hemm armonizzazzjoni fil-livell Ewropew tat-trattament legali – definizzjonijiet u pieni – tar-reati kollha relatati mal-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa, il-korruzzjoni u l-finanzjament tat-terroriżmu u l-konnessjonijiet tiegħu. Għandhom jiġu armonizzati wkoll is-sanzjonijiet marbuta man-nuqqas ta' konformità mad-Direttivi AML.

1.13. Il-KESE jipproponi li jiġu stabbiliti miżuri ta' kontroll għas-sussidjarji tal-entitajiet marbutin b'obbligu f'pajjiżi terzi b'riskju kbir, sabiex ma jiġux immonitorjati biss il-klijenti tagħhom.

1.14. Il-KESE jipproponi li l-Kummissjoni tikkunsidra miżuri addizzjonali biex jiġu protetti d-drittijiet taċ-ċittadini kontra l-użu ħażin jew abbużiv tal-informazzjoni rreġistrata mill-awtoritajiet kompetenti jew l-entitajiet marbutin b'obbligu.

1.15. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon l-ipproċessar rapidu tal-proposti tiegħu u jittama li jidħlu fis-seħħ mill-iżjed fis, mingħajr ħsara għall-kwalità tar-riżultati. Għandu jiġi previst kalendarju realistiku għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tat-testi fl-Istati Membri, u għandhom jiġu stabbiliti wkoll linji gwida ċari.

2. Sfond u l-proposta tal-Kummissjoni

2.1. L-attakki terroristiċi brutali fi Franza, il-Belġju u pajjiżi Ewropej oħra u l-iżvelar dwar il-ħasil tal-flus minn attivitajiet kriminali frifugġi fiskali, li l-iktar wieħed reċenti kien dak tal-ICIJ ⁽²⁾ dwar il-Panama papers, wasslu biex il-Kummissjoni Ewropea tipproponi miżuri għodda kontra l-użu tas-sistema finanzjarja għall-ħasil tal-flus u għall-finanzjament tat-terroriżmu. Fil-5 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni approvat, flimkien mal-proposta tal-5AMLD, Direttiva oħra sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-awtoritajiet tat-taxxa għall-informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus ⁽³⁾ u Komunikazzjoni dwar miżuri ulterjuri biex jittejjbu t-trasparenza u l-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa ⁽⁴⁾.

2.2. Studju reċenti tal-Parlament Ewropew ⁽⁵⁾ jgħid li *l-Panama Papers enfasizzaw ir-rwol tar-rifugġi fiskali bħala li jiffaċilitaw l-evitar tat-taxxa, u n-natura aggressiva ta' xi skemi tal-evitar tat-taxxa fejn ma tidhirx id-distinzjoni bejn evitar u evażjoni. F'dan is-sens, l-opaċità li rriżultat mis-segretezza, in-nuqqas ta' traċċabbiltà u n-nuqqas ta' skambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa kellha rwol sinifikanti fil-każijiet ta' ksur tas-sanzjonijiet ekonomiċi u informazzjoni utli u neċessarja moħbija b'rabta mal-kriminalità organizzata, inkluż il-ħasil tal-flus relatat mal-attività terroristika, il-korruzzjoni u t-traffikar tad-drogi.*

2.3. L-ICIJ ippubblika l-Panama Papers. Il-bażi tad-data tiegħu – *Offshore Leaks Database* ⁽⁶⁾ – tinkludi referenza għal 45 131 kumpanija tal-UE ⁽⁷⁾. Mill-21 territorju li l-uffiċċju Mossack Fonseca uża għal skopijiet ta' evażjoni u evitar tat-taxxa u ħasil tal-flus, tlieta huma Stati tal-UE u tlieta oħra huma ġurisdizzjonijiet dipendenti ta' wieħed minnhom ⁽⁸⁾.

2.4. Il-5AMLD tiżviluppa parti mill-proposti tal-“Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu” ⁽⁹⁾, li tinvoli emenda għar-4 Direttiva (4AMLD) ⁽¹⁰⁾ u tad-Direttiva dwar is-salvagwardji meħtieġa minn kumpaniji sabiex jiġu protetti l-interessi ta' membri u oħrajn ⁽¹¹⁾. Il-Pjan jipproponi li jmexxi 'l quddiem id-data tat-traspożizzjoni tal-4AMLD mis-26 ta' Ġunju 2017 għall-1 ta' Jannar 2017, li ser tkun ukoll id-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni taż-żewġ Proposti għal Direttiva tal-5 ta' Lulju 2016.

2.5. Il-qafas politiku u leġislattiv kumpless tal-5AMLD jinkludi, fl-2015 biss, żewġ inizjattivi oħra: L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà ⁽¹²⁾ u l-Proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu ⁽¹³⁾, li tistabbilixxi klassifikazzjoni għida tar-reati relatati mal-finanzjament tat-terroriżmu.

2.6. Fl-14 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat dwar l-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir u lista annessa ⁽¹⁴⁾ li fiha l-approvazzjoni mit-Task Force għall-Azzjoni Finanzjarja fil-laqgħa tiegħu f'Busan (il-Korea) tal-24 ta' Ġunju 2016.

2.7. Il-proposta tal-5AMLD timponi xi impenji għodda ta' diliġenza dovuta li l-entitajiet marbutin b'obbligu – l-istituzzjonijiet finanzjarji, professjonisti relatati, il-fornituri ta' servizzi ta' trusts u ta' loġhob tal-ażżard, l-aġenti tal-proprjeta immobbli, eċċ. – għandhom japplikaw għall-klijenti tagħhom, għodda u dawk eżistenti. B'mod partikolari, fl-Artikolu 18a tipprevedi miżuri msaħħa ta' diliġenza dovuta fir-rigward tal-klijenti li jagħmlu tranżazzjonijiet f'pajjiżi terzi b'riskju kbir. L-Istati Membri jistgħu jimplementaw ukoll kontromiżuri għall-ġurisdizzjonijiet b'riskju kbir, inkluża l-projbizzjoni li filhom jiġu stabbiliti fergħat jew uffiċċji rappreżentattivi jew li jsiru tranżazzjonijiet finanzjarji.

2.8. Element għdid huwa li l-pjattaformi ta' skambju ta' muniti virtwali kif ukoll il-fornituri tal-kartieri ta' kustodja ser jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u ser jitqiesu entitajiet marbutin b'obbligu għall-finijiet tal-miżuri ta' diliġenza dovuta. Ser titneħħa l-anonimità għall-użu onlajn ta' kards imħallsin minn qabel u jitnaqqsu l-limiti għall-identifikazzjoni obbligatorja minn EUR 250 għal EUR 150 meta jintużaw wiċċ imb'wiċċ.

⁽²⁾ International Consortium of Investigative Journalists (Konsorzju Internazzjoni ta' Ġurnalisti Investigattivi).

⁽³⁾ COM(2016) 452 final

⁽⁴⁾ COM(2016) 451 final

⁽⁷⁾ EPRS-EP: “The inclusion of financial services in EU free trade and association agreements: Effects on money laundering, tax evasion and avoidance. Ex-Post Impact Assessment” p. 18.

⁽⁶⁾ Offshore Leaks Database.

⁽⁷⁾ EPRS, *op.cit.*; p. 19 u 20.

⁽⁸⁾ EPRS, *op.cit.*; p. 21.

⁽⁹⁾ COM(2016) 50 final

⁽¹⁰⁾ ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73

⁽¹¹⁾ ĠU L 258, 1.10.2009, p. 11.

⁽¹²⁾ COM(2015) 185 final

⁽¹³⁾ COM(2015) 625 final

⁽¹⁴⁾ COM(2016) 4180 final

2.9. Il-5AMLD tipproponi wkoll li jissaħħu l-kompetenzi tal-UIF u tiġi promossa l-kooperazzjoni bejniethom; li tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni tad-detenturi tal-kontijiet bankarji u ta' ħlas, billi jiġu stabbiliti reġistri ċentrali nazzjonali awtomatiċi ta' dawn il-kontijiet, u tiġi obbligata l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tad-detenturi veri tal-intrapriżi (bit-tnaqqis tal-limitu massimu minn 25 % għal 10 % tas-sjeda), tat-trusts u tal-fondazzjonijiet u istituzzjonijiet simili, kif ukoll li jiġi permess l-aċċess pubbliku għal din l-informazzjoni taħt ċerti kundizzjonijiet.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Id-diversi forom ta' kriminalità li jużaw il-ħasil tal-flus u r-rifuġji fiskali għad-detriment tad-drittijiet fundamentali ta' kulħadd huma serji ħafna. Il-ħasil tal-flus għadu qed jikber, minkejja l-isforzi li saru mill-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali.

3.2. Il-liberalizzazzjoni tal-flussi finanzjarji fid-dinja u l-veloċità li biha jiġu applikati teknoloġiji diġitali ġodda fit-tranżazzjonijiet tagħhom jagħmlu diffiċli l-ġlieda kontra l-użu tas-sistema finanzjarja għal finijiet kriminali. L-investigazzjonijiet fl-iktar attacchi terroristiċi reċenti tal-ġiħadisti fl-Ewropa pprovdew informazzjoni dwar il-forom tal-finanzjament tagħhom li mhijiex koperta mill-4AMLD. Dan jiġġustifika l-proposta li tiġi emendata meta tkun għadha ma daħlitx fis-seħħ u li titmexxa 'l quddiem id-data sa meta għandha tiġi trasposta.

3.3. B'mod ġenerali, il-KESE jaqbel mal-miżuri proposti fil-5AMLD u jemmnen li jistgħu jkunu utli biex jgħinu jtemmu t-terroriżmu u l-ħasil tal-flus.

3.4. Eċċezzjoni waħda tista' tiġi mill-impatt fuq id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-protezzjoni tad-data personali, mill-użu inkorrett min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti ta' ammont kbir ta' informazzjoni sensitiva. Il-proposta għal 5AMLD tistabbilixxi xi salvagwardji f'dan ir-rigward. L-għarfien ta' kif aġixxew ċerti gvernijiet, kif rivelat mill-Wikileaks (2010 u 2012) u s-Snowden Papers (2013), iħeġġiġna nipproponu li l-Kummissjoni tikkunsidra l-possibilità li tintroduċi miżuri addizzjonali sabiex tippoteġi d-drittijiet taċ-ċittadini kontra l-użu abbużiv ta' informazzjoni reġistrata. B'mod partikolari għandha tanalizza kemm huwa vijabbli li tiġi stabbilita xi forma ta' klassifikazzjoni komuni ta' reati għall-użu illegali tal-informazzjoni u d-data personali. Il-KESE jista' jikkontribwixxi għal dan l-istudju.

3.5. Mingħajr preġudizzju għall-proposti eżistenti u inizjattivi u miżuri oħra li jipproponi l-Kumitat f'din l-Opinjoni, huwa essenzjali li l-UE u l-Istati Membri fil-futur jassumu rwol saħansitra aktar importanti u jkollhom rwol ewlieni fil-korpi u l-fora internazzjonali attivi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-kriminalità serja marbuta ma' dan, peress li dawn huma fenomeni globali li, bħala regola, huma ta' natura transkonfinali. Jinħtieġu azzjoni u miżuri koordinati fil-livell internazzjonali u globali biex tittieħed azzjoni deċiżiva u jinkisbu aktar riżultati, u l-Ewropa tista' taqdi rwol mexxej f'dan ir-rigward.

3.6. Ħafna ċittadini Ewropej għadhom ibatu l-konsegwenzi tal-kriżi, tal-politiki ta' aġġustament u ż-żieda tal-faqar u l-inugwaljanza, filwaqt li jsiru jafu kif intrapriżi multinazzjonali kbar jevitaw u jevadu t-taxxa u persuni rilevanti mix-xena ekonomika, politika, kulturali jew sportiva jevadu t-taxxa u jaħslu l-flus frifugġi fiskali. Uħud mill-proċeduri u l-ġurisdizzjonijiet huma wkoll użati biex jiġu ffinanzjati organizzazzjonijiet terroristiċi li kapaċi jwettqu l-iktar reati atroċi fl-Ewropa u f'partijiet oħra tad-dinja. Din is-sitwazzjoni hija inaċċettabbli. Għandha ssir pressjoni fuq l-awtoritajiet Ewropej u dawk nazzjonali sabiex jaġixxu b'mod effettiv ħalli jwaqqfu dan.

3.7. Minkejja dak li huwa espress fil-punt 3.2, il-ksib tal-għanijiet tad-Direttivi AML jista' jixxekkel b'mod serju mid-dgħufijiet fl-azzjoni politika sabiex jiġu aboliti r-rifuġji fiskali, li huma indispensabbli għall-ħasil tal-flus. Dan jista' jkun ikkawżat ukoll mill-fatt li ma hemmx rabta biżżejjed bejn l-inizjattivi kontra l-ħasil tal-flus u dawk relatati mal-ġlieda kontra r-reati li jmantnuh (l-evazzjoni tat-taxxa, is-sħubija f'organizzazzjonijiet terroristiċi jew kriminali, it-traffikar tal-armi, drogi u bnedmin, eċċ.) f'kuntest ikkaratterizzat mill-eżistenza ta' Prattiki ta' kompetizzjoni inġusta fil-qasam tat-taxxa fl-UE.

3.8. Il-lista ta' pajjiżi b'riskju kbir li l-Kummissjoni ppubblikat fl-14 ta' Lulju 2016 ⁽¹⁵⁾ ma tinkludi lil ħadd mil-lista tal-Panama Papers. Dan il-fatt huwa paradossali, peress li l-argumenti mressqa mill-Kummissjoni sabiex tipproponi l-5 AMLD huma r-rivelazzjonijiet li jinsabu f'dawn id-dokumenti. Fil-lista jidher biss pajjiż wieħed b'riskju kbir li ma jikkollaborax: il-Korea ta' Fuq. Fil-Grupp II, li jinkludi l-pajjiżi li huma impenjati li jindirizzaw d-dgħufijiet u li talbu assistenza teknika biex jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni tat-Task Force għall-Azzjoni Finanzjarja, hemm l-Iran. Disa' pajjiżi huma inklużi fil-Grupp I, pajjiżi li diġà żviluppaw pjan ta' azzjoni li jagħmilhielhom possibbli li jitneħħew mil-lista hekk kif huma jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti tiegħu (erba' minn dawn id-disa' pajjiżi jinsabu fi gwerra: l-Afganistan, l-Iraq, is-Sirja u l-Jemen). Parti mill-flus li jiffinanzja t-terroriżmu tgħaddi minn dawn id-pajjiżi. Madankollu, l-analiżijiet u l-istħarriġiet kollha dwar dan is-suġġett juru li l-ħasil tal-flus iġġenerat minn forom oħra ta' kriminalità ma jsirx fihom.

3.9. Huwa ta' dispjaċir li korp bħalma huwa t-Task Force għall-Azzjoni Finanzjarja, li jwettaq ħidma tant importanti biex tiġi analizzata l-kriminalità finanzjarja internazzjonali u biex jipproponi l-mezzi biex tiġi miġġielda, ma sabx il-mezz adegwat biex ifassal il-lista tiegħu ta' pajjiżi b'riskju. Huwa loġiku li l-Kummissjoni tuża r-Rakkomandazzjonijiet ⁽¹⁶⁾ u proposti oħra tat-Task Force għall-Azzjoni Finanzjarja sabiex tiġġield il-ħasil tal-flus. Iżda f'dan il-każ, il-fatt li jiġu aċċettati l-proposti tagħha jista' parzjalment iġib fix-xejn l-effettività tal-5 AMLD, peress li l-miżuri msaħħa tal-Artikolu 18a ser japplikaw biss għall-pajjiżi terzi b'riskju kbir.

3.10. Il-KESE jqis li biex il-5 AMLD tkun effettiva, ser tkun teħtieġ jew li tiġi riveduta l-lista ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir sabiex jiġu inklużi l-pajjiżi jew it-territorji fejn jitwettqu l-attivitajiet prinċipali tal-ħasil tal-flus, jew li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 18a għall-entitajiet marbutin b'obbligu u l-ġurisdizzjonijiet kollha li, permezz tal-informazzjoni miżmuma mill-FIU, dwarhom ikun hemm suspett ta' ħasil tal-flus. Il-KESE jipproponi wkoll li titfassal lista unika ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx fl-investigazzjoni tar-reati ekonomiċi.

3.11. Il-fatt li proporzjon sinifikanti tat-tranżazzjonijiet tal-ħasil tal-flus jitwettaq f'ġurisdizzjonijiet dipendenti tal-Istati Membri għandu jwassal biex l-istituzzjonijiet kollha tal-UE jstabbilixxu impenn politiku sod sabiex jintemmu r-rifuġji fiskali fit-territorju tagħhom. B'mod partikolari, ir-rekwiżiti għall-entitajiet marbutin b'obbligu fl-UE taħt il-proposta tal-5 AMLD li jidentifikaw lid-detenturi benefiċjarji tal-kontijiet bankarji, tas-sjieda tal-impriżi u tal-partijiet kollha tat-trusts u tat-tranżazzjonijiet, għandhom jiġu estiżi għat-territorji kollha li s-sovranità tagħhom tiddependi mill-Istati Membri, inklużi dawk li jgawdu minn liġijiet tat-taxxa speċjali. F'dan il-kuntest, u sabiex jaqdu l-obbligi tagħhom, l-entitajiet marbutin b'obbligu għandu jkollhom il-possibbiltà li jużaw ukoll id-data tar-reġistri nazzjonali (uffiċjali). Bl-istess mod, il-miżuri msaħħa tal-Artikolu 18a għandhom japplikaw għall-ġurisdizzjonijiet dipendenti tal-Istati Membri tal-UE li jwettqu tranżazzjonijiet ta' ħasil tal-flus.

3.12. L-evażjoni u l-evitar tat-taxxa huma relatati ferm mal-ħasil tal-flus. Parti mill-flus maħsula tiġi mill-evażjoni u l-evitar tat-taxxa. Hemm bżonn li jiġu kkoordinati l-miżuri għall-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni taż-żewġ tipi ta' reati, kemm mil-lat leġislativ kif ukoll mil-lat tal-azzjoni politika u l-ħidma tas-servizzi tal-intelligence u tal-pulizija u s-sistemi ġudizzjarji. Il-KESE laqa' b'sodisfazzjoni l-inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni għall-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa fl-UE, iżda għandhom mhumiex biżżejjed, u għalhekk ser ikun hemm bżonn oħrajn addizzjonali, li għandhom jiġu kkoordinati mal-miżuri dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

3.13. Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu teħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn id-diversi servizzi ta' intelligence u ta' sigurtà tal-Istati Membri u bejn dawn is-servizzi mal-Europol. Għandu jiġi rikonoxxt li l-livelli attwali ta' kooperazzjoni mhumiex biżżejjed. Minkejja l-istqarrijiet pubbliċi minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali u Ewropew u l-appoġġ miċ-ċittadini sabiex tissaħħaħ din il-kooperazzjoni, wara kull attakk terroristiku jinkixfu nuqqasijiet importanti fil-koordinazzjoni. Xi drabi jiġu skoperti nuqqasijiet fil-koordinazzjoni bejn id-dipartimenti differenti tal-istess Stat. Għandu jsir kull sforz biex tintemm din is-sitwazzjoni.

⁽¹⁵⁾ Regolament Delegat C(2016) 4180: u Anness bil-lista tal-pajjiżi: <http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/3/2016/MT/3-2016-4180-MT-F1-1-ANNEX-1.PDF>.

⁽¹⁶⁾ International standards on combating money laundering and the financing of terrorism & proliferation (Standards internazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u l-proliferażjoni).

3.14. F'dawn l-aħħar snin, l-UE nnegozjat jew iffirmat ftehimiet importanti ta' kummerċ ħieles u ta' sħubija ekonomika. Bħalissa qed jiġi nnegozjat trattat importanti, dak tat-TTIP. Dawn it-Trattati għandhom jipprovdu opportunità eċċellenti biex jiġu stabbiliti miżuri bilaterali jew bireġjonali, biex jiġu miġġielda l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni biex tistudja kif għandu jiġi introdott kapitolu ta' dan it-tip fit-Trattati li qed jiġu nnegozjati bħalissa u meta jiġu riveduti dawk li huma diġà fis-seħħ. F'dan il-punt, il-KESE jaqbel bis-sih mal-konklużjonijiet tal-istudju tal-PE msemmi hawn fuq ⁽¹⁷⁾.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. L-UIF tal-Istati Membri għandhom jaqdu rwol importanti fil-qasam tal-informazzjoni, il-monitoraġġ u l-prevenzjoni, inkluża l-antiċipazzjoni tal-bidliet li jsiru b'rata mgħaġġla fit-teknoloġiji li jistgħu jintużaw fil-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Huma assolutament meħtieġa reazzjonijiet nazzjonali rapidi u l-ġbir flimkien tal-investigazzjonijiet differenti Ewropej. Il-koordinazzjoni kontinwa u flessibbli tal-UIF hija essenzjali. Il-KESE jemmen li jkun utli li jinħoloq strument għas-sorveljanza, il-koordinazzjoni u l-antiċipazzjoni teknoloġika.

4.2. L-entitajiet marbutin b'obbligu, kif iddefiniti fir-4 AMDL u l-5 AMDL, għandhom iwettqu kompiti ta' monitoraġġ u kontroll ta' persuni u ta' movimenti suspettużi. Madankollu dawn id-Direttivi ma jkoprox ir-rekwiżiti jew l-obbligi dwar l-attivitajiet tal-entitajiet marbutin b'obbligu f'pajjiżi terzi b'riskju kbir. Din is-sitwazzjoni, fejn il-klijenti jiġu kkontrollati aktar mill-entitajiet stess, għandha tintemm.

4.3. Fost ir-rakkomandazzjonijiet tal-Opinjoni tal-KESE CCMI/132 "Niġġieldu l-korruzzjoni" ⁽¹⁸⁾, dawn huma speċjalment rilevanti, b'raba ma' din l-Opinjoni: a) titfassal strateġija komprensiva u koerenti fuq perjodu ta' ħames snin kontra l-korruzzjoni, li tinkludi pjan ta' azzjoni; b) jinħoloq Prosekutur Ewropew u jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Eurojust; u c) l-obbligu li l-kumpaniji multinazzjonali jirrapportaw data finanzjarja ewlenija dwar l-attivitajiet tagħhom fil-pajjiżi fejn joperaw.

4.4. Fil-fehma tal-KESE, jinħtieġ li jkun hemm armonizzazzjoni fil-livell Ewropew tat-trattament penali – definizzjonijiet u pjeni – tar-reati kollha relatati mal-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa, il-korruzzjoni u l-finanzjament tat-terroriżmu u l-konnessjonijiet tiegħu. Il-Kummissjoni u l-Awtorità Bankarja Ewropea għandhom jipromovu wkoll l-armonizzazzjoni tas-sanzjonijiet għall-ksur tal-obbligi min-naħa tal-entitajiet marbutin b'obbligu.

4.5. Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus hija importanti ħafna u għandha ssir b'mod effiċjenti, deċiżiv u bir-reqqa. Għalhekk huwa essenzjali li t-testi u l-kunċetti li jidhru fil-miżuri proposti jkunu ċari kemm jista' jkun. Fl-istess ħin dan jipromovi ċ-ċertezza legali meħtieġa għal dawk kollha li jridu japplikaw dawn it-testi, u jwassal għal implimentazzjoni uniformi fl-Unjoni kollha.

4.6. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li dawn il-proposti ġew trattati malajr u jispera li dawn jiġu adottati u jiddaħħlu fis-seħħ kemm jista' jkun malajr. Jeħtieġ madankollu li ma jkunx hemm tnaqqis fil-kwalità tar-riżultati. Għandu jiġi previst kalendarju realistiku għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tat-testi fl-Istati Membri, u għandhom jiġu stabbiliti wkoll linji gwida ċari.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

⁽¹⁷⁾ EPRS, *op. cit.*, p. 59 sa 62.

⁽¹⁸⁾ ĠU C 13, 15.1.2016, p. 63.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-aċċess tal-awtoritajiet tat-taxxa għal informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus”

[COM(2016) 452 final — 2016/0209 (CNS)]

(2017/C 034/20)

Relatur: **is-Sur Petru Sorin DANDEA**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 27/07/2016
Bażi legali	L-Artikoli 113 u 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [COM(2016) 452 final — 2016/0209 (CNS)]
Sezzjoni Speċjalizzata responsabli	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni speċjalizzata	05/10/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	227/3/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni u jappoġġja l-isforzi tagħha għall-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-ħasil tal-flus, prattika li mhux biss tinvolvi l-erożjoni tal-bażijiet tat-taxxa tal-Istati Membri iżda hija wkoll waħda mis-sorsi ewlenin ta' finanzjament tal-organizzazzjonijiet kriminali u terroristiċi fil-livell dinji.

1.2. Minħabba l-gravità tal-konsegwenzi tal-frodi u tal-evitar tat-taxxa, il-KESE japprova r-regoli previsti fil-proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva (Direttiva DAC). Il-fatt li fil-kategoriji ta' informazzjoni soġġetti għal skambju bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri tiġi inkluża l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji reali tat-tranżazzjonijiet finanzjarji li, fuq il-bażi tas-sejbiet mill-kontrolli, l-analiżijiet u l-awditjar, jistgħu jkunu suspettużi fir-rigward tal-legalità jew saħansitra jirriżultaw li huma ħasil tal-flus, se jsaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u l-effikaċja tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

1.3. Peress li l-emenda tad-Direttiva DAC ma tistax tiġi implimentata sakemm ma tiġix approvata wkoll il-proposta għal Direttiva li temenda r-Raba' Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus⁽¹⁾, il-KESE jirrakkomanda lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew japprovaw il-pakkett regolatorju kollu kif propost mill-Kummissjoni.

Il-KESE jirrakkomanda lill-Istati Membri sabiex jiżguraw ir-riżorsi umani, finanzjarji u loġistiċi meħtieġa għall-awtoritajiet tat-taxxa sabiex ikunu jistgħu jimplementaw b'suċċess ir-regoli l-ġodda fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

⁽¹⁾ COM(2016) 450 final.

2. Il-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea

2.1. Fil-qafas tal-programm għall-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa u l-pjan ta' azzjoni kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, f'Lulju 2016 il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat pakkett regolatorju bl-għan li jtejjeb l-aċċess tal-awtoritajiet tat-taxxa għal informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill ⁽²⁾ li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-aċċess tal-awtoritajiet tat-taxxa għal informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus tagħmel ukoll parti minnha.

2.2. Il-proposta tal-Kummissjoni temenda l-Artikolu 22 tad-Direttiva DAC biex, fl-iskambju bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri, tiġi inkluża wkoll l-informazzjoni speċifika li tikkonċerna l-operazzjonijiet finanzjarji li jiffaċilitaw il-ħasil tal-flus.

2.3. L-oġġettiv ta' din l-inizjattiva huwa li jkun possibbli li l-awtoritajiet tat-taxxa jkollhom aċċess sistematiku għall-informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus fit-tweġġ tad-dmirijiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji fir-rigward tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni adatta tad-Direttiva DAC.

2.4. Il-proposta għal direttiva tistabbilixxi regoli għall-ġlieda kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern. Bl-istess mod, hija maħsuba biex tiżgura li l-awtoritajiet tat-taxxa jkollhom aċċess għall-informazzjoni dwar il-benefiċjarji reali tat-tranżazzjonijiet finanzjarji li, fuq il-bażi tas-sejbiet mill-kontrolli, l-analiżijiet u l-awditjar, jistgħu jkunu suspettużi fir-rigward tal-legalità jew saħansitra jirriżultaw li huma ħasil tal-flus li jiffinanzja organizzazzjonijiet kriminali jew terroristiċi.

3. Kummenti ġenerali u speċifiċi

3.1. Il-proposta għal Direttiva titlob li r-regoli dwar l-iskambju bejn l-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali dwar informazzjoni dwar il-benefiċjarji reali ta' operazzjonijiet finanzjarji li jistgħu jkunu ta' ħasil tal-flus, jiġu implimentati b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha. Kif innutat f'opinjonijiet preċedenti ⁽³⁾, il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni u jappoġġja l-isforzi tagħha għall-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-ħasil tal-flus, Prattika li mhux biss tinvolvi l-erożjoni tal-bażijiet tat-taxxa tal-Istati Membri iżda hija wkoll waħda mis-sorsi ewlenin ta' finanzjament tal-organizzazzjonijiet kriminali u terroristiċi fil-livell dinji.

3.2. Il-KESE japprova r-regoli dwar l-aċċess tal-awtoritajiet tat-taxxa għal mekkaniżmi, proċeduri, dokumentazzjoni u informazzjoni dwar l-operazzjonijiet finanzjarji li jistgħu jkunu operazzjonijiet ta' ħasil tal-flus. Fid-dikjarazzjoni tiegħu tat-18 ta' April, il-G20 talab lill-grupp ta' azzjoni finanzjarja biex jippreżenta proposti biex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali dwar it-trasparenza, speċjalment dwar id-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar il-benefiċjarji proprji, u l-iskambju internazzjonali ta' din l-informazzjoni fuq livell dinji. Barra minn hekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-isforzi tagħhom ta' negozjar fil-livell internazzjonali, fil-qafas ta' organizzazzjonijiet bħall-OECD u l-G20, sabiex l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tkun tista' ssir fuq skala globali.

3.3. Peress li l-emenda tad-Direttiva DAC ma tistax tiġi implimentata sakemm ma tiġix approvata wkoll il-proposta għal Direttiva li temenda r-Raba' Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus ⁽⁴⁾, il-KESE jirrakkomanda lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew japprovaw il-pakkett regolatorju kollu kif propost mill-Kummissjoni.

3.4. Minħabba l-firxa tal-attivajiet terroristiċi fil-livell dinji, u ż-żieda fin-numru ta' attacchi li wasslu għat-telf ta' ħajjiet f'diversi Stati Membri, il-KESE jemmen li r-regoli proposti mill-Kummissjoni għandhom jiġu approvati b'mod urġenti. L-adozzjoni ta' regolamenti aħjar kontra l-ħasil tal-flus se taqta' wieħed mis-sorsi prinċipali ta' finanzjament għall-organizzazzjonijiet terroristiċi.

⁽²⁾ COM(2016) 452 final.

⁽³⁾ ĠU C 271, 19.09.2013, p. 31.

⁽⁴⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

Il-KESE jirrakkomanda lill-Istati Membri sabiex jiżguraw ir-riżorsi umani, finanzjarji u loġistiċi meħtieġa għall-awtoritajiet tat-taxxa sabiex ikunu jistgħu jimplimentaw ir-regoli l-ġodda fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus ippreżentati fil-pakkett propost mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-KESE jemmen li l-iżvilupp ta' programmi mmirati biex jiżguraw l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-esperti tas-servizzi fiskali tal-Istati Membri jista' jgħin biex jinkisbu riżultati aħjar fl-implimentazzjoni tar-regolamenti l-ġodda.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

*Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Geroges DASSIS*

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-prattiki kummerċjali żleali fil-katina tal-provvista alimentari bejn in-negozji”

[COM(2016) 32 final]

(2017/C 034/21)

Relatur: **is-Sur Peter SCHMIDT**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 04/03/2016
Bażi legali	Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
	[COM(2016) 32 final]
Sezzjoni kompetenti	L-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	30/09/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	221/0/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jenfasizza l-fatt li l-pożizzjoni dgħajfa tal-aktar atturi vulnerabbli fil-katina tal-provvista alimentari għandha tiġi indirizzata billi jintemmu l-prattiki kummerċjali żleali (PKŻ) minn intrapriżi tal-bejgħ tal-ikel bl-imnut (N.B. F'dan id-dokument “intrapriżi tal-bejgħ bl-imnut” tirriferi għas-settur tal-bejgħ bl-imnut fuq skala kbira) u xi kumpaniji transnazzjonali, li jżidu r-riskju u l-inċertezza għall-operaturi kollha matul il-katina ta' provvista alimentari u għalhekk jiġġeneraw spejjeż mhux meħtieġa.

1.2. Il-KESE jirrikonoxxi li l-evitar tal-PKŻ waħdu mhux se jsołvi l-problemi strutturali tas-suq fil-katina tal-provvista alimentari, bħall-iżbilanċi tas-suq temporanji, is-sitwazzjoni vulnerabbli tal-bdiewa, eċċ.

1.3. Il-KESE jtenni t-tħassib u r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Opinjoni preċedenti tiegħu dwar “L-istat attwali tar-relazzjonijiet bejn is-settur tal-ħwienet il-kbar u l-aġenti tal-prodotti tal-ikel”⁽¹⁾. B'mod partikolari, il-KESE għal darb'oħra jstieden lill-Kummissjoni tadatta l-leġislazzjoni Ewropea għall-karatteristiċi speċifiċi tal-partijiet differenti fis-settur alimentari.

1.4. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-eżistenza ta' fallimenti tas-suq billi s-sitwazzjoni qed tkompli tmur lura f'sistema li mhijiex regolata biżżejjed⁽²⁾.

1.5. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2016⁽³⁾ li tenfasizza l-ħtieġa għal leġislazzjoni qafas fil-livell tal-UE bil-għan li jiġu indirizzati l-PKŻ ta' intrapriżi tal-bejgħ tal-ikel bl-imnut u xi kumpaniji transnazzjonali, u jiġi żgurati li l-bdiewa u l-konsumaturi Ewropej ikollhom l-opportunità li jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ġusti tax-xiri u tal-bejgħ. Il-KESE jenfasizza l-fatt li n-natura tal-PKŻ tesiġi u tiġġustifika leġislazzjoni tal-UE li tipprojbixxihom.

⁽¹⁾ ĠU C 133, 9.5.2013, p.16.

⁽²⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

⁽³⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar Prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista tal-ikel (2015/2065(INI)).

1.6. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jieħdu azzjoni ta' malajr biex jimpedixxu l-PKŻ permezz tal-istabbiliment ta' netwerk armonizzat fil-livell tal-UE li jlaqqa' l-awtoritajiet tal-infurzar għal dan l-għan, sabiex jinħoloq ambjent ekwu fi ħdan is-suq uniku.

1.7. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien tal-Inizjattiva tal-Katina tal-Provvista (SCI) madwar l-UE kollha u sistemi volontarji oħra nazzjonali, imma biss bħala żieda għal mekkaniżmi ta' infurzar effettivi u b'saħħithom fil-livell tal-Istati Membri. Madankollu, hemm il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-partijiet interessati kollha (pereżempju, il-bdiewa u t-trejdjunjins) jistgħu jipparteċipaw u li l-ilmenti jistgħu jintlaqgħu b'mod anonimu. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti pieni dissważivi. Barra minn hekk, pjattaformi bħal dawn għandhom ikunu kapaċi jirreaġixxu b'mod indipendenti. Il-KESE jipproponi wkoll l-istabbiliment ta' ombudsman b'setgħat regolatorji għal medjazzjoni qabel il-proċess.

1.8. Il-KESE jitlob għal projbizzjoni ta' Prattiki abbużivi, pereżempju dawk elenkati fil-punt 3.3 ta' din l-Opinjoni.

1.9. B'mod partikolari, il-KESE jirrakkomanda li l-fornituri, pereżempju l-bdiewa, jitħallsu prezz li mhuwiex anqas mill-ispiża tal-produzzjoni. Il-KESE jappella wkoll għal projbizzjoni tal-bejgħ b'telf mill-bejjieġha tal-ikel bl-imnut.

1.10. Il-KESE jirrakkomanda li jiġu mħeġġa u appoġġjati mudelli ta' negozju alternattivi li jaqdu rwol biex titqassar il-katina tal-provvista bejn il-produtturi tal-ikel u l-konsumatur finali, pereżempju permezz ta' politiki ta' akkwist pubbliku tal-Istati Membri.

1.11. Il-KESE jissuġġerixxi li r-rwol u l-pożizzjoni tal-kooperattivi u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jissaħħu sabiex jintradd lura l-bilanċ tas-setgħa, għaliex huma tip ta' negozju importanti u xieraq, li jippermetti lill-bdiewa bħala sidien biex kollettivament itejbu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq – inkluż taħt il-kundizzjonijiet tas-suq uniku tal-UE – u b'mod attiv jibbilanċjaw mill-ġdid it-tqassim tas-setgħa ta' negozjar fil-katina tal-provvista alimentari.

1.12. Il-KESE jħeġġeġ l-operaturi tal-katina alimentari jiżviluppaw relazzjonijiet ta' kummerċ ġust ibbażati fuq kuntratti fit-tul u stabbli u biex jikkoperaw ma' xulxin u jaħdmu flimkien biex jissodisfaw il-ħtiġijiet u d-domandi tal-konsumaturi.

1.13. Il-KESE jitlob għall-protezzjoni u l-garanzija tal-anonimat tal-informaturi li jesponu l-PKŻ.

1.14. Il-KESE jirrakkomanda l-introduzzjoni tad-dritt ta' azzjoni kollettiva.

1.15. Il-KESE jipproponi t-tnedija ta' kampanja ta' taġrif u sensibilizzazzjoni mal-Ewropa kollha dwar "il-valur tal-ikel". Dan huwa meħtieġ sabiex tġi żgurata bidla fit-tul fl-imġiba tal-konsumaturi.

2. Introduzzjoni

2.1. Il-katina tal-provvista agroalimentari torbot setturi importanti u diversifikati tal-ekonomija Ewropea li huma essenzjali għall-ġid ekonomiku, soċjali u ambjentali kif ukoll għas-saħħa tal-Ewropej. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin, kien hemm bidla fis-setgħa ta' negozjar fil-katina tal-provvista, l-aktar għall-vantaġġ tas-settur tal-bejgħ bl-imnut u xi kumpaniji transnazzjonali u għad-detriment tal-fornituri, b'mod partikolari produtturi primarji.

2.2. Numru żgħir ta' kumpaniji issa qed jiddominaw il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ tal-ikel. Pereżempju, ħafna swieq tal-ikel f'għadd li qed jikber ta' Stati Membri huma kkontrollati minn maġġoranza ta' bejn tlieta u ħames bejjieġha bl-imnut, b'sistema kollettiva ta' sehem mis-suq ta' bejn 65 u 90 % fost il-bejjieġha bl-imnut moderni ⁽⁴⁾ ⁽⁵⁾.

2.3. Il-konċentrazzjoni tas-setgħa ta' negozjar wasslet għal abbuż minn pożizzjonijiet dominanti, li wassal biex operaturi aktar dgħajfa jsiru dejjem aktar vulnerabbli għal prattiki kummerċjali żleali. Dan jittrasferixxi r-riskju ekonomiku mis-suq 'il fuq fil-katina tal-provvista u jħalli impatt partikolarment negattiv fuq il-konsumaturi u xi operaturi, jiġifieri l-bdiewa, ħaddiema u l-SMEs.

2.4. Il-KESE diġà ddiskuta l-PKŻ fl-Opinjoni tiegħu dwar "L-istat attwali tar-relazzjonijiet bejn is-settur tal-ħwienet il-kbar u l-aġenti tal-prodotti tal-ikel" fi Frar 2013 ⁽⁶⁾. Minn dakinhar is-sitwazzjoni tal-PKŻ f'it għadha tjiabet. Għall-kuntrarju, is-setgħa tas-settur tal-ħwienet il-kbar saħansitra żdiedet, u dan jista' jwassal għal abbuż fil-konfront ta' ċerti operaturi, jiġifieri l-bdiewa, ħaddiema u l-SMEs.

3. Il-prattiki kummerċjali inġusti u l-impatt tagħhom

3.1. Il-PKŻ ġeneralment jistgħu jiġu definiti bħala prattiki li jitbiegħdu ferm minn imġiba kummerċjali ġusta u huma kontra l-bona fide u n-negozjar ġust ⁽⁷⁾.

3.2. Il-PKŻ jistgħu jseħħu fi kwalunkwe stadju tal-katina tal-provvista bejn diversi operaturi. Madankollu, dawn huma aktar prevalenti fi stadji aktar tard tal-katina tal-provvista fejn ikun hemm konċentrazzjoni akbar ta' setgħa fost il-bejjieġha bl-imnut u xi kumpaniji transnazzjonali. Fejn isiru PKŻ fi stadji aktar bikrija tal-katina tal-provvista huma spiss riżultat ta' trasferiment ta' riskju li joriġina minn PKŻ fi stadji aktar tard.

3.3. Eżempji ta' dawn il-prattiki jinkludu, iżda assolutament mhumiex limitati għal:

- trasferiment inġust tar-riskju kummerċjali;
- termini kuntrattwali mhux ċari jew mhux speċifikati;
- tibdiliet unilaterali jew retroattivi fil-kuntratti, inkluż il-prezz;
- kwalità mnaqqsa tal-prodotti jew fl-informazzjoni lill-konsumatur mingħajr komunikazzjoni, konsultazzjoni jew ftehim max-xerrejja;
- kontribuzzjonijiet għal spejjeż promozzjonali jew kummerċjali;
- dewmien fil-pagamenti;
- tariffi ta' elenkar u ta' lealtà;
- imposti għall-pożizzjoni fuq l-ixkaf;
- talbiet għal prodotti li marru jew ma nbigħux;
- l-użu ta' speċifikazzjonijiet kożmetiċi tal-prodott biex jiġu rrifjutati kunsinni tal-ikel jew inaqqsu l-prezz imħallas;

⁽⁴⁾ "Friends of the Earth", 2015. *Eating from the Farm*.

⁽⁵⁾ Consumers International, 2012. *The relationship between supermarkets and suppliers: What are the implications for consumers?*

⁽⁶⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

⁽⁷⁾ Kummissjoni Ewropea, 2014. *L-indirizzar ta' prattiki kummerċjali żleali (PKŻ) fil-katina ta' provvista alimentari bejn in-negozji* COM(2014) 472 final.

- pressjoni biex jitnaqqsu l-prezzijiet;
- imposti għal servizzi fittizji;
- kanċellazzjonijiet tal-aħħar minuta u tnaqqis tal-volum previst;
- theddid ta' tneħħija mil-listi;
- imposti fissi li l-kumpaniji jimponu fuq il-fornituri bħala rekwiżit għall-inklużjoni f'lista ta' fornituri ("ħallas biex tibqa").

3.4. Il-PKŻ għandhom effetti b'firxa wiesgħa fuq l-operaturi, il-konsumaturi u l-ambjent. Madankollu, dawn il-prattiki huma profittabbli min-natura tagħhom u b'hekk jattiraw kisbiet fuq żmien qasir għal dawk li japplikawhom, għad-detriment ta' partijiet interessati oħra fil-katina tal-provvista. Fit-tul, l-operaturi tal-katina alimentari għandu jkollhom relazzjonijiet ta' provvista sostenibbli u għandhom jaħdmu għall-prevenzjoni tal-interruzzjoni tal-katina tal-provvista sabiex jikkompetu u jkomplu jissodisfaw id-domanda dejjem tinbidel tal-konsumaturi.

3.5. L-impatt tal-PKŻ fuq il-fornituri

3.5.1. It-tipi differenti ta' impatti tal-PKŻ fuq l-operaturi effettwati minnhom huma diversi u mifruxa u jistgħu jwasslu għal dħul imnaqqas għall-fornituri, jew permezz ta' tnaqqis fil-prezz jew minħabba l-ispejjeż imġarrba bħala riżultat ta' dawn il-prattiki. Il-PKŻ kienu stmati li jswew lil-fornituri bejn EUR 30-40 biljun⁽⁸⁾. Minbarra l-pressjoni kontinwa fuq il-prezzijiet applikati lill-fornituri, Prattiki bħal dawn joħlqu inċertezza, u b'hekk jistaġnaw l-innovazzjoni u l-investment fil-katina tal-provvista, u jistgħu jwasslu biex fornituri responsabbli jfallu.

3.5.2. Il-pressjoni fuq il-bdiewa u l-proċessuri tal-ikel, u l-pressjoni l isfel konsegwenti fuq il-prezzijiet, iwasslu wkoll għal tnaqqis tas-salarji kemm fis-settur agrikolu kif ukoll għall-impjegati fl-industrija tal-manifattura tal-ikel. Fil-każ ta' xogħol aktar permanenti, il-ġirja lejn l-orħos prezzijiet twassal ukoll għal tnaqqis fil-pagi biex il-fornituri jagħmlu l-qlich.

3.5.3. L-SMEs huma ta' spiss l-aktar vulnerabbli għall-PKŻ, eż. fil-kummerċ globali tal-banana, fejn il-prodott tal-bdiewa fuq skala żgħira jintuża bħala żieda għall-volum ta' pjantaġġuni akbar, dawn il-fornituri huma friskju li jkunu fost l-ewwel li jiġu maqtugħa minn bejgħ jekk l-ordni titħassar mingħajr avviż dovut⁽⁹⁾.

3.5.4. Hemm xi oqsma ta' produzzjoni u manifattura tal-ikel fejn il-libertà kuntrattwali m'għadhiex teżisti. Fil-Ġermanja, żviluppi reċenti juru li l-prezzijiet bl-imnut tnaqqsu b'mod unilaterali mingħajr negozjati mal-fornituri. Fir-Renju Unit, il-ħalib ħafna drabi huwa l-"prodott bl-iktar telf" fis-settur alimentari u l-produtturi Brittaniċi tal-ħalib iffaċċjaw li jitħallsu prezzijiet dejjem aktar baxxi għall-ħalib tagħhom, f'xi każijiet inqas mill-ispiża tal-produttjoni. Fi Spanja, ħlas inqas mill-ispiża huwa legali għall-industrija tal-ipproċessar, li serjament inaqqas il-formazzjoni tal-prezzijiet tul il-katina.

3.5.5. Is-settur tal-prodotti friski huwa settur partikolarment vulnerabbli għall-PKŻ minħabba li l-provvista tal-prodotti forniti lis-suq Ewropew tiħżien malajr. Il-bdiewa jkollhom ċertu żmien biex ibiġġu l-prodotti tagħhom biex jiżguraw li l-prodott ikun għadu tajjeb għall-klijenti finali u għall-konsumaturi aħħarin, u dan huwa ta' sikwit abbużat minn xerrejja kummerċjali għall-bejjieġġa bl-imnut u lill-intermedjarji bl-impożizzjoni ta' tnaqqis mhux negozjabbli fil-prezz mal-wasla tal-prodotti.

⁽⁸⁾ Europe Economics. Estimated costs of Unfair Trading Practices in the EU Food Supply Chain.

⁽⁹⁾ Make Fruit Fair, 2015. Banana Value Chains in Europe and the Consequences of Unfair Trading Practices. http://www.makefruitfair.org/wp-content/uploads/2015/11/banana_value_chain_research_FINAL_WEB.pdf.

3.5.6. Bosta investigazzjonijiet stabbilixxew b'mod ċar li ċerti operaturi għandhom is-saħħa tax-xerrej li twassal għal abbużi permezz ta' Prattiki kummerċjali żleali⁽¹⁰⁾. Dawn jistgħu jsejtnu fi kwalunkwe stadju tal-katina tal-provvista, u dawn huma evidenti wkoll fir-relazzjonijiet bejn il-bdiewa u l-industrija tal-ikel, peress li kumpaniji ta' dan is-settur għandhom is-saħħa tax-xerrej ukoll minħabba li hemm konċentrazzjoni relattiva ta' setgħa⁽¹¹⁾.

3.5.7. Iż-żieda fil-bejgħ ta' prodotti ta' "marka proprja" (tikketi bojod jew marki tal-bejgiegħ bl-imnut) minn bejgiegħa bl-imnut jippermettilhom li jibdlu l-fornituri spiss jekk isibu produttur irħas matul jew wara l-bidu tar-relazzjonijiet kuntrattwali. Madankollu, prodotti ta' "marka proprja" mhumiex iġusti fihom infushom u jistgħu jgħinu lill-SMEs jidħlu fis-suq u joffru għażla varjata lill-konsumaturi.

3.5.8. L-espansjoni ta' xi attivitajiet ta' bejgħ bl-imnut permezz tal-integrazzjoni vertikali fl-l-akkwist u l-ipproċessar tista' twassal li l-bejgiegħa bl-imnut inaqqsu l-prezzijiet. Dan huwa eżempju ta' żieda fis-setgħa tan-negozjar kontinwu permezz ta' konċentrazzjoni tas-setgħa.

3.5.9. Fil-każ tal-bejgħ taħt il-prezz tal-produzzjoni, u l-użu ta' prodotti bażiċi agrikoli, bħall-ħalib, il-ġobon, il-frott u l-ħaxix bħala "prodotti bl-aktar telf" (jiġifieri inqas mill-prezz tax-xiri) mill-bejgiegħa bl-imnut kbar u xi kumpaniji transnazzjonali jhedded is-sostenibbiltà fit-tul tal-produzzjoni agrikola Ewropea.

3.6. L-impatt tal-PKŻ fuq il-konsumaturi

3.6.1. Il-PKŻ għandhom effett negattiv sinifikanti fuq il-konsumaturi Ewropej. L-operaturi l-kbar spiss jassorbu l-ispejjeż ippreżentati mill-PKŻ, imma l-intrapriżi ż-żgħar huma taħt pressjoni akbar u ma jkunux jistgħu jinvestu u jinnovaw u b'hekk jiġu esklużi minn swieq b'valur għoli⁽¹²⁾. Dan jirriżulta f'anqas għażla u disponibbiltà għall-konsumatur u fl-aħħar mill-aħħar prezzijiet oġġla għall-konsumaturi.

3.6.2. In-nuqqas ta' trasparenza fuq it-tikketti huwa ta' detriment għall-konsumaturi, li ma jistgħux jagħmlu għażliet ta' xiri infurmati minkejja li, f'diversi okkażjonijiet, esprimew ix-xewqa li jiffavorixxu prodotti agroalimentari tajbin għas-saħħa, favur l-ambjent u ta' kwalità, li huma marbuta maż-żona lokali ta' għażliet. Dan in-nuqqas ta' trasparenza għandu impatt negattiv fuq il-fiducia tal-konsumaturi u qed ikompli jżid mal-kriżi li laqtet is-settur agrikolu.

3.6.3. Il-prezzjonijiet tal-prezzijiet iġiegħlu l-proċessuri tal-ikel jipproduċu bl-irħas prezz possibbli, li jista' jaffettwa l-kwalità tal-ikel disponibbli għall-konsumaturi. Biex jitnaqqsu l-ispejjeż, f'ċerti każijiet il-kumpaniji jużaw materja prima irħas, li taffettwa l-kwalità u l-valur tal-prodotti tal-ikel Ewropew— pereżempju, l-użu ta' xaħmijiet trans f'haqna prodotti li jissostitwixxu żjut u xaħmijiet iżjed tajbin għas-saħħa.

3.7. L-impatt tal-PKŻ fuq l-ambjent

3.7.1. L-impatt tal-PKŻ fuq l-ambjent għandu jkun rikonoxxut. Il-PKŻ iħeġġu l-produzzjoni żejda biex il-fornituri jassiguraw lillhom infushom kontra n-nuqqas ta' ċertezza. Din il-produzzjoni żejda tista' twassal għal ħela fl-ikel, li tikkawża tnaqqis mhux meħtieġ tar-riżorsi, inklużi l-art, l-ilma, il-fjuwils u l-agrokimika⁽¹³⁾ ⁽¹⁴⁾.

⁽¹⁰⁾ Weekly Report, Berlin 13/2011 p. 4 et seq.

⁽¹¹⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

⁽¹²⁾ Fair Trade Advocacy Office, 2014. *Who's got the power? Tackling imbalances in agricultural supply chains*. p. 4

⁽¹³⁾ EP IMCO, 2016. Rapport dwar Prattiki kummerċjali iġusti fil-katina tal-provvista alimentari (2015/2065(INI)).

⁽¹⁴⁾ Feedback, 2015. Food Waste In Kenya: uncovering food waste in the horticultural export supply chain.

4. Taqsira tar-rapport tal-Kummissjoni dwar Prattiki kummerċjali żleali fil-katina tal-provvista alimentari bejn in- negozji

4.1. Il-Kummissjoni pproduċiet rapport⁽¹⁵⁾ li jivvaluta l-eżistenza u l-effettività tal-oqsfa nazzjonali stabbiliti biex jinfurzwaw miżuri kontra l-PKŻ, kif ukoll ir-rwol tal-Inizjattiva tal-Katina tal-Provvista (SCI), li hija volontarja u mifruxa mal-UE kollha, u l-pjattaformi nazzjonali tagħha.

4.2. Ir-rapport tal-Kummissjoni tal-2016 jenfasizza l-fatt li maġġoranza kbira ta' Stati Membri diġà introduċew miżuri regolatorji u sistemi ta' infurzar pubbliku biex jindirizzaw il-PKŻ. Xi Stati Membri marru lil hinn minn oħrajn, iżda ħafna għadhom ma jistgħux jindirizzaw "il-fattur ta' biża" li jesperjenzaw il-vittmi tal-PKŻ. Peress li approċċi differenti jistgħu jindirizzaw il-PKŻ b'mod effettiv, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'dan l-istadju, leġislazzjoni speċifika tal-UE ma tagħti l-ebda valur miżjud.

4.3. L-Inizjattiva tal-Katina tal-Provvista (SCI)⁽¹⁶⁾ hija inizjattiva konġunta ta' tmien assoċjazzjonijiet tal-UE. Dawn jirrappreżentaw l-industrija tal-ikel u x-xorb, manifatturi ta' prodotti tad-ditta, is-settur tal-bejgħ bl-implant, l-SMEs, u operaturi tas-suq agrikolu. Is-SCI tnediet fil-qafas tal- "Forum ta' Livell Għoli għal funzjonament aħjar tal-katina tal-provvista alimentari"⁽¹⁷⁾ bl-għan li tgħin lill-partijiet interessati jindirizzaw il-PKŻ.

4.4. Ir-rapport jikkonkludi li s-SCI ħoloq kuxjenza dwar il-PKŻ u jista' jkun alternattiva orħos u aktar mghagħġla għall-proċedimenti ġudizzjarji. Dan jista' wkoll jgħin biex jissolvew kwistjonijiet transkonfinali. Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll oqsma għal titjib potenzjali tas-SCI, bħat-titjib tal-imparzjalità tal-istruttura ta' governanza u l-possibbiltà ta' ilmenti individwali kunfidenzjali.

5. Kummenti Ġenerali

5.1. Il-pożizzjoni tal-KESE dwar ir-rapport tal-KE hija konformi mar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Prattiki kummerċjali iġusti fil-katina tal-provvista tal-ikel, adottata fis-7 ta' Ġunju 2016 b'appoġġ qawwi bejn il-partiti⁽¹⁸⁾. Il-Parlament jenfasizza l-ħtieġa għal leġislazzjoni qafas fil-livell tal-UE u jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposti li jindirizzaw il-PKŻ fil-katina tal-provvista tal-ikel, sabiex jiġi żgurat dħul ġust għall-bdiewa u għażla wiesgħa għall-konsumaturi. Il-Parlament jenfasizza wkoll il-fatt li s-SCI u sistemi volontarji oħra nazzjonali u tal-UE għandhom jiġu promossi mhux bħala alternattiva iżda bħala żieda għall-"mekkaniżmi ta' infurzar effikaċi robusti fil-livell tal-Istati Membri, filwaqt li jkun żgurat li l-ilmenti jistgħu jitressqu b'mod anonimu u li jiġu stabbiliti penali dissważivi, flimkien ma' koordinazzjoni fil-livell tal-UE"⁽¹⁹⁾.

5.2. Il-Kummissjoni tqis li l-Inizjattiva tal-Katina tal-Provvista għadha reċenti wisq biex jiġi vvalutat is-suċċess tagħha. Madankollu, il-KESE jinnotta li s-SCI ma kinitx effettiva fit-tnaqqis tal-PKŻ u l-abbużi tas-saħħa tax-xerrej għar-raġunijiet li ġejjin:

5.2.1. It-tmexxija tal-industrija tal-bejgħ bl-implant fis-SCI hija deterrent ewlieni għal kull bidwi biex jinvolvi ruħu b'mod effettiv fil-pjattaforma minħabba n-nuqqas ta' fiduċja bejn dawn il-partijiet interessati. Is-SCI ma tagħtix lill-fornituri l-anonimità li jeħtieġu biex jegħlbu "l-fattur ta' biża". Barra minn hekk, is-SCI ma tistax tinvestiga ktajjen tal-provvista b'mod proattiv u għalhekk tiddependi fuq l-operaturi li jressqu l-ilmenti, u b'hekk tqiegħed l-oneru tal-provi fuq il-vittmi tal-PKŻ.

⁽¹⁵⁾ COM(2016) 32 final.

⁽¹⁶⁾ <http://www.supplychaininitiative.eu/de/homepage>.

⁽¹⁷⁾ http://ec.europa.eu/growth/sectors/food/competitiveness/supply-chain-forum/index_en.htm.

⁽¹⁸⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar Prattiki kummerċjali iġusti fil-katina tal-provvista tal-ikel (2015/2065(INI)).

⁽¹⁹⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew 2015/2065(INI), ibid.

5.2.2. Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li s-SCI tippermetti r-regolazzjoni tal-PKŻ. Madankollu, in-nuqqas ta' sanzjonijiet finanzjarji jfisser li x-xerrejja ma jiġux skoraġġiti milli jagħmlu użu b'mod profittabbli mill-PKŻ. Pereżempju, Tesco plc reċentement nstabet li wettqet prattiki kummerċjali żleali mal-fornituri tagħha minkejja li hi membru tas-SCI. Filwaqt li Tesco ġiet ippenalizzata b'mod mhux finanzjarju mill-liġi Brittanika (il-Groceries Code Adjudicator), hija ma rċevietx sanzjonijiet mis-SCI. L-unika deterrent tas-SCI huwa l-possibbiltà li titneħħa s-sħubija ta' negozju li wettaq ksur, li għadha ma użatx fir-rigward ta' Tesco plc. Dan huwa eżempju ċar ta' kif is-SCI ma jipprevjenix il-PKŻ.

5.2.3. Il-KESE jinnota wkoll in-nuqqas ta' bdiewa u t-trejdjunjins bħala membri tas-SCI. Filwaqt li xi organizzazzjonijiet qatt ma nġaħqu fl-inizjattiva jew il-kontropartijiet nazzjonali tagħha, l-Għaqda Ċentrali Finlandiża tal-Produtturi Agrikoli u s-Sidien tal-Foresti (MTK), membru fundatur ta' pjattaforma nazzjonali li timplimenta s-SCI fil-Finlandja, ħarġet mill-inizjattiva minħabba li argumentat li din ma taħdimx, billi żżid ir-riskju għall-bdiewa minħabba nuqqas ta' anonimità.

6. Il-mekkaniżmi attwali ta' infurzar għall-prevenzjoni tal-PKŻ fl-Ewropa

6.1. Ghoxrin Stat Membru għandhom dispożizzjonijiet leġislattivi u inizjattivi regolatorji, iżda s-suċċess tagħhom għadu moderat⁽²⁰⁾. Ħmistax minn dawn l-Istati Membri introduċew miżuri f'dawn l-aħħar ħames snin, li juru prevalenza sinifikanti ta' PKŻ fil-katina tal-provvista. Madankollu hemm differenza kbira bejn il-livelli differenti ta' regolamentazzjoni, u ħafna servizzi ta' infurzar nazzjonali ma jistgħux jorġu sanzjonijiet finanzjarji jew jaċċettaw ilmenti anonimi.

6.2. Il-Groceries Supply Code of Practice⁽²¹⁾ (GSCOP) tar-Renju Unit huwa meqjus bħala wieħed mill-iktar miżuri leġislattivi progressivi biex jipprevjeni l-PKŻ⁽²²⁾. Qabel l-istabbiliment ta' dan il-kodiċi, kien hemm kodiċi ta' prattika volontarja iżda nstab li mhux effettiv biex jipprevjeni l-PKŻ minħabba n-nuqqas ta' regolamentazzjoni. Il-GSCOP huwa rregolat mill-Groceries Code Adjudicator (GCA) li għandu s-setgħa legali li jirċievi ilmenti anonimi dwar il-PKŻ, iniedi investigazzjonijiet ex-officio, jippubblika l-imġiba ħażina mwettqa minn dawn l-impriżi, u jimmulta l-bejjiegħa bl-innut sa 1 % tad-dħul annwali tagħhom għal ksur tal-GSCOP. Madankollu, minkejja l-kisbiet tiegħu, il-GCA jista' jirregola biss ir-relazzjoni bejn il-bejjiegħa bl-innut u l-fornituri diretti tagħhom (fil-biċċa l-kbira bbażati fir-Renju Unit). Din il-kwistjoni tippreżenta "perikli morali" fejn kemm il-bejjiegħa bl-innut kif ukoll il-fornituri diretti tagħhom jittrasferixxu r-riskju lill-fornituri indiretti permezz tal-PKŻ.

6.3. Investigazzjonijiet simili għal dik tal-Kummissjoni tal-Kompetizzjoni tar-Renju Unit tmexxew fi Spanja⁽²³⁾, il-Finlandja⁽²⁴⁾, Franza⁽²⁵⁾, l-Italja⁽²⁶⁾ u l-Ġermanja, u kollha juru prevalenza għolja ta' PKŻ fil-katina tal-provvista alimentari.

6.4. Ħafna operatori kummerċjali Ewropej jagħmlu kummerċ f'diversi Stati Membri li jippermetti li dawn in-negozji jagħmlu "għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni", u b'hekk jimminaw il-leġislazzjoni fuq il-livell ta' Stat Membru. Il-qasam leġislattiv li għadu mhux armonizzat madwar l-UE ħoloq kundizzjonijiet mhux ekwi fi ħdan is-suq uniku. Barra minn hekk, fejn il-leġislazzjoni tirregola biss bejn il-fornituri u l-bejjiegħa diretti, l-użu ta' organizzazzjonijiet intermedjarji mill-bejjiegħa bl-innut biex jixtru l-ikel inaqqas l-effettività ta' tali leġislazzjoni, bħalma hu l-każ fir-Renju Unit. Dan ikompli jsaħħaħ il-każ ta' leġislazzjoni għall-Ewropa kollha.

⁽²⁰⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 15.

⁽²¹⁾ UK GOV. 2016: www.gov.uk/government/publications/groceries-supply-code-of-practice.

⁽²²⁾ Il-Kodiċi ġie stabbilit bħala rizzultat ta' investigazzjoni mmexxija mill-Kummissjoni tal-Kompetizzjoni tar-Renju Unit li sabet li l-bejjiegħa bl-innut għandhom ammont sproporzjonat ta' setgħa fil-katina tal-provvista li jwassal għat-trasferiment tar-riskju 'il fuq fil-katina tal-provvista.

⁽²³⁾ Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia, Informe sobre las relaciones entre fabricantes y distribuidores en el sector alimentario, 2011.

⁽²⁴⁾ Finnish Competition Authority (FCA), "FCA study shows that daily consumer goods trade uses its buying power in several ways that are questionable for competition", 2012

⁽²⁵⁾ Autorité de la Concurrence, Avis n° 12-A-01 du 11 janvier 2012 relatif à la situation concurrentielle dans le secteur de la distribution alimentaire à Paris.

⁽²⁶⁾ Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato, "Indagine conoscitiva sul settore della Grande Distribuzione Organizzata", 2013

6.5. Fornituri barranin ġeneralment jipprovdu lill-bejjiegħa bl-imnut fl-UE b'mod indirett permezz ta' importaturi u intermedjarji oħra. Ftit hemm għarfien dwar l-eżistenza ta' dawn l-awtoritajiet⁽²⁷⁾ u dawn li huma koxxi tagħhom m'għandhomx aċċess għall-parti l-kbira tal-awtoritajiet ta' infurzar sabiex ifittxu rimedju fir-rigward tal-PKŻ.

7. Sejħa għal netwerk Ewropew ta' awtoritajiet nazzjonali ta' infurzar biex jipprevjenu l-PKŻ

7.1. B'segwitu għall-kummenti mressqa hawn fuq, il-KESE jappella għat-twaqqif ta' netwerk Ewropew ta' awtoritajiet tal-infurzar biex jipprevjenu l-PKŻ. In-natura tal-PKŻ kemm titlob kif ukoll tiġġustifika leġislazzjoni tal-UE li tipprojbixxihom, b'mod li tipproteġi lill-fornituri tal-ikel kollha, ikunu fejn ikunu, inkluż f'pajjiżi terzi. Sabiex dan ikun effettiv, l-awtoritajiet tal-infurzar fin-netwerk għandu jkollhom il-funzjonijiet li ġejjin:

- Aċċess liberu għall-atturi u l-partijiet interessati kollha tal-katina tal-provvista alimentari tal-UE, irrispettivament mill-pożizzjoni ġeografika tagħhom.
- Miżuri biex effettivament jipproteġu l-anonimità u l-kunfidenzjalità tal-partijiet interessati li jixtiequ jressqu ilmenti dwar il-PKŻ.
- Il-kapaċità li jinvestigaw in-negozji ex officio fir-rigward ta' abbużi tas-saħħa tax-xerrej.
- Il-kapaċità li joħorġu penali finanzjarji u mhux finanzjarji lin-negozji li jwettqu ksur.
- Koordinazzjoni fil-livell tal-UE bejn l-infurzaturi tal-Istati Membri.
- Potenzjal għal koordinazzjoni internazzjonali ma' servizzi tal-infurzar li mhumiex fl-UE biex tipprevjenu li jseħħu l-PKŻ kemm ġewwa kif ukoll barra s-suq uniku.

7.2. L-Istati Membri kollha għandu jkollhom l-għan li jistabbilixxu servizzi nazzjonali tal-infurzar biex jitrattaw l-ilmenti dwar l-PKŻ. Dawn is-servizzi għandhom ikunu pjanati bil-kompiti ta' hawn fuq bħala standard minimu.

7.3. Il-miżuri leġislattivi biex jipprevjenu l-PKŻ jistgħu u għandhom ikunu kosteffikaċi.

7.4. Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew titlob ukoll lill-Kummissjoni sabiex tiżgura mekkaniżmi ta' infurzar effettivi, bħalma huma l-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' "network ta' awtoritajiet nazzjonali rikonoxxuti b'mod reċiproku fil-livell tal-UE"⁽²⁸⁾.

7.5. Il-British Institute of International and Comparative Law (BIICL) jirrakkomanda li l-UE għandha tadotta Direttiva li tistabbilixxi għanijiet komuni fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-Istati Membri biex jipprevjenu l-PKŻ u jinkludu r-regoli dwar il-koordinazzjoni fil-livell Ewropew ta' dawn is-servizzi⁽²⁹⁾.

8. Il-prattika tajba attwali tal-industrija għall-prevenzjoni tal-prattiki kummerċjali żleali

8.1. Prezzijiet fissi jew minimi garantiti għal kuntratti tal-ipprezzar, ibbażati fuq negozjati ġusti bejn ix-xerrejja u l-fornituri, joffru lil dawn tal-aħħar livell ogħla ta' sigurtà minn meta jbigħu prodotti fis-suq miftuħ. Madankollu, filwaqt li dawn it-tipi ta' garanziji kuntrattwali jiffissaw il-prezzijiet għall-fornituri, din il-prattika tista' tissaħħa jekk il-volumi tal-prodott ikunu fissi jew ikollhom garanziji minimi. Bħalissa, il-volumi jistgħu jiġu emendati retroattivament u l-prodotti jistgħu jiġu miċħuda minn xerrejja meta jkun hemm bidla fid-domanda tas-suq, xi kultant fl-aħħar mument, li twassal għal spejjeż mhux mistennija għall-kummerċjalizzazzjoni mill-ġdid, ippakkjar mill-ġdid jew ir-rimi tal-ikel.

⁽²⁷⁾ Feedback, 2015 ibid.

⁽²⁸⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew 2015/2065(INI), ibid.

⁽²⁹⁾ Link http://www.biicl.org/documents/872_biicl_enforcement_mechanisms_report_-_final_w_exec_sum.pdf?showdocument=1.

8.2. Xi fornituri tal-UE bdew jużaw aġenti ta' parti terza biex jispezzjonaw il-prodotti mal-wasla fid-destinazzjoni sabiex jipprevjenu pretensjonijiet foloz ta' rifjut tal-prodotti minn importaturi. Talbiet bħal dawn isiru meta jkun hemm bidla fil-provvista u d-domanda mbassra u din iżżid ir-riskju għax-xerrejja fl-aħħar stadji tal-katina tal-provvista. Din il-kwistjoni tinkludi l-istaġjonalità, billi meta l-provvista hija għolja u għalhekk il-prezzijiet huma baxxi, il-fornituri huma friskju akbar li jirċievu dawn il-pretensjonijiet meta mqabbla ma' meta l-provvista tkun skarsa. Filwaqt li l-użu ta' aġenti terzi ċertament inaqas il-frekwenza ta' pretensjonijiet ta' rifjut bħal dawn għall-esportaturi, dawn is-servizzi huma spiża addizzjonali għall-fornituri, u dan ikompli jillimita l-kapaċità tagħhom għall-investiment u l-innovazzjoni fin-negozju tagħhom. Barra minn hekk, il-fornituri ż-żgħar ġeneralment ma jkunux jistgħu jagħtu tali assistenza u għalhekk ma jibbenefikawx minn din il-prattika.

9. Ktajjen alternattivi tal-provvista tal-ikel

9.1. Hemm ħafna eżempji ta' ktajjen ta' provvista alternattivi fejn jeżistu Prattiki kummerċjali aktar ġusti u b'bilanċ aktar ġust ta' distribuzzjoni jew riallokazzjoni. Hemm xi approċċi promettenti fil-qasam tal-kooperattivi, iżda dawn huma mhedda dejjem iktar mis-setgħa dejjem tikber ta' gruppi tan-negozju u multinazzjonali.

9.2. Biex tiżdied l-ekwità fil-katina tal-provvista alimentari tal-UE, hija meħtieġa taħlita ta' passi biex jindirizzaw is-setgħa tan-negozji l-kbar fil-katina tal-provvista li jipprevjenu l-PKŻ, u t-tisħiħ tas-setgħa kompensatorja bl-inkoraġġiment tal-kooperattivi u kanali alternattivi għad-distribuzzjoni tal-ikel.

9.3. Il-kooperattivi u l-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa fl-Ewropa u lil hinn ippermettew lill-fornituri jgħaqqdu l-volum tal-produzzjoni sabiex iżidu s-saħħa tal-bejgħ, jidħlu fis-swieq ewlenin, u jinneogzjaw prezzijiet aħjar. Dawn il-mudelli ta' negozju jippermettu li fornituri żgħar ikollhom aktar kontroll fuq il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tagħhom u joffru alternattiva għal operazzjonijiet fuq skala kbira li dejjem qed jiżdiedu. Il-Parlament Ewropew appella lill-Kummissjoni biex tħeġġeġ mudelli tan-negozju biex iżidu l-poter tan-negozjar tagħhom u l-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-provvista alimentari⁽³⁰⁾. Barra minn hekk, hemm bżonn ta' promozzjoni tal-kooperazzjoni orjentata lejn settur jew reġjun aktar b'saħħitha bejn il-produtturi u l-kooperattivi⁽³¹⁾.

9.4. L-agrikoltura appoġġjata mill-komunità u kooperattivi oħra ta' bdiewa u konsumaturi jippermettu lill-konsumaturi li jikkontribwixxu direttament għall-produzzjoni tal-ikel li jieklu. Ċifri riċenti jissuġġerixxu li bħalissa hemm 2 776 minn dawn l-iskemi ta' agrikoltura appoġġjata mill-komunità li qed joperaw fl-Ewropa, li jilhq 472 055 konsumatur⁽³²⁾. Mudelli akbar tal-"iskema tal-kaxxi" tal-prodotti ukoll jibbenefikaw minn ktajjen tal-provvista qosra li jwasslu l-prodott direttament lill-konsumatur domestiċu jew lejn punt ta' għbir ċentralizzat.

9.5. Il-bejgħ dirett tal-prodotti agroalimentari mill-bdiewa, per eżempju fis-swieq tal-bdiewa, għandu vantaġġ doppju: għall-produtturi m'hemmxx Prattiki abbużivi u jistgħu jibbenefikaw minn livell ogħla ta' awtonomija u dħul ogħla, filwaqt li l-konsumaturi jista' jkollhom aċċess għal prodotti friski ġenwini u sostenibbli b'oriġini ċert. Fi studju⁽³³⁾, instab li l-bdiewa jirċievu dħul ħafna ogħla għall-prodott tagħhom meta jużaw dawn il-ktajjen ta' provvista minflok swieq tradizzjonali. Dawn l-inizjattivi għandhom jiġu appoġġjati aktar minn fondi pubbliċi, bħall-pagamenti mit-tieni pilastru tal-PAK, billi dawn jiġġeneraw tkabbir u impjiegi, kif ukoll iwiegħbu għall-bżonnijiet tal-konsumaturi.

9.6. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw mezzi biex itejbu s-sitwazzjoni tal-bdiewa u tal-kumpaniji tal-ikel lokali permezz ta' kuntratti diretti ma' awtoritajiet pubbliċi fl-implimentazzjoni ta' direttivi ġodda dwar l-akkwist pubbliku, li jmur lil hinn mil-loġika tal-irħas offerta.

⁽³⁰⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (2015/2065(INI)), ibid.

⁽³¹⁾ ĠU C 303, 19.8.2016, p. 64.

⁽³²⁾ European CSA Research Group, 2015. Overview of Community Support Agriculture in Europe. <http://urgenci.net/wp-content/uploads/2016/05/Overview-of-Community-Supported-Agriculture-in-Europe.pdf>.

⁽³³⁾ http://www.foeeurope.org/sites/default/files/agriculture/2015/eating_from_the_farm.pdf.

9.7. Barra minn hekk, għandha ssir kampanja ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni Ewropea dwar il-valur ta' ikel. Għarfien akbar tal-konsumaturi dwar l-importanza tal-produzzjoni tal-ikel kif ukoll apprezzament aktar tal-ikel huma dejjem aktar meħtieġa u jistgħu jikkontribwixxu għal prattiki ta' kummerċ aktar ġusti.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiddefinixxi l-karatteristiċi tal-bastimenti tas-sajd (Riformulazzjoni)”

[COM(2016)273 final – 2016/0145 (COD)]

(2017/C 034/22)

Relatur: **is-Sur Gabriel SARRÓ IPARRAGUIRRE**

Konsultazzjoni	Kunsill, 01/06/2016 Parlament Ewropew, 06/06/2016
Bażi legali	Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [COM(2016)273 final – 2016/0145 (COD)]
Deċiżjoni tal-Bureau tal-Kumitat	14/06/2016
Sezzjoni kompetenti	Agrikoltura, Żvilupp Rurali u Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	30/09/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	222/0/2

1. Konklużjonijiet

1.1. Il-KESE jaqbel ma’ din il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiddefinixxi l-karatteristiċi tad-dgħajjes tas-sajd (riformulazzjoni), hekk kif huwa meqjus bħala bżonjuż u utli ħafna għall-finijiet tal-liġi tal-UE.

2. Sfond

2.1. L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li ssir il-kodifikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 tat-22 ta’ Settembru 1986 li jiddefinixxi l-karatteristiċi tad-dgħajjes tas-sajd, li huwa emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3259/94 tat-22 ta’ Diċembru 1994.

2.2. Din il-kodifikazzjoni ssegwi l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta’ Edinburgu ta’ Diċembru 1992, li kkonfermaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipproċedi bil-kodifikazzjoni tal-atti kollha (oriġinali u l-emendi sussegwenti) wara mhux iktar minn għaxar emendi.

2.3. Il-kodifikazzjoni hija meħtieġa għas-simplifikazzjoni, iċ-ċarezza u t-trasparenza tal-liġi tal-Unjoni sabiex tkun iktar aċċessibbli u tinftiehem miċ-ċittadini u b’hekk toffrilhom opportunitajiet ġodda u ċ-ċans li jagħmlu użu mid-drittijiet speċifiċi li tagħtihom.

2.4. Il-kodifikazzjoni għandha ssir f’konformità sħiħa mal-proċedura normali għall-approvazzjoni tal-atti tal-Unjoni.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-proposta tal-Kummissjoni żżomm il-kontenut kollu tal-atti li qed jiġu kkodifikati.

3.2. Madankollu, il-proposta twettaq għadd ta’ emendi għall-kontenut tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2930/86, bl-iskop li jingħataw setgħat lill-Kummissjoni għall-adattament tal-ħtiġiet li jiddeterminaw il-qawwa tal-magna kontinwa għal progress tekniku. Għalhekk, il-proposta qed tiġi preżentata bħala riformulazzjoni.

3.3. Il-proposta ta' riformulazzjoni tħejjiet abbażi ta' konsolidazzjoni preliminari, fi 23 lingwa uffiċjali tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 u tal-att li jemendah, magħmula mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' sistema ta' pproċessar ta' data.

3.4. Il-proposta fiha tliet annessi, li jinkludu l-emenda tal-Anness (adattat) tar-Regolament (KE) Nru 3259/94 u l-korrelazzjoni, fil-każ ta' tibdil fin-numri tal-artikoli, bejn in-numri ġodda u qodma tal-proposta.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-KESE jaqbel mal-emendi introdotti fil-kontenut tal-Artikolu 5(3), li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati għall-adattament għall-progress tekniku tar-rekwiżiti dwar il-qawwa tal-magna kontinwa ddeterminata skont ir-rekwiżiti adottati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardazzjoni fl-istandard internazzjonali rakkomandata tagħha ISO 3046/1, it-tieni edizzjoni ta' Ottubru 1981.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-miżuri ta’ ġestjoni, ta’ konservazzjoni u ta’ kontroll li japplikaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007”

[COM(2016) 401 final — 2016/0187 (COD)]

(2017/C 034/23)

Relatur: **is-Sur Thomas McDONOGH**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 22/06/2016 Kunsill, 30/06/2016
Bażi legali	L-Artikoli 43(2) u l-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [COM(2016) 401 final — 2016/0187 (COD)]
Deċiżjoni tal-Bureau tal-Kumitat	12/07/2016
Sezzjoni Speċjalizzata responsabli	L-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	30/09/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	224/1/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ t-traspożizzjoni fid-dritt tal-UE ta’ miżuri adottati fl-2008 mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT). Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex ikollha rwol aktar assertiv f’din u f’organizzazzjonijiet reġjonali oħra għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs).

1.2. Il-KESE jappella lill-partijiet interessati kollha biex jinfurzaw dawn u miżuri oħra ta’ konservazzjoni bl-akbar rigorożità. Il-maġġoranza tas-sajjieda jimxu mar-regoli u ħaqqhom kondizzjonijiet indaqs ta’ kompetizzjoni.

1.3. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tivverifikaw u, jekk ikun meħtieġ, tħassar l-Artikolu 7(2), kif ukoll tibdel, skont il-linji suġġeriti f’din l-opinjoni, l-Artikoli 9(1), 31, 32, 34 sa 36, u 38(4). L-eċċezzjoni għal operazzjonijiet ta’ trażbord fuq il-baħar proposta fl-Artikoli 52 sa 59 għandha tiġi evalwata mill-ġdid bir-reqqa u possibbilment titneħħa jekk l-obbligu ġenerali ta’ trażbord f’port se jipprevali.

2. Sfond

2.1. Minbarra ftehimiet bilaterali bħal ftehimiet ta’ sħubija jew ta’ reċiproċità għal sajd sostenibbli, il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) tagħti lill-Unjoni l-possibbiltà li tidħol fi ftehimiet multilaterali fi ħdan l-RFMOs. L-għan ta’ dawn il-ftehimiet huwa li jsaħħu l-kooperazzjoni reġjonali biex jiggwarantixxu l-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-ħut.

2.2. L-ICCAT hija responsabbli għall-konservazzjoni tat-tonn u speċijiet li jixbhu t-tonn (madwar 30 b'kollox) fl-Oċean Atlantiku u fl-ibħra ta' madwaru. L-UE ilha parti kontraenti sa mill-1997, fejn ħadet post Stati Membri individwali.

2.3. L-ICCAT għandha l-awtorità li tadotta rakkomandazzjonijiet vinkolanti li għandhom jiddaħħlu fil-liġi tal-Unjoni sa fejn dawn ma jkunux koperti minn leġislazzjoni preċedenti.

3. Osservazzjonijiet

3.1. L-Artikolu 7(2) tal-proposta, li jillimita l-bdil ta' bastimenti ta' tal-istess kapaċità jew ta' inqas kapaċità, huwa bbażat fuq ir-Rakkomandazzjoni 14-01 tal-ICCAT, li m'għadhiex fis-seħħ. Ir-Rakkomandazzjoni 15-01, ir-rakkomandazzjoni l-ġdida għat-tonn tropikali, ma tinkludix fil-forma attwali tagħha kull limitazzjoni fir-rigward ta' bdil.

3.2. L-Artikolu 9(1) dwar pjani ta' ġestjoni għal taġmir biex jinġabar il-ħut (FADs) jistabbilixxi l-limitu taż-żmien għat-trażmissjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT għall-1 ta' Lulju ta' kull sena, li kienet id-data stabbilita fir-Rakkomandazzjoni 14-01. Il-limitu stabbilit fir-Rakkomandazzjoni 15-01 huwa l-31 ta' Jannar; peress li dan japplika għall-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jingħataw skadenza iktar bikrija, pereżempju l-15 ta' Jannar.

3.3. L-Artikoli 31, 32, 34, 35 u 36, li jimponu projbizzjoni ta' ħatt fuq l-art ta' klieb il-baħar mhux awtorizzati, jistgħu jinkludu referenza għall-Artikolu 15(4) tar-Regolament bażiku tal-PKS⁽¹⁾, li jistipula eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali ta' projbizzjoni tar-rimi.

3.4. L-Artikolu 38(4) għandu jibda, bħal fir-Rakkomandazzjoni 07-07 tal-ICCAT, bil-kliem "fejn prattikabbli". Dan m'għandux jipprekludi n-negozjar ta' kompromess aktar vinkolanti fi ħdan l-ICCAT.

3.5. L-Artikoli 54 u 55 għandhom l-għan li jintroduċu l-eċċezzjonijiet tal-ICCAT għal bastimenti li jistadu bil-konz rigward it-trażbord fuq il-baħar, iżda fil-każ tal-flotta tal-UE għandha tapplika r-regola ġenerali li l-operazzjonijiet kollha tat-trażbord isiru f'port.

Brussell, 19 ta' Ottubru 2016

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida (Riformulazzjoni)”

[COM(2016) 270 finali — 2016/0133(COD)]

dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u li tassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010”

[COM(2016) 271 final — 2016/0131(COD)]

u dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-‘Eurodac’ għat-tqabbil ta’ marki tas-swaba’ għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jstabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f’wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida għall-identifikazzjoni ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida li qed jirresjedu illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil ma’ data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta’ infurzar tal-liġi (Riformulazzjoni)”

[COM(2016) 272 final — 2016/0132(COD)]

(2017/C 034/24)

Relatur: **is-Sur MORENO DÍAZ**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 15/06/2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [COM(2016) 270 finali — 2016/0133(COD)], [COM(2016) 271 final — 2016/0131(COD)], [COM(2016) 272 final — 2016/0132(COD)]
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	27/09/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	215/1/4

1. Konklużjonijiet

1.1. Il-KESE jqis indispensabbli li jkun hemm riforma effiċjenti u effettiva tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) kif ukoll titjib tal-mezzi legali ta’ aċċess għall-Unjoni Ewropea, mill-perspettiva tar-rispett tad-drittijiet tal-persuni li jsufri minn persekuzzjoni.

1.2. Għal dan il-għan għandha tiġi proposta sistema komuni u obligatorja ġenwina għall-Istati Membri kollha sabiex jiġu armonizzati l-leġislażjonijiet nazzjonali kollha jew – fin-nuqqas ta’ dan – għandha mill-inqas tiġi introdotta sistema komuni ta’ rikonoxximent reċiproku tar-riżoluzzjonijiet dwar l-asil bejn il-pajjiżi membri kollha tal-UE li tkun tippermetti Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA).

1.3. Fi kwalunkwe każ, il-KESE jilqa’ l-għan propost li jitħaffu l-proċeduri li jiddeterminaw għall-finijiet ta’ effiċjenza akbar, iżda jqis li għandhom jiġu ċċarati u inklużi d-dispożizzjonijiet ta’ protezzjoni fir-rigward tal-kwistjonijiet proċedurali, it-trattament individwalizzat tal-applikazzjonijiet, iż-żamma tal-klawżoli diskrezzjonali, iż-żamma tal-iskadenza ta’ meta jintemm l-obbligu għal Stat Membru biex jassumi responsabbiltà, id-drittijiet tal-applikanti u l-limitazzjoni tal-mekkaniżmu ta’ allokkazzjoni korrettiva.

1.4. Huwa neċessarju li tiġi żgurata l-konsistenza tad-dispożizzjonijiet proposti fir-Regolament mad-dispożizzjonijiet eżistenti f'dan il-qasam u l-miżuri relatati li l-KE beħsiebha tiżviluppa b'hal partii mill-bidla fundamentali tas-SEKA u l-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni.

1.5. Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli biex jipprovi informazzjoni dettaljata u aġġornata lill-applikant dwar il-proċeduri skont is-sistema ta' Dublin f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4.

1.6. Bil-għan li jkun hemm sostenibbiltà effettiva tas-sistema fir-rigward l-aċċess rapidu tal-applikanti għall-proċedura tal-asil u l-kapaċità li l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri jimplementaw is-sistema, hemm b'żonn li jiġi garantit il-prinċipju tal-proporzjonalità.

2. Sfond

2.1. Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni li fiha nnutat in-nuqqasijiet fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet ta' "Dublin", u tidentifika ħames oqsma ta' prijorità biex tittejjeb din is-sitwazzjoni.

2.2. Il-Kummissjoni tipproponi riforma fis-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil sabiex tinholq sistema iktar ekwa, effiċjenti u sostenibbli billi jiġi emendat ir-Regolament attwali (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

2.3. Il-Kummissjoni tinnotta li s-sistema ta' Dublin ma tfaflitx biex jiġi żgurat li r-responsabbiltà tinqasam b'mod sostenibbli, ekwu u effiċjenti fir-rigward ta' dawk li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali fl-UE kollha. L'hekk imsejħa "Sistema ta' Dublin" ma ħadmitx b'mod adegwat u lanqas b'mod standardizzat: l-esperjenza f'dawn l-aħħar snin uriet li, f'każ ta' flussi migratorji kbar, numru limitat ta' Stati Membri jkollhom jeżaminaw il-maġġoranza tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, li xi kultant dan iwassal għall-ksur dejjem jiżdied tar-regoli tal-asil fl-Unjoni Ewropea.

2.4. Biex tirrimedja dawn in-nuqqasijiet, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi emendat ir-Regolament bl-għanijiet li ġejjin:

- tissaħħaħ l-effiċjenza tas-sistema billi jiġi stabbilit Stat Membru wieħed responsabbli għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali;
- jiġu skoraġġuti l-abbużi tas-sistema tal-asil u jiġu evitati movimenti sekondarji tal-applikanti fi ħdan l-UE;
- tiġi stabbilita sistema iktar ġusta ta' tqassim permezz ta' mekkaniżmu korrettiv li awtomatikament jidentifika jekk Stat Membru jkollu għadd sproporzjonat ta' applikazzjonijiet għall-asil;
- tiġi pprovduta kjarifika tal-obbligi tal-applikanti għall-asil fl-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità ma' dawk l-obbligi;
- jiġi emendat ir-Regolament Eurodac sabiex jiġi adattat għall-bidliet fis-sistema ta' Dublin u biex jiġi żgurat li dan jiġi applikaw sew;
- jissaħħaħ il-mandat tal-Uffiċċju Ewropew għall-Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) waqt li tiġi stabbilita l-Aġenzija tal-Asil tal-Unjoni Ewropea.

3. Analiżi

3.1. Il-kriterji ta' Dublin proposti sabiex tiġi determinata r-responsabbiltà tal-Istat Membru

Skont ir-Regolament attwali (UE) 604/2013, il-kriterji ġenerali l-aktar użati sabiex jiġu determinati t-trasferimenti huma d-dokumentazzjoni u l-post tad-dħul, li jwassal għal teħid importanti ħafna ta' responsabbiltà mill-Istati Membri bi fruntieri esterni. L-informazzjoni li tinsab f'Eurodac u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) huma aċċettati b'hal prova mill-maġġoranza tal-Istati Membri, madankollu, f'xi okkażjonijiet mhumix ikkunsidrati b'hal evidenza suffiċjenti.

Fil-proposta, il-kriterju biex jiġi determinat l-Istat Membru ser jintuża darba biss u l-Artikolu 9 jistipola li applikant għandu japplika fl-ewwel Stat Membru li jidħol fih, irrispettivament minn jekk id-dħul kienx irregolari jew ta' residenza legali. Il-kriterji ta' ġerarkija deskritti fl-Artikoli 10 sa 17 għandhom dispożizzjonijiet simili:

3.1.1. **Minorenni:** Ir-riforma proposta tqis il-kunsiderazzjonijiet stabbiliti iżda biss għal dawk il-minorenni mhux akkumpanjati li qegħdin japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali.

3.1.2. **Membri tal-familja:** Il-proposta twessa' d-definizzjoni ta' membri f'żewġ sensi: testendiha għall-aħwa u tqis il-familji li jiġu fformati qabel il-wasla fl-Istat Membru, iżda mhux neċessarjament fil-pajjiż ta' oriġini kif definita fir-Regolament ta' Dublin III. Iż-żewġ kunsiderazzjonijiet huma ta' importanza vitali, u b'mod partikolari, nenfasizzaw is-sitwazzjonijiet ta' tbatija li jseħħu meta l-aħwa ma jitqiesux bħala "membri tal-familja" u li f'ħafna sitwazzjonijiet dan jolqot lill-minorenni mhux akkumpanjati, li l-uniċi konnessjonijiet mal-familja fi Stat Membru jkunu l-aħwa.

3.1.3. **Dokument ta' residenza jew viża:** Il-proposta żżomm ir-responsabbiltà tal-Istat Membru biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali meta joħroġ dawn id-dokumenti, iżda tintroduċi kunsiderazzjonijiet sabiex jiġu ċċarati l-kriterji ta' responsabbiltà.

3.1.4. **Dħul irregolari minn ġo Stat Membru:** Il-proposta telimina d-dispożizzjonijiet relatati mat-tmien tar-responsabbiltà tnaħ-il xahar wara d-data ta' meta jkun seħħ il-qsim mhux awtorizzat ta' fruntiera.

3.1.5. **Klawżoli diskrezzjonali:** Il-proposta tillimita l-abbiltà tal-Istati Membri u tistabbilixxi biss il-possibbiltà li jieħdu r-responsabbiltà għal applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li ma tkunx ir-responsabbiltà tagħhom abbażi ta' relazzjonijiet familjari li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' membri tal-familja.

3.1.6. Fir-rigward tal-persuni dipendenti, m'hemm l-ebda modifika għall-proposta u, għalhekk, jekk l-applikant ikun dipendenti fuq l-assistenza tat-tfal, l-aħwa jew il-ġenituri li jkunu legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri minħabba tqala, wild reċenti, mard serju, diżabilità serja jew età avanzata, jew meta l-istess persuni jiddependu mill-assistenza tal-applikant, l-Istati Membri għandhom ilaqqgħuhom jew jiġbruhom mal-applikant dejjem jekk kien hemm rabtiet fil-pajjiż ta' oriġini u l-persuni inkwistjoni jistgħu jipprovdu dik l-assistenza u jiddikjaraw dan bil-miktub.

3.2. **Proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali**

3.2.1. Il-proposta għal riforma tar-Regolament ta' Dublin għandha l-għan li tistabbilixxi sistema aktar ġusta u sostenibbli, billi tiġi ssemplifikata l-proċedura u tiżdied l-effettività, iżda l-modifiki introdotti mhumiex dejjem imfassla biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

L-Artikolu 3 tal-proposta għal riforma jintroduċi l-analiżi tal-kriterji ta' ammissibbiltà ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, qabel ma jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli, mingħajr ma tiġi eżaminata l-eżistenza ta' membri tal-familja fi Stat Membru ieħor jew il-bżonnijiet tal-minorenni.

Il-kriterji ta' eliġibbiltà li jistgħu jiġu vvalutati minn qabel huma l-kunċetti ta' pajjiż terz sigur, l-ewwel pajjiż ta' asil, pajjiż ta' oriġini sigur u l-kunċett ġuridiku indeterminat ta' *periklu għas-sigurtà*.

Il-proposta tintroduċi modifiki fir-rigward tal-limiti ta' żmien, fejn tnaqqas b'mod sinifikanti u ġew aċċellerati l-proċeduri tar-riammissjoni.

3.2.2. Ir-riforma telimina ċ-ċirkostanzi li fihom tintemm ir-responsabbiltà li huma stabbiliti fl-Artikolu 19 (li l-applikant volontarjament joħroġ mill-UE għal aktar minn tliet xhur, jew jitkeċċa). Dan jimplika li l-istess Stat Membru għandu jkun responsabbli għal kwalunkwe applikazzjoni li titressaq minn persuna fi kwalunkwe ħin, anke jekk tkun irritornat fil-pajjiż tal-oriġini tagħha għal perjodi twal ta' żmien, is-sitwazzjoni personali u familjari tagħha jkunu inbidlu fil-frattemp jew il-kundizzjonijiet fl-Istat Membru inkwistjoni jkunu inbidlu sostanzjalment.

3.3. **Il-garanziji proċedurali u r-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-proċess sabiex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli**

3.3.1. **Dritt għall-informazzjoni:** L-Artikolu 6(1) isaħħaħ id-dritt għall-informazzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali soġġetti għal proċeduri li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli, u jispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta.

3.3.2. **Dritt għal appell effettiv:** L-Artikolu 27 tar-riforma jeħtieġ li n-notifika tad-deċiżjoni tat-trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli ssir bil-miktub lill-applikant mingħajr dewmien. Din in-notifika għandha tinforma lill-applikant bil-possibbiltà li jappella d-deċiżjoni. L-Artikolu 28 jiggarrantixxi l-effett sospensiv tal-appelli kontra d-deċiżjonijiet ta' trasferiment tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u jstabbilixxi l-iskadenzi, minkejja li qosra wisq (sebat ijiem biss sabiex isir appell), għall-proċedura ta' eżami mill-ġdid.

3.3.3. **Dritt għal-libertà ta' moviment u ż-żamma ta' applikanti sommessi għall-proċess li jiddetermina l-Istat responsabbli:** L-Artikolu 29 tal-proposta jnaqqas għan-nofs iż-żmien tal-proċeduri fil-każ li l-persuna li tkun qed tapplika tkun tinsab f'detenzjoni. Barra minn hekk inaqqas minn sitta għal erba' ġimgħat iż-żmien biex jitwettaq it-trasferiment jew, fil-każ oppost, biex il-persuna tinħeles.

3.4. **Dmirijiet u sanzjonijiet**

3.4.1. Il-proposta tintroduċi b'mod espliċitu l-obbligi tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali:

- l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha ssir fl-ewwel pajjiż li fih ikunu daħlu b'mod irregolari jew fil-pajjiż fejn huwa permess li joqgħod legalment;
- għandha tiġi ppreżentata l-informazzjoni u l-provi kollha malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard mill-intervista li ssir biex jiġi determinat l-Istat responsabbli, kif ukoll għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-Istat Membru sabiex jiġi determinat liema Stat Membru huwa responsabbli;
- għandhom ikunu preżenti u disponibbli għall-awtoritajiet tal-Istat Membru li jkun qed jiddetermina liema huwa l-Istat Membru responsabbli;
- għandhom jikkonformaw mat-trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli.

3.4.2. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, l-Artikolu 5 jistipula l-konsegwenzi proċedurali u ta' akkoljenza sproporzjonati, li jmorru kontra l-istandards tad-Direttivi attwali relatati mal-proċedura (id-Direttiva 2013/32/UE) u mal-akkoljenza (id-Direttiva 2013/33/UE) u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE:

- Fil-każ li l-applikazzjoni ma titressaqx fl-Istat Membru li fih ikun awtorizzat li joqgħod l-applikant, jew fl-Istat Membru li jkun daħal fih b'mod irregolari, l-analiżi tal-applikazzjoni għandha titwettaq permezz tal-proċedura mħaffa, skont l-Artikolu 31(8) tad-Direttiva 2013/32/UE. Madankollu, dan l-Artikolu ma jipprevedix għal każijiet bħal dawn, u dan ifisser li proċedura hija applikata għal firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet. Fil-prattika dan iwassal għal skadenzi qosra li matulhom l-applikazzjoni trid tiġi analizzata fil-fond, tnaqqis fil-garanziji u diffikultajiet akbar li jiġu identifikati persuni vulnerabbli f'perjodi qosra ta' żmien. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari għall-obbligu stabbilit fl-Artikolu 24(3) tad-Direttiva 2013/32/UE li ma jiġux applikati proċeduri mħaffa f'każijiet ta' applikanti partikolarment vulnerabbli.
- Għandhom jitqiesu biss l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni mogħtija qabel l-intervista għad-determinazzjoni tal-Istat responsabbli. Madankollu, f'ħafna każijiet, sabiex jiġu ċertifikati r-rabtiet familjari, ikun hemm bżonn prova ta' parentela, u din tiegħu ż-żmien.
- Il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikolu 14 sa 19 tad-Direttiva 2013/33/UE huma esklużi fi kwalunkwe Stat Membru ieħor: fost dawn il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza li jistgħu jiġu esklużi hemm l-aċċess għas-sistema edukattiva mill-minorenni (Artikolu 14 tad-Direttiva 2013/33/UE) li huwa ksur ċar tad-dritt għall-edukazzjoni tal-minorenni (Artikoli 14 u 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE), il-kura tas-saħħa li ma tkunx limitata għall-emerġenzi (Artikolu 19 tad-Direttiva 2013/33/UE) u livell ta' ħajja adegwat li jiggarrantixxi l-għajxien u l-protezzjoni tas-saħħa fiżika u mentali (Artikolu 17 tad-Direttiva 2013/33/UE).

- il-possibbiltà għal appell kontra applikazzjoni miċħuda għall-protezzjoni internazzjonali hija eskluża għall-applikanti li ġew irrifjutati u li ġew ittrasferiti lejn Stat Membru ieħor (l-Artikolu 20(5) tal-proposta). Din id-dispożizzjoni tista' tikser l-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32/UE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

3.5. **Mekkaniżmu ta' allokkazzjoni korrettiva**

Huwa stabbilit mekkaniżmu korrettiv kontra l-possibbiltà ta' diskrepanza fin-numru ta' applikazzjonijiet li kull Stat Membru għandu jipproċessa skont il-kriterji msemmija hawn fuq. Biex tiġi ddeterminata sitwazzjoni bħal din, huwa kkalkulat, skont il-PGD u l-popolazzjoni, valur ta' referenza tan-numru ta' applikazzjonijiet u rilokazzjonijiet li kull Stat Membru jkollu l-kapaċità jerfa'. Jekk din iċ-ċifra taqbeż il-150 %, jiġi attivat il-mekkaniżmu korrettiv b'mod awtomatiku, u l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jiġu rilokati minn dan l-Istat Membru (benefiċjarju) lejn Stati Membri oħrajn (ta' allokkazzjoni) li jkollhom inqas applikanti.

3.6. **Tisħiħ tas-sistema EURODAC**

Il-proposta tal-Kummissjoni tinkludi pjan sabiex tiġi adattata is-sistema Eurodac u għandha l-għan li ttejjeb is-sistema maħluqa fl-2000 għall-organizzazzjoni u l-użu ta' bażi ta' data Ewropea li fiha jiġu reġistrati l-marki tas-swaba' tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u ta' diversi kategoriji ta' migranti f'sitwazzjoni irregolari. L-għan ta' din is-sistema huwa li jiffaċilita l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin, billi jagħmilha possibbli li jiġi ddeterminat liema Stat Membru kien l-ewwel punt tad-dħul fl-UE ta' applikant għall-protezzjoni internazzjonali. Tipprovdha għall-possibbiltà li jiġi estiż l-ambitu tal-azzjoni u li tinkludi u taħżen id-data ta' persuni minn pajjiżi terzi li mhumiex applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u li joqogħdu b'mod irregolari fl-UE.

3.7. **Mandat ġdid għall-Aġenzija tal-Asil tal-UE**

Il-Kummissjoni tipproponi li jiġi modifikat il-mandat tal-EASO sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u r-Regolament ta' Dublin.

Il-Kummissjoni tipprevedi t-trasformazzjoni tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil billi jiġi estiż il-mandat tiegħu biex jiżdied ir-rwol tiegħu u tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil.

4. **Rakkomandazzjonijiet speċifiċi**

4.1. **Minorenni mhux akkompanjati**

Id-dispożizzjonijiet jikkontradixxu "l-aħjar interessi tat-tfal" fid-dawl tal-bosta każijiet ta' minorenni mhux akkompanjati li, minħabba ċirkustanzi differenti, ma jidhru fil-proċedura għall-protezzjoni internazzjonali, u lanqas ma jiżguraw evalwazzjoni tal-bżonnijiet individwali tagħhom.

4.2. **Dħul irregolari minn ġo Stat Membru**

L-eliminazzjoni tat-tmiem tar-responsabbiltà ta' tna-x il-xahar wara d-data tal-qsim tal-fruntiera mhux awtorizzata tidher li tmur kontra wieħed mill-għanijiet prijoritarji tar-riforma, jiġifieri li t-tqassim tar-responsabbiltajiet isir b'mod sostenibbli u li s-sistema tkun aktar ekwa. L-eliminazzjoni tat-tmiem ma tiggarrantixx dan is-sens ta' ġustizzja għall-Istati Membri li jinsabu fil-fruntieri esterni.

4.3. **Klawsoli diskrezzjonali**

4.3.1. Il-KESE ma jaqbilx li l-klawżola tiġi ristretta biss għall-każijiet ta' rabtiet familjari li huma differenti mid-definizzjoni ta' membri ta' familja minħabba li huwa importanti li jitqies li dan jista' jwassal għal problemi fi Stat Membru li mhumiex biss kwantitattivi – minħabba n-numru ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali – iżda wkoll kwalitattivi, u dawn jolqtu kwistjonijiet konnessi mal-applikazzjoni effettiva tad-Direttiva 2013/32/UE dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-asil għal persuni li jkun qed ifittxu l-protezzjoni internazzjonali, informazzjoni u pariri, il-garanziji proċedurali u l-proċeduri speċjali għall-persuni fil-bżonn. Barra minn hekk id-Direttiva 2013/33/UE riformulata dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tinkludi regoli komuni sabiex l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' ħajja komparabbli fl-Istati Membri kollha, kif ukoll ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tagħhom.

4.3.2. Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn l-ebda Stat Membru ma jkun f'pożizzjoni li jiggarrantixx id-dispożizzjonijiet inklużi f'dawn id-Direttivi. Għalhekk huwa meħtieġ li jinżammu l-kliem tar-Regolament ta' Dublin III dwar id-deċiżjoni li kwalunkwe Stat Membru li jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li titressaq għandu, anki jekk dan l-eżami ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

4.3.3. Barra minn hekk għandu jitqies li ħafna applikanti għall-protezzjoni internazzjonali għandhom mard serju u/jew diżabbiltà gravi, u ma għandhom l-ebda familja fl-ebda Stat Membru: madankollu, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, l-applikanti ma jistgħux, għal raġunijiet mediċi, jiġu trasferiti lejn l-Istat Membru responsabbli, li jistabbilixxi relazzjoni tiegħu ta' dipendenza mal-Istat Membru li fih tkun saret l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Hemm bżonn li dawn il-każijiet jiġu inklużi fl-abbozz għdid ta' proposta tal-klawsoli diskrezzjonali.

4.3.4. Huwa essenzjali li l-preżunzjoni ta' responsabbiltà għal raġunijiet umanitarji jew kulturali tinżamm sabieħ tiġi garantita l-għajnuna għall-persuni li jkunu qed ifittxu protezzjoni internazzjonali f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà partikolari, skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/32/UE u biex jiġi garantit trattament divrenzjali skont il-valutazzjoni taċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom.

4.4. *Proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali*

4.4.1. L-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà mingħajr analiżi minn qabel tal-eżistenza ta' membri tal-familja fi Stat Membru ieħor jew il-bżonnijiet tat-tfal, fejn din twassal għar-rifjut ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, tista' tkun f'kunflitt mad-dritt għall-ħajja tal-familja bħalma huwa rikonoxxut fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

4.4.2. L-applikazzjoni awtomatika tal-kunċetti ta' pajjiż terz sigur, l-ewwel pajjiż ta' asil, pajjiż ta' oriġini sigur u l-kunċett legali ta' riskju għas-saħħa tista' twassal għal sitwazzjonijiet diskriminatorji skont in-nazzjonalità jew ir-rotot migratorji. Barra minn hekk, fil-każ ta' pajjiż ta' oriġini sigur u riskju għas-sigurtà, l-Artikolu 3(3) jistipula li għandha tiġi applikata proċedura mħaffa. Dan l-ipproċessar imħaffef fl-ebda każ ma jista' jimmina l-garanziji proċedurali minħabba l-veloċità tal-iskadenzi. U lanqas ma jista' jwassal għal evalwazzjoni li ma tkunx individwali ta' dawn l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, kif inhu pprojbiet bl-Artikolu 10(3)(a) tad-Direttiva 2013/32/UE.

4.4.3. L-Artikolu 33 tal-proposta ma jintroduċi l-ebda titjib fir-rigward ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar każijiet vulnerabbli, sitwazzjonijiet mediċi u każijiet oħra individwali tal-applikanti li ser jiġu ttrasferiti, minkejja li dan huwa wieħed mill-akbar dgħufijiet identifikati fl-applikazzjoni Prattika tas-sistema ta' Dublin.

4.4.4. Id-dispożizzjonijiet dwar it-tmien ta' responsabbiltà fejn l-applikant joħroġ b'mod volontarju mill-UE għal aktar minn tliet xhur jew ikun tkeċċa tista' twassal għal sitwazzjonijiet fejn ma jitqisux ir-rabtiet familjari li jkun għew iffurmati fil-pajjiż ta' oriġini wara l-ewwel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fl-UE, jew fejn il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u ta' proċeduri li kienu ssodisfati matul l-ewwel applikazzjoni ma jiġux garantiti fl-Istati Membri responsabbli matul it-tieni applikazzjoni.

4.5. *Garanziji proċedurali*

4.5.1. Fir-rigward tad-dritt għall-informazzjoni, id-dispożizzjoni dwar it-trażmissjoni ta' informazzjoni permezz ta' fuljett ta' informazzjoni ma tikkunsidrax il-fatt li f'ħafna Stati Membri dan jinkludi biss informazzjoni ġenerali, f'lingwaġġ f'tit jew xejn mi f'hum mill-applikanti. Din l-informazzjoni għandha dejjem tingħata fl-intervista.

4.5.2. Fir-rigward tad-dritt għal rimedju effettiv, nemmnu li dan ir-rimedju m'għandux ikun limitat biss għat-tliet każijiet koperti, peress li dan jillimita l-aċċess għal protezzjoni legali effettiva fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- ir-riskju ta' trattament inuman jew degradanti fl-Istat Membru responsabbli minħabba nuqqasijiet fis-sistema tal-asil;
- deċizzjonijiet ta' trasferiment ibbażati fuq il-kriterju relatat mal-minorenni (Artikolu 10), fuq il-kriterju tal-familja, (Artikoli 11, 12 u 13) u fuq il-kriterju tal-persuni dipendenti (Artikolu 18);
- deċizzjonijiet li tiġi assunta r-responsabbiltà għall-eżami (l-ebda trasferiment), fejn ma għewx applikati il-kriterji tal-familja.

4.5.3. Fir-rigward tad-dritt għal-libertà tal-moviment u l-possibbiltà li jiġu detenuti l-applikanti soġġetti għall-proċeduri li jiddeterminaw l-Istat responsabbli, il-limitazzjoni fuq il-perjodu ta' detenzjoni (gimagnetjoni) ma tintroduċi xejn għdid fir-rigward ta' każijiet eċċezzjonali fejn tiġi ordnata d-detenzjoni. Minħabba Prattiki diverġenti fil-pajjiżi identifikati mill-Kummissjoni stess, huwa rakkomandabbli li jiġu stabbiliti kriterji ċari u preċiżi dwar in-natura eċċezzjonali tad-detenzjoni u l-valutazzjoni tal-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-miżura.

4.6. **Mekkaniżmu ta' allokazżjoni korrettiva**

4.6.1. L-użu ta' kriterju tant għoli, 150 % tal-kapaċità tal-Istat Membru kkonċernat, jista' jikkomprometti l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u ta' proċeduri tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li huma diġà preżenti f'dak l-Istat sakemm tintlaħaq din iċ-ċifra. Jekk, skont il-kriterji, tiġi stabbilita kapaċità ta' akkoljenza, jidher loġiku li jiġi attivat dan il-mekkaniżmu meta tinqabeż din il-kapaċità u mhux wieħed jistenna sal-150 %. Barra minn hekk, sabiex dan il-mekkaniżmu jkun effettiv, l-allokazżjoni għandha tiġi applikata għal dawk kollha li huma eliġibbli sabiex japplikaw għall-asil, ikun xi jkun il-pajjiż ta' oriġini.

4.6.2. Dan il-mekkaniżmu huwa applikat qabel ma jiġi determinat liema Stat Membru huwa responsabbli, li titwettaq sussegwentement mill-Istat Membru fejn ġew allokati l-applikanti. Dan jimplika li, wara li jkun ġie trasferit mill-Istat Membru benefiċjarju lejn l-Istat Membru ta' allokazżjoni, l-applikant għall-protezzjoni internazzjonali jista' jerġa' jiġi trasferit lejn it-tielet Stat Membru, fejn tkun tinsab il-familja tiegħu, u dan jirriżulta f'nuqqas ta' effettività tas-sistema u f'faktar dewmien għall-aċċess għall-proċeduri li jiddeterminaw l-istatus ta' protezzjoni internazzjonali.

4.6.3. Barra minn hekk, billi l-mekkaniżmu huwa awtomatiku, ma jqisx iċ-ċirkustanzi individwali tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u lanqas il-ħtiġijiet speċjali bħas-sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, li jistgħu jiskoraġġixxu t-trasferiment lejn l-Istat Membru ta' allokazżjoni.

4.6.4. Il-mekkaniżmu korrettiv ma jqisx l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li jkunu waslu qabel id-dħul fis-seħħ ta' din ir-riforma, jibqgħu esklużi mill-allokazżjoni l-applikanti li ġew irrifjutati qabel ma ġie applikat il-kriterju sabiex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli, skont l-Artikolu 3, kif ukoll l-applikanti li jaslul fi Stat Membru qabel ma jintlaħaq il-150 % ta' kapaċità ta' akkoljenza. Dan kollu jista' jfikkell milli jintlaħaq l-għan aħħari ta' dan il-mekkaniżmu u għandu effett limitat ħafna fit-tqassim tar-responsabbiltà tal-eżami tal-applikazzjonijiet u tal-akkoljenza.

4.6.5. Il-possibbiltà li l-Istati Membri jagħżlu li ma jieħdux sehem f'dan il-mekkaniżmu korrettiv, billi jħallsu ċertu ammont ta' fluss għal kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali li ma jiġix allokati fit-territorju tiegħu, tista' twassal għal sitwazzjonijiet diskriminatorji, billi l-Istati Membri jagħżlu fuq il-bażi tar-reliġjon, l-etniċità jew in-nazzjonalità liema applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jaċċettaw fit-territorju tagħhom u liema le.

4.7. **Is-sistema Eurodac**

Kwalunkwe kunsiderazzjoni rigward l-adattament tar-Regolament għandha tiġġustifika l-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-miżuri meħuda skont is-sensittività tad-data inkluża, partikolarment fir-rigward tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u l-kunfidenzjalità tal-proċeduri.

4.8. **Mandat għall-Aġenzija tal-Asil tal-UE**

Il-KESE jappoġġja l-proposti peress li minn mindu tnieda l-EASO għandhom ma ntlaħqux l-għanijiet proposti. Iqis li huwa neċessarju li fil-proposta l-ġdida jissaħħaħ u jiġi żviluppat ir-rwol tal-Forum ta' Konsultazzjoni tal-organizzazzjonijiet li attwalment jeżisti u li fil-prattika ddgħajfet il-kapaċità tiegħu. L-Aġenzija futura għandha tqis l-informazzjoni ta' dawn l-organizzazzjonijiet u l-ħidma li titwettaq f'kull Stat Membru sabiex tiġi mmonitorjata l-applikazzjoni korretta tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u l-implimentazzjoni tiegħu.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija tal-UE dwar it-Tisħin u t-Tkessiħ”

[COM(2016) 51 final]

(2017/C 034/25)

Relatur: **is-Sinjura Baiba MILTOVIČA**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 16/02/2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
	[COM(2016) 51 final]
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	06/10/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni: (favur/kontra/astensjonijiet)	229/3/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Strateġija li tiffoka fuq it-tisħin u t-tkessiħ, bl-impatt dirett tagħhom ta' kuljum fuq iċ-ċittadini kollha tal-UE, ilha mistennija u għandha tintlaq b'sodisfazzjon kbir. Jekk tkun segwita l-aħjar prattika u jiġi stabbilit qafas politiku konsistenti u sostnut bil-finanzjament disponibbli, jeżistu ħafna opportunitajiet fl-Ewropa għal titjib.

1.2. Din l-istrateġija komprensiva tal-UE hija estremament ambizzjuża. Hija timplika li l-kisba tal-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija ser tiddependi b'mod sinifikanti fuq l-applikazzjoni effettiva u konsistenti ta' din l-istrateġija fil-livell tal-Istati Membri. Hija tissuġġerixxi li t-tisħiħ tar-rwol tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ jista' jkun l-akbar kontributur biex jintlaħqu l-miri għal terminu medju u twil u għandu jiġi rikonoxxut bħala tali fil-programm kontinwu tal-Unjoni tal-Enerġija.

1.3. Għaldaqstant, il-KESE jirrakkomanda li r-rapport annwali dwar l-istat tal-Unjoni tal-Enerġija għandu jinkludi taqsima speċifika li tidentifika l-progress dwar din l-istrateġija.

1.4. Il-Kumitat japprezza l-ħidma mwettqa mill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni u t-tqabbil ta' data rilevanti għat-tisħin u t-tkessiħ. Data bħal din hija essenzjali. L-Eurostat għandu jagħti prijorità lill-ħidma fuq il-ġbir ta' sett ta' data aktar komprensiv, b'mod partikolari dwar l-enerġija użata fit-tisħin.

1.5. Huwa kritiku r-rwol li l-konsumatur għandu jaqdi sabiex jagħmel kwalunkwe strateġija globali effettiva u l-Kumitat iħeġġeġ aktar żvilupp tal-proposta tiegħu għal Djalogu Ewropew dwar l-Enerġija komprensiv sabiex itejjeb l-għarfien u l-ħolqien ta' inċentivi ċari għall-konsumaturi sabiex jingħata stimolu għal bidla fl-imġiba. Inċentivi bħal dawn mhux biss għandhom ikunu finanzjarji iżda għandhom ukoll jenfasizzaw l-impatt soċjali pożittiv tal-ħafna miżuri li jinsabu fl-istrateġija u jiġu mmirati lejn dawk li huma vulnerabbli u dawk b'faqar enerġetiku.

1.6. Il-Kumitat jirrakkomanda li ssir analiżi komparattiva urġenti tas-setturi pubbliċi u privati maħsubin biex jappoġġjaw skemi effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju.

1.7. Jeħtieġ li jiġi stabbilit fil-livell reġjonali u municijali fl-Istati Membri kollha approċċ ġdid lejn il-politika tal-ippjanar urban, konsistenti mal-istrateġija proposta, sabiex jiżgura l-implimentazzjoni tagħha. Il-Kumitat jenfasizza r-rwol tal-Patt tas-Sindki f'dan ir-rigward.

1.8. Miri tal-enerġija u tal-klima tal-UE fuq livell għoli jeħtieġu li jiġu tradotti f'kontributi espliċiti mill-Istati Membri bl-implimentazzjoni fil-pjani nazzjonali permezz ta', pereżempju, miri għal 5 snin speċifikati skont is-settur, b'metriċi żviluppati speċifikament għat-tisħin u għat-tkessiħ.

2. Introduzzjoni

2.1. L-istrateġija għat-tisħin u t-tkessiħ tipprovdi l-ewwel valutazzjoni fil-livell tal-UE ddedikata għas-settur kollu. It-tisħin u t-tkessiħ jirrappreżentaw madwar 50 % tal-konsum totali tal-enerġija fl-UE u se jibqgħu għal żmien twil l-ikbar xprun tad-domanda għall-enerġija, filwaqt li t-tisħin tal-bini huwa l-akbar settur uniku. In-natura durabbli ta' teknoloġiji tat-tisħin għall-bini tfisser li se jkollhom rwol importanti f'jekk l-UE tistax tikseb il-miri tagħha tal-klima u l-enerġija fit-terminu medju u fit-tul. It-tisħin tal-ispazju u tal-ilma domestiku għall-bini huwa attwalment wieħed mill-ikbar użi enerġetiċi settorjali – u huwa l-aktar wieħed problematiku għad-dekarbonizzazzjoni. Attwalment it-tisħin isir prinċipalment b'enerġija ġeja minn karburanti fossili direttament forniti lill-bini, li joħlqu kwistjonijiet ta' sikurezza u tal-emissjonijiet lokali.

2.2. Is-setturi kollha tas-soċjetà ċivili huma involuti. Ir-rekwiżiti tal-enerġija ta' ħafna industrij bi proċessi kbar, fejn it-tisħin huwa normalment applikat b'mod estensiv, jaffettwaw il-kompetittività tagħhom b'mod dirett: it-tkessiħ huwa essenzjali fil-biċċa l-kbira tal-ipproċessar tal-ikel, tad-distribuzzjoni u tal-katina tal-bejgħ bl-immut u tal-ħżin, filwaqt li l-ispejjeż u l-effiċjenza tat-tisħin domestiku huma ta' tħassib għall-konsumaturi kollha.

2.3. Għadd dejjem jikber ta' familji madwar l-Istati Membri qed jonfqu sehem għoli ta' dħul fuq l-enerġija, li żżid il-livell tal-faqar enerġetiku. B'mod partikolari l-anzjani, il-persuni vulnerabbli u l-gruppi bi dħul baxx huma suxxettibbli u l-KESE ssuġġerixxa l-istabbiliment ta' osservatorju tal-faqar enerġetiku biex janalizza u jindirizza din il-problema⁽¹⁾. Taħlita ta' miżuri soċjali, finanzjarji u tekniċi kollha jridu jaħdmu f'sinerġija għal riżultati effettivi. Enfasi akbar fuq il-ġbir ta' data preċiża tat-tisħin se tgħin il-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku.

2.4. It-tisħin u t-tkessiħ, bħala tali, mhumiex faċilment jew ekonomikament trasportabbli. Dan iwassal għal "swieq" ferm lokalizzati u frammentati. It-tkessiħ jikkostitwixxi 5 % biss tad-domanda għall-enerġija, it-tisħin 95 %, bid-domanda għat-tisħin li taqbeż b'mod konsiderevoli dik għat-tkessiħ anki fi Stati Membri aktar sħan. L-investment kapitali f'sistemi tat-tisħin u tat-tkessiħ għandu t-tendenza li jkun għal perjodu medju u fit-tul iżda l-iżvilupp tat-teknoloġija u l-innovazzjoni f'dan is-settur huwa mgħaġġel.

2.5. F'Opinjoniġiet preċedenti⁽²⁾ l-KESE talab għal approċċ ta' politika integrat u konsistenti fis-settur tal-enerġija kollu kif ukoll rwol ikbar għal – u d-djalogu ma' – is-soċjetà ċivili dwar dawn il-kwistjonijiet. Dan issa huwa formalment pprijorizzat permezz tal-Pakkett tal-Unjoni tal-Enerġija u l-identifikazzjoni tat-tisħin u tat-tkessiħ bħala settur essenzjali toffri l-opportunità għal referenzi trasversali u l-konsistenza fil-bosta pakketti leġislattivi relatati mal-klima u l-enerġija li qegħdin jiġu żviluppati.

3. Ħarsa ġenerali dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u kummenti

3.1. Il-Komunikazzjoni tivvaluta l-potenzjal tas-settur biex jikkontribwixxi għall-oġġettivi strateġiċi tal-klima u l-enerġija tal-UE u hija appoġġjata minn dokument ta' ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jipprovdi bażi analitika u xjentifika. Hija għandha l-għan li tagħti prijorità lis-sħana bħala qasam ta' politika għall-effiċjenza tal-enerġija u tħeġġeġ dibattitu infurmat u kunsens dwar dan is-suġġett u l-kwistjonijiet relatati ta' tnaqqis tad-domanda tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 341, 21.11.2013, p. 21.

⁽²⁾ ĠU C 383, 17.11.2015, p. 84, ĠU C 198, 10.7.2013, p. 56, ĠU C 318, 29.10.2011, p. 155, ĠU C 277, 17.11.2009, p. 75.

3.2. Dan il-qafas strateġiku jidentifika erba' oqsma kruċjali għal azzjoni. L-effiċjenza termali tal-bini, teknoloġija tat-tisħin effiċjenti u sostenibbli; l-integrazzjoni tal-potenzjal mhux użat mill-industrija filwaqt li tittejjeb l-effiċjenza tagħha; u sinerġija aktar mill-qrib mas-sistema tal-elettriku fejn il-pompi tas-sħana u RSE (Sistemi ta' Enerġija Rinnovabbli) oħrajn jaqdu rwol importanti. Ħafna azzjonijiet possibbli huma deskritti iżda soluzzjonijiet dettaljati se jiġu ppreżentati bħala parti mill-pakkett tar-rieżami leġiżlattiv li jinkludi l-Unjoni tal-Enerġija.

3.3. Il-viżjoni dominanti hija tad-dekarbonizzazzjoni permezz tar-rinnovazzjoni, sistemi tat-tisħin u tat-tkessiħ aktar effiċjenti, l-espansjoni tat-tisħin distrettwali u t-tranżizzjoni mill-karburanti fossili lejn sorsi ta' enerġija b'livell baxx ta' karbonju. Il-bini residenzjali jikkostitwixxi l-maġġoranza tal-istokk tal-bini tal-Ewropa, b'60-70 % tad-djar tal-UE li jmorru lura għall-1980 jew qabel, u djar li għandhom l-ikbar konsum speċifiku (KWh/m²/sena). Ir-rati baxxi ta' rinnovament tal-bini jżidu l-piż finanzjarju għoli għall-konsumaturi. L-unitajiet domestiċi fl-UE jonfqu bħala medja 6,4 % (COM(2014) 520 final) tal-introjt disponibbli tagħhom fuq użu tal-enerġija relatat mad-dar, madwar żewġ terzi għat-tisħin u terz għal skopijiet oħra. Għadd dejjem jiżdied ta' unitajiet domestiċi għandhom problemi biex ilaħħqu mal-ispejjeż tal-enerġija. It-tisħin u t-tkessiħ affordabbli huma kruċjali biex tinżamm ħajja tajba għall-konsumaturi residenzjali.

3.4. Peress li mhux l-industrija kollha tista' tieħu l-approċċ ta' enerġija b'livell baxx ta' karbonju, b'mod partikolari billi l-karburanti fossili rikki fl-enerġija huma meħtieġa għal ħafna industrij ta' pproċessar, huwa essenzjali li jintuża proporzjon ħafna akbar tas-sħana mormija prodotta minn xi installazzjonijiet industrijali u tal-ġenerazzjoni tal-enerġija bħala prodott sekondarju. Id-dokument ta' ħidma jirrikonoxxi l-użu industrijali tas-sħana residwali industrijali f'sistemi ta' tisħin distrettwali kif ukoll ir-rwol li qed jiżviluppa ta' teknoloġiji ġodda u fjuwils alternattivi li għandhom il-potenzjal li jagħmlu kontribut importanti.

3.5. L-istrateġija tidentifika għadd ta' sfidi sinifikanti. Il-karburanti fossili jammontaw għal aktar minn 80 % tal-enerġija użata li jagħmlu dan is-settur kruċjali fil-kisba ta' objettivi ta' karbonju baxx u transizzjoni għal sistema tal-enerġija aktar effiċjenti u sikura. Żewġ terzi tal-bini tal-UE – li l-maġġoranza tagħhom se jkunu għandhom qed jintużaw sal-2050 – inbnew qabel l-introduzzjoni tar-rekwiżiti għall-effiċjenza enerġetika. L-inċentivi għal "titjib" jistgħu jiġu fframmentati b'sjieda jew arranġamenti ta' kiri u jiddgħajfu minn nuqqas ta' skemi ta' finanzjament adatti. Hemm nuqqas ta' kompetizzjoni xprunata mis-suq fis-settur tat-tisħin, nuqqas ta' taħriġ u ta' għarfien fost il-benneja u l-installaturi u nuqqas ta' sensibilizzazzjoni tal-benefiċċji potenzjali fost il-konsumaturi domestiċi. Ir-rata ta' restawr tal-bini hija baxxa (0,4 – 1,2 % fis-sena) u barra dan, il-faqar tal-enerġija huwa problema li qed tikber madwar l-UE.

3.6. Kważi 50 % tal-bini għandhom bojlers b'effiċjenzi ta' inqas minn 60 % meta tqabbel mal-livelli tat-teknoloġija kurrenti (li issa huma legalment meħtieġa għat-tiġdid) ta' aktar minn 90 %. Barra minn hekk it-tisħin tad-djar (fossili u bijomassa) għandu effett kbir fuq it-tniġġis tal-arja f'xi partijiet tal-Ewropa. Madankollu, proporzjon sinifikanti ta' bojlers joperaw lil hinn mill-ħajja teknika tagħhom. L-ispejjeż jibqgħu fattur kbir fis-sostituzzjoni u għalkemm il-ħlas lura huwa dejjem tajjeb ħafna, jeżistu diffikultajiet biex jinstab il-kapital inizjali, b'mod partikolari fil-bidla għal sors ta' sħana rinnovabbli bħal dik solari, ġeotermali jew pompi tas-sħana. F'dan is-seklu l-industrija ffrankat ħafna fl-effiċjenza tal-enerġija iżda l-SMEs b'mod partikolari għandhom problemi biex jagħtu prijorità u jiffinanzjaw it-titjib.

3.7. It-tisħin distrettwali, li attwalment jipprovidi 9 % tat-tisħin tal-UE, huwa magħruf bħala kapaċi għal tkabbir sostanzjali u bl-użu ta' sħana mitlufa, aktar kapaċi li jaqleb għal sorsi ta' sħana rinnovabbli jew imħalltin minn unitajiet domestiċi individwali. Il-koġenerazzjoni tas-sħana u l-enerġija hija wkoll mhux żviluppata biżżejjed u l-potenzjal ta' bini intelliġenti – domestiku, ta' servizzi jew industrijali – meta kkombinat ma' grilja intelliġenti joffri wkoll effiċjenzi prospettivi kif ukoll l-opportunità għal parteċipazzjoni akbar ta' unitajiet domestiċi bħala "prosumaturi". L-istrateġija indirettament tissuġġerixxi li jiġi żviluppat "prosumeriżmu" fuq livell ta' unità domestika individwali permezz ta' teknoloġiji ġodda tat-tisħin u żieda fis-sensibilizzazzjoni.

3.8. Għodod u soluzzjonijiet proposti. L-integrazzjoni, ir-reviżjoni u l-implimentazzjoni konsistenti tal-istrumenti tal-UE, fi ħdan il-programm tal-Unjoni tal-Enerġija li qed jiżviluppa, se jipprovidu s-sisien tal-istrateġija. B'mod partikolari, jistgħu jiġu enfasizzati d-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (EED), id-Direttiva dwar il-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (EPBD), il-qafas tal-UE dwar l-Ekodesinn u t-Tikkettar tal-Enerġija, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS). L-istrateġija għandha tkun strumentali f'koordinazzjoni aktar effettiva ta' dawn il-miżuri.

3.9. Hemm azzjonijiet speċifiċi li huma ddetaljata li l-Kummissjoni ser twettaq biex jintlaħqu l-isfidi msemmija u fl-appoġġ ta' miżuri leġislattivi li diġà jeżistu. Fost dawn hemm il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli, l-inċentivar tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, aktar kooperazzjoni mal-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, l-impenn imsaħħaħ għall-innovazzjoni permezz ta', pereżempju, il-Pjan tat-Teknoloġija Enerġetika Strateġika (SET) u t-tħeġġiġ ta' approċċi ġodda għall-iffinanzjar tal-miżuri. L-istrateġija għandha tkun xprunata mill-konsumatur u għandha tenfasizza l-bidla għal sistemi dekarbonizzati bbażati fuq l-enerġija rinnovabbli u s-sħana mitlufa.

4. Kummenti ġenerali

4.1. It-tisħin u t-tkessiħ għandhom rwol vitali fl-industrija, fl-ipproċessar u l-ħażna tal-ikel u fis-settur tas-servizzi terzjarji. Dan iħalli impatt ukoll fuq kull ċittadin tal-UE minħabba x-xewqa universali li jkollu kundizzjonijiet komdi tal-ħajja u tax-xogħol. Il-prezz u d-disponibilità tat-tisħin u t-tkessiħ jiddeterminaw mhux biss il-grad sa fejn il-faqar fl-enerġija huwa preżenti f'soċjetà imma wkoll il-kompetittività ta' setturi sħaħ tan-negozju. Għaldaqstant il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon din l-ewwel ħarsa ġenerali strateġika lejn it-tisħin u t-tkessiħ fl-UE.

4.2. Il-viżjoni ta' dan id-dokument huwa li l-implimentazzjoni tal-istrateġiji li huma deskritti se tkun strumentali biex ikun hemm spejjeż aktar baxxi, ittejjeb is-sigurtà tal-enerġija, tnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjoni u tilħaq il-miri dwar il-klima. Il-Kumitat jappoġġja bis-sħiħ din il-viżjoni iżda jinnota l-firxa u l-kumplessità tal-isfidi deskritti fl-istrateġija, li wħud minnhom jistgħu jkunu sottovalutati, bħalma huma: it-talbiet sostanzjali li se jiġu imposti fuq l-Istati Membri, it-tibdil meħtieġ fl-imġiba taċ-ċittadini; l-effettività ta' skemi ta' appoġġ finanzjarju; ir-reazzjoni negattiva kontra n-nuqqas ta' ċertezza fil-prezzijiet tal-enerġija; u d-definizzjoni u l-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet tekniċi l-aktar effettivi.

4.3. Il-konsumaturi f'ħafna Stati Membri huma moqdija minn skemi ta' tisħin distrettwali li jista' jkollhom benefiċċji konsiderevoli f'termini ta' prezz, effiċjenza u l-użu tas-sħana mitlufa. Il-KESE jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jirrikonoxxu strateġija ċara u pożittiva f'dan is-settur u jappoġġjaw l-iżvilupp u t-titjib ta' sistemi ta' tisħin distrettwali municiċpali permezz ta' miżuri finanzjarji u l-provvediment għar-rinnovazzjoni u t-titjib tekniċu. L-immodernizzar ta' impjanti termali jista' jgħib miegħu benefiċċji sinifikanti f'termini ta' użu ta' enerġija u emiżjonijiet, u r-regoli ġodda għat-fassil tas-suq li qed jiġu żviluppati għandhom jirrikjedu l-applikazzjoni tal-aħjar teknoloġiji disponibbli. B'mod partikolari għandhom jittwettqu s-sinerġiji potenzjali bejn l-Iskart għall-Enerġija (bil-potenzjal konsiderevoli tiegħu) u t-tisħin distrettwali.

4.4. Tista' tingħata attenzjoni akbar fl-istrateġija għar-rwol tal-konsumaturi u, b'mod partikolari, l-importanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-bidla fl-imġiba. Is-sensibilizzazzjoni dwar l-użu tat-tisħin u l-ispejjeż f'binjiet b'okkupazzjoni multipla hija sfida partikolari. Bini intelliġenti u tisħin intelliġenti jeħtieġu okkupanti intelliġenti b'ħiliet fil-litteriżmu diġitali li huma effettivi. L-istrateġija ma tenfasizzax biżżejjed ir-rwol li l-konsumatur għandu jaqdi biex jagħmel kwalunkwe strateġija globali effettiva. It-tendenza li l-iffrankar fl-effiċjenza jinbidel ma' "kumdità" u n-nuqqas ta' rieda fost il-konsumaturi li jbiddu b'mod sinifikanti l-istil ta' ħajja tagħhom biex jimmassimizzaw il-benefiċċji ta' teknoloġija ġdida jeħtieġu rikonoxximent permezz ta' aktar riċerka fil-fond dwar kif jinbada it-tibdil fl-imġiba.

4.5. L-istrateġija tagħmilha ċara li se jkunu essenzjali pakketti finanzjarji mmirati sabiex jiġi stimulat l-investment pubbliku u privat meħtieġ. Il-KESE jinnota li proporzjon żgħir ħafna biss tal-finanzjament approvat mill-BEI għas-settur tal-enerġija permezz tal-Fond Ewropew għal Investmenti Strateġiċi huwa mmirat lejn proġetti ta' tisħin u tkessiħ rilevanti. Id-dokument ta' ħidma ma fih l-ebda eżempju jew analiżi tal-iskemi rilevanti, fl-Istati Membri, li wħud minnhom biss irnexxielhom iħeġġu l-investment b'suċċess.

4.6. Fid-dawl tal-importanza kbira ħafna tat-tisħin u t-tkessiħ biex jintlaħqu l-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija, il-KESE jissuġġerixxi li r-rapport annwali dwar l-istat tal-Unjoni tal-Enerġija għandu jinkludi taqsimha speċifika li tidentifika l-progress u t-triq 'il quddiem ibbażati fuq l-isfidi identifikati fit-tielet taqsimha tal-istrateġija. Din ikollha żewġ vantaġġi kbar:

— Turi r-rwol ċentrali tat-tisħin fil-kisba tal-miri u tirrikjedi li l-aspetti kollha tal-programm tal-Unjoni tal-Enerġija jirrikonoxxuha,

- Tagħti attenzjoni konkreta lill-konsumatur fir-rapport u tappoġġja l-aspirazzjoni li tpoġġi lill-konsumaturi u lill-gruppi vulnerabbli fiċ-ċentru.

5. Kummenti speċifiċi

5.1. Id-dokument ta' ħidma juża data minn sorsi numerużi li tibni stampa ta' kif l-enerġija tiġi applikata għat-tisħin u għat-tkessiħ fl-UE kollha. Isiru stimi u konklużjonijiet raġonevoli iżda l-istampa fil-biċċa l-kbira hija tas-settur kif jista' jiġi identifikat fl-2012/13. Aktar data li tindika t-tendenzi f'dawn l-aħħar għaxar snin kienet tkun ta' għajjnuna. L-Eurostat għandu jagħti prijorità lill-ħidma fuq il-ġbir ta' sett ta' data aktar komprensiv, b'mod partikolari dwar l-enerġija użata fit-tisħin ⁽³⁾.

5.2. Għandu jiġi nnutat ukoll li jekk 90 % tat-tkabbir preżunt fl-enerġija tar-RSE użata fit-tisħin sal-2020 ġej mill-bijomassa, allura jibqa' sfida t-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' partikkel u ta' gass mill-proċess ta' kombustjoni tal-bijomassa. Il-konklużjonijiet tal-politika aġġornata tal-UE dwar il-bijoenerġija sostenibbli għall-perjodu 2020-2030 se jkunu partikolarment importanti (biex jiffurmaw parti mill-pakkett ta' enerġija rinnovabbli tal-UE previst qabel l-aħħar tal-2016) u għandhom iqisu l-impatti negattivi fuq is-saħħa ta' xi bijomassa flimkien ma' kwistjonijiet oħra.

5.3. Jeżistu varjazzjonijiet sinifikanti bejn l-Istati Membri fis-sistemi tal-enerġija, l-istrutturi legali u teknoloġija tal-bini u mudelli ta' negozju. Il-pakketti leġislattivi li jmiss rilevanti għall-implimentazzjoni tal-istrategġija għandhom jagħtu lok għal aġġustamenti nazzjonali.

5.4. Filwaqt li tiġi rikonoxxuta din id-diversità fl-Istati Membri kollha, huwa importanti li, la darba ġew stabbiliti l-miri meħtieġa, in-newtralità teknoloġika tinżamm f'kif għandhom jinkisbu bl-aħjar mod fil-livell nazzjonali u lokali. L-esperjenza estensiva tal-bliet u tal-awtoritajiet lokali fl-iżvilupp tal-pjani dwar l-enerġija sostenibbli, kif espressa permezz tal-Patt tas-Sindki, toffri tagħrif utli.

5.5. L-istrategġija tissuġġerixxi li l-banek bl-innut jagħmlu disponibbli finanzjament ta' self speċjali għar-rinnovazzjoni ta' bini mikri privatament imma selliefa ta' ipoteki Ewropej (Il-Federazzjoni Ewropea tal-Ipoteki-Il-Kunsill Ewropew ta' Bond Kopert) għandhom pjani biex jippermettu lill-proprjetarji jikkwalifikaw għal rati ta' ħlas imnaqqsa fuq l-ipoteki tagħhom jekk dawn iwettqu r-rinnovamenti għall-effiċjenza enerġetika, u rati aktar baxxi ta' imgħax fuq self biex iħallsuhom. Il-KESE jħeġġeġ lir-regolaturi Ewropej biex b'mod urġenti u b'mod pożittiv jikkunsidraw din l-inizjattiva.

5.6. Il-Kumitat, f'diversi Opinjonijiet innota l-iżvilupp ta' kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija (ESCOs) ⁽⁴⁾ u r-rwol li jista' jkollhom fil-promozzjoni tal-għażla u l-effiċjenza tal-enerġija għall-konsumaturi. Filwaqt li jilqa' din il-kontribuzzjoni, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw superviżjoni u monitoraġġ xieraq tal-ESCOs jew ta' korpi privati simili li jiproteġu l-interessi tal-konsumaturi. Il-fiduċja tal-konsumaturi f'dawn is-servizzi u programmi konsultattivi dwar l-enerġija oħrajn hija kwistjoni vitali ⁽⁵⁾.

5.7. Il-KESE japprezza sew l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea mal-Forum taċ-Ċittadini dwar l-Enerġija f'Londra u jħeġġeġ parteċipazzjoni akbar taċ-ċittadini, appoġġjata minn aktar kooperazzjoni mal-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi Ewropej. L-iżviluppi kumplessi leġislattivi, regolatorji, teknoloġiċi, u dawk marbutin mas-soċjetà u ma' mgħiba li jirfdu t-tranżizzjoni tal-enerġija se jeħtieġu fehim u sjieda pubblika biex jesprimu l-potenzjal sħiħ tagħhom. Il-każ għal aktar enfasi fuq il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini huwa stabbilit fil-proposta tal-KESE ta' Djalogu Ewropew dwar l-Enerġija li tilħaq dawn l-aspirazzjonijiet.

⁽³⁾ ĠU C 264, 20.7.2016, p. 117.

⁽⁴⁾ ĠU C 120, 20.5.2005, p. 115; ĠU C 162, 25.6.2008, p. 62; ĠU C 24, 28.1.2012, p. 134.

⁽⁵⁾ ĠU C 383, 17.11.2015, p. 84.

5.8. Din l-istrategġija tesiġi li tingħata l-ogħla prijorità lil approċċ radikali u koordinat għat-tisħin u għat-tkessiħ. Approċċ ta' dan it-tip jeħtieġ li jiġi inkorporat frevizjonijiet legiſlattivi u pakketti attwali. Għalhekk ir-reviżjonijiet tad-Direttiva 2012/27/UE dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (EED), id-Direttiva 2010/31/UE dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini (EPBD) u d-Direttiva l-ġdida dwar l-enerġija rinnovabbli (REDII) għall-perjodu 2020-2030 u l-politika aġġornata tas-sostenibbiltà tal-bijoenerġija tal-UE għandhom jagħmlu referenza speċifika għaċ-ċentralità tat-tisħin u t-tkessiħ u jadottaw il-miżuri ta' koordinazzjoni proposti f'din l-istrategġija.

5.9. Il-Kumitat għalhekk jinnota bi tħassib l-opportunità mitlufa li tiġi prijorizzata l-effiċjenza tal-enerġija fir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi propost u ppubblikat reċentement (COM(2016) 482 final). L-Istati Membri fil-lvant tal-Ewropa jistgħu jagħmlu aktar użu mir-rinnovazzjoni tal-bini bħala soluzzjoni għall-problemi tat-tniġġis, id-dipendenza tal-enerġija u l-faqar tal-enerġija u dan ir-regolament jista' jidderiġi r-riżorsi biex jippermettu li dan iseħħ.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b’regolament jew b’azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta’ servizzi tal-media awdjoviżiva fid-dawl tar-realtajiet tas-suq li qed jinbidlu”

[COM(2016) 287 final — 2016/0151 (COD)]

(2017/C 034/26)

Relatur: **is-Sur Raymond HENCKS**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 06/07/2016
Bażi legali	L-Artikoli 53(1) u 62 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. [COM(2016) 287 final — 2016/0151 (COD)]
Sezzjoni kompetenti	It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni speċjalizzata	06/10/2016
Adottata fis-sessjoni plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	218/2/7

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jirrikonoxxi li fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq awdjoviżiv li jirriżultaw minn forom ġodda ta’ servizzi, atturi ġodda u l-iżvilupp ta’ forom ġodda ta’ konsum “on-demand”, l-adattament tal-qafas regolatorju Ewropew għas-servizzi tal-midja awdjoviżiva sar indispensabbli. Jappoġġja lill-Kummissjoni Ewropea fl-isforzi tagħha biex taġġorna d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva tal-2010, soġġett għar-rimarki speċifiċi li ġejjin.

1.2. Is-servizzi tal-midja awdjoviżiva m’għandhomx jiġu ttrattati biss bħallikieku għandhom biss valur kummerċjali. Il-KESE jqis li l-miżuri ta’ protezzjoni tal-minorenni u ż-żgħirażgħira, kif ukoll miżuri li jiżguraw il-parteciċipazzjoni tal-persuni b’diżabilità, l-anzjani, il-fqar jew l-esklużi fil-ħajja soċjali u kulturali, ma jistgħux ikunu kkundizzjonati minn kunsiderazzjonijiet ekonomiċi.

1.3. Il-KESE jieħu nota tat-tneħħija pprogrammata tal-Artikolu 7 attwali tad-Direttiva dwar is-servizzi tal-media awdjoviżiva li jindirizza l-aċċessibilità għall-persuni b’diżabilità, u li għandu jiġi sostitwit mill-proposta għal Direttiva dwar l-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti ta’ aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi [COM(2015) 615 final]. Jekk din il-proposta tal-Kummissjoni ma tirnexxi, jeħtieġ li jiġi rivalorizzat l-imsemmi Artikolu 7 billi jobbliga lill-Istati Membri jippromovu, b’mod mhux eżawrjenti, il-lingwa tas-sinjali, is-sottotitoli, id-deskrizzjonijiet awdjo u n-navigazzjoni tal-menu li faċli tintfieh.

1.4. Il-KESE jilqa’ l-fatt li, fi spirtu ta’ diversità kulturali, l-Unjoni tippromovi d-distribuzzjoni ta’ xogħlijiet Ewropej u li l-fornituri ewlenin tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva, huma obbligati li jipprovdu kwota determinata fil-programmi jew katalogi tagħhom. Huwa jipproponi madankollu li tiżdied il-kwota minima ta’ 20 % tax-xogħlijiet Ewropej imposta fuq il-fornituri ewlenin tal-vidjos “on-demand” biex tilħaq 50 %, simili tal-kwota minima stabbilita għax-xandir televiżiv. Huwa jipproponi wkoll li tiġi prevista kwota minima ta’ 20 % għall-fornituri li għandhom fatturat baxx jew udjenza żgħira, filwaqt li jispeċifika dak li għandu jiġi mifhum b’“fatturat baxx” u “udjenza baxxa”.

1.5. Il-KESE jopponi l-alternattiva fakultattiva mogħtija lill-Istati Membri li jimponu s-servizzi “on-demand” fil-ġurisdzizzjonijiet tagħhom, kif ukoll dawk stabbiliti fi Stat Membru differenti iżda li huma mmirati lejn l-udjenzi nazzjonali tagħhom, kontribuzzjonijiet finanzjarji fil-forma ta’ investimenti diretti f’xogħlijiet jew pagamenti f’fondi ċinematografiċi nazzjonali. Dan jista’ joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni, skont jekk Stat Membru jintroduċi jew le kontribuzzjonijiet bħal dawn, u jista’ jippenalizza s-servizzi awdjoviżivi ta’ Stat Membru maħsuba għaċ-ċittadini tiegħu stabbiliti fi Stat Membru ieħor.

1.6. Fir-rigward tal-protezzjoni tal-minorenni, il-KESE japprova l-fatt li l-proposta għal direttiva tipprevedi li tallinja l-istandards ta’ protezzjoni applikabbli għall-fornituri ta’ pjattaformi ta’ qsim ta’ vidjos ma’ dawk applikabbli għax-xandir televiżiv. Madankollu, jitlob li wieħed jieħu l-okkażjoni sabiex tiġi ċċarata d-dispożizzjoni tal-Artikolu 27 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (2010/13/UE) li tistipola li l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li x-xandiriet televiżivi ma jinkludu, waqt il-ħinijiet meta l-minorenni jinsabu fil-kamp ta’ trażmissjoni, l-ebda programm li jista’ jfixxkel b’mod serju l-iżvilupp fiżiku, mentali u morali tagħhom. Il-KESE jipproponi li tiġi stabbilita skeda preċiża u li tiġi inkluża f’din l-iskeda projbizzjoni ta’ reklamar tax-xorb alkoħoliku.

1.7. Il-KESE japprova l-modifika proposta mill-Artikolu 6 ġdid, li tippreċiża li s-servizzi tal-midja awdjoviżiva m’għandhom jinkludu l-ebda inċitament għall-vjolenza jew għall-mibegħda kontra grupp ta’ persuni jew membru ta’ grupp bħal dawn definit b’referenza għas-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fl-Artikolu 28a ġdid li jittratta pjattaformi ta’ vidjos, ir-referenza għas-sess, l-orjentament sesswali u d-diżabbiltà ntesiet u t-terminoloġija użata hija xi kultant differenti. Għandu terġa’ tiddaħħal fl-Artikolu 28a(1)(b), l-istess formulazzjoni bħal fl-Artikolu 6.

1.8. Fil-kuntest tal-protezzjoni taċ-ċittadini kollha kontra kontenut li jinċentiva l-vjolenza jew il-mibegħda, il-ħarsien tal-minorenni minn kontenut li jista’ jkun ta’ ħsara għall-iżvilupp tagħhom, il-KESE jappoġġja l-promozzjoni tal-koregolamentazzjoni u l-awtoregolamentazzjoni permezz ta’ kodiċijiet etiċi, bil-kundizzjoni li l-Grupp Ewropew ta’ Regolaturi għas-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (ERGA) jitwaqqaf tabilħaqq u jkollu l-mezzi biex jeżerċita b’mod effettiv il-kompetenzi tiegħu previsti fl-Artikolu 30a(3)(c).

1.9. Il-KESE huwa kontra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li jingħata iktar spazju u flessibbiltà ikbar għar-reklamar għas-servizzi tal-media awdjoviżiva għad-detriment tal-konsumaturi, li se jiffaċċjaw numru ogħla ta’ interruzzjonijiet ta’ programmi biex jiddaħħlu reklami itwal matul il-ħinijiet l-aktar intensivi u tal-ogħla domanda. Dawn ir-regoli ġodda ta’ interruzzjonijiet ta’ reklamar jistgħu wkoll jippreġudikaw l-integrità tax-xogħlijiet u d-dritt morali tal-awturi.

1.10. Il-KESE jemmen li r-regoli ta’ sorveljanza mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali huma difettużi f’dak li għandu x’jaqsam ma’ negozji fittizji ta’ Stat Membru li jużaw il-kapaċità satellitari ta’ pajjiż terz sabiex jilhqnu udjenzi kbar fi Stat Membru ieħor, u li dawn iridu jiġu riveduti u supplimentati minn dispożizzjoni li tesiġi li operatur li jkollu liċenzja awdjoviżiva fi Stat Membru, iżda li jipprovi servizzi awdjoviżivi fi Stat Membru ieħor, ikollu jirrispetta d-dispożizzjonijiet regolatorji taż-żewġ Stati Membri.

2. Introduzzjoni

2.1. Mill-1989, ir-regoli Ewropej ilhom jirregolaw il-media awdjoviżiva u jiżguraw id-diversità kulturali u ċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-kontenut fl-UE. Id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva, li ġiet aġġornata diversi drabi fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u kummerċjali, tarmonizza, fil-livell Ewropew, il-leġislazzjonijiet nazzjonali kollha dwar il-media awdjoviżiva. Atwalment, hija tkopri x-xandiriet televiżivi u s-servizzi vidjo “on-demand”.

2.2. Dan iż-żmien, ix-xena tal-media awdjoviżiva qiegħda tinbidel b’pass mgħaġġel minħabba l-konverġenza dejjem tiżdied bejn it-televiżjoni u s-servizzi mqassma permezz tal-Internet. Qed jiffaċċjaw mudelli ta’ negozju ġodda u strumenti ġodda teknoloġiċi fil-qasam tal-komunikazzjoni, kif ukoll atturi ġodda, b’mod partikolari fornituri ta’ vidjos “on-demand” u pjattaformi ta’ tqassim ta’ vidjos, li joffru kontenut awdjoviżiv fuq l-Internet.

2.3. Ix-xandir televiżiv u l-vidjos “on-demand” huma soġġetti għal regoli differenti u livelli ta’ protezzjoni tal-konsumatur li jvarjaw. Għalhekk, il-Kummissjoni hija impenjata li tilħaq bilanċ aħjar tar-regoli li japplikaw għall-aġenziji tradizzjonali ta’ xandir televiżiv, lill-fornituri tal-vidjos “on-demand” u l-pjattaformi ta’ tqassim tal-vidjos.

3. Il-kontenut tal-proposta tal-Kummissjoni

3.1. Fil-qafas tal-istrateġija tagħha għal suq uniku diġitali, il-Kummissjoni qed tippromovi aġġornament tad-direttiva għas-servizzi tal-media awdjoviżiva sabiex jinħoloq ambjent aktar ekwu għall-atturi kollha tas-suq, sabiex tiġi promossa d-diversità kulturali Ewropea u l-films Ewropej, sabiex jiġu protetti aħjar il-minorenni, sabiex titkompla l-għieda kontra d-diskors ta' mibegħda u ta' inċitament għall-vjolenza, sabiex tiġi garantita l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji tal-qasam awdjoviżiv u sabiex tingħata aktar flessibilità lill-organizzazzjonijiet tax-xandir tar-reklamar. Id-direttiva għas-servizzi tal-media awdjoviżiva se tapplika wkoll għall-pjattaformi online u s-siti tal-qsim tal-vidjos u l-kontenut.

3.2. Il-Kummissjoni qed tippromovi l-miżuri li ġejjin:

3.2.1. *Attitudni responsabbli tal-pjattaformi tal-qsim tal-vidjos*

Il-pjattaformi tal-vidjos għandhom jipproteġu lill-minorenni minn kontenut ta' ħsara u jipproteġu liċ-ċittadini kollha mill-inċitament għall-vjolenza, mibegħda jew razziżmu. Il-Kummissjoni se tistieden kull pjattaforma tal-qsim tal-vidjos biex tikkoopera fi ħdan l-Alleanza għall-protezzjoni aħjar tat-tfal online, sabiex tkun żviluppata kodiċi tal-etika għall-industrija. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-kontenut awdjoviżiv għandhom ikunu kompetenti biex jinfurzaw ir-regoli, li skont il-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli tista' wkoll tagħti lok għal multi. Il-miżuri ta' protezzjoni tal-konsumatur previsti fid-direttiva dwar il-kummerċ elettroniku se jkunu wkoll applikabbli għall-pjattaformi tal-qsim tal-vidjos.

3.2.2. *Rwol imsaħħaħ għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fil-qasam awdjoviżiv*

Id-direttiva se tiggarrantixxi l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Ir-rwol tal-Grupp Ewropew ta' Regolaturi għas-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (ERGA), magħmul mit-28 awtorità nazzjonali tal-qasam awdjoviżiv, għandu jiġi definit fil-leġislazzjoni tal-UE. L-ERGA se jevalwa l-kodiċijiet etiċi dwar il-koregolazzjoni u se jaġti pariri lill-Kummissjoni Ewropea.

3.2.3. *Kreattività Ewropea aktar żviluppata*

Il-Kummissjoni tixtieq li x-xandara televiżivi jkomplu jiddedikaw tal-inqas nofs il-ħin tax-xandir għal xogħlijiet Ewropej u ser tirrikjedi li l-fornituri tas-servizzi "on-demand" jiggarrantixxu sehem ta' mill-inqas 20 % tal-kontenut Ewropew fil-katalogi tagħhom. Il-proposta tispeċifika wkoll li l-Istati Membri jistgħu jitolbu għal servizzi "on-demand" disponibbli jew imxandra fit-territorju tagħhom u li jikkontribwixxu finanzjarjament għall-produzzjoni ta' xogħlijiet Ewropej.

3.2.4. *Flessibilità akbar fir-rigward ta' reklamar imxandar minn xandara televiżivi*

Ir-regolazzjoni awdjoviżiva għida ma żżidx, għall-organizzazzjonijiet tax-xandir televiżiv, it-tul totali tal-ħin tar-reklamar permissibbli matul il-perjodu bejn s-7 a.m. u l-11 p.m., imma tagħtihom iktar flessibilità u ġeneralment tħalli għalihom l-għażla tal-mument li fiha ixandru r-reklami. Huwa propost ukoll li jitneħħa l-limitu ta' siegħa ħin u li jiġi introdott limitu ta' kuljum ta' 20 % ta' reklamar fil-perjodu mis-7 a.m. sal-11 p.m. Ix-xandara televiżivi u l-fornituri ta' servizzi "on-demand" se jgawdu wkoll minn aktar flessibilità biex jużaw it-tqegħid tal-prodotti u l-isponsorjar.

4. Kummenti ġenerali

4.1. Il-KESE jesprimi l-impenn tiegħu favur id-diversità tas-servizzi tal-media awdjoviżiva, li tippromovi l-moviment liberu tal-informazzjoni, l-iżvilupp tal-kultura kif ukoll id-determinazzjoni libera ta' opinjonijiet, b'kondizzjonijiet li jissalvagwardjaw il-pluraliżmu tal-informazzjoni kif ukoll id-diversità kulturali u lingwistika.

4.2. Jaqbel ukoll li din id-Direttiva tapplika għar-rispett tad-drittijiet fundamentali u għar-rispett tal-prinċipji mħaddna fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-intrapriża, id-dritt għal rimedju ġudizzjarju, kif ukoll il-promozzjoni tal-applikazzjoni tad-drittijiet tat-tfal.

4.3. Huwa jappoġġja lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex ittejjeb il-wirt Ewropew, biex tiżviluppa l-ħolqien awdjoviżiv tal-Ewropa, u biex tiżied id-produzzjoni u ċ-ċirkolazzjoni ta' programmi Ewropej ta' kwalità għolja, filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem u tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-minorenni, tal-konsumaturi u tad-data personali kif ukoll kompetizzjoni ġusta u leali.

4.4. Il-KESE jirrikonoxxi li fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq awdjoviżiv li jirriżultaw minn forom ġodda ta' servizzi, strumenti ġodda teknoloġiċi fil-qasam tal-komunikazzjoni, atturi ġodda u l-iżvilupp ta' forom ġodda ta' konsum "on-demand", l-adattament tal-qafas regolatorju Ewropew għas-servizzi tal-midja awdjoviżiva sar indispensabbli.

4.5. Minħabba l-komplessità tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi dwar il-forniment tas-servizzi tal-media awdjoviżiva, il-KESE jqis li huwa adatt, għal raġunijiet ta' ċarezza u razzjonalità, li jiġu inkorporati f'test ikkonsolidat l-emendi u ż-żidiet li din id-direttiva beħsiebha tintroduċi fid-Direttiva 2010/13/UE tal-10 ta' Marzu 2010 dwar is-servizzi tal-midja awdjoviżiva.

4.6. Is-servizzi tal-media awdjoviżiva huma servizzi pubbliċi essenzjali ta' natura ekonomika, soċjali u kulturali, titolari ta' valuri u sens li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma drittijiet tal-bniedem u m'għandhomx jiġu ttrattati biss bħallikieku għandhom valur kummerċjali biss. Dan jgħodd partikolarment għall-minorenni u l-addoloxxenti, li t-taħriġ u l-edukazzjoni tagħhom qed jiddependu dejjem iżjed mill-media, minħabba l-influenza tas-servizzi tal-media awdjoviżiva dwar kif il-konsumaturi aħħarin jiffurmaw l-opinjoni tagħhom, iżda dan japplika wkoll għall-persuni b'diżabilità, l-anzjani, il-fqar jew l-esklużi, li jipparteċipaw u jintegraw fil-ħajja soċjali u kulturali, li huwa inseparabbli mill-provvediment ta' servizzi tal-media aċċessibbli u bi prezz li jintlaħaq.

4.7. Il-KESE jinnota li se jitħassar l-Artikolu 7 attwali tad-Direttiva dwar is-servizzi tal-media awdjoviżiva, li huwa estremament vag u ma tantx jaġġmel sens, u se jiġi sostitwit mid-Direttiva dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi (COM(2015) 615 final), li għalissa għadha fi stadju ta' proposta għal Direttiva.

4.8. Jekk ma tirnexxix l-inizjattiva tal-Kummissjoni li b'att leġiżlattiv Ewropew jinħoloq qafas ġenerali dwar l-aċċessibilità għall-prodotti u s-servizzi, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltajiet, jeħtieġ li jiġu inklużi fl-Artikolu 7 ġdid tad-Direttiva dwar is-servizzi tal-media awdjoviżiva dispożizzjonijiet leġiżlattivi aktar vinkolanti, li jobligaw lill-Istati Membri jippromovu, b'mod mhux eżawrjenti, il-lingwa tas-sinjali, is-sottotitoli, id-deskrizzjonijiet awdjo u n-navigazzjoni tal-menu li faċli tinftiehem, skont il-premessa 46 tad-Direttiva dwar is-servizzi tal-media awdjoviżiva tal-2010. Il-KESE jenfasizza f'dan il-kuntest li fl-Istati Membri fejn ix-xandiriet awdjoviżivi huma ġeneralment sottotitolati, l-għadd ta' ċittadini bi- jew multilingwi huwa partikolarment għoli.

4.9. Il-KESE jilqa' l-fatt li, fi spirtu ta' diversità kulturali, l-Unjoni tippromovi d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet Ewropej u li l-fornituri ewlenin tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva huma obbligati li jipprovdu kwota determinata fil-programmi jew il-katalogi tagħhom.

4.10. Fir-rigward kwota minima ta' 20 % tax-xogħlijiet Ewropej applikata għall-fornituri ewlenin ta' servizzi VOD, dan l-obbligu ma jitlob l-ebda sforz addizzjonali min-naħa tagħhom peress li diġà laħqu dan il-livell (ara l-istatistika tal-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew). Barra minn hekk, din il-kwota hija baxxa ħafna meta mqabbla ma' dik applikabbli għax-xandara lineari tax-xandir televiżiv, li huma dejjem obbligati li jirrispettaw proporzjon minimu ta' 50 % tax-xogħlijiet Ewropej. Il-kwota minima għas-servizzi VOD għalhekk għandha tkun daqs dik stabbilita għax-xandir televiżiv.

4.11. Il-KESE għandu xi riżervi fir-rigward tal-possibilità li jingħataw derogi għax-xogħlijiet Ewropej lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li għandhom fatturat baxx jew udjenza żgħira, u dan jista' jikkostitwixxi forma ġdida ta' kompetizzjoni inġusta. Huwa jqis li hemm hteġġa li tiġi ffixxata kwota minima ta' 20 % u jitlob li jiġi ċċarat x'għandu jinftehem b'"fatturat baxx" u "udjenza żgħira".

4.12. L-Istati Membri għandhom jitħallew jimponu kontribuzzjonijiet finanzjarji, fil-forma ta' investimenti diretti f'xogħlijiet jew pagamenti lejn fondi nazzjonali taċ-ċinema, fuq servizzi "on-demand" li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, jew dawk li jinsabu barra mill-konfini tagħhom li huma mmirati lejn il-pubbliku nazzjonali tagħhom.

4.13. Il-KESE huwa kontra n-natura fakultattiva ta' din il-miżura, li tista' tgħawweġ ir-regoli tal-kompetizzjoni, skont jekk Stat Membru jintroduċix jew le dawn il-kontribuzzjonijiet, tista' ttippenalizza lis-servizzi awdjoviżivi minn Stat Membru maħsuba għaċ-ċittadini tagħhom li jgħixu fi Stat Membru ieħor.

4.14. Fir-rigward tal-protezzjoni tal-minorenni, il-KESE japprova l-fatt li l-proposta għal direttiva tipprevedi li tallinja l-istandards tal-protezzjoni applikabbli għall-fornituri ta' pjattaformi tal-qsim tal-vidjos ma' dawk applikabbli għax-xandir televiżiv. Madankollu, il-KESE jitlob li wieħed jieħ u l-okkażjoni sabiex tiġi ċċarata d-dispożizzjoni tal-Artikolu 27 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (2010/13/UE) li tistipola li l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li x-xandiriet televiżivi ma jinkludu, waqt il-ħinijiet meta l-minorenni jinsabu fil-kamp ta' trażmissjoni, l-ebda programm li jista' jfjixkel b'mod serju l-iżvilupp fiżiku, mentali u morali tagħhom. Il-KESE jipproponi li tiġi stabbilita skeda preċiża u li tiġi inklużi f'din l-iskeda projbizzjoni ta' reklamar tax-xorb alkoħoliku kif ukoll ta' prodotti mediċinali mhux bir-riċetta u prodotti alimentari meqjusa li jaġġmlu ħsara minħabba l-impatt li għandhom fuq iż-żieda tal-obeżità fit-tfal.

4.15. Fil-kuntest tal-protezzjoni taċ-ċittadini kollha kontra kontenut li jinċentiva l-vjolenza jew il-mibegħda tal-minorenni minn kontenut li jista' jkun ta' ħsara għall-iżvilupp tagħhom, il-KESE jappoġġja l-promozzjoni tal-koregolamentazzjoni u l-awtoregolamentazzjoni permezz ta' kodiċijiet etiċi li jridu jifasslu b'mod li huwa ġeneralment aċċettat mill-atturi ewlenin. Il-KESE jfakkar⁽¹⁾ li sabiex dawn l-istrumenti ta' regolazzjoni jkunu strumenti validi u rikonoxxuti fi kwalunkwe sistema legali, il-konfigurazzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom iridu jkunu definiti minn dispożizzjonijiet espressi u espliċiti tal-liġi vinkolanti, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jirrispettaw in-natura ta' dawn l-istrumenti, b'mod partikolari l-ftehim volontarju tal-parteċipanti. F'dan il-kuntest, huwa importanti ferm li jitwaqqaf l-ERGA u li jkollu l-mezzi meħtieġa biex tabilħaqq jeżerċita b'mod effettiv il-kompetenzi tiegħu, kif previst fl-Artikolu 30a(3)(c).

4.16. Il-Kummissjoni Ewropea tixtieq tirriżerva aktar spazju u flessibilità akbar għar-reklamar għas-servizzi kollha tal-media awdjoviżiva. Għaldaqstant, il-films għat-televiżjoni, ix-xogħlijiet ċinematografiċi jew il-programmi tal-aħbarijiet jistgħu jiġu interrotti minn reklamar televiżiv u/jew telebejgħ darba għal kull perijodu skedat ta' mill-inqas għoxrin minuta, filwaqt li fl-istadju attwali dan il-perjodu skedat huwa stabbilit għal tal-anqas 30 minuta, li jfisser li minn issa 'l quddiem jista' jkun hemm interruzzjoni addizzjonali fis-siegħa. Barra minn hekk, it-tul massimu permissibbli tar-reklamar f'perjodu skedat ta' siegħa, attwalment stabbilit għal 20 %, jiġifieri tnaħ-il minuta kull siegħa, jinbidel minn proporzjon ta' kuljum ta' spots ta' reklamar u ta' spots ta' telebejgħ tul il-perjodu bejn is-7 a.m. u l-11 p.m., jiġifieri 192 minuta b'kollox. Barra minn hekk, se jkunu permessi spotts iżolati u d-dispożizzjonijiet dwar l-issponsorizzazzjoni u t-tqegħid ta' prodotti għandhom isiru aktar flessibbli.

4.17. Minn dan isegwi li x-xandiriet inkwistjoni jistgħu jiġu interrotti iktar spiss u għal ħin itwal matul is-sigħat magħżula mix-xandara televiżivi, fil-limiti ta' massimu ta' 192 minuta ta' reklami bejn is-7 a.m. u l-11 p.m.

4.18. Issa, huwa ċar li l-interruzzjonijiet tal-programmi biex jiddaħħlu r-reklami se jitwettqu b'mod sostenut matul il-ħinjiet l-aktar intensivi u tal-ogħla domanda, filwaqt li kmieni filgħodu u tard filgħaxija r-reklamar isir rari, sabiex jinħoloq il-marġni meħtieġ sabiex tiġi rispettata l-kwota ta' 20 % ta' reklamar fil-ġurnata. Dawn ir-regoli ġodda ta' interruzzjonijiet tar-reklamar jistgħu wkoll jippreġudikaw l-integrità tax-xogħlijiet u d-dritt morali tal-awturi.

4.19. Il-KESE huwa kontra dawn ir-regoli ġodda tar-reklamar u jitlob li jinżammu kif inhuma d-dispożizzjonijiet rilevanti attwalment fis-seħħ, anzi għandhom jissaħħu, kif diġà rrakkomanda l-KESE fil-passat.

4.20. Id-distinzjoni bejn "servizzi lineari" u "servizzi non-lineari", li skadiet minħabba l-iżviluppi diġitali, tista' tiġi abbandunata.

4.21. Il-KESE japprova l-miżuri meħuda sabiex tiġi garantita l-indipendenza tal-awtorità regolatorja nazzjonali tal-qasam awdjoviżiv, peress li f'xi Stati Membri, is-separazzjoni legali u funzjonali ta' kwalunkwe entità pubblika jew privata ma kinitx garantita u kienet soġġetta għal abbuż.

4.22. Il-KESE jemmen li r-regoli ta' sorveljanza mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali huma difettużi f'dak li għandu x'jaqsam ma' n-negozji fittizji ta' Stat Membru li jużaw il-kapaċitajiet satellitari ta' pajjiż terz sabiex jilhqqu udjenzi kbar fi Stat Membru ieħor. Sabiex jiġu evitati Prattiki abbużivi bħal dawn, il-KESE jirrakkomanda li din id-Direttiva tiġi supplimentata b'dispożizzjoni li tistipola li operatur li jkollu liċenzja awdjoviżiva fi Stat Membru, iżda li jipprovi servizzi awdjoviżivi fi Stat Membru ieħor, irid jirrispetta d-dispożizzjonijiet regolatorji taż-żewġ Stati Membri.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

⁽¹⁾ ĠU C 248, 25.8.2011, p. 118.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 fir-rigward tar-regoli għas-swieq tar-roaming bl-ingrossa”

[COM(2016) 399 final – 2016/185 (COD)]

(2017/C 034/27)

Relatur: **is-Sur Raymond HENCKS**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 04/07/2016 Kunsill Ewropew, 07/07/2016
Bażi legali	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [COM(2016) 399 final – 2016/185 (COD)]
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	06/10/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	224/3/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE minn dejjem appoġġja bil-qawwa t-tneħħija ta' kull prezz speċifiku għar-roaming fil-komunikazzjonijiet mobbli. Huwa jappoġġja l-Kummissjoni fl-inizjattivi tagħha intiżi biex jinkiseb *roam-like-at-home* mill-15 ta' Ġunju 2017 'l quddiem u li, qabel din id-data, jiġu eliminati n-nuqqasijiet tas-suq tar-roaming bl-ingrossa li jirriskjaw li jikkompromettu l-għan imsemmi hawn fuq.

1.2. B'mod parallel għat-tneħħija tal-prezzijiet tar-roaming, għandhom jittieħdu miżuri preventivi biex jiġi evitat li l-operaturi jikkompensaw it-tnaqqis mid-dħul, li jirriżulta mill-abolizzjoni tal-prezzijiet tar-roaming, permezz ta' żieda fit-tariffi nazzjonali jew miżuri abbużivi oħra. Bl-istess mod, huwa importanti li jiġi żgurat li t-tariffi nazzjonali, speċjalment l-offerti b'rata fissa, jingħataw b'mod iktar trasparenti u li l-awtoritajiet regolatorji jfasslu, b'kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, mudell ta' informazzjoni standardizzata dwar il-kompożizzjoni tal-prezzijiet.

1.3. Il-KESE huwa tal-fehma li l-prezzijiet medji massimi bl-ingrossa li l-operatur fil-pajjiż li qed iżur l-utent jista' jitlob lill-fornitur tar-roaming, proposti mill-Kummissjoni għall-forniment ta' telefonata, SMS u ta' servizzi tad-data bir-roaming, huma raġonevoli u għandhom iħallu marġni biżżejjed għal kompetizzjoni tajba bejn il-fornituri bl-ingrossa tas-servizzi mobbli tar-roaming.

1.4. Minn naħa l-oħra, il-KESE jesprimi riżervi kbar dwar il-possibbiltà ġdida offruta mill-Proposta għal Regolament inkwistjoni lill-operaturi biex jinneozjaw “*skemi ta' pprezzar bl-ingrossa innovattivi*” lil hinn mill-prezzijiet (limiti massimi) irregolati u li ma jkunx marbuta direttament mal-volumi realment ikkunsmati. In-negożjati kummerċjali bbażati fuq pagamenti fissi, impenji bil-quddiem jew fuq il-kapaċità jirriskjaw li joħolqu kartelli u abbużi tal-pożizzjoni dominanti min-naħa tal-operaturi bl-ingrossa u ta' dawk li jistgħu jagħmlu użu minn netwerk li għandu kopertura nazzjonali, għad-detriment tal-operaturi ż-żgħar u l-operaturi tan-netwerk virtwali mobbli, u dan jista' biss isahha l-oligopolji eżistenti u l-ftehimiet bilaterali dwar ir-roaming li l-Kummissjoni tqis bħala sors tan-nuqqasijiet attwali tas-suq.

1.5. Il-KESE japprova l-proposta f'dan ir-Regolament li, f'każ ta' tilwim bejn l-operaturi dwar is-swieq tar-roaming bl-ingrossa, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu obbligati li jitolbu l-opinjoni tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu, peress li dan iwassal għal konsistenza akbar bejn l-approċċi regolatorji adottati minn dawn l-awtoritajiet nazzjonali. Il-KESE jipproponi li d-dispożizzjonijiet li jindirizzaw it-tilwim jiġu kkompletati u li l-awtoritajiet nazzjonali jintalbu jinkoraġġixxu, fejn meħtieġ, lill-partijiet involuti li l-ewwel u qabel kollox isolvu t-tilwim permezz tal-metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim.

2. Introduzzjoni

2.1. L-għan tal-Unjoni li tagħmel l-Ewropa kontinent konness, abbażi ta' infrastruttura b'teknoloġija avvanzata u prezzijiet ta' servizzi fissi u bla fili affordabbli, qed jiffaċċja, fost affarijiet oħra, prezzijiet tar-roaming fil-komunikazzjonijiet mobbli Ewropej eċċessivi u ferm ogħla mit-tariffi fatturati għall-istess servizzi fi ħdan pajjiż partikolari.

2.2. Peress li t-talbiet imtennija, imnedija sa mill-2006 mill-Kummissjoni, li jistiednu lill-operaturi tat-telefonija mobbli jraħħsu l-ipprezzar eċċessiv tar-roaming fil-komunikazzjonijiet mobbli, ma rnekkewx, l-Unjoni fl-2007 bdiet tintroduċi limitu massimu tariffarju ("l-ewrotariffa") għas-suq tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tat-telefonati bil-vuċi fi ħdan l-Ewropa, imbagħad għall-SMSs u fl-aħħar għat-trażmissjoni tad-data, u dan kollu bit-tama li tiġi żviluppata kompetizzjoni tajba u li l-utenti ma jiġux imġiegħla jħallsu prezzijiet eċċessivi.

2.3. Il-prezzijiet massimi tar-roaming għall-komunikazzjonijiet bil-vuċi, il-bgħit ta' SMSs u l-użu ta' servizzi tad-data, inklużi l-MMSs, għalhekk ġew suċċessivament imraħħsa (ara t-tabella iktar 'l isfel) fid-dawl tal-għan finali li jwassal għat-tneħħija kompleta tal-ispejjeż tar-roaming u li jallinja t-tariffi tal-komunikazzjonijiet fi ħdan l-Ewropa mat-tariffi applikati fil-livell nazżjonali.

	Telefonati bil-vuċi EUR/minuta mingħajr VAT			SMS EUR/SMS mingħajr VAT		Data EUR/kilobyte mingħajr VAT	
	Prezz bl-ingrossa	Prezz bl-imnut għal kull telefonata magħmula	Prezz bl-imnut għal kull telefonata riċevuta	Prezz bl-ingrossa	Prezz bl-imnut	Prezz bl-ingrossa	Prezz bl-imnut
prezz <i>medju</i> qabel l-1.9.2007		0,7692	0,417	—	—	—	—

Ir-Regolament (KE) Nru 717/2007

prezz massimu 1.9.2007 – 31.8.2008	0,30	0,49	0,24	—	—	—	—
prezz massimu 1.9.2008 – 30.6.2009	0,28	0,46	0,22	—	—	—	—
prezz massimu 1.7.2009 – 30.6.2010	0,26	0,43	0,19	0,04	0,11	1,00	—

Ir-Regolament (KE) Nru 544/2009

prezz massimu 1.7.2010 – 30.6.2011	0,22	0,39	0,15	0,04	0,11	0,80	—
prezz massimu 1.7.2011 – 30.6.2012	0,18	0,35	0,11	0,04	0,11	0,50	—
prezz massimu 1.7.2012 – 30.6.2013	0,14	0,29	0,08	0,03	0,09	0,25	0,70

Ir-Regolament (UE) Nru 531/2012

prezz massimu 1.7.2013 – 30.6.2014	0,10	0,24	0,07	0,02	0,08	0,15	0,45
prezz massimu 1.7.2014 – 30.6.2015	0,05	0,19	0,05	0,02	0,06	0,05	0,20
prezz massimu 1.7.2015 – 30.6.2017	0,05	0,19	0,05	0,02	0,06	0,05	0,20
prezz massimu 1.7.2015 – 30.6.2022	0,05			0,02		0,05	

2.4. L-ebda netwerk mobbli ma jkopri l-Istati Membri kollha tal-UE. Għalhekk, sabiex ikunu jistgħu jipprovdu servizzi tal-komunikazzjoni mobbli lill-klijenti domestiċi tagħhom li jivvjaġġaw fi Stat Membru ieħor, jeħtieġ li l-fornituri tar-roaming jixtru servizzi ta' roaming bl-ingrossa minn operaturi fil-pajjiż li jkun żar l-utent, jew isir skambju tas-servizzi ta' roaming bl-ingrossa ma' dawn l-operaturi.

2.5. Il-limitu massimu tat-tariffi fl-Unjoni Ewropea ġie akkumpanjat minn miżuri strutturali, fost l-oħrajn, għas-suq tar-roaming bl-ingrossa ⁽¹⁾. Għalhekk, l-operaturi tan-netwerks mobbli fil-pajjiż li qed iżur l-utent għandhom:

- jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha ta' aċċess għar-roaming u jistgħu jirrifjutaw it-talbiet għal aċċess għar-roaming bl-ingrossa fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi biss;
- jippubblikaw offerta ta' referenza dettaljata biżżejjed, b'konformità mal-linji gwida tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), li jittrażmettu lill-impriża li titlob aċċess għas-servizzi tar-roaming bl-ingrossa;
- jipprovdu lill-impriża li titlob l-aċċess abbozz ta' kuntratt dwar dan l-aċċess sa mhux iktar tard minn xahar wara l-wasla inizjali tat-talba mill-operatur tan-netwerk mobbli. L-aċċess għar-roaming bl-ingrossa jingħata fi żmien raġonevoli li ma jaqbiżx it-tliet xhur mill-konklużjoni tal-kuntratt;
- iwieġbu fi żmien li ma jaqbiżx ix-xahrejn għat-talba ta' operatur biex jibda negozjati kummerċjali biex jinkludi wkoll elementi li mhumiex koperti mill-offerta ta' referenza.

2.6. Fl-aħħar nett, ir-Regolament (UE) 2015/2120 jipprevedi li b'effett mill-15 ta' Ġunju 2017, iżda bla ħsara għal użu raġonevoli u riżultat pożittiv ta' rieżami tal-funzjonament tajjeb tas-suq, il-fornituri tar-roaming m'għandhomx jiffatturaw aktar spejjeż addizzjonali lill-klijenti tar-roaming fi Stat Membru b'żieda mal-prezz bl-immnut nazzjonali għal telefonati bil-vuċi bir-roaming irregolati magħmula jew irċevuti, għall-bgħit ta' SMSs bir-roaming irregolati u għall-użu ta' servizzi tad-data bir-roaming irregolati, u ma jiffatturawx spejjeż ġenerali marbuta mal-attivazzjoni ta' servizzi jew tagħmir tat-terminals għall-użu barra mill-pajjiż.

2.7. Madankollu, f'ċirkustanzi partikolari u eċċezzjonali, sabiex tiġi garantita s-sostenibbiltà tal-mudell tariffarju nazzjonali tiegħu, jekk fornitur tar-roaming ma jkunx kapaċi jkopri l-ispejjeż reali u mistennija kollha relatati mal-forniment ta' servizzi rregolati ta' roaming, dan jista' jitlob l-awtorizzazzjoni li jiffattura spejjeż addizzjonali. Dawn l-ispejjeż addizzjonali jiġu applikati biss sa fejn meħtieġ biex ikopru l-ispejjeż relatati mal-forniment ta' servizzi irregolati ta' roaming bl-immnut, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-prezzijiet bl-ingrossa massimi applikabbli.

2.8. Madankollu, mir-rapport dwar ir-rieżami tas-suq tar-roaming bl-ingrossa [COM(2016) 398] jirriżulta li l-miżuri strutturali previsti ma kinux biżżejjed, fir-rigward tas-suq intern tar-roaming, biex isaħħu l-kompetizzjoni u jwettqu suq intern ta' servizzi tal-komunikazzjoni mobbli mingħajr distinzjoni bejn it-tariffi nazzjonali u t-tariffi tar-roaming

2.9. Din l-analiżi tas-swieq uriet li l-funzjonament tas-swieq bl-ingrossa għadu jbati minn ċertu numru ta' nuqqasijiet minħabba sitwazzjonijiet oligopolistiċi kkombinati ma' ftehimiet bilaterali dwar ir-roaming, in-nuqqas ta' prodotti ta' sostituzzjoni fil-livell tal-ingrossa u prezzijiet li huma sostanzjalment oġhla mill-ispejjeż stmati, b'mod partikolari għas-servizzi tad-data.

2.10. Peress li teżisti korelazzjoni mill-qrib bejn is-swieq bl-ingrossa u bl-immnut, u fin-nuqqas ta' marġni suffiċjenti bejn il-prezzijiet bl-ingrossa u bl-immnut, l-għan ta' "roam-like-at-home" ma jkunx jista' jintlaħaq u jsir strutturalment insostenibbli, speċjalment għall-operaturi ż-żgħar, l-operaturi tan-netwerk virtwali mobbli u l-operaturi bi traffiku nett kbir ta' roaming 'il barra.

2.11. Dan iwassal biex il-Kummissjoni tħossha obligata tipproponi intervent regolatorju ġdid tal-UE fis-swieq tar-roaming bl-ingrossa.

⁽¹⁾ ĠU L 172, 30.6.2012, p. 10

2.12. L-Artikolu 6d tar-Regolament (UE) 2015/2120, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012, jitlob, fost affarijiet oħra, li l-Kummissjoni, sa mhux iżjed tard mill-15 ta' Diċembru 2016, tressaq att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni min-naħa tal-operaturi ta' politika ta' "użu ġust" fir-rigward tal-konsum ta' servizzi tar-roaming bl-implimentazzjoni irregolati, forniti bil-prezz domestiku applikabbli fil-livell tal-bejgħ bl-implimentazzjoni għadu pendenti, peress li l-proposta inizjali dwaru ġiet irtirata mill-Kummissjoni.

3. Kontenut tal-proposta tal-Kummissjoni

3.1. Il-proposta għal rieżami tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 tippredvi:

- it-traħħis, għall-perjodu mill-15 ta' Ġunju 2017 sat-30 ta' Ġunju 2022, tal-prezz medju massimu tar-roaming bl-ingrossa:
 - ta' telefonata: minn 0,05 EUR/minuta għal 0,04 EUR/minuta;
 - ta' SMS: minn EUR 0,02 għal EUR 0,01;
 - ta' servizz tad-data: minn EUR 0,05/megabyte għal EUR 0,0085/megabyte;
- il-possibbiltà għaż-żewġ partijiet li jikkonkludu ftehim ta' forniment tar-roaming bl-ingrossa li jaqblu b'mod ċar li ma jissoġġettawx l-applikazzjoni tal-ftehim għall-prezz bl-ingrossa massimu previst mir-Regolament matul perjodu determinat;
- fil-każ ta' tilwim bejn l-operaturi tan-netwerk fil-pajjiż li qed iżur l-utent u l-operaturi l-oħrajn dwar is-servizzi tar-roaming bl-ingrossa, l-obbligu għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li jikkonsultaw lill-BEREC dwar l-azzjonijiet li jridu jittieħdu;
- it-fassil mill-Kummissjoni ta' rapport li għandu jitressaq, kull sentejn wara l-15 ta' Ġunju 2017, quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, fuq il-bażi ta' data miġbura mill-BEREC dwar l-iżvilupp tal-kompetizzjoni fis-swieq tar-roaming tal-Unjoni.

4. Kummenti ġenerali

4.1. Fl-Opinjoniġiet preċedenti tiegħu, il-KESE dejjem approva l-proposti tal-Kummissjoni bil-għan li jkun hemm limitu massimu ta' prezzijiet tar-roaming, billi qies li dawn huma pass fid-direzzjoni t-tajba, jiġifieri l-għajbien, fuq perjodu medju ta' żmien, ta' kull forma speċifika ta' prezz tar-roaming fil-komunikazzjonijiet mobbli. Għalhekk jista' biss japprova l-proposti ġodda tal-Kummissjoni intiżi biex ineħħu n-nuqqasijiet tas-suq tar-roaming bl-ingrossa li jirriskjaw li jikkompromettu l-implimentazzjoni ta' "roam-like-at-home" mill-15 ta' Ġunju 2017 'il quddiem.

4.2. Fir-rigward tar-"roam-like-at-home", il-KESE jfakkar li huwa dejjem wissa kontra l-effetti kontroproduktivi potenzjali u li stieden lill-awtoritajiet regolatorji jieħdu miżuri preventivi biex jevitaw li l-operaturi ma jikkompensawx it-tnaqqis mid-dħul, li jirriżulta mill-abolizzjoni tal-prezz tar-roaming, permezz ta' żieda fit-tariffi nazzjonali jew miżuri oħra abbużivi għad-detriment tal-konsumatur, pereżempju l-fatturazzjoni tal-aċċess għan-netwerk mingħajr il-ħtieġa li jkun hemm komunikazzjoni (taxxa tal-attivazzjoni).

4.3. Sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jibbenefikaw mir-"roam-like-at-home", u jivverifikaw li m'hemmx żieda fit-tariffi nazzjonali, il-KESE jtenni l-proposta tiegħu li l-awtoritajiet regolatorji jfasslu, b'kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, mudell ta' informazzjoni standardizzata dwar il-kompożizzjoni tal-prezzijiet, b'mod li jwassal għal trasparenza ikbar tat-tariffi u b'mod partikolari għal offerti b'rata fissa.

4.4. Il-KESE huwa fil-fatt konxju li l-prezzijiet bl-ingrossa massimi ser ikollhom jippermettu li l-operaturi jirkupraw l-ispejjeż tagħhom filwaqt li jħallu marġni ta' profitt raġonevoli. Madankollu, bħalma tirrikonoxxi l-Kummissjoni⁽²⁾, il-valutazzjoni tal-ispejjeż tal-forniment tas-servizzi tar-roaming bl-ingrossa hija komputu kumpless, li jimplika sett kbir ta' għażliet u ipoteżijiet u jibqgħu ċerti inċertezzi.

4.5. Fid-dawl tal-elementi differenti li huma parti integrali mill-ispiża li jiġu pprovduti servizzi tar-roaming bl-ingrossa (rata ta' terminazzjoni ta' sejħiet bil-mowbajl fil-pajjiż ta' oriġini u l-pajjiż ta' destinazzjoni), kif ukoll spejjeż oħra, b'mod partikolari spejjeż mhux irregolati ta' tranżitu, il-limiti massimi proposti mill-Kummissjoni jidhru raġonevoli u għandhom iħallu marġni biżżejjed sabiex ikun hemm kompetizzjoni tajba bejn il-fornituri tas-servizzi tar-roaming bl-ingrossa.

⁽²⁾ COM(2016) 398 final.

4.6. Il-KESE jesprimi riżervi kbar dwar il-possibbiltà l-għdida li l-Proposta għal Regolament inkwistjoni toffri lill-operaturi li jinneogzjaw “*skemi ta’ pprezzar bl-ingrossa innovattivi*” lil hinn mill-prezzijiet (limiti massimi) irregolati u li ma jkunux marbuta direttament mal-volumi realment ikkunsmati. In-neogzjati kummerċjali bbażati fuq pagamenti fissi, l-impenji bil-quddiem jew fuq il-kapaċità jirriskjaw li joħlqu kartelli u abbużi mill-pożizzjoni dominanti min-naħa tal-operaturi bl-ingrossa u ta’ dawk li jistgħu jagħmlu użu minn netwerk li għandu kopertura nazzjonali, għad-detriment tal-operaturi ż-żgħar u l-operaturi tan-netwerk virtwali mobbli.

4.7. Il-KESE japprova l-proposta li f’każ ta’ tilwim bejn l-operaturi dwar is-swieq tar-roaming bl-ingrossa, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu marbuta jitolbu l-opinjoni ta’ BEREC dwar l-azzjonijiet li jridu jittieħdu, li jwassal għal koerenza ikbar tal-approċċi regolatorji applikati minn dawn l-awtoritajiet nazzjonali. Il-KESE jipproponi li d-dispożizzjonijiet li jindirizzaw it-tilwim jiġu kkompletati u li l-awtoritajiet nazzjonali jintalbu jinkoraġġixxu, fejn meħtieġ, lill-partijiet involuti li l-ewwel u qabel kolloxx isolvu t-tilwim permezz tal-metodi ta’ soluzzjoni alternattiva għat-tilwim.

Brussell, id-19 ta’ Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/45/KE dwar regoli u standards ta’ sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri”

[COM(2016) 369 final — 2016/170(COD)]

(2017/C 034/28)

Relatur: **is-Sur Tomas ABRAHAMSSON**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 09/06/2016 Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 22/06/2016
Bażi legali	L-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [COM(2016) 369 final — 2016/170(COD)]
Sezzjoni kompetenti	It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjeta' tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	06/10/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	229/0/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' b'mod ġenerali l-proposta tal-Kummissjoni li temenda d-Direttiva 2009/45/KE dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri. Kif jidentifika r-rapport ta' idoneità (REFIT, Aġġustament tar-Rotta: Verifika tal-Idoneità tal-Leġislazzjoni dwar is-Sikurezza tal-Vapuri tal-Passiġġieri fl-UE, COM(2015) 508 final), id-Direttiva 2009/45/KE f'xi partijiet hija nieqsa minn ċarezza f'għadd ta' definizzjonijiet u rekwiżiti u għandha rekwiżiti skaduti jew duplikati, u dan wassal għal implimentazzjoni inkonsistenti tal-qafas legali għal vapuri tal-passiġġieri. L-emendi proposti għandhom l-għan li jissimplifikaw il-leġislazzjoni, jeliminaw is-sovrappożizzjonijiet u superfluwenzi u jikkjarifikaw ir-rekwiżiti u l-kamp ta' applikazzjoni, filwaqt li jinżamm il-livell attwali ta' sigurtà.

1.2. Meta wieħed iqis li 120 miljun persuna huma trasportati minn vapuri tal-passiġġieri domestiċi kull sena, il-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sigurtà tal-vapuri tal-passiġġieri hija importanti ħafna. Madankollu, il-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva 2009/45/KE teskludi kwalunkwe vapuri żgħar ta' inqas minn 24 metru mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, filwaqt li bħalissa huma esklużi biss vapuri eżistenti tal-passiġġieri, u mhux oħrajn ġodda.

1.3. Il-ħsieb mogħti wara din il-proposta huwa, l-ewwel nett, li d-Direttiva 2009/45/KE bħalissa tapplika biss għal 70 minn 1 950 vapur żgħir, u t-tieni, il-prinċipju tas-sussidjarjeta': dawn il-vapuri jinbnew għal firxa wiesgħa ta' servizzi, u l-istabbiliment ta' sett komuni ta' regoli se jkun ta' sfida kbira. Fil-fatt, l-Istati Membri għandhom ikunu f'pożizzjoni li jirregolaw aħjar.

1.4. Il-KESE jinnota l-ħsieb deskritt hawn fuq, iżda jirakkomanda li l-applikazzjoni għal vapuri ġodda ta' tul ta' inqas minn 24 metru tinżamm fl-interess tas-sigurtà tal-passiġġieri.

1.5. Il-proposta sabiex tiġi emendata d-Direttiva 2009/45/KE tispesifika li, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-aluminju huwa materjal ekwivalenti għall-azzar u l-istandards tas-sikurezza ta' kontra n-nirien korrispondenti huma għalhekk applikabbli. Bħalissa, mhux l-Istati Membri kollha jiċċertifikaw vapuri tal-aluminju taħt din id-Direttiva, u dan joħloq sitwazzjoni mhux ekwa. Il-KESE jilqa' din il-kjarifika.

1.6. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-importanza li r-regoli attwali tal-UE dwar is-sigurtà tal-vapuri tal-passiġġieri jagħtu lill-aċċessibilità tal-persuni b'mobilità mnaqqsa (punt 17 tal-premessi tad-Direttiva 2009/45 KE) u jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-fatt li l-istandards tal-UE jirrappreżentaw valur miżjud importanti meta mqabbla ma' standards internazzjonali, li ma jinkludu l-ebda dispożizzjoni obbligatorja f'dan ir-rigward. Il-KESE japprova bil-qawwa din id-dispożizzjoni u jemmen li dan għandu jorbot għal kull tip ta' vapur tal-passiġġieri ta' servizz domestiku.

1.7. Il-KESE jilqa' l-kjarifika tal-Kummissjoni magħmula f'punt ġdid (za). Dan il-punt jikkjarifika li "materjal ekwivalenti" tfisser liga tal-aluminju jew kwalunkwe materjal ieħor li ma jaqbadx, li jżomm karatteristiċi strutturali u ta' integrità ekwivalenti għall-azzar fl-aħħar tal-esponiment applikabbli għat-test standard tan-nar minħabba l-insulazzjoni pprovduta. Peress li xi Stati Membri ma kinux qed jiċċertifikaw vapuri tal-aluminju taħt din id-Direttiva, il-KESE jilqa' din il-kjarifika bi prinċipju. Madankollu, il-KESE jirrakkomanda li l-istandard tekniku korrispondenti inkluż fl-Anness tad-Direttiva 2009/45/KE jiġi kkjarifikat aktar f'kooperazzjoni mal-esperti nazzjonali.

2. Introduzzjoni u kuntest

2.1. Il-konfigurazzjoni ġeografika tal-Ewropa bħala peniżola vasta tagħti indikazzjoni ta' kemm huma kruċjali s-servizzi tat-trasport marittimu, inkluż it-trasport tal-passiġġieri. Aktar minn 400 miljun persuna jgħaddu mill-portijiet tal-UE kull sena, li minnhom 120 miljun huma trasportati minn vapuri tal-passiġġieri domestiċi. Għalhekk l-importanza li jiġu żgurati l-ogħla standards ta' sigurtà fl-ibħra tal-UE, fid-dawl tal-fatt li l-leġislazzjoni dwar is-sigurtà tal-vapuri għandha implikazzjonijiet konsiderevoli, speċjalment għall-ambjent, il-liġi tax-xogħol, il-mobilità taċ-ċittadini tal-UE u l-iffaċilitar tal-kummerċ fil-vapuri tal-passiġġieri peress li dawn tal-aħħar jissodisfaw l-istess standards madwar l-UE.

2.2. Wara d-diżastru tal-Estonja, l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali adottat għadd ta' emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), inklużi r-rekwiżiti biex titjieb l-istabbiltà tal-vapuri ro-ro meta tiġrilhom il-ħsara.

2.3. Madankollu, għadhom iseħħu l-inċidenti, u dan wassal biex f'dawn l-aħħar għoxrin sena l-Ewropa introduċiet aktar regoli għas-sikurezza tal-bastimenti tal-passiġġieri, inklużi xi regoli speċifiċi, bħalma huma r-reġistru tal-persuni abbord, flimkien mas-SOLAS fuq vjaġġi internazzjonali, li tkopri wkoll il-vjaġġi bejn żewġ Stati Membri jew aktar, kif ukoll ħafna aktar regoli tal-UE għal vjaġġi nazzjonali.

2.4. Il-proposti joħorġu mill-programm REFIT li qed twettaq il-Kummissjoni fir-rigward ta' din il-leġislazzjoni dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri. L-abbrevjazzjoni "REFIT" tfisser "Regulatory Fitness and Performance" (L-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni).

2.5. L-għan kien li fejn possibbli r-regoli Ewropej eżistenti dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri jiġu ssemplifikati u standardizzati sabiex:

- ir-regoli tal-UE jinżammu biss meta jkun meħtieġa u proporzjonati;
- tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta u uniformi;
- jiġu eliminati d-duplikazzjonijiet u l-kontradizzjonijiet.

Dawn l-għanijiet jirriflettu r-rakkomandazzjonijiet tal-KESE dwar "REFIT", kif stabbilit fl-Opinjoni esploratorja reċenti (SC/044, 26 ta' Mejju 2016).

2.6. Dan il-pakkett ta' proposti koerenti jservi biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Il-pakkett dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri jinkludi proposti sabiex jiġu riveduti kważi r-regolamenti Ewropej kollha ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri, minbarra naturalment id-Direttiva 2003/25/KE purament teknika dwar il-ħtiġiet ta' stabbiltà speċifiċi għall-vapuri tal-passiġġieri ro-ro.

2.7. Il-pakkett jinkludi t-3 proposti li ġejjin:

- biex jiġi limitat u ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/45/KE (standards tekniċi għal vapuri tal-passiġġieri li jbaħħru fuq rotot nazzjonali);

- biex jitjiebu u jiġu ċċarati l-obbligi ta' rappurtaġġ li jirriżultaw mid-Direttiva 98/41/KE (dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri) b'rabta ma' strumenti oħra (id-Direttiva 2010/65/UE dwar il-formalitajiet ta' rappurtaġġ u d-Direttiva 2002/59/KE dwar sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità), kif ukoll it-tneħħija tad-dupplikazzjonijiet ma' dawn l-oqsma;
- biex tiġi ċċarata u ssemplifikata s-sistema tal-UE tal-istħarriġ u l-ispezzjonijiet għal-laneċ ro-ro (laneċ li jistgħu jittrasportaw il-karozzi u l-ferroviji kif ukoll lill-passiġġieri) u b'hekk tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri.

2.8. Hija din l-ewwel proposta li hija s-suġġett ta' din l-Opinjoni.

2.9. Id-Direttiva 2009/45/KE, datata s-6 ta' Mejju 2009, hija riformulazzjoni tad-Direttiva 98/18/KE li kellha tiġi revokata fl-interessi ta' ċarezza. Hija tintroduċi livell uniformi ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri li jagħmlu vjaġġi domestiċi. Madankollu, wara 15-il sena, il-Kummissjoni qieset li kien meħtieġ li din id-Direttiva tiġi riveduta wara li kkonkludiet kontroll tal-idoneità li indika l-ħtieġa – appoġġjata bil-qawwa mill-KESE – li jiġu semplifikati u ċċarati r-reqwiżiti attwali.

2.10. Il-KESE pparteċipa b'mod attiv fil-qasam tal-leġislażzjoni dwar is-sigurtà marittima, u ħejja diversi opinjonijiet. Dwar il-kwistjoni partikolari tas-sigurtà tal-vapuri tal-passiġġieri, ta' min wieħed jinnota li fid-29 ta' Mejju 1996 il-Kumitat ħareġ Opinjoni dwar ir-regoli u l-istandards ta' sigurtà għall-vapuri tal-passiġġieri ⁽¹⁾, u wara, fil-11 ta' Diċembru 2002, Opinjoni tal-Kumitat dwar il-ħtiġiet ta' stabbiltà speċifiċi għall-vapuri tal-passiġġieri ro-ro, u dwar reviżjoni tad-Direttiva 98/18/KE dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li reċentement, fis-16 ta' Jannar 2008, il-Kumitat approva mingħajr riżervi l-proposta għar-riformulazzjoni tad-Direttiva 98/18/KE msemmija hawn fuq.

2.11. Fid-dawl tas-sinifikat tal-eżerċizzju ta' reviżjoni mwettaq mill-Kummissjoni lill-UE, il-KESE jixtieq juri l-importanza kbira li huwa jagħti lit-titjib kontinwu fis-sigurtà tal-vapuri tal-passiġġieri involuti f'kummerċ domestiku.

3. Il-kontenut essenzjali tal-proposta tal-Kummissjoni

3.1. Id-Direttiva 2009/45/KE dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri tapplika għal vapuri magħmulin mill-azzar u materjal ekwivalenti, u għal inġenji ta' veloċità għolja, irrISPETTIVAMENT MIT-TUL TAGĦHOM. Implimentata fil-livell tal-UE u li tapplika għal vjaġġi domestiċi biss, din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi għall-konstruzzjoni tal-vapuri, l-istabbiltà, il-protezzjoni min-nirien u t-tagħmir li jsalva l-ħajja tal-inġenji, abbażi kemm tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni SOLAS (Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar, 1974, kif emendata) kif ukoll ta' xi rekwiżiti ispirati minn għadd ta' diżgrazzji marittimi li kienu jinvolvu t-telf ta' ħajjiet umani, u għalhekk il-ħtieġa li tiġi indirizzata n-natura xi f'it frammentata tal-leġislażzjoni.

3.2. Wara kontroll tal-idoneità mwettaq fl-ispiritu tar-REFIT (programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea) u l-aġenda għal Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li kien hemm lok għal titjib ulterjuri tal-livell ta' sigurtà, effiċjenza u proporzjonalità mogħti mid-Direttiva msemmija hawn fuq. Għalhekk, ir-reviżjoni ssuġġerita hija mmirata lejn is-semplifikazzjoni u "streamlining" tal-qafas regolatorju eżistenti li, għalkemm jilħaq l-oġettivi tiegħu u jibqa' rilevanti ħafna, irid jelimina xi rekwiżiti u definizzjonijiet skaduti, ambigwi jew li huma rduppjati.

3.3. Il-Kummissjoni qed tissuġġerixxi għadd limitat ta' bidliet għad-Direttiva attwali fl-oqsma li ġejjin:

- L-esklużjoni ta' vapuri inqas minn 24 metru fit-tul mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva kkonċernata, abbażi tal-fatt li vapuri żgħar jinbnew l-aktar minn materjali oħra li mhumiex l-azzar, u diġà huma ċertifikati skont il-leġislażzjoni nazzjonali;
- Kjarifika tal-ambitu tad-Direttiva: billi jiġi speċifikat li l-aluminju huwa materjal ekwivalenti għall-azzar (b'implikazzjonijiet għal rekwiżiti dwar l-iżolament kontra n-nar), u billi jiġi ċċarati li l-inġenji tas-servizz għall-parki eoliċi offshore huma esklużi, bħalma huwa l-każ għal vapuri tradizzjonali;
- Kjarifika u semplifikazzjoni tad-definizzjoni taż-żoni tal-baħar fid-Direttiva 2009/45/KE filwaqt li titneħħa r-referenza għal "meta vapur jegħreq persuni jistgħu jtilgħu fuq l-art" kif ukoll il-kunċett ta' "post ta' rifuġju".

⁽¹⁾ ĠU C 212, 22.7.1996, p. 21.

3.4. Barra minn hekk, ir-rapport REFIT jirrakkomanda l-iżvilupp ta' linji gwida jew standards għal vapuri żgħar u vapuri mibnija mhux bl-azzar jew materjali ekwivalenti, fuq il-bażi ta' rekwiżiti funzjonali bħala parti minn qafas ta' standards ibbażat fuq l-għanijiet.

3.5. Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li l-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li jinżamm il-livell komuni attwali ta' sigurtà stabbilit mid-Direttiva 2009/45/KE għal vapuri li joperaw fuq vjaġġi domestiċi fl-ilmijiet tal-UE, li jiffaċilita t-trasferiment ta' vapuri bejn reġistri nazzjonali u jippermetti li l-kompetizzjoni fuq vjaġġi domestiċi ssir abbażi ta' kundizzjonijiet ekwi.

4. Kummenti ġenerali

4.1. Il-KESE jinnota li l-kontroll tal-idoneità applikat għar-regoli u l-istandards ta' sigurtà tal-UE għal vapuri tal-passiġġieri seta' ġie affettwat min-nuqqas ta' data u għalhekk jitlob biex fil-futur ikollna sistemi ta' monitoraġġ aħjar u li d-data tinġabar b'mod aħjar sabiex l-evalwazzjonijiet wara l-implimentazzjoni tal-UE jkunu aktar b'saħħithom.

4.2. Għalkemm jinnota r-raġunament wara l-esklużjoni ta' vapuri żgħar (tul ta' inqas minn 24 metru) mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, il-KESE jemmen li l-applikazzjoni għal vapuri ġodda ta' inqas minn 24 metru tul għandha tinżamm.

4.3. Fir-rapport REFIT, kif ukoll fil-punt 17 tal-premessi tad-Direttiva 2009/45/KE, wieħed jinnota li l-istandards tal-UE jipprevedu aċċess għal servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri f'kummerċ domestiku għall-persuni b'mobilità mnaqqsa, element li huwa rrakkomandat iżda mhux obligatorju fl-istandards internazzjonali. Il-KESE japprova bil-qawwa dan ir-rekwiżit u jemmen li dan għandu jorbot għal kull tip ta' vapur tal-passiġġieri ta' servizz domestiku.

4.4. Il-KESE jemmen ukoll li huwa essenzjali li l-passiġġieri kollha fuq il-vapuri jiġu infurmati dwar id-dettalji li jikkonċernaw is-sigurtà abbord il-bastiment. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li dawn id-dettalji jkunu diponibbli wkoll għal persuni b'diżabilità.

5. Kummenti speċifiċi dwar l-emendi proposti għad-Direttiva 2009/45/KE

5.1. Artikolu 2 – Definizjonijiet

5.1.1. Punt (h) – Id-definizzjoni ta' "vapur ġdid" bħala vapur li l-prim tiegħu tqiegħed jew li kien fi stadju simili ta' bini fi jew wara l-1 ta' Lulju 1998 hija skaduta; madankollu, l-ebda bidla ma hija proposta.

5.1.2. Punt (u) – Il-bidla minn "Stat ospitanti" għal "Stat tal-port" mhijiex spjegata. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tagħti spjegazzjoni għal din il-bidla ta' terminoloġija, u bidla possibbli fis-sustanza.

Barra minn hekk, id-Direttiva tidher f'dan il-punt li ma toħloq l-ebda distinzjoni bejn bandiera ta' Stat Membru u ta' pajjiż li mhuwiex Stat Membru, li jista' jkun rilevanti, peress li l-vapuri inkwistjoni qed ijwettqu kabotaġġ marittimu (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu)).

5.1.3. Punt ġdid (za) – Dan il-punt jikkjarifika li "materjal ekwivalenti" tfisser liga tal-aluminju jew kwalunkwe materjal ieħor li ma jaqbadx, li jżomm karatteristiċi strutturali u ta' integrità ekwivalenti għall-azzar fl-aħħar tal-esponiment applikabbli għat-test standard tan-nar minħabba l-insulazzjoni pprovduta. Peress li xi Stati Membri ma kinux qed jiċċertifikaw vapuri tal-aluminju taħt din id-Direttiva, il-KESE jilqa' din il-kjarifika bi prinċipju. Madankollu, il-KESE jirrakkomanda li l-istandard tekniku korrispondenti inklużi fl-Anness tad-Direttiva 2009/45/KE jiġi kkjarifikat aktar f'kooperazzjoni mal-esperti nazzjonali.

Fl-aħħar nett, il-KESE jemmen li d-definizzjoni l-ġdida ta' "materjal ekwivalenti", b'mod partikolari r-referenza għal "kwalunkwe materjal ieħor li ma jaqbadx", tista' toħloq konfużjoni peress li ma tispeċifikax b'mod xieraq għal liema tip ta' materjal materjal għandu jkun ekwivalenti sabiex jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva emendata.

5.1.4. Punt ġdid (zd) – Id-definizzjoni proposta ta' "jott/biċċa tal-baħar tad-divertiment" hija kif ġej: "vapur li ma jġorrx merkanzija u mhux aktar minn 12-il passiġġier mhux involuti fil-kummerċ, irrispettivament mill-mezz tal-propulsjoni". Il-KESE jemmen li għal ċarezza għandu jinżamm il-kliem attwali "passiġġier(i) għal għanijiet kummerċjali".

5.2. Artikolu 3 – Kamp ta' applikazzjoni

5.2.1. Paragrafu 1, punt (a) – [Din id-Direttiva tapplika għal] “vapuri eżistenti tal-passiġġieri ta' tul ta' 24 metru jew aktar”. Il-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva 2009/45 għalhekk teskludi kull vapur żgħir, filwaqt li dan ir-Regolament jeskludi biss il-vapuri eżistenti, mhux vapuri “għodda” ta' anqas minn tul ta' 24 metru. Ara l-punt 5.1.1 hawn fuq għad-definizzjoni ta' “vapur ġdid”.

5.2.2. Ir-raġuni mogħtija għal din l-esklużjoni hija li d-Direttiva 2009/45/KE bħalissa tapplika biss għal 70 minn 1 950 vapur żgħir.

5.2.3. Ħsieb ieħor mogħti wara l-esklużjoni proposta huwa l-prinċipju tas-sussidjarjetà, abbażi tal-fatt li dawn il-vapuri jinbnew għal firxa wiesgħa ta' servizzi u l-istabbiliment ta' sett komuni ta' regoli se jkun estremament diffiċli, u għaldaqstant l-Istati Membri jkunu f'pożizzjoni aħjar biex jirregolaw.

5.2.4. Il-KESE qed isibha diffiċli jifhem dawn l-argumenti. Jekk 96 % tal-flotta ta' vapuri iżgħar mhumiex koperti minn din id-Direttiva, peress li huma mibnija minn materjali li mhumiex l-azzar jew materjal ekwivalenti, jew huma vapuri li joperaw esklussivament f'żoni tal-port eċċ., mela li jiġu eżentati daww l-inġenji ta' anqas minn 24 metru mhuwiex ta' benefiċċju għal dawn il-vapuri. Iżda x'jagħmlu l-4 % l-oħra?

5.2.5. Jekk regoli armonizzati mhumiex adatti għal ċerti vapuri taħt l-24 metru, mela l-Istati Membri llum diġà huma liberi li jippermettu eżenzjonijiet skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva. Iżda jekk il-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva fuq dan il-punt tiġi aċċettata, se jkun hemm xi vapuri ta' tul sa 24 metru li mhux se jibqgħu jkunu koperti mid-Direttiva.

5.2.6. Vapur tal-passiġġieri ta' 24 metru mhuwiex neċessarjament inġenju insinifikanti, minħabba li forsi jista' jakkomoda sa 250 passiġġier abbord. Jista' jiġi argumentat li l-passiġġieri għandu jkollhom l-istess dritt għas-sigurtà, kemm jekk il-vapur taqgħom huwa ta' tul ta' 23,9 metru jew 24,1 metru. Għal dawn ir-raġunijiet, il-KESE jemmen li l-applikazzjoni għal vapuri għodda ta' tul ta' inqas minn 24 metru għandha tinżamm u li l-Istati Membri jistgħu jibqgħu jippermettu eżenzjonijiet jekk jidhrilhom xieraq.

5.3. Artikolu 5

Fir-rigward tal-emenda għall-Artikolu 5(3) dwar l-ispezzjoni, il-KESE huwa tal-opinjoni li għandha ssir ukoll referenza għal laneċ ro-ro u inġenji tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri fuq vjaġġ domestiku fuq servizz regolari kif definit fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ġdida proposta (COM(2016)371 final) li tħassar id-Direttiva 1999/35/KE (ara l-Artikolu 1). Bil-għan ta' aktar razzjonalizzazzjoni tal-isforz ta' spezzjoni tal-amministrazzjonijiet nazzjonali, il-massimizzazzjoni taż-żmien li matulu l-vapur jista' jiġi sfruttat kummerċjalment u l-eliminazzjoni ta' duplikazzjonijiet potenzjali bejn spezzjonijiet speċifiċi taħt id-Direttiva ġdida proposta (COM(2016) 371 final) li tħassar id-Direttiva 1999/35/KE u l-istħarriġ meħtieġ taħt l-Artikolu 12, huwa ssuġġerit li:

- jiġi sostitwit it-terminu “stħarriġ” bi “spezzjoni” taħt l-Artikolu 5, u
- issir referenza ċara taħt l-Artikolu 5 għar-rekwiżiti ta' spezzjoni taħt id-Direttiva ġdida proposta (COM(2016)371 final) li tħassar id-Direttiva 1999/35/KE.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE dwar ir-reġistrazzjoni ta’ persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità u li temenda d-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-formalitajiet ta’ rappurtar għal bastimenti li jaslju fi u/jew jitolqu minn portijiet tal-Istati Membri”

[COM(2016) 370 final] [2016/171 (COD)]

(2017/C 034/29)

Relatur: **is-Sur Vladimír NOVOTNÝ**

Konsultazzjoni	il-Parlament Ewropew, 09/06/2016 il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 22/06/2016
Bażi legali	L-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [COM(2016) 370 final] [2016/171 (COD)]
Sezzjoni Speċjalizzata responsabli	It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	06/10/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Eżitu tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	205/9/15

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jemmen li l-emenda proposta se twassal għal sikurezza akbar għat-tbaħħir fl-ilmijiet tal-UE u se tikkontribwixxi biex tagħmel ix-xogħol ta’ salvataġġ aktar effiċjenti f’każ ta’ diżastri marittimi.

1.2. Il-KESE jappoġġja ż-żieda tan-nazzjonalità fl-infommazzjoni rreġistrata sabiex, f’każ ta’ diżastri marittimi, il-familji jistgħu jkunu informati aktar malajr dwar qraba li kienu abbord u tkun tista’ tiġi evitata l-inċertezza dwar x’għara minnhom.

1.3. Il-KESE, b’konformità mar-riżultati ta’ ħidma tal-Kummissjoni dwar konsultazzjoni, jirrimarka fuq il-kwistjoni ta’ trasportaturi żgħar u l-ħtieġa li dawn jiġu protetti kontra żieda fil-burokrazzja. Fil-fehma tal-Kumitat, il-proposta tiżgura li l-kompetizzjoni fl-ilmijiet tal-UE tkun tista’ tkompli b’kundizzjonijiet indaqs għall-operaturi kollha.

1.4. Il-KESE japprezza l-fatt li l-proposta għal direttiva hija akkumpanjata minn pjan ta’ implimentazzjoni li jelenka l-ażżjonijiet meħtieġa biex jiġu implimentati l-miżuri ta’ simplifikazzjoni u jidentifika l-isfidi prinċipali tal-implimentazzjoni tekniċi, legali u marbuta maż-żmien konnessi mal-introduzzjoni ta’ dawn il-miżuri ġodda.

1.5. Il-KESE jilqa’ b’sodisfazzjon il-proposta li tiġi emendata d-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE bħala kontribut sinifikanti lejn l-implimentazzjoni tal-programm tal-Kummissjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) u l-programm għat-titjib tal-ambjent regolatorju tal-UE.

2. Introduzzjoni

2.1. Wara kontroll tal-idoneità dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri fl-UE, il-Kummissjoni Ewropea qed tressaq sett ta’ proposti biex tissimplifika u tirrazzjonalizza l-qafas regolatorju eżistenti dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri fl-UE, sabiex ikun evitat l-irduppar potenzjali ta’ obbligi u inkonsistenzi bejn biċċiet differenti ta’ leġiżlazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin jinżammu r-regolamenti tal-UE u tiżgura l-applikazzjoni korretta tagħhom.

2.2. L-għan ta' dan il-pakkett ta' proposti, li jinkludi emenda għad-Direttiva 2009/45/KE dwar rekwiżiti tekniċi għal bastimenti tal-passiġġieri, proposta għal Direttiva li tissostitwixxi d-Direttiva 1999/35/KE fuq bastimenti tal-passiġġieri li jipprovdu servizz regolari, u, l-aktar importanti, emenda għad-Direttiva 98/45/KE dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri, huwa li jipprovdi għal skema ċara, sempliċi u aġġornata dwar qafas legali li huwa aktar faċli biex jintuża, jiġi mmonitorjat u infurzat, biex b'hekk jiżdied il-livell ġenerali ta' sikurezza fis-settur tat-trasport marittimu.

2.3. L-emendi proposti huma bbażati fuq il-programm tal-Kummissjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) u jikkontribwixxu għar-realizzazzjoni tal-programm għat-titjib tal-ambjent regolatorju tal-UE.

2.4. Il-proposta twettaq l-aġenda tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar billi tiżgura li l-leġislazzjoni eżistenti tkun sempliċi u ċara, ma toħloqx piż bla bżonn u żżomm il-pass mal-iżviluppi politiċi, soċjetali u teknoloġiċi li qed jevolvu. Twettaq ukoll l-għanijiet tal-Istrateġija tat-Trasport Marittimu tal-2018 billi tiżgura servizzi bil-laneċ ta' kwalità fit-trasport tal-passiġġieri regolari intra-UE.

3. Id-dokument tal-Kummissjoni

3.1. Id-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE ttiprovdi għall-għadd u r-reġistrazzjoni tal-passiġġieri u l-ekwipaġġ abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn u minn portijiet tal-UE. Skont ir-rekwiżiti attwali, din l-informazzjoni trid tinħażen fis-sistema tal-kumpanija u tkun – f'kull waqt – disponibbli minnufih għat-trażmissjoni lill-awtorità kompetenti responsabbli għat-tiftix u s-salvataġġ. Barra minn hekk, id-data rreġistrata mhux dejjem tinkludi informazzjoni dwar in-nazzjonalità (minbarra l-isem, l-età u s-sess), u b'hekk ikun aktar diffiċli li l-vittmi u l-qraba tagħhom jingħataw l-għajnuna.

3.2. Bħala riżultat, l-operaturi li diġà jittrażmettu data bħal din lin-National Single Window huma esposti għal sistema ta' rappurtar doppju. Dan ir-rekwiżit jinjora l-iżvilupp ta' sistemi bħal SafeSeaNet u n-National Single Window u jirrikjedi li l-awtorità nazzjonali kompetenti tikkuntattja lill-kumpanija tat-trasport marittimu f'każ ta' emerġenza. Dan jikkonforma għal kolloxx mal-programm REFIT tal-Kummissjoni u għandu l-għan li jisfrutta l-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni tar-reġistrazzjoni, tat-trażmissjoni, tal-aċċess u tal-protezzjoni tad-data.

3.3. Operazzjoni effettiva ta' tiftix u salvataġġ teħtieġ aċċess immedjat għal data preċiża fir-rigward tal-persuni abbord. It-test kurrenti tad-direttiva ma jiżgurax dan b'mod suffiċjenti. Għalhekk, il-Kummissjoni qed tipproponi li r-rekwiżiti eżistenti jiġu aġġornati, iċċarati u ssimplifikati għall-għadd u għar-reġistrazzjoni tal-passiġġieri u tal-ekwipaġġ abbord vapuri tal-passiġġieri filwaqt li jitjeb il-livell ta' sikurezza li jipprovdu.

3.4. Ir-rekwiżit biex tiġi rreġistrata l-informazzjoni dwar il-persuni abbord f'sistema elettronika eżistenti (li f'każ ta' emerġenza tippermetti li d-data tiġi aċċessata immedjatament mill-awtorità kompetenti) huwa meqjus bħala qabża 'l quddiem meta mqabbel mal-livell attwali ta' sikurezza, mingħajr ma jiġġenera spejjeż sinifikanti għall-operaturi jew għall-amministrazzjonijiet awtorizzati.

3.5. Il-Kummissjoni Ewropea tipproponi t-tneħħija tar-rekwiżit ta' rappurtar doppju ta' passiġġieri u tallinja r-rekwiżiti ta' rapportar eżistenti għall-operaturi kollha, billi tippermetti li l-informazzjoni dwar l-għadd ta' persuni abbord għandha tiġi rreġistrata f'sistema elettronika eżistenti. F'każ ta' emerġenza jew inċident, dan jippermetti li d-data tintbagħat minnufih lill-awtorità kompetenti minflok tittieħed mis-sistema tal-kumpanija, qabel it-tluq jew il-wasla f'kull port tal-UE. Dan jiżgura wkoll li t-tagħrif meħtieġ dwar l-ekwipaġġ u l-passiġġieri — għal kull vjaġġ ta' aktar minn għoxrin mil nawtiku — ser ikun irreġistrat fl-istess sistema elettronika minflok fis-sistema tal-kumpanija, qabel it-tluq jew il-wasla f'kull port tal-UE.

3.6. Tipproponi wkoll dawn id-dispożizzjonijiet: l-evitar ta' rduppar u l-bżonn – li għal kull vjaġġ ta' aktar minn għoxrin mil nawtiku – in-nazzjonalità tal-passiġġieri tkun rreġistrata u trażmessa lil awtorità kompetenti, billi tuża l-istess mezzu u kriterji bħalma jintużaw fir-reġistrazzjoni u trażmissjoni ta' data, isem, età, eċċ. (li hija diġà rekwiżita); li jiġu iċċarati d-definizzjonijiet tar-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni tal-passiġġieri fid-Direttiva 98/41/KE, bħat-tul tal-vjaġġ; it-tħassir tar-rekwiżit għall-approvazzjoni tas-sistemi tar-reġistrazzjoni tal-passiġġieri mid-Direttiva 98/41/KE; u l-allinjament tal-mekkaniżmu tar-rappurtar tal-eżenzjonijiet/ekwivalenzi taħt id-Direttivi 2009/45/KE u 98/41/KE. Il-proposta tinfina wkoll id-definizzjonijiet u r-rekwiżiti korrispondenti tad-Direttiva 98/41/KE.

3.7. Il-proposta tiżgura li l-kompetizzjoni tkun tista' tkompli sseħħ fl-ilmijiet tal-UE bl-istess mod għall-operaturi kollha.

4. Kummenti ġenerali

4.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta li tiġi emendata d-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE bħala kontribut sinifikanti lejn l-implimentazzjoni tal-programm tal-Kummissjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) u l-programm għat-titjib tal-ambjent regolatorju tal-UE.

4.2. Il-Kumitat iqis li l-użu propost ta' metodi moderni ta' komunikazzjoni elettronika għar-rappurtar huwa xieraq u se jżid l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistema għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar ta' persuni li jbaħħru abbord bastimenti tal-passiġġieri.

4.3. Il-KESE jemmen li l-emenda proposta se twassal għal sikurezza akbar għat-tbaħħir fl-ilmijiet tal-UE u se tikkontribwixxi biex tagħmel ix-xogħol ta' salvataġġ aktar effiċjenti f'każ ta' diżastri marittimi.

4.4. Il-KESE jappoġġja l-proposta li tiżdied in-nazzjonalità mal-informazzjoni rreġistrata sabiex, f'każ ta' diżastri marittimi, il-familji jistgħu jkunu infurmati aktar malajr dwar qraba li kienu abbord u tkun tista' tiġi evitata l-inċertezza dwar x'għara minnhom.

4.5. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-approċċ tal-Kummissjoni Ewropea, li matul il-preparazzjoni tal-emenda riveduta tad-direttiva wettqet konsultazzjonijiet immirati ma' professjonisti li jaħdmu fl-industrija tat-tbaħħir kif ukoll ma' rappreżentanti tal-pubbliku li jivvjaġġa. Ir-risultati ta' dawn il-konsultazzjonijiet jinġabru fil-qosor u huma evalwati fid-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni li jinsab anness mal-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE. Il-konklużjonijiet tal-konsultazzjonijiet huma inkorporati fid-direttiva proposta.

4.6. Il-KESE jikkunsidra li huwa neċessarju li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-data personali li hija suġġetta għal reġistrazzjoni, kif ukoll li d-Direttiva 98/41/KE tiġi aġġornata skont l-iżviluppi legali fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari tar-Regolament futur (UE) 2016/679.

5. Kummenti speċifiċi

5.1. Fil-fehma tal-KESE, il-protezzjoni tal-informazzjoni personali għandha tkun kontrobalanċjata minn rekwiżiti rigward l-aċċessibbiltà ristretta għal din id-data li għandha tingħata lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti fuq talba (il-mekkaniżmu ta' skambju fil-każ ta' emerġenza jew wara inċident tkun is-sistema SafeSeaNet kif definita fid-Direttiva 2002/59/KE). Bl-istess mod bħan-National Single Window, is-SafeSeaNet hija bbażata fuq id-dritt tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali u tistipula sigurtà ddefinita b'mod ċar u drittijiet ta' aċċess. Il-KESE jirrakkomanda li jiġi speċifikat il-perjodu ta' żamma fid-dettall fil-proposta għal Direttiva.

5.2. Fil-fehma tal-KESE, it-trażmissjoni proposta lin-National Single Window għandha tiżgura b'mod rigoruż li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità (kif definiti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2010/65/UE) u li t-trażmissjoni tad-data tikkonforma mad-dritt tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali.

5.3. Il-KESE, b'konformità mar-risultati ta' ħidma tal-Kummissjoni dwar konsultazzjoni, jirrimarka fuq il-kwistjoni ta' trasportaturi żgħar u l-ħtieġa li dawn jiġu protetti kontra żieda fil-burokrazija. Għal din ir-raġuni, il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni, li għandha tippermetti kumpaniji żgħar li jissodisfaw rekwiżiti ta' reġistrazzjoni permezz ta' konnessjoni tal-Internet bħala alternattiva irħas u aktar flessibbli, jew jagħżlu li jittrażmettu l-għadd ta' persuni abbord permezz ta' sistema ta' informazzjoni awtomatika, sistema ta' xandir marittima bbażata fuq it-trażmissjoni ta' sinjali tar-radju ta' frekwenza għolja ħafna. Dan jippermetti liċ-ċentru lokali tat-tiftix u s-salvataġġ biex faċilment jikseb data dwar in-numru ta' persuni abbord, fi kwalunkwe ħin, irrispettivament mid-disponibbiltà ta' persuna ta' kuntatt.

5.4. Il-KESE japprezza l-fatt li l-proposta għal direttiva hija akkumpanjata minn pjan ta' implimentazzjoni li jelenka l-azzjonijiet meħtieġa biex jiġu implimentati l-miżuri ta' simplifikazzjoni u jiġu identifikati l-isfidi prinċipali tal-implimentazzjoni tekniċi, legali u marbuta maż-żmien konnessi mal-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri ġodda.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sistema ta’ spezzjonijiet għall-operazzjoni bla periklu ta’ laneċ ro-ro u bċeġjeċ tal-baħar ta’ veloċità għolja għall-passiġġieri f’ servizz regolari u li temenda d-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE”

[COM(2016) 371 final – 2016/0172 (COD)]

(2017/C 034/30)

Relatur: **is-Sur Jan SIMONS**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 09/06/2016 Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 22/06/2016
Bażi legali	Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [COM(2016) 371 final – 2016/0172 (COD)]
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	06/10/2016
Adottata fil-plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni: (favur/kontra/astensjonijiet)	222/2/6

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. B’mod ġenerali, il-KESE jilqa’ l-għanijiet tal-Programm tal-Kummissjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) bl-għan ġenerali li jistipula qafas legali ċar, sempliċi u konsistenti dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri li jkun aktar faċli biex jiġi implimentat, immonitorjat u nfurzat, waqt li jiġi żgurat il-livell ġenerali ta’ sikurezza għall-passiġġieri u l-ekwipaġġ tal-bastiment.

1.2. Il-KESE jagħti importanza kbira li tkun teżisti sistema ta’ spezzjoni tal-UE applikabbli għall-vapuri tal-passiġġieri li joperaw fuq vjaġġi domestiċi u/jew internazzjonali waqt li jinżammu kundizzjonijiet ugwali fl-ibħra tal-UE għall-vapuri tal-passiġġieri kollha irrispettivament mill-bandiera li jtajru. Madankollu, il-KESE huwa tal-fehma li l-UE għandha primarjament tfitteż li żżomm standards xierqa ta’ sikurezza marittima u l-ħarsien tal-ambjent marittimu fuq livell globali, li min-naħa taġġhom huma applikati għal bastimenti li jwettqu attività kummerċjali fl-ilmijiet tal-UE.

1.3. Il-KESE jqis li hemm bżonn ulterjuri għal kjarifika u għal dispożizzjonijiet addizzjonali skont id-Direttiva l-ġdida proposta sabiex jiġu evitati spezzjonijiet żejda jew li jiġi impost piż addizzjonali fuq l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, li jimminimizzaw l-operati kummerċjali tal-vapur jew li jikkawżaw għeja addizzjonali fuq l-ekwipaġġi. Dan jinkludi l-ħtieġa:

— li jiġu evitati kwalunkwe spezzjonijiet żejda potenzjali bejn id-Direttiva l-ġdida proposta u d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port;

— li jkun hemm koordinazzjoni adegwata bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex jiskedaw l-ispezzjonijiet.

1.4. Filwaqt li d-Direttiva ġdida proposta b'mod adegwat għandha l-għan li tnaqqas l-għeja tal-ekwipaġġ tal-vapur, il-KESE jirrakkomanda li l-konformità mar-rekwiżiti minimi għall-baħħara biex jaħdmu abbord bastiment, inkluża ċertifikazzjoni medika u tat-taħriġ koperti mill-STCW (Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara), hija essenzjali f'termini ta' sikurezza marittima. Din il-konformità għandha tkun żgurata skont il-konvenzjonijiet internazzjonali eżistenti bħalma hija l-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu tal-2006, li tiġi implimentata fil-liġi tal-UE permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/13/KE.

1.5. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-KESE jagħraf li l-ammont ta' dispożizzjonijiet għal kjarifika ser ikun jeħtieġ li kemm l-Istati Membri kif ukoll il-kumpaniji marittimi jaġġustaw il-proċessi attwali tagħhom. Konsegwentement, il-KESE għalhekk jappoġġja r-rwol tal-EMSA u l-użu tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Sikurezza tal-Vapuri tal-Passiġġieri fi ħdan il-Grupp ta' Sikurezza Marittima sabiex jiġu ffaċilitati l-proċessi tal-implimentazzjoni u tat-traspożizzjoni flimkien mal-gruppi ta' esperti korrespondenti li jitrattaw l-ispezzjonijiet tal-kontroll tal-istat tal-port u l-implimentazzjoni tas-Single Window Nazzjonali.

1.6. Il-KESE għandu seba' kummenti tekniċi speċifiċi xi jressaq. Għal dawn, jekk jogħġbok ara t-taqsima 5 ta' din l-Opinjoni.

2. Introduzzjoni

2.1. Il-konfigurazzjoni ġeografika tal-Ewropa bħala peniżola vasta tagħti indikazzjoni ta' kemm huma kruċjali s-servizzi tat-trasport marittimu, inkluż it-trasport tal-passiġġieri. Aktar minn 400 miljun persuna jgħaddu mill-portijiet tal-UE kull sena, li minnhom 120 miljun huma trasportati minn vapuri tal-passiġġieri domestiċi. Għalhekk huwa importanti li jiġu żgurati l-ogħla standards ta' sigurtà fl-ibħra tal-UE fid-dawl tal-fatt li l-leġislazzjoni dwar is-sigurtà tal-vapuri għandha implikazzjonijiet konsiderevoli, speċjalment għall-ambjent, il-liġijiet tax-xogħol, il-mobilità taċ-ċittadini tal-UE u l-iffaċilitar tal-kummerċ fil-vapuri tal-passiġġieri peress li dawn tal-aħħar jissodisfaw l-istess standards madwar l-UE.

2.2. Għadhom minquxa fil-memorja ta' kulħadd – speċjalment ta' dawk interessati fi kwistjonijiet marittimi – l-inċidenti traġiċi tal-vapuri tal-baħar fond "Herald of Free Enterprise" u l-"Estonia", fl-1987 u matul il-lejl ta' bejn is-27 u t-28 ta' Settembru 1994, rispettivament; l-ewwel vapur kien qiegħed ibaħħar minn Zeebrugge, il-Belġju, filwaqt li t-tieni wieħed kien hierieg minn Tallinn lejn Stokkolma, fejn imtela bl-ilma u għereq 'il barra mill-kosta Finlandiża. Il-Herald of Free Enterprise ħabat ma' sikka tar-ramel; inqatlu 193 persuna. Fl-Estonia, rekord ta' 852 persuna tilfu ħajjithom. Il-kawża: il-bibien tal-pruwa li minnhom jitgħabbew u jinħattu l-vetturi u n-nies (roll-on-roll-off bl-Ingliż, li minnu geġ it-term laneċ RO-RO) ma kinux magħluqa sew u tqaċċtu f'maltempata qalila rispettivament. Il-konsegwenza: il-vapuri mtlew bl-ilma u inklinaw fuq ġenbhom b'mod rapidu, imbagħad inqalbu, kollox fi żmien nofs siegħa.

2.3. Wara d-diżastru tal-Estonia, l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali adottat għadd ta' emendi għall-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), inklużi r-rekwiżiti biex titjieb l-istabbiltà tal-vapuri ro-ro meta tiġrilhom il-ħsara.

2.4. Madankollu, għadhom iseħħu l-inċidenti, u dan wassal biex f'dawn l-aħħar għoxrin sena l-Ewropa introduċiet aktar regoli għas-sikurezza tal-bastimenti tal-passiġġieri, inklużi xi regoli speċifiċi, bħalma huma r-reġistru tal-persuni abbord, flimkien mas-SOLAS fuq vjaġġi internazzjonali, li tkopri wkoll il-vjaġġi bejn żewġ Stati Membri jew aktar, kif ukoll ħafna aktar regoli tal-UE għal vjaġġi nazzjonali.

2.5. Il-proposti joħorġu mill-programm REFIT li qed twestaq il-Kummissjoni fir-rigward ta' din il-leġislazzjoni dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri. L-abbrevjazzjoni "REFIT" tfisser l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni.

2.6. L-għan kien li fejn possibbli r-regoli Ewropej eżistenti dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri jiġu ssemplifikati u standardizzati sabiex:

— ir-regoli tal-UE jinżammu biss meta jkunu meħtieġa u proporzjonati;

— tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta u uniformi;

— jiġu eliminati d-duplikazzjonijiet u l-kontradizzjonijiet.

Dawn l-għanijiet jirriflettu r-rakkomandazzjonijiet tal-KESE dwar “REFIT”, kif stabbilit fl-Opinjoni esploratorja reċenti (SC/044, 26 ta’ Mejju 2016).

2.7. Dan il-pakkett ta’ proposti koerenti jservi biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

Il-pakkett dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri jinkludi proposti sabiex jiġu riveduti kważi r-regolamenti Ewropej kollha ta’ sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri, minbarra naturalment id-Direttiva 2003/25/KE purament teknika dwar il-tiġiet ta’ stabbiltà speċifiċi għall-vapuri tal-passiġġieri ro-ro.

2.8. Il-pakkett jinkludi t-3 proposti li ġejjin:

- biex jiġi limitat u ċċarat il-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2009/45/KE (standards tekniċi għal vapuri tal-passiġġieri li jbaħħru fuq rotot nazzjonali);
- biex jitjiebu u jiġu ċċarati l-obbligi ta’ rappurtar li jirriżultaw mid-Direttiva 98/41/KE (dwar ir-reġistrazzjoni ta’ persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri) b’rabta ma’ strumenti oħra (id-Direttiva 2010/65/UE dwar il-formalitajiet ta’ rappurtar u d-Direttiva 2002/59/KE dwar sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità), kif ukoll it-tneħħija tad-duplikazzjonijiet ma’ dawn l-oqsma;
- biex tiġi ċċarata u ssemplifikata s-sistema tal-UE tal-istħarriġ u l-ispezzjonijiet għal-laneċ ro-ro (laneċ li jstgħu jittrasportaw il-karozzi u l-ferroviji kif ukoll lill-passiġġieri) u b’ċeġjeċ tal-baħar ta’ veloċità għolja għall-passiġġieri.

2.9. Hija din l-aħħar proposta li hija s-suġġett ta’ din l-Opinjoni.

3. Sommarju tal-proposta tal-Kummissjoni għal sistema ta’ spezzjoni

3.1. L-għan tal-proposta huwa li tiġi ċċarata u ssemplifikata s-sistema tal-UE ta’ stħarriġ u spezzjonijiet għal-laneċ ro-ro u għall-b’ċeġjeċ tal-baħar ta’ veloċità għolja għall-passiġġieri, li attwalment huma imwettqa skont id-Direttiva 1999/35/KE (stħarriġ obligatorju għall-operazzjoni bla perikolu ta’ laneċ ro-ro regolari u servizzi tal-inġenji tal-baħar ta’ veloċità kbira għall-passiġġieri) u d-Direttiva 2009/16/KE (kontroll mill-Istat tal-Port).

3.2. Il-proposta hija konformi mad-Direttivi 2009/21/KE u 2009/45/KE (l-istħarriġiet mill-Istat tal-bandiera ta’ bastimenti marittimi li jagħmlu vjaġġi internazzjonali u domestiċi, rispettivament). Hawnhekk ukoll, jidher li l-implimentazzjoni tad-Direttiva tvarja minn Stat Membru għal ieħor.

3.3. Il-proposta tixtieq li l-kunċett ta’ “Stat ospitanti” jitneħħa (skont id-Direttiva 1999/35/KE, huwa l-Istat ospitanti jew l-Istat fejn jopera l-vapur, taħt il-bandiera ta’ pajjiż ieħor, li huwa responsabbli biex jispezzjona l-laneċ ro-ro). L-ispezzjonijiet għandhom ikunu inkorporati fl-ispezzjonijiet ta’ kontroll mill-Istat tal-port jew mill-Istat tal-bandiera. Fl-aħħar nett, għandu jiġi ċċarat meta għandhom isiru ż-żewġ spezzjonijiet annwali stipulati fid-Direttiva 1999/35/KE attwali.

3.4. Għalhekk huwa propost li d-Direttiva 2009/16/KE tiġi emendata u li d-Direttiva 1999/35/KE titħassar u jiġu sostitwiti b’Direttiva ġdida. Il-punti ewlenin tad-Direttiva l-ġdida huma dawn:

- jiġi limitat il-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva għall-vapuri li jipprovdu servizzi regolari ta’ laneċ ro-ro u b’ċeġjeċ tal-baħar ta’ veloċità għolja għall-passiġġieri bejn portijiet fi Stat Membru jew bejn port fi Stat Membru u port fi Stat terz fejn il-bandiera tal-vapur tkun l-istess bħal dik tal-Istat Membru inkwistjoni;
- jitneħħew numru ta’ definizzjonijiet u referenzi bla użu bħal “passiġġier”, “stat ospitanti”, “vjaġġi internazzjonali”, “ċertifikat ta’ eżenzjoni”, u titħassar ir-referenza għall-investigazzjoni ta’ diżgrazzji tal-baħar li issa hija koperta mid-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- tiġi pprovdata sistema ta’ spezzjonijiet ibbażati fuq il-vapur (aktar milli fuq il-kumpanija) qabel il-bidu ta’ servizz regolari. Il-vapur għandu jgħaddi minn spezzjoni skont l-Anness II u numru ta’ kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness I għandhom jiġu vverifikati wkoll;
- jiġi stipulat li vapuri li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva jiġu spezzjonati darbtejn fis-sena b’ċertu intervall bejn l-ispezzjonijiet u li waħda minn dawn l-ispezzjonijiet għandha tkun spezzjoni fis-servizz matul qsim regolari;

- jiġi pprovdut li Stat Membru jista', jekk jixtieq, jikkombina l-ispezzjoni ma' stħarriġ tal-Istat tal-bandiera li jkollu jitwettaq fir-rigward ta' vapur fuq bażi annwali;
- ikun hemm konformità bejn id-dispożizzjonijiet relatati mar-rapporti ta' spezzjoni, mal-projbizzjonijiet fuq it-tluq, mal-appelli, mal-ispejjeż, mal-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet u mal-penali u dawk previsti fid-Direttiva 2009/16/KE;
- ikun hemm konformità bejn id-Direttiva u d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jikkonċernaw l-eżerċizzju tas-setgħat tal-Kummissjoni fir-rigward ta' atti ddelegati;
- tiġi emendata d-Direttiva 2009/16/KE biex tiżgura li jinżammu l-kontenut u l-frekwenza tal-ispezzjonijiet tal-laneċ ro-ro u tal-bċejjeċ tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri;
- tiġi pprovduta valutazzjoni tad-Direttiva mill-Kummissjoni.

4. Kummenti ġenerali

4.1. B'mod ġenerali, il-KESE jilqa' l-għanijiet tal-Programm tal-Kummissjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) bl-għan ġenerali li jstipula qafas legali ċar, sempliċi u konsistenti dwar is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri li jkun aktar faċli biex jiġi implimentat, immonitorjat u nforzat, waqt li jiġi żgurat il-livell ġenerali ta' sikurezza għall-passiġġieri u l-ekwipaġġ tal-bastiment. B'mod konsistenti, dawn ir-REFITs u l-evalwazzjonijiet jikkomplementaw ukoll l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropea għat-Trasport Marittimu (COM/2009/8 final), sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal taż-żieda fid-domanda għat-trasport marittimu fuq distanzi qosra u tas-servizzi tat-trasport bil-baħar għan-negozji u ċ-ċittadini fl-Ewropa.

4.2. Kif muri mill-istatistika tal-inċidenti, il-qafas regolatorju eżistenti kiseb livell għoli ta' sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri fl-ibħra tal-UE. Il-KESE japprova li reġġu ġew enfasizzati l-indirizzar ta' karatteristiċi speċifiċi relatati mas-sikurezza ta' laneċ ro-ro u bċejjeċ tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri permezz tal-proposta għal din id-Direttiva l-ġdida kif ukoll l-emendar tad-Direttiva 2009/16/KE. L-eżitu tar-REFIT jiċċara u jissemplifika r-rekwiżiti eżistenti skont l-istħarriġiet tad-Direttiva 1999/35/KE attwali, l-ispezzjonijiet ta' kontroll tal-Istat tal-port li ġew estiżi u l-istħarriġ annwali tal-Istat tal-bandiera, filwaqt li jinżamm l-istess livell ta' sikurezza għall-passiġġieri li jivvjaġġaw fuq laneċ ro-ro u bċejjeċ tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri f'servizz regolari fl-ibħra tal-UE.

4.3. Il-KESE jagħti importanza kbira li tkun teżisti sistema ta' spezzjoni tal-UE applikabbli għall-vapuri tal-passiġġieri li joperaw fuq vjaġġi domestiċi u/jew internazzjonali waqt li jinżammu kundizzjonijiet ugwali fl-ibħra tal-UE għall-vapuri tal-passiġġieri kollha irrispettivament mill-bandiera li jtajru.

4.4. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li s-semplifikazzjoni maħsuba mhux biss ser tipprovi aktar ċarezza legali, iżda bl-istess mod ser tirrazzjonalizza aktar l-ammont ta' spezzjonijiet li għandhom isiru mill-amministrazzjonijiet nazzjonali u, fl-istess ħin, jiġu massimizzati l-operazzjonijiet kummerċjali tal-bastiment.

4.5. Mill-2009 'l hawn, ir-reġim ġdid ta' spezzjoni taħt il-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi kien qed jiffoka fuq il-prestazzjoni tat-tbahir billi jsiru aktar spezzjonijiet għal bastimenti ta' standard baxx u aktar intervalli għal bastimenti ta' standard għoli. Il-KESE jirrikonoxxi l-kisba tar-reġim ġdid ta' spezzjoni msemmi hawn fuq, speċjalment meta wieħed iqis li l-piż amministrattiv kien ta' tħassib dejjem akbar għal vapuri involuti fil-kummerċ marittimu fuq distanzi qosra u li kull spezzjoni addizzjonali żżid dan il-piż.

4.6. Il-KESE jenfasizza li l-konformità mar-rekwiżiti minimi għall-baħħara biex jaħdmu abbord bastiment, inkluża ċ-ċertifikazzjoni medika u ta' taħriġ koperti mill-STCW, hija essenzjali f'termini ta' sikurezza marittima u għalhekk għandha tkun żgurata f'konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali eżistenti bħalma huma l-Konvenzjoni tax-Xogħol Marittimu tal-2006, li hija implimentata fil-liġi tal-UE permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/13/KE. Din id-Direttiva emendat ukoll il-leġislazzjoni speċifika dwar il-ħin tax-xogħol tal-baħħara, jiġifieri, id-Direttiva 1999/63/KE, li għandha l-għan li tipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-baħħara billi tistabbilixxi rekwiżiti minimi fir-rigward tal-ħin tax-xogħol. B'mod parallel, id-Direttiva 1999/95/KE għandha l-għan li ttejjeb is-sigurtà fuq il-baħar, tiġġieled kontra l-kompetizzjoni inġusta minn sidien tal-bastimenti ta' pajjiżi terzi u tipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-baħħara abbord vapuri li jużaw il-portijiet tal-UE.

4.7. Il-KESE jagħraf li l-ammont ta' dispożizzjonijiet għal kjarifika ser ikun jeħtieġ li kemm l-Istati Membri kif ukoll il-kumpaniji marittimi jaġġustaw il-proċessi attwali tagħhom. Konsegwentement, il-KESE għalhekk jappoġġja r-rwol tal-EMSA u l-użu tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Sikurezza tal-Vapuri tal-Passiġġieri fi ħdan il-Grupp ta' Sikurezza Marittima (grupp ta' esperti permanenti u informali dwar is-sigurtà marittima) sabiex jiġu ffaċilitati l-proċessi tal-implimentazzjoni u tat-traspożizzjoni flimkien mal-gruppi ta' esperti korrespondenti li jitrattaw l-ispezzjonijiet tal-kontroll tal-istat tal-port u l-implimentazzjoni tas-Single Window Nazzjonali. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-oportunità offruta reċentement lill-organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati biex jieħdu sehem fil-Grupp ta' Esperti dwar is-Sikurezza tal-Vapuri tal-Passiġġieri peress li pjattaformi ta' diskussjoni ta' dan it-tip, wara l-eżempju tal-Forum Ewropew dwar Trasport Marittimu Sostenibbli (ESSF), jistgħu jkunu utli ħafna peress li ser jgħaqqdu flimkien lill-Kummissjoni Ewropea, il-partijiet interessati tal-industrija u tal-NGOs u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

4.8. Fir-rigward ta' spezzjonijiet regolari taħt l-Artikolu 5, jista' jiġri li bastiment regolari soġġett għal spezzjonijiet taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva l-għdida proposta jista' wkoll ikun soġġett fl-istess ħin għal spezzjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-port f'konformità mad-Direttiva 2009/16/KE, kif emendata b'din id-Direttiva permezz tal-Artikolu 14 dwar l-ispezzjoni tal-laneċ ro-ro u b'hekk tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri f'servizz regolari. Din id-Direttiva l-għdida proposta għandha tevita, għall-għan ta' razzjonalizzazzjoni, l-ispezzjonijiet żejda potenzjali bejn iż-żewġ Direttivi msemmija hawn fuq.

4.8.1. Minkejja li l-parametri ta' riskju fis-sistema attwali tal-kontroll mill-Istat tal-port jistgħu jimplikaw li l-bastiment ma jkunx eliġibbli għal spezzjoni estiża fiż-żmien meta l-ispezzjoni tkun prevista abbażi tad-Direttiva għdida proposta, tkun meħtieġa madankollu koordinazzjoni xierqa bejn l-Istati Membri sabiex tiġi soddisfata d-differenza fiż-żmien bejn iż-żewġ spezzjonijiet kif mitlub skont l-Artikolu 5(1)(b).

4.8.2. Skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva l-għdida proposta, il-Kummissjoni hija mitluba tistabbilixxi bażi ta' data dwar l-ispezzjonijiet. Għandha ssir kjarifika dwar jekk tali bażi ta' data dwar l-ispezzjonijiet tkunx ser tinżamm b'mod parallel għas-sistema THETIS tal-EMSA u l-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi, u b'mod partikolari kif l-ispezzjonijiet imwettqa skont din id-Direttiva l-għdida ser jinfluwenzaw il-profil tar-riskju ta' vapur taħt il-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi.

4.8.3. B'referenza għall-Artikolu 1(1), għandu jiġi ċċarat jekk bil-kunċett "Stat terz" għandux jinftehem Stat Membru li mhuwiex fl-UE jew kemm Stat Membru tal-UE kif ukoll Stat Membru li mhuwiex fl-UE. Il-KESE jifhem li "Stat terz" għandu jiġi definit bħala Stat Membru li mhuwiex fl-UE biss sabiex tiġi evitata l-konfużjoni ma' laneċ ro-ro u inġenji tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri soġġetti għal spezzjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-port skont l-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva l-għdida proposta.

4.9. Il-KESE jemmen li l-UE għandha primarjament ir-rwol li tiżgura li kwalunkwe emenda għall-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva l-għdida proposta ser iżżomm standard adegwat ta' sigurtà marittima u ħarsien tal-ambjent marittimu fuq livell globali. Għalhekk, il-KESE huwa tal-fehma li d-dispożizzjonijiet dwar devjazzjoni futura possibbli mil-leġislazzjoni internazzjonali kif imsemmi fl-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva l-għdida proposta għandhom jintużaw biss bħala l-aħħar pass, u għandhom jinkludu, fejn xieraq, l-azzjoni Ewropea biex jiġi żgurati li kwalunkwe konflitt bejn il-leġislazzjoni marittima tal-UE u l-istrumenti internazzjonali eventwalment iwasslu għal soluzzjoni kompatibbli fil-livell internazzjonali.

5. Kummenti speċifiċi

5.1. Skont id-definizzjoni ta' "servizz regolari" fl-Artikolu 2(5)(a) u l-Artikolu 14 tad-Direttiva proposta l-għdida, il-KESE jissuġġerixxi li d-definizzjoni tiġi ċċarata kif ġej: "skont il-lista disponibbli pubblikament jew ippjanata tal-ħinijiet tat-tluq u tal-wasla".

5.2. Hemm rekwiżiti eċċessivi u li joħolqu konfużjoni bejn *Spezzjonijiet ta' qabel il-bidu* skont l-Artikolu 3(2) u *Eċċezzjonijiet għall-obbligu tal-ispezzjoni ta' qabel il-bidu* skont l-Artikolu 4(1). Il-KESE jipproponi li jingħaqdu dawn iż-żewġ paragrafi taħt Artikolu 4(1) għdid sabiex ikun hemm referenza konsistenti għall-kondizzjonijiet li fihom il-bastiment jista' jaqbeż l-ispezzjonijiet sakemm spezzjonijiet jew stħarriġiet preċedenti tal-bastimenti jkunu nstabu sodisfaċenti mill-Istat Membru. Dan il-paragrafu għdid għandu jirreferi wkoll għall-ispezzjonijiet ta' qabel il-bidu meħtieġa għal-laneċ ro-ro u għall-inġenji tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri skont id-Direttiva 2009/16/KE kif emendata bl-Artikolu 14 tad-Direttiva l-għdida proposta.

5.3. Għalkemm id-Direttiva l-ġdida proposta tistabbilixxi proċedura fil-każ li trid issir sostituzzjoni rapida ta' laneċ ro-ro jew ta' inġenji tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri minħabba ċirkostanzi mhux previsti (l-Artikolu 4(3)), il-KESE jipproponi li jkun hemm proċedura speċifika għal bastiment ta' sostituzzjoni għal perjodu limitat, meta ma jkunx japplika l-paragrafu 1 tal-Artikolu 4, f'każ ta' manutenzjoni skedata tal-bastiment fuq servizz regolari.

5.4. Ir-regolarità taż-żewġ spezzjonijiet annwali kif mitluba skont l-Artikolu 5(1)(b) għandha tkun speċifikata wkoll skont l-Artikolu 14(a)(2) sabiex jiġi żgurat, fir-rigward taż-żmien, livell komuni ta' sigurtà bejn din id-Direttiva u d-Direttiva 2009/16/KE. Barra minn hekk, ir-regolarità taż-żewġ spezzjonijiet annwali li għandhom jitwettqu fuq perjodu ta' 12-il xahar mhijiex speċifikata għal bastimenti li joperaw fuq servizz staġjonali u għandha tiġi ċċarata aktar.

5.5. Ir-referenza skont l-Artikolu 5(1)(b) għal "numru biżżejjed tal-oġġetti elenkati fl-Annessi I u II" li għandhom ikunu koperti mill-ispezzjoni waqt servizz regolari toħloq konfużjoni. Il-KESE jissuġġerixxi li l-ispettur għandu jeżerċita l-ġudizzju professjonali tiegħu sabiex jiddeċiedi liema oġġetti għandhom jiġu spezzjonati, u sa liema livell, sabiex tkun iċċekkjata l-kondizzjoni globali f'dawn l-oqsma u tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' elementi li setgħu kienu diġà obligatorjament ikkontrollati skont regolamenti internazzjonali oħra. Huwa ssuġġerit li ssir l-istess emenda għall-Artikolu 14(a)(2)(b). Barra minn hekk, l-Artikolu 5(1)(b) u l-Anness III jistgħu, għal raġunijiet ta' ċarezza, jindikaw li din hija spezzjoni fis-servizz matul qsim regolari. B'mod partikolari, spezzjonijiet fis-servizz fuq rotot tal-baħar ta' distanzi qosra ħafna għandhom jiġu kkunsidrati kemm f'termini prattiċi kif ukoll fiż-żmien limitat disponibbli matul il-vjaġġ.

5.6. Filwaqt li huwa ċar li d-Direttiva l-ġdida proposta ġiet ispirata mill-Artikolu 19 dwar ir-rettifika u d-detenzjoni skont id-Direttiva 2009/16/KE, din għandha tispeċifika li "meta spezzjoni ssir taħt din id-Direttiva, għandhom isiru l-sforzi kollha possibbli biex ikun evitat li bastiment jinżamm jew jiddewwem għalxejn".

5.7. Billi l-laneċ ro-ro u l-bċejjeċ tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri huma ddefiniti separatament skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva l-ġdida proposta, il-KESE jissuġġerixxi, għal finijiet ta' ċarezza, li għandha dejjem u esklużivament issir referenza għal jirreferu għal "laneċ ro-ro u l-bċejjeċ tal-baħar ta' veloċità għolja għall-passiġġieri". Il-premessa (6) tal-proposta għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2016.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 rigward l-iskambju ta’ informazzjoni, is-sistema ta’ twissija bikrija u l-proċedura tal-valutazzjoni tar-riskju dwar sustanzi psikoattivi ġodda”

[COM(2016) 547 final – 2016/0261 (COD)]

(2017/C 034/31)

Konsultazzjoni	Kunsill, 07/09/2016
Bażi legali	Artikolu 148(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [COM(2016) 547 final – 2016/0261 (COD)]
Sezzjoni kompetenti	Ix-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sessjoni plenarja	19/10/2016
Sessjoni plenarja Nru	520
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	228/2/5

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li barra minn hekk diġà ta fehmtu fl-Opinjoni tiegħu dwar “Sustanzi psikoattivi ġodda” (EESC-2013-06166-00-00-AC-TRA), adottata fil-21 ta’ Jannar 2014 ⁽¹⁾, iddeċieda, matul il-520 sessjoni plenarja tiegħu tad-19 u l-20 ta’ Ottubru 2016 (seduta tad-19 ta’ Ottubru), li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi.

Brussell, id-19 ta’ Ottubru 2016.

President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

⁽¹⁾ Opinjoni tal-KESE dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq sustanzi psikoattivi ġodda”, COM(2013) 619 final – 2013/0305 (COD), COM(2013) 618 final – 2013/0304 (COD) (ĠU C 177, 11.6.2014, p. 52).

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT